

Il-Ġurnal Uffiċjali L 417

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 63

11 ta' Diċembru 2020

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Riżoluzzjoni (UE) 2020/1836 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-aġenziji tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018: prestazzjoni, ġestjoni finanzjarja u kontroll** 1
- ★ **Deċiżjoni (UE) 2020/1837 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għas-sena finanzjarja 2018** 10
- ★ **Deċiżjoni (UE) 2020/1838 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għas-sena finanzjarja 2018** 12
- ★ **Riżoluzzjoni (UE) 2020/1839 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għas-sena finanzjarja 2018** 14
- ★ **Deċiżjoni (UE) 2020/1840 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għas-sena finanzjarja 2018** 18
- ★ **Deċiżjoni (UE) 2020/1841 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għas-sena finanzjarja 2018** 20

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1842 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għas-sena finanzjarja 2018	22
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1843 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika għas-sena finanzjarja 2018	27
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1844 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika għas-sena finanzjarja 2018	29
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1845 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika għas-sena finanzjarja 2018	31
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1846 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) għas-sena finanzjarja 2018	35
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1847 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) għas-sena finanzjarja 2018	37
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1848 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) għas-sena finanzjarja 2018	39
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1849 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta ECSEL għas-sena finanzjarja 2018	42
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1850 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta ECSEL għas-sena finanzjarja 2018	44
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1851 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta ECSEL għas-sena finanzjarja 2018	46
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1852 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (IMI2) għas-sena finanzjarja 2018	50

★ Deċiżjoni (UE) 2020/1853 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 għas-sena finanzjarja 2018	52
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1854 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 għas-sena finanzjarja 2018	54
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1855 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Shift2Rail għas-sena finanzjarja 2018	58
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1856 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta Shift2Rail għas-sena finanzjarja 2018	60
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1857 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Shift2Rail għas-sena finanzjarja 2018	62
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1858 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) għas-sena finanzjarja 2018	67
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1859 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) għas-sena finanzjarja 2018	69
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1860 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) għas-sena finanzjarja 2018	71
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1861 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA) għas-sena finanzjarja 2018	74
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1862 tal-Parlament Ewropew ta-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA) għas-sena finanzjarja 2018	76

★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1863 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA) għas-sena finanzjarja 2018	78
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1864 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) għas-sena finanzjarja 2018	82
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1865 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) għas-sena finanzjarja 2018	84
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1866 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) għas-sena finanzjarja 2018	86
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1867 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 ...	89
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1868 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea għas-sena finanzjarja 2018	91
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1869 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea għas-sena finanzjarja 2018	93
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1870 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) għas-sena finanzjarja 2018	96
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1871 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) għas-sena finanzjarja 2018	98
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1872 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) għas-sena finanzjarja 2018	100

- ★ Deċiżjoni (UE) 2020/1873 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (qabel il-11 ta' Settembru 2018: Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni) għas-sena finanzjarja 2018 103
- ★ Deċiżjoni (UE) 2020/1874 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (qabel il-11 ta' Settembru 2018: Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni) għas-sena finanzjarja 2018 105
- ★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1875 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) (qabel il-11 ta' Settembru 2018: Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni) għas-sena finanzjarja 2018 107
- ★ Deċiżjoni (UE) 2020/1876 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO) għas-sena finanzjarja 2018 111
- ★ Deċiżjoni (UE) 2020/1877 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO) għas-sena finanzjarja 2018 113
- ★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1878 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO) għas-sena finanzjarja 2018 115
- ★ Deċiżjoni (UE) 2020/1879 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima I — Il-Parlament Ewropew 120
- ★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1880 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima I — Il-Parlament Ewropew 122
- ★ Deċiżjoni (UE) 2020/1881 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima IV — Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea 149
- ★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1882 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima IV — Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea 151

★ Deċiżjoni (UE) 2020/1883 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima VIII — L-Ombudsman Ewropew	157
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1884 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima VIII — L-Ombudsman Ewropew	159
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1885 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima IX — Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data	164
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1886 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima IX — Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data	166
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1887 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima V — Il-Qorti tal-Awdituri	171
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1888 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima V — Il-Qorti tal-Awdituri	173
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1889 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (CdT) għas-sena finanzjarja 2018	179
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1890 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (CdT) għas-sena finanzjarja 2018	181
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1891 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (CdT) għas-sena finanzjarja 2018	183
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1892 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima II — Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill	186

★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1893 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima II — Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill	187
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1894 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni (ENISA) (li issa saret ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà)) għas-sena finanzjarja 2018	193
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1895 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni (ENISA) (li issa saret ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà)) għas-sena finanzjarja 2018	195
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1896 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni (ENISA) (li issa saret ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà)) għas-sena finanzjarja 2018	197
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1897 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (li issa sar Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop)) għas-sena finanzjarja 2018	199
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1898 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 wara l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (li issa sar Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop)) għas-sena finanzjarja 2018	201
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1899 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) għas-sena finanzjarja 2018	203
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1900 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) għas-sena finanzjarja 2018	205
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1901 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) għas-sena finanzjarja 2018	207
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1902 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima X — Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	210

★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1903 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Meju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima X — Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	211
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1904 tal-Parlament Ewropew tat 13 ta' Meju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2018	219
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1905 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Meju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2018	221
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1906 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Meju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2018	222
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1907 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Meju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF) għas-sena finanzjarja 2018	227
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1908 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Meju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF) għas-sena finanzjarja 2018	229
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1909 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Meju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF) għas-sena finanzjarja 2018	231
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1910 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Meju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Eurojust (li issa saret l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)) għas-sena finanzjarja 2018	234
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1911 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Meju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Eurojust (li issa saret l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)) għas-sena finanzjarja 2018	236
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1912 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Meju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Eurojust (li issa saret l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)) għas-sena finanzjarja 2018	238
★ Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/1913 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Meju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2018	241

- ★ Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/1914 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2018 243
- ★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1915 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2018 245
- ★ Deċiżjoni (UE) 2020/1916 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (qabel l-20 ta' Diċembru 2018: l-Uffiċċju tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi) għas-sena finanzjarja 2018 249
- ★ Deċiżjoni (UE) 2020/1917 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (qabel l-20 ta' Diċembru 2018: l-Uffiċċju tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi) għas-sena finanzjarja 2018 251
- ★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1918 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (qabel l-20 ta' Diċembru 2018: l-Uffiċċju tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi) għas-sena finanzjarja 2018 253
- ★ Deċiżjoni (UE) 2020/1919 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (li issa saret il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound)) għas-sena finanzjarja 2018 256
- ★ Deċiżjoni (UE) 2020/1920 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (li issa saret il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound)) għas-sena finanzjarja 2018 258
- ★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1921 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (li issa saret il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound)) għas-sena finanzjarja 2018 260
- ★ Deċiżjoni (UE) 2020/1922 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (li issa saret l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija) għas-sena finanzjarja 2018 263

- ★ Deċiżjoni (UE) 2020/1923 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (li issa saret l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija) għas-sena finanzjarja 2018 265
- ★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1924 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (li issa saret l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija) għas-sena finanzjarja 2018 267
- ★ Deċiżjoni (UE) 2020/1925 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) (qabel il-11 ta' Diċembru 2018: l-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja) għas-sena finanzjarja 2018 269
- ★ Deċiżjoni (UE) 2020/1926 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) (qabel il-11 ta' Diċembru 2018: l-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja) għas-sena finanzjarja 2018 271
- ★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1927 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) (qabel il-11 ta' Diċembru 2018: l-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja) għas-sena finanzjarja 2018 273
- ★ Deċiżjoni (UE) 2020/1928 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) għas-sena finanzjarja 2018 278
- ★ Deċiżjoni (UE) 2020/1929 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) għas-sena finanzjarja 2018 280
- ★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1930 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għas-sena (EIT) finanzjarja 2018 282
- ★ Deċiżjoni (UE) 2020/1931 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom (ESA) għas-sena finanzjarja 2018 286

★ Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/1932 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom (ESA) għas-sena finanzjarja 2018	287
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1933 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom (ESA) għas-sena finanzjarja 2018	288
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1934 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tat-tmien, tad-disa', tal-għaxar u tal-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2018	290
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1935 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tat-tmien, tad-disa', tal-għaxar u tal-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2018	292
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1936 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tat-tmien, tad-disa', tal-għaxar u tal-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2018	294
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1937 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) għas-sena finanzjarja 2018	306
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1938 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) għas-sena finanzjarja 2018	308
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1939 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) għas-sena finanzjarja 2018	310
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1940 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) għas-sena finanzjarja 2018	313
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1941 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) għas-sena finanzjarja 2018 ...	315
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1942 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) għas-sena finanzjarja 2018	317

★ Deċiżjoni (UE) 2020/1943 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) għas-sena finanzjarja 2018	321
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1944 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) għas-sena finanzjarja 2018	323
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1945 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) għas-sena finanzjarja 2018	325
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1946 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) għas-sena finanzjarja 2018	329
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1947 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) għas-sena finanzjarja 2018	331
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1948 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) għas-sena finanzjarja 2018	333
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1949 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (li issa saret l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)) għas-sena finanzjarja 2018	336
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1950 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (li issa saret l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)) għas-sena finanzjarja 2018	338
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1951 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (li issa saret l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)) għas-sena finanzjarja 2018	340
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1952 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) għas-sena finanzjarja 2018	343

- ★ Deċiżjoni (UE) 2020/1953 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) għas-sena finanzjarja 2018 345
- ★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1954 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) għas-sena finanzjarja 2018 347
- ★ Deċiżjoni (UE) 2020/1955 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) għas-sena finanzjarja 2018 351
- ★ Deċiżjoni (UE) 2020/1956 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) għas-sena finanzjarja 2018 353
- ★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1957 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) għas-sena finanzjarja 2018 355
- ★ Deċiżjoni (UE) 2020/1958 Tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) għas-sena finanzjarja 2018 358
- ★ Deċiżjoni (UE) 2020/1959 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) għas-sena finanzjarja 2018 360
- ★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1960 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) għas-sena finanzjarja 2018 362
- ★ Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/1961 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima III — Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi 365
- ★ Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/1962 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjo-viżiv u l-Kultura (EACEA) għas-sena finanzjarja 2018 367

★ Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/1963 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (EASME) għas-sena finanzjarja 2018	369
★ Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/1964 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel (Chafea) għas-sena finanzjarja 2018	371
★ Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/1965 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (ERCEA) għas-sena finanzjarja 2018	373
★ Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/1966 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA) għas-sena finanzjarja 2018	375
★ Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/1967 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Nerwerks (INEA) għas-sena finanzjarja 2018	377
★ Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/1968 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima III — Il-Kummissjoni	379
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1969 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima III — Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi	381
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1970 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) għas-sena finanzjarja 2018	429
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1971 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) għas-sena finanzjarja 2018	431
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1972 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) għas-sena finanzjarja 2018	433

★ Deċiżjoni (UE) 2020/1973 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima VII — Il-Kumitat tar-Reġjuni	436
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1974 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima VII — Il-Kumitat tar-Reġjuni	437
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1975 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) għas-sena finanzjarja 2018	444
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1976 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) għas-sena finanzjarja 2018	446
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1977 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) għas-sena finanzjarja 2018	448
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1978 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) għas-sena finanzjarja 2018	453
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1979 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) għas-sena finanzjarja 2018	455
★ Riżoluzzjoni (UE) 2020/1980 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) għas-sena finanzjarja 2018	457
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1981 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) għas-sena finanzjarja 2018	460
★ Deċiżjoni (UE) 2020/1982 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) għas-sena finanzjarja 2018	462

- ★ **Riżoluzzjoni (UE) 2020/1983 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) għas-sena finanzjarja 2018** 464

- ★ **Deċiżjoni (UE) 2020/1984 tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima VI — Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew** 469

- ★ **Riżoluzzjoni (UE) 2020/1985 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima VI — Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew** 470

- ★ **Riżoluzzjoni (UE) 2020/1986 tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (li issa sar Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop)) għas-sena finanzjarja 2018** 479

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1836 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-14 ta' Mejju 2020

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-aġenziji tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018: prestazzjoni, ġestjoni finanzjarja u kontroll

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-aġenziji tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għall-kwittanza għas-sena finanzjarja 2017 (COM(2019) 334),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-Rapport Analitiku Nru 07/2019 tal-Qorti tal-Awdituri "Rappurtar dwar is-sostenibbiltà: rendikont tal-Istituzzjonijiet u l-Aġenziji tal-UE" (Analiżi rapida dwar każ speċifiku), ippubblikat fit-12 ta' Ġunju 2019,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(2) u l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 68 u 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 110 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0079/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

⁽⁵⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- A. billi din ir-riżoluzzjoni fiha, għal kull korp skont it-tifsira tal-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, l-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, l-osservazzjonijiet trasversali li jakkumpanjaw id-deċiżjonijiet ta' kwittanza skont l-Artikolu 110 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1271/2013 u l-Artikolu 3 tal-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament;
- B. billi, fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza, l-awtorità tal-kwittanza tisħaq fuq l-importanza tat-tisħiħ ulterjuri tal-kunċett tal-ibbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni, l-obbligu ta' rendikont tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-governanza tajba tar-riżorsi umani;
1. Jenfasizza li l-aġenziji għandhom influwenza sinifikanti fuq it-fassil tal-politiki, it-teħid tad-deċiżjonijiet u l-implimentazzjoni ta' programmi foqma ta' importanza vitali għaċ-ċittadini Ewropej, bħal pereżempju s-sigurtà, is-sikurezza, is-saħħa, ir-riċerka, l-affarijiet ekonomiċi, il-libertà u l-ġustizzja; itenni l-importanza tal-kompiti mwettqa mill-aġenziji u l-impatt dirett tagħhom fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini tal-Unjoni; itenni wkoll l-importanza tal-awtonomija tal-aġenziji, b'mod partikolari l-awtonomija tal-aġenziji regolatorji u ta' dawk l-aġenziji li għandhom il-funzjoni tal-ġbir indipendenti tal-informazzjoni; ifakkar li r-raġunijiet ewlenin għall-istabbiliment tal-aġenziji kienu t-tħaddim tas-sistemi tal-Unjoni, l-iffaċilitar tal-implimentazzjoni tas-Suq Uniku Ewropew u t-twettiq ta' valutazzjonijiet tekniċi jew xjentifiċi indipendenti; jilqa', f'dan ir-rigward, il-prestazzjoni ġenerali effettiva tal-aġenziji;
 2. Jilqa' l-progress viżibbli li sar mill-aġenziji fl-isforzi tagħhom biex jirrispondu għat-talbiet u r-rakkomandazzjonijiet espressi fi ħdan il-proċeduri annwali ta' kwittanza; jinnota b'sodisfazzjon li, skont ir-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti") dwar l-aġenziji tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2018 ("ir-rapport tal-Qorti"), il-Qorti ħarġet opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-aġenziji kollha; jinnota, barra minn hekk, li l-Qorti ħarġet opinjoni mhux kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għall-aġenziji kollha; josserva li l-Qorti ħarġet opinjoni mhux kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għall-aġenziji kollha, ħlief fil-każ tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO); jinnota li, għall-EASO, il-Qorti ħarġet bażi għal opinjoni kwalifikata fir-rigward tas-sejbiet tagħha għas-snin finanzjarji 2016 u 2017 fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tal-pagamenti, iżda li ħlief għall-effetti tas-snin finanzjarji 2016 u 2017, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-pagamenti tal-EASO li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha; jirrikonoxxi l-progress kontinwu li sar mill-EASO fit-twettiq ta' riformi u pjanijiet ta' azzjoni korrettiva;
 3. Jinnota li għat-32 aġenzija deċentralizzata tal-Unjoni, il-baġits tal-2018 ammontaw għal madwar EUR 2 590 000 000 f'appropriazzjonijiet ta' impenn, jiġifieri żieda ta' madwar 10,22 % meta mqabbla mal-2017, u għal EUR 2 360 000 000 f'appropriazzjonijiet ta' pagament, jiġifieri żieda ta' 5,13 % meta mqabbla mal-2017; jinnota, barra minn hekk, li miż-EUR 2 360 000 000, madwar EUR 1 700 000 000 ġew iffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, u dan jirrappreżenta 72,16 % tal-finanzjament totali tal-aġenziji fl-2018 (meta mqabbel ma' 72,08 % fl-2017); jirrikonoxxi, barra minn hekk, li madwar EUR 657 000 000 ġew iffinanzjati minn tariffi u imposti u minn kontribuzzjonijiet diretti mill-pajjiżi parteċipanti;
 4. Ifakkar fit-talba tiegħu li l-proċedura ta' kwittanza tiġi ssemplifikata u aċċellerata bil-ħsieb li d-deċiżjoni dwar l-għoti ta' kwittanza tittieħed fis-sena immedjatament wara dik li għaliha tingħata l-kwittanza u filwaqt li l-proċedura tingħalaq fi żmien sena wara s-sena kontabilistika inkwistjoni; jilqa', f'dan ir-rigward, l-isforzi pożittivi mwettqa u l-kooperazzjoni tajba man-Netwerk tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea ("in-Netwerk") u l-aġenziji individwali, u b'mod partikolari mal-Qorti, fatt li juri potenzjal ċar għas-semplifikazzjoni u l-aċċellerazzjoni tal-proċedura min-naħa tagħhom; japprezza l-progress li sar s'issa u jistieden lill-atturi rilevanti kollha jkomplu bl-isforzi tagħhom favur il-progress ulterjuri tal-proċedura;

Riskji ewlenin u rakkomandazzjonijiet identifikati mill-Qorti

5. Jinnota b'sodisfazzjon li, skont ir-rapport tagħha, il-Qorti tqis li r-riskju ġenerali għall-affidabbiltà tal-kontijiet tal-aġenziji, abbażi ta' standards tal-kontabbiltà internazzjonali, huwa baxx, u li fil-passat kien hemm biss ftit żbalji materjali; jinnota, madankollu, li l-għadd dejjem jikber ta' ftehimiet ta' delega, li permezz tagħhom il-Kummissjoni tassinja kompiti u dħul addizzjonali speċifiċi lill-aġenziji, jirrappreżenta sfida f'termini tal-konsistenza u t-trasparenza tat-trattament tal-kontijiet tal-aġenziji;

6. Jinnota li skont ir-rapport tagħha, il-Qorti tqis li r-riskju ġenerali għal-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet tal-aġenziji huwa baxx għall-maġġoranza tal-aġenziji, u huwa medju għall-aġenziji li jiffinanzjaw lillhom infushom b'mod parzjali fejn regolamenti speċifiċi huma applikabbli għall-iċċarġjar u l-ġbir ta' tariffi u kontribuzzjonijiet minn operaturi ekonomiċi jew minn pajjiżi li jikkooperaw; jinnota li l-Qorti tqis li r-riskju ġenerali għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-aġenziji huwa medju, filwaqt li jvarja minn baxx sa għoli għal titoli speċifiċi tal-baġit; jinnota li r-riskju għat-Titolu I (infiq għall-persunal) huwa ġeneralment baxx, għat-Titolu II (infiq amministrattiv) ir-riskju hu meqjus bħala medju, u għat-Titolu III (infiq operattiv) ir-riskju huwa meqjus li jvarja minn baxx għal għoli, skont l-aġenzija inkwistjoni u n-natura tal-infiq operattiv tagħha; jirrimarka li sorsi ta' riskju għoli normalment jirriżultaw minn pagamenti ta' akkwist u għotjiet li għandhom jiġu kkunsidrati meta l-Qorti tiddeċiedi fuq kampjun ta' verifiki u awditi futuri;
7. Josserva li, skont ir-rapport tal-Qorti, ir-riskju għal ġestjoni finanzjarja tajba huwa medju u prinċipalment huwa identifikat fl-oqsma tat-teknoloġija tal-informatika (IT) u tal-akkwist pubbliku; jiddispjaċih li l-IT u l-akkwist pubbliku għadhom oqsma suxxettibbli għall-iżbalji; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tipprovdi taħriġ addizzjonali u skambju tal-aħjar prattiki għat-timijiet tal-akkwist tal-Aġenziji;
8. Jenfasizza li l-ħtieġa li jkun hemm strutturi u proċeduri amministrattivi separati għal kull aġenzija tikkostitwixxi riskju inerenti għall-ineffċjenza amministrattiva u jħeġġeġ lill-aġenziji biex isaħħu r-ragruppament tematiku u l-kooperazzjoni skont l-oqsma ta' politika tagħhom biex jiżguraw l-armonizzazzjoni u l-kondiviżjoni effiċjenti tar-riżorsi; jistieden lill-aġenziji jagħmlu sforzi addizzjonali biex iwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tas-servizzi kondiviżi tagħhom u b'hekk itejbu l-effiċjenza u l-kosteffettività tal-proċeduri tagħhom;
9. Jenfasizza l-problema li l-kwartieri ġenerali operattivi u amministrattivi ma joffrux valur miżjud operattiv għall-aġenziji, u jinkoraġġixxi aktar azzjoni biex l-ineffċjenzi jiġu limitati; iħeġġeġ lill-aġenziji biex jgħaqqdu s-sedi tagħhom filwaqt li jikkonċentraw fuq l-oqsma ta' politika speċifiċi tagħhom; jinnota li l-Kummissjoni hija responsabbli biex tipprovdi proposti dwar fużjonijiet, għeluq u/jew trasferimenti ta' kompiti possibbli;
10. Jinnota, skont ir-rapport tal-Qorti, li, wara l-osservazzjonijiet li tqajmu fis-snin preċedenti u minħabba l-iżviluppi ta' politika magħrufa tal-Unjoni f'ċerti oqsma, ir-riskju identifikat b'rabta mal-livell ta' kooperazzjoni tal-Istati Membri huwa għoli għal xi aġenziji, jiġifieri l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), l-EASO u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA); itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tpoġġi dawn il-kwistjonijiet fuq l-aġenda tal-Kunsill bil-ħsieb li l-kooperazzjoni tal-Istati Membri tissaħħaħ;
11. Jirrikonoxxi li x-xogħol effettiv, effiċjenti u mingħajr żbalji tal-aġenziji huwa marbut mill-qrib ma' livell adegwat ta' finanzjament biex ikopri l-attivitatiet operattivi u amministrattivi tagħhom;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

12. Jinnota t-tweġiba tan-Netwerk b'appoġġ għall-istedina tal-Parlament biex l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jingħataw rispons kostruttiv fil-qafas tan-negożjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għal wara l-2020 u li kull aġenzija għet mistiedna twettaq analiżi tal-proposta tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 mill-Kummissjoni; jirrikonoxxi l-importanza kbira tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali dwar l-ibbaġitar tal-aġenziji u jhegġi għom ikomplu jesploraw sorsi għodda ta' finanzjament minbarra l-kontribuzzjonijiet eżistenti tal-baġit tal-Unjoni;
13. Jinnota li l-livell ta' dettall ipprovdut fir-rapporti awditjati dwar l-implimentazzjoni baġitarja ta' ċerti aġenziji huwa differenti minn dak tal-maġġoranza tal-aġenziji, u dan juri l-ħtieġa ta' linji gwida ċari dwar ir-rappurtar tal-baġit mill-aġenziji; jirrikonoxxi l-isforzi li saru biex tiġi żgurata l-konsistenza fil-preżentazzjoni u r-rappurtar tal-kontijiet; josserva, dis-sena wkooll, diskrepanzi finformazzjoni u dokumenti żvelati mill-aġenziji, speċjalment fir-rigward ta' ċifri relatati mal-persunal, inkluż f'rapporti dwar it-tabella tal-persunal (postijiet okkupati, jew postijiet massimi awtorizzati skont il-baġit tal-Unjoni); jinnota t-tweġiba min-Netwerk li qed isegwi l-linji gwida mill-Kummissjoni, li ġew riveduti wara r-Regolament (UE) 2019/715 u adottati fl-20 ta' April 2020; itenni, barra minn hekk, l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex fis-snin li ġejjin tipprovdi lill-awtorità ta' kwittanza, b'mod awtomatiku, il-baġit uffiċjali (f'approprjazzjonijiet ta' impenn u f'approprjazzjonijiet ta' pagament) u ċ-ċifri tal-persunal (tabella tal-persunal, aġenti kuntrattwali u esperti nazzjonali ssekondati fil-31 ta' Diċembru tas-sena inkwistjoni) fir-rigward tat-32 aġenzija deċentralizzata;

Prestazzjoni

14. Iħeġġeġ lill-aġenziji u lill-Kummissjoni biex jiżviluppaw aktar u jimplementaw il-prinċipju ta' bbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni, biex b'mod konsistenti jfittxu l-aktar modi effikaċi biex jagħtu valur miżjud, u biex jesploraw il-possibbiltà ta' titjib fl-effiċjenza fir-rigward tal-ġestjoni tar-riżorsi; jinnota s-suġġeriment tal-Qorti li l-pubblikazzjoni ta' baġits tal-aġenziji skont l-attività tippermetti r-rabta tar-riżorsi mal-attivitàjiet li jintużaw għalihom, u tiffaċilita llokkazzjoni baġitarja eħfef, l-effikaċja u tillimita l-ispejjeż mhux meħtieġa;
15. Jinnota b'sodisfazzjon li l-aġenziji stabbilew in-Netwerk bħala pjattaforma ta' kooperazzjoni interaġenzjali biex tiżdied il-viżibbiltà tal-aġenziji, biex jiġi identifikat u promoss it-titjib fl-effiċjenza u biex jingħata valur miżjud; jirrikonoxxi l-valur miżjud tan-Netwerk fil-kooperazzjoni tiegħu mal-Parlament u jilqa' l-isforzi tiegħu fil-koordinazzjoni, fil-ġbir u fil-konsolidazzjoni ta' azzjonijiet u informazzjoni għall-benefiċċju tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni; japprezza, barra minn hekk, il-gwida li jipprovi n-Netwerk lill-aġenziji fl-isforzi tagħhom biex itejbu l-kapaċità tagħhom li jipplanaw, jimmonitorjaw u jirrapportaw dwar ir-riżultati, il-baġit u r-riżorsi użati;
16. Jinnota b'sodisfazzjon li xi aġenziji jikkooperaw b'mod effikaċi skont il-gruppi tematiċi tagħhom (pereżempju, l-aġenziji tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni ⁽⁶⁾ u l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej ⁽⁷⁾); jinkoraġġixxi lil aġenziji oħrajn biex jikkooperaw aktar ma' xulxin fejn ikun possibbli, mhux biss biex jistabbilixxu sinerġiji u servizzi komuni, iżda anki fl-oqsma ta' politika komuni tagħhom; jinnota li l-maġġoranza tal-aġenziji jiffukaw u jistinkaw biex itejbu s-sinerġiji u jaqsmu r-riżorsi; jinnota li n-Netwerk stabbilixxa katalogu online ta' servizzi kondiviżi (prinċipalment servizzi tal-IT), u li fl-2018, ġie żviluppat programm pilota biex jimmonitorja l-użu u l-benefiċċju ta' servizzi kondiviżi li fl-2019 ġie estiż għas-servizzi kondiviżi kollha;
17. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, fl-2018, sar xi progress fir-rigward tal-introduzzjoni ta' Sysper2 (l-għodda ta' ġestjoni tar-riżorsi umani żviluppata mill-Kummissjoni), billi ħames aġenziji addizzjonali bdew jużawha fl-2018; jinnota, madankollu, li l-progress fl-implimentazzjoni tagħha jvarja, minħabba li l-proġett huwa kumpless u kull aġenzija għandha l-karatteristiċi speċifiċi tagħha; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tassisti fl-iżguraw li jsir użu tajjeb mill-għodda; jinnota wkoll li sar progress sodisfaċenti fl-introduzzjoni tal-akkwist elettroniku; jinnota, madankollu, li għadd ta' aġenziji għadhom fil-proċess li jintroduċu l-għodod għall-fatturar elettroniku żviluppata mill-Kummissjoni;
18. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li aġenzija tal-Unjoni waħda biss, l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea, tippubblika rapport dwar is-sostenibbiltà; jistieden lill-aġenziji kollha biex jintegraw bis-sħiħ is-sostenibbiltà fl-informazzjoni ta' rappurtar tagħhom, jipubblikaw rapporti dwar is-sostenibbiltà li jkopru kemm it-tmexxija tal-organizzazzjoni kif ukoll l-operazzjonijiet imwettqa, u jiżguraw l-affidabbiltà tar-rappurtar dwar is-sostenibbiltà permezz tal-awditjar;
19. Jissottolinja l-fatt li l-aġenziji tal-Unjoni, meta jwettqu l-attivitàjiet tagħhom, jeħtiġilhom jagħtu attenzjoni partikolari biex jiżguraw l-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju tal-proporzjonalità u jikkonformaw mal-prinċipji fundamentali tas-suq intern;
20. Jinkoraġġixxi lill-aġenziji jiżviluppaw politika koerenti għad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tagħhom;

Politika dwar il-persunal

21. Jinnota li fl-2018, it-32 aġenzija deċentralizzata impjegaw total ta' 7 626 uffiċjal, aġent temporanju, aġent kuntrattwali u espert nazzjonali sekondat (7 324 fl-2017), u dan jirrappreżenta żieda ta' 3,74 % meta mqabbel mas-sena preċedenti;
22. Jinnota li fl-2018, fil-livell ta' maniġment superjuri, intlaħaq bilanċ bejn is-sessi minn 6 aġenziji, inkiseb bilanċ tajjeb minn 4 aġenziji, iżda li ma kienx hemm bilanċ bejn is-sessi f'14-il aġenzija (waħda minnhom kien fiha biss rappreżentanza ta' rġiel); jistieden lill-aġenziji jżidu l-isforzi tagħhom biex jittejeb il-bilanċ bejn is-sessi fost il-persunal maniġerjali;

⁽⁶⁾ L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), l-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO), l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE), iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust).

⁽⁷⁾ L-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA).

23. Jinnota wkoll li fl-2018, fi ħdan il-bordijiet tat-tmexxija, kien hemm bilanċ ugwali bejn is-sessi fi 3 aġenziji, kien hemm bilanċ tajjeb f'6 aġenziji, iżda li ma kienx hemm bilanċ bejn is-sessi f'21 aġenzija (waħda minnhom kien fiha biss rappreżentanza ta' rġiel); jitlob lill-Istati Membri u lill-organizzazzjonijiet rilevanti li jipparteċipaw fil-bordijiet tat-tmexxija biex iżommu f'moħħhom il-ħtieġa ta' bilanċ aħjar bejn is-sessi meta jinnominaw ir-rappreżentanti tagħhom għal dawn il-korpi;
24. Josserva li aġenzija waħda biss, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), irrappurtat bilanċ ekwu bejn is-sessi kemm għall-persunal tal-maniġment superjuri kif ukoll għall-bord tat-tmexxija; jilqa' din il-kisba u jħeġġeġ lill-aġenziji l-oħra isegwu dan l-eżempju tajjeb;
25. Jinnota l-informazzjoni pprovduta mill-aġenziji dwar il-bilanċ bejn is-sessi fost il-maniġment superjuri u fi ħdan il-bordijiet tat-tmexxija, u l-kummenti minn xi aġenziji li ma għandhomx maniġment superjuri apparti d-direttur eżekuttiv; jitlob, f'dan ir-rigward, li l-aġenziji fil-futur jippreżentaw data għall-kategoriji kollha tal-persunal maniġerjali;
26. Iħeġġeġ lill-aġenziji jiżviluppaw qafas ta' politika fit-tul dwar ir-riżorsi umani li jindirizzaw il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tal-persunal tiegħu, l-igġwidar tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-karriera, il-bilanċ bejn is-sessi, it-telexogħol, in-nondiskriminazzjoni, il-bilanċ ġeografiku kif ukoll ir-reklutaġġ u l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabbiltà;
27. Jinnota l-konklużjoni fir-rapport tal-Qorti li, wara l-analiżi rapida dwar każ speċifiku tagħha fl-2017 dwar kif l-aġenziji implimentaw l-impenn li jwettqu tnaqqis ta' 5 % tal-persunal fil-pjanijiet ta' stabbiliment tagħhom għall-perjodu bejn l-2014-2018, it-tnaqqis ta' 5 % kien ġie implimentat, għalkemm b'xi dewmien;
28. Jinnota li xi aġenziji qed iħabbtu wiċċhom ma' nuqqas ta' persunal suffiċjenti, speċjalment meta jiġu allokati kompiti ġodda mingħajr persunal addizzjonali previst għall-implimentazzjoni tagħhom u li l-awtorità ta' kwittanza hija mħassba speċifikament dwar id-diffikultajiet li xi aġenziji jesperjenzaw fir-reklutaġġ ta' persunal bi kwalifiki fi gradi speċifiċi, u dan ifixkel il-prestazzjoni ġenerali tal-aġenziji u jeħtieġ l-impjiegi ta' atturi esterni;
29. Jirrikonoxxi l-passi meħuda mill-aġenziji lejn l-istabbiliment ta' ambjent ħieles mill-fastidju, bħat-taħriġ addizzjonali għall-persunal u l-maniġment kif ukoll l-introduzzjoni ta' konsulenti kunfidenzjali; iħeġġeġ lill-aġenziji li għadhom ma introduċewx tali passi biex jagħmlu dan; u jinkoraġġixxi lill-aġenziji li rċevew ilmenti relatati mal-fastidju biex jitrattawhom bħala prijorità;
30. Jinnota li l-aġenziji jimmonitorjaw u jivvalutaw kontinwament il-livelli ta' persunal u l-ħtiġijiet tagħhom f'termini ta' riżorsi umani u finanzjarji addizzjonali, u li jagħmlu talbiet rilevanti fejn meħtieġ; jirrikonoxxi li tali talbiet jenħtieġ li jkunu soġġetti għal proċess interstituzzjonali usa', sabiex il-livell tar-riżorsi jkun jikkorrispondi għall-kompiti u r-responsabbiltajiet tal-aġenziji;
31. Jenfasizza l-importanza ta' politika ta' benessri tal-persunal; isostni li l-aġenziji jenħtieġ li jipprovdur kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti u ta' kwalità għolja għall-persunal kollu;
32. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, il-pagamenti fil-kampjuni ta' awditjar jindikaw xejra lejn il-kumpens għannuqqasijiet ta' persunal statutorju proprju b'persunal estern (b'mod partikolari konsulenti tal-IT) li jaħdem fil-bini tal-aġenziji f'xi ħin, u li dan jinvolvi l-użu ta' persunal kuntrattwali u interim; jinnota li ħames aġenziji impjegaw ħaddiema interim ipprovduti minn aġenziji ta' xogħol temporanju rreġistrati, iżda ma rrispettawx ir-regoli kollha stabbiliti kemm fid-Direttiva 2008/104/KE⁽⁸⁾ kif ukoll fil-liġi nazzjonali rispettiva (pereżempju, f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet tax-xogħol għal ħaddiema interim); jinnota li tliet aġenziji użaw kuntratti għall-forniment ta' servizzi tal-IT u servizzi oħra ta' konsulenza li kienu fformulati u/jew implimentati b'mod li, fil-prattika, jistgħu jirriżultaw fil-kollokament ("mise à disposition") ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija minflok il-forniment ta' servizzi jew prodotti speċifikati b'mod ċar u kif rikjest mid-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u mir-Regolamenti tal-Persunal u r-regoli soċjali u tal-impjiegi, li b'hekk jesponu lil dawn l-aġenziji għal riskji legali u ta' reputazzjoni; jistieden lin-Netwerk jintroduċi politika ġenerali biex jipprekludi s-sostituzzjoni ta' persunal permanenti b'konsulenti esterni li jiswew aktar;
33. Jinnota bi tħassib is-sejbiet tal-Qorti li f'xi aġenziji l-ħaddiema interim għandhom kundizzjonijiet tax-xogħol agħar minn ħaddiema impjegati direttament mill-aġenzija; ifakkar li, skont id-Direttiva 2008/104/KE kif ukoll diversi liġijiet nazzjonali tax-xogħol, il-ħaddiema interim għandhom jaħdmu bl-istess kundizzjonijiet tax-xogħol bħall-ħaddiema li jiġu impjegati direttament mill-impriża li tħaddimhom; jistieden lill-aġenziji kkonċernati janalizzaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema interim tagħhom u jiżguraw li jkunu jikkonformaw mal-liġijiet tax-xogħol, kemm dawk tal-Unjoni kif ukoll dawk nazzjonali;

⁽⁸⁾ Id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9).

34. Jinnota l-għadd baxx ħafna ta' każijiet ta' informaturi fl-aġenziji tal-Unjoni, li jqajjem tħassib dwar il-fatt li l-persunal ma jkunx konxju mir-regoli eżistenti, jew dwar nuqqas ta' fiduċja fis-sistema; jitlob li l-politiki ta' protezzjoni tal-informaturi tal-aġenziji kollha tal-Unjoni jinġiebu f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁹⁾; iħeġġeġ lill-aġenziji jużaw b'mod effettiv ir-regoli interni stabbiliti tagħhom jew il-linji gwida dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta; u jistieden lill-aġenziji li għadhom fil-proċess li jadottaw tali regoli biex jagħmlu dan mingħajr dewmien bla bżonn;
35. Jappella lill-aġenziji kollha jiżvelaw il-livell ta' rotazzjoni annwali tal-persunal u l-livelli medji ta' assenza mix-xogħol minħabba liv għal raġunijiet ta' mard u jindikaw b'mod ċar il-postijiet li huma okkupati fil-31 ta' Diċembru tas-sena rilevanti, sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà interaġenzjali;
36. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tirreżamina kif il-koeffiċjent tas-salarju għall-persunal li jaħdem fi Stati Membri differenti jiġi kkalkulat bl-għan li jiġi previst bilanċ ġeografiku aħjar tal-persunal fl-aġenziji;
37. Jinnota bi tħassib li koeffiċjenti ta' korrezzjoni baxxi applikati għas-salarji tal-persunal joħlqu sitwazzjonijiet diffiċli li jistgħu jfixklu l-kapaċità ta' aġenzija li twestaq id-dmirijiet tagħha ta' kuljum b'mod effettiv u jistgħu jwasslu għal livelli għolja ta' tibdil fil-persunal; jenfasizza li l-aġenziji li jinsabu f'pajjiżi fejn jiġi applikat koeffiċjent ta' korrezzjoni baxx għandhom jirċievu appoġġ ulterjuri mill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni ta' miżuri komplementari sabiex isiru aktar attraenti għall-persunal attwali u prospettiv, bħall-istabbiliment ta' skejnel Ewropej u faċilitajiet oħra; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt u l-vijabbiltà tal-applikazzjoni tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni tas-salarju fil-futur;
38. Jinnota li l-parti l-kbira tal-aġenziji ma jippubblikawx l-avviżi ta' postijiet battala fuq is-sit web tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO); jieħu nota tat-tħassib dwar l-ispejjeż għoljin tat-traduzzjoni; jilqa', f'dan ir-rigward, il-bord tal-impjiegi interaġenzjali mniedi u amministrat min-Netwerk u jistieden lill-aġenziji kollha japprofittaw mill-pjattaforma;
39. Iħeġġeġ lill-aġenziji tal-Unjoni li m'għandhomx strateġija għad-drittijiet fundamentali, jikkunsidraw li jadottaw waħda, inkluż li ssir referenza għad-drittijiet fundamentali f'kodiċi ta' kondotta li jista' jiddefinixxi d-dmirijiet u t-taħriġ tal-persunal tagħhom; jirrakkomanda li għandhom jiġu implimentati politiki ta' prevenzjoni effikaċi u jiġu identifikati proċeduri effiċjenti biex jissolvew il-kwistjonijiet marbuta mal-fastidju;

Akkwist

40. Jinnota bi tħassib li, skont ir-rapport tal-Qorti, instabu nuqqasijiet relatati mad-dipendenza eċċessiva fuq kuntratturi, konsulenza esterna u ħaddiema interim, mal-użu ta' kriterji tal-ġoti inadegwati u l-konklużjoni ta' kuntratti b'numru ta' offerenti baxx b'mod mhux normali mingħajr ġustifikazzjoni raġonevoli; jinnota li diversi aġenziji esternalizzaw, b'mod estensiv, attivitajiet regolari u, kultant, attivitajiet kummerċjali ewlenin, li jdgħajjef l-għarfien espert intern u l-kontroll tal-eżekuzzjoni tal-kuntratti, b'xi dgħufijiet fil-proċess ta' akkwist li jistgħu jfixklu l-kompetizzjoni ġusta u l-kisba tal-aħjar valur għal akkwisti ta' flus; jirrakkomanda proporzjon adegwat bejn il-prezz u l-kwalità meta jingħataw kuntratti, tfassil ottimali ta' kuntratti qafas, servizzi intermedjarji ġustifikati u l-użu ta' kuntratti qafas dettaljati; jinnota li għal sitt aġenziji, it-termini tal-kuntratt qafas għall-forniment ta' manutenzjoni u tagħmir tal-IT kienu dgħajfa, peress li dawn ippermettew ix-xiri ta' oġġetti li ma kinux speċifikament imsemmija fih u li ma kinux soġġetti għal proċedura kompetittiva inizjali, u ppermettew ukoll lill-kuntrattur li jimponi żidiet fuq il-prezzijiet tal-oġġetti mixtrija minn fornituri oħra; jinnota li għalkemm l-aġenziji m'għandhom l-ebda setgħa li jbiddu l-arranġamenti kuntrattwali bażiċi, il-kontrolli *ex ante* relatati tagħhom ma vverifikawx il-preċiżjoni tal-up-lifts mitluba mill-kuntrattur; jistieden lill-aġenziji u l-korpi kollha tal-Unjoni biex jirrispettaw b'mod strett ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku; jissottolinja li d-diġitalizzazzjoni hija opportunità tajba għall-aġenziji biex iżidu l-effiċjenza u t-trasparenza, inkluż fil-qasam tal-akkwist; jistieden, għalhekk, lill-aġenziji u lill-korpi kollha biex jiffinalizzaw u jimplementaw malajr l-offerti elettroniċi, is-sottomissjoni elettronika, il-fatturar elettroniku u l-formoli elettroniċi għall-akkwist pubbliku; jitlob lill-Kummissjoni u lill-aġenziji jindirizzaw it-titjib meħtieġ fit-timijiet ta' akkwist bħala kwistjoni ta' urġenza, filwaqt li jqisu li l-problema għadha tippersisti u jeħtieġ li tiġi indirizzata b'mod sistemiku;

⁽⁹⁾ Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).

41. Iqis li l-aġenziji, il-korpi u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jagħtu eżempju f'termini ta' trasparenza; jitlob għalhekk il-pubblikazzjoni tal-listi sħaħ ta' kuntratti mogħtija permezz ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku, inklużi dawk taħt il-limitu ta' EUR 15 000 rikjest legalment;
42. Jinnota li l-aġenziji deċentralizzati u korpi oħra, flimkien mat-tmien impriżi koḡunti tal-Unjoni, jinsistu fuq żieda fl-effiċjenza amministrattiva u l-ekonomija ta' skala permezz ta' żieda fl-użu ta' proċeduri ta' akkwist koḡunti; jinnota, madankollu, li minkejja x-xejra promettenti, it-tentattivi għal proċeduri ta' akkwist koḡunti mhux dejjem irnexxew, minħabba, pereżempju analiżi tas-suq li ma kinitx adegwata;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

43. Jinnota li fit-2 ta' April 2019 ġiet organizzata sessjoni ta' ħidma fuq talba tal-Kumitat tal-Parlament għall-Petizzjonijiet dwar "Kunflitti ta' Interess: Integrità, Responsabbiltà u Trasparenza fl-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE" li fiha ġew ippreżentati s-sejbiet preliminari ta' studju dwar "Kunflitti ta' interess u l-Aġenziji tal-UE"; jiddispijaċih li l-istudju, li d-data tal-preżentazzjoni tiegħu kellha tkun f'Lulju 2019, ġie ppubblikat biss f'Janjar 2020; jinnota li l-istudju jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva u analiżi tal-politiki dwar l-evitar ta' kunflitti ta' interess fl-aġenziji differenti kif ukoll li jagħmel rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-iskrutinju mtejjeb tal-politiki tal-kunflitti ta' interess fl-aġenziji; jistieden lin-Netwerk jirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-iżviluppi fl-applikazzjoni ta' regolamenti u politiki dwar il-kunflitti ta' interess, u dwar il-bidliet possibbli f'termini ta' tali regolamenti u politiki;
44. Jinnota bi tħassib li mhux l-aġenziji u l-korpi kollha tal-Unjoni ppubblikaw fuq is-siti web rispettivi tagħhom id-dikjarazzjonijiet ta' interess għall-membri tal-bordijiet tat-tmexxija, it-tmexxija eżekuttiva u l-esperti sekondati; jiddispijaċih li xi aġenziji għandhom jipubblikaw dikjarazzjonijiet ta' nuqqas ta' kunflitti ta' interess; jenfasizza li mhuwiex f'idejn il-membri jew id-diretturi tal-bord li jiddikjaraw li m'għandhomx kunflitti ta' interess; jitlob li jkun hemm mudell unifikat ta' dikjarazzjonijiet ta' interess li għandu jiġi implimentat mill-aġenziji kollha; jenfasizza l-importanza li jiġi stabbilit korp ta' etika indipendenti biex jivvaluta sitwazzjonijiet ta' kunflitti ta' interess u l-fenomenu tal-bibien iduru fl-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi l-oħra tal-Unjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li l-esperti sekondati kollha jipubblikaw id-dikjarazzjonijiet ta' interess u s-CVs rispettivi tagħhom fuq is-siti web tal-aġenziji rispettivi;
45. Itenni li politika dwar il-kunflitti ta' interess mhux dettaljata biżżejjed tista' tirriżulta f'telf ta' kredibbiltà ta' aġenzija; jafferma li l-punt tat-tluq ta' dawn il-politiki kollha huwa l-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' interess regolari u dettaljati biżżejjed; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-bidla lejn dikjarazzjonijiet ta' interess pożittivi minflok dikjarazzjonijiet ta' nuqqas ta' interess jippermetti kontrolli aktar komprensivi; jenfasizza li, barra minn hekk, l-aġenziji tal-Unjoni għandu jkollhom fis-seħħ mekkaniżmu ta' skrinjar tal-kunflitti ta' interess, b'mod proporzjonat għad-daqs u l-funzjoni ta' dik l-aġenzija;
46. Jistieden lill-aġenziji kollha jipparteċipaw fil-ftehim interistituzzjonali dwar ir-reġistru ta' trasparenza għal rappreżentanti ta' interess li qed isiru negozjati dwarhom bħalissa bejn il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament;
47. Iqis li huwa ta' dispjaċir li għad m'hemm linji gwida ċari u li m'hemm l-ebda politika konsolidata dwar il-kwistjoni tal-bibien iduru; jenfasizza l-fatt li din il-kwistjoni hija ta' importanza ewlenija, b'mod partikolari fil-każ ta' dawk l-aġenziji li jaħdmu mal-industrija; jistieden lill-Kummissjoni ttipprovdi regoli aktar b'saħħithom, kontrolli aħjar u linji gwida aktar ċari dwar perjodi ta' preklużjoni għall-persunal li jkun se jitlaq, kif ukoll miżuri oħra relatati mal-kunċett tal-bibien iduru;
48. Jilqa' l-fatt li l-biċċa l-kbira tal-aġenziji, ħliet iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (CdT) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għandhom fis-seħħ linji gwida għall-għoti ta' aċċess pubbliku għal dokumenti; jinnota, madankollu, li s-CdT jipprevedi li jkollu linji gwida fis-seħħ u li l-eu-LISA se tiżviluppa regoli interni dwar kif tittratta talbiet għall-aċċess ta' dokumenti pubbliċi u se tagħmel sforzi biex tadottahom fl-2020;
49. Itenni t-tħassib tiegħu li l-aġenziji li jirċievu parti kbira mid-dħul tagħhom bħala tariffi mħallsa mill-industrija huma aktar suxxettibbli għar-riskju ta' kunflitti ta' interess u tal-indipendenza professjonali tagħhom; jistieden lill-aġenziji u lill-Kummissjoni jnaqqsu d-dipendenza fuq it-tariffi tal-industrija;
50. Itenni l-istedina tiegħu lill-aġenziji biex jimplementaw politika komprensiva u orizzontali dwar l-evitar ta' kunflitti ta' interess, u biex jużaw il-politika dwar l-indipendenza tal-ECHA bħala mudell tal-aħjar Prattika u sistema eżemplari għall-monitoraġġ u l-prevenzjoni ta' kwalunkwe kunflitti ta' interess; jinkoraġġixxi lill-aġenziji kollha biex jistabbilixxu kumitat konsultattiv dwar il-kunflitti ta' interess;

Kontrolli interni

51. Jirrikonoxxi l-kumment tal-Qorti li, meta jużaw kuntratti interistituzzjonali, l-aġenziji jibqgħu responsabbli għall-applikazzjoni tal-prinċipji tal-akkwist pubbliku għax-xiri speċifiku tagħhom, u li l-kontrolli interni tal-aġenziji jridu jiżguraw li dawn jiġu rrispettati;
52. Jinnota li fi tmiem l-2018, il-bordijiet ta' 29 aġenzija kienu adottaw il-qafas ta' kontroll intern rivedut tal-Kummissjoni, u li 15-il aġenzija rrapportaw ukoll l-implimentazzjoni tiegħu; jappella għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-qafas ta' kontroll intern mill-aġenziji kollha sabiex l-istandards ta' kontroll jiġu allinjati mal-ogħla standards internazzjonali u biex jiġi żgurat li l-kontrolli interni jappoġġaw it-teħid ta' deċiżjonijiet b'mod effettiv u effiċjenti;
53. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, xi aġenziji ma għandhomx politiki fis-seħħ li jiddefinixxu l-funzjonijiet sensitivi tagħhom u l-kontrolli ta' mitigazzjoni relatati (li għandhom l-għan li jnaqqsu r-riskju tal-użu ħażin ta' setgħat iddelegati lill-persunal u li jenħtieġ li jkunu element standard ta' kontroll intern); ihegġegħ għalhekk lil dawk l-aġenziji biex jadottaw tali politiki;

Kummenti oħra

54. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, l-aġenziji li qabel kienu bbażati f'Londra (l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)) telqu mir-Renju Unit u ġew rilokati fl-2019 u li l-kontijiet tagħhom jinkludu dispożizzjonijiet għall-ispejjeż tal-ġarr relatati; jinnota, barra minn hekk, fil-każ tal-EMA, li l-Qorti rreferiet għal żviluppi wara l-ftehim ta' kiri tal-aġenzija u d-deċiżjoni tal-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja tal-Ingilterra u Wales; jinnota l-obbligazzjoni kontinġenti ta' EUR 465 000 000 li fadal wara l-konklużjoni tal-ftehim il-ġdid ta' sullokazzjoni u l-inċertezza dwar it-telf totali tal-persunal wara r-rilokazzjoni; barra minn hekk, jinnota bi tħassib li għaż-żewġ aġenziji, il-Qorti rreferiet ukoll għal tnaqqis possibbli fid-dħul wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni;
55. Jilqa' r-Rapport Analitiku Nru 07/2019 tal-Qorti "Rappurtar dwar is-sostenibbiltà: rendikont tal-Istituzzjonijiet u l-Aġenziji tal-UE" (Analiżi rapida dwar każ speċifiku), ippubblikat fit-12 ta' Ġunju 2019; itenni s-sejbiet tagħha li l-informazzjoni li tinġabar jew tiġi ppubblikata hija prinċipalment relatata mal-mod kif it-tmexxija tal-organizzazzjoni taffettwa s-sostenibbiltà (bħall-użu li tagħmel mill-karti jew mill-ilma) aktar milli mal-mod kif l-organizzazzjoni tkun qieset is-sostenibbiltà fl-istrategġija u l-operazzjonijiet ġenerali tagħha; jenfasisza li rappurtar tant iffukat internament ma jaqbadx il-kwistjonijiet l-aktar essenzjali għal organizzazzjoni; jistieden lill-aġenziji kollha biex jevalwaw l-impatt negattiv fuq is-sostenibbiltà mill-operazzjonijiet tagħhom, u biex jinkludu dan b'mod strutturat fir-rappurtar dwar is-sostenibbiltà tagħhom;
56. Ihegġegħ bis-saħħa lill-aġenziji jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti;
57. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li l-attenzjoni tal-aġenziji titqiegħed fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka u l-ħidma tagħhom mal-pubbliku ġenerali, u biex ikun hemm kuntatt mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja bl-għan tas-sensibilizzazzjoni dwar l-operazzjonijiet tagħhom; ifakkar fin-nuqqas ġenerali ta' għarfien fost iċ-ċittadini dwar l-aġenziji anke fil-pajjiż fejn huma bbażati; jappella lill-aġenziji biex jilqu lin-nies b'mod aktar effettiv u frekwenti;
58. Jenfasizza l-effetti negattivi possibbli tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fuq l-organizzazzjoni, l-operazzjonijiet u l-kontijiet tal-aġenziji, speċifikament fir-rigward ta' tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet diretti; ihegġegħ lill-Kummissjoni taġixxi b'diliġenza estrema meta tkun qed tittratta l-prevenzjoni tar-riskju u l-mitigazzjoni tar-riskju għall-aġenziji;
59. Jilqa' l-ħolqien tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA), li r-regolament ta' twaqqif tagħha daħal fis-seħħ f'Marzu 2018 u li bdiet topera f'Ottubru 2019; jenfasisza l-bżonn li jiġu allokati riżorsi finanzjarji suffiċjenti għat-twaqqif tagħha; jinsisti li l-finanzjament ma jistax isir permezz ta' riallokazzjoni ta' fondi mil-linji baġitarji u l-aġenziji l-oħra tal-impjiegi u l-affarijiet soċjali u li l-ELA, bħala korp ġdid, tirrikjedi riżorsi ġodda biex taħdem bla xkiel; jenfasisza, b'mod partikolari, li t-twaqqif tal-ELA m'għandux jirriżulta fi tnaqqis tar-riżorsi u l-kapaċitajiet tan-Netwerk tas-Servizzi Ewropej tax-Xogħol (EURES), li għandu rwol ċentrali fl-iffaċilitar tal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol taċ-ċittadini tal-Unjoni u joffri servizzi u sħubijiet għal dawk li qed ifittxu x-xogħol u għall-impjegaturi, għas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, għas-sħab soċjali u għall-awtoritajiet lokali; jenfasisza l-bżonn, għalhekk, li jinżammu linji baġitarji ċari u separati għall-ELA u l-EURES;

60. Jirrimarka li l-ELA se tgħin biex ikun żgurat li r-regoli tal-Unjoni dwar il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u l-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali jiġu infurzati b'mod effettiv u ġust, se tassisti lill-awtoritajiet nazzjonali jikkoooperaw biex jinfurzaw dawn ir-regoli, u se tagħmilha aktar faċli għaċ-ċittadini u għan-negozji biex jibbenefikaw mis-suq intern; huwa tal-opinjoni li, għalkemm l-erba' aġenziji (iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF) u l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) huma b'mod predominanti ċċentri fuq ir-riċerka, jistgħu jappoġġaw u jikkontribwixxu b'mod utli għall-ħidma tal-ELA;
61. Jenfasizza li t-trasparenza tal-aġenziji, u l-għarfien taċ-ċittadini tal-eżistenza tagħhom, huma essenzjali għar-responsabbiltà demokratika tagħhom; iqis li l-faċilità tal-użu tad-data u r-riżorsi tal-aġenziji hija ta' importanza fundamentali; jitlob, għalhekk, li ssir valutazzjoni dwar kif id-data u r-riżorsi qed jiġu ppreżentati u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni bħalissa, u dwar kemm iċ-ċittadini jsibuha faċli biex jidentifikawhom, jagħrafu u jużawhom;
62. Jirrakkomanda li l-aġenziji kollha jiffukaw fuq il-komunikazzjoni pubblika u l-pubbliċità peress li l-eżistenza u l-attivitajiet tagħhom spiss ma jkunux magħrufa fost iċ-ċittadini;
63. Iħeġġeġ lill-aġenziji tal-Unjoni jikkunsidraw l-adozzjoni ta' strateġija għad-drittijiet fundamentali, inkluża referenza għad-drittijiet fundamentali f'kodiċi ta' kondotta li jista' jiddefinixxi d-dmirijiet tal-persunal tagħhom u t-taħriġ tiegħu; iħeġġeġ l-istabbiliment ta' mekkaniżmi li jiżguraw li kwalunkwe ksur tad-drittijiet fundamentali jiġi identifikat u rrapportat, filwaqt li tingħbed l-attenzjoni tal-korpi ewlenin tal-aġenzija kkonċernata għar-riskji ta' tali ksur; iħeġġeġ l-istabbiliment, fejn rilevanti, tal-pożizzjoni ta' uffiċjal għad-drittijiet fundamentali, li jirrapporta direttament lill-bord tat-tmexxija biex jiġi żgurat grad stabbilit ta' indipendenza fil-konfront tal-persunal l-ieħor, sabiex jiġi żgurat li t-tħeddid għad-drittijiet fundamentali jiġi indirizzat immedjatament u jsir aġġornament kontinwu tal-politika dwar id-drittijiet fundamentali fi ħdan l-organizzazzjoni; iħeġġeġ l-iżvilupp ta' djalogu regolari mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti dwar kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali; iħeġġeġ li l-konformità mad-drittijiet fundamentali tkun parti ċentrali tat-termini ta' referenza tal-kollaborazzjoni tal-aġenzija kkonċernata ma' atturi esterni, inkluż b'mod partikolari membri ta' amministrazzjonijiet nazzjonali li magħhom jinteraġixxu fuq livell operattiv;
64. Iħeġġeġ lill-aġenziji kollha fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI) biex jikkunsidraw ir-reġistrazzjoni fl-iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS) sabiex itejbu l-prestazzjoni ambjentali tagħhom;
65. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-aġenziji soġġetti għal din il-proċedura ta' kwittanza, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1837 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-Impriża Konġunta ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05763/2019 – C9-0070/2019),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 209 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 559/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 110/2014 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar il-Mudell tar-Regolament Finanzjarju għal korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmija fl-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/887 tat-13 ta' Marzu 2019 dwar il-mudell tar-regolament finanzjarju għal korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmija fl-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾,

⁽¹⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 42.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 169, 7.6.2014, p. 108.

⁽⁶⁾ ĠU L 38, 7.2.2014, p. 2.

⁽⁷⁾ ĠU L 142, 29.5.2019, p. 16.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0030/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1838 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-Impriża Konġunta ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet li jaqgħu taħthom, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05763/2019 – C9-0070/2019),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 209 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 559/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 110/2014 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar il-mudell tar-regolament finanzjarju għal korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmija fl-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/887 tat-13 ta' Marzu 2019 dwar il-mudell tar-regolament finanzjarju għal korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmija fl-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾,

⁽¹⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 42.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 169, 7.6.2014, p. 108.

⁽⁶⁾ ĠU L 38, 7.2.2014, p. 2.

⁽⁷⁾ ĠU L 142, 29.5.2019, p. 16.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0030/2020),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1839 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0030/2020),
- A. billi l-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu ("FCH") ġiet stabbilita f'Mejju 2008 bħala sħubija pubblika-privata mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 521/2008 ⁽¹⁾ għal perjodu li jwassal sal-31 ta' Diċembru 2017 biex tiffoka fuq l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tas-suq, u b'hekk tiffaċilita sforzi industrijali addizzjonali lejn mobilizzazzjoni rapida tat-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu; billi r-Regolament (KE) Nru 521/2008 tħassar mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 559/2014 ⁽²⁾;
- B. billi f'Mejju 2014 ir-Regolament (UE) Nru 559/2014 stabbilixxa l-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 ("FCH2") biex tieħu post l-FCH għall-perjodu li jwassal sal-31 ta' Diċembru 2024;
- C. billi l-membri tal-FCH huma l-Unjoni, rappreżentata mill-Kummissjoni, ir-Raggruppament tal-Industrija għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu, u r-Raggruppament tar-Riċerka N.ERGHY;
- D. billi l-membri tal-FCH2 huma l-Unjoni, rappreżentata mill-Kummissjoni, in-New Energy World Industry Grouping AISBL ("ir-Raggruppament tal-Industrija"), li fl-2016 sar jismu Hydrogen Europe, u n-New European Research Grouping on Fuel Cells and Hydrogen AISBL ("ir-Raggruppament tar-Riċerka");
- E. billi l-kontribuzzjoni massima tal-Unjoni għall-ewwel fażi ta' attivitajiet tal-FCH2 hija ta' EUR 470 000 000 mis-Seba' Programm Kwadru; billi l-kontribuzzjonijiet mill-membri l-oħra jridu jkunu mill-inqas daqs il-kontribuzzjoni mill-Unjoni;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota li r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") dwar il-kontijiet annwali ta' FCH2 (ir-"rapport tal-Qorti") isib li l-kontijiet annwali tal-2018 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-FCH2 fil-31 ta' Diċembru 2018, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u t-tibdil fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-regolament finanzjarju tal FCH2 u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni; jinnota, barra minn hekk, li r-regoli kontabilistiċi tal-FCH2 huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment;
2. Jinnota li l-baġit finali tal-FCH2 għas-sena finanzjarja 2018 kien jinkludi EUR 85 504 157 f'approprazzjonijiet ta' impenn u EUR 126 526 307 f'approprazzjonijiet ta' pagament;
3. Jinnota li l-eżekuzzjoni ġenerali tal-baġit 2018 għall-approprazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament laħqet it-93 % u t-83 %, rispettivament,

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 521/2008 tat-30 ta' Mejju 2008 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (ĠU L 153, 12.6.2008, p. 1).

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 559/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 108).

Implimentazzjoni tal-baġit pluriennali taħt is-Seba' Programm Kwadru

4. Jinnota li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-FCH2 hija ta' EUR 421 300 000 mis-Seba' Programm Kwadru, inklużi EUR 19 100 000 f'kontribuzzjonijiet in natura, u li l-membri mir-Raggruppamenti tal-Industrija u tar-Riċerka jikkontribwixxu b'riżorsi li jammontaw għal EUR 442 500 000, li jinkludu EUR 420 000 000 f'kontribuzzjonijiet in natura fi proġetti tas-Seba' Programm Kwadru li huma ffinanzjati mill-FCH2, u EUR 17 900 000 fi flus kontanti għall-ispejjeż amministrattivi;
5. Fir-rigward tal-baġit għall-2018 tal-FCH2 disponibbli għall-proġetti tas-Seba' Programm Kwadru, ir-rata ta' implimentazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 79,6 % minħabba dewmien fis-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' spiża għall-proġetti tas-Seba' Programm Kwadru li għaddejjin bħalissa;

Implimentazzjoni tal-baġit pluriennali taħt Orizzont 2020

6. Jinnota li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-FCH2 hija ta' EUR 318 800 000 mill-Orizzont 2020, u li l-kontribuzzjoni ta' riżorsi mill-membri mir-Raggruppamenti tal-Industrija u tar-Riċerka tammonta għal EUR 649 400 000, li jinkludu EUR 1 800 000 f'kontribuzzjonijiet in natura fi proġetti ta' Orizzont 2020 li huma ffinanzjati mill-FCH2, EUR 7 700 000 f'kontribuzzjonijiet in natura għal attivitajiet addizzjonali u EUR 3 600 000 fi flus kontanti għall-ispejjeż amministrattivi;
7. Josserva li l-livell baxx ta' kontribuzzjonijiet in natura tal-membri tal-industrija għall-attivitajiet operattivi huwa dovut għall-fatt li l-FCH2 tiċertifikahom flimkien mad-dikjarazzjonijiet ta' spiża finali; għalhekk, iċ-ċertifikazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-kontribuzzjonijiet in natura mwettqa se sseħħ aktar tard fil-programm Orizzont 2020 meta jsir il-pagament finali għall-proġetti u meta jkunu dovuti iċ-ċertifikati tar-rapporti finanzjarji;
8. Josserva li r-rata ta' implimentazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' impenn kienet ta' 95,8 %, filwaqt li r-rata għall-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 84,4 %. jinnota li, għas-Seba' Programm Kwadru, fi tmiem l-2018, saru 29 pagament għal rapporti perjodiċi interim u prinċipalment finali li jammontaw għal total ta' EUR 21 400 000; jinnota li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-baġit (f'termini ta' appropriazzjonijiet ta' pagament) kienet ta' 79,6 % (meta mqabbla ma' 73,8 % fl-2017);
9. Jinnota li, għal Orizzont 2020, f'termini ta' appropriazzjonijiet ta' pagament, kienu saru 19-il pagament ta' prefinanzjament għall-proġetti relatati mas-sejħiet għal proposti tal-2017 u l-2018, 11 pagamenti lil studji u 2 liċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka; jinnota, barra minn hekk, li r-rata tal-eżekuzzjoni tal-baġit (f'termini ta' pagamenti) kienet ta' 83,4 % (meta mqabbla ma' 93,3 % fl-2017); jinnota li, f'termini ta' appropriazzjonijiet ta' impenn, ir-rata ta' eżekuzzjoni tal-baġit laħqet il-95,8 % (meta mqabbla ma' 98,3 % fl-2017), minħabba l-eżitu tas-sejħa għal proposti, fejn wieħed mis-suġġetti ma kienx kopert, u minħabba d-dewmien fl-ippjanar tal-akkwist;
10. Josserva li l-FCH2 ħejjet pjan ta' azzjoni li kien approvat mill-bord ta' tmexxija tal-FCH2 f'Marzu 2018, li jinkludi sensiela wiesgħa ta' azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati mill-FCH2, li għalihom diġà nbdeu għadd ta' attivitajiet; jinnota li l-biċċa l-kbira ta' dawn l-attivitajiet għandhom jitwettqu fl-2018 u fl-2019, filwaqt li f'it minnhom se jiġu kkunsidrati fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss;

Prestazzjoni

11. Jinnota li l-FCH2 tuża ċerti miżuri bħala indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex tivvaluta l-valur miżjud tal-attivitajiet tagħha, bħall-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika tal-utent finali, il-grilji intelliġenti u l-ħżin; jinnota, barra minn hekk, li l-FCH2 tuża miżuri oħrajn bħal li proġetti ta' dimostrazzjoni jiġu ospitati fl-Istati Membri u li r-reġjuni jibbenefikaw mill-fondi tal-Unjoni; jinnota r-reviżjoni tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni approvati mill-FCH2 fl-2018 minħabba l-progress teknoloġiku sostanzjali f'dawn l-aħħar snin u tal-applikazzjonijiet il-ġodda li bdew jiffaċċaw;
12. Josserva l-fatt li l-proporzjon tal-ispejjeż tal-ġestjoni (baġit amministrattiv u operazzjonali) baqa' taħt il-5 %, u b'hekk tixhed struttura organizzattiva simplifikata u effiċjenti tal-FCH2;
13. Jinnota l-valur ta' effett ta' lieva għall-2018 ta' 1,36 meta mqabbel mar-rekwiżit ta' 0,56; barra minn hekk, jinnota li, jekk jitqiesu l-kontribuzzjonijiet in natura fil-proġetti mis-sħab privati kollha, l-effett ta' lieva jilħaq 1,96;

14. Jilqa' l-fatt li s-sejħiet għall-proposti kollha kienu ppubblikati u magħluqa skont il-pjanijiet ta' ħidma rispettivi u mal-programm ta' ħidma annwali għall-2018, inklużi 20 suġġett;
15. Jinnota li fi tmiem l-2018, l-FCH2 kellha 27 membru tal-persunal minn 10 Stati Membri u bi pjaċir jinnota li jeiżsti bilanċ bejn is-sessi fost il-persunal (51 % irġiel u 49 % nisa); jinnota wkoll li fl-2018 is-sehem tan-nisa li jipparteċipaw fil-proġetti Orizzont 2020 kien ta' 31 %, li 26 % tal-koordinaturi tal-programmi kienu nisa, li 22 % tal-membri tal-grupp tar-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-FCH2 kienu nisa u li 33 % tal-membri tal-kumitat xjentifiku kienu nisa;
16. Jinnota li l-komunikazzjoni effettiva hija komponent essenzjali sabiex il-proġetti ffinanzjati mill-Unjoni jirnexxu; iqis li huwa importanti li tiżdied il-viżibilità tal-kisbiet tal-FCH kif ukoll li tinxtered informazzjoni dwar il-valur miżjud tagħha; jistieden lill-FCH taħdem favur politika ta' komunikazzjoni proattiva, ixxerred ir-riżultati tar-riċerka tagħha fost il-pubbliku, pereżempju permezz tal-midja soċjali jew ta' mezzi oħrajn tal-midja, biex b'hekk issegwi l-oġettiv li tissensibilizza lill-pubbliku dwar l-impatt tal-appoġġ tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-adozzjoni mis-suq;
17. Josserva li, mil-lat tat-trasport, l-FCH2 appoġġjat attivitajiet ta' dimostrazzjoni li kienu jikkonċernaw aktar minn 1 900 vettura ħafifa, li aktar minn 630 minnhom kienu diġà qed jitħaddmu fl-2018; jinnota wkoll li fl-2018, l-FCH2 għamlet attivitajiet ta' dimostrazzjoni li kienu jinvolvu 45 xarabank operattivi f'10 bliet tal-Unjoni; jinnota b'sodisfazzjon li l-użu ta' karozzi tal-linja elettriċi li jaħdmu biċ-ċelloli tal-fjuwil jista' jitqies bħala tal-ogħla livell fuq livell dinji, u pprogressa b'mod sinifikanti permezz tal-proġetti tal-FCH2;

Awditjar Intern

18. Jinnota li fl-2018 l-FCH2 iffinalizzat l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni kollha li jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditi tas-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) dwar il-ġestjoni tal-prestazzjoni mwettqa mill-IAS fl-2016, inkluża rakkomandazzjoni dwar ir-reviżjoni tal-programm ta' ħidma pluriennali u tal-oġettivi strateġiċi u operattivi; jinnota li f'Jannar 2018, l-FCH2 issottomettiet pjan ta' azzjoni lill-IAS fir-rigward ta' tliet rakkomandazzjonijiet li tqajmu mill-IAS rigward il-koordinazzjoni mas-servizz ta' appoġġ ċentrali (CSC) u l-implimentazzjoni ta' għodod u servizzi CSC; josserva li bħala parti mill-pjan ta' azzjoni, l-FCH2 organizzat l-ewwel sessjoni ta' ħidma tagħha mas-CSC; jilqa' l-fatt li f'Diċembru 2018 l-FCH2 ippreżentat il-pjanijiet ta' azzjoni kollha li jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-awditjar tal-2017 lill-IAS għal rieżami; barra minn hekk, jinnota b'sodisfazzjon li fl-2019 l-IAS baġhat ittra lill-bord ta' tmexxija li tikkonferma li r-rakkomandazzjonijiet u l-pjanijiet ta' azzjoni kollha kienu ġew implimentati b'suċċess;
19. Jinnota li l-isforzi fejn jidħlu l-awditi *ex post* tkomplew bit-tnedija ta' 141 awditu għall-għotjiet tas-Seba' Programm Kwadru, li minnhom 132 kienu ġew finalizzati u l-bqija kienu għad iridu jiġu ffinalizzati fl-ewwel kwart tal-2019, li jirrappreżenta kopertura kumulattiva ta' awditu ta' 23 % tal-valur ta' dikjarazzjonijiet validati ta' spiża; jinnota li r-rata tal-iżball residwu kienet inqas minn 2 %; josserva li fl-2018 tnedew 14-il awditu għid għal Orizzont 2020;
20. Josserva li kienu twettqu kemm l-evalwazzjoni finali tal-Kummissjoni dwar l-FCH għall-perjodu bejn l-2008 u l-2016 kif ukoll l-evalwazzjoni interim dwar l-FCH2 li topera taħt Orizzont 2020 li tkopri l-perjodu mill-2014 sal-2016, filwaqt li pjan ta' azzjoni ġie approvat mill-bord ta' tmexxija f'Marzu 2018, li minnu diġà nbdew diversi azzjonijiet, bl-istennija tat-tlestija tal-biċċa l-kbira tal-programm bejn l-2018 u l-2019, iżda filwaqt li jitqies li għadd żgħir ta' azzjonijiet huma mistennija li jiġu implimentati fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss;

Kontrolli interni

21. Jilqa' l-fatt li l-FCH2 stabbiliet proċeduri ta' kontroll *ex ante* bbażati fuq analiżijiet dokumentarji finanzjarji u operazzjonali u awditi *ex post* għand benefiċjarji ta' għotjiet, għall-pagamenti interim u finali fil-qafas tas-Seba' Programm Kwadru u għal dikjarazzjonijiet ta' spiża tal-proġetti fil-qafas ta' Orizzont 2020, filwaqt li l-Kummissjoni hija responsabbli mill-awditjar *ex post*; jilqa' l-fatt li r-rata ta' żball residwu għall-awditi *ex post* fi tmiem l-2018 kienet ta' 1,10 % għas-Seba' Programm Kwadru u 0,46 % għal Orizzont 2020, li l-Qorti tqis li huwa taħt il-limitu tal-materjalità;

22. Jinnota li fl-2017, l-FCH2, flimkien mas-servizz ta' awditjar komuni (CAS) tal-Kummissjoni, nediet l-ewwel awditu *ex post* ta' kampjun każwali ta' dikjarazzjonijiet ta' spiża interim skont Orizzont 2020; jinnota li l-FCH2 stabbiliet proċeduri ta' kontroll *ex ante* bbażati fuq analiżijiet dokumentarji finanzjarji u operazzjonali. jinnota li, għall-pagamenti interim u finali fil-qafas tas-Seba' Programm Kwadru, l-FCH2 twettaq awditi *ex post* għand il-benefiċjarji, filwaqt li għad-dikjarazzjonijiet ta' spiża ta' proġetti fil-qafas ta' Orizzont 2020, il-CAS tal-Kummissjoni huwa responsabbli mill-awditi *ex post*; madankollu, jinnota bi tħassib li sa tmiem l-2018 kien hemm żewġ awditi miftuħa mnedija fl-2017 u li l-FCH2 ma kinitx iffinalizzat dawn l-awditi minħabba diskussjonijiet li għaddejjin mal-benefiċjarji li wkoll kienu jeħtieġu koordinazzjoni ma' servizzi oħrajn tad-DĠ Riċerka u Innovazzjoni biex jiżguraw riżultati ta' awditjar koerenti fost il-partijiet ikkonċernati differenti.
 23. Jitlob lill-Qorti tivvaluta r-robustezza u l-affidabbiltà tal-metodoloġija għall-kalkolu u l-ivvalwar tal-kontribuzzjonijiet in natura u li dik il-valutazzjoni tivvaluta t-tfassil u r-robustezza tal-gwida għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' kontribuzzjoni in natura sabiex tassisti fil-proċess tal-ippjanar, tar-rappurtar u taċ-ċertifikazzjoni għall-kontribuzzjonijiet in natura.
-

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1840 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposta tal-Impriża Konġunta ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05763/2019 – C9-0067/2019),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 209 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 558/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Clean Sky 2 ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 110/2014 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar il-Mudell tar-Regolament Finanzjarju għal korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmija fl-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0032/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 32.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 169, 7.6.2014, p. 77.⁽⁶⁾ ĠU L 38, 7.2.2014, p. 2.

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1841 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposta tal-Impriża Konġunta ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05763/2019 – C9-0067/2019),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 209 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 558/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Clean Sky 2 ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 110/2014 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar il-Mudell tar-Regolament Finanzjarju għal korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmija fl-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0032/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 32.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 169, 7.6.2014, p. 77.

⁽⁶⁾ ĠU L 38, 7.2.2014, p. 2.

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1842 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0032/2020),
- A. billi l-Impriża Konġunta bdiet taħdem b'mod awtonomu fis-16 ta' Novembru 2009;
- B. billi l-Impriża Konġunta Clean Sky 2 (l-"Impriża Konġunta") stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 558/2014⁽¹⁾ ħadet post, mis-27 ta' Ġunju 2014, l-Impriża Konġunta Clean Sky fl-ambitu ta' Orizzont 2020;
- C. billi l-oġġettivi prinċipali tal-Impriża Konġunta huma li ttejjeb b'mod sinifikanti l-impatt ambjentali tat-teknoloġiji ajrunawtiċi u li ssaħħaħ il-kompetittività tal-avjazzjoni Ewropea; billi t-tul ta' żmien tal-Impriża Konġunta għe prorogat sal-31 ta' Diċembru 2024;
- D. billi l-membri fundaturi tal-Impriża Konġunta huma l-Unjoni, rappreżentata mill-Kummissjoni, il-mexxejja tad-Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata (ITDs), tal-Pjattaformi ta' Dimostrazzjoni ta' Mezzi tal-Ajru Innovattivi (IADPs) u tal-attivitajiet trasversali (TAs), flimkien mal-membri assoċjati tal-ITDs;
- E. billi l-kontribuzzjoni massima mill-Unjoni għat-tieni fażi tal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta hija EUR 1 755 000 000 li għandha titħallas mill-baġit ta' Orizzont 2020;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti") stqarret li l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fil-31 ta' Diċembru 2018, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni;
2. Jinnota li l-Qorti, fir-rapport tagħha dwar Clean Sky 2 (ir-"Rapport tal-Qorti"), indikat li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;
3. Jinnota li l-baġit finali tal-Impriża Konġunta għall-2018 kien jinkludi EUR 371 100 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 343 786 573 f'approprjazzjonijiet ta' pagament; jinnota li 98,7 % tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u 98,6 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament jikkonsistu f'riporti minn snin preċedenti u sussidji tal-Kummissjoni;
4. Jinnota li r-rata ta' użu tal-approprjazzjonijiet ta' impenn kienet 99,2 % (imqabbla ma' 99,6 % fl-2017) u li r-rata ta' użu tal-approprjazzjonijiet ta' pagament kienet 97,3 % (imqabbla ma' 98,5 % fl-2017); jinnota t-tnaqqis fir-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-infiq amministrattiv għal 79,23 % (minn 93,13 % fl-2017);
5. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Impriża Konġunta implimentat diversi għodod biex timmonitorja l-eżekuzzjoni tal-programm f'termini ta' produttività, kisbiet, ippjanar u riskji tal-operazzjonijiet;

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 558/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta Clean Sky 2 (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 77).

Implimentazzjoni tal-baġit pluriennali taħt is-Seba' Programm Kwadru

6. Jinnota li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni hija EUR 800 000 000 mis-Seba' Programm Kwadru u li l-membri mir-Raggruppamenti tal-Industrija u tar-Riċerka qed jikkontribwixxu riżorsi ta' EUR 608 300 000, li jinkludu EUR 594 100 000 f'kontribuzzjonijiet in natura fi proġetti tas-Seba' Programm Kwadru li huma ffinanzjati mill-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 (FCH2), u EUR 14 900 000 fi flus kontanti għall-ispejjeż amministrattivi;
7. Jinnota li s-Seba' Programm Kwadru ngħalaq formalment fl-2017 b'livell ta' implimentazzjoni ta' madwar 100 %; josserva li fl-2018 l-Impriża Konġunta xorta għamlet irkupri ta' madwar EUR 850 000 li jirriżultaw minn prefinanzjamenti pendenti u riżultati ta' awditjar *ex post*;

Implimentazzjoni tal-baġit pluriennali taħt Orizzont 2020

8. Jinnota li sa tmiem l-2018, mill-ammont totali ta' EUR 2 064 000 000, għall-attivitajiet li għandhom jiġu ffinanzjati taħt Orizzont 2020, EUR 816 700 000 huma l-kontribuzzjoni fi flus tal-Unjoni u EUR 14 100 000 huma l-kontribuzzjoni fi flus minn membri privati; jinnota li fi tmiem l-2018, il-Bord tat-Tmexxija kien invalida EUR 273 900 000 f'kontribuzzjonijiet in natura u EUR 157 600 000 oħra kienu ġew irrappurtati, iżda kienu għadhom ma ġewx invalidati, kif ukoll EUR 801 700 000 tal-kontribuzzjonijiet in natura tal-membri tal-industrija għal attivitajiet addizzjonali;

Sejħiet għal proposti

9. Jinnota li, fl-2018, l-Impriża Konġunta nediet żewġ sejħiet għal proposti, irċeviet 417-il proposta eliġibbli (minn total ta' 420) u għażlet 131 proposta biex jiġu ffinanzjati;
10. Jinnota l-għeluq b'suċċess tas-sejħiet tal-erba' Sħab Ewlenin fl-2017; jieħu nota li l-attività fl-2018 kienet tikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Ftehim il-ġdid ta' Għotja għall-Membri (GAMs) tas-Sħab Ewlenin magħżula kollha, li numru żgħir minnhom saru membri attivi fl-2018; josserva li r-riżultati mill-erba' sejħiet kollha u l-adeżjoni tal-entitajiet rebbieħa bħala membri rriżultaw f'183 Sieħeb Ewleni li 49 minnhom huma affiljati jew partijiet terzi konnessi;
11. Jinnota li, sa tmiem l-2018, tnedew disa' sejħiet għal proposti, li tmienja minnhom ġew evalwati u implimentati bis-sih jew jinsabu fl-istadju finali, jinnota li dawn it-tmien sejħiet qed jinvolvu aktar minn 560 sieħeb minn 27 pajjiż differenti; josserva li s-seba' sejħiet għal proposti ġiet implimentata f'Ottubru 2018 b'198 parteċipant; josserva li t-tmien sejħiet għal proposti bdiet f'Novembru 2018 b'182 parteċipant; barra minn hekk, id-disa' sejħiet għal proposti tnediet f'Novembru 2018 u l-evalwazzjoni saret f'Marzu 2019;

Prestazzjoni

12. Jinnota li l-informazzjoni dwar ċerti indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għadha mhijiex disponibbli minħabba n-natura tal-proġetti; jilqa' l-fatt li l-biċċa l-kbira tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni speċifiċi nkisbu jew inkella jinsabu fit-triq it-tajba biex jinkisbu; jieħu nota tal-fatt li l-esperti jitolbu aktar attività ta' monitoraġġ u analiżi, filwaqt li jaġġmlu distinzjoni ċara bejn l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni fil-fatt miksuba fi tmiem kull sena u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni proġettati;
13. Josserva li l-proporzjon tal-ispejjeż tal-ġestjoni (baġit amministrattiv u operattiv) għadu taħt il-5 %, u b'hekk jindika struttura organizzattiva pjuttost simplifikata u effiċjenti tal-Impriża Konġunta;
14. Jinnota l-fatt li r-rati ta' rotazzjoni tal-Impriża Konġunta kienu għoljin għall-aġenzi temporanji u l-aġenzi kuntrattwali fl-2017 u fl-2018; jinnota li għall-persunal temporanju r-rata ta' rotazzjoni żdiedet għal kważi 17 %; barra minn hekk, l-użu ta' servizzi ta' persunal temporanju kważi rdoppja fl-2018;
15. Jinnota li, fir-rapport ta' attività annwali tal-2018 tal-Impriża Konġunta, l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni rigward il-bilanċ bejn is-sessi fl-2017 u fl-2018 juru li l-livell ta' parteċipazzjoni tan-nisa, minkejja li huwa stabbli, huwa pjuttost baxx: in-nisa jirrappreżentaw 22 % ta' daww involuti fil-programm, 13 % tal-koordinaturi tal-programm u bejn 18 % u 25 % tal-konsulenti u l-esperti li jwettqu evalwazzjonijiet u analiżi u li jaħdmu fil-Kumitat Xjentifiku; jirakkomanda li jsiru sforzi kostanti biex jiżdied il-livell ta' parteċipazzjoni tan-nisa fil-programm;
16. Jilqa' l-fatt li l-Impriża Konġunta tinvolvi l-aħjar talenti u riżorsi fl-Ewropa; jinnota li tuża l-ħiliet u l-għarfien ewlenin tal-istabbilimenti ta' riċerka u l-fakultajiet akkademiċi mexxeja fil-qasam tal-ajrunawtiku fl-Ewropa;

Kontrolli ewlenin u sistemi superviżorji

17. Jinnota li l-Impriża Konġunta stabbiliet proċeduri ta' kontroll *ex ante* bbażati fuq rieżamijiet dokumentarji finanzjarji u operattivi, awditi *ex post* għand benefiċjarji ta' għotjiet għall-pagamenti interim u finali tas-Seba' Programm Kwadru u fir-rigward tat-talbiet għall-ispejjeż tal-proġetti ta' Orizzont 2020, huwa s-Servizz tal-Awditjar Komuni tal-Kummissjoni li għandu r-responsabbiltà tal-awditi *ex post*;
18. Jinnota li r-rati ta' żball residwu għall-awditi *ex post* li ġew irrapportati mill-Impriża Konġunta kienu 1,21 % għall-proġetti tas-Seba' Programm Kwadru u 1,11 % għall-proġetti ta' Orizzont 2020, li t-tnejn li huma jinsabu taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %;

Strategġija kontra l-frodi

19. Josserva li l-Impriża Konġunta tagħti attenzjoni partikolari lill-prevenzjoni u d-detezzjoni tal-frodi; b'riżultat ta' dan, id-DĠ RTD jimplementa l-Istrategġija Kontra l-Frodi tal-2020 mal-partijiet ikkonċernati sabiex jiġi identifikat u evitat finanzjament doppju; madankollu, jinnota bi tħassib li matul l-2018 instabu tliet każijiet ta' attivitajiet allegatament frodulenti b'rabta mal-benefiċjarji li rċevew fondi mill-Impriża Konġunta u dawn ġew innotifikati lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF);

Awditu intern

20. Jinnota li fl-2018, is-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) wettaq awditu dwar il-Koordinazzjoni maċ-Ċentru ta' Appoġġ Komuni (CSC) sabiex jivvaluta l-adeqgatezza tat-tfassil tal-governanza tal-Impriża Konġunta, il-ġestjoni tar-riskju u l-proċessi interni; jinnota b'sodisfazzjon li l-IAS identifika bħala qawwa r-rwol attiv tal-Impriża Konġunta fl-iskambju ta' informazzjoni mas-CSC; barra minn hekk, jinnota li l-awdituri hađu nota tal-approċċi konġunti meħuda mid-Diretturi biex jesprimu l-ħtiġijiet tagħhom f'suġġetti sinifikanti bħall-kunfidenzjalità; barra minn hekk, ingħataw diversi rakkomandazzjonijiet lill-IAS biex jadatta aktar is-sistemi tal-IT tal-Kummissjoni biex jiġu solvuti r-restrizzjonijiet pendenti għat-trasferiment tad-data; jistieden lill-Impriża Konġunta tiffinalizza l-iżvilupp tal-kriterji u l-proċeduri għat-trattament ta' data kunfidenzjali tal-benefiċjarji tal-Impriża Konġunta;

Kummenti oħrajn

21. Jinnota l-estensjoni tal-kuntatti bilaterali tal-Impriża Konġunta ma' għadd ta' Stati Membri u reġjuni abbażi tal-immappjar tal-prijoritajiet tal-istrategġija ta' riċerka u innovazzjoni għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti (RIS3) imfassal mill-Impriża Konġunta, li jindika aktar minn 60 reġjun li indikaw lill-Impriża Konġunta li l-ajrunawtika jew oqsmha korrelatati huma fost il-prijoritajiet R&I tagħhom; jinnota b'sodisfazzjon, barra minn hekk, li ġie ffirmat Memorandum ta' Qbil (MtQ) ulterjuri fl-2018 ma' reġjun fil-Ġermanja, li ġab l-għadd ta' MtQ fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2018 għal 17; jinnota li wara dan ġie ffirmat MtQ mar-reġjun Franċiż ta' Nouvelle Aquitaine f'Ġunju 2019;
22. Jinnota li komunikazzjoni effettiva hija komponent essenzjali tal-proġetti ffinanzjati mill-UE li jirnexxu; Iqis li huwa importanti li tiżdied il-viżibbiltà tal-kisbiet tal-Impriża Konġunta u li tinxtered informazzjoni li tikkonċerna l-valur miżjud; jistieden lill-Impriża Konġunta ssegwi politika ta' komunikazzjoni proattiva billi xxerred ir-riżultati tar-riċerka tagħha fost il-pubbliku ġenerali, pereżempju permezz tal-midja soċjali jew ta' mezzi oħra tal-midja, u b'hekk tissensibilizza lill-pubbliku dwar l-impatt tal-appoġġ tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-adozzjoni mis-suq.
23. Jitlob lill-Qorti tivvaluta r-robustezza u l-affidabbiltà tal-metodoloġija għall-kalkolu u l-ivvalutar tal-kontribuzzjonijiet in natura. Il-valutazzjoni għandha tevalwa d-disinn u r-robustezza tal-gwida għall-implimentazzjoni tal-proċedura tal-kontribuzzjoni in natura sabiex tassisti fil-proċess ta' ppjanar, rapportar u ċertifikazzjoni tal-kontribuzzjonijiet in natura.

Trasport u Turiżmu

24. Jenfasizza li l-oġettivi tal-Impriża Konġunta għandhom jiġu aġġustati biex iqisu l-ħtieġa tad-dekarbonizzazzjoni progressiva u li r-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa għandhom jiġu pprovduti awtomatikament sabiex jiġi żgurat li l-Impriża Konġunta jkollha biżżejjed kapacià għal kwalunkwe aġġustament li jsir;

25. Jinnota li l-Impriża Konġunta hija sħubija pubblika-privata bejn l-Unjoni u l-industrija tal-ajrunawtika li l-għan tagħha huwa li tiżviluppa teknoloġiji innovattivi sabiex titjeb b'mod sinifikanti l-prestazzjoni ambjentali tal-ajruplani u tat-trasport bl-ajru; jinnota li fl-2007 din ġiet stabbilita bħala l-"Impriża Konġunta Clean Sky" fi ħdan is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni ("FP7") u li fl-2014 inbidlet għal "Impriża Konġunta Clean Sky 2" fi ħdan il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020;
26. Jinnota li l-programmi tal-Impriża Konġunta jiġu ffinanzjati b'mod konġunt fi ħdan Orizzont 2020 (għall-perjodu 2014-2020) permezz ta' sussidji tal-Unjoni sa EUR 1 755 miljun u permezz ta' kontribuzzjonijiet in natura mill-membri privati ta' mill-inqas EUR 2 193,75 miljun; jinnota li l-Unjoni u l-membri privati jikkondividu b'mod ugwali l-ispejjeż amministrattivi li ma għandhomx jaqbuż EUR 78 miljun tul dak il-perjodu;
27. Jilqa' l-kontribut kbir li tat l-Impriża Konġunta biex tiżied l-effiċjenza fis-settur tal-avjazzjoni; jenfasisza r-riżultati tajbin ħafna u r-rwol essenzjali li l-Impriża Konġunta tiżvolġi fl-Ewropa biex tiżgura aċċelerazzjonijiet netti f'teknoloġiji ekoloġiċi li għandhom l-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO₂ u ta' gassijiet u l-livelli ta' storbu ġġenerati mill-inġenji tal-ajru; jenfasisza l-importanza strateġika li din l-Impriża Konġunta għandu jkollha fil-qafas tal-programm futur Orizzont Ewropa biex tikkontribwixxi għall-oġettivi l-ġodda ta' "newtralità klimatika" għall-2050 u għat-naqqis ipplanat tal-emissjonijiet ta' CO₂ bis-saħħa tal-progress teknoloġiku;
28. Jenfasisza li l-użu globali tat-teknoloġiji maħluqin u promossi mill-Impriża Konġunta jista' jelimina l-ekwivalenti tal-emissjonijiet totali ta' CO₂ tan-Netherlands;
29. Jenfasisza li t-teknoloġiji Clean Sky I naqqsu l-emissjonijiet ta' CO₂ għal kull passiġġier bi 19 % għat-titjiriet fuq distanzi twal u b'40 % għat-titjiriet fuq distanzi medji; jitlob li l-Impriża Konġunta tingħata r-riżorsi umani u finanzjarji kollha biex tkun tista' tibni fuq is-suċċess ta' dan l-approċċ;
30. Jinnota li sa 40 % tal-finanzjament tal-Impriża Konġunta jiġi allokat lis-16-il Mexxej tagħha u lill-affiljati tagħhom, jiġifieri l-industriji impenjati li jwettqu l-programm Clean Sky 2 kollu matul id-durata tiegħu; jinnota li 30 % tal-finanzjament tal-Impriża Konġunta għandhom jingħataw permezz ta' sejħiet għal proposti u sejħiet għal offerti lis-Sħab Ewlenin tagħha (magħżula għal impenji fit-tul għall-programm); jinnota wkoll li t-30 % tal-finanzjament li jifdal għandhom jingħataw permezz ta' sejħiet għal proposti u sejħiet għal offerti lil sħab oħra (parteċipazzjoni f'temi u proġetti speċifiċi fil-kuntest ta' impenn definit tajeb u limitat);
31. Jinnota li, mid-data limitu tal-kontijiet proviżorji tal-2018 (tmien Frar 2019), il-membri privati tal-Impriża Konġunta rrapportaw somma kumulattiva ta' EUR 399 miljun bħala kontribuzzjonijiet in natura għall-attivitajiet operattivi (IKOP), u li l-Impriża Konġunta vvalidat kontribuzzjoni ċertifikata b'valur ta' EUR 279,9 miljun; jinnota bl-istess mod li l-membri privati rrapportaw somma kumulattiva ta' EUR 827,9 miljun f'kontribuzzjonijiet in natura għal attivitajiet addizzjonali (IKAA), li minnhom EUR 620 miljun ġew ivalidati mill-Impriża Konġunta;
32. Jinnota li l-Impriża Konġunta issa għandha 16-il Mexxej, 193 Sieħeb Ewlieni (fosthom 50 SME) u li tnedew disa' sejħiet għal proposti (sabiex il-fondi li jkun fadal jiġu allokatil lil sħab oħra); jinnota li ġew evalwati tmienja minn dawn is-sejħiet li wasslu għall-għażla ta' 560 sieħeb (inklużi 31 % tal-SMEs li huma responsabbli għal 25 % tal-finanzjament) minn 27 pajjiż;
33. Jinnota li l-Impriża Konġunta qiegħda tippjana li tirrevedi r-Regoli Finanzjarji tagħha sabiex tallinjahom mar-regoli finanzjarji l-ġodda applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^(?);

(?) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

34. Jinnota li s-Servizz tal-Awditjar Intern ħareġ rakkomandazzjoni importanti ħafna lill-Impriża Konġunta biex telabora reġistru kkonsolidat tar-riskji li għandu jkopri r-riskji li jaffettwaw il-programm u l-Impriża Konġunta bħala entità awtonoma; jinnota li l-Uffiċjal tal-Awditjar Intern (IAO) iddikjara lill-maniġment tal-Impriża Konġunta li kien hemm nuqqas ta' oġġettività minħabba l-involvement ripetut tiegħu fil-kompiti tal-maniġment u minħabba l-proċessi tal-immaniġġjar tal-kwalità; iħeġġeġ lill-Impriża Konġunta ssolvi din il-kwistjoni minnufih u timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjoni tal-IAO;
 35. Jinnota bi tħassib li l-IAO identifika diversi oqsma ta' riskju, li jirrikjedu azzjonijiet mill-maniġment tal-Impriża Konġunta; jistenna li l-maniġment tal-Impriża Konġunta jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex itaffi dawn ir-riskji;
 36. Jinnota li matul l-2018 instabu tliet każijiet ta' attivitajiet allegatament frodulenti b'rabta mal-benefiċjarji li rċevew fondi mill-Impriża Konġunta u dawn ġew innotifikati lill-OLAF; jappella lill-Impriża Konġunta tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex fil-futur tipprevjeni każijiet ta' frodi;
-

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1843 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-impriżi konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-impriżi konġunti ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾, dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05763/2019 – C9-0068/2019),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 209 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 560/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 110/2014 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar il-Mudell tar-Regolament Finanzjarju għal korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmija fl-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/887 tat-13 ta' Marzu 2019 dwar il-Mudell tar-Regolament Finanzjarju għal korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmija fl-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0034/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 24.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 169, 7.6.2014, p. 130.

⁽⁶⁾ ĠU L 38, 7.2.2014, p. 2.

⁽⁷⁾ ĠU L 142, 29.5.2019, p. 16.

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1844 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-impriżi konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-impriżi konġunti ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾, dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05763/2019 – C9-0068/2019),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 209 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 560/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 110/2014 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar il-Mudell tar-Regolament Finanzjarju għal korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmija fl-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/887 tat-13 ta' Marzu 2019 dwar il-Mudell tar-Regolament Finanzjarju għal korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmija fl-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0034/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 24.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 169, 7.6.2014, p. 130.⁽⁶⁾ ĠU L 38, 7.2.2014, p. 2.⁽⁷⁾ ĠU L 142, 29.5.2019, p. 16.

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1845 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-14 ta' Mejju 2020

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika għas-sena finanzjarja 2018

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0034/2020),
- A. billi l-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika (l-"Impriża Konġunta") ġiet stabbilita bħala sħubija pubblika-privata bir-Regolament (UE) Nru 560/2014 għal perjodu ta' għaxar snin bl-għan li tiġbor flimkien lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha u li tikkontribwixxi biex l-Unjoni tiġi stabbilita bħala protagonist fundamentali fir-riċerka, id-dimostrazzjoni u d-diffużjoni tal-prodotti b'bażi bijoloġika u l-bijofjuwils avvanzati;
- B. billi, skont l-Artikoli 38 u 43 tar-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta, li ġew adottati bid-deċiżjoni tal-bord ta' tmexxija tagħha fl-14 ta' Ottubru 2014, l-uffiċjal tal-kontabilità ħejja l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena 2018;
- C. billi l-membri fundaturi tal-Impriża Konġunta huma l-Unjoni, rappreżentata mill-Kummissjoni, u s-sħab industrijali, rappreżentati mill-Konsorzju tal-Industrija b'bażi Bijoloġika (il-"BIC");

Ġenerali

1. Jinnota li l-kontribuzzjoni massima mill-UE għall-attivitajiet tal-Impriża Konġunta hija ta' EUR 975 000 000, li għandha titħallas mill-programm Orizzont 2020; jinnota li l-membri tal-industrija tal-Impriża Konġunta għandhom jikkontribwixxu riżorsi ta' mill-inqas EUR 2 730 000 000 matul il-perjodu taċ-ċiklu tal-ħajja tal-Impriża Konġunta, li jikkonsistu f'mill-inqas EUR 182 500 000 ta' kontribuzzjonijiet *in natura* u fi flus kontanti għall-attivitajiet operattivi tal-Impriża Konġunta u mill-inqas EUR 1 755 000 000 ta' kontribuzzjonijiet *in natura* biex jimplimentaw attivitajiet addizzjonali barra mill-pjan ta' ħidma tal-Impriża Konġunta;
2. Jinnota li 19 mill-101 proposta miżmuma mis-sejħa għal proposti tal-2018 kienu, sa tmiem l-2018, fl-istadju ta' thejjiha tal-ftehim ta' għotja; barra minn hekk, jinnota li sal-bidu tal-2018, il-programm tal-Impriża Konġunta kellu portafoll ta' 101 proġett għaddej b'total ta' 1 169 parteċipant minn 35 pajjiż b'valur ta' għotja totali ta' EUR 499 000 000;
3. Jinnota li l-objettivi tal-Impriża Konġunta ma setgħux jiġu indirizzati bi strumenti tradizzjonali tal-Unjoni; josserva li l-Impriża Konġunta pprovdiet effett ta' strutturar, billi għabret flimkien is-setturi u l-atturi għat-tnedija ta' katini tal-valur ġodda u mmobilizzat investimenti dejjem akbar għall-iżvilupp ta' innovazzjonijiet għall-industrija b'bażi Bijoloġika; barra minn hekk, jinnota li l-missjoni tal-Impriża Konġunta hija li timplimenta l-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni u Riċerka (SIRA) żviluppata mill-BIC u approvata mill-Kummissjoni;
4. Jinnota li komunikazzjoni effettiva hija komponent essenzjali fir-rigward ta' proġetti ffinanzjati mill-Unjoni li jirnexxu; iqis li huwa importanti li tiżdied il-viżibilità tal-kisbiet tal-Impriża Konġunta u li tinxtered informazzjoni dwar il-valur miżjud tagħhom; jappella lill-Impriża Konġunta taħdem favur politika ta' komunikazzjoni proattiva billi xxerred ir-riżultati tar-riċerka tagħha fost il-pubbliku, pereżempju permezz tal-midja soċjali jew ta' mezzi oħra tal-midja, u b'hekk tissensibilizza lill-pubbliku dwar l-impatt tal-appoġġ tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-adozzjoni mis-suq;

5. Jitlob lill-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") tivvaluta r-robustezza u l-affidabbiltà tal-metodoloġija għall-kalkolu u l-ivvalwar tal-kontribuzzjonijiet *in natura*; jitlob li din il-valutazzjoni tevalwa d-disinn u r-robustezza tal-gwida għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' kontribuzzjonijiet *in natura* sabiex tassisti fil-proċess ta' ppjanar, rapportar u ċertifikazzjoni tal-kontribuzzjonijiet *in natura*;

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

6. Jinnota li r-rapport tal-Qorti dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2018 (ir-"rapport tal-Qorti") sab li l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, fir-rigward tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fil-31 ta' Diċembru 2018 u r-riżultati tal-operazzjonijiet u l-flussi ta' flus tagħha għal tmiem is-sena, skont ir-regolament finanzjarju u r-regoli tal-kontabilità tagħha adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni;
7. Jinnota li l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jipprevedu li l-baġit finali tal-2018 għandu jkun disponibbli għall-implimentazzjoni u għandu jinkludi EUR 121 231 820 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 118 126 520 f'approprjazzjonijiet ta' pagament u, minn dawn, ir-rati ta' użu għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament kienu 99 % u 71 % rispettivament;
8. Josserva li l-approprjazzjonijiet ta' pagament intużaw prinċipalment għall-prefinanzjament tal-ftehimiet ta' għotja li rriżultaw mis-sejħiet għal proposti tal-2014 u mill-pagamenti għal proġetti mis-sejħiet għal proposti preċedenti; barra minn hekk, jinnota li r-rata aktar baxxa ta' implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament kienet dovuta għal dewmien ta' xi rapporti perjodiċi u dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż ferm inqas mill-baġit approvat fil-ftehimiet ta' għotja;
9. Jinnota li mill-ammont massimu ta' EUR 975 000 000 f'kontribuzzjonijiet fi flus kontanti mill-Unjoni li jiġu allokati għall-Impriża Konġunta tul iċ-ċiklu ta' ħajja tagħha, sa tmiem l-2018 l-Unjoni ikkontribwiet ammont totali ta' EUR 264 600 000;
10. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li mill-kontribuzzjonijiet ta' EUR 757 900 000 li għandhom isiru mill-membri tal-industrija għall-attivitajiet operattivi u l-ispejjeż amministrattivi tal-Impriża Konġunta, il-membri tal-industrija rrapportaw kontribuzzjonijiet *in natura* ta' EUR 36 800 000 għall-attivitajiet operattivi, u l-bord ta' tmexxija vvalida kontribuzzjonijiet ta' EUR 21 200 000 (EUR 12 100 000 *in natura* u EUR 9 100 000 fi flus kontanti) mill-membri tal-industrija għall-ispejjeż amministrattivi tal-Impriża Konġunta;
11. Jinnota mir-rapport tal-Qorti li fl-2018 l-Impriża Konġunta wettqet rieżami sabiex taġġorna l-istatus ta' sħubija tal-entitajiet kostitwenti tagħha bħala l-bażi prinċipali għall-validazzjoni u għar-rikonoxximent tal-kontribuzzjonijiet *in natura* mill-membri tal-industrija għall-attivitajiet operattivi tal-Impriża Konġunta; josserva b'apprezzament li dak ir-rieżami huwa meqjus bħala Prattika tajba u li r-rieżami għandu jitwettaq fuq bażi regolari;
12. Jiddispjaċih li mill-ammont minimu ta' EUR 182 500 000 f'kontribuzzjonijiet fi flus kontanti li għandhom isiru mill-membri tal-industrija għall-ispejjeż operattivi tal-Impriża Konġunta, EUR 800 000 biss tħallsu sa tmiem l-2018 u li, b'riżultat ta' dan, fi tmiem l-2018 l-Kummissjoni ddeċidiet li tnaqqas b'EUR 140 000 000 il-Baġit 2020 tal-Impriża Konġunta li kien EUR 205 000 000; josserva bi tħassib li hemm riskju għoli li l-ammont minimu ta' kontribuzzjoni fi flus mhux ser jintlaħaq sat-tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja tal-Impriża Konġunta;

Prestazzjoni

13. Jinnota li l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni speċifiċi disponibbli tal-Impriża Konġunta nstabu li kienu sodisfaċenti; jilqa' l-fatt li l-Impriża Konġunta operat b'mod effiċjenti u li l-prestazzjoni ġenerali tagħha, fir-rigward tat-tliet indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni fi ħdan Orizzont 2020, taqbeż il-miri stabbiliti fl-2018;
14. Jinnota bi tħassib il-valur tal-effett ta' ingranaġġ ta' 1,88 fi tmiem l-2018, li huwa inqas mill-aspettattiva; josserva bi tħassib li l-effett ta' lieva realizzat ilu jonqos mill-2015; jappella lill-Impriża Konġunta tieħu l-passi biex tissodisfa l-effett ta' ingranaġġ fil-mira ta' 2,86 fuq il-perjodu sħiħ 2014-2020;
15. Jinnota li n-natura s-sejħiet għal proposti tal-Impriża Konġunta huma kompletament miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' kwalunkwe parti kkonċernata; jilqa' l-isforzi kbar tal-Impriża Konġunta biex tikkomunika l-oġettivi u l-kisbiet tagħha kif ukoll is-sejħiet tagħha mal-partijiet ikkonċernati fl-Unjoni permezz tal-avvenimenti, il-laqgħat u s-sit web tagħha;

16. Jinnota li l-esperti kkonfermaw li l-Impriża Konġunta attratt livell sodisfaċenti ta' parteċipazzjoni mill-aħjar atturi tal-Unjoni fl-oqsma tal-ktajjen tal-valur magħżula; josserva li nkiseb il-bilanċ tajjeb ta' parteċipazzjoni fis-settur tal-industrija, li jirrappreżenta 61 % tal-għadd totali ta' parteċipanti; jaċċentwa l-fatt li 54 % tal-entitajiet privati bi skop ta' qligħ huma intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u li 27 % huma intrapriżi kbar;
17. Jinnota li fl-2018 l-operazzjonijiet tal-Impriża Konġunta inkludew il-konklużjoni ta' 17-il ftehim ta' għotja, li rriżultaw mis-sejħa għal proposti tal-2017, sabiex hekk l-għadd totali tal-portafoll tal-Impriża Konġunta sa tmiem l-2018 kien 82; barra minn hekk, jinnota li fl-2018 l-Impriża Konġunta implimentat b'suċċess sejħa għal proposti; jinnota li l-proċedura nbdiat qabel tmiem l-2018 għal 19-il proposta miżmuma;
18. Josserva li minħabba t-fassil tas-sejħa għal proposti fl-2018 u l-ġestjoni tas-sistema ta' klassifikazzjoni għall-proposti, waħda miż-żewġ temi ewlenin tas-sejħa baqgħet mhux iffinanzjata, minkejja li rċeviet proposti eliġibbli u evalwati ħafna għaż-żewġ temi;
19. Jinnota b'sodisfazzjon li fl-2018 l-Impriża Konġunta kisbet bilanċ raġonevoli bejn is-sessi fid-diversi korpi tagħha (kumitat xjentifiku: 60 % nisa u 40 % irġiel; Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati: 59 % nisa u 41 % irġiel; uffiċċju tal-programm: 61 % nisa u 39 % irġiel; esperti tal-evalwazzjoni (sejħa għal proposti 2018): 48 % nisa u 52 % irġiel; koordinaturi ta' proġett: 45 % nisa u 55 % irġiel), bl-eċċezzjoni tal-bord ta' tmexxija (20 % nisa u 80 % irġiel); jinnota l-osservazzjoni tal-Impriża Konġunta li hija m'għandha ebda influwenza fuq l-għamla tal-bord ta' tmexxija; jinnota b'sodisfazzjon il-bilanċ bejn is-sessi fost il-persunal involut fil-proġetti tal-Impriża Konġunta (46 % nisa u 54 % irġiel);

Proċeduri ta' akkwist u reklutaġġ

20. Jinnota li fl-aħħar tas-sena 2018, il-persunal tal-Impriża Konġunta kien magħmul minn 23 membru, li b'hekk jilħaq l-ammont sħiħ ta' persunal skont it-tabella tal-persunal; josserva li fl-2018 tnedew żewġ proċeduri ta' reklutaġġ, waħda għal aġent kuntrattwali u oħra għal aġent temporanju; madankollu, jinnota li l-Impriża Konġunta ssaħħet permezz ta' tliet aġenti kuntrattwali addizzjonali fl-2018; barra minn hekk, jinnota li fl-aħħar tal-2018 intgħażel kandidat wieħed għal pożizzjoni temporanja u beda fl-ewwel kwart tal-2019;

Awditu intern

21. Jinnota li f'Novembru 2017, is-servizz ta' awditjar intern (IAS) wettaq xogħol tal-awditjar fuq il-post għall-awditu "Rieżami limitat tal-implimentazzjoni tal-istandards ta' kontroll intern (ICSs) fl-Impriża Konġunta BBI"; josserva li skont ir-rapport tal-Qorti, is-sitwazzjoni fl-aħħar tal-2018 uriet li l-Impriża Konġunta kienet fil-parti l-kbira implimentat l-ICSs;
22. Josserva li l-uffiċċju tal-programm wettaq awtovalutazzjoni tal-ICSs tiegħu biex jivvaluta l-livell kurrenti ta' implimentazzjoni tal-ICSs u biex jesplora l-kundizzjonijiet neċessarji biex iressaq il-qafas ta' kontroll intern tal-organizzazzjoni għal livell ogħla ta' maturità; jinnota li l-IAS għamel tliet rakkomandazzjonijiet sabiex jappoġġja u jikkomplementa l-isforzi eżistenti tal-Impriża Konġunta fil-qasam; josserva li l-uffiċċju tal-programm ippropona pjanijiet ta' azzjoni korrispondenti u l-IAS qieshom bħala adegwati sabiex jittaffew il-kwistjonijiet; madankollu, jinnota bi tħassib li fil-bidu tal-2018 it-tliet standards ikkunsidrati kien għad iridu jiġu kompletament implimentati;
23. Jinnota li skont ir-rapport annwali tal-attività, jitqies li kważi l-ICSs kollha ġew implimentati jew fil-biċċa l-kbira implimentati, u li huma biss ċerti standards li għad iridu jiġu kompletament implimentati bħal ICS 8 (proċessi u proċeduri), ICS 10 (kontinwità tal-operat) u ICS 11 (ġestjoni tad-dokumenti);
24. Jinnota li fl-2017, l-Impriża Konġunta, flimkien mas-servizz tal-awditjar komuni tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni nedew l-ewwel awditu *ex post* ta' kampjun aleatorju ta' talbiet għall-ispejjeż interim relatati mal-programm Orizzont 2020; jinnota li t-tieni sensiela ta' awditi bdiet fl-2018 iżda minħabba l-għadd baxx ta' parteċipanti awditjati, għadha ma tista' tinsilet ebda konklużjoni;
25. Jinnota b'apprezzament s-sejba tal-Qorti li r-rata ta' żbalji residwi għall-programm Orizzont 2020 hija inqas mill-materjalità, li tammonta għal 0,01 %;

26. Jinnota li twettqet l-evalwazzjoni interim tal-Kummissjoni dwar l-attivitajiet tal-Impriża Konġunta mill-2014 sal-2016, u li tħejja pjan ta' azzjoni biex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet li tqajmu; jinnota li skont il-pjan ta' azzjoni, il-parti l-kbira tal-azzjonijiet li għandhom jittieħdu bħala reazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu implimentati fl-2018 u l-2019 u li diġà ttieħdu diversi azzjonijiet;

Qafas ġuridiku

27. Jinnota bi tħassib li filwaqt li l-evalwazzjoni interim tal-Impriża Konġunta tlestiet f'konformità mal-iskeda ta' żmien preċiża stabbilita fil-qafas legali tagħha, madankollu, ma setgħetx tippovdi l-aħjar valur miżjud għall-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Impriża Konġunta f'dan l-istadju bikri tal-attività tagħha;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u t-trasparenza

28. Jinnota l-fatt li l-Impriża Konġunta, flimkien ma' sitt impriżi konġunti oħra, nediet sejħa għal espressjonijiet ta' interess komuni bejn l-impriżi biex tagħżel sa seba' konsulenti kunfidenzjali li jwaqqfu netwerk ta' konsulenti kunfidenzjali; jinnota li, bħala riżultat ta' dan, f'Novembru 2018 id-diretturi eżekuttivi ħatru żewġ konsulenti kunfidenzjali.
-

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1846 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Awtorità fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (005761/2020 – C9-0058/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 64 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetari,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0042/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1847 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-13 ta' Mejju 2020

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) għas-sena finanzjarja 2018

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾, dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Awtorità fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0058/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 64 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiki u Monetarji,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0042/2020),

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1848 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0042/2020),
- A. billi, skont ir-rapporti tad-dħul u n-nefqa tagħha ⁽¹⁾, il-baġit finali tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol ("l-Awtorità") għas-sena finanzjarja 2018 kien jammonta għal EUR 25 207 008, li jfisser żieda ta' 5,03 % meta mqabbel ma' dak għall-2017; billi l-Awtorità hija ffinanzjata minn kontribuzzjoni mill-Unjoni (EUR 9 365 000, jiġifieri 37,15 %) u minn kontribuzzjonijiet mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tal-Istati Membri (EUR 15 742 008, jiġifieri 62,45 %) ⁽²⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2018 ("ir-rapport tal-Qorti"), tistqarr li kisbet aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Awtorità huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 100 %, żieda ta' 0,21 % meta mqabbla mal-2017; jinnota, barra minn hekk, li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 85,48 %, li jfisser tnaqqis ta' 2,61 % meta mqabbla mal-2017;
2. Jinnota li l-ammont ta' xogħol tal-Awtorità qed jiżdied b'mod kostanti u jinkludi kemm kompiti regolatorji kif ukoll l-infurzar u l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni;

Prestazzjoni

3. Jinnota li kull wieħed mit-tliet objettivi strateġiċi tal-Awtorità b'fokus operattiv għandu indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) li jivvalutaw il-valur miżjud ipprovdut mill-attivitajiet tagħha u t-titjib tal-ġestjoni baġitarja tagħha, flimkien ma' indikaturi oħra użati internament;
4. Jinnota li l-Awtorità laħqet il-mira tagħha għal ħdax-il indikatur ewleni tal-prestazzjoni; jirrikonoxxi li l-Awtorità kienet qrib li tilħaq il-mira għaż-żewġ indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni li kien fadal, li ma ntlaħqux biss b'mod marġinali;
5. Jinnota li l-biċċa l-kbira tax-xogħol ippjanat tal-Awtorità (218-il prodott u servizz) ġie kkonsenjat b'suċċess u li 25 prodott u servizz kellhom dewmien żgħir minħabba nuqqas ta' riżorsi, iżda wkoll minħabba bidliet fir-rekwiżiti u fil-prijoritajiet; jinnota wkoll li kienu biss tliet flussi ta' xogħol li ma ġewx ikkonsenjati kif ippjanat jew kellhom dewmien tollerabbli;

⁽¹⁾ ĠU C 108, 22.3.2018, p. 147.

⁽²⁾ ĠU C 108, 22.3.2018, p. 149.

6. Jinnota li l-Awtorità qed tissostitwixxi s-sistema elettronika attwali tagħha ta' ġestjoni tar-riżorsi umani b'Sysper, li hija pprovduta mill-Kummissjoni; jinnota bi tħassib id-dewmien fl-implimentazzjoni tas-Sysper 2; jistieden lill-Awtorità tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-iżviluppi f'dak ir-rigward;
7. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Awtorità hija proattiva fl-identifikazzjoni ta' opportunitajiet għall-effiċjenza u s-sinerġiji ma' aġenziji oħra, b'mod partikolari mal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej u permezz ta' akkwisti konġunti; jilqa' l-prijorità tal-Awtorità li tiżviluppa gwida komuni f'kooperazzjoni mal-EBA u l-ESMA dwar kif ir-riskji kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu jiġu integrati fis-superviżjoni prudenzjali; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Awtorità biex b'mod attiv tipprova tikseb aktar kooperazzjoni u kooperazzjoni aktar mifruxa mal-aġenziji kollha tal-Unjoni; barra minn hekk jistieden lill-Awtorità tesplora modi possibbli li bihom jiġu amalgamati s-servizzi mhux esperti tagħha, bħall-ICT, ma' aġenziji oħra tal-Unjoni;
8. Jenfasizza li r-rwol tal-Awtorità fil-promozzjoni ta' reġim superviżorju komuni fis-sistema finanzjarja Ewropea huwa essenzjali biex tiġi żgurata stabbiltà finanzjarja, suq finanzjarju integrat aħjar, aktar effiċjenti u aktar sikur, kif ukoll livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur fl-Unjoni billi tippromwovi l-korrettezza u t-trasparenza fis-suq tal-prodotti u s-servizzi finanzjarji;
9. Jissottolinja r-rwol ċentrali li għandha l-Awtorità fil-kontribuzzjoni għal standards u prattiki regolatorji u superviżorji komuni ta' kwalità għolja, għall-applikazzjoni konsistenti tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti, għall-fatt li tistimula u tiffaċilita d-delega tal-kompiti u r-responsabbiltajiet fost l-awtoritajiet kompetenti, li timmonitorja u tivvaluta l-iżviluppi fis-suq fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenzi tagħha u li tippromwovi l-ħarsien tad-detenturi ta' poloz, u tal-membri u l-benefiċjarji ta' skemi tal-pensjonijiet;
10. Jenfasizza l-ħtieġa għal superviżjoni aktar mill-qrib f'ċerti Stati Membri bil-għan li jiġu indirizzati vulnerabbiltajiet fis-swieq tal-assigurazzjoni ta' dawk l-Istati Membri u li jitħarsu l-konsumaturi mill-prattiki inġusti tal-kumpaniji multinazzjonali tal-assigurazzjoni;
11. Jisħaq fuq il-fatt li, filwaqt li tiżgura li l-funzjonijiet kollha assenjati lilha jitwettqu bis-sħiħ u fil-ħin, l-Awtorità għandha taderixxi u tagħmel użu sħiħ mill-kompiti u l-mandat assenjati lilha mill-Parlament u mill-Kunsill, u li l-Awtorità jeħtiġilha li qatt ma tmur lil hinn mill-mandat tagħha; jirrimarka li l-iffukar fuq il-mandat assenjat mill-Parlament u mill-Kunsill iwassal għal użu aktar effikaċi u effiċjenti tar-riżorsi;
12. Jikkondividi t-tħassib tal-Qorti li, permezz ta' evalwazzjonijiet bejn il-pari, is-superviżuri nazzjonali għandhom vuċi deċiżiva fil-korp governattiv ewlieni tal-Awtorità, li jfisser li huma f'pożizzjoni li jiddeċiedu l-kamp ta' applikazzjoni tal-azzjoni tal-Awtorità li tevalwa l-effikaċja proprja;

Politika dwar il-persunal

13. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2018, it-tabella tal-persunal kienet ikkompletata b'95,54 %, bil-ħatra ta' 107 aġent temporanju minn total ta' 112-il aġent temporanju li ġew awtorizzati skont il-baġit tal-Unjoni, (imqabbla mal-101 post awtorizzat fl-2017); jinnota li, barra minn hekk, 33 aġent kuntrattwali u 18-il ekspert nazzjonali sekondat kienu qed jaħdmu għall-Awtorità fl-2018;
14. Jiddispijaċih dwar il-parteċipazzjoni żbilanċjata tal-irġiel (sitt membri) u tan-nisa (membru waħda) fil-bord manijerjali; jinnota li l-Awtorità rrapportat bilanċ bejn is-sessi relattivament tajjeb għall-2018 fir-rigward ta' manijers superjuri (ħamest irġiel u tliet nisa);
15. Jinnota li l-Qorti tqis li l-Awtorità għadha ma wettqitx it-tranżizzjoni minn kompiti regolatorji għal dawk superviżorji u li l-Awtorità għandha ssaħħaħ ir-riżorsi umani assenjati għall-kompiti superviżorji;

Akkwisti

16. Jinnota bi tħassib li l-Awtorità applikat kriterji għall-għoti li kkonsistew minn elementi ta' prezzijiet mhux kompetittivi għal proċedura ta' akkwist waħda; jistieden lill-Awtorità tuża kriterji għall-għoti li jiffukaw fuq elementi ta' prezzijiet kompetittivi;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u t-trasparenza

17. Jirrikonoxxi l-miżuri li l-Awtorità diġà għandha fis-seħħ u l-isforzi kontinwi tagħha biex tiżgura t-trasparenza, tipprevjeni u tiġġestixxi l-kunflitti ta' interess u ttiprotegi lill-informaturi; jinnota l-fatt li l-Awtorità tippubblika fuq is-sit web tagħha regjistru tal-laqgħat ma' partijiet ikkonċernati esterni;
18. Jissottolinja l-importanza ta' amministrazzjoni miftuħa, effiċjenti u indipendenti għall-aġenziji kollha tal-Unjoni u l-Unjoni kollha kemm hi; ifakkar fil-problema tal-kunflitt ta' interess li tinqala' mis-sitwazzjonijiet ta' "bibien iduru" u jisħaq fuq il-ħtieġa għal qafas ġuridiku unifikat biex jindirizza dawn il-kwistjonijiet;

Kontrolli interni

19. Jinnota li s-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni ħareġ rapport tal-awditjar dwar testijiet tal-istress fl-EIOPA, li wassal għal ħames rakkomandazzjonijiet għal titjib u l-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni;
20. Jinnota li fl-2018, l-Awtorità użat 29 ħaddiem temporanju permezz ta' kuntratti ma' aġenziji tax-xogħol temporanju; ifakkar li skont id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, dawk il-ħaddiema għandu jkollhom l-istess kundizzjonijiet tax-xogħol bħall-ħaddiema li jiġu impjegati direttament mill-Awtorità; jinnota bi tħassib li l-kuntratti ma kinux jirrikjedu li l-aġenziji tax-xogħol temporanju jirrispettaw dawk il-kundizzjonijiet tax-xogħol, u b'hekk dan ikkawża litigazzjoni u riskji għar-reputazzjoni; jistieden lill-Awtorità tanalizza l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema temporanji tagħha u tiżgura li jkun jikkonformaw mal-liġijiet tax-xogħol tal-Unjoni u dawk nazzjonali;

Kummenti oħra

21. Jinnota li huwa possibbli li, fil-ġejjieni, id-dħul tal-Awtorità jonqos bħala riżultat tad-deċiżjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni Ewropea; jinnota li l-Awtorità ħarġet żewġ opinjonijiet lill-assiguraturi u lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali dwar passi li għandhom jittieħdu biex jiġu evitati interruzzjonijiet fis-servizz u biex jitnaqqas ir-riskju;
22. Jissottolinja r-responsabbiltà li għandha s-sistema finanzjarja biex tissodisfa l-isfidi relatati mas-sostenibbiltà u tiżgura li l-Unjoni tissodisfa l-obbligi meħuda fil-qafas tal-Ftehim ta' Pariġi skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima; jenfasizza r-rwol kruċjali tal-Awtorità fl-integrazzjoni ta' fatturi relatati mal-ambjent u l-governanza u dawk soċjali fil-qafas regolatorju u superviżorju u fil-mobilizzazzjoni u l-iggwidar tal-flussi kapitali privati lejn investimenti sostenibbli; għaldaqstant jisħaq fuq il-ħtieġa li jkun hemm biżżejjed riżorsi biex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni ta' dak il-qafas mill-istituzzjonijiet finanzjarji u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali;
23. Jistieden lill-Awtorità titfa' l-attenzjoni tagħha fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tagħha mal-pubbliku, u tikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja;
24. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 ⁽⁴⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽³⁾ Id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9).

⁽⁴⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1849 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta ECSEL għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta ECSEL għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-Impriżi Konġunti ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018, skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05763/2019 — C9-0072/2019),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 209 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 561/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta ECSEL ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 110/2014 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar il-Mudell tar-Regolament Finanzjarju għal korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmija fl-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/887 tat-13 ta' Marzu 2019 dwar il-mudell tar-regolament finanzjarju għall-korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmijin fl-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0045/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 24.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 169, 7.6.2014, p. 152.⁽⁶⁾ ĠU L 38, 7.2.2014, p. 2.⁽⁷⁾ ĠU L 142, 29.5.2019, p. 16.

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta ECSEL għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-impriża konġunta għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta ECSEL, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1850 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta ECSEL għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta ECSEL għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-Impriżi Konġunti ⁽¹⁾
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018, skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05763/2019 – C9-0072/2019),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 209 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 561/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta ECSEL ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 110/2014 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar il-Mudell tar-Regolament Finanzjarju għal korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmija fl-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/887 tat-13 ta' Marzu 2019 dwar il-mudell tar-regolament finanzjarju għall-korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmijin fl-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0045/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 24.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 169, 7.6.2014, p. 152.⁽⁶⁾ ĠU L 38, 7.2.2014, p. 2.⁽⁷⁾ ĠU L 142, 29.5.2019, p. 16.

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta ECSEL għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta ECSEL, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1851 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta ECSEL għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta ECSEL għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0045/2020),
- A. billi fis-7 ta' Ġunju 2014 l-Impriża Konġunta ECSEL dwar Komponenti u Sistemi Elettroniċi għal Tmexxija Ewropea (l-Impriża Konġunta) ġiet stabbilita fis-sens tal-Artikolu 187 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea bl-għan li timplimenta l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar "Komponenti u Sistemi Elettroniċi għal Tmexxija Ewropea" ("ECSEL") għal perjodu sal-31 ta' Diċembru 2024;
- B. billi l-Impriża Konġunta ġiet stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 561/2014 ⁽¹⁾ f'Ġunju 2014 biex tissostitwixxi u tiegħu post l-Impriżi Konġunti ARTEMIS u ENIAC;
- C. billi l-membri tal-Impriża Konġunta huma l-Unjoni, l-Istati Membri u, fuq bażi volontarja, il-pajjiżi assoċjati ("Stati Parteċipanti") u l-assoċjazzjonijiet ta' membri privati ("Membri Privati") li jirrappreżentaw il-kumpaniji kostitwenti tagħhom u organizzazzjonijiet oħra li huma attivi fil-qasam tal-komponenti u s-sistemi elettroniċi fl-Unjoni;
- D. billi l-kontribuzzjonijiet lill-Impriża Konġunta previsti għall-perjodu kollu ta' Orizzont 2020 jammontaw għal EUR 1 184 874 000 mill-Unjoni, EUR 1 170 000 000 mill-Istati Parteċipanti u EUR 1 657 500 000 mill-Membri Privati;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota li r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2018 (ir-"rapport tal-Qorti") isib li l-kontijiet annwali huma ppreżentati b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, u li l-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2018 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti tagħha għas-sena li kienet għadha kemm intemmet, huma konformi mar-regoli finanzjarji tagħha u mar-regoli kontabilistiki adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni;
2. Jinnota li l-baġit finali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2018 kien jinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 194 100 000 u approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 310 554 000; jinnota li r-rati ta' użu għall-approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament kienu ta' 98 % u 65 % rispettivament;
3. Jinnota li r-rapport tal-Qorti jiddikjara li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2018 huma, fl-aspetti materjali kollha, legali u regolari;
4. Jinnota li fi tmiem l-2018, l-Unjoni kkontribwiet EUR 637 600 000 mill-fond tas-Seba' Programm Kwadru għall-kofinanzjament tal-attivitajiet konġunti, u EUR 17 900 000 aktar għall-kofinanzjament tal-ispejjeż amministrattivi relatati; jinnota li l-impenn akkumulat għall-attivitajiet operattivi tas-Seba' Programm Kwadru ammonta għal EUR 606 000 000, u li l-pagamenti relatati akkumulati kienu EUR 529 000 000; jinnota li fl-2018, ir-rata ta' implimentazzjoni għall-approprijazzjonijiet ta' pagament disponibbli ta' EUR 98 000 000 għall-proġetti tas-Seba' Programm Kwadru ta' 42 % kienet waħda baxxa, u dan kien dovut prinċipalment għad-dewmien min-naħa tal-awtoritajiet ta' finanzjament nazzjonali biex jipprovdu ċ-ċertifikati tat-tmiem tal-proġetti għall-attivitajiet li kienu għaddejnin tas-Seba' Programm Kwadru;
5. Josserva li l-pagamenti li saru mill-Impriża Konġunta għall-proġetti tas-Seba' Programm Kwadru ammontaw għal EUR 41 000 000, liema ammont jirrappreżenta 22 % tal-pagamenti operattivi totali li saru fl-2018; jinnota, barra minn hekk, li r-rata tal-iżball residwu fi tmiem is-sena kienet ta' 3,36 %;

⁽¹⁾ ĠUL 169, 7.6.2014, p. 152.

6. Jinnota li għall-pagamenti operattivi tas-Seba' Programm Kwadru, l-Impriża Konġunta għadha dipendenti fuq l-awtoritajiet ta' finanzjament nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti, u dan jirriżulta friskju akbar fir-rigward tat-tempestività tal-pagamenti finali;
7. Jinnota bi tħassib li fl-2018 l-Istati Parteċipanti, li huma meħtieġa jikkontribwixxu mill-inqas EUR 1 170 000 000 għall-attivitajiet operattivi ta' Orizzont 2020 tal-Impriża Konġunta, għamli impenji li jammontaw għal EUR 564 000 000 u pagamenti ta' EUR 178 000 000, li jirrappreżentaw 15 % tal-kontribuzzjonijiet totali meħtieġa; jinnota li l-livell baxx ta' kontribuzzjonijiet tal-Istati Parteċipanti huwa relatat mal-fatt li xi Stati Parteċipanti jirrikonnoxxu u jirrappurtaw biss l-ispejjeż tagħhom lill-Impriża Konġunta fi tmiem il-proġetti Orizzont 2020 li huma jappoġġaw; jinnota li r-rata ta' implimentazzjoni tal-baġit disponibbli għal Orizzont 2020 kienet ta' 100 % għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u 72 % għall-appropriazzjonijiet ta' pagament, u li r-rata ta' appropriazzjonijiet ta' pagament irriżultat f'ammont aktar baxx minħabba l-kontribuzzjoni addizzjonali ta' EUR 20 000 000 li waslet f'Diċembru 2018;
8. Jinnota li mill-kontribuzzjonijiet ta' EUR 1 657 500 000 li kellhom isiru mill-membri tal-industrija għall-attivitajiet tal-Impriża Konġunta, fi tmiem l-2018, l-Impriża Konġunta smat li l-membri kienu għamli kontribuzzjonijiet *in natura* li ammontaw għal EUR 705 400 000, meta mqabbla mal-kontribuzzjoni fi flus tal-Unjoni ta' EUR 512 000 000; jinnota, barra minn hekk, li l-kontribuzzjonijiet fi flus tal-membri tal-industrija ammontaw għal EUR 11 300 000 u li l-kontribuzzjonijiet *in natura* tagħhom li ġew irrappurtati iżda mhux ivvalidati ammontaw għal EUR 694 100 000;

Prestazzjoni

9. Jinnota l-użu ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għall-kejl tal-prestazzjoni operattiva u tal-programmi, u li l-Impriża Konġunta qed taħdem mal-Impriżi Konġunti l-oħra u mal-partijiet ikkonċernati tagħha biex tiddefinixxi indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u metodoloġiji komuni tal-impatt biex tivvaluta dawk l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni;
10. Josserva li l-proporzjon tal-ispiża tal-ġestjoni (baġit amministrattiv/operattiv) għadu taħt il-5 %, u dan jindika struttura organizzattiva pjuttost flessibbli u effiċjenti tal-Impriża Konġunta;
11. Jilqa' l-fatt li t-total ta' ingranaġġ miksub fl-2018 għall-programm tal-Impriża Konġunta, ikkalkulat bħala l-ispiża ta' Orizzont 2020 tnaqqas minnu l-finanzjament tal-Unjoni diviż bil-finanzjament tal-Unjoni, huwa ugwali għal 3, u dan jaqbeż l-effett ta' ingranaġġ fil-mira għall-perjodu kollu bejn l-2014 u l-2020; jinnota, barra minn hekk, li l-ingranaġġ totali miksub huwa 3,3 jekk l-ispiża nazzjonali tittieħed bħala bażi;
12. Jinnota li l-Impriża Konġunta għamlet sforzi biex tikkonsolida u tiżviluppa l-attivitajiet tagħha biex tippermetti t-tmexxija mingħajr xkiel u effiċjenti tal-Impriża Konġunta; josserva li fl-2018 tnedew erba' sejħiet għal proposti, li rriżultaw fl-għażla ta' 13-il proġett kollaborattiv u 2 azzjonijiet ta' koordinazzjoni u appoġġ;
13. Jinnota li l-Impriża Konġunta nediet żewġ sejħiet għal proposti; għalkemm l-għadd ta' proposti naqas għar-raba' sena konsekuttiva, l-għadd ta' proposti magħżula huwa l-istess bħal fl-2017;
14. Jinnota li l-komunikazzjoni effettiva hija komponent essenzjali tal-proġetti ta' suċċess iffinanzjati mill-Unjoni; iqis li huwa importanti li tiżied il-viżibilità tal-kisbiet tal-Impriża Konġunta u li tinxtered l-informazzjoni dwar il-valur miżjud tagħha; jistieden lill-Impriża Konġunta taħdem favur politika ta' komunikazzjoni proattiva billi xxerred ir-riżultati tar-riċerka tagħha fost il-pubbliku, pereżempju permezz tal-midja soċjali jew ta' mezzi oħra tal-midja, u b'hekk tissensibilizza lill-pubbliku dwar l-impatt tal-appoġġ tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-adozzjoni mis-suq;

Persunal

15. Jinnota li minn 31 post awtorizzat fit-tabella tal-persunal, 30 imtlew fl-2018: 14 minn aġenti temporanji u 16 minn aġenti kuntrattwali; jinnota wkoll li, fl-2018, il-postijiet ta' żewġ kapijiet ta' amministrazzjoni, uffiċjal kap finanzjarju wieħed u uffiċjal ta' programm wieħed kienu okkupati;

16. Jinnota l-informazzjoni fir-rapport annwali tal-attività 2018 tal-Impriża Konġunta rigward il-bilanċ bejn is-sessi fil-proġetti ECSEL, li tindika li l-għadd totali ta' nisa involuti fi proġetti ECSEL li kienu ghaddejnin fl-2018 u l-proġetti rrapportati dik is-sena (li kienu ghaddejnin mill-2014, l-2015 u l-2016) kien ta' 3 336 (jew 18 %), meta mqabbel ma' total ta' 14 820 raġel (jew 82 %); jinnota li mhux il-membri tal-persunal kollha tal-impriżi benefiċjarji involuti fi proġetti ECSEL iwettqu attivitajiet ta' riċerka u li 16 % biss mill-membri tal-persunal tar-riċerka huma nisa;

Akkwist

17. Jinnota bi tħassib kbir li l-Qorti sabet nuqqasijiet sinifikanti fil-ġestjoni tal-proċeduri ta' akkwist għal servizzi amministrattivi; jinnota mir-risposti tal-Impriża Konġunta li ġie nnominat assistent għall-baġit, l-akkwist u l-kuntratti biex jindirizza din il-kwistjoni;

Kontrolli interni

18. Jilqa' l-fatt li l-Impriża Konġunta ħadet passi biex tivvaluta l-implimentazzjoni tal-awditi *ex post* imwettqa mill-Awtoritajiet ta' Finanzjament Nazzjonali u kisbet sqarrijiet bil-miktub mill-Awtoritajiet ta' Finanzjament Nazzjonali li jiddikkjaraw li l-implimentazzjoni tal-proċeduri nazzjonali tagħhom tipprovdi aċċertament raġonevoli dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet; jinnota li r-rapport tal-Qorti jirreferi għall-fatt li għall-pagamenti ta' Orizzont 2020 is-servizz tal-awditjar komuni tal-Kummissjoni huwa responsabbli għall-awditi *ex post*, u li r-rati tal-iżball residwu kkalkulati mill-Impriża Konġunta fi tmiem l-2018 kienu jammontaw għal 1,15 %;
19. Jinnota li l-kwistjoni dwar il-varjazzjoni fil-metodoloġiji u l-proċeduri użati mill-Awtoritajiet ta' Finanzjament Nazzjonali ma għadhiex rilevanti għall-implimentazzjoni tal-proġetti taħt il-programm Orizzont 2020, peress li l-awditi *ex post* jitwettqu mill-Impriża Konġunta jew mill-Kummissjoni; jinnota li f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-pjan komuni ta' awditjar *ex post* għal Orizzont 2020, l-Impriża Konġunta rċeviet 22 dikjarazzjoni minn 27 mingħand l-Awtoritajiet ta' Finanzjament Nazzjonali, u jirrikonoxxi li dawn jipprovdu protezzjoni raġonevoli tal-interessi finanzjarji tal-membri tagħha;
20. Josserva li l-Kummissjoni wettqet l-evalwazzjoni finali tagħha dwar l-Impriżi Konġunti ARTEMIS u ENIAC għall-perjodu mill-2008 sal-2013, flimkien mal-evalwazzjoni interim tagħha dwar l-Impriża Konġunta li topera taħt Orizzont 2020 u li tkopri l-perjodu mill-2014 sal-2016; jinnota li l-Impriża Konġunta ħejjiet u adottat pjan ta' azzjoni biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet ta' dawn l-evalwazzjonijiet u li diġà nbdew xi attivitajiet; madankollu, il-maġġoranza tal-attivitajiet għad iridu jiġu implimentati fl-2019, filwaqt li xi wħud minnhom ġew ikkunsidrati lil hinn mill-ambitu tal-Impriża Konġunta;
21. Jinnota li l-pagament finali għall-implimentazzjoni tal-ftehim dwar il-livell ta' servizz konkluż ma'membru tal-industrija għall-provvista ta' servizzi ta' komunikazzjoni u għall-organizzazzjoni ta' avvenimenti, sar mingħajr id-dokumenti ta' sostenn meħtieġa;
22. Jitlob lill-Qorti tivvaluta s-solidità u l-affidabbiltà tal-metodoloġija għall-kalkolu u l-ivvalutar tal-kontribuzzjonijiet *in natura* u jissuġġerixxi li l-valutazzjoni tevalwa d-disinn u r-robustezza tal-gwida għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' kontribuzzjoni *in natura* sabiex tassisti fil-proċess ta' ppjanar, rapportar u ċertifikazzjoni tal-kontribuzzjonijiet *in natura*;
23. Jinnota bi tħassib li l-Impriża Konġunta sabet li kontribuzzjonijiet fi flus għall-ispejjeż amministrattivi li jammontaw għal aktar minn EUR 1 000 000 ma ġewx fatturati minn ENIAC lill-membru tal-industrija AENEAS qabel ma twaqqfet l-Impriża Konġunta; sabiex tissolva din il-problema, l-Impriża Konġunta rċeviet EUR 1 000 000 mill-membri tagħha bħala "kontribuzzjoni fi flus imħallsa minn qabel"; jistieden lill-Impriża Konġunta toħroġ in-nota ta' debitu mingħajr dewmien;

Awditu intern

24. Jinnota li fl-2018 is-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tal-Kummissjoni wettaq valutazzjoni tar-riskju; jinnota li l-IAS segwa r-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar proprja dwar il-proċess tal-għotjiet ta' Orizzont 2020 u l-prestazzjoni relattiva fl-Impriża Konġunta; jirrikonoxxi l-fatt li l-IAS ikkonkluda li r-rakkomandazzjonijiet kollha ġew implimentati b'mod adegwat;

Ġestjoni tar-riżorsi umani

25. Jinnota li fil-31 ta' Diċembru 2018, l-Impriża Konġunta kienet timpjega 30 membru tal-persunal; jinnota li matul l-2018 l-Impriża Konġunta mliet żewġ pożizzjonijiet, waħda ta' kap tal-amministrazzjoni u l-finanzi u l-oħra ta' uffiċjal ta' programm, u rreklammat post għall-pożizzjoni ta' espert nazzjonali ssekondat;
 26. Jinnota l-fatt li, bil-ħsieb li l-istruttura tal-organizzazzjoni tiġi adattata għall-prijoritajiet u l-ħtiġijiet ta' għarfien espert, l-organigramma tal-Impriża Konġunta ġiet aġġornata fis-6 ta' Awwissu 2018; jinnota li f'Jannar 2018 il-Bord ta' Tmexxija vvalida sett ġdid ta' ħames regoli ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal.
-

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1852 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (IMI2) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-impriżi konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-impriżi konġunti ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾, dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05763/2020 – C9-0069/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 209 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 557/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 110/2014 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar il-Mudell tar-Regolament Finanzjarju għal korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmija fl-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/887 tat-13 ta' Marzu 2019 dwar il-mudell tar-regolament finanzjarju għall-korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmijin fl-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0046/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 169, 7.6.2014, p. 54.⁽⁶⁾ ĠU L 38, 7.2.2014, p. 2.⁽⁷⁾ ĠU L 142, 29.5.2019, p. 16.

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1853 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-impriżi konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-impriżi konġunti ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾, dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05763/2020 — C9-0069/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 209 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 557/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 110/2014 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar il-Mudell tar-Regolament Finanzjarju għal korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmija fl-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/887 tat-13 ta' Marzu 2019 dwar il-mudell tar-regolament finanzjarju għall-korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmijin fl-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0046/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 169, 7.6.2014, p. 54.⁽⁶⁾ ĠU L 38, 7.2.2014, p. 2.⁽⁷⁾ ĠU L 142, 29.5.2019, p. 16.

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1854 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0046/2020),
- A. billi l-Impriża Konġunta għall-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi ("Impriża Konġunta IMI") twaqqfet f'Diċembru 2007 għal perjodu ta' 10 snin bil-għan li ttejjeb b'mod sinifikanti l-effiċjenza u l-effikaċja tal-proċess ta' żvilupp tal-mediċini, bil-mira fit-tul tas-settur farmaċewtiku li jipproduċi mediċini innovattivi aktar effikaċi u sikuri;
- B. billi, wara l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 557/2014 ⁽¹⁾ f'Mejju 2014, l-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 ("Impriża Konġunta IMI2") ġiet stabbilita għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2024; billi din tiegħu post u ssegwi l-Impriża Konġunta IMI f'Ġunju 2014 bil-għan li tiffinalizza l-attivitajiet ta' riċerka taħt is-Seba' Programm Kwadru u tvara proġett ġdid fil-qafas ta' Orizzont 2020;
- C. billi l-Unjoni, irrappreżentata mill-Kummissjoni, u l-Federazzjoni Ewropea tal-Industriji u l-Assoċjazzjonijiet Farmaċewtiċi huma l-membri fundaturi tal-Impriża Konġunta IMI u tal-Impriża Konġunta IMI2;
- D. billi l-ikbar kontribuzzjoni mill-Unjoni lill-Impriża Konġunta IMI hija ta' EUR 1 000 000 000 għall-perjodu ta' 10 snin, li għandha titħallas mill-baġit tas-Seba' Programm Kwadru, filwaqt li l-membri fundaturi għandhom jikkontribwixxu b'mod ugwali għall-ispejjeż ta' funzjonament, kull wieħed minnhom b'ammont li ma jaqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni;
- E. billi l-ikbar kontribuzzjoni, għall-perjodu ta' 10 snin, mill-Unjoni lill-Impriża Konġunta IMI2 hija ta' EUR 1 638 000 000, li trid titħallas mill-baġit ta' Orizzont 2020, u l-membri, għajr il-Kummissjoni, iridu jikkontribwixxu 50 % tal-ispejjeż ta' funzjonament u għandhom jikkontribwixxu għall-ispejjeż operattivi permezz ta' kontribuzzjonijiet fi flus jew *in natura*, jew it-tnejn li huma, ugwali għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota li, r-rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri ("il-Qorti") dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta IMI2 għas-sena finanzjarja 2018 (ir-"rapport tal-Qorti") isib li l-kontijiet annwali huma ppreżentati b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, fir-rigward tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta IMI2 fil-31 ta' Diċembru 2018 u -riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-regolament finanzjarju tagħha u r-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni;
2. Jinnota l-opinjoni tal-Qorti dwar il-legalità u r-regularità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta IMI2 għas-sena 2018, li kkonkludiet li dawn it-tranżazzjonijiet huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;
3. Jinnota li l-baġit finali tal-2018 kien ta' EUR 275 600 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn (EUR 187 900 000 fl-2017) u ta' EUR 235 900 000 f'approprjazzjonijiet ta' pagament (EUR 206 400 000 fl-2017); inklużi approprjazzjonijiet mhux użati mis-snin ta' qabel u dħul assenjat, il-baġit ta' impenn totali disponibbli kien ta' EUR 485 596 000 (EUR 322 400 000 fl-2017) u l-baġit ta' pagament disponibbli kien ta' EUR 235 963 021 (EUR 206 400 000 fl-2017);

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 557/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 54).

4. Jinnota li mill-EUR 1 000 000 000 f'kontribuzzjonijiet li għandhom isiru mill-membri tal-industrija għall-attivitajiet tal-Impriża Konġunta IMI, sa tmiem l-2018 l-Impriża Konġunta IMI2 kienet invalidat kontribuzzjonijiet *in natura* u fi flus li jammontaw għal EUR 655 200 000, b'mod aktar preċiż EUR 633 300 000 *in natura* u EUR 21 900 000 fi flus; jirrimarka li ammont ulterjuri ta' EUR 80 600 000 f'kontribuzzjonijiet *in natura* mingħajr validazzjoni kien għe rrapportat mill-membri lill-Impriża Konġunta IMI2; jissottolinja l-fatt li konsegwentement, fi tmiem l-2018, il-kontribuzzjonijiet *in natura* u fi flus mill-membri tal-industrija ammontaw għal EUR 735 800 000, imqabbla mal-kontribuzzjonijiet fi flus mill-Unjoni għall-attivitajiet tal-Impriża Konġunta IMI2, imwettqa taħt is-Seba' Programm Kwadru, li ammontaw għal EUR 916 000 000;
5. Jinnota b'sodisfazzjon li fl-2018 ir-rati ta' użu tal-Impriża Konġunta IMI għal approprjazzjonijiet ta' pagament għall-proġetti tas-Seba' Programm Kwadru kienu ta' 88 %, titjib mill-perjodu preċedenti meta r-rati ta' użu baqgħu taħt il-75 % għal erba' snin konsekuttivi; jinnota wkoll li r-rata ta' implimentazzjoni għall-approprjazzjonijiet ta' pagament taħt Orizzont 2020 kienet ta' 86 % u li fl-2018 l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għan-nefqa amministrattiva u operattiva kienet akbar minn tal-2017;
6. Jinnota li mill-EUR 1 425 000 000 ta' kontribuzzjonijiet *in natura* u fi flus li għandhom isiru minn membri tal-industrija u sħab assoċjati mal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta IMI 2, kontribuzzjonijiet *in natura* ta' EUR 130 500 000 kienu għew validati mid-direttur eżekuttiv, u ammont ieħor ta' EUR 83 900 000 kien għe rrapportat sa tmiem l-2018; jinnota, barra minn hekk, li d-direttur eżekuttiv invalida l-kontribuzzjonijiet fi flus mill-membri tal-industrija għal ammont ta' EUR 13 500 000; jinnota, barra minn hekk, li fi tmiem l-2018, it-total tal-kontribuzzjonijiet mill-membri tal-industrija għall-attivitajiet tal-Impriża Konġunta IMI 2 taħt Orizzont 2020 konsegwentement ammontaw għal EUR 227 700 000, imqabbla mal-kontribuzzjonijiet fi flus mill-Unjoni li ammontaw għal EUR 241 900 000;
7. Jinnota li, fl-2018, tliet emendi baġitarji għew adottati mill-bord tat-tmexxija tal-Impriża Konġunta IMI 2;
 - (a) fit-12 ta' Ġunju 2018, biex jinkludi l-ammonti riportati (EUR 209 698 405 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 56 133 212 f'approprjazzjonijiet ta' pagament) mis-sena ta' qabel;
 - (b) fit-13 ta' Lulju 2018, biex jinkludi r-riporti addizzjonali (EUR 25 669 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 25 669 f'approprjazzjonijiet ta' pagament) mis-sena ta' qabel, li jikkorrispondu speċifikament għall-ammonti tal-Impriża Konġunta IMI miġbura mingħand il-benefiċjarji fl-2017 u riportati għall-baġit tal-2018; u
 - (c) fil-5 ta' Diċembru 2018, biex inaqqas l-approprjazzjonijiet ta' pagament operattivi b'EUR 36 332 261 b'riżultat tat-tnaqqis tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-ispejjeż operattivi (EUR 34 978 261) u l-posponiment għall-2019 tal-kontribuzzjoni tal-Impriża Konġunta IMI 2 (Bill u Melinda Gates Foundation) għall-ispejjeż operattivi (EUR 1 354 000) riportati għas-sena ta' wara;
8. Jinnota li, fi tmiem l-2018, l-istima tal-approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati għall-infiq operattiv u amministrattiv approvati mill-bord tat-tmexxija tal-Impriża Konġunta IMI 2 u riportati għall-2019 ammontaw għal EUR 30 943 429; jinnota bi tħassib l-osservazzjoni tal-Qorti li, filwaqt li s-sitwazzjoni tjejbet wara l-miżuri korrettivi meħuda mill-Impriża Konġunta IMI 2, għad hemm dgħufijiet rigward l-ippjanar u l-monitoraġġ tal-ħtieġa ta' approprjazzjonijiet ta' pagament ġodda;

Prestazzjoni

9. Jinnota li l-2018 kienet l-ewwel sena li fiha l-Impriża Konġunta IMI 2 irrappurtat dwar l-indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin fir-rapport annwali tal-attività ta' tagħha għall-2018 (AAR); jilqa' l-fatt li dan il-pass wera li huwa għodda ta' monitoraġġ effikaċi li rriżultat fiż-żieda tal-livell ta' trasparenza rigward il-kisbiet tal-Impriża Konġunta IMI 2 u b'hekk attira l-interess tal-membri tas-soċjeta' ċivili;
10. Jinnota li, skont l-AAR, l-analiżi tad-data miġbura sal-31 ta' Diċembru 2018 turi li kważi l-oqsma prijoritarji rilevanti kollha fl-aġenda strateġika tar-riċerka tal-Impriża Konġunta IMI 2 huma indirizzati mill-proġetti tal-Impriża Konġunta IMI 2 (11 minn 12);

11. Jilqa' l-fatt li l-Impriża Konġunta IMI 2 iffirmat total ta' 20 ftehim ta' għotja ġdid fl-2018, biex b'hekk il-portafoll sħiħ tal-proġetti tela' għal 119 (59 proġett tal-Impriża Konġunta IMI + 60 proġett tal-Impriża Konġunta IMI 2);
12. Josserva li l-proporzjon tal-ispejjeż tal-ġestjoni (baġit amministrattiv/operattiv) baqa' taħt il-5 %, b'hekk jidher li hemm struttura organizzattiva pjuttost simplifikata u effiċjenti tal-Impriża Konġunta IMI 2;
13. Jinnota li fl-2018 il-valur tal-effett ta' lieva tal-Impriża Konġunta IMI 2 kien ta' 0,99;
14. Jinnota li komunikazzjoni effettiva hija komponent essenzjali fir-rigward ta' proġetti ffinanzjati mill-Unjoni li jirnexxu; iqis li huwa importanti li tiżdied il-viżibbiltà tal-kisbiet tal-Impriża Konġunta IMI 2 u li tinxtered informazzjoni dwar il-valur miżjud tagħhom; jistieden lill-Impriża Konġunta IMI 2 taħdem favur politika ta' komunikazzjoni proattiva billi xxerred ir-riżultati tar-riċerka tagħha fost il-pubbliku, pereżempju permezz tal-midja soċjali jew ta' mezzi oħra tal-midja, u b'hekk tissensibilizza lill-pubbliku dwar l-impatt tal-appoġġ tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-adozzjoni mis-suq;
15. Jilqa' l-varar b'suċċess tal-proġett EBOVAC3 fl-2018 li għandu l-għan li jwettaq provi kliniċi fit-tfal fi Sierra Leone u l-Guinea; jinnota, barra minn hekk, li l-proġett qed jimplementa studju kliniku fil-fornituri tal-kura tas-saħħa fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo li qed jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-marda; jinnota b'sodisfazzjon li t-tagħlimiet li ttieħdu mill-proġetti tal-Ebola+ tal-Impriża Konġunta IMI 2 jistgħu japplikaw għal mard infettiv emerġenti ieħor;
16. Jitlob lill-Impriża Konġunta IMI 2 biex tikkunsidra li tirrevedi l-għadd ta' proġetti ffinanzjati fil-futur; jinnota wkoll li għadd iżgħar ta' proġetti akbar u ffinanzjati tajjeb jiċċaraw sew il-qasam tal-operat tal-Impriża Konġunta IMI2, u jagħmluha aktar faċli għall-pubbliku ġenerali biex jifhem il-benefiċċji tagħha;

Persunal u reklutaġġ

17. Jinnota li, f'Diċembru 2018, l-għadd totali ta' postijiet tax-xogħol tal-persunal li mtlew fl-Impriża Konġunta IMI 2 kien ta' 48 (49 fl-2017);
18. Jinnota li, fi tmiem l-2018, in-nazzjonalitajiet ta' 15-il Stat Membru kienu rappreżentati fl-Impriża Konġunta IMI2, sebgħa minnhom b'membri tal-persunal wieħed; jinnota li 73 % tat-48 membru tal-persunal kienu nisa u 27 % biss kienu riġel;
19. Jinnota bi tħassib is-sejba tal-Qorti li, fl-2018, ir-rata ta' tibdil fil-persunal tal-Impriża Konġunta IMI2 kienet għolja b'medja ta' 21 %, u partikolarment għolja għall-aġenti kuntrattwali b'medja ta' 60 %, u s-sitwazzjoni marret għall-agħar minħabba l-fatt li tmien persuni li kienu fuq liv minħabba mard fit-tul, li minnhom erbgħa kienu każijiet ġodda fl-2018, u għalhekk nofs il-persunal biss tal-Impriża Konġunta IMI 2 kien operattiv matul l-2018, li żied ir-riskju li l-oġettivi operattivi tal-Impriża Konġunta IMI2 ma jinkisbux kif ippjanat; jinnota li, biex issolvi d-diffikultajiet tal-persunal, l-Impriża Konġunta IMI2 għamlet użu minn persunal interim, li rrappreżenta 9,8 % tal-persunal kollu tagħha fl-2018 u investiet riżorsi fiż-żamma tat-talenti tagħha permezz ta' attivitajiet ta' taħriġ u ta' benesseri minn naħa, u fil-kisba ta' persunal sħiħ min-naħa l-oħra; jesprimi tħassib dwar l-għadd ta' membri tal-persunal fuq liv minħabba mard fit-tul u jinsab imħasseb li xi wħud minn dawk il-każijiet jistgħu jkunu marbuta mal-eżawriment u nuqqas ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; jistieden lill-Impriża Konġunta IMI2 tkun proattiva fir-rigward tal-persunal ikkonċernat, tevalwa bir-reqqa l-ammont ta' xogħol tal-persunal u tiżgura distribuzzjoni bilanċjata tal-kompiti;

Awditu intern

20. Jinnota li r-rapport tal-awditjar finali tas-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tal-Kummissjoni dwar il-"Kordinazzjoni maċ-Ċentru ta' Appoġġ Komuni (CSC) u l-implimentazzjoni tal-għodod u s-servizzi fl-IMI JU" maħruġ f'Marzu 2018 ikkonkluda li l-Impriża Konġunta IMI2 implimentat proċessi ta' governanza, ġestjoni tar-riskju u kontrolli interni adegwati li b'mod effettiv u effiċjenti jappoġġaw l-attivitajiet ta' koordinazzjoni tagħha mas-CSC u l-implimentazzjoni tal-għodod u s-servizzi tas-CSC;
21. Jinnota li l-awditu tal-IAS ma rriżulta fl-identifikazzjoni ta' ebda kwistjoni kritika jew importanti ħafna, u li nħarġu tliet rakkomandazzjonijiet "importanti"; jinnota li l-Impriża Konġunta IMI2 ħejjiet pjan ta' azzjoni li permezz tiegħu t-tliet rakkomandazzjonijiet wasslu għal ħames azzjonijiet, u erba' minn dawn l-azzjonijiet, li indirizzaw tnejn mir-rakkomandazzjonijiet, kienu implimentati sa tmiem l-2018;

Sistemi ta' kontroll intern

22. Jinnota s-sejba tal-Qorti li l-Impriża Konġunta IMI2 stabbiliet proċeduri ta' kontroll *ex ante* affidabbli, li huma bbażati fuq eżamijiet dokumentarji finanzjarji u operattivi, b'mod partikolari, għall-pagamenti interim u finali tas-Seba' Programm Kwadru; josserva li l-Impriża Konġunta IMI2 twettaq awditi *ex post* fis-sede tal-benefiċjarji, filwaqt li għad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tal-proġett Orizzont 2020, l-IAS huwa responsabbli għall-awditi *ex post*; jinnota li r-rati ta' żbalji residwi għall-awditi *ex post* li ġew irrappurtati mill-Impriża Konġunta IMI2 fi tmiem l-2018 kienu ta' 0,87 % għas-Seba' Programm Kwadru u 0,67 % għal Orizzont 2020;
23. Jinnota li, f'Diċembru 2017, il-bord tat-tmexxija tal-Impriża Konġunta IMI2 adotta l-qafas ta' kontroll intern tal-IMI2, li huwa allinjat mal-qafas ta' kontroll tal-Kummissjoni; jinnota li, fl-2018, il-pjan ta' kontroll intern tal-Impriża Konġunta IMI2 iffoka fuq l-implimentazzjoni tal-prinċipji l-ġodda tal-qafas ta' kontroll intern u fuq ir-reviżjoni, u fuq l-iżvilupp tal-istruttura tal-ambjent ta' kontroll intern; jinnota li ġiet adottata gwida operattiva ġdida għall-implimentazzjoni u l-kejl tal-effikaċja tas-sistema ta' kontroll;
24. Jinnota li d-Direttorat Ġenerali għall-Baġit tal-Kummissjoni (DG BUDG) wettaq l-evalwazzjoni annwali tiegħu tas-sistemi finanzjarji lokali stabbiliti fl-Impriża Konġunta IMI2, u eżamina l-informazzjoni dwar il-bidliet fis-sistemi lokali u fl-ambjent ta' kontroll, evalwa n-nuqqasijiet tal-kontroll intern identifikati mill-awditi u l-kontrolli superviżorji, u vverifika kampjun ta' tranżazzjonijiet għall-operazzjonijiet; jinnota li fit-13 ta' Diċembru 2018, id-DG BUDG ikkonkluda li s-sistemi ta' kontroll intern tal-Impriża Konġunta IMI2 kienu qed jaħdmu kif suppost; jinnota li l-Impriża Konġunta IMI2 lestiet l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni li ġie approvat mill-uffiċjal tal-kontabbiltà fil-5 ta' Frar 2018, li s-sitwazzjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni ġiet ivvalutata mid-DG BUDG u li l-ħames rakkomandazzjonijiet kollha nġhalqu sat-28 ta' Jannar 2019;
25. Jistieden lill-Qorti tivvaluta r-robustezza u l-affidabbiltà tal-metodoloġija għall-kalkolu u l-ivvalwar tal-kontribuzzjonijiet *in natura*, u l-valutazzjoni għandha tivvaluta t-tfassil u r-robustezza tal-gwida għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' kontribuzzjoni *in natura* sabiex tassisti fil-proċess tal-ippjanar, tar-rappurtar u taċ-ċertifikazzjoni għall-kontribuzzjonijiet *in natura*.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1855 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Shift2Rail għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta Shift2Rail għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-impriżi konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-impriżi konġunti ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05763/2019 — C9-0071/2019),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 209 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 642/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta Shift2Rail ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 110/2014 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar il-Mudell tar-Regolament Finanzjarju għal korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmija fl-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2019/887 tat-13 ta' Marzu 2019 dwar il-Mudell tar-Regolament Finanzjarju għal korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmija fl-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0055/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 57.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 177, 17.6.2014, p. 9.⁽⁶⁾ ĠU L 38, 7.2.2014, p. 2.⁽⁷⁾ ĠU L 142, 29.5.2019, p. 16.

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Shift2Rail għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Shift2Rail, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1856 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta Shift2Rail għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta Shift2Rail għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposta tal-Impriża Konġunta ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05763/2019 – C9-0071/2019),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 209 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 642/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta Shift2Rail ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 110/2014 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar il-Mudell tar-Regolament Finanzjarju għal korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmija fl-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2019/887 tat-13 ta' Marzu 2019 dwar il-Mudell tar-Regolament Finanzjarju għal korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmija fl-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0055/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 57.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 177, 17.6.2014, p. 9.

⁽⁶⁾ ĠU L 38, 7.2.2014, p. 2.

⁽⁷⁾ ĠU L 142, 29.5.2019, p. 16.

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta Shift2Rail għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Shift2Rail, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1857 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Shift2Rail għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Shift2Rail għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0055/2020),
- A. billi l-Impriża Konġunta Shift2Rail (l-"Impriża Konġunta") ġiet stabbilita f'Ġunju 2014 għal perjodu ta' 10 snin mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 642/2014 ⁽¹⁾;
- B. billi l-membri fundaturi huma l-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni, u s-sħab fl-industrija ferrovjarja (partijiet interessati ewlenin, inklużi l-manifatturi ta' tagħmir ferrovjarju, il-kumpaniji ferrovjarji, il-manigġers tal-infrastruttura u ċ-ċentri tar-riċerka) bil-possibbiltà li entitajiet oħra jistgħu jipparteċipaw fl-Impriża Konġunta bħala membri assoċjati;
- C. billi l-oġettivi tal-Impriża Konġunta huma li tinkiseb Żona Ferrovjarja Unika Ewropea; li ttejjeb l-attrazzjoni u l-kompetittività tas-sistema ferrovjarja Ewropea; li tiżgura bidla modali mit-trasport bit-triq; u li żżomm il-pożizzjoni ta' tmexxija li l-industrija ferrovjarja Ewropea tokkupa fis-suq globali;
- D. billi l-Impriża Konġunta bdiet taħdem b'mod awtonomu f'Mejju 2016;

Ġenerali

1. Jinnota li r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2018 (ir-"rapport tal-Qorti") jikkonstata li l-kontijiet annwali huma ppreżentati b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, fir-rigward tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fil-31 ta' Diċembru 2018 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet għadha kemm intemmet, b'konformità mar-regolament finanzjarju tagħha u mar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni;
2. Jirrikonoxxi li r-rapport tal-Qorti jiddikjara li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2018 huma, fl-aspetti materjali kollha, legali u regolari;
3. Jinnota li l-kontribuzzjoni massima tal-Unjoni għall-attivitajiet tal-Impriża Konġunta hija ta' EUR 450 000 000, li għandha titħallas mill-programm Orizzont 2020; jinnota li l-membri tal-industrija tal-Impriża Konġunta għandhom jikkontribwixxu riżorsi ta' mill-inqas EUR 470 000 000, li jikkonsistu f'mill-inqas EUR 350 000 000 għall-kontribuzzjonijiet in natura u flus kontanti għall-attivitajiet operattivi u l-ispejjeż amministrattivi tal-Impriża Konġunta u mill-inqas EUR 120 000 000 għall-kontribuzzjonijiet in natura għall-attivitajiet addizzjonali tal-Impriża Konġunta;
4. Jinnota li komunikazzjoni effettiva hija komponent essenzjali ta' proġetti ffinanzjati mill-Unjoni li jirnexxu; iqis li huwa importanti li tiżjed il-viżibilità tal-kisbiet tal-Impriża Konġunta u li tinxtered informazzjoni dwar il-valur miżjud tagħhom; jistieden lill-Impriża Konġunta taħdem favur politika ta' komunikazzjoni proattiva billi xxerred ir-riżultati tar-riċerka tagħha fost il-pubbliku, pereżempju permezz tal-midja soċjali jew ta' mezzi oħra tal-midja, u b'hekk tissensibilizza lill-pubbliku dwar l-impatt tal-appoġġ tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-adozzjoni mis-suq.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 642/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta Shift2Rail (ĠU L 177, 17.6.2014, p. 9).

5. Jitlob lill-Qorti tivvaluta r-robustezza u l-affidabbiltà tal-metodoloġija għall-kalkolu u l-ivvalutar tal-kontribuzzjonijiet in natura. Il-valutazzjoni għandha tevalwa d-disinn u r-reżiljenza tal-gwida għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' kontribuzzjoni in natura sabiex tassisti fil-proċess ta' pjanar, rapportar u ċertifikazzjoni tal-kontribuzzjonijiet in natura;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

6. Jinnota li l-baġit finali 2018 disponibbli għall-implimentazzjoni kien jinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 84 756 000 u approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 71 890 204; jenfasizza li r-rati ta' użu tal-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament kienu ta' 100 % u 82,3 % rispettivament li jirrappreżentaw livell baxx speċjalment għall-appropriazzjonijiet ta' pagament; jinnota li r-rata aktar baxxa milli mistennija tal-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament hija dovuta għal deċiżjoni legali pendenti dwar is-sħubija tal-Impriża Konġunta; jinnota li r-rata baxxa (63,4 %) ta' implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament fit-Titolu 2 (infq amministrattiv, li jirrappreżenta 3 % tal-baġit tal-Impriża Konġunta) minħabba dewmien fil-fatturazzjoni mill-fornituri fi ħdan kuntratti qafas pluriennali; jinnota, barra minn hekk, li ħafna mill-pagamenti li saru mill-Impriża Konġunta fl-2018 kienu pagamenti interim għall-proġetti ta' Orizzont 2020 magħżula taħt is-sejħiet għal proposti tal-2015 u l-2016, kif ukoll pagamenti ta' prefinanzjament għal proġetti ta' Orizzont 2020 magħżula skont is-sejħiet għal proposti fl-2018;
7. Josserva li mill-EUR 411 200 000 (inklużi EUR 158 900 000 bħala l-limitu massimu tal-kontribuzzjoni fi flus kontanti tal-Unjoni u l-kontribuzzjoni fi flus kontanti tal-membri industrijali għall-ispejjeż amministrattivi tal-Impriża Konġunta fl-ammont ta' EUR 6 500 000) sa tmiem l-2018, l-Impriża Konġunta kienet ħadet impenji ta' EUR 84 756 000 u pagamenti ta' EUR 59 155 000 għall-implimentazzjoni tal-ewwel mewġa ta' proġetti; dan juri li l-Impriża Konġunta attwalment iffirmit ftehimiet ta' għotja pluriennali interdipendenti u kuntratti għall-akkwist għall-implimentazzjoni ta' 39 % tal-programm ta' rċerka u innovazzjoni tal-Impriża Konġunta, f'konformità mal-programm ta' ħidma pluriennali tal-Impriża Konġunta;
8. Jilqa' l-fatt li mill-kontribuzzjonijiet ta' EUR 350 000 000 li għandhom isiru mill-membri industrijali għall-attivitajiet operattivi u l-ispejjeż amministrattivi tal-Impriża Konġunta, sa tmiem l-2018, jiġifieri erba' xhur wara li l-Impriża Konġunta kienet nediet l-ewwel proġetti tagħha fl-ambitu tal-programm Orizzont 2020, il-membri industrijali kienu rrapportaw kontribuzzjonijiet in natura ta' EUR 63 700 000 għall-attivitajiet operattivi, li minnhom EUR 21 700 000 kienu ġew iċċertifikati; barra minn hekk, jinnota li minn EUR 120 000 000 f'kontribuzzjonijiet li jridu jsiru mill-membri industrijali għal attivitajiet addizzjonali tal-Impriża Konġunta, il-membri industrijali kienu rrapportaw kontribuzzjonijiet fi flus kontanti ta' EUR 6 500 000 għal attivitajiet oħra barra mill-pjan ta' ħidma tal-Impriża Konġunta;
9. Josserva li sa tmiem l-2018, il-kontribuzzjonijiet totali mill-membri industrijali ammontaw għal EUR 252 300 000, meta mqabbla mal-kontribuzzjoni fi flus kontanti mill-Unjoni li ammontat għal EUR 158 900 000;
10. Jinnota li, fl-2018, l-Impriża Konġunta ffirmit 17-il ftehim ta' għotja li rriżultaw mis-sejħiet għal proposti tal-2018, u li l-valur tal-attivitajiet ta' rċerka u innovazzjoni ta' dawk is-sejħiet għal proposti ammontaw għal EUR 152 600 000, li għandhom jiġu kofinanzjati mill-Impriża Konġunta sa massimu ta' EUR 77 300 000; jinnota li l-membri l-oħra qablu li jillimitaw it-talba tagħhom għal kofinanzjament għal rata ta' 44,44 % tal-ispejjeż totali tal-proġett, li hija l-aktar rata baxxa fil-Programm Qafas Orizzont 2020; jinnota b'dispaċir li 76 intrapriża zġhar u medji (SMEs) biss ipparteċipaw fis-sejħa tal-2018 (120 fl-2017) u 40 SME (50 fl-2017) inżammu għal finanzjament (21,6 % tal-parteċipanti kollha miżmuma għal finanzjament);

Prestazzjoni

11. Jinnota li t-tielet sett ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni se jiġi żviluppat fuq il-bażi tal-ewwel riżultati ta' Orizzont 2020 minħabba n-natura tal-proġetti; barra minn hekk, jieħu nota li l-Impriża Konġunta kompliet l-iżvilupp ta' mudell ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex tkejjel il-kontribuzzjoni tal-attivitajiet ta' rċerka u innovazzjoni għar-Regolament tagħha; jinnota li din il-ħidma għadha għaddeja u l-ewwel riżultati ġew ippreżentati lill-bord ta' tmexxija f'Diċembru 2018;
12. Josserva li l-proporzjon tal-kost tal-ġestjoni (baġit amministrattiv u operattiv) jibqa' taħt il-5 %, u b'hekk jindika struttura organizzattiva pjuttost simplifikata u effiċjenti tal-Impriża Konġunta;

13. Jieħu nota li l-Impriża Konġunta għenet biex jinħolqu kontinwità u viżjoni komuni għar-riċerka ferrovjarja fi ħdan il-komunità ferrovjarja; jinnota li, barra minn hekk, l-Impriża Konġunta għenet biex tinbena l-fiduċja bejn l-atturi li kieku ma jkollhomx l-opportunità li jaqsmu l-ideat u l-interessi komuni 'l barra minn sitwazzjoni kummerċjali; josserva li l-preżenza tal-operaturi ferrovjarji fl-Impriża Konġunta għandha tissaħħaħ maż-żmien;
14. Jinnota li l-Impriża Konġunta jenħtieġ li tikkontribwixxi għall-indirizzar tal-isfidi ffaċċjati mis-settur ferrovjarju li jiffukaw fuq il-ħtiġijiet tas-sistema ferrovjarja u tal-utenti tagħha, inkluż fl-Istati Membri li ma għandhomx sistema ferrovjarja fit-territorju tagħhom; josserva li sabiex isir dan, l-Impriża Konġunta qed timplimenta l-Programm Shift2Rail, u l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni fis-settur ferrovjarju fl-Ewropa, permezz tal-kollaborazzjoni bejn il-partijiet interessati u l-Istati Membri; jinnota li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-promozzjoni ta' miżuri konkreti għat-tneħħija tal-ostakli tekniċi li fadal għat-titjib tal-interoperabilità u għall-azzjonijiet li jappoġġjaw suq ferrovjarju tal-Unjoni aktar integrat, effiċjenti u sikur, bl-għan aħħari li tinkiseb iż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea;
15. Jinnota li l-Impriża Konġunta nediet is-sejħa għal proposti tal-2018 għal għotjiet għall-membri tagħha, bħala skema ta' finanzjament ta' somma f'daqqa; madankollu, l-esperti finanzjarji involuti fil-fażi tal-evalwazzjoni tal-għotja żvelaw xi devjazzjonijiet rilevanti fil-proposti finanzjarji; l-Impriża Konġunta użat il-fażi ta' preparazzjoni tal-għotjiet biex tanalizza l-ispjegazzjonijiet tal-benefiċjarji għad-devjazzjonijiet u biex tikkoreġi s-somma f'daqqa jekk din tkun ġustifikata; jistieden lill-Impriża Konġunta tkompli ssaħħaħ id-data finanzjarja fil-bażi tad-data tal-benefiċjarji tagħha u tiżvela l-kummenti importanti tal-esperti finanzjarji fir-rapport ta' sinteżi tal-evalwazzjoni; jieħu nota tat-tweġiba tal-Impriża Konġunta li l-aspetti legali u finanzjarji kollha tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017)7151⁽²⁾ ġew segwiti b'mod strett, u li l-Uffiċjal Awtorizzanti żgura li l-kummenti kollha tal-esperti, tekniċi u finanzjarji, ittieddu f'kunsiderazzjoni xierqa; barra minn hekk, filwaqt li titqies ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti, il-proċess ġenerali ser ikompli jitjeb fis-sejħa għal proposti tal-2019;
16. Jinnota li, skont ir-rapport ta' attività annwali tal-2018 tal-Impriża Konġunta, l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni li jirrigwardaw il-bilanċ bejn is-sessi għal dik is-sena juru perċentwal baxx ħafna ta' nisa - 15 % biss - fuq il-bord, filwaqt li kienu jirrappreżentaw 34 % tar-rappreżentanti tal-Impriża Konġunta u 40 % tal-Kumitat Xjentifiku;

Għażla u reklutaġġ tal-persunal

17. Jinnota li fl-2018, l-Impriża Konġunta rreklatat żewġ esperti nazzjonali sekondati oħra skont it-Tabella tal-Persunal, u bil-qbil tal-awtorità tal-baġit, irreklatat it-tielet wieħed għal sekondar ta' sena sabiex jissostitwixxi Maniġer tal-Programm;
18. Jinnota li fl-aħħar tas-sena 2018, il-persunal tal-Impriża Konġunta kien magħmul minn 22 membru mit-23 li kienu previsti fit-Tabella tal-Persunal;

Kontroll intern

19. Jinnota li l-Impriża Konġunta stabbiliet proċeduri ta' kontroll *ex ante* affidabbli, ibbażati fuq ir-rieżamijiet dokumentarji finanzjarji u operattivi, u li s-Servizz tal-Awditjar Komuni tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (is-"servizz tal-awditjar komuni") huwa responsabbli għall-awditjar *ex post* tad-dikjarazzjonijiet ta' spiża ta' proġetti tal-Programm Orizzont 2020; jinnota, barra minn hekk, li s-sitwazzjoni fl-aħħar tal-2018 uriet li l-aktar standards importanti ta' kontroll intern kienu fil-biċċa l-kbira implimentati b'xi azzjonijiet li għad iridu jitlestew fl-2019, b'mod partikolari, ir-reviżjoni tal-mudell tal-indikatur ewlenin tal-prestazzjoni;
20. Jieħu nota li r-rata ta' żball residwu għall-Programm Orizzont 2020 kienet taħt il-limitu ta' materjalità skont il-Qorti, li jammonta għal 0,97 %; iqis li fi tmiem l-2018, l-Impriża Konġunta setgħet tibbaża l-kalkolu tagħha tar-rata ta' żball fuq erba' rapporti ta' awditu *ex post*, waħda relatata mal-awditjar ibbażat fuq ir-riskju u tlieta relatati mal-kampjun rappreżentattiv tal-Impriża Konġunta;

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 7151 tal-27 ta' Ottubru 2017 dwar l-awtorizzazzjoni tal-użu ta' rimbors abbażi ta' somma f'daqqa għall-ispejjeż eliġibbli tal-azzjonijiet skont Orizzont 2020 il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u skont il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018).

21. Jirrikonoxxi l-fatt li s-servizz tal-awditjar intern jiżvolġi r-rwol ta' awditur intern tal-Impriża Konġunta u li, f'dan ir-rigward, jirrapporta indirettament lill-bord ta' tmexxija u lid-direttur eżekuttiv; jinnota li l-ewwel missjoni ta' awditjar stabbilit profil ta' riskju tal-Impriża Konġunta bil-għan li jiġi stabbilit pjan ta' awditjar intern triennali; josserva li l-pjan strateġiku ta' awditjar intern tas-servizz tal-awditjar intern 2017-2019 ġie ppreżentat f'Ġunju 2017; barra minn hekk, f'konformità ma' dan il-pjan ta' awditjar, fl-2018 is-servizz tal-awditjar intern wettaq rieżami limitat tal-implimentazzjoni tal-istandards ta' kontroll intern; josserva b'sodisfazzjon li mill-ħames rakkomandazzjonijiet lill-management biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati li kienu għadhom ma' ġewx implimentati b'mod sħiħ, waħda biss kien fadal li kienet tirrikjedi azzjonijiet ta' implimentazzjoni fl-2019;
22. Jinnota b'dispaċir li fi tmien l-2017, l-għodod komuni tal-Kummissjoni għall-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-għotjiet fl-ambitu tal-Programm Orizzont 2020, kienu għadhom ma' temmewx l-iżviluppi speċifiċi meħtieġa biex jiġu pproċessati l-kontribuzzjonijiet in natura tal-Impriża Konġunta; madankollu, jinnota li l-kontribuzzjonijiet in natura ġew ivalidati mid-direttur eżekuttiv fl-2018;
23. Josserva li twestqet l-evalwazzjoni interim tal-Kummissjoni dwar l-attivitajiet operattivi tal-Impriża Konġunta skont Orizzont 2020 li tkopri l-perjodu bejn l-2014 u l-2016; jinnota li tħejja pjan ta' azzjoni li ġie adottat mill-bord ta' tmexxija f'Ġunju 2018; iqis li mhux ir-rakkomandazzjonijiet kollha mqajma fl-evalwazzjoni interim se jiġu indirizzati taħt il-programm qafas finanzjarju attwali; madankollu, jinnota li xi azzjonijiet inklużi fil-pjan ta' azzjoni diġà nbdew, filwaqt li oħrajn huma mistennija li jiġu implimentati sal-2020;

Kwistjonijiet oħra

24. Jinsisti dwar l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-Impriża Konġunta u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA); jinnota l-involvement tal-ERA fil-laqgħat tal-bord ta' tmexxija tal-Impriża Konġunta u fil-gruppi li abbozzaw il-pjan ta' azzjoni pluriennali; jinnota li l-Impriża Konġunta vvalutat it-talbiet għar-riċerka u l-innovazzjoni ġejjin mill-ERA sabiex jiġu evitati attivitajiet li jikkoinċidu ma' oħrajn u biex tiġi massimizzata l-effiċjenza tal-użu tal-finanzjament pubbliku;
25. Jinnota li fl-2018 Membru Assoċjat wieħed sar sussidjarju kollu kemm hu ta' membru fundatur, b'riżultat ta' żieda fir-rappreżentanza tal-membri fundatur tal-bord ta' tmexxija; josserva li d-dispożizzjonijiet tal-qafas legali attwali tal-Impriża Konġunta ma jindirizzawx biżżejjed l-akkwisti korporattivi fost il-membri industrijali tal-Impriża Konġunta u l-implikazzjonijiet li jista' jkollhom fuq ir-rappreżentanza bbilanċjata tal-membri fil-bord ta' tmexxija; jieħu nota tat-tweġiba tal-Impriża Konġunta li l-qafas legali stabbilit fi ħdan l-Impriża Konġunta ma jippermettix żieda fl-influenza ta' membru fundatur dwar il-proċess tat-teħid ta' deċizzjonijiet u l-governanza ġenerali; jinnota li s-sejbiet tal-Qorti se jiġu kkunsidrati fi kwalunkwe emenda possibbli għar-regolament;
26. Jinnota li l-evalwazzjoni interim tal-Impriża Konġunta tlestiet fil-perjodu ta' żmien stabbilit mill-qafas legali tagħha; jinnota b'dispaċir li ma setax jipprovi l-aħjar valur miżjud għall-proċess ta' teħid ta' deċizzjonijiet tal-Impriża Konġunta f'dan l-istadju bikri tal-attivitajiet tagħha; jieħu nota tat-tweġiba tal-Impriża Konġunta li l-evalwazzjoni saret kmieni fil-ħajja tal-Impriża Konġunta iżda dan kien rekwiżit f'konformità mar-regolament tal-Impriża Konġunta u l-Programm Orizzont 2020 ġenerali;
27. Josserva li r-rati tad-dawran tal-persunal għall-aħħar sentejn kienu kompletament ikkawżati mid-dawran tal-aġenti kuntrattwali; jilqa' l-passi li ħadet l-Impriża Konġunta biex tkampa ma' din is-sitwazzjoni; jinnota li l-Impriża Konġunta għamlet użu minn servizzi ta' persunal interim, li rrappreżentaw madwar 17 % tal-persunal totali tagħha; jieħu nota tat-tweġiba tal-Impriża Konġunta li r-raġunijiet ewlenin għal dan jirriżultaw mill-istruttura attwali tat-tabella tal-persunal, li ma tippermettix lill-Impriża Konġunta toffri l-istess kundizzjonijiet kuntrattwali favorevoli bħal dawk offruti minn korpi u istituzzjonijiet oħra; jinnota li ġew stabbiliti miżuri mhux vinkolanti sabiex jitnaqqsu l-livelli għoljin ta' dawran; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza dan il-punt;

Trasport u turiżmu

28. Jenfasizza li l-oġġettivi tal-Impriża Konġunta huma li tikseb Żona Ferrovjarja Unika Ewropea u li ssaħħaħ l-attrattività u l-kompetittività tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni; jinnota li l-metodu ta' trasport bil-ferrovija ser ikun determinanti fl-azzjonijiet tal-Unjoni fil-futur għall-promozzjoni ta' bidla għall-mobilità b'emissjonijiet baxxi u l-indirizzar ta' esternalitajiet negattivi; jisħaq li l-Impriża Konġunta jeħtieġ li tingħata r-riżorsi finanzjarji, materjali u umani meħtieġa biex tilħaq dawn l-oġġettivi ewlenin u biex tikkontribwixxi għall-bidla modali reali;
29. Jinnota li l-Impriża Konġunta hija sħubija pubblika-privata stabbilita fl-2014 fi ħdan il-Programm Qafas Orizzont 2020; jinnota li l-Programm Shift2Rail jiġi ffinanzjat b'mod konġunt permezz ta' kontribuzzjonijiet mill-Unjoni (permezz tal-baġit operattiv tal-Impriża Konġunta) u ta' kontribuzzjonijiet in natura minn membri oħra, jiġifieri tmien membri fundaturi (għajr l-UE) u 19-il membru assoċjat;

30. Jinnota li matul l-2018, l-Impriża Konġunta għamlet progress biex tilħaq il-miri tagħha, twestaq l-implimentazzjoni tal-Programm Shift2Rail u tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba li tkun effettiva u effiċjenti; jinnota li fl-2018 sar progress fl-attivitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni mnedija fis-snin preċedenti u li issa jinsabu fit-triq it-tajba u fil-biċċa l-kbira qegħdin jipproċedu b'pass mgħaġġel; jinnota li fi tmiem is-sena bdiet mewġa ġdida ta' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni (Sejħa 2018); jinnota li huwa stmat li n-nefqa totali tal-proġett tal-attivitajiet imwettqa fl-2018 se tammonta għal EUR 83 400 000;
31. Jenfasizza l-ħtieġa ta' żieda fl-attrawenza tal-ferrovija għall-operaturi tal-merkanzija u l-passiġġieri, sabiex tinkiseb bidla permanenti mit-triq għall-binarij, u jinnota li l-ħames snin li ġejjin se jkunu determinanti għas-suċċess tal-ferrovija, u li l-Impriża Konġunta għandha rwol ewlieni biex tagħmel il-ferrovija orħos, aktar effiċjenti u aktar attraenti;
32. Jisħaq li d-devjaturi, jew id-devjaturi difettużi, waħedhom huma responsabbli għal 25 % sa 30 % tal-manutenzjoni kollha fuq in-netwerk ferrovjarju u huma responsabbli għal parti sinifikanti tal-kostijiet tal-infrastruttura; jilqa' l-isforzi tal-Impriża Konġunta biex iżżid l-affidabbiltà tas-sistema u tnaqqas il-kostijiet;
33. Jilqa' l-oġġettivi tal-Impriża Konġunta li tnaqqas bin-nofs il-kostijiet taċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistema ferrovjarja, li tirdoppja l-kapaċità u ttejjeb l-affidabbiltà u l-puntwalità b'50 %; jitlob li l-Impriża Konġunta jkollha għad-dispożizzjoni sħiħa tagħha r-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa biex jinkisbu dawn l-oġġettivi;
34. Jilqa' l-isforzi tal-Impriża Konġunta biex tintroduċi l-"Automatic Train Operation" (ATO) fis-sistema ferrovjarja; iwissi li s-settur tat-trasport bit-triq għamel progress akbar permezz tal-awtomatizzazzjoni;
35. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Impriża Konġunta li tipproponi lill-bord ta' tmexxija tagħha, bħala parti mill-programm ta' ħidma annwali 2018, l-adozzjoni tal-għotja ta' somma f'daqqa u li sussegwentement ġiet implimentata permezz tal-iskema pilota ta' somma f'daqqa fi ħdan is-sejħa għal membri tas-sejħa 2018;
36. Iqis li sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza legali tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u ta' governanza ġenerali tal-Impriża Konġunta, huwa tal-akbar importanza li jiġu ċċarati d-dispożizzjonijiet tal-qafas legali tal-Impriża Konġunta rigward akkwisti korporattivi fost il-membri tagħha tal-industrija u l-konsegwenzi tagħhom għas-sħubija fil-bord governattiv; jistieden, għaldaqstant, lill-Kunsill jindirizza din il-kwistjoni possibbilment b'emendi għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 642/2014;
37. Jinnota li fl-2018 l-Impriża Konġunta nediet 14-il awditu rappreżentattiv dwar il-popolazzjoni tagħha u awditu wieħed ibbażat fuq ir-riskju (flimkien ma' 15-il awditu rappreżentattiv u awditu wieħed ibbażat fuq ir-riskju mnedija fl-2017) li wassal biex il-kopertura diretta tal-awditi tal-Impriża Konġunta tammonta għal EUR 4 660 000; jinnota li r-rata ta' żball ġenerali identifikata, għat-tliet awditi rappreżentattivi u l-awditu bbażat fuq ir-riskju ffinalizzat sal-31 ta' Diċembru 2018, hija ta' 0,94 % b'medja sempliċi u ta' 1,19 % b'medja ponderata; jinnota li r-rati ta' żbalji l-oħra kollha (rappreżentattivi u residwi), minkejja li limitati fir-rigward tal-kopertura tagħhom, huma wkoll inqas mill-livell limitu fil-mira ta' 2 %;
38. Jilqa' l-implimentazzjoni kontinwa tal-istrateġija kontra l-frodi 2017 - 2020 tal-Impriża Konġunta, li ma rriżultat febda każ ta' "monitoraġġ mill-qrib minħabba valutazzjoni ta' riskju għoli ta' frodi" u febda fajls li ntbagħtu lill-OLAF għal investigazzjoni;

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1858 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0037/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13.

⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0064/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1859 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0037/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13.

⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

-
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0064/2020),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1860 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0064/2020),

- A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq ⁽¹⁾ tagħha, il-baġit finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (l-"Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2018 kien jammonta għal EUR 65 800 176,52, u dan jirrappreżenta tnaqqis ta' 6,57 % meta mqabbel ma' dak għall-2017; billi l-baġit tal-Aġenzija ġej prinċipalment mill-baġit tal-Unjoni (65,45 %) u mill-kontribuzzjonijiet fil-qafas ta' ftehimiet speċifiċi, jiġifieri l-programm Copernicus u l-programm Ewropew dwar il-Bijomonitoraġġ Uman - HBM4EU (34,55 %) ⁽²⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018 (ir-"rapport tal-Qorti"), sostniet li għandha fil-pussess tagħha aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 99,96 %, li meta paragonata mal-2017 tirrappreżenta tnaqqis żgħir ta' 0,01 %; jinnota li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 91,06 %, li tfisser żieda ta' 2,03 % meta paragonata mas-sena preċedenti;

Prestazzjoni

2. Jilqa' favorevolment il-fatt li, skont l-Aġenzija, sar progress sostanzjali fil-kondiviżjoni tar-riżorsi dwar kompiti li fihom trikkib fost aġenziji oħrajn li għandhom attivitajiet simili; jinnota wkoll li l-Aġenzija kkondividiet sforzi ma' aġenziji oħra bbażati fuq ix-xjenza, dwar kwistjonijiet li jitrattaw is-saħħa tal-bniedem, fosthom l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; jilqa' favorevolment il-fatt li qed ikun hemm interess dejjem ikbar fl-informazzjoni u d-data tal-Aġenzija; huwa tal-fehma li t-tixrid ta' informazzjoni dwar l-ambjent għandha importanza ewlenija fid-dawl tal-politiki l-ġodda tal-Kummissjoni u l-perikli li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima;
3. Jinnota li l-Aġenzija laħqet l-oġettivi tagħha għall-2018, kif imsemmi fil-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Aġenzija u hija offriet aċċess għall-informazzjoni f'waqtha u rilevanti lill-dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-Ewropa u liċ-ċittadini tagħha; is-sit web tal-Aġenzija żied 500 000 utent (+17 %) fl-2018 biex issa laħaq total ta' 3,45 miljun utent, u rreġistra 10,7 miljun żjara fuq il-paġna tal-Aġenzija (+15 %);

⁽¹⁾ ĠU C 416, 15.11.2018, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 416, 15.11.2018, p. 3.

4. Ihegġegħ lill-Aġenzija tkompli bid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tagħha;
5. Ifakkar li l-Aġenzija tippovdi informazzjoni tajba u indipendenti dwar l-ambjent; ifaħħar il-kwalità tar-risultati tal-Aġenzija fl-2018, bħar-rapporti tagħha dwar il-kwalità tal-arja fl-Ewropa, dwar il-merkurju fl-ambjent Ewropew u dwar l-ekonomija ċirkolari; jissottolinja l-fatt li l-kisba ta' informazzjoni ċara u affidabbli dwar xi setturi tal-ekonomija tal-Unjoni tibqa' diffiċli, u dan jipprevjeni lill-Aġenzija milli twettaq analiżi komprensiva sħiħa tal-istat tal-ambjent tal-Unjoni;
6. Jinnota r-rwol ewlieni mwettaq mill-Aġenzija biex twassal data ta' kwalità dwar l-istat tal-ambjent tagħna, fatt li għandu rilevanza dejjem ikbar fid-dawl tal-isfida enormi li l-Unjoni qed tiffaċċja biex tiġġieled il-kriżi tal-klima u l-bijodiversità, u r-rwol tagħha biex jinstabu r-risposti permezz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew; jilqa' favorevolment il-fatt li l-fehma tal-Aġenzija qed tingħata widen fl-istituzzjonijiet u jirrakkomanda li l-kumitat xjentifiku tal-Aġenzija jkollu rwol ewlieni fl-għoti ta' konsulenza lill-Kummissjoni;
7. Ihegġegħ lill-Aġenzija biex flimkien ma' aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni taħdem lejn valutazzjoni aħjar tal-impatti ambjentali kaġun tal-attività tal-bniedem;
8. Ifakkar li fl-2018, l-Aġenzija nediet il-ħidma tagħha dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u dwar is-simplifikazzjoni tar-rappurtar ambjentali;
9. Jiddispaċih li xi attivitajiet ma setgħux jitwettqu kompletament fl-2018 minħabba għadd ta' ċirkostanzi, fosthom riżorsi ta' IT u ta' persunal limitati; jinnota bi tħassib li l-bord ta' mmaniġġjar saħaq li l-kapaċità tal-Aġenzija li tkompli tirrispondi b'mod xieraq għall-iżviluppi tal-politika se tiddependi fuq żieda fir-riżorsi ewlenin allokatu jew fuq l-għoti ta' prijorità ikbar lill-kompiti ċentrali kurrenti u/jew id-diskontinwità tagħhom;
10. Jinnota l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni tal-Aġenzija u tan-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (Eionet) li wettqet il-Kummissjoni;
11. Jenfasizza li l-Aġenzija għandha għanijiet pan-Ewropej u għalhekk jeħtieġ li hija tikkoopera mill-qrib ma' pajjiżi terzi fl-Ewropa;
12. Jinnota li l-eżitu tar-reviżjoni interna tal-funzjonament tal-bord ta' mmaniġġjar u tal-bureau li saret fl-2018, se jiġi implimentat fl-2019; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lura lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-miżuri li ħadet f'dan ir-rigward;

Politika dwar il-persunal

13. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2018, it-tabella tal-persunal kienet eżegwita fil-livell ta' 98,39 %, bil-ħatra ta' 3 uffiċjali u ta' 119-il aġent temporanju mill-124 post tax-xogħol awtorizzat skont il-baġit tal-Unjoni (meta mqabbel ma' 127 post awtorizzat fl-2017); jinnota li, barra minn hekk, fl-2018 kienu qed jaħdmu għall-Aġenzija 63 aġent kuntrattwali u 19-il espert nazzjonali sekondat;
14. Jinnota l-iżbilanċ tal-ġeneru rrapportat għall-2018 b'rabta ma' karigi maniġerjali superjuri (seba' rġiel u żewġ nisa), iżda wkoll il-bilanċ pożittiv li nkiseb fil-Bord ta' Mmaniġġjar (15-il raġel u 17-il mara);
15. Jinnota bi tħassib, mir-rapport tal-Qorti, li l-Aġenzija ma għandhiex politika aġġornata fir-rigward ta' postijiet tax-xogħol sensitivi; jinnota mir-risposta tal-Aġenzija, li l-Aġenzija wettqet inventarju tal-postijiet sensitivi tagħha fl-2009, u li bħalissa dan qiegħed jiġi rivedut biex jirrifletti t-tibdiliet li jirriżultaw mir-riorganizzazzjoni tal-Aġenzija li saret f'Settembru 2018; jistieden lill-Aġenzija sabiex minnufih tadotta u timplimenta dik il-politika dwar il-postijiet sensitivi;
16. Jappoġġja s-suġġeriment tal-Qorti li l-avviżi ta' postijiet tax-xogħol battala jiġu ppubblikati wkoll fuq is-sit web tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal bil-għan li tippubblicizzahom iktar; jifhem il-kwistjoni mqajma fir-risposta tal-Aġenzija dwar l-ispejjeż involuti fit-traduzzjoni ta' dawn il-pubblikazzjonijiet; jinnota li l-Aġenzija tippubblika l-avviżi ta' postijiet tax-xogħol battala fuq is-sit web tan-Netwerk tal-Aġenziji tal-UE u fuq il-midja soċjali bil-għan li tippubblicizzahom iktar;

Akkwist

17. Jiddeplora l-fatt li wara tterminat kuntratt ta' EUR 1,4 miljun għal raġunijiet ta' prestazzjoni mhux sodisfaċenti tal-kuntrattur, l-Aġenzija, f'it xhur wara, iffirmit kuntratt ġdid ta' EUR 2 miljuni "f'kaskata" għall-istess tip ta' servizz mal-istess kuntrattur, mingħajr ma inkludiet fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, elementi li jinnewtralizzaw ir-riskju li jitfaċċaw problemi simili taħt il-kuntratt il-ġdid; huwa tal-fehma li tali mġiba kontraenti tqajjem tħassib serju dwar il-ġestjoni finanzjarja soda tal-Aġenzija; jistieden lill-Aġenzija tagħti kuntratti biss f'każijiet fejn hu mistenni li jkun hemm prestazzjoni sodisfaċenti; u jitlob lill-Aġenzija tirrapporta lura lill-Qorti u lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-prestazzjoni tal-kuntrattur;
18. Jinnota bi tħassib mir-rapport tal-Qorti li fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' monitoraġġ lokali tal-art ta' Copernicus, l-Aġenzija kkonkludiet kuntratt għal servizzi għal ammont oġhla mil-limitu massimu tal-kuntratt qafas li jirregola, dan mingħajr ma fformalizzat il-kuntratt permezz ta' emenda kuntrattwali; jinnota mir-risposta tal-Aġenzija li hija tqis li din iż-żieda tal-limitu massimu tal-baġit saret bi qbil mal-gwida tal-Kummissjoni; madankollu, jitlob lill-Aġenzija ma tifformalizzax l-modifiki tal-kuntratt sakemm mhux f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-akkwist pubbliku;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

19. Jirrikonoxxi l-miżuri eżistenti tal-Aġenzija u l-isforzi kontinwi tagħha biex tiżgura t-trasparenza, tipprevjeni u timmaniġġja l-kunflitti ta' interess, u tipprovdi protezzjoni għall-informaturi; iqajjem tħassib li l-Aġenzija ma ntroduċietx sistema ta' dikjarazzjonijiet ta' kunflitti ta' interess għall-esperti interni tagħha;
20. Jisħaq li l-pubblikazzjoni tas-CVs u tad-dikjarazzjonijiet ta' interess tal-membri tal-Bord ta' Mmaniġġjar għandha tkun obbligatorja;

Kummenti oħra

21. Jinnota l-isforzi tal-Aġenzija biex tipprovdi post tax-xogħol kosteffikaċi u favur l-ambjent u biex preferibbilment tnaqqas u tikkompensa l-emissjonijiet ta' CO₂ tagħha fl-oqsma tal-bini u l-ivvjaġġar;
22. Jistieden lill-Aġenzija tiffoka fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tagħha mal-pubbliku, u tikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u ta' mezzi oħra tal-midja;
23. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċizzjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 ⁽³⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽³⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1861 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0048/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 65 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0061/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 80.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 80.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1862 TAL-PARLAMENT EWROPEW**ta-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0048/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 65 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 80.

⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 80.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0061/2020),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1863 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0061/2020),

- A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tagħha ⁽¹⁾, il-baġit finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (l-"Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2018 kien jammonta għal EUR 28 793 243, li jirrappreżenta tnaqqis ta' 6,31 % meta mqabbel mal-2017; billi l-parti l-kbira tal-baġit tal-Aġenzija tiġi mill-baġit tal-Unjoni ⁽²⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018 (ir-"rapport tal-Qorti"), sostniet li għandha fil-pussess tagħha aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 99,98 %, li meta mqabbla mal-2017 tirrappreżenta tnaqqis ċkejken ta' 0,02 %; jinnota li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 88,96 %, li tirrappreżenta żieda ta' 1,66 % meta mqabbla mal-2017;
2. Jinnota r-rwol tal-Aġenzija fl-iżgurar tas-sikurezza u l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja Ewropea u fit-titjib tal-kompetittività tat-trasport ferrovjarju ma' mezzi oħra ta' trasport, permezz tat-tnaqqis fl-ostakli amministrattivi u tekniċi, l-inkoraġġiment tad-dħul fis-suq u l-iżgurar tan-nondiskriminazzjoni, l-infiq tal-flejjes pubbliċi b'mod aktar effiċjenti fuq servizzi pubbliċi tat-trasport ferrovjarju u permezz ta' governanza aħjar tal-infrastrutturi; jappoġġja l-viżjoni tal-Kummissjoni ta' sistema ferrovjarja Ewropea minn ta' quddiem fid-dinja f'dak li jikkonċerna l-prestazzjoni tas-sikurezza;
3. Jilqa' r-rwol tal-Aġenzija fis-segwitu mogħti lill-iżvilupp, l-ittestjar u l-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS), kif ukoll fl-evalwazzjoni tal-proġetti speċifiċi tal-ERTMS; jinnota, barra minn hekk, li r-Raba' Pakket Ferrovjarju jinkludi pilastru tekniku li jsaħħaħ ir-rwol tal-Aġenzija billi jintroduċi kompiti ġodda biex jiżguraw implimentazzjoni uniformi tal-qafas tal-UE; jenfasizza li, hekk kif l-Aġenzija tingħata responsabbiltajiet akbar, ikollha b'żonn tingħata r-riżorsi finanzjarji, materjali u umani meħtieġa biex twettaq il-kompiti ġodda u addizzjonali tagħha b'mod effikaċi u effiċjenti;
4. Ifakkar li l-ERTMS hija kruċjali għall-ksib ta' Żona Ferrovjarja Unika Ewropea; jenfasizza, għaldaqstant, li koordinazzjoni ottimizata tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-ERTMS li tiżgura ERTMS unika, trasparenti, stabbli, aċċessibbli f'termini ekonomiċi u interoperabbli fl-Ewropa kollha hija prijorità ewlenija;

⁽¹⁾ ĠU C 108, 22.3.2018, p. 79.

⁽²⁾ ĠU C 108, 22.3.2018, p. 77, sussidju mill-Kummissjoni (EUR 28 135 398), kontribuzzjoni ta' pajjiżi terzi (EUR 657 845, innota li dan l-ammont huwa iżgħar mis-sena ta' qabel).

5. Jinnota li, wara l-mandat imkabbar tal-Aġenzija fir-Regolament il-ġdid tagħha, fl-2019 l-Aġenzija se tibda tiġbor tariffi u imposti għall-kompiti ta' ċertifikazzjoni, filwaqt li tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi ta' daqs medju (SMEs); jinnota li, skont ir-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, it-tariffi u l-imposti jirrappreżentaw dħul assenjat għall-Aġenzija; jinnota li xi emendi tar-regoli ta' implimentazzjoni għar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija huma meħtieġa u jinnota, mir-risposta tal-Aġenzija, li din rressqet talba għal deroga lill-Kummissjoni għal dak il-għan; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-implimentazzjoni ta' din isistema l-ġdida;
6. Jistieden lill-Aġenzija tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs matul il-proċess ta' ċertifikazzjoni, b'mod partikolari billi tnaqqas il-piżijiet amministrattivi u finanzjarji tagħhom;

Prestazzjoni

7. Jinnota li l-Aġenzija tuża ġabra ta' Indikaturi Ferrovjarji fl-attivitajiet operattivi kollha tagħha bħala Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs) biex tivvaluta l-valur miżjud li joffru l-attivitajiet tagħha u indikaturi oħra biex ittejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha;
8. Iħeġġeġ lill-Aġenzija timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti;
9. Jirrikonoxxi li l-Aġenzija kellha livell sodisfaċenti ta' twettiq tal-KPIs tagħha u tal-oġġettivi tagħha għar-riżultati, filwaqt li kkompletat bis-sħiħ l-attivitajiet inizjali wara d-dħul fis-seħħ tar-Raba' Pakkett Ferrovjarju; jinnota li l-Aġenzija laħqet l-oġġettiv tagħha għall-ħruġ fil-ħin ta' rapporti, pariri u opinjonijiet f'95 % tal-każijiet; jirrimarka li l-Aġenzija ma laħqitx l-oġġettiv li tikseb 90 % tar-riżultati kollha bl-użu tal-ippjanar finanzjarju u tar-riżorsi umani, u 79,75 % biss ġew kategorizzati bħala miksuba bis-sħiħ;
10. Jilqa' l-kooperazzjoni kontinwa tal-Aġenzija mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq fil-kondiviżjoni tas-servizzi tal-kontabbiltà; iħeġġeġ ukoll lill-Aġenzija teżamina l-possibbiltajiet ta' kondiviżjoni tar-riżorsi għal kompiti li jikkoinċidu fost aġenziji oħra b'attivitajiet simili; iħeġġeġ lill-Aġenzija tipprowa tikseb b'mod attiv aktar kooperazzjoni u kooperazzjoni usa' mal-aġenziji kollha tal-Unjoni; iħeġġeġ lill-Aġenzija teżamina l-possibbiltà ta' kondiviżjoni tal-persunal f'ċerti oqsma tekniċi, amministrattivi u mhux speċjalizzati, b'enfasi partikolari fuq l-iżvilupp tal-kollaborazzjoni mal-Istitut għall-Istudji fuq is-Sigurtà b'sede f'Pariġi;
11. Iħeġġeġ lill-Aġenzija taħdem favur id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tagħha;
12. Jinnota li l-oġġettiv stabbilit mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni li jinħoloq suq ferrovjarju uniku Ewropew ma ntlaħaqx; jistieden lill-Aġenzija tiffoka l-isforzi u l-pubblikazzjonijiet tagħha fuq dan il-qasam;
13. Jinnota li l-għan tat-trasferiment tat-traffiku mit-toroq għall-ferroviji jista' jintlaħaq biss jekk tiġi stabbilita żona ferrovjarja Ewropea kompetittiva; jistieden lill-Aġenzija tfassal ġabra ta' miżuri maħsuba biex jiżguraw li fil-futur, it-trasport ferrovjarju jkun jista' jiġi inkorporat fil-ktajjen loġistiċi moderni;
14. Jirrimarka li l-ħames snin li ġejjin se jkun kruċjali għall-futur tas-settur ferrovjarju u li l-Aġenzija trid tingħata r-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa sabiex taffronta l-isfidi li ġejjin;
15. Jinnota li ntlaħqu l-limiti massimi indikattivi ta' 10 % użati mill-Qorti tal-Awdituri biex tivvaluta l-eżekuzzjoni tal-baġit fil-livell tar-riporti għat-Titolu 1 (persunal) u ta' 20 % għat-Titolu 2 (amministrazzjoni); jinnota b'dispaċir li ma ntlaħaqx il-limitu massimu indikattiv għat-Titolu 3 (30 % għall-infiq operattiv);
16. Jinnota li r-riżultati tal-eżerċizzju annwali ta' valutazzjoni komparattiva fir-rigward tal-persunal huma simili għal dawk tal-2017 billi 18,4 % tal-persunal ingħataw xogħol amministrattiv (18,18 % fl-2017), 69,7 % ingħataw kompiti operattivi (70,16 %), u 11,90 % tal-persunal ingħataw kompiti ta' kontroll u kompiti finanzjarji (11,67 %);

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1).

17. Jilqa' l-isforzi kontinwi tal-Aġenzija biex tipprepara għall-kompiti l-ġodda tagħha kif definiti fir-Raba' Pakkett Ferrovjarju u biex, f'Ġunju 2019, tassumi r-rwol tagħha ta' awtorità tal-UE responsabbli għall-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' vetturi ferrovjarji, ta' ċertifikati uniċi ta' sikurezza għal impriżi ferrovjarji u ta' approvazzjonijiet ta' tagħmir fuq l-art fl-ambitu tal-ERTMS; jilqa' b'mod partikolari l-fatt li t-testi ġuridiċi u d-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija kollha ġew adottati fil-ħin u li l-Aġenzija ppubblikat il-gwida dwar it-tressiq tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-vetturi; jilqa' l-miżuri l-oħra meħuda mill-Aġenzija biex tipprepara għall-kompiti l-ġodda tagħha (interazzjoni attiva mal-partijiet ikkonċernati, każijiet ta' tagħlim u testijiet mhux uffiċjali, monitoraġġ pilota tal-Awtoritajiet Nazzjonali għas-Sikurezza); jilqa' l-iżvilupp ta' one-stop shop;

jilqa' l-fatt li l-Aġenzija bdiet taħdem fuq l-armonizzazzjoni ta' aktar minn 14 000 regola nazzjonali li jirregolaw it-trasport ferrovjarju;

(a) jiddeplora l-fatt li, għad-differenza tas-setturi tal-avjazzjoni u tat-trasport bit-triq, l-armonizzazzjoni fis-settur ferrovjarju għadha lura;

(b) jistieden lill-Aġenzija tintensifika l-isforzi tagħha b'mod sinifikanti biex toħloq żona ferrovjarja unika Ewropea;

18. Jinnota li l-Aġenzija tiżvolġi rwol essenzjali fit-tneħħija tal-ostakli burokratiċi fil-qasam tat-trasport ferrovjarju transfruntier;

19. Jinnota li, kemm mil-lat tal-infrastruttura u kemm mil-lat tal-vetturi ferrovjarji, sar ftit wisq progress biex jiġi introdott it-tagħmir meħtieġ għall-ERTMS fl-Ewropa, u jistieden lill-Aġenzija tipproponi miżuri biex tħaffef dak il-proċess;

20. Jiddispijaċih li fl-2018 ġew irreġistrati 37 każ ta' nuqqas ta' konformità, inklużi 18-il każ b'impatt finanzjarju (erbgħa minnhom kienu jinvolvu ammonti ogħla minn EUR 15 000); jitlob lill-Aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha biex ittejjeb il-ġestjoni tagħha kif ukoll il-proċeduri ta' akkwist;

21. Jinnota li l-Aġenzija pproponiet li teżamina mill-ġdid il-Qafas għal Imġiba Amministrattiva Tajba; jitlob lill-Aġenzija tirrapporta dwar l-iżvilupp ta' dan il-qafas fir-rapport annwali li jmiss tagħha; jilqa' l-fatt li l-Aġenzija kompliet it-taħriġ dwar l-etika u dwar il-ġlieda kontra l-frodi; jilqa' l-fatt li ebda każ ta' frodi suspetti ma ġie trażmess lill-OLAF; jinnota li l-każ irrapportat fl-2017 għadu qed jiġi investigat;

22. Jilqa' l-eżitu pożittiv tal-awditu ta' konferma ISO 9001;

Politika dwar il-persunal

23. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2018, it-tabella tal-persunal kienet eżegwita bil-perċentwal ta' 89,19 %, u ġew irreklutati 132 aġent temporanju mill-148 aġent temporanju awtorizzat skont il-baġit tal-Unjoni (meta mqabbla mal-139 post awtorizzat fl-2017); jinnota li, barra minn hekk, 31 aġent kuntrattwali u 2 esperti nazzjonali sekondati ħadmu għall-Aġenzija fl-2018;

24. Jinnota bi tħassib il-bilanċ inugwali bejn il-ġeneri rappurtat għall-2018 għall-manigiers superjuri (5 irġiel u mara waħda) u għall-Bord ta' Tmexxija (40 raġel u 15-il mara);

25. Jinnota li l-Aġenzija adottat politika dwar il-protezzjoni tad-dinjità ta' persuni u l-prevenzjoni tal-fastidju, li l-counsellors kunfidenzjali jiġu promossi u li l-persunal jitħeġġeġ ġindirizza l-kwistjonijiet tagħhom lilhom; jinnota li ġie rappurtat każ wieħed ta' allegat fastidju, iżda ħadd ma ġie investigat u ħadd ma tressaq il-qorti;

Akkwist

26. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, l-Aġenzija ma qabblitx sistematikament il-prezzijiet u ż-żidiet ddebitati mal-istimi u l-fatturi li nħarġu mill-fornitur lill-kuntrattur qafas għall-akkwist tal-liċenzji tas-software; jirrikonoxxi li l-Aġenzija applikat il-kuntratt qafas tal-Kummissjoni u tistenna l-kuntratt qafas il-ġdid li fih huwa previst ftuħ mill-ġdid tal-kompetizzjoni; jistieden lill-Aġenzija tadatta l-kontrolli *ex ante* fuq il-pagamenti li jsiru fl-ambitu tal-kuntratti qafas u tiżgura li jkun hemm proċedura kompetittiva għall-akkwisti kollha;

27. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, l-Aġenzija, permezz ta' emenda għal kuntratt dirett għall-organizzazzjoni ta' konferenza, iddeċidiet li tikkuntratta u tħallas is-servizzi relatati kollha b'mod separat, u dan wassal għal qsim artifiċjali tal-kuntratt, biex b'hekk il-kuntratt u l-pagamenti relatati kollha saru irregolari; jieħu nota tat-tweġiba tal-Aġenzija li biħsiebha tħejji termini ta' referenza għall-iffirmar ta' kuntratt qafas għall-organizzazzjoni ta' avvenimenti;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

28. Jinnota li l-Aġenzija ppubblikat fis-sit web tagħha d-dikjarazzjonijiet tal-kunflitti ta' interess tal-Bord ta' Tmexxija u tal-membri tal-persunal u s-CVs tal-membri tal-Bord ta' Tmexxija tagħha u ta' parti mill-persunal maniġerjali tagħha; jilqa' l-fatt li, minn Ġunju 2019, il-maniġment superjuri kollu u l-membri tal-persunal kollha tal-Aġenzija jridu jiffirmaw dikjarazzjoni annwali tal-kunflitti ta' interess;
29. Jinnota li, skont l-Aġenzija, il-Qafas għal Imġiba Amministrattiva Tajba fis-seħħ jinkludi miżuri stretti dwar il-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess li jirrigwardaw individwi involuti fil-kompiti l-ġodda previsti fir-Raba' Pakkett Ferrovarju; jinnota wkoll li nstabu diffikultajiet prattiċi fir-rigward tal-qafas u għalhekk huwa soġġett għal proposta riveduta; jinnota li l-każ ta' frodi suspetti rrappurtat fl-2017 għadu qed jiġi investigat mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi; jinnota li, minn dak iż-żmien, ma ġie rrappurtat ebda każ ieħor ta' frodi suspetti; ihegġegħ lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-eżitu ta' din l-investigazzjoni;
30. Jinnota li l-Aġenzija adottat linji gwida dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta, li ġew ippubblikati fil-21 ta' Novembru 2018;

Kontrolli interni

31. Jinnota l-fatt li, wara r-riorganizzazzjoni tal-Aġenzija, l-uffiċjal tal-kontabbiltà huwa marbut direttament fil-livell amministrattiv mad-direttur eżekuttiv fil-livell amministrattiv u m'għadux inkarigat mit-tim tal-Finanzi u l-Akkwist;
32. Jinnota li fl-2018, inħareġ rapport tal-awditjar dwar "Il-Ġestjoni tal-Programmi, tal-Proġetti u tas-Servizzi fl-Aġenzija" mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni u li l-Aġenzija ħejjiet pjan ta' azzjoni biex tindirizza kwalunkwe qasam potenzjali għal tijb; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-miżuri li ttieħdu f'dan ir-rigward;

Kummenti oħra

33. Jinnota li, sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni (is-16 ta' Ġunju 2019), l-Aġenzija se tinbidel minn korp b'sempliċi rwol fit-thejgħ u d-disseminazzjoni tal-politiki, għal awtorità li taħdem direttament għas-settur fir-rigward ta' awtorizzazzjonijiet għal ċertifikati ta' sikurezza u vetturi ferrovarji; jinnota, f'dan ir-rigward, li r-riorganizzazzjoni tal-Aġenzija ppermettiet il-bidliet meħtieġa biex tiġi żgurata l-ġestjoni tal-applikazzjonijiet il-ġodda, bl-għajnuna tal-esperti, u l-iżvilupp kemm ta' programm ta' taħriġ kif ukoll ta' sistema ta' monitoraġġ;
34. Jinnota li, fil-15 ta' April 2019, l-Aġenzija ffirmat il-ftehim dwar is-sede mal-awtoritajiet Franċiżi; jirrikonoxxi li d-deċiżjoni dwar is-sede doppja hija deċiżjoni tal-Kunsill li l-Aġenzija jeħtiġilha tapplika;
35. Jistieden lill-Aġenzija tiffoka fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tagħha lill-pubbliku, u tikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja;
36. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 ⁽⁴⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1864 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0043/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0066/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1865 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0043/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzia Marittima Ewropea tas-Sigurtà ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0066/2020),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1866 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0066/2020),
- A. billi skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tagħha ⁽¹⁾, il-baġit finali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (l-"Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2018 kien jammonta għal EUR 106 777 232,65, li jfisser żieda ta' 23,76 % meta mqabbel mal-2017; billi ż-żieda kienet prinċipalment relatata mal-mandat imsaħħaħ tal-Aġenzija; billi l-baġit tal-Aġenzija huwa kompletament derivat mill-baġit tal-Unjoni ⁽²⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018 (ir-"rapport tal-Qorti") stqarret li kisbet aċċertament raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ tal-baġit matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni baġitarja ta' 99,02 %, li tfisser żieda żgħira ta' 0,98 % meta mqabbel mal-2017, u li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprijazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 92,84 %, li tfisser tnaqqis ta' 3,41 %;

Prestazzjoni

2. Jinnota li l-Aġenzija tuża għadd ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni speċifiċi biex tkejjel l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali tagħha u li l-evalwazzjoni tal-Aġenzija tirrappreżenta l-istrument ewlieni għall-valutazzjoni tal-valur miżjud ipprovdut mill-attivitajiet tagħha; jirrikonoxxi s-sistema ta' ġestjoni tal-prestazzjoni tal-Aġenzija li tistabbilixxi kemm objettivi pluriennali kif ukoll indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni trimestrali fil-monitoraġġ perjodiku tal-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma annwali; jinnota li l-Aġenzija tuża biss ir-rata ta' eżekuzzjoni baġitarja bħala l-indikatur ewlieni tal-prestazzjoni biex ittejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha;
3. Jinnota li l-indikatur ewlieni tal-prestazzjoni tal-Aġenzija dwar il-kontinwità u l-kwalità tas-servizzi esterni tagħha laħqu b'mod ġenerali l-miri rispettivi tagħhom, u li s-sistema ta' kwalità tagħha għal żjarat u spezzjonijiet ġiet estiża;
4. Iħeġġeġ lill-Aġenzija timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti;
5. Jinnota li l-Aġenzija tikkoopera mill-qrib ma' aġenziji oħra tal-Unjoni bħall-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għal dak li jikkonċerna l-funzjoni ta' gwardja tal-kosta Ewropea; iħeġġeġ bil-qawwa ulterjorment lill-Aġenzija biex b'mod attiv tipprova tikseb aktar kooperazzjoni u kooperazzjoni aktar mifruxa mal-aġenziji kollha tal-Unjoni;
6. Jinnota li wara l-approvazzjoni tal-evalwazzjoni esterna indipendenti dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament Fundatur tal-Aġenzija fl-2017, l-Aġenzija ppreżentat il-Pjan ta' Azzjoni tagħha f'Marzu 2018; jinnota b'sodisfazzjon li ġew identifikati azzjonijiet, riskji potenzjali u miżuri ta' mitigazzjoni, kif ukoll skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni u impatt baġitarju realistiku;

⁽¹⁾ ĠU C 120, 29.3.2019, p. 201.

⁽²⁾ ĠU C 120, 29.3.2019, p. 202.

7. Ihegġegħ lill-Aġenzija ssegwi d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tagħha;
8. Jinnota li d-dewmien fl-operazzjonijiet tas-sistemi ta' ingenu tal-ajru ppilotat mill-bogħod (RPAS) marbuta mal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tal-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta dovut għal sfidi tekniċi u diffikultajiet kontinwi biex jinkisbu l-permessi għat-titjir minn awtoritajiet nazzjonali wassal għal emenda tal-baġit li naqset is-sussidju tal-UE u għal rimborż ta' EUR 6 000 000 f'appropriazzjonijiet ta' pagament lill-Kummissjoni; jinnota li dan it-tnaqqis irriżulta insuffiċjenti minħabba dewmien ulterjuri kkawżat minn problemi tekniċi u temp ħażin, li wassal għal rata ta' konsum baxxa tal-appropriazzjonijiet ta' pagament; jappoġġja r-rakkomandazzjoni tal-Bord Amministrattiv li l-Aġenzija għandha tindirizza r-riskju li jirriżulta mill-kwistjoni tal-Permessi għat-Titjir fir-rigward ta' eżekuzzjoni kompleta tal-baġit;
9. Jilqa' l-appoġġ dirett tal-Aġenzija favur l-isforzi ta' infurzar ambjentali tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni ambjentali, kif ukoll is-servizzi RPAS tal-EMSA li jassistu f'operazzjonijiet ta' sorveljanza marittima bħat-tniġġis marittimu u l-monitoraġġ tal-emissjonijiet; jemmen li, b'aktar riżorsi, l-Aġenzija tista' tiżvolġi rwol importanti billi tappoġġja lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex itaffu r-riskji ambjentali relatati mat-trasport marittimu u jtejbu s-sostenibbiltà tas-settur marittimu;
10. Japprezza li l-Aġenzija hi biss fit-tieni sena kompleta tagħha ta' funzjonament wara l-estensjoni tal-mandat fl-aħħar tas-sena 2016 u li xi fatturi li waslu għall-modifiki baġitarji ma kinux magħrufa fil-mument tal-abbozzar tal-baġit tal-2018; jinnota li l-Aġenzija kellha twestaq il-modifiki baġitarji sabiex tkopri ż-żieda fis-salarji minħabba l-koeffiċjent tal-korrezzjoni għall-Portugall;
11. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Aġenzija qed tittestja pсевdosatelliti ta' altitudni għolja (HAPS, High Altitude Pseudo Satellites) u jilqa' l-fatt li b'hekk qed tixxejjien id-diskrepanza bejn is-satelliti u d-droni;
12. Jilqa' l-isforzi tal-Aġenzija biex tqiegħed għad-dispożizzjoni servizzi operattivi, analiżijiet, għarfien speċjalizzat u l-aħjar appoġġ tekniċu possibbli fl-ambitu tal-proġetti tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri, kif ukoll għall-utenti tas-settur tat-trasport marittimu;
13. Jistieden lill-Aġenzija tisfrutta bis-sħiħ u, skont il-ħtieġa, tadatta l-possibiltajiet operattivi li joffru d-droni, il-HAPS u s-satelliti; tisħaq fuq in-natura multifunzjonali tas-sistemi, li jkopru kemm is-salvataġġ fuq il-baħar kif ukoll l-identifikazzjoni bikrija u l-monitoraġġ tat-tniġġis marittimu, kif ukoll l-isforzi indispensabbli relatati mal-ġlieda kontra l-attivitajiet illegali bħat-traffikar tad-drogi, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni u s-sajd mhux awtorizzat;
14. Jinnota li f'Novembru 2018 il-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija adotta Qafas ta' Kontroll Intern ġdid abbażi tal-qafas tal-Kummissjoni tal-2017;
15. Jinnota li, fil-bidu tal-2018, l-Aġenzija wessgħet il-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità ta' żjarat u spezzjonijiet (V&I QMS) biex tinkludi l-ispezzjonijiet ta' sikurezza marittima u l-proċess ta' analiżi orrizontali; jilqa' l-fatt li l-awditu annwali ta' verifika tal-QMS estiża twestaq b'suċċess minn TUV Rheinland Portugal mingħajr ebda każ ta' nuqqas ta' konformità;
16. Jinnota li fl-2018 ma ġie rrapportat l-ebda każ ta' kunflitt ta' interess; jinnota li, b'mod konformi mal-Politika ta' Ġestjoni tar-Riskji, ir-reġistru tar-riskji ġie aġġornat fl-2018 u li dan l-aġġornament ma rriżultax f'xi riskji kritiċi li setgħu jwasslu għal riżerva formali fir-rigward tad-dikjarazzjoni annwali tal-assigurazzjoni tal-uffiċjal awtorizzanti; josserva wkoll li l-ebda riskju identifikat qabel ma kkonkretizza ruħu fl-2018;
17. Japprezza li l-Aġenzija introduċiet mekkaniżmi ta' kontroll xierqa dwar il-pagamenti fil-kuntratti tal-Aġenzija;
18. Jinnota li r-riżultati tal-ħames eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva fir-rigward tal-persunal huma simili għal dawk tal-2017 fejn 20,20 % (20,42 % fl-2017) tal-postijiet huma assenjati għall-appoġġ amministrattiv ta' koordinazzjoni, 71,65 % (72,08 %) għall-kompiti operazzjonali u 8,15 % (7,50 %) għal kompiti newtrali;

Politika dwar il-persunal

19. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2018, it-tabella tal-persunal kienet mimlija b'98,58 %, b'209 uffiċjali u aġenti temporanji maħtura minn total ta' 212-il uffiċjal u aġenti temporanji awtorizzati fl-ambitu tal-baġit tal-Unjoni (212-il post tax-xogħol awtorizzati fl-2017); jinnota wkoll li, fl-2018, l-Aġenzija ħaddmet 30 aġent kuntrattwali u 17-il espert nazzjonali sekondarj; ihegġegħ lill-Aġenzija tagħmel riċerka dwar is-suġġett tal-kondiviżjoni ta' persunal fost aġenziji oħra tal-Unjoni, b'enfasi speċjali fuq possibiltajiet ta' aktar konnessjoni ta' persunal amministrattiv ma' Aġenziji oħra bbażati f'Lisbona, jiġifieri ċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga;

20. Jinnota b'sodisfazzjon li kien hemm bilanċ ugwali bejn il-ġeneri fost il-manigġers superjuri (żewġt irġiel u żewġ nisa); jinsab imħasseb, madankollu, li fil-livell tal-bord amministrattiv hemm parteċipazzjoni żbilanċjata ta' rġiel (44 membru) u nisa (12-il membru);
21. Jiddispijaci għan-nuqqas ta' informazzjoni u dettalji dwar il-"Pjan ta' Azzjoni għall-Bilanċ bejn is-Sessi fl-EMSA";

Akkwisti

22. Jinnota mir-rapport tal-Qorti li sa tmiem l-2018 l-Aġenzija ma qabblitx sistematikament il-prezzijiet u ż-żidiet debitati mal-istimi u l-fatturi li nħarġu mill-fornitur lill-kuntrattur qafas għall-akkwist tal-liċenzji tas-software; jinnota mir-risposta tal-Aġenzija li l-mekkaniżmu ta' implimentazzjoni għal dan il-kuntratt qafas ma kienx jinkludi lista ta' prezzijiet fissi iżda minflok li l-Kummissjoni ddeċidiet li tagħżel sistema li tapplika ż-żidiet fil-prezz u li l-kuntrattur eżerċita d-drittijiet tiegħu li jittermina l-kuntratt b'effett mit-12 ta' Ottubru 2019;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u t-trasparenza

23. Jirrikonoxxi li l-Aġenzija timpjega u tippubblika dikjarazzjonijiet ta' kunflitti ta' interess għall-membri tal-bord amministrattiv u l-manigġment superjuri tagħha u li l-Aġenzija ħarġet linji gwida dwar il-kunflitti ta' interess u implimentat arranġamenti għall-iżvelar tal-informazzjoni, li huma għodda importanti biex jiġu identifikati l-frodi, il-korruzzjoni u l-irregolaritajiet serji;

Kontrolli interni

24. Jieħu nota li s-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tal-Kummissjoni ħareġ rapport ta' awditjar dwar iż-żjarat u l-ispezzjonijiet fl-Aġenzija, u kkonkluda li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll imfassla għal dan is-suġġett huma mfassla b'mod adegwat u implimentati b'mod effikaċi u effiċjenti; jirrimarka li l-IAS ħareġ erba' rakkomandazzjonijiet li l-Aġenzija aċċettat u impenjat ruħha li tindirizza;
25. Jinnota li, fl-2018, l-Aġenzija implimentat il-pjanijiet ta' azzjoni kollha relatati mal-awditjar tal-IAS dwar il-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani tal-EMSA li sar fl-2017;

Kummenti oħra

26. Jinnota l-isforzi tal-Aġenzija biex tippromwovi post tax-xogħol kosteffikaċi u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent; jirrimarka madankollu li l-Aġenzija ma għandhiex miżuri addizzjonali fis-seħħ biex tnaqqas jew tinnewtralizza l-emissjonijiet tas-CO₂;
27. Jistieden lill-Aġenzija tiffoka fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tagħha lill-pubbliku, u tikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja;
28. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 ⁽³⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽³⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1867 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 – C9-0051/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 912/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1321/2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 276, 20.10.2010, p. 11.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

-
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0067/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1868 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 – C9-0051/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 912/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1321/2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0067/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 276, 20.10.2010, p. 11.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jagħti iSTRUZZJONIJET lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1869 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0067/2020),

- A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tagħha ⁽¹⁾, il-baġit finali tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea ("l-Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2018 kien ta' EUR 32 230 582, li jirrappreżenta żieda ta' 13,22 % meta mqabbel mal-2017; billi ż-żieda kienet relatata mat-titoli 2 u 3; billi l-baġit tal-Aġenzija huwa prinċipalment derivat mill-baġit tal-Unjoni ⁽²⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018 ("ir-rapport tal-Qorti"), tistqarr li kellha fil-pussess tagħha aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

- 1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 100 %, jiġifieri l-istess rata bħal fl-2017; jinnota, barra minn hekk, li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 83,72 %, li tfisser tnaqqis ta' 2,48 % meta mqabbla mal-2017;
- 2. Jinnota li, minbarra l-baġit ewlieni tagħha, l-Aġenzija fl-2018 kompliet tiġġestixxi ammont kbir ta' baġit delegat għas-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja (EGNOS), il-Ftehim ta' Delega Galileo, il-Ftehim ta' Delega għal Servizz Pubbliku Regolat u l-ftehim ta' delega ta' Orizzont 2020; jinnota li fl-2018 ġie impenjat total ta' EUR 1 173 219 279 ta' baġit delegat, u li saru pagamenti għall-ammont ta' EUR 796 500 300,84;

Kanċellazzjoni tar-riporti

- 3. Jilqa' pożittivament il-fatt li l-kanċellazzjoni tar-riporti mill-2017 għall-2018 tirrappreżenta 3,25 % tal-ammont totali riportat wara tnaqqis ta' 2,05 % meta mqabbel mal-2017;

Prestazzjoni

- 4. Jinnota li l-Aġenzija tuża ċerti Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni biex tkejjel il-valur miżjud li jirriżulta mill-attivitajiet tagħha u ttejjeb il-ġestjoni tal-baġit tagħha;
- 5. Jinnota li l-programmi Galileo u EGNOS tal-Aġenzija issa huma kompletament fil-fażi operattiva tagħhom u li, b'mod speċifiku fir-rigward ta' Galileo, minbarra l-varar b'suċċess tal-aħħar erba' satelliti qabel il-lott 3 fl-2018, l-Aġenzija kkompletat l-attivitajiet ta' għoti ta' kuntratti;
- 6. Jilqa' l-fatt li mill-2015, l-Aġenzija esternalizzat is-servizzi ta' kontabbiltà tagħha lill-Kummissjoni u li tikkondividi l-forniment tas-servizzi relatati mal-ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju u l-kapaċità ta' awditjar intern ma' Aġenziji oħra;

⁽¹⁾ ĠU C 116, 28.3.2018, p. 21.

⁽²⁾ ĠU C 116, 28.3.2018, p. 22.

7. Jinnota li, fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet tas-sena l-oħra mill-awtorità ta' kwittanza, l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-programmi Galileo u EGNOS u tal-prestazzjoni tal-Aġenzija tlestiet mill-Kummissjoni u ġiet ippreżentata lill-Parlament u lill-Kunsill f'Ottubru 2017;
8. Iħeġġeġ lill-Aġenzija ssegwi d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tagħha;

Politika dwar il-persunal

9. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2018, 90,63 % tat-tabella tal-persunal kienet kompluta, u li kienu nħatru 116-il aġent temporanju mit-total ta' 128 awtorizzati skont il-baġit tal-Unjoni (meta mqabbel ma' 116-il post awtorizzati fl-2017); jinnota li, barra minn hekk, fl-2018 ħadmu għall-Aġenzija 51 aġent kuntrattwali u 3 esperti nazzjonali sekondati; jinnota li 10 postijiet addizzjonali ġew allokati lill-Aġenzija għat-tabella tal-persunal tagħha tal-2018 minbarra 2 postijiet diġà previsti;
10. Jinnota bi tħassib in-nuqqas ta' bilanċ bejn il-ġeneri għall-2018 fost il-manigġers superjuri (10 irġiel u 2 nisa) u fil-bord amministrattiv (44 raġel u 7 nisa);
11. Jilqa' l-fatt li l-Aġenzija adottat is-suġġeriment tal-Qorti u fl-aħħar ippubblikat l-avviżi ta' postijiet battala fis-sit web tal-EPPO sabiex tiżdied il-pubbliċità; jinnota mir-risposta tal-Aġenzija li biħsiebha tippubblika l-avviżi kollha ta' postijiet battala fuq il-portal interaġenziji, meqjus bħala ekwivalenti għall-EPPO mill-perspettiva tal-Aġenziji, u li, barra minn hekk, l-Aġenzija tippubblika l-avviżi tagħha ta' postijiet battala fpubblikazzjonijiet speċifiċi tas-settur tal-ispezju;

Akkwist

12. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, fil-15 ta' Diċembru 2016, l-Aġenzija ffirmat kuntratt qafas dwar l-isfruttar tas-sistema satellitari Galileo matul il-perjodu mill-2017 sal-2027, li jammonta għal EUR 1 500 000 000; jinnota, barra minn hekk, li l-kuntratt ingħata wara li saret proċedura ta' akkwist pubbliku; jirrimarka li wieħed mill-offerenti involuti beda proċedimenti legali biex jikkontesta l-eżitu tal-proċedura; jinnota li s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-Qorti tal-Ġustizzja) se tiddeċiedi dwar il-legalità u r-regolarità tal-proċedura ta' akkwist għall-kuntratt qafas u għall-kuntratti speċifiċi relatati u l-pagamenti futuri kollha; jirrimarka li l-proċedura bil-miktub ingħalqet fl-ewwel trimestru tal-2019, li s-seduta ta' smiġh orali kienet mistennija ssir matul it-tieni jew it-tielet trimestru tal-2019, u li s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja kienet mistennija tingħata fl-aħħar trimestru tal-2019, iżda li, fit-3 ta' Diċembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja waqqfet il-proċedimenti (Kawża T-99/17)⁽³⁾; jinnota, mill-analiżi legali tal-Aġenzija dwar il-konsegwenzi ta' annullament potenzjali tad-deċiżjoni tal-għoti, li l-Aġenzija x'aktarx ma tkunx meħtieġa tittermina l-kuntratt iżda minflok tkun meħtieġa tkopri l-ispejjeż legali tar-rikorrent ta' madwar EUR 300 000 kif ukoll id-danni possibbli, li huma msemmija fil-kontijiet annwali tal-Aġenzija; jistieden lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza bl-iżviluppi f'dan ir-rigward;
13. Jinnota li, wara valutazzjoni interna, fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet mill-awtorità ta' kwittanza relatati mal-użu tal-proċeduri tal-akkwist elettroniku, ġie konkluż li l-modulu ta' sottomissjoni elektronika fl-istadju kurrenti tal-iżvilupp ma indirizzax il-ħtiġijiet kumplessi ta' akkwist tal-Aġenzija, u li għalissa ġie deċiż li l-offerti ma jsirux elettronicament; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-iżviluppi f'dan ir-rigward;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

14. Jinnota li persuna li qabel kienet uffiċjal ta' livell għoli tokkupa rwol konsultattiv fl-ambitu tal-Inizjattiva għall-anzjani attiva, mingħajr emolumenti finanzjarji;
15. Jinnota, fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet mill-awtorità ta' kwittanza relatati mad-dikjarazzjonijiet ta' interess u l-pubblikazzjoni tas-CVs tal-amministrazzjoni għolja tal-Aġenzija, li għall-President u l-Viċi President tal-bord amministrattiv tal-Aġenzija d-dikjarazzjonijiet ta' interess biss jiġu ppubblikati fis-sit web tal-Aġenzija; jinnota li l-Aġenzija biħsiebha tipproċedi bil-pubblikazzjoni fis-sit web tagħha tas-CVs tal-membri tal-bord amministrattiv wara l-kunsiderazzjoni dovuta tar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data personali;

⁽³⁾ ECLI:UE:C:2019:847.

16. Jiddispjaċih li s-CVs tal-membri tal-bord amministrattiv għadhom ma ġewx ippubblikati fis-sit web tal-Aġenzija; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-azzjonijiet meħuda f'dan ir-rigward;
17. Jinnota li l-Aġenzija, f'Ġunju 2018, adottat politika interna dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta;
18. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, fl-2018, is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni wettaq awditu dwar "it-Tmexxija tal-IT fil-GSA" u li l-Aġenzija fasslet pjan ta' azzjoni biex tindirizza xi oqsma potenzjali għal titjib; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-iżviluppi f'dan ir-rigward;

Kummenti oħra

19. Jinnota, fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet mill-awtorità ta' kwittanza relatati mal-impenn tal-Aġenzija li timminimizza kwalunkwe impatt negattiv mid-deċiżjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni, li l-Aġenzija baġtet ittri lill-kuntratturi u l-benefiċjarji kollha tal-kuntratti u l-għotjiet affettwati, li tirrikjedi miżuri ta' mitigazzjoni li għandhom jiġu implimentati sa tmiem Ottubru 2019, speċjalment biex jiġi żgurat li l-kuntratturi u s-sottokuntratturi prinċipali ma jkunux entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit u li s-sit ta' riżerva taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sigurtà Galileo jkun ġie rilokat mir-Renju Unit lejn Spanja; jitlob li l-Aġenzija żżomm l-awtorità ta' kwittanza informata dwar l-eżitu ta' dawk il-miżuri;
20. Jitlob li l-Aġenzija tiffoka fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tagħha fost il-pubbliku, u tikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja;
21. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 ⁽⁴⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1870 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata liċ-Ċentru fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0036/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0073/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 376, 27.12.2006, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1871 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata liċ-Ċentru fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0036/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Deleġat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 376, 27.12.2006, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0073/2020),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1872 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0073/2020),

- A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tiegħu ⁽¹⁾, il-baġit finali taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (iċ-Ċentru) għas-sena finanzjarja 2018 kien EUR 16 174 200,21, li jfisser żieda ta' 2,18 % meta mqabbel mal-2017; billi l-baġit taċ-Ċentru huwa prinċipalment derivat mill-baġit tal-Unjoni ⁽²⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-“Qorti”), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2018 (ir-“rapport tal-Qorti”), iddikjarat li kisbet aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali taċ-Ċentru huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jilqa' pożittivament il-fatt li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 100 %, jiġifieri l-istess rata bħal fl-2017; jinnota li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprijazzjonijiet ta' pagament kienet 98,02 %, li tfisser żieda ta' 3,31 % meta mqabbla mas-sena preċedenti;

Prestazzjoni

2. Jinnota li ċ-Ċentru jkejjel ikunux intlaħqu s-66 objettiv annwali tiegħu billi juża 50 indikatur ewleni tal-prestazzjoni, maqsumin fi tmien objettivi strateġiċi, biex jivvaluta l-valur miżjud iġġenerat mill-attivitajiet tiegħu u jtejjeb il-ġestjoni baġitarja tiegħu; jinnota li, mill-2019, iċ-Ċentru stabbilixxa mudell ta' prestazzjoni ġdid ibbażat fuq għaxar indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni, li se jintużaw biex ikejlu kemm iċ-Ċentru hu effikaċi biex jilħaq l-objettivi tiegħu u kemm hu effiċjenti biex juża r-riżorsi allokatati għal dan l-iskop;
3. Jinnota li ċ-Ċentru laħaq 85 % tal-objettivi u tar-riżultati applikabbli pplanati fil-programm ta' ħidma tal-2018 u li implimenta b'suċċess l-ewwel sena tal-Istrateġija 2025 tiegħu;
4. Iħeġġeġ liċ-Ċentru jaħdem favur id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tiegħu;
5. Jinnota b'sodisfazzjon il-fatt li ċ-Ċentru għadu jikkondividi sinerġiji mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima f'dawk li huma servizzi amministrattivi u ta' appoġġ u l-ġestjoni tal-uffiċini komuni f'Lisbona, u li dawn is-sinerġiji jirrigwardaw anki l-ICT, it-telekomunikazzjoni u l-infrastrutturi u s-servizzi bbażati fuq l-Internet; jinnota li ġew stabbiliti sinerġiji operattivi ma' aġenziji oħra tal-Unjoni fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni u fil-qasam tas-saħħa; ifaħħar lill-aġenziji għal din il-forma ta' konvivenza, li jqisha eżempju li jistħoqqlu jiġi segwit;

⁽¹⁾ ĠU C 29, 23.1.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 29, 23.1.2019, p. 2.

6. Jenfasizza r-rwol importanti li jiżvolġi ċ-Ċentru biex jipprovdi lil dawk responsabbli mill-politika u lill-operaturi fis-settur analiżi u informazzjoni dwar id-droga u d-dipendenza fuq id-droga kif ukoll dwar it-tendenzi emerġenti bil-ħsieb li jiġu miġġielda b'mod effikaċi l-użu illeċitu u t-traffikar tad-droga, u jfakkar li t-traffikar tad-droga ġie identifikat bħala wieħed mi-sorsi ewleenin ta' profitt u kanal ta' reklutaġġ għall-kriminalità organizzata u t-terroriżmu; ifakkar li l-mandat taċ-Ċentru ġie estiż fl-2018 biex jinkludi, fost affarijiet oħra, responsabbiltajiet ġodda u sħubijiet formali ma' aġenziji oħra tal-Unjoni, bħall-Europol;
7. Iqis li l-adozzjoni tad-Dokument ta' Programmazzjoni 2019-2021 taċ-Ċentru, li huwa kompletament ibbażat fuq l-Istrateġija tal-EMCDDA 2025 ⁽³⁾, tirrappreżenta pass importanti fil-qafas ta' pjanar strateġiku u operattiv taċ-Ċentru;

Politika dwar il-persunal

8. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2018, 96,05 % tat-tabella tal-persunal kienet ġiet eseguita, u li kienu nħatru 9 uffiċjali u 64 aġent temporanju minn 10 uffiċjali u 66 aġent temporanju awtorizzat mill-baġit tal-Unjoni (meta mqabbel ma' 77 post awtorizzat fl-2017); jinnota wkoll li, fl-2018, iċ-Ċentru ħaddem 29 aġent kuntrattwali u espert nazzjonali sekondat wieħed;
9. Jinnota li ċ-Ċentru rreġistra bilanċ bejn il-ġeneri tajjeb fl-ambitu tal-Bord ta' Ġestjoni għall-2018, jiġifieri 15-il membru ta' sess maskili u 14-il membru ta' sess femminili;
10. Jinnota b'sodisfazzjon li ċ-Ċentru għandu dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-ħolqien u ż-żamma ta' kultura tax-xogħol ibbażata fuq id-dinjità u r-rispett, biex jiġi evitat u miġġieled il-fastidju; josserva li jqiegħed għad-dispożizzjoni servizz ta' assistenza psikoloġika kunfidenzjali;

Akkwist

11. Jilqa' favorevolment il-fatt li ċ-Ċentru stabbilixxa pjan ta' akkwist konformi mal-pjan ta' ġestjoni taċ-Ċentru, li ġie attwat b'suċċess bis-saħħa ta' kollaborazzjoni mill-qrib mal-unitajiet kollha;
12. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, iċ-Ċentru ma attirax numru raġonevoli ta' offerenti fi proċeduri ta' akkwist ta' valur baxx, u li f'ħamsa minn dawn il-proċeduri kien hemm biss kandidat wieħed li tefa' offerta u li fi proċedura waħda ntefġu żewġ offerenti; jinnota li, skont ir-risposta taċ-Ċentru, kien stieden kif jixraq in-numru ta' offerenti meħtieġ mir-regoli finanzjarji applikabbli biex jiżgura l-livell neċessarju ta' kompetizzjoni; jistieden liċ-Ċentru jkompli bl-isforzi bla heda tiegħu ħalli jiżgura li l-proċeduri ta' akkwist pubbliku jkunu konformi mal-prinċipju tal-kompetizzjoni ġusta u jiffaċilita l-parteċipazzjoni fil-proċeduri ta' akkwist tiegħu għall-kuntratti ta' valur baxx;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

13. Jirrikonoxxi l-miżuri eżistenti taċ-Ċentru u l-isforzi kontinwi biex jiżgura t-trasparenza, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, u l-protezzjoni tal-informaturi; jinnota b'sodisfazzjon li l-*curricula vitae* u d-dikjarazzjonijiet ta' interessi tad-direttur u tal-membri tal-kumitat xjentifiku huma pubblikati fis-sit web taċ-Ċentru;
14. Jissottolinja li minn studju reċenti kkummissjonat mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament ⁽⁴⁾ ħareġ li, fid-dawl tal-fatt li ċ-Ċentru juża esperti u, b'mod partikolari, li l-kumitat xjentifiku jieħu deċiżjonijiet waħdu, jeżisti riskju potenzjali ta' kunflitti ta' interess;

Kontrolli interni

15. Jinnota li, b'segwitu għar-rapport tas-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tal-Kummissjoni dwar l-analiżi tal-bżonnijiet tal-proċessi ta' ġbir, validazzjoni u aċċertament tal-kwalità tad-data u tar-rieżami tal-qafas tal-ġestjoni tal-kwalità tad-data u tal-allinjament tiegħu mal-Istrateġija taċ-Ċentru 2025, ir-rakkomandazzjonijiet neċessarji kollha li jinsabu fil-pjan ta' azzjoni adottat ġew implimentati fl-2018;

⁽³⁾ Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga, "Strateġija tal-EMCDDA 2025", Lisbona, Marzu 2017; http://www.emcdda.europa.eu/publications/work-programmes-and-strategies/strategy-2025_en.

⁽⁴⁾ [https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2020/621934/IPOL_STU\(2020\)621934_EN.pdf](https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2020/621934/IPOL_STU(2020)621934_EN.pdf)

16. Jinnota bi tħassib li, skont iċ-Ċentru, diversi rakkomandazzjonijiet inklużi fl-awditu 2015 tal-IAS dwar il-ġestjoni tal-proġetti informatiċi ġew biss implimentati parzjalment u li, fi tmiem l-2018, kienu għadhom pendenti żewġ rakkomandazzjonijiet; jinnota, madankollu, li kien mistenni li dawn iż-żewġ rakkomandazzjonijiet jiġu implimentati sa nofs l-2019; jistieden liċ-Ċentru jinforma lill-awtorità ta' kwittanza bil-progress li jsir sa Ġunju 2020;
17. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, bi qbil mad-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾ kif ukoll mal-liġi tax-xogħol tal-Portugall, il-ħaddiema interim għandhom jaħdmu fl-istess kundizzjonijiet tax-xogħol bħall-ħaddiema li jiġu impjegati direttament mill-impriża li tħaddimhom; jinnota, madankollu, li l-kuntratti rilevanti ma kinux jimponu b'mod espliċitu lill-aġenziji tax-xogħol temporanju li jirrispettaw dawn il-kundizzjonijiet u li xejn ma jindika li ċ-Ċentru għamel min-naħa tiegħu xi tqabbil bejn il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal proprju tiegħu u dawk tal-ħaddiema interim, u dan jostakola kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u prevedibbli għall-persunal u jikkawża riskju ta' kontenzjuż u riskji għar-reputazzjoni taċ-Ċentru; jinnota li, skont ir-risposta taċ-Ċentru, il-kuntratt stipulat bejn iċ-Ċentru u l-aġenzija tax-xogħol temporanju jagħmel referenza għall-obbligu min-naħa taċ-Ċentru li josserva l-aspetti kollha tal-leġiżlazzjoni applikabbli u li, skont it-termini ta' dan il-kuntratt, hija l-aġenzija tax-xogħol temporanju li hija esposta għar-riskju ta' kontenzjuż; jevidenzja, madankollu, li sitwazzjoni bħal din tesponi liċ-Ċentru għal riskju għoli għar-reputazzjoni; jilqa' pożittivament il-fatt li ċ-Ċentru qiegħed jikkunsidra mill-ġdid il-politiki tiegħu tal-użu tal-ħaddiema temporanji biex ikunu bbażati aħjar fuq il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fiha għandu s-sede tiegħu, bi qbil mal-bżonnijiet operattivi tiegħu u mal-qafas ġuridiku; jistieden liċ-Ċentru janalizza l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal interim tiegħu u jiżgura li dawn il-kundizzjonijiet ikunu jikkonformaw mal-liġijiet tax-xogħol tal-Unjoni u nazzjonali; jistieden liċ-Ċentru jinforma lill-awtorità ta' kwittanza bil-progress li jsir sa Ġunju 2020;
18. Jinnota li fl-2006 l-Unjoni ffirmat ftehim man-Norveġja li jiddefinixxi l-formula għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tan-Norveġja liċ-Ċentru, kif ukoll is-soll minimu ta' kontribuzzjoni, li għandu jkun suġġett għal aġġustament annwali abbażi tal-andament tal-prezzijiet u tal-introjtu nazzjonali gross fl-Unjoni; jinnota bi tħassib li, filwaqt li s-sussidju mill-baġit tal-Unjoni żdied b'24 % bejn l-2007 u l-2018, il-kontribuzzjoni min-Norveġja baqgħet kważi l-istess; jinnota li, skont ir-risposta taċ-Ċentru, ma hemm l-ebda korrelazzjoni lineari bejn iż-żieda fis-sussidju tal-Unjoni u l-kontribuzzjoni min-Norveġja u li ċ-Ċentru ma għandux il-kapaċità ġuridika meħtieġa biex jitlob formula/metodu differenti għall-aġġustament tal-kontribuzzjoni minima mingħand in-Norveġja; jistieden liċ-Ċentru u lill-partijiet ikkonċernati jaġġustaw il-kontribuzzjoni minima min-Norveġja skont it-termini maqbuli;
19. Jistieden liċ-Ċentru jikkonċentra fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tiegħu mal-pubbliku, u jikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja;
20. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 ⁽⁶⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽⁵⁾ Id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9).

⁽⁶⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1873 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-13 ta' Mejju 2020

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (qabel il-11 ta' Settembru 2018: Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni) għas-sena finanzjarja 2018

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0044/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 60 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 121 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 48.

⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 48.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

- wara li kkunsidra r-Regolament Deleġat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0074/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽⁸⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1874 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-13 ta' Mejju 2020

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (qabel il-11 ta' Settembru 2018: Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni) għas-sena finanzjarja 2018

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0044/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 60 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 121 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Deleġat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 48.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 48.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.⁽⁷⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁸⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0074/2020),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1875 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020**

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) (qabel il-11 ta' Settembru 2018: Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni) għas-sena finanzjarja 2018

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0074/2020),
- A. billi, skont ir-rapport tad-dħul u l-infiq tagħha ⁽¹⁾, il-baġit finali tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea ("l-Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2018 kien ta' EUR 197 871 000 – żieda ta' 3,27 % meta mqabbel mal-2017; billi l-baġit tal-Aġenzija huwa ffinanzjat mill-baġit tal-Unjoni ⁽²⁾ (EUR 36 915 000) u minn tariffi u imposti (EUR 102 992 000);
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018 ("ir-rapport tal-Qorti"), issostni li għandha fil-pussess tagħha aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 98,31 % – tnaqqis ta' 1,02 % meta mqabbel mal-2017; jinnota, barra minn hekk, li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 90,26 % – tnaqqis ta' 3,49 % meta mqabbel mal-2017;

Prestazzjoni

2. Jinnota li, f'Ġunju 2018, l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) ppubblikat ir-riżultati ta' awditu li għamlet fuq l-Aġenzija fl-2017 u li jikkonferma rata ta' implimentazzjoni għolja ħafna, li tpoġġi lill-Aġenzija fost l-aqwa tliet regolaturi tal-avjazzjoni fid-dinja;
3. Jirrikonoxxi li l-Aġenzija qed issaħħaħ l-intelligence tas-sikurezza u l-funzjonijiet tal-prestazzjoni tas-sikurezza u li, b'mod partikolari, qed tiżviluppa l-programm Data4Safety li se jipprovi pjattaforma għall-big data u titjib fil-kapaċità ta' analiżi fil-livell Ewropew;
4. Iħeġġeġ lill-Aġenzija tkompli bil-politika tagħha dwar id-diġitalizzazzjoni;
5. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Aġenzija tikkondividi riżorsi fuq ċerti kompiti biex jiġi evitat trikkib ma' Aġenziji oħra – fosthom, b'mod partikolari, l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-lkel, il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq – fl-oqsma tal-istħarriġ, it-tagħlim elettroniku, is-servizzi tal-cloud u LinkedIn u t-taħriġ fl-għarfien dwar l-ambjent; iħeġġeġ lill-Aġenzija tibqa' tftitx attivament kooperazzjoni akbar u usa' mal-aġenziji kollha tal-Unjoni;

⁽¹⁾ ĠU C 279, 8.8.2018, p. 4.

⁽²⁾ ĠU C 279, 8.8.2018, p. 5.

6. Jinnota li, fl-2018, saret evalwazzjoni esterna tal-proċess li wassal għall-iżvilupp tad-Dokument ta' Programmazzjoni Uniku tal-Aġenzija u tal-mod kif il-partijiet ikkonċernati prinċipali tal-Aġenzija ġew ikkonsultati fit-tfassil ta' dan id-dokument; jinnota li l-Aġenzija qed theggi pjan ta' azzjoni biex tindirizza oqsma fejn jista' jsir titjib;
7. Jenfasizza r-rwol essenzjali tal-Aġenzija fli tiżgura l-ogħla livell possibbli ta' sikurezza tal-avjazzjoni u ħarsien tal-ambjent f'suq tal-avjazzjoni li qed jikber b'rata mgħagħla; jenfasizza li l-2018, bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, kienet sena kruċjali għall-Aġenzija; jirrikonoxxi li ż-żieda fir-responsabbiltajiet u fil-volum tax-xogħol tal-Aġenzija ma kinitx akkumpanjata minn żieda proporzjonata fir-riżorsi, u dan ħolqilha sfidi sinifikanti biex twettaq il-kompiti u l-oġettivi tagħha fl-2018 u wassal biex ċerti attivitajiet ġew posposti jew tnaqqsitilhom il-prijorità; itenni li l-Aġenzija għandha tingħata riżorsi finanzjarji u umani adegwati biex twettaq il-kompiti importanti f'dati lilha, u dan fid-dawl tal-fatt li fil-31 ta' Diċembru 2018 irreġistrat tnaqqis għal 767 membru tal-persunal (meta mqabbel ma' 771 fl-2017);
8. Ifakkar fil-kontribut tal-Aġenzija biex jiġu żviluppati standards intelliġenti dwar l-istorbju u l-emissjonijiet tas-CO₂ u fir-responsabbiltà tagħha għaċ-ċertifikazzjoni ambjentali ta' prodotti, parts u tagħmir ajrunawtiċi; jemmen li, b'aktar riżorsi, l-Aġenzija jista' jkollha rwol ewlieni fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri biex titjeb is-sostenibbiltà tal-avjazzjoni;
9. Jilqa' l-isforzi sinifikanti magħmulin mill-Aġenzija biex jinholq spazju Ewropew uniku għad-droni;
10. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-avjazzjoni hija bersall attraenti għall-attakki ċibernetiċi u li software difettuż jista' jkollu konsegwenzi serji; jistieden lill-Aġenzija biex, bi sħab maċ-Ċentru Ewropew għaċ-Ċibersigurtà fl-Avjazzjoni, tkompli ssaħħaħ ir-reżiljenza diġitali tal-avjazzjoni Ewropea;
11. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-inkorporazzjoni imminenti tas-sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod se toħloq ansjetà fost il-pubbliku f'dak li għandu x'jaqşam mas-sikurezza; jistieden lill-Aġenzija tagħti aktar kas tat-tħassib ġenerali dwar is-sikurezza u tat-tħassib tal-awtoritajiet dwar il-prosekuzzjoni tat-trasgressuri;
12. Jistieden lill-Aġenzija tara li l-Unjoni, malajr kemm jista' jkun u mingħajr periklu għas-sikurezza, ikollha regoli uniformi u faċilment applikabbli għall-użu kummerċjali tad-droni; jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-Aġenzija m'għandhiex biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani għal din ir-responsabbiltà l-ġdida;
13. Jinnota li l-Aġenzija kkonkludiet is-sena b'defiċit globali ta' EUR 2 000 000 (surplus ta' EUR 700 000 għal attivitajiet sussidjati u defiċit ta' EUR 2 700 000 għal attivitajiet iffinanzjati minn tariffi u imposti); jinnota li d-defiċit relatat ma' tariffi u imposti huwa mnaqqas mis-surplus akkumulat, li b'hekk jonqos minn EUR 54 900 000 għal EUR 52 200 000; josserva li fir-rigward ta' attivitajiet relatati ma' tariffi u imposti, l-introjtu żdied b'EUR 1 800 000 meta mqabbel mal-2017, iżda l-ispejjeż relatati mal-persunal żdiedu bi EUR 3 700 000, l-ispejjeż amministrattivi b'EUR 900 000 u l-ispejjeż operattivi b'EUR 2 600 000; jinnota li għall-attivitajiet relatati mas-sussidju, żieda ta' EUR 2 000 000 kienet biżżejjed biex tkopri ż-żieda ta' EUR 100 000 fl-ispejjeż amministrattivi u ta' EUR 1 400 000 fin-nefqa operattiva;
14. Ifaħħar il-miżuri li ttehdhu biex l-Aġenzija ssir aktar effiċjenti, bħat-tnedija tal-programm Lean Efficiency Agility Programme u inizjattivi oħra, li rriżultaw fi tnaqqis totali tal-volum tax-xogħol ekwivalenti għal 16-il impjegat full-time u ppermettew lill-Aġenzija tirriassena l-inkarigi u taffronta ż-żieda fix-xogħol u l-ħtiġijiet kwalitattivi riveduti tal-attivitajiet storiċi tagħha; jilqa' wkoll iż-żieda fid-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-proċessi finanzjarji, li wasslet biex 86 % tat-tranżazzjonijiet finanzjarji ġew ipproċessati elettroniċament;
15. Huwa sodisfatt li l-Aġenzija implimentat ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri biex tiżgura l-indipendenza tal-uffiċjal tal-kontabbiltà, li, issa, fuq livell funzjonali jagħti rendikont lill-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija u, fuq livell amministrattiv, jagħti rendikont lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija;

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1).

16. Jilqa' l-adozzjoni tal-linji gwida dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta min-naħa tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija u jstieden lill-Aġenzija tiżgura l-implimentazzjoni tagħhom; jinnota li, fl-2018, is-servizzi tal-awditjar intern għamlu analiżi tal-etika li kienet tkopri l-oqsma tal-kodiċi ta' kondotta, l-etika u l-frodi, u li l-abbozz ta' rapport tal-awditu kien mistenni għall-bidu tal-2019; itenni l-ħtieġa, f'dan il-kuntest, li jiġu introdotti salvagwardji kontra l-kunflitti ta' interess;

Politika dwar il-persunal

17. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2018, mit-tabella tal-persunal kien imtela perċentwal ta' 95,74 %, u li kienu nħatru 651 aġent temporanju mis-680 awtorizzati mill-baġit tal-Unjoni (apparagun tas-678 post awtorizzati fl-2017); jinnota li fl-2018, barra minn hekk, l-Aġenzija kellha 83 aġent kuntrattwali u 19-il espert nazzjonali sekondat jaħdmu magħha;
18. Jinnota bi tħassib li għall-2018 ġie rreġistrat żbilanċ bejn is-sessi f'dak li għandu x'jaqsam mal-maniġment superjuri (erba' rġiel u mara waħda) u l-Bord ta' Tmexxija (26 raġel u tliet nisa);
19. Jinnota li l-Aġenzija ssieħbet fl-inizjattiva tal-Kummissjoni "In-Nisa fit-Trasport", li għandha l-għan li ssaħħaħ l-opportunitajiet ta' impjeg għan-nisa fil-livelli kollha; jilqa' l-fatt li l-Aġenzija waqqfet task force dwar il-bilanċ bejn is-sessi biex tagħmel rakkomandazzjonijiet għall-korrezzjoni tal-iżbilanċ konsiderevoli eżistenti;
20. Iħeġġeġ lill-Aġenzija tiżviluppa qafas ta' politika fit-tul dwar ir-riżorsi umani li jindirizza l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tal-persunal tagħha, il-gwida tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-karriera, il-bilanċ bejn is-sessi, it-telexogħol, in-nondiskriminazzjoni, il-bilanċ ġeografiku kif ukoll ir-reklutaġġ u l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità;

Akkwist

21. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, l-Aġenzija impenjat il-fondi għal ftehim mal-Kummissjoni dwar servizzi tal-arkivjar madwar tmien xhur wara t-tiġdid tal-ftehim; jinnota li r-Regolament Finanzjarju jgħid li l-impenn ta' fondi għandu jiġi rreġistrat qabel ma wieħed jidħol f'obbligu legali; jieħu nota tat-tweġiba tal-Aġenzija, li kienet li l-impenn ġie ffirmat qabel ma waslet il-fattura iżda wara li kien beda s-servizz u li, għalhekk, dan l-impenn *a posteriori* kien kopert minn eċċezzjoni; jstieden lill-Aġenzija tieħu impenji baġitarji qabel ma tidħol f'impenji legali;
22. Jinnota bi tħassib li, skont ir-rapport tal-Qorti, għall-akkwist ta' servizzi tal-analitika tad-data b'volum massimu ta' EUR 5 000 000, l-Aġenzija għażlet li tuża kuntratt qafas ma' operatur wieħed li jirriżulta minn proċedura miftuħa ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea; jinnota, madankollu, li t-termini li ntużaw fil-kuntratt qafas ma kinux speċifiċi biżżejjed biex jippermettu kompetizzjoni ġusta, għax ir-rekwiżiti kienu għadhom mhux magħrufa meta saret il-proċedura tal-akkwist; ifakkar li f'ċirkustanzi bħal dawn, skont ir-Regolament Finanzjarju, l-awtorità kontraenti trid tiffirma kuntratt qafas ma' aktar minn operatur wieħed u, għal akkwisti speċifiċi, trid tintuża proċedura kompetittiva bejn il-kuntratturi magħżula; jieħu nota tat-tweġiba tal-Aġenzija, li fiha qalet li kienet għażlet kuntratt qafas ma' operatur wieħed – minflok ma' aktar minn wieħed – għax kuntratt bħal dan tal-aħħar kien jirriżulta f'bidla fil-kuntrattur tul il-perjodu kopert mill-kuntratt qafas u kien ikollu konsegwenzi serji f'termini ta' koerenza u tlestija fil-ħin; jstieden lill-Aġenzija tfassal kuntratti qafas li jippermettu kompetizzjoni ġusta u jiżguraw valur għall-flus;
23. Josserva li, skont ir-rapport tal-Qorti, fi proċedura ta' akkwist oħra għall-attività prinċipali tal-Aġenzija, jiġifieri l-esternalizzazzjoni ta' kompiti ta' ċertifikazzjoni, il-kuntratti ġew aġġudikati abbażi tal-kwalità tas-servizzi biss, mingħajr ma tqies il-prezz; jinnota, barra minn hekk, li l-Aġenzija ffirmat kuntratt ma' operatur partikolari qabel ma rċeviet prova li l-kuntrattur ma kienx f'sitwazzjoni ta' esklużjoni; jinnota li, skont it-tweġiba tal-Aġenzija, din l-attività speċifika mhix riflessa fir-Regolament Finanzjarju; jinnota, barra minn hekk, li ma kien hemm l-ebda riskju li l-Aġenzija kienet se titlob servizzi mingħand fornitur ineliġibbli peress li qabel kwalunkwe akkreditament ta' kompiti titressaq evidenza li tirrigwarda l-kriterji ta' esklużjoni; jstieden lill-Aġenzija tiżgura li l-kuntratti jiġu ffirmati biss wara li jkun gwew ivverifikati l-kriterji ta' esklużjoni;

24. Jinnota li, fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet tal-awtorità tal-kwittanza b'rabta mal-użu ta' xi wħud mill-għodod varati mill-Kummissjoni bil-għan li tiġi introdotta soluzzjoni waħda għall-iskambju elettroniku ta' informazzjoni ma' partijiet terzi li jipparteċipaw fi proċeduri ta' akkwist (akkwist elettroniku), f'Janar 2018 l-Aġenzija bdiet tagħti l-possibbiltà lill-fornituri kollha jippreżentaw il-fatturi elettronikament; jilqa' l-fatt, barra minn hekk, li fi tmiem l-2018 aktar minn 80 % tal-fatturi kienu qed jintbagħtuha elettronikament; jinnota, madankollu, li l-ipproċessar tal-fatturi mibgħuta elettronikament u l-kodifikazzjoni tad-data tal-fatturi ssir manwalment billi din hi meqjusa l-aktar soluzzjoni raġonevoli;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

25. Jinnota – fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet tal-awtorità tal-kwittanza b'rabta mar-rieżami tal-politika tagħha dwar "l-imparzjalità u l-indipendenza: il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-kunflitti ta' interess" u l-estensjoni tat-tlestija, ir-rieżami u l-aġġornament tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi għall-membri kollha tal-persunal – li l-Aġenzija, fl-aħħar ta' Mejju 2019, irċeviet ir-rapport tal-awditu finali tas-servizz tal-awditjar intern dwar l-etika, il-prevenzjoni tal-frodi u l-kunflitti ta' interess b'konklużjoni ġenerali pożittiva dwar is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll; jinnota, barra minn hekk, li l-Aġenzija fasslet pjan ta' azzjoni fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet tas-servizz tal-awditjar intern u li l-Aġenzija kienet qed tippjana li sal-aħħar ta' Marzu 2020 tkun għamlet rieżami tal-qafas eżistenti dwar il-kodiċi ta' kondotta għall-membri tal-persunal u l-bord tal-appell tal-Aġenzija, kif ukoll rieżami tal-proċess tad-dikjarazzjoni pubblika tal-interessi għall-membri tal-Bord ta' Tmexxija;
26. Jinnota li 62 % tad-dħul tal-Aġenzija jikkonsisti f'tariffi; jieħu nota tal-fehma tal-Aġenzija li l-fatt li l-applikanti jħallu t-tariffi mhux bilfors jimplika kunflitt ta' interess;

Kontrolli interni

27. Jinnota li, fl-2018, is-servizz tal-awditjar intern eżamina u kkonferma l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet kollha li kienu għadhom pendenti fl-oqsma tal-kontinwità operattiva, il-ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni u l-pjan Ewropew għas-sikurezza tal-avjazzjoni;
28. Josserva li, fl-2018, is-servizz tal-awditjar intern tal-Kummissjoni ħareġ rapport ta' awditu dwar il-valutazzjoni strateġika tar-riskju – inkluża l-IT – fl-EASA; jinnota wkoll li l-Aġenzija ħejjiet pjan ta' azzjoni biex tindirizza oqsma fejn jista' jsir titjib;
29. Jinnota li, fl-2018, il-kapaċità tal-awditjar intern żvolġiet erba' inkarigi ta' aċċertament biex tivvaluta jekk ir-regolamenti rilevanti ġewx rispettati, jekk l-oġġettivi tal-proċess intlaħqux, u jekk ir-riskji ewlenin ġewx mitigati kif xieraq; jinnota li dan il-livell ta' aċċertament sar għal kull wieħed mill-eżerċizzji u ngħataw rakkomandazzjonijiet għat-tisħiħ tal-ambjent tal-kontroll jew l-effiċjenza ġenerali tal-proċessi; jirrikonoxxi, barra minn hekk, li fl-erba' proċessi ta' segwitu tal-awditi mwettqa fl-2018, ir-riskji residwi tnaqqsu b'mod konsiderevoli u niżlu għal livell aċċettabbli, u li l-azzjonijiet miftuħa kollha implimentati fil-qafas tal-azzjoni finali kellhom jingħalqu sat-tielet trimestru tal-2019;
30. Jistieden lill-Aġenzija tiffoka fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tagħha fost il-pubbliku u tikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u ta' mezzi ta' komunikazzjoni oħra;
31. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċizzjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 ⁽⁴⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1876 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Uffiċċju fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0063/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0077/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1877 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Uffiċċju fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0063/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0077/2020),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1878 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-14 ta' Mejju 2020

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO) għas-sena finanzjarja 2018

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0077/2020),
- A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tiegħu ⁽¹⁾, il-baġit finali tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (l-"Uffiċċju") għas-sena finanzjarja 2018 kien ta' EUR 97 665 322, li jirrappreżenta żieda ta' 12,52 % meta mqabbel mal-2017; billi ż-żieda kienet relatata mat-tisħiħ tal-attivitajiet operattivi; billi l-baġit tal-Uffiċċju huwa prinċipalment derivat mill-baġit tal-Unjoni ⁽²⁾;

- B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għas-sena finanzjarja 2018 (ir-"rapport tal-Qorti"), tiddikjara li hija kisbet aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Uffiċċju huma affidabbli u li kisbet evidenza suffiċjenti għall-awditjar dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet; billi, madankollu, il-Qorti ħarġet bażi għal opinjoni kwalifikata b'relazżjoni mas-sejbiet tal-Qorti rrappurtati għas-snin finanzjarji 2016 u 2017 dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti; billi, ħlief għall-effetti tas-snin finanzjarji 2016 u 2017, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;

Segwitu għar-rapport ta' kwittanza tal-2017

1. Jinnota d-deċiżjoni tas-6 ta' Ġunju 2018 tal-bord ta' tmexxija tal-Uffiċċju li jeżonera lid-direttur eżekuttiv preċedenti mid-dmirijiet tiegħu b'effett immedjat; jinnota n-nomina ta' direttur eżekuttiv *ad interim* fis-6 ta' Ġunju 2018 u l-ħatra ta' direttriċi eżekuttiva ġdida fis-16 ta' Ġunju 2019; jilqa' r-rapport ta' segwitu min-naħa tal-Uffiċċju dwar l-osservazzjonijiet tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2017, b'mod partikolari l-miżuri korrettivi meħuda mill-bord ta' tmexxija tal-Uffiċċju, id-direttur eżekuttiv *ad interim* u d-direttriċi eżekuttiva l-ġdida sabiex isir titjib fl-istruttura ta' governanza u l-effiċjenza tal-Uffiċċju, tinġieb lura t-trasparenza u tissaħħaħ il-fiduċja; jappoġġja u japprezza l-miżuri definiti fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Governanza tal-EASO għall-2019; jinnota l-messaġġ pożittiv u l-intenzjoni favur kooperazzjoni mill-qrib fil-futur li esprimiet id-direttriċi eżekuttiva l-ġdida fis-seduta ta' smiġh pubbliku tal-4 ta' Settembru 2019 u s-seduta ta' smiġh tal-Aġenziji fi ħdan il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament tal-4 ta' Diċembru 2019;

L-eżitu tal-investigazzjoni tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)

2. Jiddeplora l-irregolaritajiet li sab l-OLAF b'rabta ma' ksur tal-proċeduri ta' akkwist, approprjazzjoni indebita ta' fondi tal-Unjoni, amministrazzjoni ħażina, abbuż tal-pożizzjoni fi kwistjonijiet relatati mar-riżorsi umani, ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, fastidju u mġiba mhux xierqa fil-konfront tal-persunal fl-2017; itenni l-appell tiegħu lill-Uffiċċju biex jinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar is-segwitu tal-miżuri proposti mill-OLAF; jifhem it-talba tal-Uffiċċju li jirrapporta f'aktar dettall fil-kuntest opportun minħabba kwistjonijiet ta' kunfidenzjalità u ta' protezzjoni tad-data;
3. Jinnota d-deċiżjoni tas-6 ta' Ġunju 2018 tal-bord ta' tmexxija tal-Uffiċċju li jeżonera lid-direttur eżekuttiv mid-dmirijiet tiegħu b'effett immedjat; jenfasizza, madankollu, li l-baġit għas-sena finanzjarja 2017 ġie implimentat taħt is-superviżjoni tal-maniġment preċedenti tal-Uffiċċju; jenfasizza li r-rapport jirrigwarda l-proċedura ta' kwittanza għas-sena finanzjarja 2017; jirrikonoxxi l-impenn tad-direttriċi eżekuttiva l-ġdida li twettaq riformi sinifikanti li jiżguraw governanza solida;

⁽¹⁾ ĠU C 306, 30.8.2018, p. 4.

⁽²⁾ ĠU C 306, 30.8.2018, p. 6.

Bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena finanzjarja 2017

- Jinnota, fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet mill-awtorità ta' kwittanza relatati mad-dipendenza qawwiya tal-Uffiċċju fuq riżorsi suffiċjenti, prinċipalment fuq l-esperti li jiġu magħmula disponibbli mill-Istati Membri, li l-każijiet ta' nuqqas ta' esperti jiġu rrappurtati lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni f'livelli differenti; jinnota, barra minn hekk, li, sabiex jikkumpensa għan-nuqqasijiet marbuta man-nomini u mas-sekondar tal-Istati Membri, l-Uffiċċju żied l-istazzjonament ta' persunal temporanju reklutat lokalment u li, fl-2018, 26 % biss tal-istazzjonamenti tal-ħtiġijiet operattivi ġew koperti minn esperti tal-Istati Membri; jinnota l-fatt li l-Uffiċċju ma jkunx f'pożizzjoni li jipprovi lill-Istati Membri b'appoġġ kritiku għas-sistemi tal-asil tagħhom mingħajr l-użu ta' aġenti temporanji; jirrikonoxxi l-proposta tal-Uffiċċju li tissuġġerixxi Riżerva ta' Intervent għall-Asil ta' 500 espert mill-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jivvalutaw u jindirizzaw din il-proposta b'mod urġenti;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

- Jiddispijaci li l-baġits annwali limitati u l-assenza parzjali ta' fondi ta' kontinġenza fil-baġit tal-Uffiċċju biex ikopru l-finanzjament ta' ħtiġijiet operattivi urġenti mhux previsti joħlqu inċertezzi baġitarji u jxekklu l-ippjanar f'każ ta' emerġenza; jinnota li l-Uffiċċju jinsab fi djalogo kostanti mal-Kummissjoni u mal-awtoritajiet baġitarji fir-rigward tal-ippjanar operattiv u l-allokazzjoni tar-riżorsi tiegħu; jirrikonoxxi li l-Uffiċċju jagħmel użu parzjali mill-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi assoċjati bħala kontinġenza għan-nefqa operattiva, b'mod partikolari sabiex jittratta t-talbiet mhux ippjanati għal appoġġ mill-Istati Membri; jistieden lill-Uffiċċju jkompli jindirizza r-restrizzjonijiet baġitarji b'konsultazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u mal-awtoritajiet baġitarji;
- Jenfasisza l-fatt li t-tnaqqis propost fil-baġit jista' jxekkel l-kapaċità tal-Uffiċċju li jkompli jaqdi l-funzjonijiet tiegħu b'mod xieraq biex jagħti l-appoġġ meħtieġ lill-Istati Membri, kif fdat lilu bis-saħħa tal-mandat tiegħu; ifakkar fil-fatt li t-tisħiħ tal-mandat tal-Uffiċċju u ż-żieda fil-volum ta' xogħol għandhom ikunu akkumpanjati minn allokazzjonijiet baġitarji adegwati;
- Jilqa' l-istrateġija ta' kooperazzjoni mġedda tal-bord ta' tmexxija konġunt EASO-Frontex; jinnota, barra minn hekk, b'apprezzament li l-Uffiċċju jiżvolġi rwol attiv fin-Netwerk tal-Aġenziji fis-simplifikazzjoni ta' azzjonijiet komuni bħas-sejħa għar-reklutaġġ ta' esperti fl-assistenza psikoloġika kunfidenzjali, parteċipazzjoni fi proċeduri ta' akkwist konġunti għall-kuntratti qafas u programmi ta' mobilità tal-persunal; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Uffiċċju jfittex b'mod attiv aktar kooperazzjoni u kooperazzjoni aktar mifruxa mal-aġenziji kollha tal-Unjoni; jindika r-rakkomandazzjoni fir-Rapport Speċjali tal-Qorti dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni biex jiġu żgurati komplementarjetà u koordinament aħjar bejn il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u l-Uffiċċju; iħeġġeġ lill-Uffiċċju jaħdem fuq il-kunċett tal-kondiviżjoni tar-riżorsi mal-aġenziji l-oħra li l-attivitajiet tagħhom huma simili f'dak li għandu x'jaqsam mal-kompiti li jikkoinċidu;

Prestazzjoni

- Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2018, 68,22 % tat-tabella tal-persunal ġiet eżegwita, b'146 aġent temporanju maħtur minn total ta' 214 -il aġent temporanju awtorizzat fil-qafas tal-baġit tal-Unjoni (meta mqabbla ma' 155 post awtorizzat fl-2017); jinnota li, barra minn hekk, 61 aġent kuntrattwali u 3 esperti nazzjonali sekondati kienu jaħdmu għall-Uffiċċju fl-2018; jinnota b'sodisfazzjon li l-pjan ta' reklutaġġ tal-Uffiċċju jipprevedi 500 membru tal-persunal sal-2020;
- Jinnota n-nuqqas ta' manijers fid-dipartiment tal-amministrazzjoni, peress li erbgħa minn ħames postijiet manijerjali kienu jew vakanti jew kellhom lill-persuni li okkupawhom sospiżi minn dmirijiethom, iżda jirrikonoxxi r-risposta mogħtija mill-Uffiċċju li l-avviż ta' post vakanti ta' kap tal-Unità tar-riżorsi umani u tas-sigurtà se jiġi ppubblikat fl-ewwel trimestru tal-2020; jinnota wkoll li, minħabba l-fatt li l-Uffiċċju kien affettwat minn riorganizzazzjoni, ir-reklutaġġ tal-kap tal-Unità tal-finanzi u tal-akkwist għadu għaddej u l-kap tal-Unità tal-ICT imtela fl-2019; jistieden lill-Uffiċċju jagħmel sforzi addizzjonali biex jimla l-postijiet vakanti, b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni u l-Istati Membri u jżomm l-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar il-miżuri korrettivi meħuda biex dak ir-riskju jittaffa;
- Jiddispijaci jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, sa minn tmiem l-2017, is-sitwazzjoni tar-riżorsi umani fl-Uffiċċju marret lura b'mod esponenzjali; jinnota li, sa tmiem l-2018, l-Uffiċċju kellu 216-il membru tal-persunal, intbagħtu 89 ittra ta' offerta u ġew iffirmati 60 kuntratt; josserva, madankollu, li kien għad hemm 78 post vakanti li kellhom jimtlew sa tmiem l-2018; jesprimi tħassib serju ħafna dwar il-fatt li din is-sitwazzjoni ġġib magħha riskju sinifikanti għall-kontinwazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Uffiċċju fil-livell attwali; jinnota l-impenn espress mit-tmexxija eżekuttiva għat-twettiq trasparenti u effiċjenti tal-pjan ta' reklutaġġ tal-Uffiċċju;

11. Jinnota bi tħassib li fl-2018 il-maniġment superjuri kien magħmul minn irġiel biss (disa' membri), iżda l-bilanċ negattiv bejn is-sessi nbidel bil-ħatra, fl-2019, ta' mara b'ħala direttur eżekuttiv; jinnota b'sodisfazzjon li nkiseb bilanċ tajjeb bejn is-sessi fir-rigward tal-bord ta' tmexxija (16-il raġel u 15-il mara);
12. Jinnota l-preżentazzjoni ta' organigramma ġdida mid-direttriċi eżekuttiva lill-bord ta' tmexxija, fis-26 ta' Novembru 2019; iqis li riorganizzazzjoni tal-persunal għandha tikkontribwixxi għal kontroll intern, aċċertament tal-kwalità u ġestjoni tar-riskju msaħħa, u għal konformità ma' azzjonijiet rikjesti mill-Qorti u mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni.

Politika tal-persunal

13. Jinnota bi tħassib li, fil-31 ta' Diċembru 2018, it-tabella tal-persunal imtliet fil-livell ta' 68,22 % biss, u li kienu nħatru 146 aġent temporanju minn 214-il aġent temporanju awtorizzat fil-qafas tal-baġit tal-Unjoni (meta mqabbla ma' 155 post awtorizzat fl-2017); jinnota li, barra minn hekk, 61 aġent kuntrattwali u 3 esperti nazżjonali sekondati kienu jaħdmu għall-Uffiċċju fl-2018;
14. Jinnota b'sodisfazzjon li, fir-rigward tal-arranġamenti tal-alloġġi dwar l-akkomodazzjoni ta' timijiet ta' appoġġ fil-qasam tal-asil u forzi oħra tal-Uffiċċju fl-Istati Membri (eż. fir-rigward tal-privileġġi u l-immunitajiet għall-persunal tal-Uffiċċju stess, l-esperti tal-Istati Membri u l-esperti kkuntrattati), l-Uffiċċju ffirmat arranġament ta' akkoljenza ma' Ċipru fl-Lulju 2019, kellu jiffirma ftehim ta' akkoljenza mal-Greċja f'Jannar 2020, u jinsab fil-proċess li jikkonkludi ftehim ġdid mal-Italja biex jirrispetta bis-sħiħ ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ u f'konformità ma' arranġamenti oħra ta' akkoljenza tal-Uffiċċju; jistieden lill-Uffiċċju biex, flimkien mal-Kummissjoni, ikompli jfittex arranġamenti effettivi mal-Istati Membri rigward l-akkomodazzjoni ta' timijiet ta' appoġġ fil-qasam tal-asil u ta' forzi oħra tal-Uffiċċju;
15. Jinnota r-risposti tal-Uffiċċju għall-osservazzjonijiet tal-Qorti u l-isforzi tiegħu biex jindirizzahom taħt id-direttriċi eżekuttiva l-ġdida, fost l-oħrajn billi jagħti prijorità lill-konklużjoni ta' arranġamenti ta' akkoljenza mal-Italja, mal-Greċja u ma' Ċipru rigward l-akkomodazzjoni ta' timijiet ta' appoġġ fil-qasam tal-asil u forzi oħra tal-Uffiċċju fl-Istati Membri, billi jżid it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ u billi jsaħħaħ il-servizz legali matul l-2019;
16. Jinnota li l-Qorti identifikat tendenza orizzontali fost l-aġenziji fir-rigward tal-użu ta' persunal estern impjegat fi rwoli ta' konsulenza tal-IT; jitlob li titnaqqas kemm jista' jkun id-dipendenza mir-reklutaġġ estern f'qasam importanti u sensittiv bħal dan, biex jiġi limitat kwalunkwe riskju potenzjali;
17. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, fl-2018 l-Uffiċċju kien nieda proċedura ta' akkwist pubbliku miftuħa biex jistabbilixxi kuntratti qafas għall-forniment ta' servizzi ta' ħaddiema temporanji fl-Italja; jinnota li l-Uffiċċju waqqaf il-proċedura għaliex ġiet riċevuta offerta waħda biss, u l-Uffiċċju kkunsidra l-offerta inaċċettabbli, peress li l-offerta finanzjarja qabżet il-baġit massimu stmat; josserva li l-Qorti sabet li l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta kien fihom żball sinifikanti li kien jammonta għal EUR 25 000 000; jinnota, madankollu, li l-Uffiċċju aċċetta dawn is-sejbiet u adotta u implimenta azzjonijiet korrettivi li jinkludu: it-terminazzjoni tal-kuntratt qafas għas-servizzi ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija fl-Italja; it-tnedija ta' proċedura ta' akkwist ġdida għas-servizzi ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija fl-Italja; it-tnedija ta' sejħa addizzjonali għall-esperti tal-Istati Membri u, fejn possibbli, l-użu ta' arranġamenti alternattivi għall-istazzjonament ta' esperti biex ikopru l-perjodu sad-dħul fis-seħħ ta' kuntratt qafas ġdid; it-tnaqqis temporanju sinifikanti fin-numru ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija tal-Uffiċċju stazzjonati l-Italja u, flimkien mal-awtoritajiet Taljani, iż-żamma tal-livell ta' kontinwità tal-attività għal miżuri essenzjali ta' appoġġ; jinnota wkoll li l-proċedura ta' akkwist ġdida ġiet konklużiva u li l-kuntratt qafas il-ġdid ingħata f'Diċembru 2019 sabiex il-kontinwità tal-attività tiġi żgurata matul il-proċedura kollha; jistieden lill-Uffiċċju japplika r-regoli tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni b'mod rigoruż;

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11).

18. Jinnota li l-Uffiċċju juża kuntratti ta' servizz ma' kumpaniji tal-IT li ġew ifformulati b'mod li jista' jimplika l-assenjazzjoni ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija, minflok servizzi jew prodotti tal-IT iddefiniti b'mod ċar; ifakkar li l-forniment ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija biex iwettqu kompiti preċiżi għal tul ta' żmien speċifiku huwa soġġett għad-Direttiva 2018/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u għal regoli speċifiċi adottati mill-Istati Membri; jinnota li l-użu ta' kuntratti ta' servizzi tal-IT għall-forniment ta' ħaddiema la huwa konformi mar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni u lanqas mar-regoli soċjali tal-Unjoni u ma' dawk dwar l-impjiegi; jinnota b'sodisfazzjon li l-Uffiċċju rreveda l-mudell tiegħu għall-kuntratti tat-tip "times and means" sabiex jinkludi f'kull kuntratt lista ta' riżultati tanġibbli li għandhom jitwettqu skont il-kuntratt; jistieden lill-Uffiċċju jkompli jkun diliġenti u jiżgura li l-mod li bih jiġu fformulati l-kuntratti jipprekludi kwalunkwe konfużjoni bejn l-akkwist ta' servizzi tal-IT u ta' ħaddiema interim;

Akkwist

19. Jirrikonoxxi mill-Uffiċċju li, fl-2018, beda jimplementa d-deċiżjoni tal-Kummissjoni rigward l-iżvelar ta' informazzjoni protetta u żviluppa gwida Prattika għall-ġestjoni u l-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess, b'alendarju ta' adozzjoni mill-bord ta' tmexxija sat-tielet trimestru tal-2019, kif ukoll regoli għall-protezzjoni tal-informaturi; jinnota b'apprezzament li l-Uffiċċju organizza sensiela ta' sessjonijiet ta' taħriġ iddedikati għall-persunal dwar l-etika, b'enfasi speċifika fuq il-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess u b'module speċjali mfassal apposta għall-manigġers; jinnota b'sodisfazzjon li r-regoli rilevanti dwar il-kunflitti ta' interess ġew trasposti wkoll fil-proċeduri u l-politiki operattivi standard rilevanti; jistieden lill-Uffiċċju jkompli jagħti attenzjoni partikolari lill-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess u l-implimentazzjoni xierqa tar-regoli u l-proċeduri dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta;
20. Jinnota bi tħassib li, għalkemm l-Uffiċċju jippubblika d-dikjarazzjonijiet ta' interess u s-CVs tal-membri tal-bord ta' tmexxija tiegħu fuq is-sit web tiegħu, għadu ma jippubblikax id-dikjarazzjonijiet ta' interess tal-manigġment superjuri u jistieden lill-Uffiċċju biex immedjatament jieħ u azzjoni f'dan ir-rigward;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u tat-trasparenza

21. Huwa konxju tal-fatt li, fi tmiem l-2018, l-Uffiċċju ma kellux kapacià tal-awditjar intern, u li, minn Jannar 2018, ma nħareġ ebda rapport komprensiv ta' awditjar tas-Servizz tal-awditjar intern; jinnota, barra minn hekk, li l-ħolqien ta' kontrolli *ex post* għall-verifika tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet kien għadu fil-fażi inizjali tiegħu; jilqa' r-risposta tal-Uffiċċju fis-sens li huwa qabel mal-miżuri korrettivi dwar is-sistemi ta' kontroll intern u ddokumentahom, inkluż il-ħolqien ta' kapacià ta' awditjar sar-raba' trimestru tal-2019 u kapacià ta' kontroll intern *ex post* sat-tielet trimestru tal-2019; jinnota b'soddisfazzjon li l-Uffiċċju qed jibni l-kapacià ta' kontroll *ex post* tiegħu bl-ewwel uffiċjal ta' kontroll *ex post* irrekutat fir-raba' trimestru tal-2019, filwaqt li se jiġu rekrutati uffiċjali addizzjonali matul l-ewwel nofs tal-2020; jirrikonoxxi li l-Uffiċċju jinsab fil-proċess li jibni kapacià ta' awditjar intern u bħalissa jinsab f'taħditiet ma' aġenzija oħra tal-Unjoni li għandha esperjenza estensiva fil-qasam sabiex jidentifika l-aħjar mudell għall-Uffiċċju; jistieden lill-Uffiċċju jinforma lill-awtorità tal-kwintanza bil-miżuri meħuda f'dan ir-rigward;

Kontrolli interni

22. Jilqa' l-fatt li l-Uffiċċju, skont ir-rapport annwali tal-Qorti dwar l-aġenziji tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2018, ħa passi konkreti u pożittivi mmirati lejn it-titjib tal-governanza organizzattiva; jinnota li, mill-61 miżura fil-pjan ta' azzjoni, 48 ġew ikkompletati, filwaqt li 13 kienu fi stat pendenti fil-mument tal-awditu tal-Qorti;
23. Jilqa' l-adozzjoni, f'Settembru 2019, tal-politika l-ġdida tal-Uffiċċju dwar il-postijiet sensitivi, li tipprovdi l-linji gwida u l-kriterji għat-tim ta' ġestjoni biex jiġu implimentati l-valutazzjonijiet tar-riskju, jiġu identifikati u ddokumentati l-funzjonijiet sensitivi fl-Uffiċċju flimkien mal-kontrolli ta' mitigazzjoni miftiehma u, barra minn hekk, biex tiġi vvalutata l-funzjoni sensitiva u jiġu ddokumentati l-kontrolli ta' mitigazzjoni sal-ewwel trimestru tal-2020;
24. Ifakkar fil-fatt li, fi tmiem l-2017, ma kien hemm ebda servizz legali intern fl-Uffiċċju u li diversi ditti legali kienu ġew ingaġġati taħt il-kontroll tad-direttur eżekuttiv preċedenti; josserva, madankollu, li fl-2018, l-Uffiċċju ħoloq lista tal-kuntratti kollha li ntużaw għal konsulenza legali, u li, fl-2019, konsulenta legali ġdida ta' livell għoli bdiet il-funzjonijiet tagħha fl-Uffiċċju, u l-kuntratt qafas ġdid għal konsulenza legali biex jieħ post il-kuntratti preċedenti ġie ffirmat, filwaqt li fl-2020 bosta konsulenti legali oħra se jiġu rrekutati; jinnota, madankollu, li kien għad m'hemm stabbilit rieżami intern sistematiku tad-dokumenti ġuridiċi, filwaqt li bosta inkonsistenzi ġew innotati fl-aspetti ġuridiċi tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku fl-2018; jistieden lill-Uffiċċju jiżgura servizz legali b'saħħtu u ġestjoni effettiva tal-proċeduri ġuridiċi; jinnota b'sodisfazzjon l-oġettiv tal-Uffiċċju li jibni l-qafas ta' governanza u ta' kontroll intern bil-ħolqien ta', fost l-oħrajn, settur ġuridiku u tal-protezzjoni tad-data u settur tal-kontroll intern u l-ġestjoni

(*) Id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9).

tar-riskju biex jiżgura li fil-futur isir rieżami sistematiku tad-dokumenti ġuridiċi, inkluż għall-akkwist; jilqa' wkoll l-inizjattiva tal-Uffiċċju li jstabbilixxi kapaċità ta' awditjar intern fi ħdan l-Uffiċċju filwaqt li jorganizza kapaċità ta' awditjar konġunt mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Immaniġġjar Operattiv tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja;

25. Jiddispijaci li għad m'hemmx politika dwar postijiet sensitivi fl-Uffiċċju, fatt li mhux konformi mal-istandards ta' kontroll intern tal-Uffiċċju fejn il-funzjonijiet sensitivi għandhom jiġu definiti b'mod ċar, jiġu rreġistrati u jinżammu aġġornati; jinnota r-risposta tal-Uffiċċju li kienet qed tiġi finalizzata politika ta' postijiet sensitivi u li kienet misten-nija li tiġi approvata sat-tielet trimestru tal-2019 u li tiġi implimentata sar-raba' trimestru tal-2019; jistieden lill-Uffiċċju jinforma lill-awtorità tal-kwittanza dwar l-iżviluppi dwar din il-kwistjoni;
26. Japprezza l-progress li sar fl-implimentazzjoni tas-sistemi ta' kontroll intern, inklużi l-kontrolli fuq l-operazzjonijiet relatati mal-akkwist u mal-infiq; jappoġġja d-deċiżjoni li l-esternalizzazzjoni tal-konsulenza legali tonqos u tispiċċa malajr, kif ukoll l-istabbiliment ta' servizz legali intern; jappoġġja l-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar il-bżonn tal-introduzzjoni ta' aktar azzjonijiet korrettivi;
27. Jinnota, wara kummenti u osservazzjonijiet mill-awtorità tal-kwittanza relatati mal-fatt li l-Uffiċċju huwa wieħed mill-ftit aġenziji tal-Unjoni b'diversi sedi, li l-Uffiċċju daħal f'kuntratti ta' kera f'diversi postijiet mingħajr ma wettaq analiżi adegwata tas-suq lokali; u jinnota li, fir-rigward tal-uffiċċju f'Ruma, dalwaqt se toħroġ offerta ġdida, preċeduta minn analiżi xierqa tas-suq għall-kiri ta' uffiċċju, sabiex is-sitwazzjoni attwali tiġi regolarizzata; josserva, barra minn hekk, fil-każ tal-uffiċċju f'Ateni, li l-kuntratt attwali ta' kiri ntemm f'Janar 2020 u li bħalissa qed titħejja proċedura ta' akkwist ġdida li tinkludi analiżi xierqa tas-suq; jinnota, barra minn hekk, li l-faċilità tal-ipproċessar f'Pagani (Lesvos) mexxiet il-postijiet tax-xogħol operattivi fi ħdan il-hotspots barra miċ-ċentri; jinnota li, fir-rigward tal-uffiċċju ta' Ċipru, f'nofs l-2018 ġie ffirmat kuntratt ġdid mas-sid tal-bini wara sejħa għall-offerti mmirata biex tirregolarizza l-ftehim inizjali, u tinkludi l-possibbiltà ta' espansjoni jekk ikun hemm aktar ħtiġijiet; jilqa' l-proċeduri operattivi standard ta' akkwist ġodda adottati fil-15 ta' Frar 2019 li jipprovdu gwida dwar aspetti sensitivi tal-proċedura ta' akkwist u ta' ġestjoni tal-kuntratti, inklużi dispożizzjonijiet dettaljati dwar eżerċizzji ta' stħarriġ tas-suq; jinnota l-isforz tal-Uffiċċju biex jallinja l-proċeduri ta' akkwist tiegħu mal-"metodoloġija li għandha tiġi segwita mis-servizzi tal-Kummissjoni għall-ipprospettar u n-negozjar għall-bini" u biex jippubblika avviżi dwar prospettivi tas-suq għall-kuntratti tal-bini previsti kollha sabiex jiżdedu t-trasparenza u l-kompetizzjoni;
28. Jinnota bi tħassib li n-nuqqas ta' responsabbiltajiet u rwoli ċari rigward il-ġestjoni ta' bini mikri u servizzi u x-xogħlijiet relatati jista' jxekkel mitiġazzjoni effiċjenti tar-riskji relatati mal-binijiet; jistieden lill-Uffiċċju jstabbilixxi politika effettiva għall-ġestjoni ta' bini mikri u servizzi relatati;

Kummenti oħra

29. Jilqa' li fatt li, fid-dawl tal-kummenti mill-awtorità tal-kwittanza relatati mal-ħatra tad-direttur eżekuttiv *ad interim* il-ġdid, li assumo l-kariga fis-6 ta' Ġunju 2018, it-trasparenza nġhatat prijorità assoluta ma' din il-bidla fil-maniġment bħala l-prinċipju fundamentali tal-pjan ta' azzjoni tal-governanza taħt it-tmexxija tad-direttriċi eżekuttiva l-ġdida tagħha li hija impenjata li tkompli b'dan l-approċċ fil-futur;
30. Jistieden lill-Uffiċċju jiffoka fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tiegħu lill-pubbliku u biex jikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja;
31. Jinnota, fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet mill-awtorità tal-kwittanza relatati mal-fatt li l-Uffiċċju kabbar l-ispazju għall-uffiċċji tiegħu f'Malta bi blokk addizzjonali tal-bini fejn tinsab is-sede tiegħu, li l-Uffiċċju ffinalizza ftehim ta' kiri f'Ottubru 2018, li l-kostijiet tiegħu huma kompletament koperti mill-baġit tal-Uffiċċju, bil-għan li jikkupa l-kumpless sħiħ;
32. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura trasversali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 ⁽⁵⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽⁵⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1879 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima I — Il-Parlament Ewropew**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 (COM(2019)0316 – C9-0051/2019) ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima I – Il-Parlament Ewropew ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Awditur Intern għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁵⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10) u l-Artikolu 318 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 164, 165 u 166 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 260, 261 u 262 tiegħu,
- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Bureau tal-10 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regoli interni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Parlament Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 34 tagħha,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100, l-Artikolu 104(3) u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0021/2020),

⁽¹⁾ ĠU L 57, 28.2.2018, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 327, 30.9.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 9.⁽⁶⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁷⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

- A. billi l-President adotta l-kontijiet tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2018 fis-27 ta' Ġunju 2019;
- B. billi fil-25 ta' Ġunju 2019 is-Segretarju Ġenerali, bħala l-uffiċjal prinċipali awtorizzanti b'delega, iċċertifika b'aċċertament raġonevoli li r-riżorsi assenjati lill-baġit tal-Parlament intużaw għall-iskopijiet previsti, konformement mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba, u li l-proċeduri ta' kontroll stabbiliti joffru l-garanziji neċessarji ta' legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi;
- C. billi skont l-awditjar tal-Qorti tal-Awdituri ġie affermat li, fil-valutazzjoni speċifika tal-amministrazzjoni u ta' nefqa oħra fl-2018, ma ġiet identifikata l-ebda dgħufija serja fir-rapporti annwali tal-attività eżaminati tal-istituzzjonijiet u tal-korpi li jirrikjedi r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046;
- D. billi l-Artikolu 262(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 jirrikjedi li kull istituzzjoni tal-Unjoni tiegħu l-passi kollha xierqa sabiex tiegħu azzjoni fuq il-kummenti li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tal-kwittanza tal-Parlament;
1. Jagħti l-kwittanza lill-President tiegħu għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1880 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-14 ta' Mejju 2020

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima I — Il-Parlament Ewropew

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima I — Il-Parlament Ewropew,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100, l-Artikolu 104(3) u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0021/2020),
- A. billi fiċ-ċertifikazzjoni tiegħu tal-kontijiet finali, l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Parlament Ewropew ("tal-Parlament") iddikjara l-aċċertament raġonevoli tiegħu li l-kontijiet, fl-aspetti materjali kollha, jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja, ir-riżultati tal-operazzjonijiet u l-fluss tal-flus tal-Parlament;
- B. billi, skont il-proċedura tas-soltu, intbagħtu 126 mistoqsija lill-amministrazzjoni tal-Parlament u r-risposti bil-miktub waslu għand il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament u ġew diskussi pubblikament minnu fil-preżenza tal-Viċi President responsabbli għall-baġit, tas-Segretarju Ġenerali u tal-Awditur Intern;
- C. billi dejjem hemm lok għal titjib f'termini ta' kwalità, effiċjenza u effikaċja fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, u hemm bżonn ta' skrutinju biex jiġi żgurat li l-amministrazzjoni u t-tmexxija politika tal-Parlament jagħtu rendikont ta' għemilhom liċ-ċittadini tal-Unjoni,

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Parlament

1. Jikkonstata li l-appropriazzjonijiet finali tal-Parlament għall-2018 ammontaw għal EUR 1 950 687 373 jew 18,9 % tal-Intestatura V tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali ⁽¹⁾ allokati għall-infiq amministrattiv għall-2018 tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni fit-totalità tagħhom, u li jirrappreżentaw żieda ta' 2,2 %¹ fuq il-baġit tal-2017 (EUR 1 909 590 000);
2. Jikkonstata li d-dħul totali li tniżżel fil-kontijiet sal-31 ta' Diċembru 2018 kien jammonta għal EUR 193 998 910 (apparagun ta' EUR 206 991 865 fl-2017), u dan jinkludi EUR 30 783 590 minn dħul assenjat (apparagun ta' EUR 50 052 674 fl-2017);
3. Jenfasizza li erba' kapitoli kienu jirrappreżentaw 67,6 % tal-impenji totali: il-Kapitolu 10 (Membri tal-istituzzjoni), il-Kapitolu 12 (Uffiċjali u persunal temporanju), il-Kapitolu 20 (Bini u spejjeż relatati) u l-Kapitolu 42 (Infiq relatat mal-assistenza parlamentari), u dan jindika livell għoli ta' riġidità li jikkarakterizza l-biċċa l-kbira tal-infiq tal-Parlament;
4. Jikkonstata ċ-ċifri li abbażi tagħhom inġalqu l-kontijiet tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2018, speċifikament:

(a) Appropriazzjonijiet disponibbli (EUR)

appropriazzjonijiet għall-2018:	1 950 687 373
riporti mhux awtomatiċi mis-sena finanzjarja 2017:	2 564 000
riporti awtomatiċi mis-sena finanzjarja 2017:	289 785 291
appropriazzjonijiet li jikkorrispondu għal dħul assenjat għall-2018:	30 783 590
riporti li jikkorrispondu għal dħul assenjat mill-2017:	47 369 977
Total:	2 318 626 231

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-sinjuri 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

(b) Użu ta' approprjazzjonijiet fis-sena finanzjarja 2018 (EUR)

impenji:	2 283 150 877
pagamenti li saru:	1 933 089 380
approprjazzjonijiet riportati awtomatikament inklużi dawk li ġejjin minn dħul assenjat:	348 106 015
approprjazzjonijiet riportati mhux awtomatikament:	—
approprjazzjonijiet kanċellati:	39 994 836

(c) Dħul tal-baġit (EUR)

miġbur fl-2018:	193 998 910
-----------------	-------------

(d) Il-karta tal-bilanċ totali fil-31 ta' Diċembru 2018 (EUR)

	1 671 682 153
--	---------------

- Jikkonstata li 99,2 % tal-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit tal-Parlament, li ammontaw għal EUR 1 934 477 627, ġew impenjati, b'rata ta' kanċellazzjoni ta' 0,8 %; jikkonstata b'sodisfazzjon li, bħal ma ġara fis-snin preċedenti, inkiseb livell għoli ħafna ta' implimentazzjoni tal-baġit; jikkonstata li l-pagamenti ammontaw għal EUR 1 636 858 018, u dan irriżulta frata ta' eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament ta' 84,6 %;
- Jenfasizza l-fatt li l-approprjazzjonijiet kanċellati għas-sena 2018, li ammontaw għal EUR 16 209 746, prinċipalment kellhom x'jaqsmu mar-remunerazzjoni u drittijiet oħra, kif ukoll man-nefqa relatata mal-bini;
- Jikkonstata li fis-sena finanzjarja 2018 ġew approvati ħdax-il trasferiment skont l-Artikoli 31 u 49 tar-Regolament Finanzjarju, li ammontaw għal EUR 53 533 500 jew 2,7 % tal-approprjazzjonijiet finali; josserva li l-maġġoranza tal-fondi ttrasferiti kienu relatati mal-politika immobiljari tal-Parlament u, b'mod partikolari, kienu biex jgħinu l-finanzjament tal-pagamenti annwali għall-proġett tal-bini Konrad Adenauer;

L-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet għall-2018 u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet

- Ifakkar li l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") tagħmel valutazzjoni speċifika tan-nefqa amministrattiva u nfiq ieħor bħala grupp ta' politiki uniku għall-istituzzjonijiet Ewropej kollha; jirrimarka li l-infiq amministrattiv u relatat jinkludi n-nefqa għar-riżorsi umani (salarji, allowances u pensjonijiet), li jirrappreżenta 60 % tat-total, u n-nefqa għall-bini, it-tagħmir, l-enerġija u t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni;
- Jikkonstata li l-evidenza kumplessiva tal-awditjar tindika li l-infiq fuq "amministrazzjoni" mhuwiex milqut minn livell materjali ta' żball; jikkonstata wkoll li, abbażi tat-13-il żball kwantifikat, il-livell ta' żball stmat preżenti fl-Intestatura 5 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali dwar l-amministrazzjoni huwa taħt il-livell limitu ta' materjalità;
- Jikkonstata s-sejbiet speċifiċi, rigward il-Parlament, li jinsabu fir-rapport tal-Qorti dwar il-kontijiet annwali tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2018 (ir-"rapport tal-Qorti"); jikkonstata li minħabba l-attakki terroristiċi tas-snin reċenti, l-istituzzjonijiet, inkluż il-Parlament, sabu li kien meħtieġ tisħiħ b'urġenza tal-protezzjoni tan-nies u tal-bini; josserva bi tħassib li l-Qorti sabet dgħufijiet fil-proċeduri organizzati mill-Parlament u mill-Kummissjoni; jikkonstata li, sabiex jiġu akkwistati xogħlijiet speċifiċi relatati mas-sigurtà, il-Parlament irrikorra għal kuntratti qafas li kienu diġà fis-seħħ u li t-tfassil ta' dawn il-kuntratti qafas ippermetta li l-Parlament jordna xogħlijiet ta' sigurtà essenzjali li mhumix inklużi fl-iskeda oriġinali tal-prezzijiet fuq il-bażi ta' stima unika mingħand il-kuntrattur; jikkonstata li l-Parlament uża dan il-metodu f'żewġ proċeduri mill-erbgħa eżaminati mill-Qorti;
- Jikkonstata bi tħassib ir-risposta mogħtija mill-Parlament fil-proċedura kontradittorja mal-Qorti, li fiha jirrikonoxxi li, minħabba l-kuntest speċifiku (pressjoni ta' ħin u struttura speċifika għas-suq), il-kompetizzjoni setgħet kienet subottimali; jikkonstata b'sodisfazzjon li l-kuntratti qafas il-ġodda mogħtija f'dan is-settur, ma' ħames kuntratturi, huma bbażati fuq il-ftuħ mill-ġdid tal-kompetizzjoni sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni adegwata tal-prezzijiet;

Ir-rapport annwali tal-Awditur Intern

- Jikkonstata li, fil-laqgħa tal-kumitat responsabbli mal-Awditur Intern li saret fit-18 ta' Novembru 2019, l-Awditur Intern ippreżenta r-rapport annwali tiegħu u ddeskriva l-awditjar ta' aċċertament u l-inkarigi ta' konsultazzjoni li wettaq u rrapporta dwarhom, li fl-2018 koprew is-suġġetti li ġejjin:

- il-manutenzjoni, ir-rinnovazzjoni u l-operat tal-bini (Direttorat Ġenerali għall-Infrastruttura u l-Loġistika) (DG INLO);
 - rieżami preliminari tas-Sigurtà tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) tal-istituzzjoni;
 - id-drittijiet individwali skont ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra;
 - il-ħanut għall-persunal fil-Lussemburgu (DG INLO);
 - is-segwitu tal-azzjonijiet miftuħa mir-rapporti ta' awditjar intern — Fażijiet I u II tal-2018;
 - l-istabbiliment ta' funzjoni ta' aċċertament intern tal-kwalità fid-Direttorat Ġenerali għas-Sigurtà u l-Protezzjoni (DG SAFE);
 - pariri indipendenti dwar il-proġett 'From Desktop to Hybrid' (Mid-Desktop għat-Tagħmir Ibridu), id-Direttorat Ġenerali għall-Innovazzjoni u s-Sostenn Teknoloġiku (DG ITEC);
 - aspetti tas-sistema tal-iskedi informattivi tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Esterni tal-Unjoni (DG EXPO);
 - is-segwitu tal-indisponibbiltà tal-IT u t-tisħiħ tal-Kontinwità tal-IT;
 - ir-rapport dwar l-akkwist u l-implimentazzjoni ta' kuntratt fis-settur tal-forniment ta' ikel (DG INLO) għadu ma nħariġx, filwaqt li s-sejbiet preliminari li qed jiġu diskussi mal-maniġment;
13. Jilqa' u jappoġġa l-azzjonijiet li l-Awditur Intern qabel mad-direttorati ġenerali responsabbli bħala riżultat tal-inkarigi ta' aċċertament u r-rakkomandazzjonijiet li huwa ħareġ wara l-inkarigi ta' konsulenza:

Azzjonijiet maqbula:

- fir-rigward tal-awditjar dwar il-manutenzjoni, ir-rinnovazzjoni u l-operat tal-bini (DG INLO), it-tisħiħ tal-qafas strateġiku għall-manutenzjoni u t-titjib ulterjuri tal-attivitajiet ta' manutenzjoni tal-bini tal-Parlament permezz tal-adozzjoni ta' politika komprensiva u pjan pluriennali strutturat koerenti; żieda fil-kunfidenza li l-proċessi u l-operazzjonijiet tal-bini tal-Parlament huma effiċjenti u kosteffettivi; appoġġ għat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-attivitajiet ta' manutenzjoni permezz ta' analiżi u informazzjoni affidabbli;
- fir-rigward tal-awditjar tas-sistemi tal-informazzjoni, rieżami preliminari tas-Sigurtà tal-ICT tal-istituzzjoni, tisħiħ tal-governanza tas-sigurtà tas-sistemi tal-informazzjoni (inklużi politiki, standards u linji gwida), b'mod partikolari permezz tal-adozzjoni ta' politika istituzzjonali dwar is-sigurtà tal-informazzjoni: titjib tal-identifikazzjoni, il-protezzjoni u l-monitoraġġ tal-assi tal-IT (hardwer, softwer relatat u netwerk); identifikazzjoni u rispons aħjar fir-rigward tal-inċidenti ta' ċibersigurtà, u tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' rkupru;
- fir-rigward tal-awditjar tad-drittijiet individwali tal-membri tal-persunal, tisħiħ tal-ambjent ta' kontroll ġenerali f'dan il-qasam u indirizzar tal-kwistjonijiet speċifiċi relatati mal-benefiċċji tal-familja;
- fir-rigward tal-awditjar dwar il-ħanut tal-persunal fil-Lussemburgu, implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa biex jittejjbu l-ambjent ta' kontroll u l-attivitajiet ta' kontroll u l-adeqwatezza tal-governanza interna; l-iżgurar tal-konformità tal-operazzjonijiet tal-ħanut, inkluż il-kont tal-impresst tiegħu, mar-Regolament Finanzjarju, mal-prinċipji tal-kontabbiltà u mal-leġiżlazzjoni tat-taxxa;

Rakkomandazzjonijiet:

- fir-rigward tas-sistema tal-iskedi informattivi ta' DG EXPO, implimentazzjoni tas-sitt rakkomandazzjonijiet biex isahha is-sistema ta' rappurtar tiegħu u jfassal aħjar il-kooperazzjoni bejn id-delegazzjonijiet, il-kumitati u l-partijiet interessati l-oħra;
- fir-rigward tal-istabbiliment ta' funzjoni ta' aċċertament intern tal-kwalità f'DG SAFE, implimentazzjoni tas-sitt rakkomandazzjonijiet għal dak il-għan, inkluż b'mod partikolari l-istabbiliment ta' politika ta' kwalità;

- b'rabta mal-proġett pilota 'From Desktop to Hybrid' (Mid-Desktop għat-Tagħmir Ibridu), tisħiħ tal-ġustifikazzjoni ekonomika tal-proġett; użu ta' tagħmir ibridu biex jiġu sostitwiti l-apparati multipli eżistenti; titjib tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tal-prova tal-kunċett u l-proġetti pilota qabel ma jitnedew għodod ġodda;
 - fir-rigward tas-segwitu tal-indisponibbiltà tal-IT u t-tisħiħ tal-Kontinwità tal-IT, żgurar tal-protezzjoni komplementari tal-infrastruttura tal-ICT; ittestjar tal-pjan ta' rkupru minn diżastru; elenkar tas-sistemi ta' informazzjoni kritiċi u d-dipendenzi tagħhom u titjib tal-ippjanar biex tiġi installata l-infrastruttura tal-ICT tal-Parlament barra l-bini tiegħu;
14. Jikkonstata li l-proċess ta' segwitu tal-2018 irriżulta fl-għeluq ta' 28 mis-76 azzjoni miftuħa, u li t-tnaqqis progressiv tal-profil ta' riskju tal-azzjonijiet pendenti kompla fl-2018; jinnota, b'mod partikolari, li l-għadd ta' azzjonijiet miftuħa li jindirizzaw riskji sinifikanti naqas minn 22 għal 7, u ma kien hemm l-ebda azzjoni miftuħa fl-ogħla kategorija ta' riskju ('kritika'); jikkonstata li flimkien ma' dawn l-azzjonijiet invalidati, kien hemm total ta' 117-il azzjoni miftuħa, inklużi dawk li għadhom mhumiex dovuti għall-implimentazzjoni, li 47 minnhom jindirizzaw riskju sinifikanti; jistenna li dawn jiġu implimentati skont l-iskadenzi miftiehma;
 15. Jilqa' b'mod partikolari l-possibbiltà li d-direttorati ġenerali jafdaw lill-Awditur Intern inkarigi ta' konsultazzjoni, u jirrakkomanda li d-direttorati ġenerali kollha jagħmlu użu minn din il-possibbiltà, jekk ikun hemm bżonn;
 16. Jikkonstata li żewġ awditi, wieħed dwar il-gruppi ta' viżitaturi u l-ieħor dwar l-allowance għall-assistenza parlamentari, huma parti mill-attività tal-2019 u se jiġu rrapportati fil-bidu tal-2020; jitlob lill-Awditur Intern jinforma lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament dwar iż-żewġ eżiti hekk kif dawn ikunu disponibbli;
 17. Jiddispijaċi ħafna li r-rapport tal-Awditur Intern mhuwiex pubbliku; jinsisti li dan ir-rapport isir disponibbli għall-pubbliku kull sena, u li jintbagħat lill-Membri fl-istess ħin li jintbagħat lill-President u lis-Segretarju Ġenerali tal-Parlament; jiddeplora l-fatt li, fir-rigward tar-rapport tal-2018, ittieħdet id-deċiżjoni, f'Jannar 2020, li l-Membri jistgħu jaraw dan ir-rapport biss fuq talba, bl-applikazzjoni tal-proċedura tal-kamra tal-qari sikura; jemmen bis-siħ li permezz tal-limitu tal-aċċess għal dan id-dokument, li jikkonċerna l-użu ta' fondi pubbliċi, qed tingħata l-impressjoni spjaċevoli li hemm xi ħaġa mohbijta;

Segwitu għar-riżoluzzjoni ta' kwittanza għall-2017

18. Jieħu nota tar-risposti bil-miktub għar-riżoluzzjoni ta' kwittanza għall-2017 mogħtija lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament fis-17 ta' Settembru 2019, u tal-preżentazzjoni mis-Segretarju Ġenerali li fiha indirizza d-diversi mistoqsijiet u talbiet tar-riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-Parlament għall-2017 u l-iskambju ta' fehmiet sussegwenti mal-Membri;
19. Jiddeplora l-fatt li ma ttieħdet l-ebda azzjoni b'risposta għal uħud mir-rakkomandazzjonijiet fir-riżoluzzjoni tal-Parlament dwar il-kwittanza għall-2017, u li d-dokument ta' segwitu għall-kwittanza ma jipprovdi l-ebda ġustifikazzjoni għal dan; jenfasizza l-importanza li jkun hemm diskussjonijiet aktar frekwenti mas-Segretarju Ġenerali dwar il-kwistjonijiet li jikkonċernaw il-baġit tal-Parlament u l-implimentazzjoni tiegħu fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit;

Kwittanza tal-Parlament għall-2018

20. Jikkonstata l-iskambju ta' fehmiet li sar bejn il-Viċi President responsabbli għall-baġit, is-Segretarju Ġenerali u l-Membri tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament fil-preżenza tal-Awditur Intern, fit-18 ta' Novembru 2019, fil-kuntest tal-kwittanza tal-Parlament għall-2018;
21. Itenni l-appell tiegħu lill-Bureau biex jagħti segwitu għad-deċiżjonijiet ta' kwittanza kollha, skont l-Artikolu 25 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura u l-Artikoli 6 u 166 tar-Regolament Finanzjarju; jitlob lis-Segretarju Ġenerali jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Bureau, filwaqt li jevidenzja r-rikjesti kollha għal azzjoni jew deċiżjoni min-naħa tal-Bureau; jistieden lis-Segretarju Ġenerali jstabbilixxi pjan ta' azzjoni u skeda ta' żmien li jippermettu lill-Bureau jagħti segwitu u/jew jirrispondi għar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-riżoluzzjonijiet ta' kwittanza tal-Parlament u jinkludi r-riżultati fid-dokument ta' monitoraġġ annwali; jitlob lis-Segretarju Ġenerali jirrapporta fi żmien xieraq lill-Kumitat tal-Baġit tal-Parlament u lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament dwar il-proġetti kollha b'impatt baġitarju sinifikanti li jkun għew ippreżentati lill-Bureau; itenni l-ħtieġa li l-Bureau jtejjeb sostanzjalment, b'mod proattiv, it-trasparenza tal-proċedura ta' teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu;
22. Jiddeplora l-fatt li, fl-2018, l-investigazzjoni interna identifikat erba' każijiet fil-qasam tal-allowance għall-assistenza parlamentari u dan ippermetta l-irkupru ta' EUR 146 814 (47 każ identifikati fl-2017 u EUR 903 741,00 irkuprati) u li, fir-rigward tal-allowances tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza tal-Membri, għew irkuprati EUR 173 546 minn sitt investigazzjonijiet (EUR 68 589,05 fl-2017);

23. Jirrimarka li l-attività leġiżlattiva żdiedet b'mod sostanzjali fl-2018, peress li l-Parlament kien qed joqrob lejn tmiem il-leġiżlatura 2014-2019 tiegħu;
24. Jinnota li żewġ kumitati temporanji, il-Kumitat Speċjali dwar it-Terroriżmu (TERR) u l-Kumitat Speċjali dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-pestiċidi (PEST), ikkonkludew b'suċċess il-ħidma tagħhom matul is-sena u ġie stabbilit Kumitat Speċjali ieħor dwar il-Kriminalità Finanzjarja, l-Evażjoni tat-Taxxa u l-Evitar tat-Taxxa (TAX3);
25. Jenfasizza li, fid-dawl tal-elezzjonijiet Ewropej tal-2019, tnediet b'suċċess il-kampanja ta' komunikazzjoni; jinnota ż-żieda fil-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2019, iżda jinnota wkoll li l-għadd ta' persuni li ħarġu jivvutaw baqa' baxx wisq f'ċerti pajjiżi; iqis li dan it-tip ta' kampanja għandu jkollu natura kontinwa, b'enfasi partikolari fuq dawk il-pajjiżi;
26. Japprova l-miżuri tal-istituzzjoni biex ittejjeb is-sigurtà, b'mod partikolari fi kwistjonijiet ta' sigurtà fiżika u tal-bini iżda wkoll iċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-komunikazzjoni;
27. Jiddispijaci li, minkejja l-fatt li l-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament irrifjuta l-baġit mitlub sabiex jinholq osservatorju tal-intelliġenza artifiċjali, din l-inizjattiva xorta tidher li għadha għaddeja fil-forma ta' grupp ta' ħidma; jinsab imħasseb ħafna dwar l-inosservanza evidenti ta' deċiżjoni demokratika meħuda mill-Membri, li tistabbilixxi preċedent spjaċevoli ħafna; jirrakkomanda li l-attività ta' dan il-grupp ta' ħidma tiġi interrotta immedjatament sakemm l-awtorità baġitarja tkun iddeċidiet li tallokalu baġit;
28. Huwa konxju mill-importanza tal-politika immobyljari, b'mod partikolari l-proġett tal-bini Martens u l-bini mill-ġdid tal-bini Montoyer 63 fi Brussell, li tlestew fl-2018 u l-proġett Konrad Adenauer fil-Lussemburgu, li huwa skedat li t-tlestija tiegħu hija skedata sa tmiem Ġunju 2023; jifhem li, fl-2018, il-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament awtorizza t-trasferiment ta' tlaqqit, b'ammont ta' EUR 29 miljun, għall-prefinanzjament tal-proġett, u huwa stmat li dan wassal biex ġew iffrankati EUR 4,7 miljun fi mgħax; jinsab imħasseb dwar id-dewmien fil-konstruzzjoni tal-bini Konrad Adenauer fil-Lussemburgu, li kien ipplanat għall-2018 iżda issa mhux mistenni li jkun lest qabel l-2023;
29. Jappoġġa l-użu tal-Iskema ta' Mmaniġġjar u Awditjar Ekoloġiċi (EMAS), li hija strument ta' ġestjoni tal-Unjoni Ewropea għall-organizzazzjonijiet privati u pubbliċi biex jevalwaw u jtejjbu l-prestazzjoni ambjentali tagħhom skont ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾; jappoġġa l-miżuri meħuda biex titnaqqas l-impronta tal-karbonju tal-Parlament;
30. Jistieden lill-amministrazzjoni tiġbed l-attenzjoni għall-kodiċi ta' kondotta għall-Membri, li jstabbilixxi li l-Membri għandhom jaġixxu biss fl-interess pubbliku u jwettqu xogħolhom b'diżinterest, integrità, trasparenza, diliġenza, onestà, responsabbiltà u rispett għar-reputazzjoni tal-Parlament; jenfasizza li l-kodiċi ta' kondotta jiddefinixxi l-kunflitti ta' interess u kif il-Membri għandhom jindirizzawhom u jinkludi regoli li jirregolaw l-attivitajiet professjonali tal-ex Membri;
31. Jinnota bi tħassib li kien hemm almenu 24 każ ta' ksur tal-kodiċi ta' kondotta bejn l-2012 u l-2018 li ma ġewx sanzjonati; jisħaq fuq il-fatt li jekk il-ksur mhuwix sanzjonat b'mod adegwat, huwa anqas probabbli li l-Membri jirrispettaw il-kodiċi ta' kondotta; jistieden lill-President jivvaluta bir-reqqa kull allegat ksur tal-kodiċi ta' kondotta u, jekk ikun il-każ, jimponi sanzjoni adegwata lill-Membri kkonċernati;
32. Jieħu nota tar-Regoli dwar it-Trasport tal-Membri fil-Postijiet tax-Xogħol tal-Parlament Ewropew ("ir-Regoli"); iqis li d-dispożizzjonijiet li jstabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-użu tal-karozzi uffiċjali fuq bażi permanenti mill-President, mis-Segretarju Ġenerali, mid-Deputat Segretarju Ġenerali u minn kull President tal-gruppi politiċi li hemm fir-Regoli bħala vagi wisq; jistieden lill-Bureau jirrevedi r-Regoli bil-għan li jintroduċi kundizzjonijiet aktar stretti dwar l-użu ta' dawn il-karozzi;

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1).

33. Huwa tal-fehma li l-protezzjoni tal-informaturi hija element integrali tad-demokrazija u hija kruċjali fil-prevenzjoni u l-iskoraġġiment tal-attivitajiet illegali u l-għemil ħażin; ifakkar li, fost affarijiet oħra, l-assistenti parlamentari akkreditati (APA) jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli minħabba l-kuntratt ta' impjieg tagħhom; jikkonstata bi tħassib kbir il-fatt li s-Segretarju Ġenerali rrikonoxxa li "r-regoli dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta huma applikabbli għall-assistenti parlamentari akkreditati iżda l-Parlament ma jstax jipprovdi protezzjoni tal-impjieg"; peress li huma jiddependu mill-Membri individwali tagħhom; jistieden lis-Segretarju Ġenerali jqs dak il-fattur meta l-APA jaġixxu ta' informaturi, u jfittex li jestendi l-opzjonijiet ta' protezzjoni kuntrattwali li l-Parlament joffri lill-APA li huma vittmi ta' fastidju għall-APA li jaġixxu ta' informaturi;
34. Jenfasizza l-fatt li r-regoli attwali dwar it-terminazzjoni ta' kuntratti għall-APA ma jipprovdux il-possibbiltà ta' terminazzjoni permezz ta' 'kunsens reċiproku', li jkun mod kif tiġi rikonoxxuta r-relazzjoni speċjali bejn il-Membri u l-assistenti, meta ż-żewġ partijiet jistgħu jirrikonoxxu li l-fiduċja reċiproka m'għadhiex teżisti, u jibbenefikaw minn soluzzjoni komuni mingħajr ma jiddgħajfu d-drittijiet soċjali tal-APA; jitlob lis-Segretarju Ġenerali jsib soluzzjoni għall-fatt li s-salarji tal-APA jistgħu jitħallsu biss f'kontijiet bankarji Belġjani, peress li dan imur kontra l-idea ta' unjoni monetarja u ta' pagamenti unika;
35. Itenni t-tħassib tiegħu dwar l-allegata prattika mill-Membri li jobligaw lill-APA jmorru fuq missjonijiet, partikolarment fi Strasburgu, mingħajr ordnijiet tal-missjoni, mingħajr spejjeż tal-missjoni u saħansitra mingħajr spejjeż tal-ivvjaġġar; huwa tal-fehma li din il-prattika tagħti lok għal abbuż: meta l-APA jivvjgġaw mingħajr ordni tal-missjoni, huma jkollhom iħallsu minn buthom l-ispejjeż u ma jkunux koperti mill-assigurazzjoni fuq il-post tax-xogħol; itenni t-talbiet tiegħu lis-Segretarju Ġenerali biex jinvestiga din l-allegata prattika u jirrapporta dwarha sa tmiem is-sena;
36. Itenni t-talba tiegħu lill-Konferenza tal-Presidenti u lill-Bureau biex jikkunsidraw mill-ġdid il-possibbiltà li l-APA, f'ċerti kundizzjonijiet li għad iridu jiġu stabbiliti, jakkumpanjaw lill-Membri f'delegazzjonijiet u f'missjonijiet uffiċjali tal-Parlament, kif diġà mitlub minn diversi Membri; jistieden lis-Segretarju Ġenerali janalizza l-konsegwenzi baġitarji, u l-organizzazzjoni u l-loġistika ta' tali missjonijiet;
37. Jistieden lill-Parlament jadatta kompletament ir-regoli interni tiegħu fir-Regolamenti tal-Persunal mad-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni, adottata dan l-aħħar, anki billi jwaqqaf kanali siguri għar-rappurtar; jitlob barra minn hekk lill-Parlament jiggarrantixxi l-istess livell ta' protezzjoni lill-informaturi ta' irregolaritajiet kif jagħmel lill-vittmi ta' fastidju; jitlob lis-Segretarju Ġenerali jistabbilixxu taħriġ obligatorju għall-manijers ġerarkiċi biex jissensibilizza lill-membri tal-persunal parlamentari dwar il-protezzjoni tal-informaturi u dwar dmirhom skont ir-Regolament tal-Persunal li jirrapportaw attivitajiet illegali jew kull każ ta' amministrazzjoni ħażina;
38. Jikkonstata li d-deċizzjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni Ewropea kellha impatt konsiderevoli fis-servizzi differenti tal-Parlament, b'mod partikolari fuq il-kumitati, l-unitajiet ta' riċerka u s-servizzi orizzontali;
39. Jilqa' d-deċizzjoni tal-Bureau tat-2 ta' Mejju 2018 dwar il-persunal biċ-ċittadinanza tar-Renju Unit, jiġifieri li l-ebda uffiċjal mhu se jingħata s-sensja abbażi taċ-ċittadinanza tar-Renju Unit tiegħu; jifhem li l-valutazzjonijiet ta' każ b'każ li twettqu sad-data inizjalment prevista għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-persunal kuntrattwali u temporanju taċ-ċittadinanza tar-Renju Unit, ma rriżultaw fit-terminazzjoni tal-ebda kuntratt; jirrikonoxxi li l-gruppi politiċi jwettqu l-valutazzjonijiet tagħhom każ b'każ għall-persunal tagħhom;
40. Jieħu nota tal-implimentazzjoni b'suċċess tal-oġġettiv ta' tnaqqis ta' 5 % fil-persunal, li fl-2018 kienet teħtieġ li l-Parlament jelimina 60 post tax-xogħol mit-tabella tal-persunal amministrattiv tiegħu; iqis li huwa importanti li jiġi żgurati il-livell għoli ta' prestazzjoni tal-Parlament, kemm fuq perjodu qasir kif ukoll fuq dak fit-tul, filwaqt li tiġi żgurata wkoll għestjoni baġitarja responsabbli u li jkun hemm iffrankar fejn xieraq; jemmen li jista' jiġi previst iffrankar ulterjuri; jemmen bis-sħiħ li huwa essenzjali li tiġi implimentata strateġija ta' komunikazzjoni mmirata lejn il-Kunsill, l-Istati Membri u ċ-ċittadini Ewropej biex ikun hemm reazzjoni għall-kritika inġusta u mifruxa tas-servizz pubbliku tal-Unjoni Ewropea, li ilha għaddeja snin sħaħ;

⁽³⁾ Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).

41. Jinsab imħasseb dwar l-għadd ta' membri tal-persunal fuq liv minħabba mard fit-tul u dwar iż-żieda qawwija fl-għadd ta' każijiet ta' eżawriment professjonali (burnout), u jinsab imħasseb li xi wħud minn dawk il-każijiet jistgħu jkunu marbuta mal-eżawriment u t-tħarbit tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; huwa partikolarment imħasseb bin-nuqqas ta' persunal u, fl-istess ħin, iqis li huwa diffiċli li tiġi ġġustifikata l-espansjoni fil-karigi maniġerjali superjuri, li qed twassal għal struttura maniġerjali żbilanċjata u b'għadd sproporzjonat ta' karigi tal-ogħla livell; jistieden lill-amministrazzjoni biex tadotta approċċ proattiv fir-rigward tal-persunal ikkonċernat, tevalwa bir-reqqa l-ammont ta' xogħol tal-persunal u tiżgura distribuzzjoni bilanċjata tal-kompiti; jitlob rapport dwar il-miżuri meħuda b'reazzjoni għal-liv minħabba mard fit-tul u l-eżawrimenti professjonali sat-30 ta' Ġunju 2020;
42. Jinsisti, f'kuntest ta' żieda fl-aspettattivi fir-rigward ta' dak li huwa kapaċi jwettaq il-persunal, fuq l-importanza ta' djalogu regolari u kostruttiv mal-kumitat tal-persunal, mat-trade unions u fil-każ tal-gruppi politiċi mar-rappreżentati tal-persunal tagħhom; jistenna li d-djalogu kostruttiv ma' dawk il-korpi jitkompla, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet relatati mal-politika tal-persunal kif ukoll ma' kundizzjonijiet tax-xogħol bħall-mobbiltà, l-ambjent tax-xogħol u l-ħin flessibbli;
43. Iqis li huwa essenzjali, għal dan il-għan, għar-rappreżentanti tal-persunal li jinSTEMGĦU meta l-Bureau jiddiskuti kwistjonijiet ġenerali li jaffettwaw il-politika tal-persunal; jitlob lis-Segretarju Ġenerali jieħu l-miżuri xierqa biex jimplimenta din in-neċessità kruċjali;
44. Jirrimarka li sabiex jinżamm servizz pubbliku tal-Unjoni Ewropea eċċellenti u indipendenti, leali u motivat, ir-Regolamenti tal-Persunal jeħtieġ jiġu rrispettati u applikati b'mod sħiħ fil-kliem u l-ispirtu tagħhom; jitlob, f'dan il-kuntest, li tintemm ukoll il-prattika ta' "paraxutiżmu" tan-nies f'karigi, li taf tkun dannuża għall-proċeduri u għalhekk għall-kredibbiltà tal-istituzzjoni, b'mod partikolari tal-Unjoni, b'mod ġenerali;
45. Ifakkar fis-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew fil-każijiet konġunti 488/2018/KR u 514/2018/K, kif ukoll fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-18 ta' April 2018, b'mod partikolari li l-uffiċjali mill-korpi rappreżentattivi tal-persunal ikunu fuq il-bordijiet tal-għażla tal-Parlament għal karigi ta' maniġment superjuri, u jistieden lis-Segretarju Ġenerali jkompli jtejjeb il-proċeduri ta' ħatra tal-uffiċjali ta' grad għoli permezz ta' aktar trasparenza u ugwaljanza; jitlob, barra minn hekk, li jiġu żgurati l-konsistenza fir-rigward tal-pubblikazzjonijiet esterni ta' karigi ta' maniġment superjuri u d-diliġenza fil-pubblikazzjoni ta' dawn il-karigi kif u meta jitbattlu; jistieden lill-amministrazzjoni tal-Parlament tirrapporta kull sena dwar il-ħatra tal-uffiċjali ta' grad għoli;
46. Jiddispijaċih profondament għan-nuqqas ta' prospettivi ta' karriera għall-persunal kuntrattwali; jistieden lis-Segretarju Ġenerali jivvaluta r-riskji relatati mal-użu ta' għadd dejjem jikber ta' persunal kuntrattwali, inkluż il-periklu li tinħoloq struttura tal-persunal b'żewġ livelli fi ħdan il-Parlament; jinsisti li l-kompiti u l-karigi permanenti ewlenin għandhom jitwettqu minn persunal permanenti;
47. Huwa konvint li l-attranza tal-Parlament bħala post tax-xogħol hija komponent ewlieni tas-suċċess tiegħu; jiġbed l-attenzjoni għad-diffikultajiet li nqalgħu fir-reklutaġġ ta' xi ċittadinanzi; jistieden lis-Segretarju Ġenerali jinsisti fuq il-ħtieġa ta' bilanċ ġeografiku reali f'termini ta' rappreżentanza proporzjonali tal-Istati Membri kollha fil-livelli kollha, inklużi l-livelli maniġerjali superjuri; jirrikonoxxi l-passi pożittivi ħafna meħuda sabiex jinkiseb bilanċ bejn is-sessi; jitlob azzjoni urġenti biex jinkiseb bilanċ aħjar bejn is-sessi fil-livelli kollha, inkluż fil-livell tad-diretturi ġenerali;
48. Jiddispijaċih fir-rigward tas-sottorappreżentanza persistenti tal-pajjiżi li saru membri tal-Unjoni wara l-2004, speċjalment fl-aktar karigi għoljin, u l-problema hija li, filwaqt li qed jiġu reklutati ċittadini mill-Istati Membri l-ġodda, qed jingħataw promozzjonijiet aktar liċ-ċittadini tal-Istati Membri l-qodma, u dan qed jirriżulta f'qabża dejjem tikber bejn l-Istati Membri l-qodma u dawk ġodda; jitlob li din is-sitwazzjoni tiġi rettifikata;
49. Jirrimarka li fil-kompetizzjonijiet interni bejn l-2014 u l-2019, kien hemm 30 persuna li nħatru fl-ogħla grad tal-paga AD9, li minnhom 16 kienu minn żewġ Stati Membri kbar qodma, b'tali mod li kien hemm għadd notevoli ta' ħatriet ta' persunal minn dawn iż-żewġ pajjiżi matul iċ-ċiklu leġiżlattiv kollu, u jitlob lis-Segretarju Ġenerali jispjega r-raġuni għal dan ir-riżultat sproporzjonat;
50. Jiddispijaċih għad-diffikultà biex jiġu reklutati membri tal-persunal fil-grad aktar baxxi fil-Lussemburgu, speċjalment fil-kategorija ta' assistenti segretarji; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi introdott koeffiċjent ta' korrezzjoni li jqis l-ispejjeż tal-għajxien ogħla f'dan il-post tax-xogħol filwaqt li jsir reklutaġġ ta' persunal fi gradi ogħla sabiex tissolva din il-problema strutturali; jitlob li r-reklutaġġ mill-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) jiġi riformat sabiex tali reklutaġġ ikun jista' jilħaq b'mod aħjar il-ħtiġijiet tal-istituzzjonijiet, inklużi permezz ta' proċeduri ta' reklutaġġ iqsar;

51. Ifakkar li l-Artikolu 11 tar-Regoli ta' Proċedura introduċa obbligu għar-rapporteurs, ix-shadow rapporteurs u l-presidenti tal-kumitati li jippubblikaw informazzjoni dwar il-laqgħat li jsiru mar-rappreżentanti ta' interess fil-kuntest tar-rapporti tagħhom; jinnota b'sodisfazzjon li, mill-bidu tal-leġiżlatura l-ġdida, l-infrastruttura meħtieġa hija disponibbli fuq is-sit web tal-Parlament biex il-Membri jkunu jistgħu jippubblikaw il-laqgħat skedati mar-rappreżentanti interessati; jistieden lis-segretarjat ixerred informazzjoni dettaljata u jorganizza taħriġ sabiex ikun iktar faċli għall-uffiċċji tal-Membri biex jirrispettaw bis-sħiħ dan l-obbligu; jiddispijaċih li l-infrastruttura attwali ma tinkludix proċess li permezz tiegħu l-Membri u l-APS jistgħu jipprovdu s-suġġerimenti u l-feedback tagħhom għal titjib ibbażat fuq l-esperjenza tal-utent; jitlob lis-servizzi parlamentari jiżviluppaw kwestjonarju ta' feedback fuq bażi annwali u biex jinkludu r-riżultati f'rapport dwar l-użu tal-għodda; jilqa' l-fatt li s-Segretarju Ġenerali ta' struzzjonijiet lis-servizzi tal-Parlament biex iqabbd u l-għodda mar-Reġistru ta' Trasparenza u mal-Osservatorju Leġiżlattiv u jinkoraġġixxi kwalunkwe sforz li jkompli jtejjeb din l-għodda, inkluż billi jiġi pprovdut aċċess għall-ipproċessar tad-data pprovduta mill-Membri fl-infrastruttura tas-sit web tal-Parlament dwar laqgħat ma' rappreżentanti ta' interess f'format li jista' jinqara minn magna, filwaqt li tiġi pprovduta l-possibbiltà li l-laqgħa tintrabat ma' sħubija f'delegazzjoni, li jiġi indikat li l-laqgħa saret fil-livell ta' persunal, li l-entrati fis-sit web tal-Parlament jiġu llinkjati għas-sit web tal-Membri stess u li din l-infrastruttura tkun disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni; jistieden ukoll lill-Parlament itejjeb il-komunikazzjoni tiegħu mal-Membri dwar l-obbligu tar-rapporteurs, ix-shadow rapporteurs u l-presidenti tal-kumitati li jippubblikaw dawn il-laqgħat;
52. Jilqa' dan il-pass pożittiv lejn trasparenza ikbar kif ukoll il-possibbiltà li l-Membri kollha li jkunu jixtiequ jippubblikaw din l-informazzjoni jistgħu jagħmlu dan permezz tal-infrastruttura tas-sit web tal-Parlament, anke jekk il-Membri ma jkunx rapporteur, shadow rapporteur jew President ta' kumitat; iqis li din iż-żieda fit-trasparenza tgħin liċ-ċittadini Ewropej jifhemu aħjar il-ħidma tal-Membri tagħhom; għalhekk jiddispijaċih li din l-infrastruttura ta' dikjarazzjoni tal-laqgħat teżisti biss bl-Ingliż u mhux bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni;
53. Barra mir-rapport konġunt tal-Parlament u tal-Kummissjoni dwar l-attivitajiet tar-Reġistru ta' Trasparenza, jitlob lill-Parlament jabbozza rapport annwali dettaljat dwar ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess u organizzazzjonijiet oħra li ngħataw aċċess fir-reċinti tal-Parlament;
54. Jirrikonoxxi l-fatt li li l-produzzjoni ta' data pubblika f'format miftuħ u li jinqara mill-magni, faċilment aċċessibbli u li tista' tintuża, toffri opportunitajiet kbar kemm f'termini ta' trasparenza fil-konfront tal-pubbliku kif ukoll tal-innovazzjoni; jilqa' l-inizjattivi attwali maħsuba biex tinħoloq u tiġi kkonvertita f'dak il-format dik id-data tagħha li tkun ta' interess għall-pubbliku; jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm approċċ aktar faċli għall-utent, sistematiku u kkoordinat għal tali inizjattivi, skont politika tad-data miftuħa definita sew tal-Parlament;
55. Jirrikonoxxi l-valur miżjud li jista' joffri s-sofwer liberu u b'sors miftuħ għall-Parlament; jenfasizza b'mod partikolari r-rwol tagħhom fiż-żieda ta' trasparenza u l-evitar tal-effetti ta' intrappolament tal-bejjiegħa; jirrikonoxxi wkoll il-potenzjal tagħhom ta' titjib fis-sigurtà peress li jagħmluha possibbli li jiġu identifikati u stabbiliti d-dgħufijiet; jirrakkomanda bil-qawwa li kwalunkwe sofwer żviluppat għall-istituzzjoni jtiqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku b'liċenzja ta' sofwer liberu u b'sors miftuħ;
56. Jinnota li r-riżultati tal-votazzjonijiet b'sejħa tal-ismijiet fil-plenarja għandhom ikunu disponibbli f'format miftuħ u li jinqara mill-magni, u għandhom ikunu viżibbli faċilment fuq is-sit web tal-Parlament; jistieden lill-Parlament, għalhekk, jippubblika l-verżjoni li tinqara mill-magni tar-riżultati tal-votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet ħdejn il-verżjonijiet li ma jistgħux jinqraw minn magna, fuq il-paġna web tal-minuti tal-plenarja;
57. Jikkonstata li r-regoli riveduti li jirregolaw il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-gruppi ta' viżitaturi sponsorizzati daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2017; jistieden lis-Segretarju Ġenerali jagħti l-valutazzjoni ta' dawn ir-regoli mingħajr dewmien; huwa tal-fehma li s-sistema attwali tinjora l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u ta' trasport li jvarjaw u ma żżommx il-pass mal-inflazzjoni, u jappella bil-qawwa għal rieżami tas-sistema għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja għall-gruppi ta' viżitaturi malajr kemm jista' jkun sabiex, fost affarijiet oħra, jiġi evitat li Membri jkunu jistgħu jieħdu kwalunkwe benefiċċju materjali mis-sistema; jistieden lill-Bureau jiġġeneralizza s-sistema ta' rimborż abbażi tas-sottomissjoni tal-kontijiet għall-gruppi ta' viżitaturi; itenni t-talba tiegħu li titneħħa l-possibbiltà li l-APA jinħatar bħala l-kap ta' grupp;

Parlament favur l-ambjent u newtralità karbonika sal-2030

58. Jilqa' l-kontribut pożittiv tal-Parlament għall-iżvilupp sostenibbli permezz tar-rwol politiku tiegħu u r-rwol tiegħu fil-proċeduri leġiżlattivi; jenfasizza l-ħtieġa li l-Parlament imexxi bl-eżempju u jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli permezz tal-mod kif jopera;

59. Ifaħħar l-impenn tal-Parlament favur l-akkwist pubbliku ekoloġiku; jinnota li l-oġġettiv tal-Parlament huwa li jżid il-perċentwal ponderat għall-valur tal-kuntratti fost ċerti prodotti prijoritarji kklassifikati bħala 'Ekoloġiċi', 'Ekoloġiċi Ħafna' jew 'Ekoloġiċi min-Natura Tagħhom'; jinnota li fl-2018, 44,9 % tal-kuntratti skont il-valur fil-kategoriji ta' prodotti prijoritarji ġew ikklassifikati bħala 'Ekoloġiċi', 'Ekoloġiċi Ħafna' jew 'Ekoloġiċi min-Natura Tagħhom'; jirrimarka li, meta l-kuntratti kollha kklassifikati bħala 'Ekoloġiċi min-Natura Tagħhom', indipendentement mill-kategorija tal-prodott, jiġu inklużi fiċ-ċifra, il-karattru ekoloġiku tal-kuntratti tal-Parlament jiżdied għal 55,8 % għall-2018, li huwa qrib l-oġġettiv intermedju ta' 60 %; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żviluppat akkwist pubbliku ekoloġiku ulterjuri billi jiġu stabbiliti oġġettivi ambizzjużi għal kuntratti ta' ekoloġizzazzjoni fuq perjodu ta' żmien medju;
60. Jilqa' l-adozzjoni tar-Rieżami tal-Ġestjoni Ambjentali u d-Dikjarazzjoni Ambjentali 2018, l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni 2018 u l-monitoraġġ regolari tiegħu;
61. Jappoġġa l-oġġettiv tal-Parlament li jnaqqas kemm jista' jkun l-emissjonijiet tal-karbonju tiegħu; itenni t-tħassib tiegħu li d-dispersjoni ġeografika tal-Parlament tirriżulta fi 78 % tal-missjonijiet kollha tal-persunal tal-Parlament, u li l-impatt ambjentali jammonta għal bejn 11 000 u 19 000 tunnellata emissjonijiet ta' CO₂;
62. Huwa tal-fehma li, wara d-dikjarazzjoni tal-Emerġenza Klimatika, il-Parlament għandu jmxexxi bl-eżempju u jimpenja ruħu li jkseb newtralità karbonika sal-2030; jitlob lill-Parlament jiżviluppa strateġija għall-kisba tan-newtralità karbonika sal-2030 u jippreżenta l-istrateġija tiegħu lill-awtorità ta' kwittanza; jagħti istruzzjonijiet lill-grupp ta' ħidma tal-EMAS tiegħu biex jemenda l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u l-pjan attwali ta' tnaqqis tas-CO₂ biex tinkiseb newtralità karbonika sal-2030; jitlob ukoll ir-rapportar u l-kontabbiltà tat-tpaċija tas-CO₂ tal-Parlament bħala kwistjoni ta' urġenza;
63. Jenfasizza li madwar 67 % tal-impronta tal-karbonju tal-Parlament toriġina mit-trasport tal-persuni; ifakkar li, bid-ċeżjoni tiegħu tal-15 ta' Mejju 2017, il-Bureau approva l-proposta li jiġi offrut mod ta' trasport effiċjenti u ta' kwalità għolja għall-Membri filwaqt li jiġi mminimizzat l-impatt ambjentali permezz ta' tranżizzjoni gradwali għal vetturi elettriċi għall-flotta tal-karozzi tal-Parlament u l-promozzjoni ta' kull tip ta' trasport ekoloġiku li jopera b'emissjonijiet zero fl-ambjent urban u li jkollu flotta li tkun kompletament elettrika mill-2024; jilqa' d-diversi miżuri u strumenti introdotti f'dan ir-rigward minn DG INLO; jistenna li l-Bureau jfassal sistema ta' rimborż tal-ivvjaġġar li tinkludi l-ispiża tat-tpaċija tas-CO₂ fil-prezz tal-vjaġġ u jinċentiva l-użu ta' trasport eko-kompatibbli;
64. Jappoġġa l-oġġettiv tal-Parlament, li huwa li jpaċi l-emissjonijiet inevitabbli tiegħu; jissuġġerixxi t-tpaċija konġunta tal-emissjonijiet inevitabbli ma' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-Unjoni;
65. Jenfasizza li l-Parlament għandu jonora l-impenji tiegħu fir-rigward tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u, konsegwentement, għandu jieħu passi xierqa fil-bini kollu tiegħu biex jagħmel parkeġġi għar-roti, fejn ir-roti jkun protetti mis-serq, minn atti vandaliċi u mill-elementi, disponibbli għall-membri kollha tal-persunal u, tal-anqas għandu joffri l-istess arranġamenti attwalment disponibbli fil-parkeġġi għall-karozzi tal-membri tal-persunal; jinnota li f'dan ir-rigward, jista' jkun ukoll utli ħafna li jkun hemm sistema li fiha l-vinjetti jintużaw bħala mezz ta' identifikazzjoni;
66. Jilqa' l-isforzi tal-Parlament biex iżid in-numru ta' laqgħat mingħajr karti; jitlob li jiġu offruti iktar sessjonijiet ta' taħriġ lill-Membri kollha, lill-membri tal-persunal u lill-APA dwar l-għodod mingħajr karti li nħolqu biex ikunu jistgħu jiġu stampati anqas dokumenti, u li jsiru iktar kampanji ta' komunikazzjoni;
67. Jitlob lill-Parlament itejjeb il-komunikazzjoni tiegħu mal-Membri u jinfurmahom dwar il-possibbiltà li jużaw il-ferrovija diretta bejn il-Parlament u l-ajruport ta' Brussell, li b'kollox tiegħu 20 minuti, u dwar liema Membri jistgħu jużawha bla ħlas, u li juża l-influenza tiegħu biex jitlob li dawk il-ferroviji jaħdmu b'intervalli regolari u iqsar sabiex din il-possibbiltà tkun attraenti kemm jista' jkun;
68. Ifaħħar lill-persunal talli għamel użu sħiħ mill-ferroviji charter lejn Strasburgu; iħeġġeġ lill-maniġers superjuri ma jużawx il-karozzi tas-servizz tagħhom għall-missjonijiet tagħhom fi Strasburgu;
69. Jappoġġa t-tpaċija ta' 100 % tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-Parlament, inklużi l-emissjonijiet minn titjiriet tal-Membri bejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom u Brussell u Strasburgu, fuq bażi annwali permezz ta' krediti tal-karbonju; ifakkar li l-kuntratt ta' tpaċija li jkopri l-emissjonijiet tal-Parlament mill-2017 ġie ffirmat fid-19 ta' Lulju 2018 għal ammont totali ta' EUR 184 095,80;
70. Jinsab imħasseb bil-volatilità tal-prezzijiet għat-tpaċija tas-CO₂ fis-suq taċ-ċertifikati tal-emissjonijiet, li jagħmilha impossibbli li jiġi stmat l-ammont eżatt meħtieġ għat-tpaċija tal-ammont totali ta' emissjonijiet tal-karbonju; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-mezzi finanzjarji disponibbli fil-linja baġitarja 2390 (attwalment EUR 249 000) jistgħu ma jkunux suffiċjenti għat-tpaċija tal-ammont totali ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-snin li ġejjin;

71. Jilqa' d-deċiżjonijiet tal-Kwestur u tal-Bureau, f'April u Ġunju 2018 rispettivament, dwar it-tnaqqis tal-iskart tal-plastik u l-attivitajiet ta' mmaniġġjar tal-iskart; jitlob lill-Parlament jieħu azzjoni ambizzjuża ulterjuri u b'mod rapidu, favur Parlament ħieles mill-plastik;
72. Jilqa' l-eżitu pożittiv tal-awditjar estern li sar f'Mejju/Ġunju 2018 li jikkonferma l-kundizzjoni tajba u l-maturità tas-sistema ta' ġestjoni ambjentali tal-Parlament;

Dispersjoni ġeografika tal-Parlament — sede unika

73. Jenfasizza li l-Unjoni għażlet li tkun preżenti permezz tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji tagħha f'diversi Stati Membri, u dan jiggarrantixxi rabta qawwija maċ-ċittadini u jiżgura l-viżibbiltà tal-valur miżjud tal-Unjoni ('viżibbiltà' Ewropea), filwaqt li titqies il-ġestjoni responsabbli tal-fondi pubbliċi;
74. Jinnota li l-ispejjeż marbuta mat-12-il vjaġġ li l-Membri tal-Parlament jagħmlu kull sena lejn Strasburgu jammonta għal EUR 21 266 689; jinnota li l-ispejjeż tal-ivvjaġġjar annwali jammontaw għal EUR 3 631 082 għall-persunal tal-Parlament u EUR 2 097 250 għall-APA;
75. Jinnota li, fl-2018, l-ispiża għall-ferrovija charter Thalys kienet ta' EUR 3 741 900 (meta mqabbla ma' EUR 3 668 532 fl-2017);
76. Jenfasizza li ċ-ċaqliq tal-vetturi uffiċjali tal-Parlament lejn Strasburgu u lura vojta ħlief għax-xufiera rispettivi tagħhom ikompli jżid mal-impatt finanzjarju u ambjentali tat-12-il missjoni annwali fi Strasburgu; jilqa' l-fatt li teżisti l-opportunità li l-APA jingħaqdu mal-vjaġġ lejn Strasburgu u lura, iżda jiddispaċih li din il-possibbiltà mhux qed tiġi sfruttata bis-sih; jistieden lill-Parlament jippermetti li l-membri kollha tal-persunal tal-Parlament u tal-gruppi politiċi jużaw ukoll din l-alternattiva għall-vjaġġ tagħhom lejn Strasburgu, u li jtejjeb il-komunikazzjoni tiegħu dwar din il-possibbiltà;
77. Jikkonstata li n-nefqa addizzjonali involuta li ma jkunx hemm sede unika tmur kontra l-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda u kontra l-prinċipju ta' dixxiplina baġitarja; ifakkar li maġġoranza kbira tal-Membri tal-Parlament esprimew l-appoġġ, f'diversi riżoluzzjonijiet, favur sede unika biex jiġi żgurat l-infiq effiċjenti ta' flus il-kontribwenti tal-Unjoni; jinnota li l-Qorti stmat li t-trasferiment minn Strasburgu lejn Brussell jista' jiġġenera ffrankar annwali ta' EUR 114-il miljun flimkien ma' ffrankar ta' darba ta' EUR 616-il miljun f'każ ta' ċessjoni effikaċi tal-bini fi Strasburgu, jew spiża ta' darba ta' EUR 40 miljun jekk dan ma jseħħx; jinnota li sede unika tista' tinkiseb biss permezz ta' bidla unanima fit-Trattat; iħeġġeġ lill-Kunsill jieħu nota tal-pożizzjoni tal-Parlament u jerfa' r-responsabbiltà tiegħu u jaġixxi kif xieraq; jenfasizza li jista' jsir użu iktar effiċjenti jekk il-vetturi uffiċjali tal-Parlament lejn Strasburgu jittrasportaw lill-Membri, l-APA u l-membri tal-persunal b'ordnijiet ta' missjoni; iqis li l-vetturi uffiċjali tal-Parlament għandhom tal-anqas jimtlew qabel ma jiġu organizzati karożżi tal-linja charter meta l-ferroviji charter bejn Brussell u Strasburgu jkunu mimlija;
78. Jenfasizza l-fatt li l-Unjoni, bħala waħda mill-firmatarji tal-Ftehim ta' Pariġi skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, wiegħdet li żżomm iż-żieda fit-temperatura medja globali għal ferm inqas minn 2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali, u jinnota bi tħassib li t-12-il vjaġġ fis-sena lejn Strasburgu jżidu bla bżonn l-emissjonijiet tal-karbonju prodotti mill-Parlament;

Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (DG COMM)

79. Ifakkar li, fl-2018, id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (DG COMM) kellu 805 membri tal-persunal; jistieden lid-DG COMM biex juża persentaġġ ikbar tal-baġit globali tal-Parlament fis-sena li ġejjin mis-6,1 % li uża fl-2018;
80. Jilqa' l-implimentazzjoni sħiħa tal-baġit fl-2018 li tixhed l-isforzi li twettqu biex ir-riżorsi kollha disponibbli għad-DG COMM jintużaw bis-sih biex jintlaħaq numru massimu ta' ċittadini, u dan kien ta' importanza partikolari f'din is-sena preelettorali; jinnota b'sodisfazzjon li, fl-2018, ikkontribwixxa b'mod attiv għall-iżvilupp u d-definizzjoni ta' strateġija għall-kampanja elettorali Ewropea;
81. Jikkonstata li l-indikatur ewlieni tad-DG COMM, mill-2017, kien is-siġhat ta' attenzjoni li l-Parlament jirċievi fil-mezzi kollha ta' komunikazzjoni; jikkonstata b'sodisfazzjon li, lil hinn mill-enfasi fuq il-livelli ta' attenzjoni, id-DG COMM qed jiżviluppa metodoloġija biex ikejjel l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effikaċja tal-attivitajiet tiegħu fil-mezzi kollha ta' komunikazzjoni; japprova l-enfasi fuq il-viżibbiltà tal-Parlament;
82. Jistieden lid-DG COMM jinforma lill-awtorità ta' kwittanza f'ċikli ta' kwittanza futuri dwar l-oġettivi stabbiliti fis-sena rispettiva sabiex tkun tista' tivvaluta l-effikaċja tal-attivitajiet tad-direttorat ġenerali;

83. Jistieden lid-DĠ COMM ikompli bl-isforzi tiegħu biex itejjeb is-sit web pubbliku tal-Parlament, b'mod partikolari fir-rigward tal-ottimizzazzjoni tal-magni tat-tiftix, u biex iżid il-viżibbiltà tiegħu; iħeġġeġ lid-DĠ COMM joħloq sit web li jista' jiġi kkonsultat faċilment u li jkun aċċessibbli faċilment ukoll mill-apparati kollha (jiġifieri smartphones, tablets u sal-kompjuters desktop), b'enfasi partikolari fuq verżjoni mobbli semplifikata tas-sit web;
84. Jikkonstata li, fil-qasam tal-midja, fl-2018, ġew implimentati bosta proġetti u l-preżenza tal-Parlament fuq il-web kompliet tiġi kkonsolidata bl-użu ta' Webstreaming 3.0, li jtejjeb il-kapaċità ta' streaming tal-Parlament;
85. Jirrikonoxxi, barra minn hekk, li kien hemm titjib sinifikanti fl-użu tal-midja soċjali min-naħa tal-Parlament, u jħeġġeġ ukoll l-użu ta' pjattaformi ta' networks soċjali liberi, b'sors miftuħ u self-hosted b'attenzjoni speċjali fir-rigward tal-protezzjoni tad-data tal-utenti; jirrikonoxxi wkoll l-isforzi relatati mas-sensibilizzazzjoni dwar azzjonijiet tal-Unjoni, u jħeġġeġ ukoll lill-Parlament jintensifika l-attività tiegħu fuq il-midja soċjali sabiex ixerred ir-riżultati tal-ħidma tal-Parlament fost iċ-ċittadini tal-Unjoni; jikkonstata wkoll li ġew investiti sforzi sinifikanti fi strateġija komprensiva għall-viżitaturi u, b'enfasi partikolari fuq iż-żgħażaġh, fl-implimentazzjoni tal-programm "Skola Ambaxxatriċi tal-Parlament Ewropew";
86. Jikkonstata li, fl-2018, ġew organizzati 285 seminar għall-istampa fl-Istati Membri, u għalihom attendew aktar minn 3 629 ġurnalist. jilqa' l-fatt li, barra minn hekk, 1905 ġurnalist ġew mistiedna jieħdu sehem fis-sessjonijiet plenarji, u 1 191 ġurnalist ġew mistiedna jieħdu sehem f'seminars tal-istampa organizzati ċentralment; ifaħħar lid-DĠ COMM talli għamel użu mill-kanali tal-midja kollha possibbli għat-tixrid tal-informazzjoni dwar il-ħidma u r-riżultati miksuba mill-Parlament; jistieden lid-Direttorat Ġenerali jagħti attenzjoni adegwata lill-importanza tal-midja soċjali u lill-potenzjal sinifikanti tagħha, li kulma jmur dejjem jikber, biex jintlaħqu ċ-ċittadini;
87. Jappoġġa l-attivitajiet tal-Parlamentarju li sal-11 ta' Lulju 2018 kien laqa' 2 miljun viżitatur, u s-suċċess tal-proġetti pilota ta' tal-Europa Experience f'Berlin, Ljubljana, Strasburg u Helsinki; jesprimi l-gratitudni tiegħu għall-Unità taż-Żjarat u s-Seminars li fl-2018 laqgħet numru rekord ta' viżitaturi;
88. Ifakkar li l-2018 kienet l-ewwel sena sħiħa ta' operat għal Dar l-Istorja Ewropea; jinnota li Dar l-Istorja Ewropea laqgħet 164 158 viżitatur; jilqa' l-ftehim ta' kofinanzjament mal-Kummissjoni, li jiżgura kontribuzzjoni annwali għall-ispejjeż ta' funzjonament; għadu mħasseb ħafna bir-rapporti dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol f'Dar tal-Istorja Ewropea taħt il-kuntrattur preċedenti u jitlob b'urġenza lis-Segretarju Ġenerali jinforma lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament dwar is-sitwazzjoni tal-impjegati ta' Dar l-Istorja Ewropea taħt il-kuntrattur il-ġdid; jitlob ukoll lis-Segretarju Ġenerali jippubblika ċ-ċifri relatati mal-ispejjeż totali tal-kuntrattur u l-ammont minfuq fuq il-pagi tal-impjegati ta' Dar l-Istorja Ewropea;

Uffiċċji ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew

89. Ifakkar li saret riforma tal-Uffiċċji ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew (EPL) fl-Istati Membri, li d-dikjarazzjoni tal-missjoni riveduta tagħhom għandha l-għan li tinvolvi liċ-ċittadini u lill-midja permezz tat-tisħiħ tat-timijiet tal-istampa u l-partijiet interessati u l-multiplikaturi sabiex jintlaħqu ċ-ċittadini;
90. Jieħu nota tal-partiti tan-nefqa differenti għall-2018, imqasma kif ġej:

Partita tan-nefqa	Nefqa 2018
Spejjeż tal-persunal	EUR 22 814 372
Spejjeż ta' bini	EUR 11 170 082
Spejjeż ta' sigurtà	EUR 1 843 339
Spejjeż ta' komunikazzjoni	EUR 11 639 088
Total	EUR 45 886 152

91. Jinsisti fuq l-importanza ta' komunikazzjoni effikaċi fl-Istati Membri filwaqt li tiġi żgurata l-kosteffettività; jistieden lill-partijiet kollha involuti fit-tehdid tad-deċizzjonijiet jirsistu għal valur miżjud, b'mod partikolari fir-rigward tal-ispejjeż operattivi;

92. Jappella lill-Parlament u lill-Istati Membri jintensifikaw il-kooperazzjoni mal-EPLOs rispettivi tagħhom; jitlob li l-EPLOs iżidu l-viżibbiltà tagħhom permezz ta' avvenimenti u attivitá intensiva fuq il-midja soċjali sabiex jintlaħqu ċittadini; jistieden lill-EPLOs iżidu l-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni tagħhom mal-istituzzjonijiet Ewropej indiwidwali bil-għan li jissimplifikaw l-operat tal-EPLOs;
93. Jikkonstata li l-uffiċċju tal-EPLO bbażat f'Ateni fl-2018 nefaq EUR 38 400 għall-kiri ta' spazji għall-parkeġġ; iqis li dawn l-ispejjeż huma sproporzjonatament għolja meta wieħed jikkunsidra li huma biss sitt impjegati li attwalment jaħdmu f'dan l-uffiċċju; jistieden lill-Parlament jinvestiga r-raġunijiet għal dawn l-ispejjeż u, jekk ikun meħtieġ, jieħu l-miżuri xierqa biex jirrimedja s-sitwazzjoni;
94. Jikkonstata li, fit-30 ta' Janjar 2019, il-Bureau ddeċieda li jżomm l-uffiċċju tal-Parlament f'Londra u li l-uffiċċju antenna f'Edinburgh se jibqa' hemm mill-inqas sa tmiem l-2020; jinnota li d-deċiżjoni dwar il-preżenza tal-Parlament f'Edinburgh lil hinn mill-2020 se tittieħed fi stadju aktar tard;
95. Jikkonstata bi tħassib id-deċiżjoni tal-Bureau tal-11 ta' Frar 2019 dwar l-appoġġ parlamentari għall-Missjoni tal-UE għall-ASEAN f'Jakarta, id-delegazzjoni tal-UE għall-Unjoni Afrikana f'Addis Ababa u d-Delegazzjoni tal-UE għan-NU fi New York; iqis li minħabba n-natura speċifika ta' dan l-appoġġ parlamentari, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament għandu jingħata informazzjoni dettaljata dwar ir-riżorsi u r-riżultati fuq bażi annwali fil-qafas tal-kwittanza tal-Parlament; jitlob lis-Segretarju Ġenerali jwettaq analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji ta' dan l-appoġġ għad-diplomazija parlamentari qabel tmiem l-2020 u qabel kwalunkwe estensjoni prevista għal reġjuni oħra tad-dinja;

Direttorat Ġenerali għall-Persunal (DG PERS)

96. Ifakkar li, fl-2018, id-Direttorat Ġenerali għall-Persunal (DG PERS) kellu 456 membru tal-persunal u amministra 47,5 % tal-baġit globali tal-Parlament;
97. Jilqa' t-trasferiment tal-kompiti relatati mal-Assistenti Parlamentari Akkreditati mid-Direttorat Ġenerali għall-Finanzi (DG FINS) lid-DG PERS u l-isforz sinifikanti meħtieġ sabiex jiġi organizzat it-trasferiment tar-responsabbiltajiet;
98. Jikkonstata b'sodisfazzjon il-ħolqien tal-Front Office tal-Assistenti Parlamentari Akkreditati li jamministra l-proċedura ta' reklutaġġ fl-intier tagħha tal-APA, kif ukoll il-modifika u t-terminazzjoni tal-kuntratti u l-appoġġ amministrattiv lill-APA; jemmen li għandha tissaħħaħ aktar il-kapaċità tal-Front Office li jwieġeb għall-ħtiġijiet tal-APA; jilqa' l-introduzzjoni ta' proċedura semplifikata u aktar rapida għar-reklutaġġ tal-APA u l-progress lejn ġestjoni ta' fajls mingħajr karti; jitlob li t-timijiet amministrattivi tal-Parlament responsabbli għar-reklutaġġ tal-APA jissaħħu qabel il-bidu ta' kull mandat ġdid, għaż-żmien meħtieġ biex jiġi pprovdut taħriġ komprehensiv minn qabel u sakemm jgħaddi l-perjodu b'volum tax-xogħol għoli;
99. Itenni t-talba tiegħu lill-amministrazzjoni biex toffri, kemm jista' jkun malajr fil-leġiżlatura li jmiss, pubblikazzjonijiet jew korsijiet ta' taħriġ speċjalment għall-APA l-ġodda, inkluż fir-rigward ta' kwistjonijiet prattiċi u amministrattivi (ordnijiet ta' missjoni, visti mediċi, akkreditament, stikers tal-parkeġġ, gruppi ta' viżitaturi, wirjiet, eċċ.) sabiex jiġu evitati żbalji sistemiċi li jħarbtu t-tmexxija bla xkiel tal-proċeduri amministrattivi li jaffettwaw lill-APA l-ġodda;
100. Itenni t-talba tiegħu li l-APA jirċievu l-istess allowance ta' sussistenza bħall-persunal statutorju għall-missjonijiet tagħhom biex jattendu s-sessjonijiet parzjali fi Strasburgu;
101. Jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-ġestjoni tal-konsegwenzi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq l-amministrazzjoni tal-Parlament, speċjalment fir-rigward tal-impatt fuq ir-riżorsi umani u fuq il-baġit;
102. Jikkonstata li l-indikatur ewlieni tad-DG PERS fl-2018 kien il-ħin għat-twettiq tal-kompiti; jikkonstata b'sodisfazzjon li l-oġġettivi u l-metodi tal-ġbir tad-data ġew irfinati b'valutazzjoni ġenerali pożittiva tar-riżultati;

103. Jikkonstata li l-għadd totali ta' persunal fil-Parlament f'Diċembru 2018 kien ta' 9 883 uffiċjal attiv, u dan jinkludi l-persunal permanenti u dak temporanju, il-persunal kuntrattwali u l-APA (apparagun ta' 9 682 fl-2017);
104. Jiġbed l-attenzjoni għar-Rapport Speċjali Nru 15/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Implimentazzjoni tal-pakkett ta' riformi tal-persunal tal-2014 fil-Kummissjoni — Iffrankar sinifikanti, iżda mhux mingħajr konsegwenzi għall-persunal; jinnota bi tħassib l-osservazzjonijiet tal-Qorti li huma applikabbli għal istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni, inkluż il-Parlament, u għalhekk jilqa' r-rieda tal-Kummissjoni li taċċetta r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti; jappoġġa l-pożizzjoni espressa mill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament (*) dwar il-kwistjoni; jenfasizza l-importanza li l-Unjoni ttipprovdi salarji kompetittivi meta mqabbla mas-settur privat fil-pajjiż ta' residenza u jnsab imħasseb li kundizzjonijiet inqas favorevoli ta' impjieg jistgħu jkunu naqqsu l-attraenza li wieħed jaħdem għall-Unjoni, b'mod partikolari meta hemm diffikultajiet biex jiġi attirat persunal suffiċjenti minn għadd ta' Stati Membri; iwissi dwar il-konsegwenzi serji li kwalunkwe tnaqqis fil-baġit amministrattiv jew kwalunkwe tnaqqis tal-persunal jista' jkollu fil-futur tas-servizz pubbliku tal-Unjoni Ewropea u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni; jesprimi wkoll it-tħassib kbir tiegħu dwar iż-żieda fil-proporzjon ta' persunal kuntrattwali b'riżultat tar-riforma tal-persunal tal-2014 li rriżultat f'kundizzjonijiet ta' impjieg dejjem aktar prekarji fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-istabbiliment ta' kategorija ta' persunal tal-UE parallel bi prezz baxx; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jwettqu valutazzjoni komprensiva tal-impatt fuq il-ġestjoni tar-riżorsi umani u l-benesseri tal-persunal ta' kwalunkwe riforma jew revizzjoni futura tar-Regolamenti tal-Persunal;
105. Ifakkar fil-fatt li l-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs hija komponent fundamentali tal-politika ta' ġestjoni tar-riżorsi umani tal-Parlament; jieħu nota tal-fatt li l-pjan direzzjonali għall-ugwaljanza bejn is-sessi qed ikompli jiġi implimentat permezz ta' azzjonijiet konkreti: ġew stabbiliti objettivi ta' 40 % għal kapijiet tal-unità nisa, ta' 35 % għal diretturi nisa u ta' 30 % għal diretturi ġenerali nisa sa tmiem l-2019; jiddispijaċih madankollu li l-pjan direzzjonali għall-ugwaljanza bejn is-sessi ma ġiex implimentat b'mod sħiħ, speċjalment fir-rigward tal-fatt li jintlaħaq l-objettiv tar-rappreżentanza tan-nisa f'karigi maniġerjali superjuri ta' 40 % sal-2020; jitlob l-istabbiliment b'urġenza ta' objettivi aktar ambizzjużi u li dawn jinkisbu fuq perjodu ta' żmien qasir;
106. Jipproponi, ukoll, li enfasi ikbar jitpoġġa fuq l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, b'mod partikolari pereżempju billi jiżdied l-għadd ta' persuni b'diżabbiltà li jaħdmu fl-amministrazzjoni tal-Parlament; jikkonstata li, fi ħdan il-Bureau, diġà jeżisti Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Ġeneru u d-Diversità u jitlob li jwettaq studju tal-miżuri meħuda fl-Istati Membri u fil-livell internazzjonali li kienu effettivi biex tiżdied il-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà fuq il-post tax-xogħol, inklużi miżuri leġiżlattivi; jitlob li l-Grupp ta' Livell Għoli jirrapporta lura lill-Bureau b'suġġerimenti konkreti ladarba jsir l-istudju u jiġu analizzati r-riżultati; jitlob l-istabbiliment b'urġenza ta' objettivi aktar ambizzjużi, inklużi dawk li jirriflettu l-ħtieġa li jkun hemm bilanċ ġeografiku, u li dawn jinkisbu fuq perjodu ta' żmien qasir;
107. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ugwaljanza u d-Diversità inkariga lid-DG PERS fl-2018 biex jelabora rapport bi pjan direzzjonali li jinkludi l-lista ta' miżuri biex tiġi eliminata d-diskriminazzjoni abbażi ta' kwalunkwe raġuni bħall-oriġini etnika, id-diżabbiltà, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru fis-Segretarjat tal-Parlament; jieħu nota tal-fatt li l-Bureau adotta r-rapport f'April 2019 u diġà qed jiġi implimentat; jitlob lill-Grupp ta' Livell Għoli jkompli jsaħħaħ u jtejjeb dan it-tip ta' miżuri u inizjattivi sabiex jitrawwem ambjent tax-xogħol inklużiv fil-PE;
108. Jiddeplora l-fatt li ma teżisti l-ebda sistema għall-Membri li qegħdin bil-liv tal-maternità sabiex jiġu temporanjament sostitwiti; huwa tal-opinjoni li din l-impossibbiltà fundamentalment tmur kontra l-valuri fundamentali tal-Unjoni minħabba li tibgħat messaġġ li vot mogħti lil kandidat mara jista' jnvolvi nonrappreżentanza temporanja; huwa tal-opinjoni li l-fatt li ma teżisti l-ebda sistema għall-Membri li jkunu fuq assenza tal-ġenituri u anki għall-Membri li jkunu fuq liv minħabba mard fit-tul sabiex jiġu temporanjament sostitwiti, hija problema persistenti, peress li l-fatt li ma jistgħux jibgħatu lil xi ħadd biex jivvota fisimhom joħloq żbilanċ temporanju fir-rappreżentazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni; jistieden lill-Kunsill jemenda l-Artikolu 6 tal-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tar-rappreżentanti għall-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett⁽⁵⁾ sabiex din is-sitwazzjoni tiġi rimedjata;
109. Jiddispijaċih li, matul il-perijodu 2017 sal-2018, in-numru ta' nisa li jokkupaw pożizzjoni fil-livell ta' direttur ġenerali baqa' stabbli f'numri assoluti, għal 2, jiġifieri ħafna inqas mill-objettiv; jinnota b'sodisfazzjon li n-numru ta' nisa fil-livell ta' direttur laħaq 34 % fi tmiem l-2018 u 37 % matul l-2019 u li n-numru ta' nisa fil-livell ta' kap ta' unità żdied għal 38 % fi tmiem l-2018 u 39 % fi tmiem l-2019; jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' approċċ gradwali, iżda jenfasizza li s-sitwazzjoni tkun sodisfaċenti biss ladarba l-bilanċ bejn is-sessi fil-livell maniġerjali jkun jirrifletti l-bilanċ bejn is-sessi tal-popolazzjoni eliġibbli għal dawk il-pożizzjonijiet;

(*) Dokument ta' Ħidma dwar l-Implimentazzjoni tal-pakkett ta' riformi tal-persunal tal-2014 fil-Kummissjoni — Iffrankar sinifikanti, iżda mhux mingħajr konsegwenzi għall-persunal.

(5) Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett, anness mad-Deċizzjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom tal-20 ta' Settembru 1976 (l-Att Elettorali Ewropew) (ĠU L 278, 8.10.1976, p. 5).

110. Jinnota li hemm Stati Membri li mingħajr ebda pożizzjoni ta' direttur jew ta' direttur ġenerali, u li, minkejja li għadew ħafna snin miċ-ċikli ta' tkabbir tal-2004, l-2007 u l-2013, ma kien hemm l-ebda żieda korrispondenti fir-rappreżentanza għall-Istati Membri l-ġodda fil-livell manigġerjali, fejn għad hemm ċerti nazzjonalitajiet b'sovrarappreżentanza kbira; jirrakkomanda li din is-sitwazzjoni tiġi indirizzata; ifakkar fl-importanza li kull reklutaġġ ikun ibbażat fuq il-kompetenza, filwaqt li tiġi rispettata l-importanza li jinkiseb bilanċ ġeografiku fost il-persunal tal-Parlament; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Parlament jiżgura li l-persunal f'kull livell, inkluż fil-livell ta' direttur u ta' direttur ġenerali, jiġi rekrutat u promoss mingħajr diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità u jiżgura li l-impjeg fil-Parlament ikun attraenti b'mod ugwali għan-nazzjonalitajiet kollha;
111. Jieħu nota tas-soluzzjonijiet li nstabu għall-APA li jkunu ħadmu għal żewġ leġiżlaturi konsekuttivi mingħajr interruzzjoni iżda li kien jonqoshom massimu ta' xahrejn biex jikkompletaw l-għaxar snin ta' servizz meħtieġa biex ikollhom dritt għal pensjoni skont l-iskema tad-drittijiet tal-pensjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni; jikkritika l-fatt li s-soluzzjoni tressqet tard wisq, minkejja t-twissijiet numerużi u bla waqfien matul il-leġiżlatura preċedenti; jikkritika, barra minn hekk, il-fatt li soluzzjoni waħda biss instabet u li kienet tiddependi biss mir-rieda tajba ta' ċerti Membri li kienu jafu bis-sitwazzjoni u li xtaqu juru solidarjetà mal-APA tagħhom f'din is-sitwazzjoni; jikkritika, barra minn hekk, il-fatt li l-Amministrazzjoni ma informatx lill-Membri eletti għal-leġiżlatura l-għdida dwar din il-kwistjoni u dwar il-fatt li setgħu joħorġu kuntratti ta' inqas minn sitt xhur f'dawn il-każijiet, u minħabba f'hekk ħafna minn dawn l-APA kellhom diffikulta' kbira biex isibu Membru li kien lest li jimpjeghom fuq kuntratt mingħajr interruzzjoni għal perjodu qasir ta' żmien, xi ħaġa li xi wħud mill-APA lanqas irnexxielhom jagħmlu (skont l-Amministrazzjoni, dan kien il-każ għal mill-inqas 3 mill-170 APA kkonċernat);
112. Jilqa' l-estensjoni u s-semplifikazzjoni tal-possibbiltajiet tat-telexogħol għas-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament iżda jitlob l-estensjoni tal-possibbiltà ta' telexogħol bi skeda fissa, bħal ma jiġri fil-Kummissjoni u f'istituzzjonijiet oħra; jappoġġa t-tweġġa ta' s'tħarriġ dwar l-esperjenza tat-telexogħol u jitlob li r-riżultati tal-evalwazzjoni jiġu kondiviżi mal-Membri u mas-servizzi Parlamentari kollha;
113. Jitlob mill-ġdid għal użu usa' tal-vidjokonferenzi u ta' teknoloġiji oħra sabiex jitħares l-ambjent u jiġu ffrankati r-riżorsi, b'mod partikolari biex jonqsu l-vjaġġi tal-persunal bejn it-tliet postijiet tax-xogħol sabiex iwettqu d-doveri tagħhom;
114. Jirrikonoxxi l-politika ta' tolleranza zero tal-Parlament fir-rigward tal-fastidju fi kwalunkwe u f'kull livell inklużi l-Membri, il-persunal u l-APA kif ukoll l-azzjonijiet stabbiliti biex jiskoraġġixxi l-fastidju fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari l-adozzjoni, mill-Bureau, fit-12 ta' Marzu 2018, ta' pjan direzzjonali aġġornat għall-adattament ta' miżuri ta' prevenzjoni u ta' appoġġ bikri biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' kunflitt u ta' fastidju bejn il-Membri u l-APA, it-trainees jew membri oħra tal-persunal, awditjar estern tal-proċeduri u l-prattiki interni tal-Parlament, il-ħolqien ta' netwerk ta' konsulenti kunfidenzjali u ta' funzjoni ta' medjatur, u l-organizzazzjoni ta' smiġh pubbliku ma' esperti fil-qasam tal-fastidju fuq il-post tax-xogħol; jikkonstata li r-riżultati tal-awditjar estern kienu mistennija fil-bidu ta' Novembru 2018 u jitlob li dawn jiġu kkomunikati mingħajr dewmien, ladarba jkunu disponibbli; jitlob spjegazzjoni għal dan id-dewmien: jilqa' l-fatt li ċerti gruppi ħeġġew bil-qawwa lill-Membri tagħhom biex jipparteċipaw fis-sessjonijiet ta' taħriġ dwar id-dinjità u r-rispett fuq il-post tax-xogħol, sabiex imexxu bl-eżempju, u jitlob għas-sessjonijiet ta' taħriġ għall-Membri u għall-membri tal-persunal; jistenna l-implimentazzjoni sħiħa u trasparenti tal-pjan direzzjonali; jieħu nota li l-Kumitat Konsultattiv dwar il-Fastidju u l-Prevenzjoni tiegħu fil-Post tax-Xogħol irċieva madwar 20 ilment dwar fastidju psikoloġiku jew sesswali fuq il-post tax-xogħol kull sena mill-2014 sal-2017 u 7 ilmenti fl-2018, li ma jistgħux jiġu injorati f'kuntast fejn kull każ huwa każ żejjed;
115. Jitlob l-implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri rakkomandati fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-26 ta' Ottubru 2017 dwar il-ġlieda kontra l-fastidju u l-abbuż sesswali fl-Unjoni Ewropea, jiġifieri l-implimentazzjoni tat-taħriġ kontra l-fastidju għall-persunal u l-Membri kollha fuq bażi obbligatorja, kif ukoll ir-ristrutturar taż-żewġ kumitati eżistenti f'kumitat indipendenti wieħed; jitlob li l-ispejjeż ġudizzjarji u mediċi tal-vittmi ta' fastidju jkunu koperti skont l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal;
116. Jilqa' l-fatt li ma kien hemm l-ebda lista ta' stennija għall-ewwel tliet kategoriji ta' persunal (jiġifieri ħaddiema fil-Parlament li jkunu ġenitur wieħed u Membri; żewġ ġenituri li jaħdmu full-time fil-Parlament; żewġ ġenituri li jaħdmu fil-Parlament, li wieħed minnhom jaħdem full time u l-ieħor mill-inqas half time) li jintużaw biex tingħata prijorità lill-allokazzjoni ta' pożizzjonijiet fil-crèches tal-Parlament u l-crèches privati fi Brussell li l-Parlament għandu kuntratt magħhom; jikkonstata li, fl-2018, ġew offruti 197 post u ġew aċċettati 116-il post mill-membri tal-persunal; jinnota b'sodisfazzjon li l-crèches Wayenberg qed tiġi estiża u se jkollha kapacià għal 320 tifel u tifla (attwalment għandha 230 post);

117. Jinnota li mill-1 ta' Frar 2020, il-kumpanija "Esedra" saret il-fornitur ta' servizz ġdid tal-crèches u tal-iskejjel preprimarji tal-Parlament; jinnota b'ansjetà l-informazzjoni limitata mogħtija mis-servizzi rilevanti tal-Parlament (DĠ PERS) dwar il-bidliet li dan il-kuntratt ġdid se jinvolvi qabel ma nbidel il-fornitur tas-servizz; jenfasizza l-hteġa li l-Parlament iqiegħed dejjem il-benesseri tat-tfal fil-crèches tiegħu fil-quċċata tal-kriterji tiegħu meta jkun qed jevalwa sejħa għall-offerti, kif ukoll li jagħti importanza kbira għall-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal impjegat mill-fornitur tas-servizz;
118. Jenfasizza l-importanza ta' regoli ċari li jirregolaw il-crèches u l-iskejjel preprimarji; jitlob lill-Kumitat ta' Tmexxija tat-Taqsimiet tal-Crèches u l-Iskejjel Preprimarji tal-Parlament jadotta speċifikazzjonijiet suffiċjenti biex jagħmel ir-regoli tiegħu ċari u trasparenti u wiesgħa biżżejjed sabiex ikopru kwalunkwe sitwazzjoni mhux tas-soltu u speċifika, bħalma huma s-sitwazzjonijiet familjari individwali jew it-tfal bi bżonnijiet speċjali; jissuġġerixxi li tinżamm informazzjoni aġġornata dwar s-servizzi tal-crèches u l-iskejjel preprimarji fuq is-siti web, li tinkludi l-kontribuzzjonijiet u l-kapaċità attwali; jirrakkomanda, barra minn hekk, li jiġi emendat l-Artikolu 4 tar-regoli li jirregolaw il-crèches u l-iskejjel preprimarji li huma amministrati taħt is-supervizzjoni tal-Parlament Ewropew biex jiddikjara b'mod ċar il-kontribuzzjoni massima tal-ġenituri biex tiġi żgurata trasparenza suffiċjenti u biex tiġi evitata kwalunkwe diskrepanza potenzjali;
119. Ifakkar fil-hteġa li l-fornituri kollha tas-servizzi jirrispettaw bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni Belġjana u jiżguraw li s-sotto-kuntrattur ikun allinjat mal-politika tal-Parlament ta' rispett u dinjità fuq il-post tax-xogħol; jistieden lis-servizzi responsabbli tal-Parlament jiżguraw li jkun hemm tranżizzjoni bla xkiel u li l-ebda waħda mill-bidliet possibbli għal kif joperaw t-taqsimiet tal-crèches u l-iskejjel preprimarji, introdotta mill-maniġment il-ġdid, ma twassal għal tnaqqis fil-kwalità tas-servizz u fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, apparagun tal-fornitur ta' qabel tas-servizz;
120. Jikkonstata li, minħabba l-ammont kbir ta' xogħol tal-persunal fid-DĠ PERS, hemm nuqqas ta' flessibilità fil-modifika tas-salarji tal-APA, meta dan jintalab minn Membru u jkun iġġustifikat minn żieda fir-responsabbiltajiet tal-APA;

Direttorat Ġenerali għall-Infrastruttura u l-Loġistika (DĠ INLO)

121. Ifakkar li, fl-2018, id-DĠ INLO kellu 607 membru tal-persunal u amministra 12,6 % tal-baġit globali tal-Parlament;
122. Jikkonstata li l-appropriazzjonijiet ta' impenn ammontaw għal EUR 239 547 603, u dan jikkorrispondi għal tnaqqis ta' 11 % meta mqabbel mal-2017 (EUR 265 839 576);
123. Jenfasizza li, fir-rigward tal-politika tal-bini tal-Parlament, il-prinċipju ta' kosteffettività għandu jiġi osservat kemm jista' jkun possibbli, kemm f'termini ta' spejjeż relatati ma' bini eżistenti kif ukoll f'termini ta' proġetti ġodda; jenfasizza li t-tħassib primarju tal-Parlament għandu jkun il-ġestjoni finanzjarja effikaċi, bil-għan li jitwettagħ ix-xogħol bl-inqas spiża possibbli;
124. Jikkonstata li l-istrategġja l-ġdida dwar il-bini fuq perjodu ta' żmien medju u fit-tul ġiet adottata mill-Bureau f'April 2018; jinnota li l-istrategġja immobiljari tal-Bureau tiffoka fuq miżuri mfassla biex jissodisfaw ħtiġijiet futuri lil hinn mill-2019, inkluża r-rinnovazzjoni tal-bini, li għadha waħda mill-isfidi ewlenin li jridu jiġu indirizzati; ifakkar li l-Parlament iffoka fuq ix-xiri ta' proprjetajiet, u dan ifisser li issa huwa s-sid ta' 80 % tal-bini li jokkupa;
125. Jirrikonoxxi li fi Brussell il-bini Martens tlesta u l-bini Montoyer 63 inbena mill-ġdid;
126. Jinnota li l-akbar proġett ta' bini tal-Parlament — it-tkabbir tal-bini Konrad Adenauer fil-Lussemburgu — jinsab fil-punt tal-finalizzazzjoni tal-ewwel fażi tiegħu, is-sit tal-Lvant, li jirrappreżenta madwar 70 % tal-proġett kollu; ifakkar li, attwalment, il-persunal tal-Parlament fil-Lussemburgu jinsab f'erba' binjiet; jirrikonoxxi li l-binja Konrad Adenauer se tlaqqa' s-servizzi kollha taħt saqaf wieħed u, għalhekk, se jippermetti ekonomiji ta' skala fl-oqsma tal-enerġija, l-ilma, is-sigurtà u l-ġestjoni tal-faċilitajiet tal-bini; jirrimarka bi tħassib li ċerti spejjeż relatati mad-dewmien fil-kostruzzjoni kienu ogħla milli kien previst oriġinarjament, iżda bis-saħħa tal-ispejjeż konsiderevolment aktar baxxi għall-ispejjeż finanzjarji tal-krediti, il-Parlament kien kapaċi jikkumpensa l-ħtiġijiet finanzjarji addizzjonali; jieħu nota li, f'dan l-istadju, l-ispiża totali tal-proġett Adenauer għadha EUR 32,5 miljun taħt il-baġit globali approvat, u dan jeskludi l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-proġett, l-ispejjeż finanzjarji, il-korpi ċċertifikati, eċċ.; jiddispijaċih dwar iż-żieda fl-ispejjeż minħabba d-dewmien fil-kostruzzjoni u jinnota li kien hemm bżonn ta' tranżazzjonijiet mal-kumpaniji tal-kostruzzjoni (b'rabta mad-dewmien bil-proġett) biex jiġu evitati dewmien u spejjeż ulterjuri (bejn 5 % u 15 % tal-ammont tal-kuntratt);

127. Jinnota bi tħassib li, bħal fis-snin preċedenti, ġie awtorizzat trasferiment ta' tlaqqit ġdid — ta' EUR 29 miljun — għall-prefinanzjament tal-proġett tal-bini Konrad Adenauer; jenfasizza li tali "tlaqqit" jirrappreżenta rilassament tal-prinċipju tal-ispeċifikazzjoni u jikser intenzjonalment il-prinċipju tal-eżattezza tal-baġit; ma jaqbilx mal-prattika attwali ta' "trasferiment ta' tlaqqit" ta' tmiem is-sena bħala kontribuzzjoni għall-proġetti ta' bini attwali; jitlob ġestjoni aħjar tal-baġit sabiex tali trasferimenti jitnaqqsu għall-minimu possibbli u biex jittejbu ċ-ċarezza u t-trasparenza tal-linji baġitarji relatati;
128. Ifaħħar it-titjib tal-ambjent tax-xogħol għall-Membri fi Brussell (uffiċċju personali 1 + 2 uffiċċji għall-persunal tagħhom) u Strasburgu (1 + 1 uffiċċji); jappoġġa wkoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-Membri b'konformità mal-paragrafu 147 iktar l'isfel;
129. Jappoġġa l-isforzi tad-DĠ INLO biex jissikka l-arranġamenti ta' sigurtà tiegħu permezz ta' titjib strutturali u organizzattiv, inkluż fir-rigward tas-sigurtà tas-siti fiżiċi kollha; jinsisti fuq il-ħtieġa li jkun hemm rikonċiljazzjoni bejn it-trasparenza għaċ-ċittadini u l-ħtiġijiet ta' sigurtà;
130. Jinnota b'dispaċir li għadd ta' fornituri ta' servizzi kruċjali reċentement iddeċidew li ma jestendux il-kuntratti fit-tul iffirmati mal-Parlament (banek u ħwienet tal-ikel) u jitlob lis-servizz jinvestiga r-raġunijiet għat-tnaqqis fis-servizzi disponibbli fil-Parlament;
131. Jirrikonoxxi li x-xogħlijiet biex tiġi estiża l-crèche ta' Wayenberg bdew fl-2018; jinsab imħasseb madankollu dwar l-aċċess mhux sikur ipprovdut għal dawn is-siti matul ix-xogħlijiet, u jissuġġerixxi li d-DĠ INLO u d-DĠ SAFE jenħtieġ li jagħtu attenzjoni akbar biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-utenti matul tali xogħlijiet ta' bini fil-futur;
132. Jieħu nota tal-infrastruttura sinifikanti tal-Parlament, li tista' tinqasam kif ġej:

Il-bini fi Brussell	Il-bini fil-Lussemburgu	Il-bini fi Strasburgu
13 bi sjieda	1 bi sjieda	5 bi sjieda
7 b'kiri	6 b'kiri	parkeġġ 1 b'kiri
671 285 m ²	176 283 m ²	344 283 m ²
Antenna u Uffiċċji ta' Kollegament tal-PE		
Total	37	
bi sjieda	12	
b'kiri	25	
Superfiċje	28 383 m ²	

133. Jirrikonoxxi li l-Bureau ta' Istruzzjonijiet Lis-Segretarju Ġenerali biex jawtorizza lid-DĠ INLO jniedi konkors tal-arkitettura għar-risistemazzjoni tal-binja Paul-Henri Spaak, b'żewġ possibbiltajiet biss: jiġifieri r-rinnovazzjoni jew ir-riprogettazzjoni tal-binja; jirsisti biex il-binja tkun lesta għal evoluzzjoni ulterjuri tal-attivitajiet tal-Parlament fid-deċennji li ġejjin, bi qbil mat-Trattati; ifakkar li tnieda konkors tal-arkitettura sabiex ikun hemm proposti arkitettoniċi konkreti u li d-deċiżjoni finali dwar il-proġett għandha tittieħed mill-awtoritajiet politiċi u baġitarji; jenfasizza li tali deċiżjoni għandha sseħħ wara l-pubblikazzjoni ta' valutazzjoni tas-sikurezza tal-bini u li s-Segretarju Ġenerali għandu jfassal baġitizzazzjoni tal-pjan qabel ma tittieħed id-deċiżjoni;
134. Jikkonstata li l-ħolqien ta' "Europa Experience" f'bosta Uffiċċji ta' Kollegament ġie approvat mill-Bureau u li dan qed jiġi implimentat tul is-snin li ġejjin;

135. Jappoġġa l-internalizzazzjoni tas-servizz tax-xufiera u jinnota r-rata għolja ħafna ta' sodisfazzjon (99,9 %) għas-servizz uffiċjali tal-karozzi fl-2018; jissuġġerixxi li l-karozzi uffiċjali ma għandhomx jivvjaġġaw vojta u li, waqt is-sewqan minn Brussell għal Strasburgu u lura, huma għandhom jiġu użati sabiex jittrasportaw Membri, persunal u APA b'ordnijiet ta' missjoni; jieħu nota tar-regola l-ġdida li tirrikjedi li x-xufiera jistennew għal massimu ta' ħames minuti fil-post tal-ġbir u jifhem in-neċessità ta' tali regola iżda huwa madankollu, imħasseb li dan il-limitu ta' żmien huwa qasir wisq; jinnota ż-żmien twil ta' stennija għall-Membri fl-ajruport qabel ma l-karozzi jtilqu lejn il-Parlament u jissuġġerixxi li jinstab mod aktar effiċjenti kif jiġi ġestit dan id-dewmien;
136. Jesprimi tħassib qawwi rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal ta' tnejn mill-konċessjonijiet esterni kkuntrattati mill-Parlament, jiġifieri l-persunal tat-tindif u l-persunal tar-ristoranti, u jirrakkomanda bil-qawwa li d-DĠ INLO jorganizza stħarriġ indipendenti dwar is-sodisfazzjon tagħhom bil-kundizzjonijiet tax-xogħol, sabiex jiġu żgurati r-rispett u d-dinjità fuq il-post tax-xogħol; jitlob evalwazzjoni tal-politika tal-akkwist pubbliku tal-Parlament immirata biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli għas-servizzi kollha kkuntrattati; jistieden lill-Parlament jirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar ir-riżultati ta' din l-evalwazzjoni; jirrikonoxxi li l-Parlament jirrispetta l-leġiżlazzjoni rilevanti;
137. Jinsab imħasseb li s-servizz għadu ma kienx kapaċi jsołvi l-problema bis-sistema tal-misħun tal-Parlament u jitlob lill-kumitat responsabbli biex fil-futur jipprovi informazzjoni dwar l-azzjoni meħuda biex tiġi miġġielda l-infezzjoni tal-legionella fil-Parlament;
138. Jilqa' ż-żieda fil-varjetà tal-ikel offert fil-kantin self-service tal-Parlament; huwa, madankollu, imħasseb minħabba li l-bilanċ tal-prezz/kwalità tal-ikel offert ma kienx sodisfaċenti, minkejja li saret sejħa pubblika għall-valutazzjoni tal-ispejjeż/benefiċċji; jitlob valutazzjoni mill-ġdid tal-evalwazzjoni tal-kwalità u tal-prezz tal-fornituri potenzjali tas-servizzi fis-suq; jitlob li jsiru l-emendi neċessarji fir-rigward tal-proporzjon żbilanċjat tal-kwalità u l-prezz li joħroġ mir-riżultati tal-istħarriġ; jesprimi tħassib serju dwar il-prezz u l-kwalità tal-ikel u x-xorb;
139. Jesprimi solidarjetà mal-ħaddiema tal-Grupp COMPASS li qed jiffaċċjaw tnaqqis fil-persunal u deterjorament fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom; huwa mħasseb dwar l-użu li qed jiddied mill-kumpanija esterna tal-forniment tal-ikel ta' persunal temporanju u interim, peress li dan għandu konsegwenzi għall-kwalità tas-servizzi u għall-benefiċċji u l-kwalità tal-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-persunal permanenti;
140. Jilqa' l-ħolqien ta' unità ta' koordinament tal-akkwist pubbliku u tal-kontroll *ex ante* fl-2017 sabiex jissaħħaħ ir-rwol ċentrali tal-unità ta' verifika *ex ante* u biex jiġi pprovdut appoġġ ħalli jiġu żgurati l-applikazzjoni u l-monitoraġġ uniformi tal-proċeduri ta' akkwist fid-DĠ INLO;
141. Jikkonstata b'sodisfazzjon li matul l-2018 twettaq awditjar dwar l-aċċessibilità tal-bini għall-persuni b'diżabbiltà bħala parti mill-politika "Disinn għal kulħadd" u t-tnedija tan-netwerk ta' aċċessibilità tad-DĠ INLO;
142. Japprova r-rwol tad-DĠ INLO fil-politika ambjentali tal-Parlament, b'mod partikolari l-oġettiv li l-bini jsir aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija u jitnaqqas il-konsum tal-ilma;

Direttorat Ġenerali għal-Loġistika u l-Interpretazzjoni għall-Konferenzi (DĠ LINC)

143. Ifakkar li, fl-2018, id-Direttorat Ġenerali għal-Loġistika u l-Interpretazzjoni għall-Konferenzi (DĠ LINC) kellu 534 membru tal-persunal u amministra 3,1 % tal-baġit globali tal-Parlament;
144. Jinsisti dwar l-applikazzjoni tal-kodiċi ta' kondotta dwar il-multilingwiżmu, li jippermetti lil kull Membru jesprimi ruħu bil-lingwa tiegħu stess; jenfasizza li l-profilu lingwistiċi aktar dettaljati introdotti mir-reviżjoni tal-kodiċi ta' kondotta dwar il-multilingwiżmu għandhom jintużaw biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali; l-għan tagħhom mhuwiex li tiġi limitata l-offerta lingwistika iżda li jiġi fornut servizz aktar immirat lill-Membri fil-każ ta' limitazzjonijiet tas-suq u restrizzjonijiet loġistiċi;
145. Japprova t-trasformazzjoni tal-2018 tad-Direttorat Ġenerali biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Parlament fl-organizzazzjoni tal-konferenzi u t-tlestija tal-proċess biex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet tax-xogħol ġodda għall-interpreti;
146. Jirrikonoxxi l-istrateġija għall-modernizzazzjoni tal-ġestjoni tal-konferenzi, iffukata l-aktar fuq it-titjib u l-adattament tal-forniment tas-servizzi fil-Parlament, skont il-ħtiġijiet tal-utenti, u l-iżvilupp ta' interfaċċa unika għall-organizzaturi;

147. Jinnota b'sodisfazzjon il-ftehim dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-interpreti tat-8 ta' Settembru 2018; ihegġegħ lill-grupp ta' segwitu konġunt, li jikkonsisti minn rappreżentanti tal-amministrazzjoni u tal-interpreti, biex ikompli joffri forum għall-kooperazzjoni produttiva tiegħu sabiex isolvi bla xkiel il-kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu;
148. Jikkonstata li n-numru medju kumplessiv ta' sigħat fil-ġimgħa li l-interpreti jqattgħu jagħtu servizzi ta' interpretazzjoni fil-kabini tagħhom żdied minn 11-il siegħa u 54 minuta fl-2014 għal 13-il siegħa u 47 minuta u fl-2018 minħabba, fost affarijiet oħrajn, żieda fl-attività parlamentari;
149. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li hemm differenzi kbar fl-ispiża tat-traduzzjoni minn lingwi partikolari u jitlob lis-servizz jinvestiga r-raġunijiet għal dawn id-diskrepanzi kbar;

Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni (DĠ TRAD)

150. Ifakkar li fl-2018, id-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni (DĠ TRAD) kellu 1 145 membru tal-persunal u amministra 0,9 % tal-baġit globali tal-Parlament;
151. Jirrikonoxxi li, fl-2018, id-DĠ TRAD ra żieda ta' 10 % fil-produzzjoni apparagun tas-sena preċedenti, minħabba n-natura ċiklika tad-domanda ta' traduzzjoni, li hija marbuta mill-qrib mal-attività parlamentari; jinnota bi tħassib li l-produzzjoni ta' traduzzjoni interna fir-rigward tal-kapaċità laqgħet 119,4 % (parametru ta' riferiment: 100 %) u r-rata ta' esternalizzazzjoni kienet ta' 32,8 % (31,4 % fl-2017); jappella lid-DĠ TRAD biex jikkunsidra żieda fil-kwantità ta' esternalizzazzjoni, filwaqt li jirrispetta l-parametru ta' riferiment ta' 100 % u jiffoka fuq il-kwalità u n-nuqqas ta' żbalji ta' traduzzjoni tad-dokumenti; jistieden lid-DĠ TRAD ikompli l-ħidma tiegħu biex iżid il-verifika tat-traduzzjoni jiet esternalizzati għall-konformità u l-kwalità;
152. Jinnota l-migrazzjoni progressiva lejn it-traduzzjoni elettronika, li tipprovdi produzzjoni ta' traduzzjoni awtomatika għall-kombinazzjonijiet lingwistiċi kollha; jinsisti fuq ir-rwol insostitwibbli u l-valur miżjud tat-tradutturi umani;
153. Josserva li fl-2018 ġew introdotti kompiti ġodda għat-tradutturi, u dan qed jittrasforma t-traduzzjoni f'medjazzjoni lingwistika interkulturali, pereżempju, permezz tal-istabbiliment tas-Servizz ta' Kapaċità Awdjo, li jinvolvi xi tradutturi li jittraduċu l-aħbarijiet fil-qosor (il-bullettini tal-aħbarijiet ta' kuljum) f'24 lingwa u l-podcasts f'6 lingwi; jinnota li d-DĠ TRAD qabba voice coach li harregħ kważi 180 membru tal-persunal; jinsab imħasseb li l-persunal tad-DĠ TRAD kellu jaffaċċja mhux biss volum ta' xogħol eċċezzjonalment għoli minħabba t-tmiem tal-leġiżlatura iżda wkoll inċertezzi relatati ma' kompiti futuri ġodda u mhux familjari; jistieden lill-persunal u lill-maniġment ta' livell għoli tad-DĠ TRAD ikompli d-diskussjonijiet dwar l-impatt tal-volum ta' xogħol ċikliku fuq il-benesseri tal-persunal; ihegġegħ it-twaqqif ta' grupp ta' segwitu konġunt, li jkun magħmul minn rappreżentanti tal-amministrazzjoni u tat-tradutturi, simili għal dik stabbilita mid-DĠ LINC;

Direttorat Ġenerali għall-Finanzi (DĠ FINS)

154. Ifakkar li, fl-2018, id-DĠ FINS kellu 222 membru tal-persunal u amministra 20,8 % tal-baġit globali tal-Parlament;
155. Huwa konxju li l-qafas regolatorju tad-DĠ FINS evolva ħafna minn mindu daħal fis-seħħ l-Istatut għall-Membri fl-2009; jinnota, barra minn hekk, id-dħul fis-seħħ tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid fit-2 ta' Awwissu 2018, u l-modifiki konsegwenti tar-regoli interni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Parlament, li jaffettwa l-ħidma tad-DĠ FINS;
156. Jinsab imħasseb dwar l-iskarsezza u l-mobbiltà tar-riżorsi umani, fis-sens li kellha tingħata prijorità lis-servizzi ewlenin għall-Membri u għall-Parlament, u dan wasal għal problemi fir-rigward tal-livell ta' kontrolli li saru, l-iskadenzi, il-ħeffa li biha saru l-pagamenti, u l-ibbilanċjar tal-operazzjonijiet tan-nefqa; jinsab imħasseb dwar din it-tendenza u l-impatt negattiv tagħha, b'mod partikolari, dwar id-deterjorament tal-benesseri fuq il-post tax-xogħol u aktar mard fit-tul, li saru aktar evidenti matul is-sena;
157. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar l-obsoluxxenza tal-applikazzjonijiet tal-IT tad-direttorat ġenerali u r-riskju ta' falliment tal-IT, li t-tnejn li huma meqjusa bħala għolja; jistieden lid-DĠ FINS u lid-DĠ ITEC isaħħu l-kooperazzjoni kostruttiva tagħhom sabiex jimplementaw miżuri ta' mitigazzjoni xierqa, inkluż l-użu bla xkiel tas-sistema l-ġdida ta' ġestjoni finanzjarja u kontabilistika;

158. Japprova l-isforzi sinifikanti favur l-investiment kontinwu fid-diġitalizzazzjoni tal-proċessi finanzjarji, bħall-firem elettroniċi tal-Membri, bil-ħsieb li jissaħħu s-servizz tal-klijenti, l-effiċjenza amministrattiva u l-livell ta' kontrolli, b'mod partikolari, l-introduzzjoni ta' rimborż online tal-ispejjeż mediċi tal-Membri u l-awtomatizzazzjoni tar-reġistru ċentrali tal-attendenza, bil-għan li jitħaffu l-pagamenti tad-drittijiet relatati u l-estensjoni tal-funzjonijiet tal-e-Portal, bħala punt ta' dħul uniku għall-Membri biex jimmaniġġjaw id-drittijiet finanzjarji u soċjali tagħhom; jiddeplora l-ineffiċjenzi fid-dħul u l-kontroll tad-data, b'mod partikolari li d-data dwar l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-Membri tiddaħħal fis-sistema darbtejn, l-ewwel mill-Membri u mill-ġdid fit-tieni pass mill-amministrazzjoni;
159. Jikkonstata li l-aġenzija tal-ivvjaġġar il-ġdida tal-Parlament bdiet topera fl-1 ta' Jannar 2019, wara sejħa pubblika għall-offerti; jinnota l-użu limitat taċ-ċentru telefoniku tas-servizz tal-ivvjaġġar, li huwa disponibbli fi tmiem il-ġimgħa iżda li ma jkoprix il-kumpaniji kollha użati mill-aġenzija tal-ivvjaġġar; jiddeplora l-fatt li l-Membri esperjenzaw diffikultajiet biex jikkomunikaw maċ-ċentru telefoniku tas-servizz tal-ivvjaġġar matul u barra l-ħinijiet tax-xogħol; jiddeplora s-siġħat ta' ftuħ limitati tal-aġenzija, b'mod partikolari l-fatt li tkun magħluqa nhar ta' Ġimgħa waranofsinar, ħliet għall-Ġimgħa ta' qabel is-sessjoni ta' Strasburg, peress li dan jillimita serjament il-kapaċità tal-persunal tal-Membri li jaħdem b'mod effiċjenti; jitlob titjib fid-disponibbiltà; jinsisti fuq l-implimentazzjoni obligatorja ta' mekkaniżmu tal-ilmenti sempliċi u faċli għall-utent, li jippermetti r-riżoluzzjoni rapida ta' kwalunkwe problema; jiddeplora ż-żmien ta' reazzjoni bil-mod tal-aġenzija meta tittratta talbiet għal biljetti; iħoss li huwa assolutament inaċċettabbli li l-biljetti proposti mill-aġenzija mhux dejjem ikunu dawk l-aktar kosteffikaċi u li l-Membri jesperjenzaw dewmien fir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tagħhom; jistieden lid-DĠ FINS iniedi stħarriġ ta' sodisfazzjon dwar is-servizzi tal-aġenzija tal-ivvjaġġar, u, bil-għan li jippreżenta r-riżultati sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2020, jinforma lill-klijenti dwar l-organizzazzjoni u r-responsabbiltajiet tad-DĠ FINS u tal-aġenzija tal-ivvjaġġar tal-Parlament; iħeġġeġ lill-aġenzija tal-ivvjaġġar il-ġdida tirrifletti fuq ir-riżultati pprovduti mill-istħarriġ ta' sodisfazzjon u timplimenta t-titjib kif xieraq;

Allowance għall-Ispejjeż Ġenerali

160. Jilqa' l-miżuri meħuda mill-Bureau biex jiġu żviluppati aktar trasparenza u responsabbiltà finanzjarja;
161. Ifakkar li huwa obligatorju kont bankarju separat biex titħallas l-allowance għall-ispejjeż ġenerali; jistieden lill-Parlament jinforma regolament lill-awtorità ta' kwittanza dwar kemm ikun hemm Membri li jikkonformaw ma' dan l-obbligu;
162. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, fil-laqgħa tiegħu tat-2 ta' Lulju 2018, il-Bureau adotta lista ġdida mhux eżawrjenti ta' spejjeż li jistgħu jitħallsu mill-allowance għall-ispejjeż ġenerali li fiha l-aktar eżempji komuni ta' spejjeż eliġibbli; jinnota li għall-Membri li jkunu jixtiequ dan, l-ispejjeż relatati mal-awditjar ta' verifika volontarju tal-użu tal-allowance għall-ispejjeż ġenerali jistgħu jiġu koperti mill-allowance għall-ispejjeż ġenerali; ifakkar li l-Membri kollha huma liberi li jiddokumentaw l-użu tal-allowance għall-ispejjeż ġenerali tagħhom, u li jippublikaw din l-informazzjoni fis-siti web personali tagħhom; jistieden lill-Parlament jinforma regolament lill-awtorità ta' kwittanza dwar kemm ikun hemm Membri li jsewju dawn ir-rakkomandazzjonijiet;
163. Jirrikonoxxi t-titjib li sar fl-aħħar snin fil-verifika u l-kontroll effiċjenti u trasparenti tar-rimborżi tal-infiq, bħar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-Membri u l-allowances tal-Assistenti Parlamentari, li fir-rigward tagħhom għandha tiġi pprovduta dokumentazzjoni għall-ispejjeż imġarrba; jitlob trattament strett tal-każijiet fejn tkun ġiet żvelata mġiba ħażina; iħeġġeġ lill-Bureau jislet konklużjonijiet mill-inċidenti ta' frodi li sehnew fil-passat u jimponi miżuri punitivi severi f'każijiet ta' frodi; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Membri jużaw l-Allowance għall-Ispejjeż Ġenerali tagħhom strettament għall-finijiet stabbiliti fil-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew; iħeġġeġ lill-Bureau biex jipproċedi bl-evalwazzjoni tal-linji gwida kif previst fl-aħħar deċiżjoni tal-Bureau; ifitx, fl-interess taċ-ċittadini u r-reputazzjoni tal-Kamra u tal-Membri tagħha, bilanċ aġġustat tajjeb bejn il-Libertà tal-mandat u l-ġlieda kontra r-riskji ta' użu ħażin u frodi; iqis xieraq li ssir evalwazzjoni regolari tad-dispożizzjonijiet rilevanti kull ħames snin lejn nofs il-leġiżlatura;
164. Ifakkar fl-Artikoli 62(1) u 62(2) tad-Deċiżjoni tal-Bureau tad-19 ta' Mejju u d-9 ta' Lulju 2008 (l-aħħar modifika fl-1 ta' Lulju 2019), dwar miżuri ta' implimentazzjoni għall-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew, li jistipulaw li 'l-ammonti mħallsa', inklużi l-allowance għall-ispejjeż ġenerali, 'għandhom ikunu riservati esklużivament għall-finanzjament ta' attivitajiet marbuta mal-qadi tal-mandat ta' Membru u ma jistgħux jintużaw biex ikopru spejjeż personali jew biex jiffinanzjaw donazzjonijiet ta' natura politika' u li '[I]-Membri għandhom iroddu lura lill-Parlament kwalunkwe ammont mhux użat ħliet meta jitħallsu f'forma ta' ammont f'daqqa'; jistieden lis-Segretarju Ġenerali u lill-Bureau jiżguraw li dawk id-dispożizzjonijiet jiġu implimentati u rrispettati bis-sħiħ u jinfurmaw regolament lill-awtorità ta' kwittanza dwar kemm ikun hemm Membri li jkunu ħallsu lura l-ammonti mhux użati tagħhom;

165. Ifakkar li l-Grupp ta' Ħidma ad hoc inkarigat mid-definizzjoni u mill-pubblikazzjoni tar-regoli li jikkonċernaw l-użu tal-allowance għall-ispejjeż ġenerali rakkomanda lill-Bureau, fil-leġiżlatura li għaddiet, jissokta bid-diskussjonijiet dwar l-allowance għall-ispejjeż ġenerali u jilħaq ftehim li jirrikjedi lill-Membri: iżommu l-irċevuti kollha tal-ispejjeż marbuta mal-allowance għall-ispejjeż ġenerali, jgħadduhom lil awditur indipendenti inkarigat mill-kontroll annwali tal-kontijiet u tal-pubblikazzjoni tal-opinjoni tal-awditur, u jirrimborżaw is-sehem li ma ntefaqx tal-allowance għall-ispejjeż ġenerali fi tmiem il-mandat tagħhom;
166. Ifakkar ukoll li l-plenarja adottat il-modifiki ulterjuri li ġejjin rigward l-allowance għall-ispejjeż ġenerali, li jiżiedu ma' dawk diġà kien ħareġ il-Grupp ta' Ħidma ad hoc, li jirrikjedu: li s-Servizz ta' Awditjar Intern tal-Parlament jagħmel kontroll f'kampjun ta' 5 % tal-infiq fl-ambitu tal-allowance għall-ispejjeż ġenerali, li r-riżultati finali u l-konstatazzjonijiet tiegħu għandhom ikunu parti mir-rapport annwali tal-awditjar intern ippubblikat mill-Parlament, u li l-Membri jipubblikaw annwalment sinteżi tan-nefġiet imqassma skont il-kategorija (spejjeż ta' komunikazzjoni, kiri ta' uffiċċji, fornituri għall-uffiċċju, eċċ.);
167. Iħeġġeġ lill-Bureau jimplementa, kemm jista' jkun malajr, ir-rieda demokratika tal-plenarja fir-rigward tal-allowance għall-ispejjeż ġenerali;
168. Jilqa' l-fatt li l-Bureau tal-leġiżlatura preċedenti ħoloq l-infrastruttura meħtieġa fuq il-paġna online tal-Membri fuq is-sit web tal-Parlament għal dawk il-Membri li jixtiequ jipubblikaw konferma jew awditu fuq bażi volontarja tan-nefġa tagħhom li l-użu tagħhom tal-allowance għall-ispejjeż ġenerali jikkonforma mar-regoli applikabbli tal-Istatut tal-Membri u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu; jistieden lill-Parlament itejjeb il-komunikazzjoni tiegħu lill-Membri dwar din il-possibbiltà u dwar kif jagħmlu użu minnha fil-prattika;

Fond Volontarju tal-Pensjoni

169. Jikkonstata li fi tmiem l-2018 id-defiċit attwarjali stmat tal-iskema volontarja tal-pensjoni kien ta' EUR 286,1 miljun; jikkonstata barra minn hekk li, fi tmiem l-2018, l-ammont nett ta' assi għal kunsiderazzjoni u l-impenn attwarjali ammontaw għal EUR 112,3 miljun u EUR 398,4 miljun rispettivament;
170. Ifakkar li tali obligazzjonijiet futuri previsti jinfirxu fuq bosta deċennji iżda josserva li l-ammont totali mħallas fl-2018 mill-fond volontarju tal-pensjoni jammonta għal EUR 17,8-il miljun;
171. Jindika li dan iqajjem tħassib dwar il-possibbiltà li l-Fond jiġi eżawrit u li l-Parlament qiegħed jigarantixxi l-pagament tad-drittijiet għal pensjoni jekk u meta dan il-fond ma jkunx f'pożizzjoni li jissodisfa l-obbligi tiegħu;
172. Jappoġġa bil-qawwa r-riżultati tal-laqgħa tal-10 ta' Diċembru 2018, meta l-Bureau ddeċieda li jimmodifika r-regoli applikabbli għall-iskema tal-pensjonijiet billi jżid l-età tal-irtirar minn 63 għal 65 sena u jintroduċi imposta ta' 5 % għall-pagamenti tal-pensjoni għall-pensjonanti futuri bl-għan li jtejjeb is-sostenibbiltà tal-iskema; japprova d-deċiżjoni tal-Bureau bħala pass pożittiv; jinnota madankollu li fil-futur il-Parlament se jibqa' responsabbli għal ammont sinifikanti ħafna; ifakkar li l-Artikolu 27(2) tal-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew jstabilixxi li '[d]rittijiet miksuba u drittijiet futuri għandhom jinżammu fl-intier tagħhom';
173. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali, kif ukoll lill-Bureau, jeżawrixxu b'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-Istatut għall-Membri, jiġifieri l-Artikolu 27(1) u (2) — il-possibbiltajiet kollha biex isibu soluzzjoni ġusta għall-problema filwaqt li r-responsabbiltà tal-Parlament tinżamm fl-ivell minimu, peress li huma involuti l-flus tal-kontribwenti, u jinfurmaw lill-Awtorità ta' kwittanza dwar il-miżuri meħuda f'dan ir-rigward;

Direttorat Ġenerali għall-Innovazzjoni u s-Sostenn Teknoloġiku (DĠ ITEC)

174. Ifakkar li, fl-2018, id-DĠ ITEC kellu 484 membru tal-persunal u amministra 6,4 % tal-baġit globali tal-Parlament;
175. Jikkonstata li l-indikatur ewlieni tad-DĠ ITEC fl-2018 huwa r-responsività tiegħu għat-talbiet tal-utenti u tas-sħab floqsma kollha ta' attività b'mod f'waqt u effiċjenti; jinsisti li d-DĠ ITEC għandu jkompli jinvesti biex jipprovdi interfaċċi tal-IT moderni, mingħajr intoppi, effiċjenti u orjentat lejn l-utenti;
176. Jappoġġa l-iżvilupp kontinwu tal-applikazzjonijiet tal-Parlament elettroniku, ir-rinfurzar tal-attivitajiet ta' innovazzjoni tal-IT u t-tisħiħ tal-kapaċità ta' ċibersigurtà tal-Parlament; jilqa' d-deċiżjoni li jiġu rduppjati r-riżorsi allokati lill-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters għall-Istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-UE (CERT-UE); ifaħħar it-tisħiħ tal-kapaċità tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li jiżguraw l-aħjar protezzjoni kontra l-attakki ċibernetiċi;

177. Jirrikonoxxi l-fatt li huwa diffiċli ħafna għad-DĠ ITEC li jirrekluta biżżejjed esperti kwalifikati biżżejjed bi profili, għarfien u esperjenza speċifiċi ħafna; jistieden lill-Parlament jiżgura li din it-talba tiġi trażmessa b'mod xieraq lill-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal sabiex ikun hemm reazzjoni aħjar għal tali ħtiġijiet speċifiċi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni;
178. Jinsisti li d-DĠ ITEC iwettaq sforzi iktar b'saħħithom biex jiggarantixxi l-kontinwità u r-reżiljenza tal-infrastrutturi tal-ICT tal-Parlament miksuba minn żmien il-perjodu ta' qtugħ tal-IT ta' Ottubru 2017; jitlob żieda fl-isforzi u fil-kapaċità ta' forniment ta' aċċertament dwar ir-robustezza tal-ICT tal-Parlament; jitlob it-tkomplija tal-ħidma u tal-progress li saru fl-oqsma tal-kontinwità tal-operat, il-ġestjoni tar-riskju, il-ġestjoni tal-inċidenti u l-kapaċità ta' rkupru; jenfasizza l-eżistenza ta' nuqqasijiet fil-funzjonament tan-netwerk tal-Internet fil-Parlament;
179. Jenfasizza r-riskji dejjem jiżdiedu b'rabta mad-data u l-privatezza; jindika bi tħassib ir-rappurtar reċenti dwar il-ħżin u l-ipproċessar tad-data tal-utenti meta dawn jirreġistraw fil-wi-fi tal-Parlament; jesprimi dubji kbar dwar il-ħtieġa li d-data tinżamm sa sitt xhur ⁽⁶⁾; jistieden lill-Parlament jiżviluppa strateġija u politika b'rabta mas-sigurtà tal-informazzjoni; jenfasizza li l-kooperazzjoni mill-qrib bejn id-DĠ ITEC u d-DĠ SAFE hija tal-akbar importanza; iħeġġeġ lid-direttorati ġenerali jippanaw attivitajiet komuni fuq żmien medju u fit-tul;

Direttorat Ġenerali għas-Sigurtà u l-Protezzjoni (DĠ SAFE)

180. Ifakkar li, fl-2018, id-DĠ SAFE kellu 756 membru tal-persunal u amministra 1,5 % tal-baġit globali tal-Parlament;
181. Jinsab imħasseb dwar ir-riżultati tal-istħarriġ reċenti tad-DĠ SAFE dwar il-persunal, u jittama li tista' tinstab soluzzjoni fil-futur qarib biex jiġi indirizzat it-tħassib tal-persunal;
182. Ifakkar li t-trasparenza fil-konfront tal-pubbliku hija karatteristika importanti tal-Parlament u għandu jinżamm bilanċ adegwat mal-livell ta' sigurtà meħtieġ;
183. Jilqa' d-deċiżjonijiet ewlenin relatati mas-sigurtà meħuda mill-Bureau fit-8 leġiżlatura, b'mod partikolari (a) il-miżuri li jikkonċernaw ir-relazzjonijiet mal-awtoritajiet nazzjonali tal-pajjiżi ospitanti u mal-istituzzjonijiet l-oħrajn, b'mod partikolari l-miżuri ta' sigurtà għad-distrett Ewropew ta' Brussell, l-iskrinjar tas-sigurtà tal-persunal tal-fornituri esterni tas-servizzi, il-valutazzjoni tat-theddid u l-bidliet fil-livelli ta' twissija, (b) il-miżuri għat-titjib tal-binjiet tal-Parlament u (c) il-miżuri interni; ifakkar li daww id-deċiżjonijiet jimplikaw investiment fl-infrastrutturi;
184. Jilqa l-ftehim, konkluż mill-Parlament fl-2018, dwar l-eżenzjoni reċiproka mill-kontrolli tas-sigurtà mal-Kummissjoni, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Regġuni; jiddispaċiħ madankollu li għadu ma ġie ffirmat l-ebda ftehim bħal dan mal-Kunsill, u jittama li tinstab soluzzjoni malajr f'dak ir-rigward;
185. Japprova s-sostituzzjoni tal-badges ta' aċċess għall-Membri u l-persunal tagħhom; jistenna b'interess is-sostituzzjoni futura ta' daww użati mill-persunal tal-Parlament;
186. Ifaħħar il-kooperazzjoni tajba bejn id-DĠ SAFE u d-DĠ INLO fit-tisħiħ tas-sigurtà tal-bini kollu tal-Parlament u fit-titjib tal-aċċess, inkluż għall-parkeġġi, kif mitlub mill-Bureau;
187. Jirrikonoxxi l-ħolqien tal-Unità tal-Protezzjoni, b'mod partikolari l-protezzjoni mill-qrib tal-President tal-Parlament u t-tisħiħ tas-sigurtà tal-postijiet strateġiċi tal-Parlament;
188. Jappoġġa l-estensjoni tas-sistema ta' twissija tas-sigurtà tal-SMS għall-utenti kollha ta' telefons tas-servizz li, fil-futur, se tintuża għall-Membri u l-persunal kollha;

⁽⁶⁾ <https://euobserver.com/institutional/146270>

Servizz Legali

189. Japprova l-istrateġija tas-Servizz Legali li l-avukati jsiru aktar disponibbli għall-kumitati parlamentari; jitlob tisħiħ tal-persunal li jitratta l-attivitajiet parlamentari;
190. Jinnota b'sodisfazzjon li s-Servizz Legali jirrispetta l-bilanċ bejn is-sessi fil-livell ta' amministraturi, ta' kapijiet ta' unità u ta' diretturi;
191. Jenfasizza li s-Servizz Legali rebaħ 95 % tal-kawżi li ttehdqu quddiem il-qorti matul it-8 leġiżlatura; jesprimi l-konvinzjoni tiegħu li s-Servizz Legali għandu r-rwol tiegħu fis-salvagwardja tal-interessi finanzjarji tal-Parlament u taċ-ċittadini tal-Unjoni billi jirkupra l-flus pubbliċi permezz tal-proċedimenti ġudizzjarji;
192. Jinsab imħasseb dwar id-diffikultajiet biex jinstabu individwi kwalifikati minn ċerti pajjiżi biex jimtlew xi postijiet, peress li dan huwa obbligu biex jiġu koperti s-sistemi ġuridiċi kollha u l-lingwi kollha tal-Istati Membri;

Rapport annwali dwar il-kuntratti mogħtija

193. Ifakkar li ż-żewġ Regolamenti Finanzjarji suċċessivi ⁽⁷⁾ u r-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁸⁾ jistabbilixxu l-informazzjoni li għandha tingħata lill-awtorità baġitarja, kif ukoll lill-pubbliku, dwar l-għoti tal-kuntratti min-naħa tal-istituzzjoni; jinnota li r-Regolamenti Finanzjarji jirrikjedu l-pubblikazzjoni tal-kuntratti mogħtija ta' valur ogħla minn EUR 15 000, valur li jikkorrispondi għal-limitu minimu li jekk jinqabeż jiskatta l-obbligu tal-proċedura kompetittiva ta' offerti;
194. Jikkonstata li minn total ta' 251 kuntratt mogħtija fl-2018, 94 kienu bbażati fuq proċeduri miftuħa jew ristretti, b'valur ta' EUR 569,5 miljun, u 155 fuq proċeduri negozjati, b'valur totali ta' EUR 35,9 miljun; jinnota li l-għadd totali ta' kuntratti mogħtija bi proċeduri negozjati naqas f'termini ta' valur bħala perċentwal tal-valur totali ta' kuntratti mogħtija, minn 12 % fl-2017 għal 6 % fl-2018, kif ukoll f'termini ta' volum, minn EUR 70,5 miljun fl-2017 għal EUR 35,86 miljun fl-2018;
195. Jikkonstata t-tqassim li ġej tal-kuntratti mogħtija fl-2018 u fl-2017, inklużi l-kuntratti ta' bini:

Tip ta' kuntratt	2018		2017	
	Numru	Perċentwal (%)	Numru	Perċentwal (%)
Servizzi	199	79	177	79
Forniment	37	15	36	16
Xogħlijiet	12	5	11	5
Bini	3	1	0	0
Total	251	100	224	100

Tip ta' kuntratt	2018		2017	
	Valur (f'EUR)	Perċentwal (%)	Valur (f'EUR)	Perċentwal (%)
Servizzi	256 374 627	42	446 313 270	76
Forniment	210 526 209	35	133 863 942	23
Xogħlijiet	133 431 628	22	6 892 972	1
Bini	5 039 824	1	0	0
Total	605 372 288	100	587 070 184	100

(Rapport annwali dwar il-kuntratti mogħtija mill-Parlament Ewropew, 2018, p. 6.)

⁽⁷⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

⁽⁸⁾ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

196. Jikkonstata t-tqassim tal-kuntratti mogħtija fl-2018 u fl-2017 skont it-tip ta' proċedura użata kif ġej, f'termini ta' numru u valur:

Tip ta' proċedura	2018		2017	
	Numru	Perċentwal (%)	Numru	Perċentwal (%)
Miftuħa	89	35,46	78	35
Ristretta	5	1,99	1	1
Negożjata	155	61,75	145	64
Kompetizzjoni	1	0,40	—	—
Eċċezzjonali	1	0,40	—	—
Total	251	100	224	100

Tip ta' proċedura	2018		2017	
	Valur (f'EUR)	Perċentwal (%)	Valur (f'EUR)	Perċentwal (%)
Miftuħa	486 039 380	80	488 368 460	83
Ristretta	83 433 046	14	28 200 000	5
Negożjata	35 859 040	6	70 501 724	12
Kompetizzjoni	24 221	—	—	—
Eċċezzjonali	16 600	—	—	—
Total	605 372 288	100	587 070 184	100

(Rapport annwali dwar il-kuntratti mogħtija mill-Parlament Ewropew, 2018, p. 8.)

Gruppi politiċi (partita baġitarja 4 0 0)

197. Jikkonstata li, fl-2018, l-appropriazzjonijiet imdaħħla taħt il-partita baġitarja 4 0 0, attribwiti lill-gruppi politiċi u l-Membri mhux affiljati, intużaw kif ġej^(*):

^(*) L-ammonti kollha qed jiġu espressi f'eluf ta' EUR.

Grupp	2018					2017				
	Approp- rjazzjoni- jiet annwali	Riżorsi propriji u approp- rjazzjoni- jiet ripor- tati	Nefqa	Rata ta' użu tal- approp- rjazzjoni- jiet annwali (%)	Ammonti riportati għall- perjodu li jmiss	Approp- rjazzjoni- jiet annwali	Riżorsi propriji u approp- rjazzjoni- jiet ripor- tati	Nefqa	Rata ta' użu tal- approp- rjazzjoni- jiet annwali (%)	Ammonti riportati għall- perjodu li jmiss
Partit Popolari Ewropew (PPE)	18 282	6 690	20 820	113,88	4 152	17 790	8 150	19 330	108,66	6 610
Alleanza Progressiva tas-Soċjalisti u d-Demokratiċi (S&D)	15 792	5 863	16 888	106,94	4 767	15 610	5 469	15 268	97,81	5 812
Grupp tal-Konservattivi u r-Riformisti Ewropej (ECR):	6 182	2 962	7 200	116,47	1 944	6 200	2 810	6 051	97,60	2 959
Grupp tal-Alleanza tal-Liberali u d-Demokratiċi għall-Ewropa (ALDE)	5 823	1 824	6 033	103,61	1 614	5 711	1 694	5 596	97,99	1 809
Grupp tal-Ħodor/Alleanza Ħielsa Ewropea (Verts/ALE)	4 478	1 579	4 669	104,27	1 388	4 333	1 826	4 583	105,77	1 578
Grupp tax-Xellug Magħqud Ewropew - Xellug Aħdar Nordiku (GUE/NGL)	4 443	1 257	4 590	103,31	1 110	4 421	1 407	4 571	103,39	1 257
Grupp għal Ewropa tal-Libertà u d-Demokrazija Diretta (EFDD)	3 829	1 828	2 725	71,17	1 915	3 654	1 917	3 523	96,41	1 827
Grupp għal Ewropa tan-Nazzjonijiet u tal-Libertà (ENF)	3 238	1 094	3 612	111,55	720	2 719	846	2 474	90,99	1 091
Membri mhux affiljati	1 153	314	537	46,57	442	929	257	494	53,18	318
Total	63 220	23 412	67 073	106,09	18 052	61 365	24 377	61 889	100,85	23 258

198. Jilqa' l-fatt li awdituri esterni indipendenti għall-gruppi politiċi ħarġu biss opinjonijiet mhux kwalifikati għas-sena finanzjarja 2018;

Partiti politiċi Ewropej u fondazzjonijiet politiċi Ewropej

199. Jikkonstata li l-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej (APPF) inħolqot fl-2016 bil-kompitu li tivvaluta t-talbiet ta' reġistrazzjoni, ir-reġistrazzjoni ta' partiti u fondazzjonijiet ġodda tal-Unjoni, li tissorvelja l-finanzjament tagħhom u li timponi sanzjonijiet f'każijiet ta' nuqqas ta' rispettu tal-obbligi tagħhom; jirrikonoxxi li din saret kompletament operattiva fl-2017;
200. Jikkonstata li l-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament qablu li jipprovdu riżorsi finanzjarji u umani addizzjonali għall-APPF fil-baġit għas-sena finanzjarja 2019;
201. Jirrimarka li, skont l-Artikolu 6(10) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁰⁾, id-direttur tal-APPF għandu jippreżenta kull sena rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet tal-Awtorità; jikkonstata li r-rapport annwali ntbagħat lill-President u lis-Segretarju Ġenerali tal-Parlament fil-21 ta' Novembru 2019; jiddeplora l-fatt li r-rapport tal-2018 tressaq quddiem il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament f'Jannar 2020 biss; jesprimi tħassib dwar id-deċiżjoni li r-rapport jitqies bħala kunfidenzjali, wara talba espliċita mill-APPF biex tagħmlu disponibbli biss għal numru limitat ta' persuni f'kundizzjonijiet ristretti; iqis li bil-limitazzjoni tal-aċċess għal dan id-dokument, li jikkonċerna l-użu ta' fondi pubbliċi, sfortunatament tingħata l-impresjoni li xi ħadd għandu xi ħaġa x'jaħbi; jinsisti li r-rapport tal-APPF jiġi ppubblikat kull sena, u jintbagħat lill-Membri fl-istess ħin li jintbagħat lill-President u lis-Segretarju Ġenerali tal-Parlament;
202. Jitlob lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament jistieden lid-direttur tal-APPF għas-seduta ta' smiġħ annwali tal-kwittanza tal-Parlament, bħalma jiġri fir-rigward tal-kapijiet tal-aġenziji u l-istituzzjonijiet l-oħra;
203. Jenfasizza l-importanza tar-rappurtar pubbliku tal-APPF dwar l-attivitajiet tagħha bħala element tar-responsabbiltà tagħha, li huwa essenzjali għall-bini kontinwu ta' fiduċja u aċċertament, kif ukoll biex jiġi vvalutat jekk l-APPF hijiex mgħammra b'mod adegwat b'persunal, riżorsi u kompetenzi biex tevita b'mod effikaċi l-użu ħażin tal-fondi minnha tal-partiti politiċi u tal-fondazzjonijiet;

⁽¹⁰⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1).

204. Jikkonstata li, fl-2018, l-appropriazzjonijiet imdaħħla taħt il-partita baġitarja 4 0 2 intużaw kif ġej:

Partit	Abbrevjazzjoni	Riżorsi proprji	Kontribuzzjoni finali tal-PE — l-ewwel parti	Dħul totali ⁽¹⁾	Għotja tal-PE bħala % tan-nefqa rimborżabbli (massimu 85 %)	Bilanċ favorevoli mid-dħul (trasferiment għar-riservi jew telf)
Partit Popolari Ewropew	PPE	1 427 466	7 356 802	11 340 157	85 %	64 271
Partit tas-Soċjalisti Ewropej	PSE	1 153 831	6 309 079	7 462 911	85 %	—
Partit tal-Alleanza tal-Liberali u d-Demokratiċi għall-Ewropa	ALDE	759 642	2 674 543	3 935 648	85 %	157 524
Partit tal-Ħodor Ewropej	PHE	544 072	2 244 342	2 961 972	85 %	– 26 538
Partit tax-Xellug Ewropew	XE	301 456	1 513 876	1 875 332	85 %	– 6 798
Partit Demokratiku Ewropew	PDE	125 374	532 075	754 587	85 %	18 913
Alleanza Ħielsa Ewropea	ALE	156 351	628 696	910 047	85 %	32 110
Alleanza tal-Konservattivi u r-Riformisti fl-Ewropa	AKRE	– 286 814	1 253 918	1 245 829	71 %	– 729 991
Moviment Politiku Kristjan Ewropew	MPKE	125 110	624 532	749 641	85 %	5 995
Moviment għal Ewropa tan-Nazzjonijiet u tal-Libertà	MENL	211 768	1 045 592	1 257 360	85 %	– 28 579
TOTAL		4 518 257	24 183 454	32 493 485		– 513 092

⁽¹⁾ Id-dħul totali jinkludi r-riport tas-sena preċedenti skont l-Artikolu 125(6) tar-Regolament Finanzjarju (verżjoni fis-seħħ matul is-sena finanzjarja kkonċernata).

205. Jikkonstata li, fl-2018, l-appropriazzjonijiet imdaħħla taħt il-partita baġitarja 4 0 3 intużaw kif ġej:

Fondazzjoni	Abbrevjazzjoni	Affiljata mal-partit	Riżorsi proprji	Għotja finali tal-PE	Dħul totali	Għotja tal-PE bħala % tal-ispejjeż eleġibbli (massimu 85 %)	Bilanċ favorevoli mid-dħul (trasferiment għar-riservi jew telf)
Ċentru għall-Istudji Ewropej Wilfried Martens	ĊSEWM	PPE	1 097 171	5 816 345	6 913 516	85 %	31 397
Fondazzjoni għall-Istudji Progressivi Ewropej	FEPS	PSE	1 050 548	4 895 825	5 946 373	85 %	—
Forum Liberali Ewropej	FLE	ALDE	292 141	1 650 538	1 942 680	85 %	—
Fondazzjoni Ħadra Ewropea	FHE	PHE	185 182	1 038 822	1 224 004	85 %	1 368
Nittrasformaw l-Ewropa	NE	XE	244 655	1 193 712	1 438 367	85 %	16 375
Istitut tad-Demokratiċi Ewropej	IDE	PDE	45 755	255 000	300 755	85 %	—
Fondazzjoni Coppieters	CF	ALE	115 193	388 702	503 895	85 %	38 617
Direzzjoni Ġdida — Fondazzjoni għar-Riforma Ewropea	DĠ	AKRE	279 636	1 215 011	1 494 647	85 %	– 156 378
Sallux	SALLUX	MPKE	77 416	418 444	495 860	85 %	2 159
Fondazzjoni għal Ewropa tan-Nazzjonijiet u tal-Libertà	FENL	MENL	53 600	329 251	382 851	85 %	– 4 503
TOTAL			3 441 296	17 201 651	20 642 947		–70 965

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1881 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima IV — Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 (COM(2019)0316 — C9-0053/2019) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditi interni mwettqa fl-2018,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 55, 99, 164, 165 u 166 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 59, 118, 260, 261 u 262 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0027/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

⁽¹⁾ ĠU L 57, 28.2.2018.

⁽²⁾ ĠU C 327, 30.9.2019, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 9.

⁽⁵⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1882 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima IV — Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima IV - Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0027/2020),
- A. billi fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza, l-awtorità ta' kwittanza tixtieq tenfasizza l-importanza partikolari li tissaħħaħ ulterjorment il-leġittimità demokratika tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni billi jittejjbu t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont, u billi jiġi implimentat il-kunċett ta' bbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni u l-governanza tajba tar-riżorsi umani;
1. Jinnota b'sodisfazzjon li, fir-rapport annwali tagħha għall-2018, il-Qorti tal-Awdituri ma identifikat l-ebda dgħufija sinifikanti fir-rigward tas-suġġetti awditjati relatati mar-riżorsi umani u l-proċeduri ta' akkwist għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("il-QĠUE");
 2. Jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti tal-Awdituri li l-pagamenti kollha għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 fir-rigward tal-infiq amministrattiv tal-QĠUE kienu ħielsa minn żbalji materjali u li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll eżaminati kienu effettivi;
 3. Jiddispijaci, bħala osservazzjoni ġenerali, li l-Kapitolu 10, "Amministrazzjoni", tar-rapport annwali tal-2018 tal-Qorti tal-Awdituri għandu kamp ta' applikazzjoni u konklużjonijiet pjuttost limitati, minkejja l-fatt li l-Intestatura 5, "Amministrazzjoni", tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali titqies li hija ta' riskju baxx;
 4. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri għażlet kampjun ta' 45 tranżazzjoni mill-Intestatura 5, "Amministrazzjoni", tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni; jinnota li l-kampjun tfassal biex ikun rappreżentattiv tal-firxa ta' nfiq taħt l-Intestatura 5, li jirrappreżenta 6,3 % tal-baġit tal-Unjoni; jinnota li l-ħidma tal-Qorti tal-Awdituri tindika li l-infiq amministrattiv huwa ta' riskju baxx; jikkunsidra, madankollu, in-numru ta' tranżazzjonijiet magħżula b'rabta mal-"istituzzjonijiet l-oħra" bħala mhux suffiċjenti u jitlob lill-Qorti tal-Awdituri żżid l-għadd ta' tranżazzjonijiet li għandhom jiġu eżaminati tal-inqas b'10 %;
 5. Jinnota li fl-2018, il-baġit tal-QĠUE ammonta għal EUR 410 025 089 meta mqabbel ma' EUR 399 344 000 fl-2017, u dan ifisser żieda ta' 2,67 % jinnota rata globali ta' implimentazzjoni ta' 99,18 % (meta mqabbla ma' 98,69 % fl-2017);
 6. Jilqa' l-ġestjoni finanzjarja kumplessivament prudenti u soda tal-QĠUE fil-perjodu tal-baġit tal-2018; jinnota r-rata għolja ta' implimentazzjoni tal-baġit għat-Titolu 1 (persuni li jaħdmu mal-QĠUE, li jirrappreżentaw 75 % tal-baġit implimentat) u għat-Titolu 2 (bini, għamara, tagħmir u l-infiq varju għall-operat amministrattiv, li jirrappreżenta l-bqija tal-baġit implimentat) li jammonta għal 99,0 % u 99,8 % (meta mqabbla ma' 98,6 % u 99,1 % fl-2017);
 7. Jirrikonoxxi l-isforzi tal-QĠUE biex jiġu evitati diskrepanzi sinifikanti bejn l-impenji (99,18 %) u l-pagamenti (94,04 %); jilqa' l-fatt li l-QĠUE tissorvelja mill-qrib l-eżekuzzjoni tal-baġit tagħha matul is-sena billi tistabbilixxi tabelli ta' kull xahar sabiex tiżgura l-aħjar użu tar-riżorsi disponibbli;

8. Jenfasizza l-applikazzjoni tal-QĠUE tal-prinċipji ta' bbaġitar abbażi tal-prestazzjoni għas-servizzi amministrattivi kollha tagħha; jinnota l-istabbiliment ta' objettivi speċifiċi akkumpanjati minn indikatur wieħed jew aktar li jistgħu jitkejlu, li huma essenzjali fit-tħejja tal-baġit annwali; jirrikonoxxi l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma mas-servizzi kollha sabiex jiġi armonizzat l-approċċ baġitarju u jiġu skambjati l-aħjar prattiki;
9. Jiddispijaci, madankollu, dwar iż-żieda fl-infiq ta' 11,81 % bejn l-2017 u l-2018 fir-rigward tal-partita tal-baġit 2022 "Tindif u manutenzjoni" li tirriżulta minn kuntratt ġdid tal-manutenzjoni tal-bini u fatturi oħra, li fir-rigward tagħhom ma saritx stima u li rriżultaw f'żieda f'din il-linja baġitarja matul l-2018; jistieden lill-QĠUE tkompli bl-isforzi tagħha biex tħejji estimi tal-baġit sodi;
10. Jilqa' l-fatt li r-rata ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-appropriazzjonijiet finali għal-laqgħat u l-konferenzi żdiedet għal 98,83 % fl-2018 (meta mqabbla mal-81,40 % fl-2017); jirrikonoxxi li din il-partita tal-baġit hija parzjalment maħsuba biex tiffinanzja żjarat uffiċjali u avvenimenti ċerimonjali li għalihom ippjanar baġitarju huwa inqas prevedibbli minħabba avvenimenti mhux previsti;
11. Jilqa' l-isforz tal-QĠUE biex tippubblika r-rapport tal-attività annwali tagħha fid-29 ta' April; jinnota li l-QĠUE qed tkompli tesplora, f'kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet oħra, il-possibbiltà li tmexxi l-kalendarju tagħha aktar 'il quddiem, biex l-awtorità ta' kwittanza jkollha aktar ħin biex tidħol aktar fil-fond u biex twettaq il-proċedura ta' kwittanza;
12. Jirrikonoxxi l-impenn tal-QĠUE li taħdem favur l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġestjoni proattiva tal-kawżi bi skedi ta' żmien adatti skont in-natura u l-kumplessità tal-kawżi differenti; jirrikonoxxi l-ippjanar u l-monitoraġġ bir-reqqa tal-QĠUE biex tiġi żgurata kontinwità bla xkiel tal-attività ġudizzjarja; jinnota li t-tul medju tal-proċedimenti fl-2018 fil-Qorti tal-Ġustizzja kien 15,7 xhur (meta mqabbel ma' 16,4 xhur fl-2017) u fil-Qorti Ġenerali kien 20 xahar (meta mqabbel ma' 20,6 xhur fl-2015 u 16-il xahar fl-2017); ihegġegħ lill-QĠUE tkompli bl-isforzi tagħha biex tqassar it-tul ta' żmien tal-proċedimenti kull fejn hu possibbli;
13. Jirrikonoxxi li l-prijoritajiet ewlenin tal-QĠUE huma li tiżgura perjodu ta' żmien raġonevoli għat-trattament tal-kawżi mressqa quddiem iż-żewġ Qrati filwaqt li fl-istess ħin iżżomm il-kwalità tad-deċiżjonijiet; jinnota li, minħabba sistema ta' kontroll rigoruża u livell għoli ta' viġilanza, kien possibbli li jinkiseb tnaqqis fid-dewmien medju tal-proċedimenti matul snin reċenti; jinnota, madankollu, li dan jitlob attenzjoni kontinwa, b'mod partikolari fil-kuntest tal-fatt li x-xogħol kulma jmur qiegħed dejjem jiżdied;
14. Jilqa' s-sodisfazzjon espress minn utenti tal-applikazzjoni e-Curia (li saret obbligatorja għall-iskambju ta' dokumenti proċedurali bejn l-avukati u l-Qorti Ġenerali sa mill-1 ta' Diċembru 2018); jinnota li l-użu ta' e-Curia ma sarx obbligatorju min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja; jinkoraġġixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja biex issegwi l-eżempju tajjeb tal-Qorti Ġenerali u biex tikkunsidra l-introduzzjoni obbligatorja tal-applikazzjoni e-Curia; ifaħħar il-fatt li dan l-iżvilupp tejjeb kemm is-sigurtà kif ukoll ir-rapidità ta' skambji bħal dawn, huwa aħjar għall-ambjent (naqqas l-użu ta' karti) u naqqas l-ispejjeż postali; ihegġegħ lill-QĠUE tkompli bl-isforzi tagħha biex tikseb diġitalizzazzjoni mifruxa tal-istadji kollha tal-proċess ġudizzjarju;
15. Iqis il-fatt li aktar miżuri organizzattivi u proċedurali huma meħtieġa biex jippermettu lill-QĠUE tlaħħaq ma' ammont ta' xogħol dejjem akbar filwaqt li tibqa' tirrispetta l-objettivi tagħha; jinnota li, fis-26 ta' Marzu 2018, il-QĠUE, abbażi tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 281 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), għamlet talba biex temenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u li din il-proċedura leġislattiva ntemmet bl-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE, Euratom) 2019/629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾;
16. Jinnota li l-QĠUE kellha 2 217-il post tax-xogħol fl-2018, magħmula minn 1 413-il uffiċjal (jew 64 %), 650 aġent temporanju (jew 29 %) u 154 aġent kuntrattwali (jew 7 %) (meta mqabbla ma' 2 180 kariga fl-2017);
17. Jindika li d-distribuzzjoni ta' persunal skont is-settur ta' attività għadha simili għal dik tas-snin preċedenti, b'mill-inqas 85 % tal-postijiet tax-xogħol okkupati minn membri tal-persunal li jwettqu attivitajiet legali u lingwistiċi; jinnota li r-rata ta' okkupazzjoni tal-postijiet tax-xogħol baqgħet għolja ħafna fl-2018 (97 %) minħabba l-attività ġudizzjarja sostnuta, li tinvolvi l-mili rapidu u ottimali tal-postijiet tax-xogħol battala kollha;

(¹) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2019/629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 1).

18. Itenni li, fil-kuntest taż-żieda kontinwa fl-għadd ta' kawżi, allokkazzjoni flessibbli tar-riżorsi, b'mod partikolari ta' assistenti legali eżistenti, tista' żżid l-effikaċja tal-QĠUE; jistieden lill-QĠUE tirrapporta dwar il-miżuri konkreti meħuda;
19. Jesprimi t-tħassib tiegħu li filwaqt li ħadmu 274 trainee mal-QĠUE fl-2018, 87 biss minnhom kienu intitolati għal stipendju ta' EUR 1 120 kull xahar; jilqa' l-fatt li l-QĠUE adottat regoli ġodda dwar it-trainees u talbet approprjazzjonijiet addizzjonali sabiex tkun tista' tiffinanzja internship għal trainees fil-kabinetti tal-membri mill-2019 'il quddiem; jinnota, madankollu, li sa issa, mhux it-traineeships kollha offruti se jiġu akkumpanjati b'remunerazzjoni ġusta; jagħti istruzzjonijiet (b'kunsiderazzjoni dovuta għall-prattiki ta' nondiskriminazzjoni u ta' remunerazzjoni ġusta) lill-QĠUE biex taċċetta malajr id-deċiżjoni li tibda tħallas it-trainees kollha; jistieden lill-QĠUE tiżgura remunerazzjoni ġusta lill-persunal kollu tagħha;
20. Jilqa' r-riforma tal-Qorti Ġenerali, li ċekknet l-għadd ta' kawżi pendenti u d-dewmien medju tal-proċedimenti; jinnota li fl-2018, il-Qorti Ġenerali għalqet 13 % aktar kawżi mill-2017, u naqqset l-għadd ta' kawżi pendenti bi 12 %;
21. Jilqa' l-fatt li, b'mod ġenerali, iż-żewġ qrati li jiffurmaw il-Qorti tal-Ġustizzja għalqu 1 769 kawża fl-2018, (dan huwa rekord f'termini ta' produttività) u li dan jikkonferma tendenza ġenerali lejn żieda qawwija fl-attività ġudizzjarja matul il-perjodu 2012-2018;
22. Jindika li fl-2018, il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod eċċezzjonali rreġistrat l-akbar għadd ta' kawżi ġodda introdotti (total ta' 849, jiġifieri żieda ta' 15 % meta mqabbla mal-2017); jilqa' l-għadd rekord ta' kawżi magħluqa (total ta' 760, jiġifieri żieda ta' 10 % meta mqabbla mal-2017);
23. Jilqa' l-fatt li għall-ewwel darba fl-istorja tagħha, il-Qorti Ġenerali għalqet aktar minn 1 000 kawża fl-2018 (1 009); jenfasizza, barra minn hekk, it-tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' kawżi pendenti, 12 % meta mqabbel mal-2017 (1 333 kawża pendenti fil-31 ta' Diċembru 2018 meta mqabbel ma' 1 505 is-sena ta' qabel).
24. Jinnota żieda kostanti fl-għadd ta' nisa f'pożizzjonijiet maniġerjali: 37,7 % fl-2018, 35 % fl-2016 u 30 % fl-2013; jinnota li hemm 27 mara fil-maniġment (21 fil-maniġment intermedju u 6 fil-maniġment ogħla) meta mqabbla ma' 45 raġel fil-maniġment fl-2018; jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-QĠUE biex issaħħa il-politika tagħha dwar l-opportunitajiet indaqs u d-diversità billi tistabbilixxi entità speċjali li tintroduċi u ssegwi programmi, miżuri u laqgħat ta' sensibilizzazzjoni konkreti; jistieden lill-QĠUE tkompli bl-isforzi tagħha;
25. Jinnota, madankollu, li għad hemm żbilanċ fl-għadd ta' nisa fost l-imħallfin, kemm fil-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll fil-Qorti Ġenerali; iħeġġeġ għal darb'oħra lill-Membri tal-Kunsill jirrimedjaw din is-sitwazzjoni billi jippromwovu b'mod attiv il-parità bejn is-sessi fil-ħatra tal-imħallfin, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 8 tat-TFUE u l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll mal-impnenji meħuda skont ir-Regolamenti (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ u (UE, Euratom) 2019/629;
26. Itenni li l-bilanċ ġeografiku tal-persunal, b'mod partikolari fil-pożizzjonijiet maniġerjali, għandu jiġi mmonitorjat mill-qrib; jinnota li 15 biss mis-57 Kap ta' Unità tal-QĠUE, u 2 biss mit-13-il Direttur tagħha huma minn Stati Membri li ssieħbu fl-Unjoni f'Mejju 2004; jinkoraġġixxi lill-QĠUE għal darba oħra biex tiżviluppa politika biex ittejjeb il-bilanċ ġeografiku u biex tirrapporta lura għand l-awtorità ta' kwittanza f'dan ir-rigward;
27. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tal-QĠUE li tippromwovi miżuri ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata bħall-adozzjoni ta' deċiżjoni li tippermetti t-telexogħol okkażjonali flimkien mal-arranġamenti strutturali tat-telexogħol; jinnota wkoll il-kisbiet fi ħdan l-IT biex jitjeb l-aċċess remot għall-applikazzjonijiet għax-xogħol; jinnota, barra minn hekk, b'sodisfazzjon l-isforzi biex tiġi protetta s-saħħa psikoloġika tal-persunal billi jiġi pprovdut l-appoġġ ta' psikologu, li jaħdem fuq bażi part-time;

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 341, 24.12.2015, p. 14).

28. Jesprimi tħassib dwar l-għadd ta' każijiet ta' eżawriment fil-QĠUE (12 fl-2017 u 12 fl-2018); jitlob lill-QĠUE, għalhekk, tivvaluta jekk l-ammont tax-xogħol hux imqassam b'mod proporzjonali fost it-timijiet differenti u l-membri tal-persunal;
29. Jistieden lill-QĠUE tippubblika fuq bażi annwali tabella b'data dettaljata dwar il-ftehimiet ta' kooperazzjoni interistituzzjonali tagħha rigward it-tariffi, is-servizzi u kwistjonijiet relatati; itenni l-importanza tal-kooperazzjoni interistituzzjonali permezz ta' ftehimiet dwar il-livell ta' servizz għal oqsma differenti, bħar-riżorsi umani, is-sigurtà u l-IT; jaqbel mar-rakkomandazzjonijiet tas-servizz tal-awditjar intern biex jiżdied l-iskambju ta' prattiki tajba ma' istituzzjonijiet oħra u biex jiġu esplorati l-possibiltajiet ta' kooperazzjoni msaħħa għat-tnejn tal-kuntratti u l-ġestjoni tal-kuntratti, bħal fi kwistjonijiet tal-IT; jiddispijaċih dwar in-nuqqas ta' informazzjoni mogħtija b'rispons għall-mistoqsija tal-Parlament dwar il-kooperazzjoni tal-QĠUE mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi; ihegġegħ lill-QĠUE tfittex modi biex iżżid il-kooperazzjoni tagħha mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi;
30. Josserva li l-QĠUE aġġornat l-operazzjonijiet tagħha tal-ipproċessar tad-data wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾; jinnota b'apprezzament li nħolqot proċedura speċifika biex tirrapporta każijiet ta' ksur ta' data;
31. Jilqa' l-isforzi tal-QĠUE biex ittejjeb iċ-ċibersigurtà tal-istituzzjoni; jinnota li l-attivitajiet ġew ikkoordinati mal-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE (CERT-EU) u mas-sottogrupp dwar is-sigurtà tal-Kumitat Interistituzzjonali għall-Informatika;
32. Jilqa' l-awditjar intern dwar il-funzjonament xieraq tal-għażla tal-persunal u l-proċeduri ta' reklutaġġ sabiex jiġu identifikati s-sinerġiji u s-simplifikazzjoni tal-opportunitajiet biex dawn isiru aktar effettivi; jinnota li pian ta' azzjoni nbeda fl-2016 u tlesta fl-2018 bl-introduzzjoni ta' miżuri bħal manwal ġdid ta' reklutaġġ, moduli ġodda u aġġornati għas-sistema ta' informazzjoni tal-ġestjoni tar-riżorsi umani, is-simplifikazzjoni taċ-ċirkwiti amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-abbozzar tal-avviżi ta' postijiet vakanti; jinnota l-miżuri meħuda biex titjeb l-attrazzjoni tal-QĠUE u tas-sit tal-Lussemburgu f'kuntast interistituzzjonali;
33. Jenfasizza s-segwitu tal-awditur intern biex jevalwa jekk l-azzjoni meħuda mid-dipartimenti awditjati hijiex xierqa, effettiva u f'waqtha u biex jidentifika u jirreġistra titjeb li jkun sar; jinnota b'sodisfazzjon li l-awditi kollha mwettqa nqalqu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe eżami addizzjonali;
34. Jinnota l-istrateġija kontra l-frodi tal-QĠUE fil-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali li tista' tkun ta' detriment għall-interessi tal-Unjoni; jinnota li din l-istrateġija hija msejsa fuq id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Finanzjarju u tar-Regolament tal-Persunal, issupplimentati minn sensiela ta' deċiżjonijiet u regoli interni; jirrikonoxxi li l-istrateġija hija parti integrali tal-politika ta' ġestjoni tar-riskju tal-QĠUE fil-qafas tas-sistema ta' kontroll intern;
35. Jirrikonoxxi s-sistema ta' ġestjoni ambjentali tal-QĠUE bbażata fuq ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾; jinnota li l-QĠUE tejbet il-prestazzjoni ambjentali tagħha fl-2018 meta mqabbla mas-sena bażi 2015 kif ġej: tnaqqis fil-konsum tal-karta ta' 15,5 %, tnaqqis fil-konsum tal-elettriku ta' 8,3 % u żieda ta' 52,9 % fl-għadd ta' vidjokonferenzi; jilqa' diversi proġetti addizzjonali, bħat-tnaqqis fl-użu tal-plastik li jintuża darba biss, it-tnaqqis fl-għadd ta' printers individwali u dawk parteċipanti, flimkien mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni bbażati fil-Lussemburgu, fis-sistema "vel'OH" ta' roti għad-dispożizzjoni tal-pubbliku;
36. Jilqa' l-impenn tal-QĠUE li tirrispetta bis-sħiħ l-iskeda ta' żmien u l-baġit għall-ħidma tal-ħames estensjoni tal-bini tal-QĠUE (il-kostruzzjoni tat-tielet torri li joffri 50 000 m² addizzjonali) li ser jagħmilha possibbli li l-persunal kollu tal-QĠUE jinġabar f'sit wieħed; jinnota x-xogħlijiet ta' titjeb tal-miżuri ta' sigurtà u jilqa' l-fatt li l-bini tal-QĠUE huwa mfassal biex jiżgura aċċess faċli għall-persuni b'diżabbiltà;
37. Jilqa' l-fatt li se jinkiseb iffrankar ta' madwar EUR 100 miljun matul il-perjodu ta' deprezzament ta' 25 sena għal dik il-ħames estensjoni, meta mqabbel mal-kontinwazzjoni ta' politika ta' kiri, li juri b'mod ċar il-valur tal-politika magħżula ta' xiri tal-bini; jissottolinja l-eżitu tar-Rapport speċjali Nru 34/2018 tal-Qorti tal-Awdituri dwar uffiċini tal-istituzzjonijiet tal-UE, li fih għamlet sejbiet pożittivi ħafna rigward l-effiċjenza tal-politika tal-bini tal-QĠUE;

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteeipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1).

38. Jinnota b'interess li fl-2017, il-kumitat tal-persunal tal-QĠUE organizza sħarriġ dwar "spazji miftuħa" u ppreżenta s-sejbiet tiegħu lid-diretturi ġenerali fit-30 ta' Jannar 2018; jilqa' l-inizjattiva tal-QĠUE għall-ħolqien ta' grupp ta' ħidma li jinkludi d-direttur tal-bini u s-sigurtà, il-president tal-kumitat tal-persunal u membri tal-persunal li jaħdmu fi spazji miftuħa; jinnota li, b'segwitu għar-rakkomandazzjonijiet ta' dan il-grupp ta' ħidma, id-direttorat tat-teknoloġija tal-informazzjoni kkonverta parti mill-isparju tal-uffiċċji tiegħu f'uffiċċji individwali; jistieden lill-QĠUE tikkondividi l-għarfien tagħha minn din l-esperjenza ma' istituzzjonijiet oħra u mal-Kummissjoni b'mod partikolari;
39. Jifraħ lill-QĠUE talli għet inkluzja mill-Ombudsman Ewropew bħala waħda mit-tliet finalist għall-Premju għall-Amministrazzjoni Tajba (fil-kategorija tal-"eċċellenza permezz tal-kollaborazzjoni") fir-rigward tal-ħolqien tan-Network Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea; jaqbel li f'termini ta' trasparenza u kooperazzjoni, it-tneđija tal-pjattaforma sigura f'Jannar 2018 (fejn dokumenti mhux żvelati preċedentement huma disponibbli għall-qrati parteċipanti) huwa pass importanti fid-direzzjoni t-tajba;
40. Jinnota t-tneđija tas-sit web tal-QĠUE mfassal mill-ġdid f'Ġunju 2018 u l-passi u x-xogħlijiet importanti li saru sabiex tissaħħaħ, tiċċara u tiġi ssimplifikata l-informazzjoni mogħtija lill-pubbliku; jilqa' b'sodisfazzjon prodott ġdid fuq is-sit web imsejjaħ "skedi informativi" li għandu l-għan li jippreżenta ħarsa ġenerali tal-ġurisprudenza ta' referenza f'qasam speċifiku tad-dritt tal-Unjoni fil-lingwi uffiċjali kollha; jinnota li sħarriġ reċenti wera livell għoli ħafna ta' sodisfazzjon tal-utenti: 80 % tal-utenti jagħtu klassifikazzjoni ta' bejn 4 u 5 minn 5;
41. Jilqa' l-istrategġija ta' komunikazzjoni tal-QĠUE li tftitex li tressaq lill-QĠUE eqreb lejn iċ-ċittadini; jirrikonoxxi l-baġit li qed jevolvi tal-komunikazzjoni tal-QĠUE, li kien jammonta għal EUR 429 000 fl-2018 (meta mqabbel ma' EUR 330 500 fl-2013); jinnota l-films animati qosra li huma disponibbli fi 23 lingwa uffiċjali fuq il-kanal YouTube tal-QĠUE (segwit minn 82 800 spettatur fl-2018), il-preżenza tagħha fuq Twitter b'aktar minn 74 000 persuna jsegwuha (meta mqabbel ma' 42 000 fl-2017), l-avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni tagħha, inklużi seminars għall-ġurnalisti u l-jiem għall-pubbliku tagħha;
42. Ihegġegħ lill-QĠUE xxandar is-seduti ta' smiegħ pubbliċi tagħha u tagħmel ir-recordings tagħhom aċċessibbli online; iqis li dan it-titjib fit-trasparenza jkun konformi mal-Artikolu 15 tat-TFUE u jkun ta' benefiċċju għal dawk kollha li jaħdmu jew jistudjaw fil-qasam ġuridiku fl-Unjoni;
43. Jiġbed l-attenzjoni li n-Network Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea, li jinkludi l-Qrati Kostituzzjonali u Supremi tal-Istati Membri, ġie stabbilit mill-QĠUE u huwa kkoordinat minnha;
44. Jilqa' l-fatt li lista tal-missjonijiet (rappreżentazzjoni tal-QĠUE f'ċerimonja jew avveniment uffiċjali) imwettqa minn membri, f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta rivedut tal-QĠUE, hija ppubblikata fuq is-sit web tal-QĠUE u fiha informazzjoni bħall-isem tal-membri parteċipanti u l-fini, il-post u l-organizzatur tal-avveniment; jistieden lill-QĠUE tippubblika wkoll l-ispejjeż relatati, bħalma jsir mill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni; itenni l-appell tiegħu lill-QĠUE biex tippubblika informazzjoni aktar dettaljata dwar l-attivitajiet esterni tal-membri, inklużi l-fini, id-data, il-post u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u ta' sussistenza tal-avvenimenti elenkati, u jekk tħallsux mill-QĠUE jew minn parti terza;
45. Jilqa' l-fatt li l-membri tal-QĠUE huma suġġetti għal kodiċi ta' kondotta li jirregola l-indipendenza, l-imparzjalità, l-integrità, l-impenn, il-kolleġjalità, ir-responsabbiltajiet u l-obbligi tagħhom; jinnota li l-QĠUE tqis id-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-membri tagħha bħala mezz intern biex tiżgura l-imparzjalità u l-indipendenza; jistieden lill-QĠUE tikkunsidra li tippubblikahom, fl-interess tal-iskrutinju pubbliku;
46. Jinnota li d-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji huma neċessarjament ta' natura awtodikjaratorja u minħabba l-qafas legali attwali, il-QĠUE m'għandha l-ebda setgħa investigattiva biex tiżgura l-veraċità u l-eżawrienza tad-data ddikjarata; jistieden lill-QĠUE ttejjeb is-sistema f'kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni;
47. Itenni t-talba tiegħu lill-QĠUE biex tippubblika s-CVs u d-dikjarazzjonijiet ta' interess tal-membri kollha tagħha fuq is-sit web tagħha; jinnota li fuq is-sit web hemm ippubblikati bijografiji qosra ta' kull membru (madankollu dawn ma fihomx informazzjoni dwar sħubija ma' xi organizzazzjoni oħra); jinnota li l-membri huma meħtieġa jippreżentaw dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji tagħhom lill-president tal-qorti tal-QĠUE li huma membri tagħha meta jieħdu l-kariga, skont il-Kodiċi ta' Kondotta l-ġdida għall-membri; jistieden lill-QĠUE tippubblika dawk id-dikjarazzjonijiet fuq is-sit web tagħha;
48. Jirrikonoxxi l-proċeduri interni biex jiġi verifikat, qabel ma kawża tingħata lil membru, fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet ta' interess, jekk dak il-membri għandux interess finanzjarju fil-kawża; jinnota li l-membri jikkuntattjaw lill-President tal-qorti tal-QĠUE li huma membri tagħha kull meta tqum kwistjoni relatata mal-interpretazzjoni tal-kodiċi ta' kondotta u li l-kumitat konsultattiv jitlaqqa' biss f'każijiet eċċezzjonali, pereżempju meta jkun tressaq ilment kontra membru; jitlob lill-QĠUE tagħti parir lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament dwar kemm hu sod dan il-mekkaniżmu;

49. Jiddispijaci il-fatt li ma rċevix informazzjoni dwar il-progress miksub rigward proċeduri interni dwar "bibien iduru" għall-membri anzjani tal-persunal; ifakkar lill-QĠUE dwar l-inizjattiva strateġika mwettqa mill-Ombudsman Ewropew fl-2018 dwar kif għandhom jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal dwar "ċaqliq b'bibien iduru" tal-membri anzjani tal-persunal; jistieden lill-QĠUE tistabbilixxi u tippubblika regoli stretti f'dan ir-rigward mingħajr dewmien;
50. Jieħu nota tal-proċedura relatata mad-dikjarazzjoni ta' qabel ir-reklutaġġ dwar in-nuqqas ta' kunflitti ta' interessi għall-membri ġodda tal-persunal; jinnota wkoll li l-proċess ta' reklutaġġ ġie modifikat biex jiġi żgurat li dikjarazzjonijiet bħal dawn jiġu vvalutati u li, jekk ikun meħtieġ miżuri partikolari jiġu proposti lill-awtorità tal-ħatra; jinnota wkoll li l-QĠUE qed taħdem fuq regoli li jirregolaw l-eżerċizzju ta' attivitajiet esterni mill-persunal; jistieden lill-QĠUE tirrapporta dwar dan lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament;
51. Jirrikonoxxi l-proċeduri u r-regoli interni tal-QĠUE għall-prevenzjoni ta' kull forma ta' fastidju fuq il-post tax-xogħol, li huma ppubblikati fuq is-sit web tagħha; jilqa' l-informazzjoni pprovduta dwar kif tinbeda proċedura formali jew informali f'każ ta' mgħiba mhux xierqa;
52. Jifraħ lin-network interistituzzjonali tal-counsellors (li jinvolvi l-parteċipazzjoni tal-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni li jinsabu fil-Lussemburgu u li twaqqaf sabiex isir skambju tal-aħjar Prattiki fil-qasam tal-prevenzjoni tal-fastidju u tal-konsulenza); jilqa' t-taħriġ intensiv mogħti lill-counsellors tal-QĠUE;
53. Jiddeplora l-fatt li ma ġiex infurmat mill-QĠUE dwar pjanijiet biex tissaħħa is-sistema ta' kontroll relatata mal-użu ta' karozzi uffiċjali; jenfasizza r-rekwiżit li x-xufiera għandhom biss jakkumpanjaw il-membri f'pajjiżhom f'każijiet eċċezzjonali u ġustifikati; iħeġġeġ lill-QĠUE biex tadotta miżuri rapidament biex jiġu evitati sitwazzjonijiet li fihom ix-xufiera jmorru fil-pajjiżi tal-membri mingħajr ma jkollhom il-membri abbord; jissottolinja r-riskji kbar - etiċi u għar-reputazzjoni tal-QĠUE - li jistgħu jholqu dawn il-prattiki; jistieden lill-QĠUE tirrapporta lura għand l-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress miksub f'dan ir-rigward sa Ġunju 2020;
54. Jinnota li aktar minn 40 % tal-ammont ta' xogħol ta' traduzzjoni ġie esternalizzat, u li l-ispiża ta' paġna tradotta esternalizzata fl-2018 tammonta għal EUR 103,10 (meta mqabbla ma' EUR 111,30 fl-2017); jinnota li l-ispiża ta' paġna tradotta internament fl-2018 ammontat għal EUR 128,07 (meta mqabbla ma' EUR 136,70 fl-2017); jinnota li l-ispiża interna tinkludi s-sottospejjeż kollha meħtieġa, bħalma huma l-IT, l-ispazju għall-uffiċċji u elementi oħra simili; jinnota li bil-kundizzjonijiet attwali, il-QĠUE ma tqisx li żieda ulterjuri fir-rata ta' esternalizzazzjoni hija rakkomandabbli u li, minħabba n-natura sensitiva tal-informazzjoni trattata minn din l-istituzzjoni, parti mill-ammont tax-xogħol ta' traduzzjoni għandha tibqa' ssir internament; jitlob lill-QĠUE tispjega lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament ir-raġunament għal dan il-ħsieb;
55. Jirrikonoxxi li l-membri tal-persunal mir-Renju Unit ġew infurmati li l-awtorità tal-ħatra m'għandhiex l-intenzjoni li tirrikjedi r-riżenja obligatorja tal-uffiċjali li ma għadhomx ċittadini ta' Stat Membru wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni; jinnota li, bl-istess mod, aġenti temporanji u kuntrattwali mir-Renju Unit ġew infurmati li se ssir valutazzjoni abbażi tal-interessi tas-servizz fuq bażi ta' każ b'każ;
56. Jenfasizza l-ħidma kollha li nkisbet fi snin reċenti f'oqsma bħal ibbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni, il-qafas etiku bil-bosta regoli u proċeduri relatati tiegħu, attivitajiet ta' komunikazzjoni msaħħa u n-numru dejjem jiżdied ta' miżuri biex titjieb it-trasparenza; jilqa' n-numru importanti ta' fehimiet interistituzzjonali dwar is-servizzi u l-kooperazzjoni; jissottolinja l-importanza ta' kollaborazzjoni u ta' kondivizzjoni tal-esperjenza fost istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni; jissuġġerixxi li ssir analiżi dwar il-possibiltà ta' attivitajiet formalizzati ta' networking f'oqsma differenti sabiex jiġu kondiviżi l-aħjar Prattiki u biex jiġu żviluppatti soluzzjonijiet komuni.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1883 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima VIII — L-Ombudsman Ewropew**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 (COM(2019)0316 — C9-0057/2019) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Ombudsman Ewropew lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditi interni mwettqa fl-2018,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 55, 99, 164, 165 u 166 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 59, 118, 260, 261 u 262 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0028/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lill-Ombudsman Ewropew għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Ombudsman Ewropew għas-sena finanzjarja 2018;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

⁽¹⁾ ĠU L 57, 28.2.2018.

⁽²⁾ ĠU C 327, 30.9.2019, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 9.

⁽⁵⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

3. Jagħti iSTRUZZJONIJET lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lill-Ombudsman Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1884 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima VIII — L-Ombudsman Ewropew**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima VIII — L-Ombudsman Ewropew,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0028/2020),
- A. billi, fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza, l-awtorità ta' kwittanza tixtieq tisħaq fuq l-importanza partikolari li tissaħħaħ aktar il-leġittimità demokratika tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni permezz ta' titjib fit-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont, u permezz tal-implimentazzjoni tal-kunċett ta' bbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni u governanza tajba tar-riżorsi umani;
1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Ombudsman Ewropew ("l-Ombudsman") għas-sena finanzjarja 2018, osservat li ma ġiet identifikata l-ebda dgħufija serja fir-rigward tat-temi awditjati relatati mar-riżorsi umani u mal-akkwist;
 2. Jinnota l-konklużjoni tal-Qorti li l-pagamenti kollha kemm huma għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018, fir-rigward tan-nefqa amministrattiva tal-Ombudsman, kienu ħielsa minn żbalji materjali u li s-sistemi ta' superviżjoni u kontroll eżaminati kienu effikaċi;
 3. Jiddispijaci, bħala osservazzjoni ġenerali, li l-Kapitolu 10, "Amministrazzjoni", tar-Rapport Annwali tal-Qorti għandu kamp ta' applikazzjoni u konklużjonijiet pjuttost limitati, minkejja l-fatt li l-Intestatura 5, 'Amministrazzjoni', tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali titqies li hija ta' riskju baxx;
 4. Jinnota li l-Qorti għażlet kampjun ta' 45 tranżazzjoni li jikkorrispondu għall-Intestatura 5 'Amministrazzjoni' tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni; jinnota li l-kampjun tfassal biex ikun rappreżentattiv tal-firxa ta' nfiq fl-ambitu tal-Intestatura 5, li tirrappreżenta 6,3 % tal-baġit tal-Unjoni; jinnota li l-ħidma tal-Qorti tindika li n-nefqa amministrattiva hija ta' riskju baxx; jikkunsidra, madankollu, li n-numru ta' tranżazzjonijiet magħżula b'rabta mal-"istituzzjonijiet l-oħra" mhuwiex suffiċjenti u jitlob lill-Qorti żżid l-għadd ta' tranżazzjonijiet li għandhom jiġu eżaminati b'tal-inqas b'10 %;
 5. Jilqa' favorevolment il-fatt li l-Ombudsman tirrispetta l-aħjar prattika li tiġi stabbilita skadenza għall-preżentazzjoni tar-rapport annwali tal-attività fil-31 ta' Marzu tas-sena li tiġi wara s-sena kontabilistika; jilqa' pożittivament il-fatt li, għaldaqstant, il-fatt li l-Ombudsman adotta r-rapport annwali tal-attività tiegħu sat-28 ta' Marzu, bil-għan li jagħti lill-awtorità ta' kwittanza aktar żmien biex tifli r-rapport u biex il-proċedura ta' kwittanza tkun tista' ssir b'mod aqua;
 6. Jenfasizza li l-baġit tal-Ombudsman huwa wieħed purament amministrattiv u fl-2018 ammonta għal EUR 10 837 545 (meta mqabbel ma' EUR 10 905 441 fl-2017), li wassal għal tnaqqis ta' EUR 67 896 (0,62 %); jilqa' favorevolment il-ġestjoni finanzjarja kumplessivament prudenti u soda tal-Ombudsman fil-perjodu tal-baġit tal-2018; jinnota li 95,33 % tal-appropriazzjonijiet kollha ġie impenjat (meta mqabbel ma' 93,91 % fl-2017) u 91,33 % ġie mħallas (meta mqabbel ma' 86,20 % fl-2017);
 7. Jinnota t-titjib relatat mal-appropriazzjonijiet riportati mill-2018 għall-2019 li jirrappreżenta EUR 433 865,17 (4 % tal-baġit tal-2018) meta mqabbel ma' EUR 841 340,68 (7,71 % tal-baġit tal-2017) mill-2017 sal-2018;

8. Josserva, madankollu, li kien hemm approprjazzjonijiet li ma ntużawx fir-rigward ta' diversi linji baġitarji, bħal fil-każ tal-'laqgħat esterni' (linja baġitarja B3-030) b'EUR 13 514,61 mhux użati minn EUR 45 000, 'il-pubblikazzjonijiet' (linja baġitarja B3-210) b'EUR 47 530,48 mhux użati minn EUR 161 100, eċċ.; ifakkar fil-ħtieġa ta' miżuri ħalli jitnaqqsu s-soprastimi tal-baġit;
9. Jieħu nota tar-riżorsi limitati tal-Ombudsman biex jiġi trattat il-volum ta' xogħol dejjem jiżdied; jappoġġja t-talba tal-Ombudsman biex il-pjan ta' stabbiliment jiġi allinjat mal-ħtiġijiet reali u max-xogħol, billi jiġu identifikati dawk il-funzjonijiet ta' natura permanenti li għandhom jiġu mwettqa minn persunal permanenti; jieħu nota li t-tabella tal-persunal fl-2018 kienet tinkludi 82 post (meta mqabbel mas-77 post fl-2013); jitlob lill-Ombudsman tirrapporta lura f'termini potenzjali ta' titjib fl-effiċjenza, dovut biss għall-fatt li organizza ruħu mill-ġdid u qassam il-kompiti mill-ġdid;
10. Ihegġegħ lill-Uffiċċju tal-Ombudsman jikkoopera ma' istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni bil-ħsieb li jiġu limitati l-ispejjeż; josserva li, f'dak li għandu x'jaqsam mat-traduzzjoni, l-Ombudsman ma għandux tradutturi interni u, għalhekk, jiddependi fuq il-Parlament u ċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea; jieħu nota, madankollu, tal-fatt li fl-2018 kien hemm żieda fl-ispiża għat-traduzzjoni, peress li l-Ombudsman nafaq EUR 343 771 għat-traduzzjoni (meta mqabbel ma' EUR 262 631 fl-2017);
11. Jilqa' favorevolment il-bilanċ bejn il-ġeneri eżemplari fil-postijiet maniġerjali, b'4 nisa u 4 rġiel; jinnota, madankollu, li globalment il-persunal huwa kompost minn 65 % nisa, u 35 % biss irġiel; ihegġegħ lill-Uffiċċju tal-Ombudsman joħloq ambjent tax-xogħol b'ugwaljanza bejn il-ġeneri akbar;
12. Jinnota li rigward il-bilanċ ġeografiku, fil-postijiet maniġerjali tal-Ombudsman fl-2018 kien hemm sitt nazzjonalitajiet differenti (Ġermaniżi, Griegi, Irlandiżi, Taljani, Pollakki u Żvediżi), meta mqabbel mat-tmien nazzjonalitajiet rappreżentati fl-2013 (Awstrijaki, Ġermaniżi, Daniżi, Griegi, Irlandiżi, Portugiżi, u Britanniċi); jikkunsidra l-fatt li bejn l-2013 u l-2018 kien hemm tnaqqis fl-għadd totali ta' maniġers, minn hdx għal tmienja; jistieden lill-Ombudsman tkompli bl-isforzi tagħha biex tilħaq bilanċ ġeografiku, madankollu fid-dawl tad-daqs żgħir tal-Uffiċċju tal-Ombudsman u tal-attivajiet speċifiċi ewlenin tiegħu;
13. Jilqa' favorevolment l-isforzi tal-Ombudsman b'rabta mal-politika l-ġdida dwar il-ġeneri, iżda jiddispjaċih għad-disparità fil-medja ta' ġranet ta' taħriġ skont il-ġeneru: 6,80 għall-irġiel meta mqabbel ma' 5,90 għan-nisa;
14. Jirrikonoxxi li l-implimentazzjoni tal-qafas ta' politika dwar ir-riżorsi umani tal-2017 qed tkompli, bl-adozzjoni ta' regoli ġodda dwar ir-reklutaġġ ta' aġenti temporanji, permezz ta' deċiżjoni dwar ix-xogħol part-time u s-siġħat ta' kreditu, u b'politika kontra d-diskriminazzjoni u favur l-ugwaljanza; jieħu nota ta' aktar inizjattivi li jtejbju l-proċeduri u l-azzjonijiet ta' reklutaġġ, bħal żjarat ta' studju għall-persunal u programmi ta' skambju tal-persunal;
15. Ihegġegħ lill-Ombudsman tkompli l-iżvilupp ta' qafas ta' politika fit-tul għar-riżorsi umani biex jiġu indirizzati l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, l-igwidar tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-karriera, il-bilanċ bejn il-ġeneri, in-nondiskriminazzjoni, it-telexogħol, il-bilanċ ġeografiku u r-reklutaġġ tal-persunal tagħha, u wkoll l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità fil-persunal tagħha;
16. Jinnota b'interess li fir-rigward tal-attivajiet interni tiegħu, l-Ombudsman stiednet lill-Forum Ewropew dwar id-Diżabilità biex juża l-kanali tiegħu ħalli jxerred is-sejħa għal traineeship mal-Ombudsman bil-għan li persuni b'diżabilità jiġu mħeġġa japplikaw; jieħu nota li l-formola ta' applikazzjoni ġiet riveduta bil-għan li tiddaħħal mistoqsija dwar akkomodazzjoni raġonevoli meħtieġa matul il-proċeduri tal-għażla;
17. Jilqa' pożittivament il-fatt li, fil-qafas tal-istandards ta' kontroll intern tal-Ombudsman, ittieħdu azzjonijiet biex tiġi implimentata d-deċiżjoni dwar il-prevenzjoni tal-fastidju, inkluż bil-ħatra ta' uffiċjali tal-etika (wieħed fi Brussell u ieħor fi Strasburgu) u ta' membri tal-kumitat ta' konċiljazzjoni; jieħu nota tal-fatt li f'Settembru 2018, il-persunal kollu pparteċipa f'kors ta' taħriġ obbligatorju dwar l-imġiba etika (li kien jinkludi l-prevenzjoni tal-fastidju), u f'Novembru 2018 ġiet organizzata sessjoni speċifika għall-kapijiet ta' unità;

18. Jilqa' favorevolment l-implimentazzjoni tal-gwida dwar l-etika u l-mgħiba tajba għall-persunal tal-Ombudsman, li għet adottata fl-2017, li tirrikjedi li membri għodda tal-persunal jimlew formola ta' dikjarazzjoni ta' interess, u li tinforma lill-membri tal-persunal li jitolqu mill-uffiċju dwar l-obbligi tagħhom.
19. Jiddispijaċi għall-fatt li s-segwitu tal-Ombudsman għar-riżoluzzjoni dwar il-kwittanza tal-2017 sempliċement jirrikonoxxi l-kummenti tal-Parlament b'rabta mal-parti l-kbira tal-punti msemija, mingħajr ma jagħti aktar dettalji; jenfasizza l-importanza tar-rapport ta' segwitu għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament, u jistieden lill-Ombudsman sabiex fir-rapport ta' segwitu jiġu nklużi r-risposti u l-ispejjezzjonijiet meħtieġa dwar il-punti mqajma;
20. Jinnota li l-indikatur ewlieni tal-prestazzjoni għall-konformità globali tal-Ombudsman, li kellu mira ambizzjuża ta' 90 %, ma setax jintlaħaq fl-2018; jinnota li ntlaħqet ir-rata ta' 81 % (meta mqabbla ma' 85 % fl-2017), filwaqt li r-rata ta' konformità għal inkjesti ta' interess pubbliku laħqet il-85 % (meta mqabbla ma' 79 % fl-2017); jirrikonoxxi li r-rata tal-aħħar hija sinifikanti b'kunsiderazzjoni tal-fatt li l-effett ta' konformità x'aktarx li jibbenefika udjenza akbar;
21. Jappoġġja l-intenzjoni tal-Ombudsman li tikkoopera aktar mill-qrib mal-Parlament biex tiżgura li jiġi informat dwar in-nuqqasijiet, b'mod partikolari dwar każijiet ta' amministrazzjoni ħażina li joħorġu mill-inkjesti jew mir-risposti negattivi tal-istituzzjonijiet għar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Ombudsman; jemmen li sakemm din l-informazzjoni tingħata f'format imqassar u organizzat, hija jkollha valur kbir għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament; jinnota, madankollu, li l-Ombudsman tikkonferma x-xejra li ġeneralment, l-istituzzjonijiet jikkomunikaw mal-Ombudsman b'mod kostruttiv;
22. Jenfasizza l-fatt li r-riżultati għat-tliet elementi kollha tal-indikatur ewlieni tal-prestazzjoni 7 (effiċjenza: l-indikatur kompost għat-trattament ta' lmenti u inkjesti) jindikaw li l-miri kollha ntlaħqu jew inqabżu; jinnota li l-proporzjonijiet ta' inkjesti magħluqa fi żmien sitt xhur u fi żmien tmintax-il xahar huma ta' 57 % u 88 % rispettivament (bil-miri jkunu ta' 50 % u 80 % rispettivament), u li t-tielet element, il-'proporzjon ta' deċiżjonijiet ta' ammissibilità' li tiegħu fi żmien xahar, wera żieda sinifikanti minn 69 % fl-2016 għal 86 % fl-2017, u laħaq il-mira ta' 90 % fl-2018;
23. Jinnota li fl-2018, il-medja ta' żmien għat-trattament tal-kategoriji kollha ta' lmenti żdiedet għal 79 jum (meta mqabbla ma' 64 jum fl-2017), filwaqt li ż-żmien medju għat-trattament tal-inkjesti naqas għal 255 jum fl-2018 (meta mqabbel ma' 266 jum fl-2017 u ma' 369 jum fl-2013); jinnota, madankollu, li n-numru ta' inkjesti magħluqa abbażi ta' lmenti li nġalqu żdied b'53 % (li jiġġustifika ż-żieda fil-medja taż-żmien għat-trattament tal-kategoriji kollha ta' lmenti);
24. Jinnota li fl-2018 l-għadd ta' lmenti fi ħdan il-mandat (880 meta mqabbel ma' 751 fl-2017) kompli jiżdied b'mod sinifikanti (+ 17 %) wara żieda ta' 5,5 % fl-2017; jinnota li l-għadd ta' inkjesti miftuħa minħabba lmenti kien ta' 482 meta mqabbel ma' 433 fl-2017 (+ 11 %), u l-għadd ta' inkjesti magħluqa abbażi ta' lmenti kien ta' 534 meta mqabbel ma' 348 fl-2017 (+ 53 %); jinnota li ż-żieda fl-inkjesti miftuħa u magħluqa hija parzjalment dovuta għall-fatt li, minħabba l-klassifikazzjoni mill-ġdid, għadd ta' każijiet li qabel kienu jiġu kklassifikati bħala 'l-ebda bażi għal inkjesta', issa huma magħluqa bħala 'inkjesti li fihom ma nstabet l-ebda amministrazzjoni ħażina';
25. Jieħu nota tar-riżultati tal-inkjesti magħluqa mill-Ombudsman fl-2018, li kienu (a) 253 każ bħala 'l-ebda każ ta' amministrazzjoni ħażina' (46,6 %), (b) 221 każ bħala 'solvuti mill-istituzzjonijiet ikkonċernati — suġġerimenti aċċettati — soluzzjonijiet miksuba' (40,6 %), (c) 56 każ bħala 'mhux ġustifikati aktar inkjesti' (10,3 %), (d) 29 każ bħala 'evidenza ta' amministrazzjoni ħażina' (5,3 %), u (e) 10 każijiet bħala 'oħrajn'(1,8 %); jirrikonoxxi li l-missjoni fundamentali tal-Ombudsman hija li jiġi żgurati li l-amministrazzjoni tal-Unjoni taqdi l-interess pubbliku, u li jiġi meġhjun kulmin jiffaċċja problemi mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni;
26. Jinnota li sa mill-2013, id-dettalji dwar il-missjonijiet tal-Ombudsman, inklużi l-ispejjeż, l-iskop u t-tul ta' żmien, ġew ippubblikati fuq is-sit web tal-Ombudsman; jinnota li fl-2018, l-ispejjeż ta' missjonijiet ammontaw għal EUR 27 206,79 (meta mqabbla ma' EUR 30 592 tal-2017); itenni li għal raġunijiet ta' trasparenza, fir-rapport tal-attività annwali, għandha tiġi inkluża lista li tittratta s-sitwazzjoni annwali tal-missjonijiet;
27. Jirrikonoxxi l-inizjattiva 'Premju għal Amministrazzjoni Tajba', li hija pożittiva għaliex tirrikonoxxi ix-xogħol tajjeb b'mod formali, tippromwovi l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fost l-istituzzjonijiet, u sservi ta' ispirazzjoni għal proġetti futuri; jilqa' favorevolment il-kooperazzjoni man-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen, ma' korpi oħra tal-Istati Membri u ma' netwerks u organizzazzjonijiet internazzjonali biex jiġu identifikati u promossi l-ogħla standards;

28. Jilqa' pożittivament l-azzjonijiet meħuda mill-Ombudsman biex jiġu mtejba ċ-ċibersigurtà u l-protezzjoni tad-data, pereżempju permezz ta' korsijiet ta' taħriġ dwar is-sigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, l-iżvilupp ta' proċeduri dwar it-trattament tal-ksur tad-data, iż-żamma ta' konsultazzjoni f'waqtha mal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data biex tiġi garantita l-privatezza waqt it-tfassil tal-proġetti; jitlob lill-Ombudsman tirrapporta aktar dwar l-implimentazzjoni tal-punti ta' azzjoni li għadhom għad-dejjin, inkluż dwar l-istabbiliment ta' mudell għall-valutazzjonijiet tal-impatt tal-privatezza tad-data u wkoll ta' reġistru ċentrali ta' rekords ta' operazzjonijiet ta' pproċessar;
29. Jirrikonoxxi l-valur miżjud għall-Ombudsman li jiġi minn software liberu u b'sors miftuħ; jenfasizza b'mod partikolari r-rwol li dawn għandhom biex tiżdied it-trasparenza u jiġu evitati l-effetti ta' intrappolament tal-bejjiegħa; jirrikonoxxi wkoll il-potenzjal li għandhom biex itejbu s-sigurtà, li hu dovut għall-fatt li jippermettu li jiġu identifikati u rranġati n-nuqqasijiet; jirrakkomanda bil-qawwa li kwalunkwe software żviluppat għall-istituzzjoni jkun disponibbli għall-pubbliku taħt liċenzja ta' software liberu u b'sors miftuħ;
30. Jissottolinja l-importanza li ċ-ċittadini tal-Unjoni jifhmu li għandhom il-possibbiltà li jirrikorru għand l-Ombudsman fil-każ ta' amministrazzjoni ħażina; jieħu nota tal-isforzi kontinwi magħmula biex tiżdied il-viżibbiltà tal-Uffiċċju tal-Ombudsman bl-użu ta' għodod bħas-sit web il-ġdid, varat fl-2018, li jinkludi interfaċċja riveduta għal ilmenti potenzjali u wkoll funzjoni ta' tiftix faċli għall-utent; jinnota l-filmat il-ġdid li jenfasizza suġġetti bħall-aċċess għall-informazzjoni, il-problemi bil-finanzjament tal-Unjoni u t-trasparenza tal-lobbjar; jinnota ż-żidiet fl-utenti li jużaw il-pjattaformi tal-Ombudsman, +17 % fuq Twitter, +13 % fuq LinkedIn, u żieda sostanzjali ta' +61 % ta' utenti fuq Instagram; barra minn hekk, iħeġġeġ l-użu ta' pjattaformi ta' netwerks soċjali self-hosted b'sors miftuħ li jagħtu attenzjoni speċjali lill-protezzjoni tad-data tal-utenti;
31. Jinkoraġġixxi li l-Ombudsman twettaq progress fuq politika koerenti għad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tiegħu;
32. Jilqa' favorevolment l-iżvilupp ta' linji gwida dwar il-midja soċjali, f'kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni, u l-iskambju tal-aħjar prattiki bil-għan li jiġu indirizzati l-isfidi ffaċċjati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni f'termini ta' użu dejjem akbar tal-midja soċjali u l-esponiment għalihom;
33. Iħeġġeġ lill-Uffiċċju tal-Ombudsman ikompli bl-isforzi tiegħu biex inaqqas l-impronta ambjentali tiegħu, bħall-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni biex jitnaqqas l-użu tal-karti, il-limitazzjoni tal-missjonijiet tal-persunal billi jiġi promoss l-użu ta' faċilitajiet ta' vidjokonferenza, u bil-promozzjoni tal-użu ta' trasport kollettiv; jitlob li jingħata aktar informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' tali attivitajiet fil-kwintanza 2019;
34. Jissottolinja t-talba ripetuta tal-Parlament, fid-dawl tar-realtajiet u l-isfidi l-ġodda, biex jiġi rivedut l-istatut tal-Ombudsman; jinnota li l-aħħar revizzjoni twettqet fl-2008 u finalment, fi Frar 2019, saret votazzjoni dwar riżoluzzjoni dwar abbozz ta' regolament tal-Parlament li jistabbilixxi r-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-prestazzjoni tal-obbligi tal-Ombudsman (l-Istatut tal-Ombudsman Ewropew); jinnota li d-deċiżjoni dwar l-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni għal dan ir-Regolament tinsab f'idejn l-Ombudsman; jitlob lill-Uffiċċju tal-Ombudsman biex jirrapporta dwar dawn il-kwistjonijiet fir-rapport tal-attività annwali li jmiss tiegħu;
35. Jilqa' pożittivament il-fatt li l-Ombudsman wettqet inkjesta dwar l-immaniġġjar ta' "sitwazzjonijiet ta' bibien iduru" u eżaminat kif 15-il istituzzjoni u korp tal-Unjoni (inkluż il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, u l-Qorti) jippubblikaw informazzjoni meta l-membri anzjani tal-persunal tagħhom jitolbu approvazzjoni biex jaċċettaw impjegj estern (inkluż eżami dwar kemm-il darba din l-informazzjoni tiġi ppubblikata kif ukoll l-ambitu u l-kontenut tal-informazzjoni); jinnota li l-Ombudsman sabet livell ta' sensibilizzazzjoni għoli dwar l-importanza ta' regoli ta' implimentazzjoni sodi f'dan il-qasam, madankollu, ġew ippreżentati xi suġġerimenti għal titjib; jilqa' favorevolment l-intenzjoni tal-Ombudsman li twettaq inkjesta ta' segwitu fl-2020;
36. Jifraħ lill-Ombudsman għall-proċedura interna FAST-Track ġdida biex jiġu trattati lmenti relatati ma' aċċess għal dokumenti; jieħu nota li skont is-sistema l-ġdida, id-deċiżjonijiet dwar l-ilmenti qed jittieħdu tliet darbiet aktar malajr milli skont il-proċedura standard; jitlob lill-Ombudsman tikkondividi l-eżitu tal-evalwazzjoni tagħha dwar l-effikaċja ta' din il-proċedura l-ġdida ma' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-Unjoni;

37. Jilqa' pożittivament il-kooperazzjoni tal-Ombudsman mal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi fir-rigward ta' każijiet ippreżentati liż-żewġ organizzazzjonijiet; jinnota l-kanal ta' kuntatt dirett bil-għan jiġi evitat it-trikkib ta' investigazzjonijiet, li ta l-ewwel frott tiegħu fl-2018;
 38. Jenfasizza l-ħidma kollha li saret fis-snin li għaddew f'oqsma bħall-ibbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni, il-qafas etiku bir-regoli u l-proċeduri kollha relatati tiegħu, it-tisħiħ tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni u n-numru ta' miżuri dejjem akbar għat-titjib tat-trasparenza; jilqa' favorevolment l-għadd sinifikanti ta' ftehimiet interistituzzjonali dwar is-servizzi u l-kooperazzjoni; jissottolinja l-importanza tal-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni tal-esperjenza fost l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni; jissuġġerixxi li tiġi analizzata l-possibilità ta' attivitajiet ta' netwerking formali f'oqsma differenti, bil-għan li jiġu kondiviżi l-aħjar Prattiki u jiġu żviluppati soluzzjonijiet komuni.
-

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1885 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima IX — Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 (COM(2019)0316 — C9-0058/2019) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditi interni mwettqa fl-2018,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 55, 99, 164, 165 u 166 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 59, 118, 260, 261 u 262 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0029/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

⁽¹⁾ ĠU L 57, 28.2.2018.⁽²⁾ ĠU C 327, 30.9.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 9.⁽⁵⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

3. Jagħti iSTRUZZJONIJET lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Ombudsman Ewropew u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1886 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-14 ta' Mejju 2020

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima IX — Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima IX – Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0029/2020),
- A. billi, fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza, l-awtorità ta' kwittanza tixtieq tisħaq fuq l-importanza partikolari li tissaħħaħ aktar il-leġittimità demokratika tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni permezz ta' titjib fit-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont u permezz tal-implimentazzjoni tal-kunċett ta' bbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni u governanza tajba tar-riżorsi umani;
1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) għas-sena finanzjarja 2018 (ir-"rapport tal-Qorti"), osservat li ma għet identifikata l-ebda dgħufija serja fir-rigward tat-temi awditjati relatati mar-riżorsi umani u mal-akkwist;
 2. Jieħu nota tal-fatt li, skont ir-rapport annwali tal-attività tal-KEPD, il-Qorti eżaminat tranżazzjoni waħda mis-sena finanzjarja 2018 u dan l-eżami ma wassal għal ebda osservazzjoni;
 3. Jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti li l-pagamenti kollha kemm huma għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018, fir-rigward tan-nefqa amministrattiva tal-KEPD, kienu ħielsa minn żbalji materjali u li s-sistemi ta' superviżjoni u kontroll eżaminati kienu effikaċi; jinnota t-talba tal-Qorti biex jerġa' jimplementa l-kontroll *ex post*, li ġie stabbilit mill-ġdid;
 4. Jiddispijaċih, bħala osservazzjoni ġenerali, li l-Kapitolu 10, "Amministrazzjoni", tar-Rapport Annwali tal-Qorti għandu kamp ta' applikazzjoni u konklużjonijiet pjuttost limitati, minkejja l-fatt li l-Intestatura 5, "Amministrazzjoni", tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali titqies li għandha riskju baxx;
 5. Jinnota li l-Qorti għażlet kampjun ta' 45 tranżazzjoni li jikkorrispondu għall-Intestatura 5 "Amministrazzjoni" tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni; jinnota li l-kampjun tfassal biex ikun rappreżentattiv tal-firxa ta' nfiq fl-ambitu tal-Intestatura 5, li tirrappreżenta 6,3 % tal-baġit tal-Unjoni; jinnota li l-ħidma tal-Qorti tindika li n-nefqa amministrattiva hija ta' riskju baxx; jikkunsidra, madankollu, li n-numru ta' tranżazzjonijiet magħżula b'rabta mal-"istituzzjonijiet l-oħra" mhuwiex suffiċjenti u jitlob lill-Qorti żżid l-għadd ta' tranżazzjonijiet li għandhom jiġu eżaminati b'tal-inqas b'10 %;
 6. Ifakkar li l-KEPD mhuwiex aġenzija deċentralizzata tal-Unjoni u hu tal-fehma li minkejja l-fatt li l-baġit tiegħu jirrappreżenta perċentwal żgħir ħafna tal-baġit tal-Unjoni, il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet tal-KEPD għandhom madankollu jiġu eżaminati kif xieraq mill-Qorti peress li t-trasparenza hija vitali għall-funzjonament xieraq tal-korpi kollha tal-Unjoni; jinnota li l-KEPD la huwa kopert mir-rapport tal-Qorti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni għall-2018 u lanqas mir-rapport tal-2018 dwar l-aġenziji u l-korpi l-oħra tal-Unjoni; jenfasizza, madankollu, li l-informazzjoni dwar ir-riżultati ta' awditjar estern indipendenti mill-Qorti għandha tkun disponibbli pubblikament għall-korpi kollha tal-Unjoni; jistieden, għalhekk, lill-Qorti tikkunsidra mill-ġdid il-pożizzjoni tagħha u tibda tippubblika r-rapporti tal-awditjar li jkopru lill-KEPD mis-sena li ġejja 'l quddiem; jitlob, għalhekk, li l-Qorti toħroġ rapporti annwali tal-attività separati dwar il-kontijiet annwali ta' dan il-korp importanti tal-Unjoni, li għandu l-għan li jiżgura li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jirrispettaw bis-sħiħ id-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data;

7. Jilqa' l-ġestjoni finanzjarja kumplessivament prudenti u soda tal-KEPD; jinnota li l-KEPD għamel distinzjoni ċara bejn l-hekk imsejħa l-attivitajiet "attwali" u dawk "ġodda"; jinnota ż-żieda ta' 1,54 % għall-attivitajiet attwali konformement mal-politika ta' awsterità tiegħu, b'żieda ta' 0 % fil-każ tal-biċċa l-kbira tal-linji baġitarji; jieħu nota, madankollu, taż-żieda għall-attivitajiet il-ġodda, prinċipalment minħabba l-ħolqien ta' entità tal-Unjoni ġdida li jisimha Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB) u l-operazzjonijiet relatati tagħha (li saret operattiva mill-25 ta' Mejju 2018);
8. Jinnota li fl-2018 il-KEPD kellu baġit totali allokat ta' EUR 14 449 068 (meta mqabbel ma' EUR 11 324 735 fl-2017), li jirrappreżenta żieda ta' 27,59 % meta mqabbla mal-baġit tal-2017 (mill-2016 sal-2017 iż-żieda kienet 21,93 %); jilqa' l-fatt li 93,7 % tal-appropriazzjonijiet kollha ġie impenjat sa tmiem l-2018, meta mqabbel ma' 89 % tal-2017; josserva bi tħassib li l-implimentazzjoni tal-baġit f'termini ta' appropriazzjonijiet ta' pagament tammonta għal 75,2 % meta mqabbla ma' 77 % tal-2017 għall-appropriazzjonijiet kollha;
9. Ifakkar fil-bżonn li jkun hemm estimi baġitarji ħalli jggarantixxu prestazzjoni baġitarja effiċjenti fis-snin li ġejjin; jirrikonoxxi li jeżistu elementi li għandhom impatt kruċjali, bħall-baġit għas-salarji tal-KEPD, li sehmu hu ogħla minn 53 %, fliema każ anki ċaqliq tal-persunal moderat għandu riperkussjonijiet sinifikanti fuq ir-rata ġenerali ta' implimentazzjoni tal-baġit; jirrikonoxxi li l-estimi baġitarji li jirreferu għall-EDPB li nħoloq dan l-aħħar se jiksbu preċiżjoni biss wara li jgħaddu f'tit snin ta' ħidma;
10. Jinnota b'interess li l-KEPD organizza konkors ġenerali ġdid biex joħloq grupp ta' esperti kkwalfikati ħafna fil-qasam tal-protezzjoni tad-data, bil-għan li jissodisfa l-bżonnijiet futuri tiegħu f'termini ta' reklutaġġ; jirrikonoxxi, fir-rigward tal-ippjanar tar-reklutaġġ tal-persunal, li l-KEPD talab żieda moderata ta' sitt membri tal-persunal fil-kuntest tax-xogħlijiet preparatorji biex jitwaqqaf l-EDPB;
11. Jirrikonoxxi li l-2018 kienet sena determinanti għall-KEPD minħabba l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsiull (UE) 2016/679 ⁽¹⁾ u tad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsiull ⁽²⁾ fl-2016, fil-kuntest tal-proċess ta' modernizzazzjoni tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data; josserva li l-kompiti u r-responsabbiltajiet il-ġodda previsti mir-Regolament (UE) 2016/679 se jirrikjedu riżorsi addizzjonali fil-futur; jinnota l-fatt li fl-2018 il-persunal tal-KEPD kien magħmul minn 97 membru (meta mqabbel mal-55 membru fl-2013); jitlob madankollu lill-KEPD janalizza s-sitwazzjoni f'termini ta' titjib potenzjali fl-effiċjenza dovut biss għall-fatt li organizza ruħu mill-ġdid u qassam il-kompiti mill-ġdid;
12. Jinnota li bis-saħħa ta' din il-leġiżlazzjoni l-ġdida, ġie stabbilit l-EDPB, magħmul mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data tat-28 Stat Membru u mill-KEPD, u inkarigat li jiżgura l-implimentazzjoni konsistenti tar-Regolament (UE) 2016/679 fl-Unjoni kollha; josserva li l-KEPD iddedika parti sinifikanti ta' hinu u tal-isforzi tiegħu fil-bidu tal-2018 għall-appoġġ lis-segretarjat tal-EDPB, kif ukoll għall-parteċipazzjoni fil-bord bħala membru sħiħ;
13. Jinnota li, abbażi tar-regoli l-ġodda fil-qasam tal-ipproċessar tad-data personali, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jeħtiġilhom ukoll jiżguraw ir-rispett ta' dawn ir-regoli, inklużi l-ġestjoni u l-governanza tal-infrastrutturi u tas-sistemi informatiċi tagħhom; jikkonstata li l-KEPD wessa' l-katalogu tiegħu ta' linji gwida speċifiċi u beda programm biex jivverifika l-konformità mar-regoli fost il-korpi tal-Unjoni;
14. Jinnota li jeżisti bżonn ta' aktar trasparenza u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet Ewropej għall-protezzjoni tad-data; jissottolinja l-importanza tal-kooperazzjoni bejn il-KEPD u l-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data tal-Istati Membri bil-għan li jkun żgurati superviżjoni effikaċi u kollaborazzjoni fit-tnejja tal-qafas ġuridiku l-ġdid; jistieden lill-KEPD jinforma lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament dwar ir-riżultati li jikseb;
15. Jirrikonoxxi l-fatt li l-KEPD jipubblika annwalment data dwar il-kooperazzjoni interistituzzjonali tagħhom, li tikkonsisti fi ftehmiet dwar il-livell ta' servizz fir-rigward tas-servizzi mediċi, ta' traduzzjoni/interpretazzjoni, ta' forniment tal-ikel u ta' taħriġ, u fir-rigward ta' ftehmiet amministrattivi għall-binjiet, il-loġistika, is-servizzi tas-sigurtà u t-teknoloġiji tal-informazzjoni, eċċ.; jilqa' l-ftehmiet ta' memorandum ta' qbil bejn il-KEPD u l-EDPB (prinċipalment fir-rigward tat-teknoloġiji tal-informazzjoni), li jippermetti lill-korp il-ġdid tal-Unjoni jibbenefika mix-xogħol kollu li għamel il-KEPD fis-snin riċenti;

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsiull tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

⁽²⁾ Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsiull tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsiull 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

16. Jilqa' l-intenzjoni tal-KEPD (fil-kuntest tal-modernizzazzjoni tal-proċeduri tal-akkwist tiegħu) li jdaħħal fluss tax-xogħol elettroniku ħalli tinħoloq sistema ta' funzjonament mingħajr karti; itenni l-importanza tal-kooperazzjoni interistituzzjonali bejn il-KEPD u l-Kummissjoni f'termini ta' akkwist, ġestjoni finanzjarja u riżorsi umani; jilqa' l-ftehim dwar il-livell ta' servizz konkluż mad-Direttorat Ġenerali għall-Baġit u d-Direttorat Ġenerali għall-Informatika tal-Kummissjoni fir-rigward tal-istrumenti informatiċi "ABAC" u "Sysper2", kif mitlub fl-aħħar rapport ta' kwittanza; jinkoraġġixxi lill-KEPD jagħmel progress f'politika koerenti għad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tiegħu;
17. Jinnota li l-ewwel pjan ta' azzjoni tal-uffiċjal għall-etika intlaħaq bis-sħiħ u li t-tieni rapport jipprevedi bosta miżuri bħar-reviżjoni tal-kodiċijiet ta' kondotta għall-kontrolluri u l-persunal, deċiżjoni riveduta dwar l-attivitajiet esterni, l-adeżjoni possibbli mar-reġistru ta' trasparenza l-ġdid tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, eċċ.; jistieden lill-KEPD jimplementa mill-aktar fis possibbli tali miżuri rikjesti; jilqa' s-sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni konformement mal-qafas etiku; jitlob li fir-rapport annwali tal-attività li jmiss tiġi ppreżentata informazzjoni dettaljata dwar ir-riżultati li jinkisbu bis-saħħa tal-qafas etiku;
18. Jilqa' l-fatt li r-regoli interni relatati mal-iżvelar ta' informazzjoni protetta adottati fl-2016 se jiġu aġġornati biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-informaturi u ta' dawk li allegatament huma responsabbli minn irregolaritajiet; jinnota l-eżistenza ta' ċerti miżuri ta' protezzjoni, bħal valutazzjoni tar-riskju u l-limitazzjoni tal-aċċess għall-fajls relatati fuq bażi stretta ta' "hteġa ta' taġħrif"; jinkoraġġixxi lill-KEPD jitlob lill-uffiċjal etiku tiegħu jagħti attenzjoni partikolari lil din il-kwistjoni fis-sessjoni ta' sensibilizzazzjoni li jmiss organizzata għall-persunal kollu; jinnota b'sodisfazzjon li s'issa l-KEPD ma kellu l-ebda każ ta' żvelar ta' informazzjoni protetta;
19. Itenni l-importanza tal-protezzjoni tad-data fir-rigward taċ-ċibersigurtà; jilqa' l-isforzi tal-KEPD biex jagħti gwida lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni dwar il-mod kif jiproteġu d-data personali huma u jimplementaw il-miżuri ta' ċibersigurtà, kif is-sistemi komprensivi ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni jservu bħala l-bażi biex jiġu onorati l-obbligi relatati kemm mal-protezzjoni tad-data kif ukoll maċ-ċibersigurtà u kif jitwettqu l-obbligi relatati man-notifika u mal-informazzjoni tal-protezzjoni tad-data fir-rigward tal-ksur tad-data personali; jinnota li l-iskandlu tal-użu ħażin tad-data ta' Facebook min-naħa ta' Cambridge Analytica u l-provi dejjem aktar numerużi ta' ndħil illegali fl-elezzjonijiet jirrikjedu risposti mill-KEPD; jissottolinja li l-KEPD jeħtieġu jiġġieled kontra l-użu ħażin potenzjali tad-data diġitali;
20. Jirrikonoxxi l-valur miżjud li s-software liberu u b'sors miftuħ jista' jagħti lill-KEPD; jissottolinja, b'mod partikolari, ir-rwol tagħhom biex iżidu t-trasparenza u jevitaw effetti ta' "vendor lock-in"; jirrikonoxxi wkoll il-potenzjal tagħhom biex itejbu s-sigurtà, billi jippermettu l-identifikazzjoni u t-tiswija tad-dgħufijiet; jirrakkomanda b'mod qawwi li kwalunkwe software żviluppat għall-istituzzjoni jsir disponibbli pubblikament taħt liċenzja għal software b'sors miftuħ;
21. Jilqa' l-fatt li d-deċiżjoni dwar il-miżuri kontra l-fastidju tqieġhdet għad-dispożizzjoni tal-persunal kollu kemm hu permezz tal-intranet tal-KEPD; jinnota b'sodisfazzjon il-fatt li attwalment il-KEPD qieġhed jaħdem fuq ir-reviżjoni tad-deċiżjoni kontra l-fastidju, kif ukoll fuq mandat għall-ħatra ta' konsulenti kunfidenzjali addizzjonali; josserva li 69 % tal-kollegi rrikonoxxa, fl-istħarriġ li sar lill-persunal fl-2016, li kien jaf bil-politika eżistenti fil-qasam tal-fastidju psikoloġiku u sesswali; jilqa' l-fatt li fl-2018 tħarreġ konsulent kunfidenzjali wieħed;
22. Jilqa' l-fatt li s-CVs u d-dikjarazzjonijiet tal-interessi tal-kontrolluri huma disponibbli fuq is-sit web tal-KEPD; jinnota li dawn id-dikjarazzjonijiet tal-interessi għandhom neċessarjament natura awtoċertifikattiva u li, la il-KEPD u lanqas l-uffiċjal għall-etika tiegħu ma għandhom setgħat investigattivi biex jiggarantixxu l-veradiċità u l-eżawstività tad-data ddikjarata; jistieden lill-KEPD jevalwa l-mod kif itejjeb is-sistema flimkien ma' istituzzjonijiet u korpi oħrajn tal-Unjoni;
23. Jistieden lill-KEPD jiggarantixxi l-pubblikazzjoni u l-aġġornament regolari fis-sit web tiegħu tal-linji gwida u tal-proċeduri kollha tiegħu relatati mal-qafas etiku; jistieden lill-KEPD ikompli l-isforzi tiegħu biex itejjeb l-informazzjoni disponibbli online, f'termini ta' trasparenza u ta' skrutinju pubbliku;
24. Jiddispijaċih bil-fatt li r-rapport annwali tal-attività ma kienx fih informazzjoni aktar dettaljata relatata ma' miżuri konkreti dwar il-mod kif jitjeb il-benesseri fuq il-post tax-xogħol; jilqa', madankollu, il-fatt li, fl-2018, deċiżjonijiet u politiki ġew adottati u/jew implimentati, fosthom rapport dwar l-istħarriġ tal-persunal, deċiżjoni riveduta dwar it-telexogħol u deċiżjoni riveduta dwar il-mentoraġġ; jitlob lill-KEPD jagħti informazzjoni aktar dettaljata fir-rapport annwali tal-attività li jmiss;

25. Jilqa' l-inizjattiva fl-2018 tal-KEPD li joffri traineeships bi ħlas permezz tal-programm ta' "Blue Book Traineeship" biss; josserva li din il-bidla fil-proċess ta' rekrutazzjoni ta' trainees fi ħdan il-KEPD saret bis-saħħa ta' rakkomandazzjoni fformulata mill-Ombudsman biex jadatta l-kriterji ta' eleggibilità fir-rigward tat-traineeships bi ħlas; itenni l-bżonn ta' garanzija ta' allowance adegwata mħallsa lit-trainees tal-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni biex jiġi evitat li tiżdied id-diskriminazzjoni fuq bażi ekonomika;
26. Jinnota b'interess li fost il-membri tal-persunal tal-KEPD hemm rappreżentati 20 nazzjonalità tal-Unjoni (meta mqabbel ma' 16-il nazzjonalità tal-Unjoni differenti fl-2017); jinnota li, għal dak li għandu x'jaqsam mal-bilanċ bejn il-ġeneri, l-irġiel fi ħdan il-KEPD jirrappreżentaw 40 % (meta mqabbel ma' 32 % fl-2017) u n-nisa 60 %; jirrikonoxxi l-isforzi kontinwi tal-KEPD biex jilħaq bilanċ, fid-dawl tad-daqs żgħir tiegħu u tal-attivitajiet speċifiċi ewlenin tiegħu;
27. Jinnota b'interess li l-KEPD ġie allokat erba' uffiċċji oħra fil-binja MTS, li attwalment jaqsam mal-Ombudsman Ewropew; josserva li l-persunal tal-KEPD, inkluż is-segretarjat tal-EDPB, mistenni jkompli jiżdied fl-2020 u li għaldaqstant se tkun meħtieġa espansjoni akbar għall-binja kollha kemm hi; isostni t-talba tal-KEPD u jitolbu jinforma lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament bil-passi kollha li saru u r-riżultati kollha li nkisbu f'dan ir-rigward;
28. Jilqa' l-inizjattivi mmirati tal-KEPD biex inaqqas l-impronta ambjentali tal-istituzzjoni; jinkoraġġixxi lill-KEPD jattwa pjan ta' azzjoni konkret biex inaqqas l-impronta ambjentali;
29. Jilqa' l-fatt li l-importanza tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-KEPD żdiedet konsiderevolment fis-snin riċenti; jirrikonoxxi l-isforzi li saru biex jitjeb l-impatt tal-preżenza tiegħu online; jieħu nota tal-organizzazzjoni ta' żewġ kampanji ta' komunikazzjoni importanti, partikolarment il-Konferenza Internazzjonali tal-2018 iċċentrata fuq it-tema "Dibattitu dwar l-Etika" (b'hekk jintlaħaq pubbliku kemm jista' jkun vast bid-dibattitu dwar l-etika diġitali) u, f'Diċembru 2018, il-kampanja ta' komunikazzjoni tiegħu rigward ir-regolament il-ġdid dwar il-protezzjoni tad-data għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni;
30. Ifakkar li l-KEPD juża għadd ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni li jgħinuh jagħmel monitoraġġ tal-operat tiegħu u l-użu tar-riżorsi tiegħu; jinnota b'sodisfazzjon li fl-2018 il-KEPD laħaq u qabeż l-oġettivi stabbiliti fil-biċċa l-kbira tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tiegħu (eż. fir-rigward tal-indikatur ewlieni tal-prestazzjoni 4 "Livell ta' interess tal-partijiet ikkonċernati" bl-oġettiv ta' 10 konsultazzjonijiet, laħaq 13-il konsultazzjoni); jinnota li l-implimentazzjoni tal-oġettivi strateġiċi rilevanti tinsab fi stadju tajjeb u li mhumiex meħtieġa miżuri korrettivi; jinkoraġġixxi lill-KEPD ikompli jaħdem f'din id-direzzjoni;
31. Jilqa' l-fatt li l-KEPD segwa kważi s-16-il standard ta' kontroll intern, li huma mmonitorjati regolarment biex jiżguraw li l-oġettivi jinkisbu mil-lat ekonomiku, tal-effiċjenza u tal-effikaċja; jinnota li s-servizz tal-awditjar intern għamel awditu ta' segwitu fuq ir-rakkomandazzjonijiet pendenti ta' reviżjoni tal-istandards ta' kontroll intern u kkonkluda li l-livell ta' kontroll intern huwa sodisfaċenti u effikaċi;
32. Jinnota li s-servizz tal-awditjar intern għamel stħarriġ iċċentrat fuq it-tliet oqsma ewlenin (il-governanza tal-KEPD b'rabta mal-EDPB, il-qafas għall-forniment ta' riżorsi umani, l-amministrazzjoni baġitarja u finanzjarja u s-sostenn loġistiku għall-EDPB u t-timijiet ta' appoġġ tal-KEPD) li kienu s-suġġett ta' skrutinju bir-reqqa; jinnota li s-servizz tal-awditjar intern ippubblika rapport finali li fih ir-rakkomandazzjonijiet kollha kienu meqjusa biss bħala "aspetti li għandhom jiġu kkunsidrati" u li mhuma se jkunu suġġetti għall-ebda segwitu min-naħa tas-servizz tal-awditjar intern;
33. Jinnota li l-infiq fuq traduzzjonijiet tammonta għal EUR 337 057,35 għall-KEPD u EUR 516 461,90 għall-attivitajiet tal-EDPB; jinnota li l-EDPB jibbenefika minn kwota ta' traduzzjonijiet b'xejn imwettqa mid-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni tal-Kummissjoni; jieħu nota tal-fatt li l-bżonn ta' traduzzjonijiet frekwenti fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, flimkien mad-daqs ferm żgħir tal-istituzzjoni, iwassal biex l-internalizzazzjoni tat-traduzzjoni tkun impossibbli mil-lat tal-proporzjon bejn il-kostijiet u l-benefiċċji;
34. Jieħu nota tal-fatt li l-missjonijiet tal-persunal huma kkodifikati fis-sistema integrata ta' pproċessar tal-missjonijiet u li rapport ta' missjoni jittella' bħala dokument ġustifikattiv fil-lista tal-ispejjeż; jilqa' l-fatt li d-data mogħtija fir-rapport annwali tal-attività, kif rikjest mir-rapport ta' kwittanza preċedenti, ma turi l-ebda differenza sinifikanti f'termini ta' numru u kostijiet tal-missjonijiet fl-erba' snin li għadew;
35. Jilqa' l-fatt li l-KEPD jirrispetta l-aħjar prattika li jistabbilixxi skadenza għall-preżentazzjoni tar-rapport annwali tal-attività fil-31 ta' Marzu tas-sena li tiġi wara s-sena kontabilistika; jilqa' l-fatt li, għaldaqstant, il-KEPD adotta r-rapport annwali tal-attività tiegħu sas-26 ta' Marzu 2019 bil-għan li jagħti lill-awtorità ta' kwittanza aktar żmien biex tifli r-rapport u biex il-proċedura ta' kwittanza tkun tista' ssir b'mod aqwa;

36. Jenfasizza l-ħidma kollha li saret fis-snin li għaddew f'oqsma bħall-ibbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni, il-qafas etiku bir-regoli u l-proċeduri kollha relatati tiegħu, it-tisħiħ tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni u ż-żieda li għadha għaddejja fil-miżuri biex titjeb it-trasparenza; jilqa' l-għadd sinifikanti ta' ftehimiet interistituzzjonali dwar is-servizzi u l-kooperazzjoni; jissottolinja l-importanza tal-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni tal-esperjenza fost l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni; jissuġġerixxi li tiġi analizzata l-possibbiltà li jkun hemm attivitajiet formalizzati ta' networking f'oqsma differenti sabiex tiġi kondiviża l-aħjar Prattiki u jiġu żviluppati soluzzjonijiet komuni;
 37. Jissottolinja l-fatt li l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea se jkollu riperkussjonij sinifikanti fuq ix-xogħol ippjanat tal-KEPD; jenfasizza l-importanza li jsiru malajr in-negozjati mar-Renju Unit għal ftehim fil-qasam tad-data.
-

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1887 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima V — Il-Qorti tal-Awdituri**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 (COM(2019) 316 — C9-0054/2019) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditi interni mwettqa fl-2018,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 55, 99, 164, 165 u 166 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 59, 118, 260, 261 u 262 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0031/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lis-Segretarju Ġenerali tal-Qorti tal-Awdituri għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

⁽¹⁾ ĠU L 57, 28.2.2018.⁽²⁾ ĠU C 327, 30.9.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 9.⁽⁵⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

3. Jagħti iSTRUZZJONIJET lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1888 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima V — Il-Qorti tal-Awdituri**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima V — Il-Qorti tal-Awdituri,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0031/2020),
- A. billi fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza, l-awtorità ta' kwittanza tixtieq tenfasizza l-importanza partikolari li tissaħħaħ ulterjorment il-leġittimità demokratika tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni billi jittejjbu t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont, u billi jiġi implimentat il-kunċett ta' baġitar abbażi tal-prestazzjoni u l-governanza tajba tar-riżorsi umani;
1. Jinnota li l-kontijiet annwali tal-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") huma awditjati minn kumpanija esterna, PricewaterhouseCoopers Sàrl, bl-għan li jiġu applikati l-istess prinċipji ta' trasparenza u ta' obbligu ta' rendikont li l-Qorti tapplika fil-konfront ta' dawk suġġetti għall-awditjar tagħha; jinnota b'sodisfazzjon li r-rapport tal-awditur estern jiddikjara li d-dikjarazzjonijiet finanzjarji jagħtu stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Qorti fil-31 ta' Diċembru 2018, u tar-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar;
 2. Jenfasizza l-fatt li fl-2018, l-appropriazzjonijiet finali tal-Qorti ammontaw għal total ta' EUR 146 469 000 (imqabbel ma' EUR 141 240 000 fl-2017), li jirrappreżenta żieda globali ta' 3,7 % meta mqabbel mal-2017 (iż-żieda fil-livelli tal-prezzijiet hija stmata li hi 1,9 % għal-Lussemburgu); jinnota li 96,21 % tal-appropriazzjonijiet kollha ġew impenjati sa tmiem l-2018 (imqabbel ma' 97,73 % fl-2017 u 99 % fl-2016) u li 94,73 % tal-appropriazzjonijiet kollha tħallsu fl-2018 (imqabbel ma' 94,27 % fl-2017 u 93,29 % fl-2016);
 3. Jenfasizza li l-baġit tal-Qorti huwa kompletament amministrattiv, u huwa marbut mal-infiq li jirrigwarda l-persuni li jaħdmu fl-istituzzjoni (Titolu 1), il-binjiet, it-tagħmir mobbli tal-proprjetà u nfiq operattiv mixxellanju (Titolu 2); jinsab imħasseb dwar is-sovrastimi kontinwi tal-baġit għat-Titolu 2, b'rata ta' impenn ta' 59,13 % (imqabbel ma' 57,13 % fl-2017) u rata ta' pagament ta' 55,11 % (imqabbel ma' 55,75 % fl-2017);
 4. Jinnota li l-impenni riportati għall-2019 ammontaw għal EUR 6 068 597 jew 4,1 % tal-baġit tal-2018 (imqabbel ma' EUR 7 908 250 riportati għall-2018 jew 5,5 % tal-baġit tal-2017); jinnota li l-partita ewlenija li kkontribwiet għar-riport kienet l-ammont ta' EUR 4 310 280 riportat taħt il-Kapitolu 21 (ipproċessar ta' data, apparat u beni mobbli: xiri, kiri u manutenzjoni) għal proġetti tal-IT li kienu għadhom għaddejjin fi tmiem l-2018;
 5. Jiddispijaċih, bħala osservazzjoni ġenerali, li l-Kapitolu 10, "Amministrazzjoni", tar-Rapport Annwali tal-2018 tal-Qorti għandu kamp ta' applikazzjoni u konklużjonijiet pjuttost limitati, minkejja l-fatt li l-Intestatura 5, "Amministrazzjoni", tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali titqies ta' riskju baxx; jitlob li l-ħidma ta' awditjar għall-Kapitolu 10 titwessa' sabiex jiġu rieżaminati d-dgħufijiet fl-infiq amministrattiv f'kull istituzzjoni;
 6. Jilqa' l-fatt li l-Qorti, b'mod ġenerali, applikat id-dixxiplina baġitarja tagħha b'mod sod fis-snin riċenti biex iżżomm l-ispejjeż amministrattivi tagħha stabbli mingħajr ma dan iħalli impatt negattiv fuq il-ħidma prinċipali tagħha; jinnota li l-ebda pożizzjoni addizzjonali ma għet mitluba għall-2018, u li, għaldaqstant, it-tabella tal-persunal tal-Qorti (bħal fl-2017) tipprevedi total ta' 853 post awtorizzati;

7. Jilqa' l-isforzi magħmula mill-Qorti biex tippublika r-rapport annwali tal-attività tagħha sal-5 ta' Mejju tas-sena ta' wara u biex tadotta l-kontijiet finali tagħha sal-31 ta' Mejju; jaqbel li l-Qorti jeħtieġ li tingħata ż-żmien meħtieġ biex twettaq il-ħidma ta' awditjar tagħha (kif espress fir-rapport annwali tal-Qorti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni); jissuġġerixxi, madankollu, li l-Qorti għandha tiddiskuti l-kwistjoni ulterjorment mal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament u ma' atturi rilevanti oħra, sabiex jiġi valutat aħjar it-tul ta' żmien tal-proċedura ta' kwittanza;
8. Jilqa' l-inklużjoni fir-rapport annwali tal-attività tat-tabella li turi d-diversi ftehimiet dwar il-livell ta' servizz iffirmati mal-Kummissjoni u ma' istituzzjonijiet oħra dwar kwistjonijiet bħar-riżorsi umani, it-traduzzjoni u l-infrastruttura u li tindika l-impatt baġitarju tagħhom; jinnota bi tħassib li l-ftehim dwar is-servizzi għall-infiq tal-uffiċċju tal-ħlas fir-rigward tal-ġestjoni tal-fajls tal-persunal u tal-ġestjoni tal-missjonijiet tal-Qorti żdied għal EUR 325 000 fl-2018 (imqabbel ma' EUR 180 000 fl-2017) minħabba kuntratt ġdid; itenni l-importanza tal-kooperazzjoni interistituzzjonali;
9. Japprezza l-isforzi tal-Qorti biex tikseb l-aktar użu kosteffiċjenti tal-vetturi uffiċjali tagħha; jinnota li, bħala parti minn kooperazzjoni mal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti ffirmat kuntratt ta' lokazzjoni ta' erba' snin għal dawk il-vetturi, bir-riżultat li ħadet prezzijiet aħjar u li ġew introdotti kriterji ambjentali;
10. Jinnota li l-Qorti ddeċidiet tagħmel rieżami tar-regoli dwar l-użu tal-vetturi uffiċjali u li skont ir-regoli l-ġodda, il-membri u s-Segretarju Ġenerali jistgħu jużaw il-vetturi uffiċjali għal vjaġġi oħra apparti dawk li jsiru għat-tweqqif ta' dmirijiet uffiċjali billi jħallsu rata fissa ta' EUR 100 fix-xahar flimkien ma' ċerti spejjeż u imposti; jinnota li l-Qorti tistenna ffrankar sinifikanti meta mqabbel mas-sitwazzjoni taħt ir-regoli eżistenti; jinnota li r-regoli l-ġodda japplikaw mill-1 ta' Jannar 2020; huwa tal-fehma li l-vetturi uffiċjali m'għandhom fl-ebda ċirkostanza jintużaw għal finijiet privati; iqis li din il-prattika tista' tagħmel ħsara lir-reputazzjoni tal-Qorti u, b'mod ġenerali, lir-reputazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni; jitlob lill-Qorti, għaldaqstant, biex tikkunsidra mill-ġdid dan is-suġġett, u biex iżżomm lill-Parlament infurmat;
11. Jinnota li l-Qorti adottat sett ġdid ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għall-perjodu 2018sa 2020, li jikkonsistu f'indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni li jipprovdu ħarsa ġenerali wiesgħa dwar it-tixrid, l-impatt u l-perċezzjoni tal-ħidma tagħha; jinnota li inklużi fost l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni hemm il-parteċipazzjonijiet tal-Qorti fil-Parlament, fil-Kunsill u fil-parlamenti nazzjonali, u l-għadd ta' rapporti speċjali ppubblikati (aktar milli dawk sempliċement adottati); jilqa' t-titjib ċar fl-effiċjenza tal-ħidma tal-Qorti, li jintwera miż-żieda fl-għadd ta' rapporti speċjali b'25 % mill-2008 u, mill-2017, il-parteċipazzjonijiet fil-Parlament żdiedu b'47 %, fil-Kunsill b'39 %, u fil-parlamenti nazzjonali b'164 %; jistieden lill-Qorti tikkunsidra li tinkludi l-valur miżjud tal-awditu fl-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tagħha u tirrapporta b'mod kontinwu dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet;
12. Jilqa' l-fatt li l-Qorti qed tesperjenza żieda qawwija fl-interess tal-midja, b'kopertura partikolarment kbira mogħtija lir-rapporti speċjali tagħha; jilqa' l-fatt li l-Qorti se tkompli tippromwovi l-pubblikazzjonijiet tagħha permezz tal-mezzi tal-midja soċjali; jinnota b'interess li l-biċċa l-kbira tal-pubblikazzjonijiet tal-Qorti huma disponibbli fis-sit web tagħha permezz tal-link "fittex il-pubblikazzjonijiet"; jinnota li r-rapporti li dehru l-aktar fil-midja fl-2018 kienu r-rapporti speċjali dwar in-netwerk ferrovjarju Ewropew ta' veloċità għolja, dwar l-effiċjenza operazzjonali tal-ġestjoni ta' kriżijiet bankarji mill-Bank Ċentrali Ewropew u dwar il-faċilità għar-rifuġjati fit-Turkija; jilqa' l-istrateġija ta' komunikazzjoni diġitali tal-Qorti għal ħidma ma' partijiet ikkonċernati mhux istituzzjonali, bħal gruppi ta' riflessjoni, NGOs, assoċjazzjonijiet tal-industrija u l-qasam akkademiku (li jistgħu jaġixxu bħala multiplikaturi tal-messaġġi tal-Qorti); barra minn hekk, iħeġġeġ l-użu ta' pjattaformi ta' networks soċjali awtoospitati liberi u b'sors miftuħ li jagħtu attenzjoni speċjali lill-protezzjoni tad-data tal-utenti;
13. Jinnota b'sodisfazzjon li l-preżenza ġenerali fil-midja (inkluża l-midja soċjali) kważi triplikata fil-2018 mqabbel mal-2017 (żdiedet minn madwar 15 500 artiklu online u referenzi fuq il-midja soċjali għal aktar minn 44 000); jinnota li fl-2018, il-posts fil-midja soċjali mill-kontijiet uffiċjali tal-Qortirigward il-pubblikazzjonijiet tagħha ntwerew madwar 11-il miljun darba, jiġifieri kważi 18-il darba aktar milli fl-2017; jinnota li fl-2018, aktar minn 11 000 artiklu online dwar ir-rapporti speċjali tal-Qorti kienu disponibbli (imqabbel ma' 1 500 artiklu online fl-2013);
14. Jirrikonoxxi l-pubblikazzjoni ta' 35 rapport speċjali (imqabbel ma' 28 fl-2017), 9 publikazzjonijiet ibbażati fuq rieżami (imqabbel ma' 2 fl-2017) u 10 opinjonijiet (imqabbel ma' 5 fl-2017); jilqa' l-isforzi tal-Qorti, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, biex tipproduċi r-rapporti speċjali tagħha fi żmien 13-il xahar, filwaqt li jinnota li l-medja ta' żmien tal-produzzjoni tar-rapporti speċjali ppubblikati matul l-2018 kienet ta' 15,2-il xahar; jenfasizza, madankollu, li 15 mill-35 rapport speċjali (43 %) saru f'inqas minn 13-il xahar (imqabbel ma' 29 % fl-2017);

15. Jinnota bi tħassib li l-Qorti għażlet kampjun ta' 45 tranżazzjoni (imqabel ma' 55 fl-2017 u 100 fl-2016) mill-Intestatura 5 "Amministrazzjoni" tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni; jinnota li l-kampjun tfassal biex ikun rappreżentattiv tal-firxa ta' nfiq fl-ambitu tal-Intestatura 5, li tirrappreżenta 6,3 % tal-baġit tal-Unjoni; jinnota li l-ħidma tal-Qorti tindika li l-infiq amministrattiv għandu riskju baxx; jikkunsidra, madankollu, li n-numru ta' tranżazzjonijiet magħżula b'rabta mal-"istituzzjonijiet l-oħra" mhuwiex suffiċjenti, u jitlob lill-Qorti żżid l-għadd ta' tranżazzjonijiet li għandhom jiġu eżaminati b'tal-inqas 10 %; jitlob lill-Qorti tikkunsidra li tippreżenta rapport annwali indipendenti dwar l-istituzzjonijiet tal-Unjoni (bħalma tagħmel diġà fir-rigward tal-aġenziji tal-Unjoni); jitlob lill-Qorti biex iżżomm lill-Parlament infurmatdwar l-iżviluppi f'dan ir-rigward;
16. Jinnota b'sodisfazzjon li l-kapitolu dwar it-trasparenza fis-sit web tal-Qorti jippreżenta kalendarju tal-laqgħat tal-Qorti u tabella tal-missjonijiet tal-membri tal-Qorti (bid-data, il-post, l-iskop u l-ispejjeż) kif ukoll links għal dokumenti relatati u portali oħra tat-trasparenza;
17. Jenfasizza l-introduzzjoni ta' regjistru tal-attendenza biex jirreġistra l-preżenza tal-membri fil-laqgħat tal-Qorti, l-awli tagħha u l-kumitati tagħha (li ilu effettiv mill-1 ta' Jannar 2019); jitlob lill-Qorti tirrapporta dwar dawk il-kwistjonijiet lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament fir-rapport annwali tal-attività tagħha li jmiss;
18. Jistieden lill-Qorti tistabbilixxi proċeduri għaż-żamma ta' regjistru tal-liv annwali, il-liv tal-mard u assenza mix-xogħol tal-membri għal raġunijiet oħra, biex tiżgura li l-liv kollu meħud mill-membri jiġi reġistrat b'mod effettiv; jenfasizza li l-prattika attwali tista' ddgħajef il-fiducia taċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-Qorti;
19. Josserva b'interess li l-Qorti tiġbor informazzjoni dwar il-missjonijiet tal-membri li jkunu relatati max-xogħol, biex tivvaluta jekk l-attività ppjanata kinitx taqa' fil-qasam ta' interess tal-Qorti; jilqa' l-fatt li l-membri jipprovdu l-ismijiet u l-karigi tal-persuni li jkunu se jiltaqgħu magħhom, deskrizzjoni ġenerali tas-suġġetti li għandhom jiġu diskussi u, fejn tkun disponibbli, l-istedina li jkun fiha d-dettalji meħtieġa sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' abbużi possibbli;
20. Jinnota li d-deċiżjoni li tiċċara r-regoli li jirregolaw il-missjonijiet tal-membri daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2018; jinnota li d-deċiżjoni tiddefinixxi b'mod partikolari l-informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata meta tintalab ordni ta' missjoni;
21. Jinnota li l-Qorti, fil-qafas tas-sistema ta' kontroll intern tagħha, iddeċidiet minn Frar 2018 li tiddelega lis-segretarju ġenerali s-setgħat tal-uffiċjal awtorizzanti fir-rigward tal-kontijiet relatati mal-ispejjeż tal-missjonijiet u l-ispejjeż ta' rappreżentanza tal-membri; jinnota li dak l-infiq issa huwa suġġett għas-sistema ta' kontroll ġenerali mħaddma mis-servizzi tas-segretarjat ġenerali li tinvolvi l-ġestjoni tar-riskju u kontroll *ex ante* u *ex post*, u li huwa inkluż fid-dikjarazzjoni annwali tal-uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega u b'delega; jiddeplora bil-qawwa l-fatt li kellha tinqala' sitwazzjoni kritika partikolari biex il-Qorti ħadet azzjoni dwar din il-kwistjoni;
22. Jinnota li s-servizz tal-awditjar intern għamel rieżami tar-rapporti annwali ta' kontroll tal-2018 u d-dikjarazzjonijiet tal-uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega sabiex jivvaluta l-affidabbiltà tal-informazzjoni pprovduta; jinnota li s-segretarju ġenerali talab rapporti ta' kontroll mingħand id-direttorati kollha; jirrikonoxxi li s-servizz tal-awditjar intern jikkonferma l-kwalità affidabbli tal-kontrolli *ex ante* u *ex post* imwettqa mis-servizzi, u li b'mod ġenerali l-informazzjoni fir-rapporti ta' kontroll hija affidabbli;
23. Jinnota d-deċiżjoni tal-Qorti, fir-rigward tal-perjodu 2012 sa 2018, li twettaq awditu intern tal-ispejjeż tal-missjonijiet u tal-użu tal-karozzi uffiċjali (awditu li ġie ffinalizzat f'Lulju 2019); jinnota li r-rapport ta' awditjar ikkonkluda li l-maġġoranza vasta tal-operazzjonijiet magħżula b'mod aleatorju eżaminati mis-servizz tal-awditjar intern kienu konformi mar-regoli u l-proċeduri applikabbli; jiddeplora l-fatt li r-rapport ikkonkluda wkoll li, qabel ir-riformi tal-2017 sa 2018, is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Qorti kellhom ċerti nuqqasijiet; jinnota wkoll li r-rapport ikkonkluda li r-riformi tal-2017 sa 2018 fil-fatt ikkoreġew in-nuqqasijiet fis-sistemi ta' kontroll, u li l-proċeduri ta' ġestjoni u ta' kontroll fis-seħħ bħalissa b'mod ġenerali huma affidabbli;
24. Jinnota li abbażi ta' dak ir-rapport ta' awditjar ma ġiet identifikata l-ebda indikazzjoni dwar użu ħażin, minn membri jew minn membri preċedenti, tal-pożizzjoni tagħhom; jinnota li ma kien hemm l-ebda investigazzjoni interna oħra wara dak ir-rapport ta' awditjar;
25. Josserva li l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) baġhat ir-rapport tiegħu dwar ex membru lill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Lussemburgu; jinnota li l-immunità tal-ex membru tneħħiet; jinnota li l-Qorti rkuprat is-somma ta' EUR 153 407,58 mingħand l-ex membru;

26. Jinnota li l-OLAF fetaħ investigazzjoni fl-2016 dwar il-possibbiltà ta' abbuż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza minn membru attwali tal-Qorti (relatat maż-żmien meta kien Membru tal-Parlament); jinnota li l-OLAF ikkonkluda l-każ f'Settembru 2019, b'rakkomandazzjoni lill-Parlament li jirkupra EUR 11 243; jinnota li ma saret l-ebda rakkomandazzjoni dixxiplinari jew ġudizzjarja f'dan ir-rigward, u li ma ġiet indirizzata l-ebda rakkomandazzjoni lill-Qorti;
27. Jilqa' l-fatt li l-membri tal-Qorti huma suġġetti għal kodiċi ta' kondotta li jirregola l-indipendenza, l-imparzjalità, l-integrità, l-impenn, il-kolleġjalità, il-kunfidenzjalità, ir-responsabbiltà u l-obbligi tagħhom wara li ma jibqgħux fil-kariga; jilqa' l-fatt li l-Qorti tippubblika d-dikjarazzjonijiet ta' interessi (dikjarazzjonijiet ta' interessi finanzjarji u tal-attivitajiet esterni) u s-CVs tal-membri tagħha fis-sit web tagħha, u b'hekk tagħmel il-Qorti suġġetta għall-istess skrutinju pubbliku bħall-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni;
28. Jinsab imħasseb li d-dikjarazzjonijiet ta' interess huma ta' natura awtodikjaratorja u li, minħabba l-qafas legali attwali, la l-Qorti u lanqas il-kumitat tal-etika tagħha m'għandhom setgħat ta' investigazzjoni biex jiżguraw il-veraċità u l-kompletezza tad-data ddikjarata; jistieden lill-Qorti tiżgura li l-membri jippreżentaw dikjarazzjonijiet ta' interess minflok dikjarazzjonijiet ta' nuqqas ta' kunflitti ta' interess; jenfasizza li l-proċeduri attwali, inkluż dawk tal-kumitat tal-etika, jeħtieġ li jissaħħu biex jiġi żgurat li ma jkunx hemm kunflitti ta' interess; jitlob lill-Qorti tirrapporta dwar kwalunkwe progress magħmul;
29. Jilqa' l-pubblikazzjoni tal-linji gwida tal-Qorti dwar l-etika, applikabbli għall-membri kollha u għall-persunal kollu; jilqa' d-diskussjoni mill-kumitat tal-etika ta' kwalunkwe kwistjoni ta' natura etika li jqis rilevanti, inkluża l-valutazzjoni tal-attivitajiet esterni tal-membri tal-Qorti; jinnota l-ħatra ta' konsulenti tal-etika fost il-persunal tal-Qorti, bil-għan li jiġi żgurat li kull membru tal-persunal ikollu d-dritt u l-opportunità li jfittex parir kunfidenzjali u imparzjali dwar kwistjonijiet sensitivi, bħal kunflitti reali ta' interess, l-aċċettazzjoni ta' rigali u dwar kif tingħata informazzjoni f'każ ta' irregolaritajiet serji (żvelar ta' informazzjoni protetta), eċċ.;
30. Jenfasizza l-fatt li l-Qorti toffri, lill-membri kollha tal-persunal, kors ta' taħriġ speċifiku dwar l-etika pubblika, (li huwa obligatorju għall-membri ġodda kollha tal-persunal), li jkun fih taqsima dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta (inkluża l-proċedura li għandha tiġi segwita, u d-drittijiet tal-persunal); jilqa' l-fatt li, fil-gwida interna dwar "mistoqsijiet frekwenti dwar kwistjonijiet etiċi", jingħataw għadd ta' eżempji bl-għan li jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent ta' kunflitti potenzjali ta' interess; jistieden lill-Qorti ssaħħaħ l-isforzi tagħha billi ttejjeb l-informazzjoni u l-komunikazzjoni u permezz ta' attivitajiet ta' monitoraġġ;
31. Jenfasizza l-fatt li qafas tal-etika għandu jikkonsisti f'regoli għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-evitar ta' kunflitti potenzjali ta' interess; jinnota li l-qafas tal-etika tal-Qorti ġie rieżaminat mill-esperti tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-Polonja u l-Kroazja; jieħu nota tar-rapport finali ta' evalwazzjoni bejn il-pari; jistieden lill-Qorti tinforma lill-Parlament dwar kwalunkwe azzjoni ta' segwitu li tiġi deċiża abbażi tal-eżitu tal-evalwazzjoni bejn il-pari;
32. Jilqa' l-fatt li l-Qorti stabbiliet mezzi għall-iżvelar ta' informazzjoni protetta li jiżguraw protezzjoni xierqa għall-informaturi, u li hi ppubblikat ir-regoli ta' proċedura relatati; jinnota li teżisti formola ta' kuntatt online għar-rappurtar ta' kwalunkwe irregolarità serja; jilqa' l-link fil-paġna ewlenija tagħha dwar kif persuna tista' tirrapporta każijiet ta' frodi lill-OLAF;
33. Jinnota l-fatt li l-Qorti qed tkompli torganizza taħriġ u preżentazzjonijiet għall-manijers, il-membri ġodda tal-persunal u l-persunal tar-riżorsi umani biex titqajjem kuxjenza dwar il-fastidju fl-ambjent tax-xogħol; jinnota, barra minn hekk, li l-persuni ta' kuntatt għall-ġlieda kontra l-fastidju jirċievu t-taħriġ rilevanti fuq bażi annwali; jinnota li l-Qorti saħħet ir-regoli tagħha kontra l-fastidju fl-2017 u li għandhom l-għan li jevitaw sitwazzjonijiet ta' fastidju, li jżommu ambjent tax-xogħol sodisfaċenti u li jiffaċilitaw s-soluzzjoni ta' kunflitti interpersonali permezz ta' soluzzjoni amikevoli;
34. Jilqa' l-isforzi li għamlet il-Qorti biex tiżgura l-benesseri tal-persunal, bħal billi tippermetti ħinijiet tax-xogħol flessibbli u telexogħol u jinnota li, f'dan ir-rigward, il-Qorti tipprovdi preżentazzjonijiet dwar opportunitajiet indaqs u aċċess mingħajr ħlas għall-psikologi; jinnota, madankollu, li kien hemm tliet każijiet ta' eżawriment fl-2018; jitlob lill-Qorti, għaldaqstant, tivvaluta jekk l-ammont tax-xogħol hux imqassam b'mod proporzjonat fost it-timijiet u membri tal-persunal;

35. Jinnota li kien hemm ilment formali wieħed ta' fastidju ppreżentat fl-2018 u li ġew stabbiliti l-fatti ta' fastidju sesswali; jinnota li l-proċedura kollha (li ntemmet bit-teħid ta' miżuri preventivi u dixxiplinari) ħadet ħames xhur mid-data meta tressaq l-ilment biex tlestiet għalkollox;
36. Jenfasizza l-fatt li (kif imsemmi fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal fir-rigward tal-attivitajiet okkupazzjonali ta' uffiċjali għolja wara t-tluq mis-servizz) il-Qorti tippubblika informazzjoni relatata dwar l-attivitajiet okkupazzjonali ta' uffiċjali għolja tal-Qorti; jinnota wkoll il-pubblikazzjoni tar-regoli relatati fis-sit tagħha;
37. Jinnota l-fatt li l-Qorti u l-OLAF jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib sabiex jiproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jinnota wkoll li fl-2018 il-Qorti kkomunikat disa' każijiet ta' suspett ta' frodi żvelati fil-kuntest tal-awdituri tagħha (imqabbel ma' 13 fl-2017); jifraħ lill-Qorti dwar il-fatt li n-negozjati li għaddejnin irriżultaw f'arranġament ta' kooperazzjoni amministrattiva bejn il-Qorti u l-OLAF (iffirmat f'Mejju 2019) li għandu l-għan li jiffaċilita r-relazzjoni Prattika tax-xogħol bejn daww il-korpi, b'mod partikolari rigward it-trażmissjoni ta' każijiet ta' suspett ta' frodi, u li jorganizza azzjonijiet ta' interess komuni, bħal taħriġ, workshops u skambji ta' persunal;
38. Jiddispijaci li s-segwitu tal-Qorti għar-riżoluzzjoni tal-kwittanza tal-2017 ipprova biss risponsi limitati għall-kummenti tal-Parlament; jenfasizza li s-segwitu huwa essenzjali biex jippermetti lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament jiddetermina jekk il-Qorti tkunx implimentat ir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament; jistieden lill-Qorti tinkludi r-risponsi kollha meħtieġa u spjegazzjonijiet aktar dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament fir-rapport ta' segwitu li jmiss tagħha;
39. Jinnota li l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni mhux ser ikollu impatt maġġuri fuq l-istruttura u r-riżorsi umani tal-Qorti; jinnota li l-Qorti impenjat ruħha li tuża s-setgħa diskrezzjonali tagħha skont l-Artikolu 49 tar-Regolamenti tal-Persunal b'effett li l-uffiċjali ma jtkunx unikament għax ma jkunx għadhom ċittadini ta' Stat Membru; jinnota li, fir-rigward tal-aġenti temporanji u kuntrattwali, il-Qorti hija meħtieġa bil-liġi li teżamina kull każ individwalment, u li tawtorizza eċċezzjonijiet meta jkun għustifikat l-interess tas-servizz; jilqa' l-fatt li l-Qorti madankollu impenjat ruħha li tagħmel użu miftuħ u trasparenti minn din il-kapaċità li tawtorizza l-eċċezzjonijiet; jinnota li l-valutazzjoni tal-Qorti se tkun ibbażata unikament fuq l-interessi tas-servizz;
40. Jenfasizza l-impenn tal-Qorti li ttejjeb il-bilanċ bejn is-sessi fil-livelli manijerjali kollha; jinnota li 45 % tal-awdituri u l-amministraturi tagħha huma nisa, jiġifieri l-proporzjon ta' nisa u rġiel huwa kważi ndaq; jinnota li 38 % tal-manijers tagħha, 24, huma nisa, u li 3 minn 10 diretturi huma nisa; jistieden lill-Qorti tkompli bl-isforzi tagħha biex tippromwovi l-bilanċ bejn is-sessi, b'mod partikolari rigward pożizzjonijiet manijerjali u karigi manijerjali ogħla; jilqa' l-fatt li l-proporzjoni ta' nisa f'pożizzjonijiet manijerjali fil-kmamar tal-awditjar żdied minn 7 % fl-2015 għal kważi 24 % fi tmiem l-2018 (imqabbel ma' 20 % fl-2017); jinnota li l-politika tal-opportunitajiet indaqs tal-Qorti għall-perjodu 2018 sa 2020 (approvata fi Frar 2018) tindirizza wkoll il-kwistjonijiet tal-età u tad-diżabbiltà;
41. Itenni li 6 biss mit-28 membru tal-Qorti (imqabbel ma' 4 fl-2016) huma nisa; jenfasizza l-kwistjoni ta' żbilanċ bejn is-sessi fost il-membri; ifakkar li l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lin-nisa b'mod aktar attiv biex japplikaw għal dawn it-tipi ta' pożizzjonijiet; itenni li l-Kunsill dejjem għandu jippreżenta mill-inqas żewġ kandidati, waħda mara u wieħed raġel, matul il-proċedura tal-ħatra;
42. Jinnota li ż-żieda fl-ammont ta' xogħol fit-traduzzjoni ġiet ikkumpensata mill-kisbiet fl-effiċjenza permezz tar-razzjonalizzazzjoni tal-proċeduri interni tal-Qorti, inkluża ċ-ċentralizzazzjoni tal-ipproċessar ta' qabel u ta' wara t-traduzzjonijiet; jinnota li dan ippermetta tnaqqis sinifikanti fl-ispejjeż għal kull paġna (aktar minn 10% mqabbel ma-2017);
43. Jilqa' għal darba oħra l-kooperazzjoni tal-Qorti ma' istituzzjonijiet pubbliċi u partijiet ikkonċernati oħra; jinnota b'sodisfazzjon il-kooperazzjoni bejn il-kapijiet tal-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar u l-adozzjoni ta' pjan ta' ħidma konġunt mill-2018 'il quddiem; jappoġġa, barra minn hekk, is-sħubijiet li saru ma' diversi universitajiet fil-kuntest tal-politika tal-Qorti biex testendi l-firxa ta' taħriġ tagħha; jitlob lill-Qorti testendi l-kuntatti tagħha lil universitajiet addizzjonali sabiex fil-futur tistabbilixxi kooperazzjoni li tkun diversifikata u iżomm bilanċ ġeografiku;

44. Jilqa' l-fatt li l-ispazji tal-arkivji tal-bini K2 ma baqgħux meħtieġa minħabba li żdiedet id-diġitalizzazzjoni; jinnota li dawn l-ispazji se jiġu konvertiti fi spazji ġodda kollaborattivi jew ta' benesseri, u li l-ispiża se tkun milqugħa mill-baġit li fadal tal-proġett ta' kostruzzjoni tal-K3 li tlesta f'it snin ilu; jinnota li l-livell ta' kumdità tal-bini K1 għadu ferm iktar baxx minn dak tal-binjiet l-oħra tal-kampus; jirrikonoxxi l-konklużjoni ta' studju li jirrakkomanda li jsiru xogħlijiet li jirriżultaw f'investimenti kbar; jinnota li l-alternattivi biex tinstab l-aktar soluzzjoni effiċjenti għall-futur tal-K1 għadhom qed jiġu kkunsidrati (inkluż f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet Lussemburgiżi); jistieden lill-Qorti tinforma lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament rigward kwalunkwe soluzzjoni, flimkien ma' estimi baġitarji;
 45. Jilqa' l-fatt li l-Qorti stabbiliet programm ambjentali komprensiv biex tindirizza diversi temi identifikati fl-analiżi ambjentali tagħha u biex tnaqqas l-impatt ambjentali tagħha; jinnota b'apprezzament li rnexxielha tnaqqas il-konsum tal-enerġija tagħha bi 11,5 % mill-2014 għall-2018, il-konsum tal-ilma tagħha b'21,1 % mill-2016 għall-2018, u l-konsum tal-karta tagħha b'50,8 % mill-2014 għall-2018;
 46. Jappoġġa l-isforzi tal-Qorti biex ittejjeb il-protezzjoni tad-data u ċ-ċibersigurtà billi tadotta pjan ta' azzjoni ta' ċibersigurtà ta' tliet snin f'nofs l-2018, b'għadd ta' azzjonijiet biex ittaffi r-riskji identifikati; jinnota b'sodisfazzjon il-kooperazzjoni tal-Qorti mal-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji Ewropej (CERT-UE) biex jiġu implimentati wħud mill-kontrolli previsti fil-pjan;
 47. Jirrikonoxxi l-valur miżjud li s-software liberu u b'sors miftuħ jista' joffri lill-Qorti; jissottolinja b'mod partikolari r-rwol ta' tali software biex tiżdied it-trasparenza u jiġu evitati l-effetti ta' intrappolament tal-bejjiġġa; jirrikonoxxi wkoll il-potenzjal tiegħu għal titjib fis-sigurtà għax jippermetti l-identifikazzjoni tad-dgħufijiet u r-rimedji għalihom; jirrakkomanda b'mod qawwi li kwalunkwe software żviluppat għall-Qorti jsir disponibbli pubblikament taħt liċenzja għal software liberu u b'sors miftuħ;
 48. Jenfasizza l-ħidma kollha li saret mill-Qorti fis-snin reċenti f'oqsma bħall-baġitjar abbażi tal-prestazzjoni, il-qafas etiku (bir-regoli u l-proċeduri kollha relatati tiegħu), tisħiħ tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni u l-għadd dejjem akbar ta' miżuri biex titjeb it-trasparenza; jilqa' l-għadd sinifikanti ta' ftehimiet interistituzzjonali ta' servizz u ta' kooperazzjoni; jissottolinja l-importanza tal-kollaborazzjoni u l-qsim tal-esperjenzi fost l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni; jissuġġerixxi l-possibbiltà li jiġu analizzati attivitajiet formalizzati ta' networking f'oqsma differenti għall-qsim tal-aħjar prattiki u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet komuni.
-

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1889 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (CdT) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata liċ-Ċentru fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0039/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li jstabbilixxi ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0035/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 314, 7.12.1994, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1890 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (CdT) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata liċ-Ċentru fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0039/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li jstabbilixxi ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0035/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 314, 7.12.1994, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet ta' Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur ta' Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1891 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (CdT) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0035/2020),
- A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq ⁽¹⁾, il-baġit finali taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (iċ-Ċentru) għas-sena finanzjarja 2018 kien jammonta għal EUR 47 142 100, li meta mqabbel mal-2017 jirrappreżenta tnaqqis ta' 4,63 %; billi 91,48 % tal-baġit taċ-Ċentru jiġi minn kontribuzzjonijiet diretti minn istituzzjonijiet, aġenziji u korpi oħra ⁽²⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2018 (ir-"rapport tal-Qorti"), stqarret li kisbet aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali taċ-Ċentru huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 94,94 %, li tirrappreżenta żieda ta' 1,82 % meta mqabbla mas-sena preċedenti; jinnota li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprijazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 87,94 %, li tirrappreżenta żieda ta' 2,53 % meta mqabbla mas-sena preċedenti;

Prestazzjoni

2. Jinnota li ċ-Ċentru juża indikaturi tal-input u tal-output bħala indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex jivvaluta r-riżultati tal-attivitajiet tiegħu u diversi indikaturi biex itejjeb il-ġestjoni baġitarja tiegħu; jinnota l-evalwazzjoni *ex ante* riveduta u r-reviżjoni *ex post* li għaddejja bħalissa tal-programmi u tal-attivitajiet taċ-Ċentru; jistieden liċ-Ċentru jkompli jiżviluppa l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex jivvaluta l-eżitu u l-impatt tal-attivitajiet tiegħu sabiex jikseb pariri kwalitattivi dwar kif jipprovdi aktar valur miżjud għall-output taċ-Ċentru u jtejjeb il-mudell kummerċjali taċ-Ċentru;
3. Jinnota b'apprezzament li, fl-2018, iċ-Ċentru ħa passi kbar 'il quddiem fl-użu tat-teknoloġija tat-traduzzjoni u li, f'kooperazzjoni mill-qrib mad-direttorat ġenerali sieħeb fil-Kummissjoni, implimenta b'suċċess it-traduzzjoni awtomatika u l-Euramis fil-fluss tal-produzzjoni tiegħu;
4. Jinnota, barra minn hekk, li fl-2018 il-verżjoni ġdida fjamanta tal-ikbar bażi tad-data tat-terminoloġija fid-dinja, l-Interactive Terminology for Europe (IATE), ġiet varata għall-pubbliku u li ċ-Ċentru jiżviluppaha u jimmaniġġjaha fisem is-sħab istituzzjonali tiegħu;
5. Jilqa' pożittivament il-fatt li ċ-Ċentru implimenta żewġ azzjonijiet biex jikkondividi r-riżorsi ma' aġenziji oħra dwar il-kompiti li jikkoinċidu permezz tan-Network tal-Aġenziji tal-UE: katalogu tas-servizzi kondiviż, li jelenka s-servizzi kollha li jistgħu jiġu kondiviżi mill-aġenziji tal-Unjoni, u portal tal-akkwist konġunt li fuqu l-aġenziji tal-Unjoni jikkondividu l-pjanijiet ta' akkwist; iħeġġeġ bil-qawwa liċ-Ċentru biex ifittex b'mod attiv kooperazzjoni ulterjuri u usa' mal-aġenziji kollha tal-Unjoni, speċjalment minħabba l-pożizzjoni strateġikament ideali tiegħu fil-Lussemburgu, fejn ħafna aġenziji oħra tal-Unjoni għandhom il-kwartieri ġenerali;

⁽¹⁾ ĠU C 416, 15.11.2018, p. 16.

⁽²⁾ ĠU C 416, 15.11.2018, p. 18.

6. Iħeġġeġ liċ-Ċentru jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti;
7. Jilqa' l-progress li sar rigward l-evalwazzjoni esterna tal-mudell kummerċjali taċ-Ċentru, li twettqet fl-2017; jistieden liċ-Ċentru jirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-eżitu tal-evalwazzjoni finali;
8. Jinnota b'apprezzament l-impatt persistenti tal-istruttura tal-prezzijiet introdotta fl-2017 għat-traduzzjoni tad-dokumenti – li permezz tagħha l-klijenti taċ-Ċentru ffrankaw EUR 4,4 miljun fl-2018 – u jenfasizza l-effetti pożittivi tiegħu;
9. Iħeġġeġ liċ-Ċentru jadotta mudell kummerċjali sostenibbli bi qbil mal-pjan ta' trasformazzjoni mfassal abbażi tal-istudju estern bit-titlu "Study on the Translation Centre as the Linguistic Shared Service Provider for the EU Agencies and Bodies" (Studju dwar iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni bħala l-Fornitur ta' Servizzi Lingwistiċi Kondiviżi għall-Aġenziji u l-Korpi tal-UE); iħeġġeġ liċ-Ċentru jimplimenta bis-sħiħ dawk l-azzjonijiet li jgħinu biex il-mudell kummerċjali l-ġdid jiġi adattat għall-avvanzi teknoloġiċi, bħall-proġett dwar it-traduzzjoni tal-paġni web u l-għarfien tat-taħdit;
10. Jinnota bi tħassib li ċ-Ċentru ma lestiex il-pjan għal kontra l-frodi li kellu jiġi implimentat sa tmiem l-2018 u li dik is-sena kellu rata ta' implimentazzjoni ta' 66 %; iħeġġeġ liċ-Ċentru jħaffef l-implimentazzjoni ta' dak il-pjan;
11. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu dwar l-isforzi magħmula miċ-Ċentru fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet tal-persunal ewlieni floqsma tal-ġestjoni tal-kwalità u l-ġestjoni tal-proġetti, billi 86,8 % tal-persunal ewlieni rċieva t-taħriġ, li jaqbeż il-mira stabbilita għall-2018;
12. Jirrikonoxxi l-fatt li ċ-Ċentru żamm mal-impenn tiegħu li verżjoni ġdida tal-IATE tkun disponibbli għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni sa tmiem l-2018, u li dan l-objettiv intlaħaq f'Novembru 2018; jinnota li ċ-Ċentru ppubblika l-verżjoni interistituzzjonali tal-IATE fi Frar 2019;

Politika dwar il-persunal

13. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2018, it-tabella tal-persunal kienet eżegwita bil-perċentwal ta' 94,82 %, u li kienu nħatru 50 uffiċjal u 133 aġent temporanju minn 55 uffiċjal u 138 aġent temporanju awtorizzati mill-baġit tal-Unjoni (meta mqabbel ma' 195 post awtorizzati fl-2017); jinnota li, barra minn hekk, 23 aġent kuntrattwali ħadmu għaċ-Ċentru fl-2018;
14. Jinnota b'sodisfazzjon li bilanċ tajjeb bejn il-ġeneri ntlaħaq fl-2018 fir-rigward ta' pożizzjonijiet maniġerjali superjuri (tlett irġiel u żewġ nisa) u fi ħdan il-membri tal-bord amministrattiv (32 raġel u 27 mara);
15. Iħeġġeġ liċ-Ċentru jiżviluppa qafas ta' politika fit-tul dwar ir-riżorsi umani biex jindirizza l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tal-persunal tiegħu, l-igwidar tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-karriera, il-bilanċ bejn il-ġeneri, it-telexogħol, in-nondiskriminazzjoni, il-bilanċ ġeografiku kif ukoll ir-reklutaġġ u l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità;

Akkwist

16. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, sa tmiem l-2018 iċ-Ċentru kien introduċa l-fatturazzjoni elettronika iżda ma kienx għadu introduċa għodod bħas-sejħa għall-offerti elettronika u s-sottomissjoni elettronika ta' offerti varati mill-Kummissjoni biex tiġi introdotta soluzzjoni waħda għall-iskambju elettroniku ta' informazzjoni ma' partijiet terzi li jipparteċipaw fi proċeduri ta' akkwist pubbliku (akkwist elettroniku); jistieden liċ-Ċentru jintroduċi l-għodod neċessarji kollha biex jamministra l-proċeduri ta' akkwist u jirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-implimentazzjoni tagħhom;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

17. Jinnota li ċ-Ċentru għażel li jippubblika d-dikjarazzjonijiet ta' interess biss, mingħajr is-CVs, minħabba l-problemi ta' ġestjoni assoċjati mad-daqs tal-bord amministrattiv tiegħu (madwar 130 membru u membru supplenti); jinnota li s-CV u d-dikjarazzjoni tal-interessi tad-direttur huma ppubblikati fuq is-sit web taċ-Ċentru; jinnota li ċ-Ċentru jqis li r-riskji assoċjati mal-kunflitti ta' interess huma baxxi ħafna minħabba n-natura tal-attivajiet tiegħu;

18. Jinnota bi tħassib li, għalkemm iċ-Ċentru mhuwiex iffinanzjat mit-tariffi, jiddependi fuq id-dħul li jirċievi mill-klijenti tiegħu, li huma rappreżentati fil-bord amministrattiv taċ-Ċentru, u li għalhekk hemm riskju għoli ta' kunflitt ta' interess fir-rigward tal-ipprezzar tal-prodotti taċ-Ċentru, li jista' jiġi rrimedjat jekk il-Kummissjoni tiġbor tariffi f'isem il-klijenti taċ-Ċentru, li jwassal biex iċ-Ċentru jkun iffinanzjat kompletament mill-baġit tal-Unjoni; jirrikonoxxi l-kumment taċ-Ċentru li l-possibbiltà li jkun iffinanzjat mill-baġit tal-Unjoni tkun tirrikjedi ftehim bejn il-Kummissjoni u l-awtorità tal-baġit; jistieden liċ-Ċentru jirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-miżuri meħuda biex jimmitiga tali riskju;

Kummenti oħra

19. Jilqa' pożittivament il-varar, fl-2018, tal-verżjoni l-ġdida tal-IATE maħsuba biex iżżid il-viżibbiltà pubblika u l-preżenza online taċ-Ċentru; jistieden liċ-Ċentru jikkonċentra ulterjorment fuq it-tixrid tar-riżultati tal-kompiti tiegħu mal-pubbliku, u jikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja;
20. Ihegġegħ liċ-Ċentru jaħdem favur id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tiegħu;
21. Jiddispijaċih mill-fatt li l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) iddeċieda, fis-26 ta' April 2018, li jtemm l-arranġament tat-traduzzjoni li kkonkluda maċ-Ċentru, minkejja l-obbligu legali tiegħu li juża s-servizzi taċ-Ċentru, kif previst fl-Artikolu 148 tar-Regolament (UE) 2017/1001 ⁽³⁾, li stabbilixxa l-EUIPO; jinnota l-azzjoni legali mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali miċ-Ċentru fis-6 ta' Lulju 2018 u l-għeluq tal-fażi orali tas-seduta ta' smiġh fl-4 ta' Ġunju 2019; jinnota li fis-7 ta' Diċembru 2018 ġie ffirmat arranġament ġdid għal sentejn biss bejn iċ-Ċentru u l-EUIPO; jistieden liċ-Ċentru jżomm lill-awtorità ta' kwittanza aġġornata bl-iżvilupp tal-proċedimenti ġudizzjarji;
22. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 ⁽⁴⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 154, 16.6.2017, p. 1).

⁽⁴⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1892 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-13 ta' Mejju 2020

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima II — Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 (COM(2019)0316 – C9-0052/2019) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kunsill għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2018,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità li fuqhom huma bbażati l-kontijiet, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 55, 99, 164, 165 u 166 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 59, 118, 260, 261 u 262 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0038/2020),
1. Jiddifferixxi d-deċiżjoni tiegħu dwar l-għoti ta' kwittanza lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU L 57, 28.2.2018.

⁽²⁾ ĠU C 327, 30.9.2019, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 9.

⁽⁵⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1893 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima II — Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima II – Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill,
 - wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Ombudsman Ewropew fil-każ 1069/2019/MIG dwar l-sponsorship tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-Ombudsman Ewropew fl-inkjesta strateġika OI/2/2017/TE dwar it-trasparenza tal-proċess leġiżlattiv tal-Kunsill,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2019 dwar l-inkjesta strateġika OI/2/2017 tal-Ombudsman Ewropew dwar it-trasparenza tad-diskussjonijiet leġiżlattivi fil-korpi preparatorji tal-Kunsill tal-UE ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0038/2020),
- A. billi, fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza, l-awtorità tal-kwittanza tixtieq tisħaq fuq l-importanza partikolari li tissaħħaħ aktar il-leġittimità demokratika tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni billi jittejjbu t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont, u jiġi implimentat il-kunċett ta' bbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni u governanza tajba tar-riżorsi umani;
1. Jinnota b'sodisfazzjon li fir-rapport annwali tagħha għall-2018, il-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti") ma identifikat l-ebda dgħufija sinifikanti rigward is-suġġetti awditjati b'rabta mar-riżorsi umani u l-proċeduri ta' akkwist għall-Kunsill Ewropew u l-Kunsill;
 2. Jinnota l-konklużjoni tal-Qorti li l-pagamenti kollha kemm huma għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 għan-nefqa amministrattiva tal-Kunsill kienu ħielsa minn żbalji materjali u li s-sistemi ta' superviżjoni u kontroll eżaminati kienu effikaċi;
 3. Jiddispijaċih, bħala osservazzjoni ġenerali, li l-Kapitolu 10, 'Amministrazzjoni', tar-Rapport Annwali 2018 tal-Qorti għandu kamp ta' applikazzjoni u konklużjonijiet pjuttost limitati, minkejja l-fatt li l-Intestatura 5, 'Amministrazzjoni', tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali titqies li hija ta' riskju baxx;
 4. Jinnota li l-Qorti għażlet kampjun ta' 45 tranżazzjoni li jikkorrispondu għall-Intestatura 5 'Amministrazzjoni' tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni; jinnota li l-kampjun tfassal biex ikun rappreżentattiv tal-firxa ta' nfiq fl-ambitu tal-Intestatura 5, li tirrappreżenta 6,3 % tal-baġit tal-Unjoni; jinnota li l-ħidma tal-Qorti tindika li n-nefqa amministrattiva għandha riskju baxx; jikkunsidra, madankollu, n-numru ta' tranżazzjonijiet magħżula b'rabta mal-"istituzzjonijiet l-oħra" bħala mhux suffiċjenti u jitlob lill-Qorti żżid l-għadd ta' tranżazzjonijiet li għandhom jiġu eżaminati tal-inqas b'10 %;

(¹) Testi Adottati, P8_TA(2019)0045.

5. Jiddispijaci li t-talba biex il-baġit tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill jiġi sseparat f'baġit wieħed għal kull istituzzjoni, magħmula mill-Parlament frizoluzzjonijiet preċedenti ta' kwittanza, ma ġietx ikkunsidrata; jistieden lill-Kunsill biex jissepara l-baġit b'dak il-mod għal raġunijiet ta' trasparenza u biex itejjeb l-obbligu ta' rendikont u l-effiċjenza tan-nafqa għaż-żewġ istituzzjonijiet;
6. Jinnota li, fl-2018, il-Kunsill kellu baġit globali ta' EUR 572 854 377 (meta mqabbel ma' EUR 561 576 000 fl-2017), b'rata globali ta' implimentazzjoni ta' 91,9 % (meta mqabbla ma' 93,8 % fl-2017); jinnota żieda fil-baġit ta' EUR 11,3-il miljun, ekwivalenti għal 2,0 %, meta mqabbel ma' żieda ta' 3 % fl-2017 u 0,6 % fl-2016;
7. Jilqa' bi pjaci il-ġestjoni finanzjarja tajba u prudenti tal-Kunsill; jirrikonoxxi l-evoluzzjoni tal-baġit tal-Kunsill minn baġit ta' EUR 634 miljun fl-2010 għal baġit ta' EUR 573 miljun fl-2018, tnaqqis ta' 9,63 %;
8. Jinnota li l-appropriazzjonijiet riportati mill-2018 għall-2019 ammontaw għal total ta' EUR 56 599 584, ekwivalenti għal 10,7 % (meta mqabbel ma' EUR 60 576 175 jew 11,5 % fl-2017), prinċipalment minn kategoriji bħas-sistemi tal-kompjuter (EUR 18,3-il miljun), il-bini (EUR 16,0-il miljun) u l-interpretazzjoni (EUR 11,9-il miljun); jinnota l-appropriazzjonijiet ikkanċellati fl-2018 ta' EUR 46 348 862 (meta mqabbla ma' EUR 35 025 789 fl-2017); ifakkar lill-Kunsill li r-riporti huma eċċezzjonijiet għall-prinċipju tal-annwalità u għandhom jirriflettu l-ħtiġijiet attwali u, għaldaqstant, jistieden lill-Kunsill isahha l-isforzi tiegħu biex jevita sovrastimi tal-baġit;
9. Jinnota għal darb'oħra r-rata baxxa ta' implimentazzjoni għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar tad-delegazzjonijiet b'impenn ta' EUR 11,1-il miljun meta mqabbel ma' baġit finali, inklużi r-riallokazzjonijiet interni, ta' EUR 22,3 miljun; jinnota li, billi l-Istati Membri kellhom jirrimborżaw l-ammonti mhux użati mis-snin preċedenti, il-Kunsill impenja biss EUR 11,1-il miljun għall-pagamenti sussegwenti; jistieden lill-Kunsill jinforma lill-Parlament dwar il-kisbiet li ntlaħqu b'rabta ma' politika negozjata mal-Istati Membri biex tissolva din il-kwistjoni li ilha pendenti żmien twil;
10. Jagħraf li l-għadd ta' postijiet tax-xogħol inklużi fit-tabella tal-persunal għall-2018 ġie stabbilit għal 3 031 post (meta mqabbel ma' 3 027 post fl-2017); jinnota li fl-2018 ġew irreklutati 137 persuna (74 uffiċjal permanenti u 63 aġent temporanju) u li matul is-sena telqu 184 persuna (154 uffiċjal permanenti u 30 aġent temporanju) u li bħala riżultat ta' dan kien hemm tnaqqis nett ta' 47 post okkupati, li kien il-kawża ewlenija għat-tnaqqis fl-infiq ta' EUR 18,8-il miljun għall-partita tal-baġit iddedikata għat-tabella tal-persunal;
11. Jirrikonoxxi ż-żieda fl-ammont ta' xogħol espress fl-għadd totali ta' laqgħat ta' 7 733 fl-2018 meta mqabbel ma' 6 338 fl-2010; jinnota indikatur kwantitattiv ieħor tal-attivitajiet bħall-għadd ta' atti legali ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali li laħaq l-1 210 atti legali ppubblikati fl-2018 meta mqabbel ma' 825 fl-2010;
12. Jilqa' l-isforzi tal-Kunsill fl-implimentazzjoni tal-"Pjan ta' Azzjoni għal Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (SĠK) aktar dinamiku, flessibbli u kollaborattiv"; jinnota l-passi biex ikompli jittejbu l-ġestjoni finanzjarja u l-prestazzjoni tal-Kunsill permezz ta' miżuri bħall-istabbiliment ta' bord konsultattiv tat-tmexxija, l-adozzjoni ta' linji gwida għal qafas ta' ġestjoni ta' proġetti komuni u tat-task force, il-ħolqien ta' task force għar-riorganizzazzjoni u r-rieżami tar-regoli interni wara l-pubblikazzjoni ta' Regolament Finanzjarju ġdid;
13. Jinnota s-sitwazzjoni tal-bini tal-Kunsill li rriżultat f'negozjati intensivi fl-2018 mal-awtoritajiet Belġjani, li ma pprocedewx bil-bejgħ tal-erba' plottijiet ta' art maġenb xulxin minkejja l-ftehim dwar il-prezz finali tal-proġett tal-bini Europa; jinnota li l-partijiet waslu għal ftehim dwar soluzzjoni alternattiva li bis-saħħa tiegħu l-prezz inizjali ta' EUR 4 672 944 għall-plottijiet ma kellux għaliex jintefaq;
14. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-informazzjoni allarmanti rrapportata mill-midja dwar il-bini tal-binja l-ġdida Europa; jistieden lill-Kunsill biex jagħmel rikerka bir-reqqa dwar il-kuntrattur ewlieni u l-katina kollha ta' sottokuntratturi (sa 12 skont il-midja), kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema impjegati, u jippreżenta s-sejbiet tiegħu lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament;

15. Jinnota li l-qafas ta' kontroll Intern daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2018 u għe stabbilit b'ħames komponenti – li huma ambjent ta' kontroll, valutazzjoni tar-riskju, attivitajiet ta' kontroll, attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni u attivitajiet ta' monitoraġġ – u bi 17-il prinċipju u 33 karatteristika oħra bil-ħsieb li jipprovdi aċċertament raġonevoli tal-kisbiet tal-objettivi stabbiliti;
16. Jilqa' l-fatt li, fl-2018, 92 % tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar intern maħruġa matul is-snin 2015–2017 għew implimentati jew kienu qegħdin fil-proċess li jiġu implimentati; jinnota li l-programm ta' ħidma annwali għall-awditjar intern tal-2018 huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskju aġġornata, fid-dawl tar-rieżami tar-reġistri tar-riskju, u għe implimentat b'mod effikaċi; jinnota l-oqsma li fihom twettqu awditi fl-2018, bħalma huma l-ġestjoni teknika, l-akkwist pubbliku tal-IT, is-servizz legali u l-istrateġija ta' komunikazzjoni;
17. Jinnota li, rigward il-proposta għal ftehim interistituzzjonali ġdid dwar reġistru ta' trasparenza obligatorju, aċċessibbli f'format li jinqara mill-magni, għar-rappreżentanti ta' interess li jkopru l-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni, saru żewġ sessjonijiet ta' negozjati fl-2018 taħt il-Presidenza Bulgara u waħda fl-2019 taħt il-Presidenza Rumena; ifakkar fid-deċiżjoni tat-18 ta' Ġunju 2019 tal-Ombudsman Ewropew (l-Ombudsman) li s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jżomm rekord sħiħ ta' kwalunkwe laqgħa li ssir bejn ir-rappreżentanti ta' interess u l-President tal-Kunsill Ewropew u li dan għandu jiġi ppubblikat; jiddispjaċih dwar il-fatt li l-Kunsill għadu ma qabilx mar-reġistru ta' trasparenza minkejja dawk in-negozjati kollha u jstieden lill-Kunsill isegwi n-negozjati biex jintlaħaq eżitu ta' suċċess li finalment se jinkludi lill-Kunsill fir-reġistru; jstieden lill-Kunsill biex juri impenn ġenwin lejn il-prinċipji tat-trasparenza u tal-obbligu ta' rendikont billi jadotta miżuri konkreti u billi jibni fuq l-eżempju stabbilit mill-Presidenza Finlandiża; jstieden lit-trios kollha tal-Presidenza biex ikunu ta' eżempju fit-tmexxija tagħhom billi jirrifjutaw laqgħat ma' lobbisti mhux irreġistrati;
18. Jinnota r-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman li l-President tal-Kunsill Ewropew u l-kabinett tal-President jipubblikaw lista sħiħa ta' kull laqgħa ta' lobbisti li ssir; jinsab diżappuntat mill-fatt li l-President il-ġdid tal-Kunsill Ewropew għad irid jimplementa dik ir-rakkomandazzjoni; jinnota li filwaqt li jidher li l-President tal-Kunsill Ewropew ma jiltaqax ma' ħafna lobbisti, il-prinċipju tat-trasparenza tal-lobbying huwa meqjus importanti; iħeġġeġ lill-President tal-Kunsill Ewropew biex jiżgura li hu u l-kabinett tiegħu jirrifjutaw il-laqgħat kollha ma' lobbisti mhux irreġistrati u jipubblikaw b'mod proattiv lista komprensiva tal-laqgħat ta' lobbying li jsiru; jstieden lis-segretarjat ġenerali tal-Kunsill jiżgura li r-regoli tal-etika li jirregolaw lill-President tal-Kunsill Ewropew jiġu allinjati ma' dawk tal-President tal-Kummissjoni b'tali mod li r-regoli ta' "bibien idur" japplikaw għal tliet snin u tkun meħtieġa approvazzjoni formali għal kwalunkwe rwol ġdid b'rabta mal-attivitajiet tal-Unjoni;
19. Jilqa' l-ħolqien ta' dipartiment tas-servizzi diġitali bħala parti mir-riorganizzazzjoni tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill fl-1 ta' Lulju 2018; jinnota li l-programm ta' informazzjoni u ġestjoni huwa mistenni jissemplifika u jiddiġitalizza l-proċessi ewlenin tan-negozju billi jiprovdi sistema kompletament integrata ta' applikazzjonijiet u servizzi, li se tkun aċċessibbli għall-utenti permezz ta' post tax-xogħol diġitali kollaborattiv u sigur għall-persunal, għall-presidenzi u għad-delegati;
20. Jinnota l-kopertura intensiva fil-midja u l-livell partikolarment għoli ta' interess tal-midja fin-negozjati b'rabta mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni; jilqa' l-iżvilupp kontinwu tas-sit web tal-Kunsill u l-ħidma intensiva biex l-udjenza tiegħu tiżdied fuq il-kanali kollha (żidiet ta' 9 % ta' żjarat fuq is-sit web, 13 % ta' fans fuq Facebook, 26 % ta' segwaċi fuq Twitter u 92 % ta' segwaċi fuq Instagram meta mqabbla mas-sena ta' qabel); jinnota l-ammont għoli ta' laqgħat ta' informazzjoni u konferenzi stampa; jinnota l-pjattaforma tal-kamra tal-aħbarijiet li tippermetti lill-istampa u lill-midja jaraw, jiddawnlowdjaw u jinkorporaw il-produzzjonijiet tal-Kunsill, f'termini kemm ta' ritratti u kemm ta' filmati, bi kwalità ta' riżoluzzjoni għolja; iħeġġeġ aktar l-użu ta' pjattaformi nonproprietarji ta' networks soċjali, b'kunsiderazzjoni speċjali tal-protezzjoni tad-data tal-utenti;

21. Itenni l-approġġ tiegħu għar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman dwar it-trasparenza tad-diskussjonijiet leġiżlattivi fil-korpi preparatorji tal-Kunsill (?); jitlob lill-Kunsill isaħħaħ l-isforzi tiegħu biex il-proċess leġiżlattiv isir aktar traċċabbli u faċli biex jinqara, biex jiċċentralizza t-trasparenza madwar stadji importanti fil-proċess leġiżlattiv u biex jinnormalizza l-identifikazzjoni u l-pubblikazzjoni, fil-ħin opportun, tal-kontribut tal-Istati Membri f'format li jista' jinqara mill-magni (eż. dikjarazzjonijiet u proposti għal emendi) f'dibattiti leġiżlattivi jew waqt il-laqgħat tal-Kunsill, f'diskussjonijiet preparatorji fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tal-Kunsill jew fi kwalunkwe korp preparatorju tiegħu; isejjaħ, lill-Kunsill biex iżid l-isforzi ta' trasparenza tiegħu billi, *inter alia*, jipubblika dokumenti leġiżlattivi tal-Kunsill, jieħu l-minuti b'mod formali waqt il-korpi preparatorji tal-Kunsill biex jirreġistra l-pożizzjonijiet tal-Istati Membri u jipubblika dawk il-minuti, u jagħmel disponibbli aktar dokumenti ta' trilogu f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman; jagħraf l-isforzi tal-Kunsill biex itejjeb it-trasparenza permezz ta' bidliet kontinwi fis-sit web tiegħu u l-attivitajiet tat-tim tiegħu ddedikat għat-trasparenza interna; ihegġegħ lill-Kunsill jintroduċi aktar miżuri sabiex il-politika ta' trasparenza jkollha suċċess u tippermetti lill-pubbliku jsewgi l-proċess leġiżlattiv tal-Unjoni b'faċilità akbar;
22. Ifakkar fil-konklużjonijiet tar-Rapport Speċjali tal-Ombudsman fl-investigazzjoni strateġika OI/2/2017/TE dwar it-trasparenza tal-proċess leġiżlattiv tal-Kunsill, minn Mejju 2018, li sabet li "l-prattiki attwali tal-Kunsill jikkostitwixxu amministrazzjoni ħażina"; ifakkar fid-dokument informali konġunt tal-Belġju, id-Danimarka, l-Estonja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Lussemburgu, is-Slovenja, l-Iżvezja u n-Netherlands ta' Ottubru 2019 dwar aktar trasparenza u responsabbiltà tal-Unjoni, li speċifikament jitlob lill-Kunsill biex "iżid it-trasparenza fin-negożjati tat-trilogu permezz ta' pubblikazzjoni sistematika ta' dokumenti importanti leġiżlattivi"; jitlob lill-Kunsill jikkunsidra serjament dawk ir-rakkomandazzjonijiet fl-interess tat-trasparenza u jirrapporta lura għand il-Parlament;
23. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-informazzjoni rrapportata mill-mezzi tal-midja Ewropej dwar l-isponsorship korporattiv tal-Istati Membri li jkollhom il-Presidenza tal-Unjoni u jirrifletti t-tħassib espress miċ-ċittadini tal-Unjoni u mill-Membri tal-Parlament dwar il-kwistjoni;; jirrikonoxxi li l-Istati Membri huma mistennija jiffinanzjaw il-Presidenzi tagħhom u jiddispaċiħ li f'dawn l-aħħar snin saret prassi komuni li jsir użu minn sponsorship korporattiv biex jiġu koperti wħud mill-ispejjeż tagħhom f'dan ir-rigward; jinsab imħasseb ħafna dwar il-ħsara possibbli għar-reputazzjoni u r-riskju ta' telf ta' fiduċja li din il-prattika jista' jkollha fuq l-Unjoni, fuq l-istituzzjonijiet tagħha u b'mod speċjali fuq il-Kunsill f'għajnejn iċ-ċittadini tal-Unjoni; jinnota li l-Kunsill jargumenta li l-kwistjoni tal-isponsorships hija r-responsabbiltà unika tal-Istat Membru li jkollu l-Presidenza; huwa tal-istess opinjoni bħall-Ombudsman li l-pubbliku ma jagħmilx distinzjoni bejn il-Presidenza tal-Kunsill u l-Istat Membru li jkollu l-Presidenza; jappoġġja bis-sħiħ il-valutazzjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman (?) biex il-Kunsill joħroġ gwida lill-Istati Membri dwar il-kwistjoni; barra minn hekk, jirrakkomanda bis-sħiħ li l-Kunsill jipprevedi l-ibbaġitjar tal-Presidenzi; jitlob lill-Kunsill biex iqis bis-serjetà dawk ir-rakkomandazzjonijiet u jirrapporta lura għand il-Parlament; jitlob lill-Kunsill jippreżenta dan it-tħassib lill-Istati Membri, b'mod partikolari lit-trio ta' Presidenzi attwali, biex iqis serjament dawk ir-rakkomandazzjonijiet u jirrapporta lura lill-Parlament;
24. Jitlob li l-kodiċi ta' mgħiba għall-President tal-Kunsill Ewropew jiġi allinjat ma' dawk tal-Kummissjoni u tal-Parlament sabiex tiġi assicurata l-approvazzjoni formali għal attivitajiet relatati mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għal tliet snin wara li jkun telaq mill-Kunsill;
25. Jinsab imħasseb ħafna dwar l-allegazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess kontra għadd ta' rappreżentanti tal-Istati Membri involuti fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet ta' politika u baġit ta' livell għoli; jitlob lill-Kunsill jiżgura li r-rappreżentanti tal-Istati Membri li huma soġġetti li jibbenefikaw direttament minn sussidji tal-Unjoni permezz tan-negożji li huma proprjetarji tagħhom ma jipparteċipawx fid-diskussjonijiet u l-votazzjonijiet politiċi jew baġitarji relatati; jitlob ukoll lill-Kunsill jingħaqad mal-Parlament fis-sejħa tiegħu lill-Kummissjoni biex tipproponi proċeduri għodda ta' awditjar biex titħaffef l-investigazzjoni ta' każijiet urġenti u gravi ta' kunflitt ta' interess u biex tiżgura li l-Parlament jiġi infurmat kif xieraq dwar il-konklużjonijiet tal-awditjar;
26. Jiddispaċiħ li l-Kunsill reġa' naqas milli jipprovi risposti għall-mistoqsijiet bil-miktub li ntbagħtu mill-Parlament, u li s-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ma attendiex is-seduta ta' smiġħ organizzata fit-12 ta' Novembru 2019 fil-kuntest tal-kwittanza annwali, li għal darb'oħra jindika nuqqas ta' kooperazzjoni totali min-naħa tal-Kunsill; jisħaq li n-nefqa tal-Kunsill trid tgħaddi minn skrutinju bl-istess mod bħal dik tal-istituzzjonijiet l-oħra u jirrimarka li l-elementi fundamentali ta' skrutinju bħal dan huma stabbiliti fir-riżoluzzjonijiet ta' kwittanza tiegħu tas-snin li għaddew; jirrimarka li l-Parlament huwa l-unika istituzzjoni eletta direttament miċ-ċittadini tal-Unjoni u li r-rwol tiegħu fil-proċedura ta' kwittanza għandha konnessjoni diretta mad-dritt taċ-ċittadini li jkunu infurmati dwar kif qed jintefqu l-flus pubbliċi;

(?) Ara r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2019 dwar l-inkjesta strateġika OI/2/2017 tal-Ombudsman dwar it-trasparenza tad-diskussjonijiet leġiżlattivi fil-korpi preparatorji tal-Kunsill tal-UE (Testi adottati, P8_TA(2019)0045).

(?) Rakkomandazzjoni tal-Ombudsman Ewropew fil-każ 1069/2019/MIG dwar l-isponsorship tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Kooperazzjoni futura bejn il-Kunsill u l-Parlament

27. Jinnota li r-rwol tal-Parlament fir-rigward tal-kwittanza baġitarja huwa stipulat fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), fir-Regolament Finanzjarju u fir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament;
28. Jinnota li, skont l-Artikolu 319 tat-TFUE, il-Parlament, fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill, jagħti l-kwittanza lill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni; jinnota li r-rwol tal-Kunsill huwa rikonossut bis-siġġir bħala istituzzjoni li jagħti rakkomandazzjonijiet fil-proċedura ta' kwittanza;
29. Jenfasizza l-prerogattiva tal-Parlament li jagħti l-kwittanza skont l-Artikoli 316, 317 u 319 tat-TFUE, f'konformità mal-interpretazzjoni u l-prassi tal-lum, jiġifieri li jagħti l-kwittanza b'rabta ma' kull intestatura tal-baġit b'mod separat sabiex jinżammu t-trasparenza u r-responsabbiltà demokratika lill-kontribwenti tal-Unjoni;
30. Huwa tal-fehma li għandha ssir distinzjoni bejn ir-rwoli differenti tal-istituzzjonijiet rispettivi fil-proċedura ta' kwittanza u għalhekk għandu jiġi eskluż rwol ekwivalenti u reċiproku taż-żewġ istituzzjonijiet fil-proċedura annwali ta' kwittanza;
31. Ifakkar fil-fatt li, skont l-Artikoli 316 u 335 tat-TFUE, l-istituzzjonijiet igawdu minn awtonomija amministrattiva u l-infiq tagħhom huwa stabbilit f'partijiet separati tal-baġit; jinnota li, skont l-Artikolu 59 tar-Regolament Finanzjarju, l-istituzzjonijiet huma responsabbli b'mod individwali għall-implimentazzjoni tal-baġits tagħhom; jissottolinja l-importanza li l-istituzzjonijiet jaġixxu b'mod responsabbli u professjonali fl-implimentazzjoni tal-baġits tagħhom;
32. Jinnota li, matul kważi għoxrin sena, il-Parlament żviluppa l-prattika li jagħti l-kwittanza lill-istituzzjonijiet u lill-korpi kollha tal-Unjoni; ifakkar li l-Parlament jagħti kwittanza lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni wara li jikkunsidra d-dokumenti pprovduti u r-risposti mogħtija għall-kwestjonarji bil-miktub, u wara li jisma' lis-segretarji ġenerali tagħhom; jinnota li l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni jaċċettaw li jipparteċipaw fil-proċedura ta' kwittanza tal-Parlament, ħlief il-Kunsill, li huwa l-unika eċċezzjoni; jiddispijaċi li l-Kunsill irrifjuta li jwieġeb il-mistoqsijiet imressqa mill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament fit-12 ta' Novembru 2019;
33. Jilqa' l-fatt li l-Kunsill wera r-rieda tiegħu li jilħaq ftehim mal-Parlament dwar kif jista' jikkoopera fil-proċess ta' kwittanza.
34. Jiddispijaċi li n-nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa tal-Kunsill fil-proċedura ta' kwittanza rriżulta fir-rifjut tal-Parlament li jagħti l-kwittanza lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill sa mis-sena finanzjarja 2009;
35. Jissottolinja l-ħtieġa ta' Memorandum ta' Qbil bejn il-Kunsill u l-Parlament biex jinstabu soluzzjonijiet għad-diverġenzi fil-fehmiet li ilhom jeżistu bejn il-Kunsill u l-Parlament dwar il-prattika attwali tal-għoti ta' kwittanza;
36. Jilqa' l-fatt li l-kompożizzjoni tat-tim tan-negożjati maħtur dal-aħħar tal-Parlament ġiet approvata; jistieden lit-tim tan-negożjati jiżgura l-konsistenza sħiħa tal-ftehim mal-pożizzjoni kif approvata mill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament fi Frar 2020; jistieden lill-Kunsill ikompli n-negożjati mingħajr aktar dewmien żejjed;
37. Jemmen li t-tweġibiet għal għadd ta' mistoqsijiet rikorrenti fil-kwestjonarji li ntbagħtu lill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji differenti, bħal dawk dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri u l-bilanċ ġeografiku, il-kunflitt ta' interess, il-lobbying u l-protezzjoni tal-informaturi, jistgħu possibbilment jiġu inklużi fir-rapport ta' evalwazzjoni dwar il-finanzi tal-Unjoni, imfassal skont l-Artikolu 318 tat-TFUE, sa fejn dawk il-kwestjonijiet għandhom rabta mal-implimentazzjoni tal-baġit; ifakkar fil-fatt li r-rapport imsemmi fl-Artikolu 318 tat-TFUE huwa msemmi b'mod espliċitu fl-Artikolu 319(1) tat-TFUE bħala wieħed mid-dokumenti li għandhom jiġu eżaminati fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza;
38. Ifakkar fil-fatt li l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha huma obbligati, skont ir-Regolament Finanzjarju, jieħdu miżuri xierqa biex jaġixxu skont l-osservazzjonijiet li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza tal-Parlament u jirrapportaw dwar il-miżuri meħuda fid-dawl ta' dawk l-osservazzjonijiet; jinnota li rifjut minn istituzzjoni li tikkonforma ma' dan ir-rekwiżit, wara li tkun intalbet taġixxi, jista' jagħti lok għal azzjoni għal nuqqas ta' aġir skont l-Artikolu 265 tat-TFUE;

39. Jilqa' d-dikjarazzjonijiet tal-Viċi President innominat Věra Jourová u l-Kummissarju nnominat Johannes Hahn, fis-seduti ta' smiġh tagħhom quddiem il-Parlament, li huma lesti jimpjenjaw ruħhom f'din il-kwistjoni sabiex jgħinu biex tinkiseb aktar trasparenza dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kunsill; jirrimarka dwar il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar id-dritt tal-kontribwenti tat-taxxa u l-opinjoni pubblika li jinżammu infurmati dwar l-użu tad-dħul pubbliku;
 40. Iqis li l-impenji ta' dawk il-Kummissarji jikkostitwixxu bidla pożittiva fl-attitudni meta mqabbla mal-pożizzjoni meħuda s'issa mill-Kummissjoni, kif espress fl-ittra tagħha tat-23 ta' Jannar 2014, li fiha ddikjarat li l-Kummissjoni m'għandhiex tkun mistennija tissorvelja l-implimentazzjoni tal-baġits tal-istituzzjonijiet l-oħra;
 41. Jitlob lill-Kunsill jissodisfa r-rwol partikolari tiegħu u jagħti rakkomandazzjonijiet dwar il-kwittanza fir-rigward tal-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni.
-

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1894 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni (ENISA) (li issa saret ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà)) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni (ENISA) għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0047/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 526/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni (ENISA) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 460/2004 ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-infurmazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà) ⁽⁶⁾ u b'mod partikolari, l-Artikolu 31 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Deleġat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 165, 18.6.2013, p. 41.

⁽⁶⁾ ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15.

⁽⁷⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

⁽⁸⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0039/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-ENISA (Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-ENISA (Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1895 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-
Informazzjoni (ENISA) (li issa saret ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà))
għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni (ENISA) għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0047/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 526/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni (ENISA) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 460/2004 ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-infommazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà) ⁽⁶⁾ u b'mod partikolari, l-Artikolu 31 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Deleat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 165, 18.6.2013, p. 41.⁽⁶⁾ ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15.⁽⁷⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁸⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0039/2020),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni (ENISA) għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-ENISA (Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1896 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020**

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċizzjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) (li issa saret ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà)) għas-sena finanzjarja 2018

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċizzjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0039/2020),
- A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tagħha ⁽¹⁾, il-baġit finali tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (l-"Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2018 kien ta' EUR 11 473 788, li jfisser żieda ta' 2,67 % meta mqabbla mal-2017; billi l-baġit tal-Aġenzija huwa derivat fil-parti l-kbira mill-baġit tal-Unjoni ⁽²⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018 ("ir-rapport tal-Qorti"), stqarret li kisbet aċċertament raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 99,98 %, li meta mqabbla mal-2017 tirrappreżenta tnaqqis ta' 0,01 %; jirrimarka, barra minn hekk, li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 88,56 %, li tirrappreżenta żieda żgħira ta' 0,37 % meta mqabbla mar-rata tal-2017;

Prestazzjoni

2. Jinnota li l-Aġenzija tuża ċerti indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex tkejjel il-valur miżjud ipprovdut mill-attivitajiet tagħha u biex issaħħaħ il-ġestjoni baġitarja tagħha, filwaqt li tiffoka aktar indikaturi kwalitattivi għall-valutazzjoni tal-kisba tal-għanijiet operattivi tagħha u aktar fuq indikaturi kwantitattivi għall-għanijiet amministrattivi tagħha; jinnota li sabiex tissodisfa aħjar l-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati tagħha, l-Aġenzija qed issaħħaħ il-pakkett ta' rapportar tagħha billi tadatta indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni kwalitattivi u kwantitattivi tagħha biex tkejjel l-impatt tal-attività tagħha b'mod aktar effiċjenti;
3. Jistieden lill-Aġenzija żżid l-azzjoni tagħha biex tittratta l-vulnerabbiltajiet fis-sigurtà tal-5G u tqassam kemm jista' jkun informazzjoni dwar is-suġġett sabiex tiżgura li s-soluzzjonijiet tekniċi eżistenti jiġu adottati mill-industrija;
4. Jiddispaċi li, wara l-istudju dwar l-evalwazzjoni esterna tal-prestazzjoni tal-Aġenzija matul il-perjodu 2013-2016 imwettaq fisem il-Kummissjoni fl-2017, ma ġie fformalizzat l-ebda pjan ta' azzjoni; madankollu, jinnota li r-rakkomandazzjonijiet rilevanti ġew implimentati u li awditu intern imwettaq mis-servizz tal-awditjar intern tal-Kummissjoni għamel rakkomandazzjonijiet li jikkoinċidu, li għalihom intlaħaq qbil dwar pjan ta' azzjoni formali ta' rimedju;
5. Ihegġegħ lill-Aġenzija tkompli bid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tagħha;
6. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq Studju ta' Fattibbiltà sabiex tivvaluta l-possibiltà li tistabbilixxi sinerġiji kondiviżi mas-Cedefop li għandu l-kwartieri f'Tessaloniki; jistieden lill-Kummissjoni tevalwa ż-żewġ xenarji, jiġifieri t-trasferiment tal-Aġenzija lejn is-sede tas-Cedefop f'Tessaloniki, u t-trasferiment tas-sede tal-Aġenzija għas-sede ta' Heraklion; josserva li t-trasferiment tal-Aġenzija lejn is-sede tas-Cedefop ikun jinvolvi l-kondiviżjoni tas-servizzi korporattivi u ta' appoġġ u l-ġestjoni tal-bini komuni, kif ukoll il-kondiviżjoni tal-infrastrutturi tal-ICT, it-telekomunikazzjonijiet u dawk ibbażati fuq l-Internet, u għaldaqstant l-iffrankar ta' ammont sinifikanti ta' flus, li jkun jista' jintuża għall-finanzjament ulterjuri taż-żewġ aġenziji;

⁽¹⁾ ĠU C 120, 29.3.2019, p. 205.

⁽²⁾ ĠU C 120, 29.3.2019, p. 206.

Politika dwar il-persunal

7. Jinnota bi tħassib li fil-31 ta' Diċembru 2018, it-tabella tal-persunal kienet eżegwita biss sal-livell ta' 93,62 %, b'44 aġent temporanju maħtura mis-47 aġent temporanju awtorizzati taħt il-baġit tal-Unjoni (imqabbel mat-48 post tax-xogħol awtorizzati fl-2017); jinnota li, barra minn hekk, 27 aġent kuntrattwali u tliet esperti nazzjonali sekondati kienu qed jaħdmu għall-Aġenzija fl-2018;
8. Jinnota li fl-2015, l-Aġenzija ppjanat li tirriloka l-persunal involut fl-amministrazzjoni tagħha lejn Atena meta r-Regolament (UE) Nru 526/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ jipprevedi li tali membri tal-persunal għandhom ikunu bbażati f'Heraklion, u li huwa probabbli li l-ispejjeż jistgħu jitnaqqsu aktar jekk il-membri kollha tal-persunal ikunu ċentralizzati f'post wieħed; jinnota li fil-preżent huma biss seba' mill-membri tal-persunal li qed jaħdmu fil-bini ta' Heraklion; jinnota li l-Aġenzija se tkompli tistudja r-rilevanza tal-faċilitajiet skont il-ftehim attwali dwar is-sede attwali u l-programmi żviluppati f'dawk il-faċilitajiet;
9. Jinnota bi tħassib li l-Aġenzija ssibha diffiċli li tirrekluta, tattira u żżomm persunal ikkwalifikat kif jixraq, prinċipalment minħabba t-tipi ta' postijiet tax-xogħol li qed tirreklama, jiġifieri postijiet tax-xogħol ta' aġenti kuntrattwali, u minħabba l-koeffiċjenti ta' korrezzjoni baxxi li japplikaw għas-salarji tal-membri tal-persunal tal-Aġenzija fil-Greċja; jinnota b'sodisfazzjon, madankollu, li l-Aġenzija implimentat għadd ta' miżuri soċjali sabiex issir aktar attraenti;
10. Jinnota li l-Aġenzija m'għandhiex l-appropriazzjonijiet meħtieġa biex tirreklama l-postijiet vakanti kollha fil-lingwi kollha tal-UE, kif mitlub mill-EPSO; jinnota, madankollu, li l-Aġenzija, bħal aġenziji deċentralizzati oħra tal-Unjoni, tippubblika l-avviżi ta' postijiet battala fuq diversi siti web, f'pubblikazzjonijiet fl-Unjoni kollha u fuq is-sit web tan-Netwerk tal-Aġenziji tal-UE;
11. Jinnota li l-proċess ta' trasferiment għall-membri ġodda tal-persunal bħalissa qed jiġi rieżaminat sabiex ikun hemm trasferiment aħjar tal-għarfien lill-persunal għid fil-futur, u li dan il-proċess huwa meqjus li huwa inkluż fil-politika dwar postijiet sensitivi; jistieden lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza meta jkun għe konkluż ir-rieżami;
12. Jinnota bi tħassib in-nuqqas ta' bilanċ bejn il-ġeneri fl-2018 fost il-manijers superjuri (8 irġiel u 2 nisa) u fost il-membri tal-bord ta' tmexxija (25 raġel u 5 nisa);

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u t-trasparenza

13. Jinnota l-miżuri eżistenti tal-Aġenzija u l-isforzi kontinwi biex jiġu żgurati t-trasparenza u l-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, u jinnota li s-CVs tal-membri tal-bord tat-tmexxija u d-dikjarazzjoni tal-kunflitti ta' interess tagħhom issa ġew ippubblikati fuq is-sit web tal-Aġenzija; ifakkar li l-Aġenzija ma tippubblikax id-dikjarazzjoni tal-kunflitti ta' interess tal-membri tal-manijment superjuri fuq is-sit web tagħha; itenni t-talba tiegħu lill-Aġenzija biex tippubblika s-CVs tal-membri kollha tal-bord tat-tmexxija u d-dikjarazzjonijiet tal-kunflitti ta' interess tal-manijment superjuri tagħha u biex tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-miżuri meħuda f'dak ir-rigward;

Il-kontrolli interni

14. Jinnota bi tħassib lir-rapport tal-Qorti ssib li l-Aġenzija m'għandhiex politika dwar karigi sensitivi għal fini tal-identifikazzjoni ta' funzjonijiet sensitivi, biex iżżommhom aġġornati u biex tistabbilixxi miżuri xierqa biex timmitiga r-riskji ta' interessi personali; jistieden lill-Aġenzija tadotta u timplimenta politika ta' dan it-tip mingħajr dewmien;
15. Jinnota li fl-2018, is-servizz tal-awditjar intern tal-Kummissjoni ħareġ rapport tal-awditjar dwar l-involvement tal-partijiet ikkonċernati fil-produzzjoni ta' riżultati tanġibbli fl-ENISA, u li l-Aġenzija qed tħejji pjan ta' azzjoni biex tindirizza kwalunkwe qasam fejn jista' jsir titjib;

Kummenti oħrajn

16. Jinnota li l-impatt tad-deċiżjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni fuq l-operazzjonijiet u l-amministrazzjoni tal-Aġenzija hu limitat ħafna; jinnota, madankollu, li l-Aġenzija għamlet rieżami tal-proċessi interni tagħha biex ittaffi kwalunkwe riskju marbut mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, u li l-ebda wieħed minn dawn ir-riskji ma hu meqjus kritiku, iżda li huma pjuttost meqjusa bħala baxxi ħafna;
17. Jiddispijaċih dwar il-fatt li l-Aġenzija għadha ma fformalizzat l-ebda strateġija biex tiżgura post tax-xogħol li jagħmel l-inqas ħsara possibbli lill-ambjent; jistieden lill-Aġenzija tagħmel dan b'mod urġenti;
18. Jistieden lill-Aġenzija tiffoka fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tagħha mal-pubbliku, u tikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja;
19. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 ⁽⁴⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni (ENISA) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 460/2004 (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 41).

⁽⁴⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1897 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (li issa sar Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop)) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata liċ-Ċentru fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 – C9-0033/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 tal-10 ta' Frar 1975 li jwaqqaf Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12a tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/128 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Deleat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 39, 13.2.1975, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 30, 31.1.2019, p. 90.

⁽⁷⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

⁽⁸⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0040/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1898 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****wara l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (li issa sar Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop)) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata liċ-Ċentru fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0033/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 tal-10 ta' Frar 1975 li jwaqqaf Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12a tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/128 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 39, 13.2.1975, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 30, 31.1.2019, p. 90.⁽⁷⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁸⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

-
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0040/2020),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1899 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0052/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 tas-26 ta' April 2005 li jstabbilixxi Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 li jstabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika komuni tas-sajd ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/473 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 45 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 83, 25.3.2019, p. 18.

⁽⁷⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

⁽⁸⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0041/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1900 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) għas-sena
finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0052/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 tas-26 ta' April 2005 li jstabbilixxi Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 li jstabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-Politika Komuni tas-Sajd ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/473 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 45 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar ir-regolament finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 83, 25.3.2019, p.18.

⁽⁷⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

⁽⁸⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

-
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0041/2020),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li li tiġi ppubblikata f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1901 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0041/2020),
- A. billi, skont ir-rapport tad-dħul u n-nefqa tagħha ⁽¹⁾, il-baġit finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd ("l-Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2018 kien ta' EUR 17 408 849, li jfisser żieda ta' 1,73 % meta mqabbel mal-2017; billi l-baġit tal-Aġenzija huwa prinċipalment derivat mill-baġit tal-Unjoni ⁽²⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018 (ir-"rapport tal-Qorti"), stqarret li kienet kisbet aċċertament raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018 huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 99,74 %, li meta mqabbla mal-2017 tirrappreżenta żieda żgħira ta' 0,83 %; jinnota b'sodisfazzjon li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 87,62 %, li tirrappreżenta żieda ta' 13,81 % meta mqabbla mal-2017;

Prestazzjoni

2. Jinnota li l-Aġenzija tuża għadd ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex tappoġġa l-oġġettivi strateġiċi pluriennali tagħha u biex tivvaluta l-valur miżjud tal-attivitajiet tagħha;
3. Jinnota li l-Aġenzija implimentat 98 % tal-attivitajiet tagħha fil-ħin u implimentat 100 % tal-Pjan Strateġiku Annwali tal-Komunikazzjoni tagħha;
4. Jinnota li l-Aġenzija, flimkien mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima adottaw arranġament ta' ħidma tripartitiku li jiddefinixxi l-kooperazzjoni bejn dawk l-aġenziji u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali li jwettqu funzjonijiet ta' gwardja tal-kosta billi jipprovdu servizzi, informazzjoni, tagħmir u taħriġ, kif ukoll billi jikkoordinaw operazzjonijiet b'diversi għanijiet;
5. Iħeġġeġ lill-Aġenzija ssegwi d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tagħha;
6. Jinnota l-fatt li r-riżultati tat-tieni Evalwazzjoni Esterna Indipendenti ta' Ħames Snin tal-Aġenzija għall-perjodu 2012-2016 ġew ippreżentati fl-2017; jinnota b'sodisfazzjon li, fl-aħħar tal-2018, waħda mir-rakkomandazzjonijiet kienet ingħalqet u f'għaxar rakkomandazzjonijiet oħrajn kien qed isir progress konformi mal-pjan direzzjonali ppreżentat lill-bord amministrattiv;

⁽¹⁾ ĠU C 416, 15.11.2018, p. 42.

⁽²⁾ ĠU C 416, 15.11.2018, p. 43.

7. Iqis li r-rwol tal-Aġenzija fil-promozzjoni tal-ħolqien tal-Frontex m'għandux jimmina l-attività ewlenija tal-Aġenzija bħala l-korp tal-Unjoni responsabbli għall-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni operattiva tal-attivitajiet ta' kontroll tas-sajd u li jipprovdi assistenza f'dak il-qasam lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, peress li dan jista' jwassal biex tiddgħajjef is-sorveljanza tas-sajd u jiżdied is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU); jisħaq, għaldaqstant, fuq il-ħtieġa li l-Aġenzija tingħata riżorsi finanzjarji u umani adegwati u proporzjonati mal-kompiti tagħha li kulma jmur qegħdin jiżdiedu;
8. Jenfasizza l-fatt li l-Aġenzija adottat, f'Ġunju 2018, deċiżjoni dwar il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar laqgħat ma' organizzazzjonijiet jew individwi li jaħdmu għal rashom u li, wara l-ftehim bejn il-Parlament u l-Kummissjoni dwar ir-reġistru ta' trasparenza, l-Aġenzija se tippubblika l-laqgħat rilevanti tad-direttur eżekuttiv u l-persunal mal-lobbyists fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija;
9. Jinnota li, wara ħidma preparatorja fl-2017, fl-2018 l-Aġenzija implimentat sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni bbażata fuq l-istandard internazzjonali ISO 27001, bil-għan li ttiproteġi l-Aġenzija minn riskji bbażati fuq it-teknoloġija u ttippreserva l-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà tal-informazzjoni;
10. Jenfasizza r-rwol attiv u l-valur miżjud li ttiprovdi l-Aġenzija fil-proġett imtejjeb tal-governanza tas-sajd reġjonali fil-Punent tal-Afrika (PESCAO) biex jiġu żviluppati kapaċitajiet għall-ġlieda kontra l-attivitajiet tas-sajd IUU u tittejjeb il-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd fl-Afrika tal-Punent; jenfasizza t-tliet operazzjonijiet imwettqa fl-2018, li jinvolvu s-Senegal, il-Gambja, il-Guinea-Bissau, il-Guinea-Conakry, is-Sierra Leone, il-Cabo Verde u l-Mauritania;
11. Jisħaq fuq l-importanza tar-rwol tal-Aġenzija fl-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u l-ilħuq tal-objettivi tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tal-obbligu ta' ħatt l-art, minħabba li l-Istati Membri qed isibuha diffiċli li jikkonformaw ma' dan l-obbligu;

Politika dwar il-persunal

12. Jinnota li fil-31 ta' Diċembru 2018, 98,36 % tat-tabella tal-persunal kienet diġà eżegwita, bil-ħatra ta' 60 Aġent Temporanju mill-61 Aġent Temporanju li kienu awtorizzati skont il-baġit tal-Unjoni (meta mqabbla ma' 61 post tax-xogħol awtorizzati fl-2017); jinnota li, barra minn hekk, fl-2018, l-Aġenzija ħaddmet 11-il aġent kuntrattwali u sitt esperti nazjonali sekondati;
13. Iħeġġeġ lill-Aġenzija tiżviluppa qafas ta' politika fit-tul dwar ir-riżorsi umani li jindirizza l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tal-persunal tagħha, il-gwida tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-karriera, il-bilanċ bejn is-sessi, it-telexogħol, in-nondiskriminazzjoni, il-bilanċ ġeografiku kif ukoll ir-reklutaġġ u l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabbiltà;
14. Jinnota bi tħassib in-nuqqas ta' bilanċ bejn is-sessi fuq il-bord amministrattiv (47 raġel u 21 mara);

Akkwist

15. Jenfasizza li l-attività prinċipali ta' akkwist fl-2018 kienet iffukata fuq il-varar ta' żewġ sejħiet miftuħa rispettivament biex jiġu akkwistati servizzi ta' aġenzija tal-ivvjaġġar u servizzi ta' organizzazzjoni ta' avvenimenti għall-Aġenzija u għall-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol;
16. Jilqa' b'sodisfazzjon li, b'kunsiderazzjoni tal-objettiv tal-aġenziji tal-Unjoni li jaqsmu l-isforzi tal-akkwist pubbliku, l-Aġenzija varat it-tieni sejhja għall-offerti interistituzzjonali miftuħa tagħha fl-2018 u li żewġ aġenziji oħra nqas ma' dik il-proċedura ta' akkwist; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-iżviluppi futuri rigward il-proċeduri ta' akkwist konġunt tagħha; iqis din il-prattika bħala eżempju ta' min wieħed isegwi; iħeġġeġ lill-Aġenzija tesplora aktar il-possibbiltajiet ta' simplifikazzjoni tal-proċeduri ma' istituzzjonijiet oħrajn;

17. Jinnota mir-rapport tal-Qorti li l-Aġenzija ma qabblitx sistematikament il-prezzijiet u ż-żidiet debitati mal-istimi u l-fatturi li nħarġu mill-fornitur lill-kuntrattur qafas għall-akkwist tal-liċenzji tas-software; jinnota, mit-tweġiba tal-Aġenzija, li ma għandha l-ebda possibbiltà li tbiddel il-kundizzjonijiet u d-dispożizzjonijiet tal-kuntratt qafas iffirmit mill-Kummissjoni u li se timplimenta l-kuntratt qafas il-ġdid biex tindirizza l-kwistjonijiet imqajma fir-rigward tal-kuntratt il-qadim;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u t-trasparenza

18. Jirrikonoxxi l-miżuri eżistenti u l-isforzi kontinwi tal-Aġenzija biex tiżgura t-trasparenza, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u l-protezzjoni tal-informaturi; jinnota b'sodisfazzjon li l-esperti li ma jiffirmawx dikjarazzjoni tal-interessi ma jingħatawx permess jaħdmu taħt kuntratt speċifiku u li l-Aġenzija tissorvelja regolarment is-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet;
19. Jinnota li, fl-2018, is-servizz tal-awditjar intern tal-Kummissjoni ħareġ rapport tal-awditu dwar "L-Ippjanar, l-Ibbaġitjar u l-Monitoraġġ fl-Aġenzija" u li kien hemm qbil dwar pjan ta' azzjoni għal oqsma potenzjali ta' titjib; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-miżuri meħuda;

Kummenti oħra

20. Jinnota li l-Aġenzija nediet proċess sabiex tiġi ċertifikata fl-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali tal-UE u ħadet sensiela ta' miżuri bil-għan li tnaqqas l-impatt globali tagħha fuq l-ambjent; jirrimarka, madankollu, li l-Aġenzija m'għandha l-ebda miżura addizzjonali oħra fis-seħħ biex tnaqqas jew tinnewtralizza l-emissjonijiet tas-CO₂;
21. Jistieden lill-Aġenzija tiffoka fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tagħha lill-pubbliku, u tikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja;
22. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 ⁽³⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽³⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1902 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-13 ta' Mejju 2020

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima X — Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 (COM(2019)0316 – C9-0059/2019) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 55, 99 u 164 sa 167 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 59, 118 u 260 sa 263 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0043/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għall-implimentazzjoni tal-baġit tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU L 57, 28.2.2018.⁽²⁾ ĠU C 327, 30.9.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 9.⁽⁵⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1903 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima X — Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima X - Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0043/2020),
- A. billi l-effikaċja u l-effiċjenza tas-sistemi ta' ġestjoni u l-użu ta' riżorsi fil-kwartieri ġenerali u d-delegazzjonijiet tal-Unjoni huma prinċipji gwida ewlenin għall-kisba tal-objettivi tal-politika barranija, għar-rispons għall-isfidi ġeopolitiċi u għat-tisħiħ tar-rwol tal-Unjoni bħala attur globali;
- B. billi huwa essenzjali li tiġi promossa kultura ta' ġestjoni komuni fi ħdan is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) billi jiġi msaħħaħ il-karattru Ewropew u l-"esprit de corps" tal-persunal diplomatiku;
- C. billi fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza, l-awtorità ta' kwittanza tixtieq tenfasizza l-importanza partikolari li tissaħħaħ ulterjorment il-leġittimità demokratika tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni billi jittejjbu t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont, u billi jiġi implimentat il-kunċett ta' bbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni u l-governanza tajba tar-riżorsi umani;
1. Jiddispijaċih, bħala rimarka ġenerali, li l-Kapitolu 10, "Amministrazzjoni", tar-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") dwar il-kontijiet annwali tal-istituzzjoni għas-sena finanzjarja 2018 (ir-"rapport tal-Qorti" għandu kamp ta' applikazzjoni u konklużjonijiet pjuttost limitati, minkejja l-fatt li l-Intestatura 5, "Amministrazzjoni", tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali titqies bħala ta' riskju baxx;
 2. Iqis li l-ħidma ta' awditjar imwettqa skont il-Kapitolu 10 tar-rapport tal-Qorti għandha tkun ibbilanċjata aħjar bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u għandha tmur lil hinn mir-rekwiżiti ta' konformità;
 3. Jemmen li għandha tkun iddedikata aktar ħidma ta' awditjar għan-nefqa operattiva jew kwistjonijiet li qed isiru ta' rilevanza kbira jew saħansitra kritiċi għas-SEAE, bħall-kapaċità ta' komunikazzjoni strateġika u t-teknoloġija tal-informazzjoni, per eżempju ċ-ċibersigurtà, il-prestazzjoni tal-pakkett globali ta' sigurtà għad-delegazzjonijiet jew il-ġestjoni finanzjarja u l-appoġġ amministrattiv tal-pjattaforma ta' appoġġ għall-missjonijiet għall-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni;
 4. Jinnota wkoll li, għat-tieni sena konsekuttiva, il-Qorti ma rrapportat l-ebda kwistjoni speċifika għas-SEAE;
 5. Jinnota b'apprezzament li, għat-tieni sena konsekuttiva, il-Qorti ma identifikatx livelli materjali ta' żball fir-rapport tal-attività annwali u l-arranġament ta' governanza annwali tas-SEAE;
 6. Jinnota li l-baġit totali tas-SEAE għall-2018 ammonta għal EUR 678,5 miljun (jiġifieri żieda ta' 2,8 % meta mqabbel mal-2017) b'rata ta' eżekuzzjoni ta' 99,9 % għall-impenji u ta' 84,8 % (ftit inqas mis-86,7 % tal-2017) għall-pagamenti sa tmiem is-sena u b'kontribuzzjonijiet addizzjonali mill-Kummissjoni biex jiġu koperti l-ispejjeż amministrattivi tal-persunal tal-Kummissjoni stazzjonati fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni; jinnota t-tqassim attwali tal-baġit, jiġifieri EUR 249,7 miljun għall-kwartieri ġenerali tas-SEAE u EUR 428,8 miljun għad-delegazzjonijiet;

7. Jinnota li fl-2018 ingħatat ukoll kontribuzzjoni ta' EUR 58,5 miljun mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u l-fondi fiduċjarji meta mqabbla ma' EUR 55 miljun fl-2017;
8. Jinkoraġġixxi lis-SEAE biex possibbilment jissimplifika n-nomenklatura baġitarja attwali biex jippermetti ġestjoni aktar faċli u aktar effiċjenti għas-SEAE billi jirrazzjonalizza b'mod progressiv il-35 linja baġitarja użati biex jiġu ffinanzjati l-operazzjonijiet tal-persunal tal-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet, li jirriflettu strumenti ta' żvilupp ġeografiċi u varji;
9. Jinnota b'aprezzament is-simplifikazzjoni tal-ġestjoni tal-baġit bil-finanzjament kollu tal-ispejjeż ġenerali komuni relatati mal-uffiċċji tad-delegazzjonijiet kollha fl-2018, (kera, sigurtà, tindif u spejjeż ġenerali oħra), inklużi d-delegazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, mil-linji baġitarji tas-SEAE għat-tielet sena konsekuttiva; jappoġġa l-isforzi tas-SEAE biex jimmodernizza u jissimplifika l-amministrazzjoni tiegħu permezz tal-proġett "Innovative 2019", li jinkludi 20 proposta li qed jiġu eżaminati; jitlob lis-SEAE jirrapporta lura lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit fir-rapport annwali tal-attività tiegħu li jmiss;
10. Josserva li l-baġit tal-kwartieri ġenerali ammonta għal EUR 249,7 miljun li minnhom EUR 162,4 miljun (jiġifieri 65,5 %) ikkonċernaw il-ħlas tas-salarji u l-intitolamenti l-oħra tal-persunal statutorju u dak estern, EUR 30,8 miljun (jiġifieri 12 %) kienu għall-bini u spejjeż assoċjati u EUR 34,9 miljun (jiġifieri 14 %) kienu relatati ma' sistemi, tagħmir u għamara tal-IT;
11. Jinnota li l-baġit ta' EUR 428,8 miljun tad-delegazzjonijiet kien maqsum bejn EUR 118,4 miljuni (jiġifieri 27,6 %) għar-remunerazzjoni tal-persunal statutorju, EUR 168 miljun (39,2 %) għall-bini u l-ispejjeż assoċjati, EUR 72,1 miljun (jiġifieri 16,8 %) għall-persunal estern u servizzi minn barra, EUR 27,6 miljun (6,4 %) għal infiq ieħor relatat mal-persunal u EUR 42,7 miljun (10 %) għal infiq amministrattiv ieħor; jinnota wkoll li EUR 196,4 miljun (meta mqabbel ma' EUR 185,6 miljun fl-2016 u EUR 204,7 miljun fl-2015) ġew irċevuti mill-Kummissjoni għall-ispejjeż amministrattivi tal-persunal tal-Kummissjoni stazzjonat fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni u nqasmu bejn l-Intestatura V tal-Kummissjoni b'EUR 47,2 miljun, il-linji amministrattivi tal-programmi operattivi b'EUR 93,2 miljun, u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u fondi fiduċjarji b'EUR 58,5 miljun ((compared to EUR 55 million in 2017 and EUR 45,4 million in 2016);45,4 miljun fl-2016);
12. Jinnota l-komplessità tal-politika tal-amministrazzjoni tal-bini fid-dawl tal-missjoni tas-SEAE; jenfasizza l-ħtieġa għal spjegazzjoni suffiċjenti min-naħa tas-SEAE b'raba mal-politika ta' amministrazzjoni tal-bini tiegħu f'dak li jirrigwarda x-xiri, il-kiri u l-ġestjoni; jistieden lis-SEAE jeżerċita viġilanza kostanti fuq il-politika ta' amministrazzjoni tal-bini tiegħu u, b'mod partikolari, jiżgura li kwalunkwe suspett ta' każijiet ta' frodi jew korruzzjoni li jistgħu jiġu identifikati waqt ix-xiri, il-kiri jew il-ġestjoni tal-bini jiġi indirizzat immedjatament; jistieden lis-SEAE jipprovi spjegazzjoni suffiċjenti dwar il-proċeduri tiegħu ta' offerti u l-ispejjeż tal-bini fil-kompetenza tal-eżerċizzju ta' kwittanza;
13. Jenfasizza li kooperazzjoni tajba bejn il-Parlament u s-SEAE hija essenzjali għall-ġestjoni u r-rieżami tal-fajls tal-bini; iħeġġeġ bil-qawwa lis-SEAE jissottometti fajls ta' bini għall-approvazzjoni fi żmien debitu biex ikun hemm ħin biżżejjed għal rieżami bir-reqqa u mistoqsijiet ta' segwitu; itenni li fajls sottomessi lill-awtorità baġitarja f'dati viċin ħafna ta' dati kritiċi joħlqu limitazzjonijiet ta' ħin bla bżonn u approvazzjonijiet furzati mill-awtorità baġitarja mingħajr il-possibilità li jiġi estiż il-perjodu ta' rieżami;
14. Jistieden lis-SEAE jimpenja ruħu għall-kwittanza li jmiss li jibqa' jibgħat lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit id-Dokument ta' Ħidma dwar il-politika tal-bini tiegħu, inkluża informazzjoni li tispjega l-kuntest u l-kopertura tal-ispejjeż tal-bini; jieħu nota tal-informazzjoni eżawrjenti u dettaljata dwar il-politika tal-bini tas-SEAE pprovduta permezz tal-kwestjonarji bil-miktub;
15. Jinnota li s-SEAE ttrasferixxa EUR 30,8 miljun li minnhom l-akbar ammont kien użat biex jinxtara bini f'Washington, u dan l-ammont tal-aħħar naqqas il-baġit finali għall-kwartieri ġenerali għal EUR 239 miljun filwaqt li żied il-baġit tad-delegazzjoni b'EUR 10,7 miljun;

16. Jinnota li l-Unjoni qed tiffaċċja ambjent internazzjonali dejjem aktar ta' sfida, li wassal għal żieda fid-domanda biex l-Unjoni twettaq rwol mexxej fix-xena internazzjonali; jenfasizza r-rwol ċentrali li s-SEAE jikkupa fit-tmexxija tal-politika barranija tal-Unjoni taħt il-gwida tar-Rappreżentant Għoli / Viċi President tal-Kummissjoni; jinnota li r-rwol imsaħħaħ tas-SEAE ma ġiex sostnut minn żieda korrispondenti fil-persunal; jappella li jinġhata biżżejjed riżorsi umani sabiex l-effikaċja tal-Unjoni bħala attur globali ma titpoġġiex f'riskju;
17. Jinnota li s-SEAE jiżvolġi rwol kruċjali fil-garanzija tal-koerenza tal-politika barranija tal-Unjoni; jenfasizza wkoll il-bżonn li s-SEAE jiġi furnut bir-riżorsi meħtieġa għal implimentazzjoni b'suċċess ta' Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni tal-UE;
18. Jirrikonoxxi ż-żona operattiva diffiċli tas-SEAE li fiha joperaw delegazzjonijiet tal-Unjoni, peress li l-kundizzjonijiet politiċi u soċjoekonomiċi spiss huma kumplessi, mhux stabbli u minħabba riskji għoljin assoċjati ma' konsegwenzi baġitarji u spejjeż sinifikanti potenzjali prinċipalment għas-sigurtà tal-persunal u tal-infrastrutturi;
19. Jistieden lis-SEAE johlq postijiet għal aġenti lokali li jkunu responsabbli għar-rappurtar dwar il-ħidma leġislattiva f'pajjiżi ta' interess strateġiku, b'mod partikolari l-pajjiżi ta' adeżjoni u dawk tas-Sħubija tal-Lvant, bil-għan li jżid il-fehim tal-Unjoni tal-viċinat u tal-approssimazzjoni tiegħu mal-acquis; jistieden lis-SEAE jieħu azzjoni biex isolvi l-problemi li jwasslu għal żbalji identifikati fil-qasam tal-akkwist u biex jipprevjeni l-ksur tar-regoli rilevanti fil-futur;
20. Jinnota li t-Task Force East StratCom inġhatat EUR 1,1 miljun fl-2018 għall-ħidma tagħha biex tindirizza d-diżinformazzjoni tar-Russja. Fl-2019, il-baġit żdied għal EUR 3 miljun; jappella għal żieda sostanzjali fil-baġit sabiex l-Unjoni tkun tista' tiġġieled b'suċċess il-gwerra tal-informazzjoni tar-Russja; jappella għal aktar kampanji ta' informazzjoni biex jiġu spjegati aħjar il-politiki tal-Unjoni fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant;
21. Jirrikonoxxi, f'dak il-kuntest, li l-istruttura ta' ċerti spejjeż tas-SEAE, bħall-ispejjeż tal-infrastruttura, tista' tkun aktar diffiċli biex tiġi ġestita minħabba l-varjazzjonijiet tar-rata tal-kambju jew il-kundizzjonijiet speċifiċi lokali tas-suq, u b'hekk il-ġestjoni u l-ippjanar fil-livell tad-delegazzjonijiet isiru aktar diffiċli;
22. Jinnota li l-Artikolu 60 tar-Regolament Finanzjarju jipprevedi arranġamenti ġodda ta' setgħat implimentattivi tal-baġit għad-delegazzjonijiet, jiġifieri l-possibbiltà li l-vice kapijiet ta' delegazzjoni jaġixxu bħala uffiċjali awtorizzanti b'sot-todelega u jimplementaw il-baġit operattiv tal-Kummissjoni sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tan-negozju;
23. Jilqa' f'dak il-kuntest l-adattamenti tas-SEAE tar-regoli interni tiegħu kif xieraq iżda jistieden madankollu lis-SEAE jimmonitorja bir-reqqa tali sitwazzjonijiet meta tintuża din id-dispożizzjoni ġdida, jiġifieri f'delegazzjonijiet ta' daqs żgħir; jistieden lis-SEAE biex, fil-qafas tal-istrateġija ta' kontroll intern tiegħu, jaġhti attenzjoni partikolari lir-riskji potenzjali relatati billi jwettaq kontroll intensifikat tal-operazzjonijiet mill-bogħod dwar l-adegwatezza tal-flussi tax-xogħol finanzjarji u/jew billi jipprovdi aktar appoġġ temporanju b'monitoraġġ u rappurtar *ad hoc* rilevanti ta' dawn il-perjodi; ifakkar li l-istandard ta' kontroll intern "Kontinwità tan-negozju" kien wieħed mill-aktar komponenti dgħajfa tas-sistema ta' kontroll intern tas-SEAE għal diversi snin, speċjalment għad-delegazzjonijiet;
24. Iqis bħala passi pożittivi l-ħolqien tal-valutazzjoni tar-riskju u l-istrument ta' ġestjoni bir-reġistri tar-riskji għall-kwartieri ġenerali u d-delegazzjonijiet kif ukoll l-adozzjoni ta' qafas ta' kontroll intern ġdid; jistieden madankollu lis-SEAE biex imur lil hinn mill-għarfien tar-riskju billi jiżgura li l-mitigazzjoni tar-riskji tiġi implimentata b'mod effettiv u tiġi rieżaminata b'mod kostanti;

25. Jieħu nota tar-rata ta' anomaliji misjuba f'verifiki *ex ante* ta' impenji u pagamenti (209 żball minn 1041 u 258 żball minn 1841 rispettivament); jiddispijaċi dwar in-natura rikorrenti tal-iżbalji identifikati, jiġifieri prinċipalment in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' dokumenti ta' sostenn meta l-operazzjonijiet finanzjarji jiġu ppreżentati għal verifika finanzjarja *ex ante*; jistieden ukoll lis-SEAE jkompli jipprovi appoġġ speċifiku għall-akkwist pubbliku ta' valur għoli kollu fid-delegazzjonijiet; jilqa' l-implimentazzjoni tal-flussi tax-xogħol elettroniċi fil-kwartieri ġenerali sa tmiem l-2019 li huma maħsuba biex jikkontribwixxu għal tnaqqis fil-livell ta' żbalji f'termini ġenerali;
26. Jilqa' l-allinjament fl-2018 tal-metodoloġija *ex post* mal-metodoloġija tal-Qorti, li tippermetti li tiġi pprovduta rata ta' żball għal kull qasam prinċipali ta' nfiq, jiġifieri nfiq tal-persunal, infrastruttura, sigurtà u IT/telekomunikazzjonijiet u abbażi ta' kampjuni ta' operazzjonijiet stratifikati b'mod każwali; iqis li dik l-evoluzzjoni pożittiva se tipprovi lill-uffiċjal tal-ġestjoni u tal-awtorizzazzjoni b'delega ħarsa ġenerali aħjar tal-ammonti finanzjarji operattivi u globali friskju abbażi ta' kopertura akbar u eżawrjenti tat-tranżazzjonijiet finanzjarji; jenfasizza li dik il-metodoloġija se tipprovi raġunijiet aktar oġġettivi għall-ħruġ ta' pjanijiet ta' azzjoni ddedikati b'miżuri ta' mitigazzjoni jew riżervi potenzjali;
27. Itenni l-importanza li jiġi pprovdut appoġġ orjentat lejn ir-riżultati lid-delegazzjonijiet fl-oqsma kollha, jiġifieri l-appoġġ għall-akkwist; iqis li l-esperjenza, il-kooperazzjoni u r-riżultati taċ-Ċentru Reġjonali għall-Ewropa li jkopri 27 delegazzjoni għandhom jingħataw il-valur xieraq, b'mod partikolari għal-livell oġhla ta' aċċertament ipprovdut, filwaqt li possibbilment jiġu kkunsidrati mezzi oħra ugwalment effettivi;
28. Jistieden lis-SEAE jsaħħaħ progressivament il-katina ta' aċċertament tas-SEAE tiegħu f'konformità mas-sett il-ġdid ta' standards ta' kontroll intern li jqegħdu aktar enfasi kemm fuq il-kompetenza u r-responsabbiltà individwali għar-rwol tagħhom fit-twettiq ta' kontrolli (kif rifless ukoll fil-kwestjonarju tal-2018 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' kontroll intern, partikolarment fil-qasam tal-kontroll fuq it-teknoloġija f'tit inqas punteġġ) kif ukoll fuq ir-riskju ta' frodi;
29. Jilqa' l-isforzi tas-SEAE biex irawwem is-sens ta' responsabbiltà tal-kapijiet ta' delegazzjoni li għandhom kif inħatru għall-ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-Unjoni li jaqgħu taħt ir-responsabbiltajiet operattivi tagħhom flimkien mal-mandat politiku tagħhom; iqis li dan jikkonċerna wkoll lill-atturi kollha b'rabta mal-affarijiet barranin, bħal rappreżentanti speċjali tal-UE, mibgħuta speċjali tal-UE, kapijiet ta' operazzjonijiet militari u kapijiet ta' missjonijiet ċivili;
30. Ifakkar li r-riżerva hija fundamentali fil-konstruzzjoni tar-responsabbiltà u għalhekk tikkostitwixxi strument preventiv u ta' trasparenza fil-bini tal-katina ta' aċċertament tas-SEAE, li jirrifletti l-isfidi li hemm bħalissa jew dgħufijiet li fadal u li kien hemm li jħabbtu wiċċhom magħhom il-kapijiet tad-delegazzjonijiet;
31. Jinnota li żewġ delegazzjonijiet biss ipprovdew riżervi motivati, jiġifieri d-Delegazzjoni għas-Sirja, bħal fl-2017, u d-Delegazzjoni għall-Kunsill tal-Ewropa fi Strasburgu għal nuqqas ta' konformità ta' kuntratti implimentati ma' regoli tal-akkwist; iħeġġeġ lis-SEAE jkompli r-rieżami sħiħ li għaddej tal-kuntratti kollha biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli finanzjarji;
32. Josserva li fi tmiem l-2018, il-popolazzjoni ta' diplomatiċi tal-Istati Membri fl-ammont totali ta' amministraturi kienet tammonta għal 33,76 %, kważi ekwivalenti għal-livell tal-2014 ta' 33,8 %; jinnota l-varjazzjonijiet żgħar li ġejjin bejn l-2014 u l-2018: 32,83 % fi tmiem l-2017, 31,7 % fi tmiem l-2016, 32,9 % fl-2015; jistieden lis-SEAE jibqa' konformi mal-formula tal-persunal kif tinsab fid-Deċiżjoni 2010/427/UE ⁽¹⁾, jiġifieri proporzjon ta' terz tal-persunal mill-Istati Membri u żewġ terzi mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni;
33. Għadu mħasseb dwar l-iżbilanċi kontinwi fil-profil tal-persunal tas-SEAE fir-rigward tan-nazzjonalità; jinnota li fi tmiem l-2017, id-diplomatiċi tal-Istati Membri kienu jirrappreżentaw 32,83 % tal-persunal globali tal-amministraturi tas-SEAE (jiġifieri 307 persuni), fi tmiem l-2016, 31,7 % tal-persunal tas-SEAE kien ġej mill-Istati Membri meta mqabbel ma' 32,9 % fl-2015 u 33,8 % fl-2014;
34. Jenfasizza li, minkejja sejħiet ripetuti, is-SEAE għadu ma jissodisfax ir-rekwiżiti għall-bilanċ ġeografiku u huwa sproorzjonat b'mod sinifikanti billi għandu kapijiet tad-delegazzjoni mill-Belġju (9), il-Ġermanja (15), Franza (16), l-Italja (21), il-Polonja (5), ir-Repubblika Ċeka (2); jinnota, b'mod partikolari, iż-żieda fin-numru ta' kapijiet ta' delegazzjoni Taljani matul dawn l-aħħar sentejn;

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30).

35. Jistieden it-tisħiħ tal-bilanċ ġeografiku fi ħdan is-SEAE; itenni l-importanza ta' preżenza xierqa u sinifikanti ta' ċittadini mill-Istati Membri kollha; jenfasizza li s-SEAE għandu jiżgura li l-Istati Membri kollha jkunu rappreżentati b'mod adegwat filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi u l-merti tal-kandidati; għalhekk iħeġġeġ lis-SEAE jkompli jinteraġixxi mal-Istati Membri biex jipromwovi l-karigi tiegħu fost in-netwerks diplomatiċi nazzjonali;
36. Jistieden lis-SEAE jimplementa bbaġitjar abbażi tal-ġeneri fl-infiq pubbliku kollu;
37. Ifakkar li l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri għandha l-għan li torganizza (mill-ġdid), ittejjeb, tiżviluppa u tevalwa l-proċess tal-politiki, bil-għan li l-perspettiva tal-ugwaljanza tal-ġeneri tiġi inkorporata fil-politiki kollha u fil-livelli kollha u fl-istadi kollha, mill-atturi involuti fit-tfassil tal-politiki;
38. Jinnota b'soddisfazzjon li l-parità numerika bejn il-ġeneri kważi intlaħqet bi 47,4 % tan-numru globali ta' karigi okkupati minn nisa; jistieden, madankollu, lis-SEAE jkompli jnaqqas l-iżbilanċi kwalitattivi eżistenti fil-livelli kollha, il-funzjonijiet u l-kategoriji differenti, speċjalment għall-pożizzjonijiet ta' amministratur fejn attwalment 34,92 % tal-karigi huma okkupati minn nisa; iħeġġeġ lis-SEAE jkompli jaħdem fuq il-firxa ta' miżuri meħuda biex jappoġġa l-bilanċ bejn il-ġeneri u jżid id-diversità, bħan-netwerk għan-nisa fil-karigi ta' qabel il-ġestjoni u t-taħriġ iddedikat għan-nisa fil-maniġment u dawk li jaspiraw li jsiru managers;
39. Josserva li l-bilanċ bejn il-ġeneri u l-bilanċ ġeografiku għandhom jiġu rrispettati wkoll fir-rigward tar-rappreżentanti speċjali tal-UE u jinnota li attwalment tnejn minn fost tmien rappreżentanti speċjali tal-UE huma nisa; iqis ukoll li għandhom jiġu kkunsidrati standards etiċi biex jiġu evitati kunflitti ta' interessi potenzjali; jappoġġa t-tnejn tas-SEAE dwar il-linji gwida dwar l-etika, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifitàjiet tax-xogħol fid-delegazzjoni;
40. Jenfasizza l-istess sitwazzjoni fit-tqassim ġenerali tal-persunal skont il-ġeneru fil-karigi ta' maniġment, filwaqt li jinnota titjib fl-2018 b'27,1 % li huma nisa meta mqabbel ma' 24,5 % fl-2017, li jirrappreżenta 71 mara, jiġifieri 60 minn 211-il-pożizzjoni f'karigi ta' maniġment intermedju (28,4 % meta mqabbel ma' 26 % fl-2017) u 11 minn 51 kariga ta' maniġment għoli (21,57 % meta mqabbla ma' 18 % fl-2017);
41. Jappella għal aktar sforzi biex jiġu indirizzati dawn l-iżbilanċi; jistieden lis-SEAE jaġġorna l-Istrateġija dwar il-Ġeneri u l-Opportunitajiet Indaqg tiegħu sabiex jinkludi miri konkreti rigward il-preżenza tan-nisa fil-karigi maniġerjali; jenfasizza l-fatt li titjib tal-bilanċ ġeografiku u bejn il-ġeneri fis-SEAE jikkontribwixxi biex titjeb is-sjeda tal-azzjoni esterna tal-Unjoni;
42. Jinnota li minn 135 kariga ta' kapijiet ta' delegazzjoni, 34 kienu okkupati minn nisa; jiddispijaċih ukoll dwar il-perċentwal baxx ta' kandidati nisa għal karigi maniġerjali fl-eżerċizzju ta' rotazzjoni annwali għad-delegazzjonijiet, li għadu baxx bi 18 % biss; iħeġġeġ lis-SEAE jkompli l-ħidma tiegħu mal-Istati Membri biex jiġu introdotti aktar kandidati nisa;
43. Josserva li, wara żieda regolari mill-2011 'l hawn, l-għadd ta' esperti nazzjonali sekondati mill-Istati Membri ġie stabbilizzat għal 449, l-istess numru bħal fl-2017; jinnota li 87,31 % tal-esperti nazzjonali sekondati huma stazzjonati fil-kwartieri ġenerali tas-SEAE, bir-raġunament li jwieġbu għal ħtiġijiet speċjalizzati ħafna fl-istruttura tas-SEAE; jistieden ukoll lis-SEAE jagħti attenzjoni partikolari lill-kwistjoni potenzjali tal-kunflitt ta' interess fil-politika ta' reklutaġġ tiegħu għal esperti nazzjonali sekondati;
44. Ifakkar fl-importanza tal-perjodi ta' tregwa għal uffiċjali li qabel kienu impjegati mill-istituzzjonijiet jew aġenziji tal-Unjoni billi sitwazzjonijiet mhux indirizzati ta' kunflitt ta' interess jistgħu jikkompromettu l-infurzar ta' standards etiċi għoljin fl-amministrazzjoni tal-Unjoni kollha; jenfasizza li l-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal jippermetti lill-istituzzjonijiet u lill-aġenziji tal-Unjoni, inkluż is-SEAE, jiċħdu t-talba ta' ex uffiċjal li jieħdu impjeg speċifiku jekk ir-restrizzjonijiet ma jkunux biżżejjed biex jiproteġu l-interessi leġittimi tal-istituzzjonijiet; jibża' li ħafna drabi ma jkunx possibbli li jiġu infurzati l-kundizzjonijiet imposti fuq l-attivitajiet ta' wara l-impjeg fis-servizz pubbliku; għalhekk iħeġġeġ lis-SEAE, lill-aġenziji u lill-istituzzjonijiet l-oħra kollha tal-Unjoni jikkunsidraw il-firxa sħiħa ta' għodod disponibbli skont l-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal, b'mod partikolari meta jiġu nnotifikati dwar trasferiment lil organizzazzjoni jew kumpanija li tkun irreġistrat fir-reġistru ta' trasparenza sabiex jiġi eskluż kwalunkwe riskju li ex uffiċjali jagħmlu lobbying fuq l-istituzzjonijiet tal-Unjoni fi żmien sentejn wara li jkunu telqu mis-servizz; jistieden ukoll lill-istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha tal-Unjoni, inkluż is-SEAE, biex jipubblikaw b'mod strett il-valutazzjoni tagħhom ta' kull każ kif meħtieġ skont l-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal;

45. Iqis neċessarju li jinġabru aktar esperjenzi fl-infurzar u s-supervizzjoni tal-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal u tar-regoli etiċi relatati madwar l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni; jilqa' l-impenn tal-President tal-Kummissjoni, Ursula von der Leyen, għal korp tal-etika tal-Unjoni komuni għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni;
46. Josserva li l-interess u l-għadd ta' proġetti ta' kolokazzjoni żdiedu b'mod gradwali minħabba l-kosteffettività u s-sinerġiji tagħhom, u li jipprovdu mekkaniżmu li jirkupra l-ispejjeż kollha tal-kolokazzjonijiet;
47. Jilqa' ż-żieda fl-arranġamenti ta' kolokazzjoni tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni mal-Istati Membri bil-firma ta' tnejn u għoxrin ftehim ta' kolokazzjoni ġodda fl-2018, li jikkonċernaw 65 delegazzjoni u li jwasslu għal total ta' 114-il proġett ta' kolokazzjoni; jinnota wkoll il-konklużjoni ta' żewġ ftehimiet ta' livell ta' servizz mal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea u d-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej, u jilqa' l-fatt li ftehimiet ulterjuri dwar il-livell ta' servizz qed jiġu nnegozjati mal-Bank Ewropew tal-Investment, mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni;
48. Jinnota b'apprezzament li l-kolokazzjonijiet iġġeneraw sorsi ġodda mhux negliġibbli ta' dħul għas-SEAE, li jammontaw għal EUR 52,1 miljun, u dan jipprovdi spazju għal manuvrar biex tiġi żviluppata l-politika tal-akkwist tal-proprjetà immobbli tiegħu; jinnota li s-SEAE kellu 34 binja ta' uffiċċji fid-delegazzjonijiet u kera 143;
49. Jitlob li s-SEAE jiżgura li l-kolokazzjoni fil-bini tagħhom tkun miftuħa għall-istituzzjonijiet u l-korpi kollha interessati tal-Unjoni, bħall-Parlament u l-Bank Ewropew tal-Investment, bl-istess kundizzjonijiet bħas-SEAE; jenfasizza l-benefiċċji ekonomiċi tal-kolokazzjoni billi jitnaqqsu l-ispejjeż tal-manutenzjoni u l-ispejjeż operattivi kif ukoll tas-sigurtà; itenni wkoll li s-SEAE għandu jiżgura li l-ispejjeż għall-kiri jew ix-xiri tal-proprjetà għad-delegazzjonijiet tiegħu jirrispettaw il-firxa tal-prezzijiet li jridu jimxu magħhom ir-rappreżentanzi tal-Istati Membri; jenfasizza li s-SEAE għandu jinkorpora l-istimi xierqa tal-ispejjeż tas-sigurtà fil-kalkoli tiegħu sabiex tiġi evitata talba għal finanzjament addizzjonali fi stadji aktar tard;
50. Jilqa' l-progress li sar dwar it-tnaqqis tal-għadd ta' delegazzjonijiet li jaqbżu l-isparju massimu ta' 35 m² għal kull persuna, b'segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-Qorti sabiex isir l-aħjar użu tal-bini tas-SEAE u jiġi evitat infiq mhux meħtieġ;
51. Jappoġġa l-mekkaniżmu ta' rieżami annwali permanenti bħala strument effettiv ta' ġestjoni tal-forza tax-xogħol biex jiprijoritizza aħjar u jiżgura adattament rikorrenti tar-riżorsi umani tas-SEAE fin-netwerk tad-delegazzjonijiet għall-prijoritajiet ġeopolitiċi li qed jevolvu u d-daqs tal-portafolli tal-proġetti (eż. it-tħejija tal-ftuħ tad-Delegazzjoni tar-Renju Unit, l-għeluq tad-Delegazzjoni tal-Gżejjer Solomon, l-aġġornament tad-Delegazzjoni tal-Panama u l-ftuħ ta' Delegazzjoni fil-Mongolja); jinnota fl-2018, bħala l-ewwel riżultat ta' dan l-eżerċizzju ta' razzjonalizzazzjoni tar-riżorsi tal-persunal, li tmien karigi ġew ittrasferiti bejn id-delegazzjonijiet;
52. Itenni li l-Unjoni ħadet pass lejn remunerazzjoni ġusta għal kulħadd fi ħdan l-istituzzjonijiet tagħha; jenfasizza li s-SEAE għandu jiżgura li t-trainees tiegħu fil-kwartieri ġenerali u fid-delegazzjonijiet jirċievu remunerazzjoni deċenti fit-tipi kollha ta' internships (Blue Book, Bruges u Oħrajn); jilqa' l-implimentazzjoni ta' traineeships bi ħlas fid-delegazzjonijiet u t-terminazzjoni ta' offerti ta' traineeships mingħajr ħlas fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew; jinnota li l-għadd ta' trainees fid-delegazzjonijiet żdied b'aktar minn erba' darbiet, minn 26 fl-2017 għal 109 fl-2018; jiddispijaċih, madankollu, li mill-404 traineeship totali offruti mis-SEAE fl-2018, 126 ma ġewx remunerati, peress li kienu parti minn taħriġ obligatorju għall-istudenti; itenni l-bżonn ta' li s-SEAE jiggarrantixxi allowance adegwata lit-trainees tiegħu kollha biex jiġi evitat li tiżdied id-diskriminazzjoni fuq bażi ekonomika;
53. Iqis li jkun utli li jittejbu l-għodod ta' ġestjoni tal-ammont ta' xogħol flimkien ma' pjan ta' azzjoni biex jiġu attirati u miżmuma n-nies b'kont meħud tad-diversi ħtiġijiet professjonali, l-esperjenza u n-nazzjonalitajiet; jilqa' r-rapport dwar ir-riżorsi umani u jstieden lis-SEAE jiddikjara b'mod ċar il-ħtiġijiet istituzzjonali tiegħu (jew l-għarfien espert ġdid meħtieġ) u jidentifika r-riskji tal-forza tax-xogħol tiegħu fil-livell korporattiv li jistgħu jxekklu l-kisba mis-SEAE ta' objettivi ta' politika; jappoġġa l-miżuri tas-SEAE li ttieħdu biex jiġi indirizzat l-ammont ta' xogħol li qed jiżdied minħabba t-tnaqqis tal-persunal;

54. Jinnota bi tħassib il-135 każ ta' medjazzjoni li ġew trattati fid-delegazzjonijiet u l-kwartieri ġenerali fl-2018 dwar nuqqas ta' qbil mhux solvut madwar id-drittijiet u l-obbligi jew tipi differenti ta' kunflitt fuq il-post tax-xogħol, inkluż fastidju psikoloġiku u sesswali allegat; jistieden lis-SEAE, b'mod partikolari lis-servizz ta' medjazzjoni li issa jirrapporta direttament lis-segretarjat ġenerali, biex ikompli jagħti l-ogħla prijorità lil din il-kwistjoni fil-ġestjoni tar-riżorsi; itenni l-importanza li tiġi żviluppata kultura ta' tolleranza żero fir-rigward tal-fastidju b'segwitu strett ta' każijiet irrapportati; jilqa' l-inizjattiva ta' sensibilizzazzjoni kontra l-fastidju li tnediet fl-2018 mis-Segretarju Ġenerali tas-SEAE bil-għan li tingħata aktar informazzjoni dwar il-politika tas-SEAE kontra l-fastidju;
55. Jistieden ukoll lis-SEAE biex, f'dan il-kuntest, jestendi n-netwerk ta' konsulenti kunfidenzjali li attwalment jirrappreżentaw sitt minn nies, speċjalment fin-netwerk tad-delegazzjonijiet, billi possibilment jiżdied l-għadd ta' konsulenti voluntiera mħarrġa fid-delegazzjonijiet; iħeġġeġ lis-SEAE jrawwem id-djalogu soċjali irrispettivament mill-orijini tal-persunal u l-istatus differenti tal-persunal;
56. Josserva li s-SEAE, wara li aġġorna l-arranġament amministrattiv tiegħu mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi u wara li saħħaħ il-kooperazzjoni tiegħu dwar kwistjonijiet relatati mal-frodi ma' direttorati ġenerali li jaġixxu fi kwistjonijiet esterni, bħad-Direttorat Ġenerali għal Strumenti tal-Politika Barranija (DG FPI), id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Ewropea tal-Viċinat u n-Negożjati għat-Tkabbir (DG NEAR) u d-Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp (DG DEVCO) fl-2017, l-SEAE kompla bl-isforzi tiegħu biex jirfina l-istrateġija tiegħu kontra l-frodi; jenfasizza li għandha tiġi implimentata aktar kooperazzjoni mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi u l-Kummissjoni (id-Direttorati Ġenerali li jaġixxu fi kwistjonijiet esterni, bħad-DG FPI, DG NEAR u DG DEVCO); jinnota b'aprezzament is-sensibilizzazzjoni fost il-kapijiet ta' delegazzjoni bi qbil mad-DG DEVCO u d-DG NEAR dwar il-prevenzjoni u r-rappurtar ta' frodi permezz tal-prinċipju ta' kontroll intern tiegħu "Prevenzjoni ta' frodi"; jilqa' l-fatt li s-SEAE huwa membru tan-Netwerk għall-Prevenzjoni u d-Detezzjoni tal-Frodi ppresedut mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF);
57. Jistieden lis-SEAE biex fir-rapport tal-attività annwali tiegħu jindika l-għadd ta' każijiet riferuti lill-OLAF u ta' investigazzjonijiet li għadhom għaddejjin mill-OLAF relatati ma' kunflitt ta' interess potenzjali fis-SEAE;
58. Jinnota li fl-2018 kien hemm każ wieħed irrapportat ta' żvelar ta' informazzjoni protetta minn persuna esterna kontra membru tal-persunal tal-Kummissjoni f'delegazzjoni tal-Unjoni; jitlob lis-SEAE jipprovi lill-Parlament b'informazzjoni dwar il-politika u l-proċeduri li għandu fis-seħħ, speċjalment fid-delegazzjonijiet, meta jiffaċċja każ ta' żvelar ta' informazzjoni protetta;
59. Jappoġġa l-isforzi tas-SEAE biex tittejjeb it-trasparenza billi jiġi promoss u mtejjeb ir-Reġistru tas-SEAE, li permezz tiegħu ċ-ċittadini jkun jistgħu jitolbu aċċess għal dokumenti; jinnota b'sodisfazzjon li ċ-ċittadini użaw ir-Reġistru tas-SEAE bi frekwenza ogħla meta mqabbel mal-2017; jitlob lis-SEAE jiżgura rispons rapidu għat-talbiet taċ-ċittadini;
60. Jilqa' d-dħul fis-seħħ fl-2020 tat-tliet deċiżjonijiet konġunti dwar il-kundizzjonijiet ta' impjeg, il-Fond LA-Medical u LA-Provident, li jintroduċu qafas ġdid ta' regoli għall-aġenti lokali fid-delegazzjonijiet sabiex jiġu modernizzati u mtejjba l-iskemi tas-sigurtà soċjali; jilqa' l-ewwel stħarriġ konġunt bejn il-persunal tas-SEAE u l-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet fl-2018; jappoġġa t-tnedija ta' awditjar intern dwar ir-reklutaġġ u l-ġestjoni tal-aġenti lokali biex jiġu rimedjati ċerti dgħufijiet misjuba mill-Qorti fil-proċeduri ta' reklutaġġ ta' aġenti lokali fid-delegazzjonijiet (jiġifieri nuqqas ta' trasparenza fir-rigward ta' ċerti stadji tal-proċedura);
61. Jieħu nota tal-awditu tas-servizz tal-awditjar intern dwar "koordinazzjoni KE-SEAE" u jinnota b'aprezzament il-konklużjoni tal-awditjar li l-attivitajiet ta' koordinazzjoni bejn is-servizzi tal-Kummissjoni (DG DEVCO, DG NEAR u DG FPI) u s-SEAE huma ġeneralment effettivi u effiċjenti; jinnota madankollu l-ħtieġa li tiġi definita stampa mhux frammentata tal-assistenza esterna ġenerali tal-Unjoni għal pajjiż partikolari u l-ħtieġa li, f'koordinazzjoni mad-DG DEVCO u d-DG NEAR, tissaħħaħ il-valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni bi żvilupp ta' opinjoni komuni dwar l-inċertezza u strateġiji ta' mitigazzjoni;
62. Jiġbed l-attenzjoni għas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali tal-Qorti Nru 15/2018 "Tisħiħ tal-kapaċità tal-forzi tas-sigurtà interna fin-Niġer u fil-Mali: progress limitat u bil-mod"; jistieden lis-SEAE biex (i) jieħu miżuri biex itejjeb l-effiċjenza operattiva tal-missjonijiet billi jipprovi gwida prattika adegwata u appoġġ suffiċjenti, (ii) itejjeb ir-rata ta' okkupanza tal-postijiet tal-persunal fil-missjonijiet, (iii) jistabbilixxi mandati u baġits biex iqabbel l-operazzjonijiet u jfassal strateġija ta' ħruġ komuni u komprensiva li tiddefinixxi b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabilitajiet fl-istralċ tal-missjonijiet tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni, (iv) iżid l-enfasi fuq l-aspetti ta' sostenibbiltà u (v) itejjeb l-indikaturi tal-prestazzjoni u l-valutazzjonijiet tal-impatt tas-SEAE biex jimmonitorja u jevalwa b'mod adegwat it-tweqqi tal-kompiti;

63. Jappoġġa t-tisħiħ tar-rabta bejn it-tfassil tal-politika, id-diplomazija pubblika u l-komunikazzjoni strateġika; jinnota, f'dan il-kuntest, li EUR 3 miljuni ġew allokati lis-SEAE fl-2018 (meta mqabbel ma' EUR 1,1 miljun fl-2017) biex tiġi kkonsolidata l-azzjoni tal-Komunikazzjoni Strateġika Plus tiegħu sabiex jiġu miġġielda d-diżinformazzjoni u t-theddid ibridu, tiġi żviluppata r-reżiljenza għall-indhila barrani filwaqt li jiġi nnutat ukoll l-iżvilupp ta' servizzi ta' intelligence dwar in-negozju;
64. Jissottolinja l-bżonn li tiġi miġġielda l-propaganda biex tinkixef id-diżinformazzjoni u l-influwenza barranija malizzjuża; jisħaq fuq l-importanza tat-Task Force dwar il-Komunikazzjoni Strateġika tas-SEAE u jitlob li din tiġi fornuta bir-riżorsi finanzjarji u ta' persunal meħtieġa;
65. Jilqa' l-ħolqien ta' Sistema ta' Twissija Bikrija, stabbilita fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri, biex tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki relatati mal-kampanji ta' diżinformazzjoni u tikkordina r-reażjonijiet abbażi ta' informazzjoni b'sors miftuħ ipprovduta minn akkademiċi, minn verifikaturi tal-fatti, minn pjattaformi online u minn sħab internazzjonali; iħeġġeġ lis-SEAE jiżviluppa viżjoni fit-tul għas-sistema ta' twissija rapida u jrawwem koordinazzjoni mal-Istati Membri u sħab ewlenin oħra; barra minn hekk, iħeġġeġ lis-SEAE jipprovwovi s-sit web EUvsDisinfo.eu, li fih aktar minn 5 000 każ ta' diżinformazzjoni iżda li ġġenera biss 1,2 miljun viżitatur tal-paġni fl-2018;
66. Jappoġġa l-isforzi magħmula mis-SEAE biex tissaħħaħ il-firxa kollha ta' kwistjonijiet ta' sigurtà fiżika u dik tal-IT mill-persunal u s-sigurtà tal-bini permezz tax-xiri ta' tagħmir ta' sigurtà ġdid, it-taħriġ ta' uffiċjali tas-sigurtà reġjonali biex jiġu ppreservati l-interessi tas-sigurtà tas-SEAE u biex jiġi pprovdut aktar għarfien dwar is-sigurtà permezz tal-implimentazzjoni ta' politika ta' ġestjoni kemm tar-riskju tas-sigurtà formali, kif ukoll tal-isfida taċ-ċibersigurtà; jilqa' b'mod partikolari t-tneġġija ta' programm ta' sensibilizzazzjoni dwar is-sigurtà biex jitnaqqsu r-riskji fil-kwartieri ġenerali, ibbażat fuq s-tħarriġ tal-persunal tal-2018, u s-sistema ta' ġestjoni tar-riskju tas-sigurtà fid-delegazzjonijiet biex jiġi standardizzat ir-rappurtar ta' theddid għas-sigurtà lokali, inklużi riskji fir-rigward tas-saħħa u s-sikurezza; jinkoraġġixxi lis-SEAE biex jkompli politika reali għad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tiegħu;
67. Jilqa' l-ewwel rapport ta' segwitu tar-riżoluzzjoni ta' kwittanza dwar is-SEAE għas-sena finanzjarja 2017 adottat minn maġġoranza tal-Membri u l-impenn tas-SEAE li jindirizza r-rakkomandazzjonijiet u l-ossevazzjonijiet ewlenin li tqajmu matul il-proċedura ta' kwittanza bil-għan li tkompli titjieb il-ġestjoni tal-fondi tal-Unjoni;
68. Jitlob lis-SEAE jipprovdri rapport ta' segwitu għas-sena finanzjarja 2018 f'konformità mal-Artikolu 266 tar-Regolament Finanzjarju;
69. Jilqa' inizzjattivi ġodda biex tittejjeb il-komunikazzjoni fir-rigward taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar l-importanza tad-diplomazija pubblika u l-komunikazzjonijiet strateġiċi bħala aspett integrali tar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni; iħeġġeġ lis-SEAE jinvesti f'komunikazzjonijiet diġitali, permezz tal-midja soċjali u tas-siti web tiegħu; ifaħħar il-fatt li s-SEAE beda juża multiplikaturi biex iwettaq kampanji ta' sensibilizzazzjoni tal-pubbliku madwar l-Ewropa kollha; iħeġġeġ ukoll l-użu ta' pjattaformi ta' netwerks soċjali mingħajr ħlas, b'sors miftuħ u *self-hosted*, u b'kunsiderazzjoni speċjali għall-protezzjoni tad-data tal-utenti;
70. Jiddispijaċih li s-SEAE għad m'għandux sistema ta' ġestjoni ambjentali; jinnota li saru sforzi biex jiġi promoss l-użu ta' vidjokonferenzi; madankollu jitlob lis-SEAE jdaħħal fis-seħħ pjan ta' azzjoni konkret sabiex inaqqas l-impronta ambjentali tal-kwartieri ġenerali u tad-delegazzjonijiet tiegħu;
71. Jilqa' l-programm ta' sekondar fuq żmien qasir bejn is-SEAE u l-Parlament; jenfasizza r-rwol tiegħu fit-tisħiħ tal-fehim reċiproku tal-istrutturi u tal-metodi ta' ħidma ta' kull istituzzjoni biex b'hekk titjieb il-kooperazzjoni bejn iż-żewġ istituzzjonijiet; iħeġġeġ lis-SEAE tippromwovi dan il-programm b'mod aktar attiv fost il-persunal bil-għan li tingħata spinta lin-numru ta' parteċipanti; jirakkomanda wkoll li jiġi estiż il-Programm ta' Skambju Diplomatiku u ta' Sekondar bejn is-SEAE u s-servizzi diplomatiċi tal-Istati Membri li għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-evoluzzjoni ta' kultura diplomatika konġunta.
72. Jenfasizza l-importanza dejjem akbar tal-Politika tal-UE dwar l-Artiku u l-bżonn li tissaħħaħ il-kredibbiltà tal-Unjoni fost is-sħab billi tiġi żgurata l-istabbiltà tal-post ta' Ambaxxatur tal-UE għall-Artiku.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1904 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat 13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena
finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-impriżi konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-impriżi konġunti ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabilità tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05763/2019 — C9-0066/2019),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu, u
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar 2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(b) tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0044/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 26.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta SESAR għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta SESAR, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1905 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-impriżi konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-impriżi konġunti ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabilità tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05763/2019 — C9-0066/2019),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu, u
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar 2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(b) tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0044/2020),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta SESAR, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 26.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1906 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0044/2020),
- A. billi l-Impriża Konġunta SESAR (l-Impriża Konġunta) twaqqfet fi Frar 2007 biex tmexxi l-programm ta' Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR), li huwa intenzjonat li jimmodernizza l-ġestjoni tat-traffiku fl-Unjoni,
- B. billi, wara l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 721/2014, il-programm SESAR 2020 estenda t-tul ta' ħajja tal-Impriża Konġunta sal-31 ta' Diċembru 2024;
- C. billi l-Impriża Konġunta ġiet imfassla bħala sħubija pubblika-privata, bl-Unjoni u l-Eurocontrol bħala membri fundaturi;
- D. billi l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-fażi ta' attwazzjoni tas-SESAR 2020 2014 sa 2024 iffinanzjat minn Orizzont 2020 hija ta' EUR 585 000 000; billi skont il-Ftehimiet ta' Sħubija l-ġodda ta' Orizzont 2020, il-kontribuzzjoni mill-Eurocontrol mistennija li tkun ta' madwar EUR 500 000 000, u l-kontribuzzjoni tas-sħab l-oħra mill-industrija tal-avjazzjoni kienet se tkun ta' mill-inqas ta' EUR 500 000 000 u l-kontribuzzjonijiet in natura mill-Eurocontrol u sħab oħra huma ta' 90 %;

Informazzjoni ġenerali

1. Josserva mir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") dwar il-kontijiet annwali tal-impriżi konġunti tal-UE għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 (ir-'rapport tal-Qorti') li jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fil-31 ta' Diċembru 2018, ir-riżultati tat-tranżazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni;
2. Jirrikonoxxi li r-rapport tal-Qorti jiddikjara li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2018 huma, fl-aspetti materjali kollha, legali u regolari;
3. Jinnota li komunikazzjoni effikaċi hija komponent essenzjali ta' proġetti ta' suċċess iffinanzjati mill-Unjoni. Iqis li huwa importanti li tiżdied il-viżibbiltà tar-riżultati li kisbet l-Impriża Konġunta u li tinxtered informazzjoni li tikkonċerna l-valur miżjud. Jistieden lill-Impriża Konġunta ssegwi politika ta' komunikazzjoni proattiva billi xxerred ir-riżultati tar-riċerka tagħha fost il-pubbliku ġenerali, pereżempju permezz tal-midja soċjali jew ta' organi medjatiċi oħra, u b'hekk tissensibilizza lill-pubbliku dwar l-impatt tal-appoġġ tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-adozzjoni mis-suq;

4. Jitlob lill-Qorti tivvaluta r-robustezza u l-affidabbiltà tal-metodoloġija għall-kalkolu u l-valwazzjoni tal-kontribuzzjonijiet in natura. Il-valutazzjoni għandha tevalwa d-disinn u r-robustezza tal-gwida għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' kontribuzzjoni *in natura* sabiex tassisti fil-proċess ta' ppjanar, rapportar u ċertifikazzjoni tal-kontribuzzjonijiet *in natura*;
5. Ifakkar li s-SESAR hija l-pilastru teknoloġiku tal-inizjattiva tal-Ajru Uniku (SES) u r-rwol tagħha huwa li tikkoordina u timplimenta r-riċerka biex tikkontribwixxi ħalli tingħeleb il-frammentazzjoni tas-SES; jirrimarka li waħda mill-kisbiet ewlenin tal-Impriża Konġunta tinkludi l-ippjanar liberu tar-rotot biex jitnaqqsu t-titjiriet u l-emissjonijiet tal-fjuwil; jemmen għalhekk li l-Impriża Konġunta tista' tintuża aktar biex tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà tas-settur tal-avjazzjoni;
6. Jenfasizza l-importanza tal-ħidma tal-Impriża Konġunta biex tgħin fl-aċċelerazzjoni tal-adozzjoni tal-innovazzjoni; jenfasizza, barra minn hekk, ir-rwol tagħha fl-iżvilupp sinifikanti ta' U-space u l-produzzjoni ta' blueprint li jippermetti l-użu u l-introduzzjoni sikura ta' droni fl-ispazju tal-ajru ta' altitudni baxxa, li jiftaħ it-triq għal settur modern u li qed jikber b'mod rapidu;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

7. Jinnota li, fl-2018, il-baġit f'termini ta' approprjazzjonijiet ta' pagament kien ta' EUR 94 800 000 (EUR 90 900 000 fl-2017), u l-baġit f'termini ta' approprjazzjonijiet ta' impenn kien ta' EUR 129 517 762 (EUR 109 900 000 fl-2017); Inklużi l-appropriazzjonijiet mhux użati tas-snin preċedenti, li l-Impriża Konġunta reġgħet daħlet għalihom fil-baġit tas-sena kurrenti, u d-dħul assenjat, il-baġit totali tal-pagamenti disponibbli kien ta' EUR 166 465 000 (EUR 213 000 000 fl-2017), u l-baġit totali ta' impenn disponibbli kien ta' EUR 175 918 000 (EUR 130 900 000 fl-2017);
8. Jinnota li, f'Diċembru 2016, SESAR 1 ġie formalment magħluq u l-aħħar pagament ta' għotja finali sar f'Diċembru 2017, u approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati ta' EUR 40 000 000 mis-snin preċedenti ġew riportati għall-2018 għar-rimborż ta' kontribuzzjonijiet fi flus riċevuti b'eċċess mill-membri tal-industrija tal-Programm SESAR 1 u għall-ħlas ta' talbiet ta' spejjeż ittardjati iżda li għadhom ġustifikati għas-Seba' Programm Kwadru u l-proġetti TEN-T; jinnota bi tħassib li, fi tmiem l-2018, EUR 1 800 000 (5 %) biss minn dawn l-appropriazzjonijiet setgħu jintużaw għall-pagamenti korrettivi, EUR 20 000 000 (50 %) kellhom jiġu kkanċellati, u EUR 18 200 000 (45 %) ġew riportati għall-2019; jiddispjaċih li, fi tmiem l-2018 fil-fażi ta' għeluq ta' SESAR 1, l-Impriża Konġunta xorta wriet numru kbir ta' impenji miftuħa ta' EUR 61 400 000, u dawn ir-riżorsi allokati lill-Impriża Konġunta mhux se jintużaw b'mod sħiħ;

Implimentazzjoni tal-baġit pluriennali fl-ambitu tas-Seba' Programm Kwadru u t-TEN-T

9. Jinnota li mill-ammont ta' EUR 1 284 300 000 ta' kontribuzzjonijiet in natura u kontribuzzjonijiet fi flus li kellhom isiru mill-membri l-oħra għall-attivitajiet operattivi u amministrattivi tal-Impriża Konġunta (EUR 700 200 000 mill-Eurocontrol u EUR 584 300 000 mill-membri tas-settur tat-traffiku tal-ajru), sa tmiem l-2018 l-Impriża Konġunta ivalidat kontribuzzjonijiet ta' EUR 1 099 800 000 (EUR 560 700 000 mill-Eurocontrol u EUR 539 100 000 mis-settur tat-traffiku tal-ajru);

Implimentazzjoni tal-baġit pluriennali fl-ambitu ta' Orizzont 2020

10. Jinnota li mis-sussidju tal-Unjoni ta' EUR 585 000 000 fl-ambitu ta' Orizzont 2020, sa tmiem l-2018, il-kontribuzzjonijiet fi flus kumulattivi tal-Unjoni (Direttorat Ġenerali għall-Mobilità u t-Trasport, DG MOVE) għall-attivitajiet operattivi tal-Impriża Konġunta ammontaw għal EUR 216 900 000, u li l-membri l-oħra impenjaw ruħhom li jaġhmlu kontribuzzjonijiet in natura u fi flus ta' mill-inqas EUR 1 000 000 000 għall-attivitajiet operattivi tal-Impriża Konġunta SESAR 2020 (ammont stmat ta' EUR 500 000 000 mill-Eurocontrol imqabbel b'madwar EUR 500 000 000 mis-settur tat-traffiku tal-ajru); jinnota, barra minn hekk, li fi tmiem l-2018, il-membri l-oħra kienu kkontribwew EUR 14 400 000 fi flus u kienu taw kontribut in natura EUR 114 000 000 ivalidat, filwaqt li ġiet irrappurtata kontribuzzjoni addizzjonali ta' EUR 120 200 000 in natura, iżda din kienet għadha ma ġietx ivalidata;
11. Jinnota li għal SESAR 2020, fi tmiem l-2018, l-Impriża Konġunta implimentat 81 % u 61 % rispettivament tal-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament disponibbli għall-proġetti ta' Orizzont 2020, u kkanċellat madwar EUR 44 600 000 (35 %) tal-appropriazzjonijiet ta' pagament disponibbli fl-ambitu ta' Orizzont 2020 (ir-rati ta' użu għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament fl-2017 kienu 80,24 % u 67,97 % rispettivament);

12. Jinnota l-osservazzjonijiet tal-Qorti li r-rati baxxi ta' implimentazzjoni u ta' kanċellazzjoni għolja għall-approprijazzjonijiet ta' pagament ta' Orizzont 2020 disponibbli fl-2018 kienu prinċipalment dovuti għall-ippjanar baġitarju konservattiv tal-Impriża Konġunta, u li ma kinux qed jikkunsidraw b'mod sħiħ l-ammont ta' approprijazzjonijiet ta' pagament mhux użati mis-snin preċedenti fl-ippjanar u l-monitoraġġ tal-baġit tagħha;

Prestazzjoni

13. Jinnota l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-Impriża Konġunta fl-2018, b'mod partikolari, il-valuri tal-effett ta' lieva previsti fil-PPP fi tmiem il-programm:

- bil-metodu ta' evalwazzjoni interim: 1,22,
- permezz ta' metodu ta' evalwazzjoni interim raffinat: 1,26,
- għal Orizzont 2020: 2,26, u
- lieva ta' sħubija: 1,74;

14. Jinnota li l-Impriża Konġunta ssodisfat l-oġġettivi politiċi u operattivi ewlenin tagħha kif deskritti fid-Dokument ta' Programmar Uniku għall-perjodu 2017-2019;

15. Ifakkar lill-Impriża Konġunta tieħu miżuri biex tikseb l-effett ta' lieva fil-mira fuq il-perjodu kollu 2014-2020 ta' 1,41;

16. Josserva li l-proporzjon tal-kost tal-ġestjoni (baġit amministrattiv/operattiv) għadu taħt il-5 %, u dan jindika l-istruttura organizzattiva pjuttost żnella u effiċjenti tal-Impriża Konġunta;

17. Jinnota li l-Impriża Konġunta SESAR hija waħda minn fost diversi Impriżi Konġunti li rat sinerġiji aktar operattivi ma' aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni li joperaw fl-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni rispettivi tagħhom, b'mod partikolari, l-Impriża Konġunta u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ikkollaboraw fil-qasam tad-droni;

18. Jinnota li fir-rapport annwali tal-attività tal-Impriża Konġunta għall-2018, l-informazzjoni dwar l-indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri hija mogħtija biss għall-2017 u mhux għall-2018; jinnota li l-informazzjoni għall-2017 hija marbuta mas-sejthet għall-proposti tal-Impriża Konġunta fir-rigward tal-programm Orizzont 2020 fl-2016, biċ-ċifri mogħtija għall-indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin huma kif ġej: il-perċentwal ta' nisa fil-proġetti ta' Orizzont 2020 — 15,4 %; il-perċentwal ta' koordinaturi tal-proġetti nisa — 12 %; il-perċentwal ta' nisa fil-gruppi ta' konsulenza u ta' esperti tal-Kummissjoni, eċċ. — 33,3 %;

19. Jinnota li l-Impriża Konġunta wettqet tliet inizjattivi ewlenin li kienu kruċjali biex tiġi stabbilita l-viżjoni għall-futur tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM) fl-Ewropa fl-2018 u li r-riżultati ta' dawn il-kisbiet, rikonoxxuti mill-komunità tal-ATM kollha, ġew trasferiti lill-Kummissjoni li se tieħu l-passi li jmiss għall-inklużjoni tagħhom fil-qafas leġiżlattiv u politiku tal-avjazzjoni;

20. Jirrikonoxxi li flimkien mar-riżultati tiegħu mill-proġetti ta' Riċerka Esploratorja, l-Impriża Konġunta wriet li hija protagonista fl-innovazzjoni għall-avjazzjoni permezz tal-integrazzjoni ta' parteċipanti ġodda lil hinn mill-atturi tradizzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni tal-ATM;

Proċeduri ta' akkwist u reklutaġġ

21. Jinnota mir-rapport tal-Qorti li, fil-31 ta' Diċembru 2018, l-Impriża Konġunta kellha 42 impjegat (2017: 40);

22. Josserva li, fl-2018, l-Impriża Konġunta ffirmat 48 kuntratt li jinkludu 37 kuntratt speċifiku, li jimplementaw il-kuntratti qafas u l-ftehimiet interistituzzjonali tal-Impriża Konġunta, u kien hemm 12-il proċedura ta' akkwist: ħames proċeduri nnegożjati mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt, ħames proċeduri nnegożjati ta' valur baxx ħafna, baxx u medju, tliet sejthet miftuħa għall-offerti, u premju wieħed;

23. Jinnota li skont il-ftehim tad-delegazzjoni tad-DĠ MOVE, f'Jannar 2018, l-Impriża Konġunta nediet sejħa għal proposti għal studji u dimostrazzjonijiet dwar il-ġestjoni tat-traffiku tad-droni fl-Ewropa (Sejħa U-Space), li l-ammont massimu tal-għotja ta' EUR 9 500 000 huwa ffinanzjat permezz tal-fond tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) tal-Kummissjoni; jinnota bi tħassib serju s-sejbiet tal-Qorti li filwaqt li l-kriterji tal-għoti tas-sejħa rrispettaw b'mod ġenerali l-orjentazzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 ⁽¹⁾, il-Qorti osservat li kien hemm diversi duplikazzjonijiet u inkonsistenzi fost il-kriterji tal-għoti u s-sottokriterji tagħhom, li jistgħu jqiegħdu f'riskju l-effikaċja ġenerali tal-proċess ta' evalwazzjoni tal-għotjiet u jeħtieġ li jiġu indirizzati fil-fażi tad-disinn u t-tħejjija tas-sejħa;

Kontroll intern

24. Jirrikonoxxi li l-proċeduri ta' kontroll *ex ante* tal-Impriża Konġunta huma affidabbli, b'mod partikolari, għall-pagamenti interim u finali tas-Seba' Programm Kwadru, l-Impriża Konġunta ttwettaq awditi *ex post* fuq il-benefiċjarji filwaqt li għall-pagamenti ta' Orizzont 2020 is-Servizz ta' Awditjar Komuni tal-Kummissjoni huwa responsabbli għall-awditi *ex post*; jinnota li r-rati tal-iżball residwu għall-awditi *ex post* li ġew irrappurtati mill-Impriża Konġunta fi tmiem l-2018 kienu ta' 1,29 % għall-proġetti fl-ambitu tas-Seba' Programm Kwadru u 1,33 % għall-proġetti fl-ambitu tal-programm Orizzont 2020;
25. Jirrikonoxxi mis-segwitu li l-Impriża Konġunta tat lir-riżoluzzjoni ta' kwittanza għas-sena finanzjarja 2017 li l-Impriża Konġunta ħadet passi biex tindirizza t-tħassib tal-Parlament, b'mod partikolari, l-Impriża Konġunta ħatret Kap ġdid tat-Tim tal-Baġit u l-Finanzi, li t-tim jinkorpora Uffiċjal għall-Finanzi ġdid u Assistent Finanzjarju ġdid, l-Impriża Konġunta qiegħda fil-proċess li tirrekluta Uffiċjal Finanzjarju Kap, u hemm proċedura baġitarja ġdida li wasslet għal tħejjija f'waqtha ta' baġit dettaljat;

Awditi interni

26. Jinnota li s-Servizz ta' Awditjar Intern (IAS) tal-Kummissjoni ħareġ ir-rapport tal-awditjar finali dwar il-koordinament bejn l-Impriża Konġunta u ċ-Ċentru ta' Appoġġ Komuni (CSC) u l-implimentazzjoni ta' għodod u servizzi CSC, li wassal għal tliet rakkomandazzjonijiet importanti; jinnota li l-Impriża Konġunta stabbiliet pjan ta' azzjoni dettaljat biex tindirizza r-riskji sottostanti għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet, li kien mistenni li jiġi implimentat matul l-2019;
27. Jinnota li fl-2018, il-Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC) wettqet attivitajiet li jiffukaw fuq l-awditjar tal-aċċertament u l-konsultazzjoni tal-impenji; jinnota li l-IAC wettqet awditu ta' segwitu fuq ir-reklutaġġ u pparteċipat b'mod attiv fl-eżerċizzju tal-Valutazzjoni tar-Riskju tal-Impriża Konġunta, li żammet kuntatt mal-IAS, il-Qorti u atturi tal-awditjar rilevanti oħra, issorveljat l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni tal-Impriża Konġunta relatati ma' awditi tal-passat u tat segwitu għall-proċedura ta' kwittanza;
28. Jinnota li l-Impriża Konġunta wettqet sessjoni ta' ħidma dwar il-ġestjoni tar-riskju korporattiv f'Lulju 2018 biex tirrapporta dwar il-ġestjoni tar-riskju u tivvalida l-bidliet ewlenin marbuta mar-riskji korporattivi;

Kwistjonijiet dwar il-fażi ta' attwazzjoni tal-proġett SESAR

29. Josserva li, fl-2019, il-Qorti ppubblikat ir-Rapport Speċjali nru 11/2019 dwar ir-regolament tal-Unjoni għall-modernizzazzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru; jinnota li, fir-Rapport Speċjali tagħha, il-Qorti evalwat kemm il-Kummissjoni kien irnexxielha timplimenta s-SESAR sa mill-2011, jekk l-intervent tal-Unjoni kienx immirat lejn il-proġetti li l-aktar kellhom bżonn ta' appoġġ, u jekk kienx qed iżid il-valur tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru fl-Unjoni; jinnota l-ħtieġa ta' ġestjoni effikaċi tat-traffiku tal-ajru fil-futur sabiex jiġu żgurati s-sikurezza u l-effiċjenza;
30. Jinnota bi tħassib is-sejbiet tal-Qorti li l-maġġoranza tal-proġetti awditjati kienu jiġu ffinanzjati mingħajr l-appoġġ ta' finanzjament mill-Unjoni, kien hemm dgħufijiet fl-implimentazzjoni tal-iskema ta' finanzjament, b'mod partikolari, prijoritizzazzjoni insuffiċjenti, u l-benefiċċji tal-prestazzjoni tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM) f'ambjent operattiv għad iridu jintwerew;
31. Jistieden lill-Kummissjoni tinforma lill-awtorità ta' kwittanza bil-miżuri li jkunu ħadu biex jimmitigaw il-kunflitti ta' interess possibbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-għażla tal-proġetti;
32. Japprova r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti li għandhom l-għan li jindirizzaw il-kwistjonijiet, u jinnota li l-Kummissjoni aċċettat ir-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Qorti; jistieden lill-Kummissjoni tagħti segwitu lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti;

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

Trasport u turiżmu

33. Jinnota li l-Impriża Konġunta ppreżentat il-baġit tagħha f'żewġ taqsimiet separati: (1) SESAR 1 u (2) SESAR 2020; jinnota wkoll li SESAR 1 kienet kofinanzjata mill-programm TEN-T u mis-Seba' Programm Kwadru ta' Riċerka u SESAR 2020 hija kofinanzjata minn Orizzont 2020;
 34. Jinnota li r-rati ta' implimentazzjoni kienu ta' 83 % għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' 47 % għall-appropriazzjonijiet ta' pagament (għal SESAR 1: 99 % u 5 % u għal SESAR 2020: 81 % sa 61 %); jinnota li r-rata baxxa ta' implimentazzjoni globali tal-pagamenti hija prinċipalment dovuta minħabba r-rata baxxa għal SESAR 1, li tirrifletti l-għeluq finanzjarju tal-proġetti tagħha u l-likwidazzjoni tal-programm, u anki l-isforzi tal-Impriża Konġunta biex iżżomm l-ispejjeż operattivi baxxi kemm jista' jkun;
 35. Jenfasizza li kemm l-iżvilupp ulterjuri tal-ispazju tal-ajru Ewropew fil-qafas SES2+ kif ukoll l-inkorporazzjoni tad-droni jirrikjedu biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani;
 36. Jinnota li l-Impriża Konġunta wettqet l-operazzjonijiet tagħha b'rispett sħiħ tal-erba' oqfsa differenti: l-Orizzont 2020, il-FNE, il-Programm U-Space ta' attivajiet ta' dimostrazzjoni għad-droni, kif ukoll żewġ oqfsa speċifiċi għas-Servizz ta' Geo-fencing Attiv u l-istudju biex tiġi żviluppata proposta għall-istruttura futura tal-ispazju tal-ajru Ewropew; jirrikonoxxi li dawn l-oqfsa ġuridiċi differenti jfissru livell għoli ta' kumplessità għall-Impriża Konġunta u għalhekk ifaħħar lill-Impriża Konġunta għal implimentazzjoni b'suċċess ta' proġetti ta' innovazzjoni;
 37. Jenfasizza l-importanza tal-ħidma tal-Impriża Konġunta biex tgħin fl-aċċelerazzjoni tal-adozzjoni tal-innovazzjoni; jenfasizza, barra minn hekk, ir-rwol tagħha fl-iżvilupp sinifikanti ta' U-space u l-produzzjoni ta' blueprint li jippermetti l-użu u l-introduzzjoni sikura ta' droni fl-ispazju tal-ajru ta' altitudni baxxa, li jiftaħ it-triq għal settur modern u li qed jikber b'mod rapidu; jissottolinja l-importanza tal-Impriża Konġunta fit-tħejija tal-aġġornament tal-Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew lejn Ajru Diġitali Ewropew permezz ta' trasformazzjoni diġitali tal-avjazzjoni olistika u ċċentrata fuq il-passiġġieri; jemmen għalhekk li r-rwol tal-Impriża Konġunta għandu jiġi rikonossut u msaħħaħ fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss;
 38. Jinnota li l-Impriża Konġunta kompliet bl-għeluq finanzjarju u amministrattiv ta' SESAR 1; jinnota li r-rata ta' eżekuzzjoni globali reali tal-programm kienet ta' 89,9 %; jinnota li l-Impriża Konġunta għandha EUR 30,7 miljun fil-kont bankarju virtwali tagħha biex tkopri l-obbligi pendenti kollha ta' SESAR 1 u li skont il-previżjonijiet ta' pagament u ta' rkupru l-Impriża Konġunta għandha tagħlaq SESAR 1 bi stima ta' surplus likwidu ta' EUR 30,6 miljun; ifakkar li r-riżultati baġitarji akkumulati għal SESAR 1 se jintużaw biex jiġu rimborżati l-kontribuzzjonijiet likwidi żejda tal-membri tal-Impriża Konġunta u l-ammont mhux użat li jibqa' se jitħallas lura lill-Unjoni;
 39. Jinnota li l-2018 kienet l-ewwel sena ta' SESAR 2020 mingħajr il-proġetti ta' SESAR 1; jinnota, barra minn hekk, li minn EUR 96,0 miljun fi dħul rċevut minn SESAR 2020 fl-2018, il-kontribuzzjoni mill-Unjoni kienet ta' EUR 88,2 miljun filwaqt li l-kontribuzzjoni mill-Eurocontrol kienet ta' EUR 5,2 miljun;
 40. Jinnota li l-appropriazzjonijiet ta' pagament mhux użati fl-2018 irriżultaw f'surplus ta' EUR 19,3 miljun li se jibqa' fl-Impriża Konġunta (li minnhom EUR 0,05 miljun huma għal SESAR 1 u EUR 19,25 miljun għal SESAR 2020) u li s-surplus kumulattiv jammonta għal EUR 77,24 miljun (li minnhom EUR 30,93 miljun huma għal SESAR 1 u EUR 46,31 miljun għal SESAR 2020);
 41. Jinnota li l-aħħar awditi ta' SESAR 1 fir-rigward ta' pagamenti li saru fl-2017 tnedu fl-2018 u r-raba' ċiklu ta' awditi li kien jikkonsisti f'23 eżerċizzju ta' awditjar fi tmien Membri ġie finalizzat; jinsab imħasseb bir-rata ta' żball residwu ta' 5,07 % għas-sena 2018;
 42. Jinnota r-riżultati tal-eżerċizzju tal-2018 ta' valutazzjoni komparattiva fil-qasam tar-Riżorsi Umani: 61,67 % postijiet operattivi, 28,57 % postijiet amministrattivi u 9,76 % postijiet newtrali.
-

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1907 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF)
għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018, skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Fondazzjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0042/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1339/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jwaqqaf Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 82.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0047/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1908 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018, skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Fondazzjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0042/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1339/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jwaqqaf Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0047/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 82.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1909 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0047/2020),
- A. billi, skont ir-rapporti tad-dħul u n-nefqa tagħha ⁽¹⁾, il-baġit finali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (il-“Fondazzjoni”) għas-sena finanzjarja 2018 kien jammonta għal EUR 20 144 018, li jirrappreżenta kważi l-istess ammont tal-2017 (bi tnaqqis żgħir ħafna); billi l-baġit tal-Fondazzjoni huwa kollu derivat mill-baġit tal-Unjoni ⁽²⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-“Qorti”), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2018 (ir-“rapport tal-Qorti”), tistqarr li kisbet aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata għolja ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 99,99 %, li meta mqabbla mal-2017 tirrappreżenta żieda żgħira ta' 0,06 %; jieħu nota tal-fatt li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 98,07 %, li tirrappreżenta tnaqqis ta' 0,10 % meta mqabbla ma' dik tal-2017;

Prestazzjoni

2. Jinnota li l-Fondazzjoni tuża ċerti indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) flimkien ma' indikaturi oħra ta' produttività u kwalità, sabiex tivvaluta l-valur miżjud ipprovdut mill-attivitatiet tagħha, u wkoll sabiex ittejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha;
3. Jinnota li l-Fondazzjoni kisbet rata ta' tlestija tal-attivitatiet ta' 91 % li minnhom 94 % tlestew fil-ħin; jinnota li għal 14 mill-15-il KPI, il-Fondazzjoni rnexxielha taqbeż il-mira tagħha;
4. Jilqa' l-ftehimiet u l-pjanijiet ta' azzjoni annwali tal-Fondazzjoni dwar il-kooperazzjoni foqasma ta' politika li jikkoinċidu ma' dawg tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol u taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali; japprezza l-fatt li l-Fondazzjoni saret il-mexxejja tal-kuntratt bejn l-Aġenziji għall-forniment ta' stħarriġ dwar l-ingaġġ tal-persunal abbażi ta' punti ta' riferiment; ifaħħar din il-prattika bħala eżempju ta' min wieħed isegwi; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Fondazzjoni biex b'mod attiv tikseb aktar kooperazzjoni u kooperazzjoni usa' mal-aġenziji kollha tal-Unjoni;
5. Jinnota li l-Fondazzjoni kienet involuta fl-identifikazzjoni, il-formulazzjoni, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi esterni tal-Unjoni fl-oqasma tal-iżvilupp tal-ħiliet u tal-kapital uman kif ukoll tal-impjiegi; japprezza l-fatt li l-Fondazzjoni hija l-unika aġenzija tal-Unjoni b'mandat li taħdem barra mill-Unjoni biex tappoġġa l-azzjoni esterna tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali, il-ħiliet u s-sistemi tas-suq tax-xogħol u l-iżvilupp tal-kapital uman fil-pajjiżi sħab tal-Unjoni biex b'hekk ittejjeb l-impjegabbiltà u l-prospetti ta' impjeg taċ-ċittadini tagħhom;

⁽¹⁾ ĠU C 120, 29.3.2019, p. 182.

⁽²⁾ ĠU C 120, 29.3.2019, p. 183.

6. Jilqa' l-ħidma tal-Fondazzjoni mal-pajjiżi ġirien tal-Unjoni, il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi tal-Asja Ċentrali u l-kontribut tagħha għall-politiki u l-programmi Pan-Afrikani tal-Unjoni bil-għan li jiġu promossi l-impjegabbiltà u l-inklużjoni soċjoekonomika u jiġi appoġġat bil-qawwa l-oġettiv tal-Fondazzjoni li ttejjeb it-tfassil tal-politiki tagħha fl-ambitu tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ETV) fil-livell dinji;
7. Jinkoraġġixxi lill-Fondazzjoni taħdem fil-qasam tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali, u tgħin lill-pajjiżi jtejbu l-kwalifiki u s-sistemi tal-kwalifiki tagħhom bil-ħsieb li jimmodernizzaw l-ETV għat-tagħlim tul il-ħajja, l-impjegabbiltà u l-kompetittività futura ta' dawk ir-riġuni u l-pajjiżi; jirrikonoxxi li 86 % tal-pajjiżi fejn il-Fondazzjoni kienet attiva wrew progress fl-oqsma tal-kwalifiki, il-governanza, l-impjegabbiltà, il-forniment tal-ETV, it-tagħlim intraprenditorjali, u l-analiżi tal-politiki;
8. Itenni li t-tagħlim tul il-ħajja ġie identifikat fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU, il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp u r-Rapport Globali tal-ILO dwar il-futur tax-xogħol bħala essenzjali għal tkabbir sostenibbli u soċjetà stabbli u inklużiva u jirrakkomanda li dan għandu jibqa' ċentrali għall-ħidma tal-Fondazzjoni;
9. Jinnota b'dispaċir mir-rapport tal-Qorti li ma kien hemm l-ebda evidenza li l-proċedura ta' akkwist li permezz tagħha kienu jaħdmu ħames ħaddiema interim għall-Fondazzjoni wasslet għall-għoti tal-kuntratt bl-aħjar kwalità meta mqabbla mal-prezz; jaqbel mal-osservazzjoni tal-Qorti f'dan ir-rigward li l-Fondazzjoni għandha tuża kriterji ta' għoti li jiffokaw fuq l-elementi kompetittivi tal-prezz;
10. Jilqa' l-fatt li l-Fondazzjoni implimentat azzjonijiet li wasslu għall-għeluq formali tar-rakkomandazzjonijiet kollha maħruġa mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni mill-awditu tal-2017 tal-monitoraġġ tal-progress fl-ETV u li r-rata ta' implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet ta' awditi interni hi ta' 100 % għat-tielet sena konsekuttiva;
11. Jenfasizza l-fatt li t-trasparenza u l-għarfien taċ-ċittadini fir-rigward tal-eżistenza tal-aġenziji huma essenzjali għar-responsabbiltà demokratika tal-istess aġenziji; iqis li l-kapaċità u l-faċilità tal-użu tar-riżorsi u tad-data tal-aġenziji huma ta' importanza fundamentali; jappella, għalhekk, għal valutazzjoni dwar kif id-data u r-riżorsi qed jiġu ppreżentati u magħmula disponibbli attwalment, u dwar kemm iċ-ċittadini jsibuha faċli biex jidentifikawhom, jagħrfuhom u jużawhom; ifakkar li s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku f'dan ir-rigward tista' titqajjem mill-Istati Membri permezz tal-iżvilupp ta' pjan komprensiv biex jintlaħqu aktar ċittadini tal-Unjoni;

Politika dwar il-persunal

12. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2018, 98,84 % tat-tabella tal-persunal kienet kompluta, u li kienu nħatru 85 aġent temporanju mit-total ta' 86 awtorizzati skont il-baġit tal-Unjoni (meta mqabbel ma' 88 post awtorizzati fl-2017); jinnota li, barra minn hekk, 39 aġent kuntrattwali u esperti nazzjonali sekondat wieħed kienu qed jaħdmu għall-Fondazzjoni fl-2018;
13. Jinnota li huma meħtieġa aktar sforzi biex jinkiseb bilanċ aħjar bejn il-ġeneri fost il-manijers superjuri (3 irġiel u mara waħda); jinnota b'sodisfazzjon, madankollu, li ntlaħaq bilanċ bejn il-ġeneri fil-bord tat-tmexxija (14-il irġiel u 14-il mara);
14. Jinnota li l-Fondazzjoni għandha diversi miżuri kontra l-fastidju stabbiliti u li l-impjegati ġodda kollha jattendu sessjoni ta' informazzjoni ppreżentata minn konsulenti li jagħmlu xogħolhom b'mod kunfidenzjali;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

15. Jinnota l-miżuri eżistenti tal-Fondazzjoni dwar u l-isforzi kontinwi tagħha biex tiżgura t-trasparenza, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interessi, u l-protezzjoni tal-informaturi;
16. Jinnota li l-Fondazzjoni żviluppat l-istrateġija tagħha stess kontra l-frodi, abbażi ta' metodoloġija żviluppata mill-OLAF, u ilha li implimentatha sa mill-2014;

Kontrolli interni

17. Jinnota li l-2018 kienet l-ewwel sena sħiħa ta' implimentazzjoni tas-17-il Prinċipju ta' Kontroll Intern tal-Fondazzjoni, wara l-adozzjoni ta' tagħhom mill-bord tat-tmexxija tagħha f'Novembru 2017, u li f'Jannar 2018 il-Fondazzjoni żviluppat metodoloġija u sett ta' indikaturi biex tappoġġa u ssaħħa il-monitoraġġ regolari u l-valutazzjoni annwali tal-kontrolli interni; jistieden lill-Fondazzjoni tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-miżuri meħuda biex ittejjeb is-sitwazzjoni;
18. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, fl-2018 twettqet evalwazzjoni esterna tal-aġenziji tal-Unjoni taħt il-mandat tad-Direttorat-Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni (il-Fondazzjoni EU-OSHA, Eurofound, Cedefop) f'isem il-Kummissjoni fir-rigward tar-rilevanza, l-effikaċja, l-effiċjenza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni ta' tagħhom; jistieden lill-Fondazzjoni tagħti rapport lill-awtorità ta' kwittanza dwar dik l-evalwazzjoni;
19. Jistieden lill-Fondazzjoni tikkonċentra fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tagħha mal-pubbliku, u tikkomunika mal-pubbliku permezz tal-media soċjali u mezzi oħra tal-media;
20. Iħeġġeġ lill-Fondazzjoni tagħmel użu ulterjuri minn soluzzjonijiet diġitali innovattivi, inkluż l-akkwist elettroniku;
21. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 ⁽³⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽³⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1910 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-13 ta' Mejju 2020

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Eurojust (li issa saret l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)) għas-sena finanzjarja 2018

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2019, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018, skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Eurojust fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0041/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI tat-28 ta' Frar 2002 li tistabbilixxi l-Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-għieda kontra l-kriminalità serja ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36 tagħha,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 63 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0048/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138.⁽⁷⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁸⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Amministrattiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Amministrattiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1911 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-13 ta' Mejju 2020

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Eurojust (li issa saret l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)) għas-sena finanzjarja 2018

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità li fuqhom huma bbażati l-kontijiet, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Eurojust fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 – C9-0041/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI tat-28 ta' Frar 2002 li tistabbilixxi Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36 tagħha,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 63 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar regolament finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0048/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138.⁽⁷⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁸⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2018
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Amministrattiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1912 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Eurojust (li issa saret l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0048/2020),
- A. billi, skont ir-rapporti tad-dħul u tal-infiq tagħha ⁽¹⁾, il-baġit finali tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2018 kien jammonta għal EUR 38 606 737, li jfisser tnaqqis ta' 20,71 % meta mqabbel mal-2017; billi t-tnaqqis fil-baġit huwa relatat mat-tnaqqis fil-ħtiġijiet baġitarji fit-titolu 2; billi l-baġit kollu tal-Eurojust ġej mill-baġit tal-Unjoni ⁽²⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2018 ("ir-rapport tal-Qorti"), tistqarr li kisbet aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Eurojust huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irrilewaw frata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 99,94 %, li meta mqabbla mal-2017 tirrappreżenta tnaqqis żgħir ta' 0,03 %; jinnota li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprijazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 86,91 %, li f'fisser żieda ta' 2,96 % meta mqabbla mal-2017;

Prestazzjoni

2. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Eurojust tuża indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) kwantitattivi u kwalitattivi biex tkejjel il-kisbiet tal-oġettivi tagħha għall-attivitàjiet annwali tagħha u l-impatt tagħhom, inklużi l-indikaturi tar-riżultat, l-indikaturi tal-attività/produzzjoni u l-indikaturi operazzjonali/tekniċi/operattivi, kif ukoll l-indikaturi ta' appoġġ/ġestjoni/governanza bil-għan li ttejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha; jinnota li l-Eurojust kienet kapaċi tkejjel u tivvaluta l-kisba ta' 98 mill-119-il KPIs (82 %) stabbiliti għall-2018, li minnhom 72 % tal-miri inizjali ntlaħqu jew inqabżu; jinnota li l-Eurojust introduċiet għadd ta' indikaturi ġodda fil-Programm ta' Ħidma Annwali tal-2018 li għalihom ma teżistix ċifra ta' referenza, u konsegwentement 15 % tal-KPIs ma setgħux jiġu vvalutati; jistieden lill-Eurojust tindirizza din il-kwistjoni u tiżgura li l-indikaturi kollha jkunu jistgħu jiġu vvalutati b'mod xieraq, u tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress miksub sa Ġunju 2020;
3. Jinnota li fl-2018 ġiet żviluppata t-Tieni Fażi tar-ristrutturazzjoni organizzattiva tal-Eurojust, li tipprevedi l-irfinar tal-funzjoni operattiva u t-fassil mill-ġdid tas-servizzi amministrattivi u ta' appoġġ;
4. Ihegġegħ lill-Eurojust tkompli l-ħidma favur id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tagħha;
5. Jilqa' l-fatt li l-Eurojust qed tkompli tiżviluppa kooperazzjoni operattiva b'saħħitha mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u ma' sħab oħra fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni, kif ukoll ma' pajjiżi terzi; jinnota li fl-2018, l-Eurojust nediet negozjati għal ftehim ta' kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta; jinnota li l-Eurojust ikkooperat ukoll mal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi u hija thegġegħ lill-awtoritajiet nazzjonali biex jikkunsidraw l-involvement taż-żewġ korpi fejn xieraq; u barra minn hekk ihegġegħ lill-Eurojust tipparteċipa fi proċeduri ta' akkwist konġunti flimkien mal-Europol u mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini;

⁽¹⁾ ĠU C 108, 22.3.2018, p. 82.

⁽²⁾ ĠU C 108, 22.3.2018, p. 85.

6. Jistieden lill-Europol teżamina l-possibbiltà li tikkondividi riżorsi għal kompiti foqhma ta' trikkib ma' aġenziji oħra b'attivitajiet simili; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Eurojust biex b'mod attiv tipprova tikseb aktar kooperazzjoni u kooperazzjoni usa' mal-aġenziji kollha tal-Unjoni;
7. Ifakkar il-fatt li l-għadd ta' każijiet ġodda kif ukoll in-numru ta' każijiet li għadhom għaddejnin (jiġifieri każijiet li jirrikjedu investigazzjonijiet kumplessi li jistgħu jdumu diversi snin) kiber matul dawn l-aħħar snin u li l-ammont ta' xogħol huwa mistenni li jiżdied aktar minħabba l-mandat il-ġdid li se jidħol fis-seħħ fi tmiem l-2019, b'kont meħud ukoll tar-riżorsi addizzjonali rikjesti biex l-Eurojust tkun tista' tappoġġja l-ħidma tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew; jissottolinja li, apparti l-arrest, il-prosekuzzjonijiet ta' suċċess fl-oqhma ta' kriminalità serja transnazzjonali huma essenzjali għas-sigurtà taċ-ċittadini tal-Unjoni; ifakkar ukoll li fl-2018, kien hemm 17-il ċentru ta' koordinazzjoni, l-istess bħal fl-2017, xhieda tal-popolarità u l-utilità ta' din l-għodda operazzjonali; jisħaq li l-Eurojust twettaq rwol essenzjali fil-katina ta' sigurtà tal-Unjoni u li l-baġit tagħha għandu jikkorrispondi mal-kompiti u l-prijoritajiet tagħha bil-għan li tkun tista' twettaq il-mandat tagħha; għaldaqstant jinsab imħasseb ħafna dwar it-tnaqqis baġitarju qawwi propost mill-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 li jista' jdgħajef il-ħidma tal-Eurojust u b'hekk jippreżenta riskji għas-sigurtà fi ħdan l-Istati Membri; jitlob lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament biex jistieden lid-direttur amministrattiv tal-Eurojust jippreżenta l-ħtiġijiet ta' finanzjament fit-tul previsti tal-Eurojust, inkluż il-punt safejn il-kompiti futuri previsti jistgħu jiġu koperti minn kisbiet fl-effiċjenza, u wkoll li jindirizza l-lakuni operazzjonali li jirriżultaw minn finanzjament insuffiċjenti u l-impatt previst tagħhom fil-ġlieda kontra l-kriminalità transnazzjonali;
8. Jilqa' l-adozzjoni mill-Kulleġġ ta' Strateġija u ta' pjan ta' azzjoni kontra l-frodi f'Novembru 2018;
9. Jenfasizza r-riorganizzazzjoni tal-istruttura ta' governanza tal-Eurojust, li tinkludi s-separazzjoni ċara bejn kwistjonijiet eżekuttivi u operazzjonali, li tnediet fi tmiem l-2018 biex tinkiseb konformità mar-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁾ (ir-Regolament dwar il-Eurojust il-ġdid), li daħal fis-seħħ f'Diċembru 2019; jinnota li l-proposta għall-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Kontroll Intern rivedut kienet ippanjata li tiġi adottata sa tmiem l-2019, u implimentata sa tmiem l-2020;

Politika dwar il-persunal

10. Japprezza l-fatt li, fil-31 ta' Diċembru 2018, kien ġie eżegwit 99,04 % tat-tabella tal-persunal, u li kienu nħatru 207 aġent temporanju mill-209 awtorizzati mill-baġit tal-Unjoni, (meta mqabbla mal-208 post tax-xogħol awtorizzati fl-2017); jinnota li, barra minn hekk, 15-il aġent kuntrattwali u 16-il espert nazzjonali sekondati ħadmu għall-Eurojust fl-2018;
11. Jinnota bi tħassib li ċ-ċifri rrapportati għall-bilanċ bejn il-ġeneri tajjeb fl-ambitu tal-Bord Eżekuttiv għall-2018 huma 20 membru ta' sess maskili u 8 membri ta' sess femminili;
12. Jinnota b'apprezzament li, wara s-suġġeriment tal-Qorti mis-snin preċedenti, il-Eurojust ilha, sa minn Ġunju 2019, tirreklama l-postijiet tax-xogħol battala fuq is-sit web tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal, bl-użu tal-possibbiltà li tippubblika t-titli ta' tali postijiet tax-xogħol battala fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni b'link għat-test sħiħ bl-Ingliż biss; iħeġġeġ lill-Eurojust, li f'dak li jirrigwarda l-persunal ta' grad inferjuri, tikkunsidra l-possibbiltà li tikkondividi persunal u riżorsi ma' aġenziji oħrajn tal-Unjoni;
13. Jinnota b'sodisfazzjon li, fid-dawl tal-kummenti tal-awtorità ta' kwittanza, il-Eurojust se tikkunsidra l-adozzjoni ta' strateġija dwar id-drittijiet fundamentali, li tinkludi referenza għad-drittijiet fundamentali f'kodiċi ta' kondotta li jista' jiddefinixxi d-dmirijiet tal-persunal tagħha u t-taħriġ għall-persunal, u ser tagħmel dan f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni u ma' aġenziji oħra tal-Unjoni bil-għan li jiġi garantit approċċ ikkoordinat;

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138).

Akkwist

14. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, matul il-proċedura ta' akkwist negozjata, il-Eurojust iffirmit kuntratt qafas tal-IT ma' kumpanija li pprovdiet l-istess servizz taħt kuntratt qafas preċedenti, mingħajr ma ppubblikat l-avviż ta' kuntratt minn qabel; jinnota li l-pagamenti kollha li saru taħt dak il-kuntratt qafas u l-kuntratti speċifiċi relatati kollha huma irregolari u li proċedura simplifikata hija aċċettabbli biss f'ċirkostanzi speċifiċi li ma ġewx sostanzjati mill-Eurojust; jirrikonoxxi li, skont ir-risposta tal-Eurojust, il-proċedura nnegozjata saret abbażi tal-punt (f) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 134(l) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 ⁽⁴⁾, li jippermetti l-użu ta' din il-proċedura meta bidla tal-fornitur tkun tirriżulta f'inkompatibbiltà jew f'diffikultajiet tekniċi sproporzjonati fit-tħaddim u l-manutenzjoni, u kien għalhekk li dik is-soluzzjoni tqieset l-aktar waħda kosteffettiva; jistieden lill-Eurojust tiżgura konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, trasparenza u demokrazzja

15. Japprezza l-miżuri eżistenti tal-Eurojust u l-isforzi kontinwi tagħha biex tiżgura t-trasparenza, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interessi; jinnota li l-Eurojust adottat id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 2019-02 dwar il-linji gwida tal-Eurojust dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta, li japplikaw għall-persunal kollu; jinnota li, skont il-Eurojust, it-taħriġ dwar dawn regoli ġie pprovdut matul l-2019, kif meħtieġ;
16. Jilqa' l-fatt, li fid-dawl tal-osservazzjonijiet tal-awtorità ta' kwittanza, il-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' interessi fl-abbozz ta' Kodiċi ta' Etika għall-Kulleġġ tal-Eurojust attwalment qiegħda tiġi indirizzata mit-tim tal-proġett dwar ir-Regoli ta' Proċedura; jinnota li għalissa l-Eurojust ippubblikat id-dikjarazzjonijiet ta' nuqqas ta' kunflitti ta' interessi; jistieden lill-Eurojust tippubblika wkoll is-CVs tal-membri tal-Bord Eżekuttiv u tat-tmexxija eżekuttiva tagħha; jinnota li l-Eurojust adottat l-istrateġija aġġornata kontra l-frodi permezz tad-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 2018-19 tas-6 ta' Novembru 2018;

Kontroll intern

17. Jinnota li s-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS), fil-qafas tal-Pjan ta' Awditjar Strateġiku Intern tiegħu 2018-2020 għall-Eurojust fl-2018, ħareġ sitt rakkomandazzjonijiet pendenti mill-awditu dwar il-"Monitoraġġ u r-Rapportar/Elementi Kostitwenti ta' Aċċertament", b'ħamsa minnhom jiġu konklużi mill-Eurojust; jinnota b'sodisfazzjon li l-politika ta' ġestjoni tar-riskju tal-Eurojust ġiet adottata fl-2018, u li fl-2019 se jiġu żviluppati l-pjan ta' implimentazzjoni u r-reġistru tar-riskji, u implimentati sa mill-2020;

Kummenti oħrajn

18. Jirrikonoxxi li, wara t-tmiem b'suċċess taċ-ċaqliqa lejn il-bini l-ġdid tagħha f'Ġunju 2017, ir-riport ta' EUR 2 339 809 ikkonċerna, b'mod predominanti, l-ispejjeż li se jiġu fatturati b'mod retroattiv mill-Istat Ospitanti fl-2018; jinnota, barra minn hekk, li fl-2018, twasslu u tħallsu l-impenji riportati kollha, ħliet EUR 73 000, u l-parti l-aktar sinifikanti ta' dak l-ammont kienet relatata mat-tibdiliet ppjanati li ma ġewx eżegwiti mill-Istat Ospitanti;
19. Jistieden lill-Eurojust tiffoka fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tagħha mal-pubbliku, u tikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja;
20. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 ⁽⁵⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

⁽⁵⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE, Euratom) 2020/1913 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-Impriżi Konġunti ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05763/2019 — C9-0065/2019),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxi l-vantaġġi fuqha ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tagħha,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0049/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 24.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE, Euratom) 2020/1914 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-Impriża Konġunta tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-Impriża Konġunta ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05763/2019 — C9-0065/2019),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxi l-vantaġġi fuqha ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tagħha,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾,

⁽¹⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 426, 18.12.2019, p. 24.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58.

⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0049/2020),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽⁷⁾ ĠUL 122, 10.5.2019, p. 1.

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1915 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0049/2020),
- A. billi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (l-“Impriża Konġunta”) ġiet stabbilita f'Marzu 2007 għal perjodu ta' 35 sena permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom ⁽¹⁾;
- B. billi l-membri tal-Impriża Konġunta huma l-Euratom, irrappreżentata mill-Kummissjoni, l-Istati Membri tal-Euratom, u pajjiżi terzi li kkonkludew ftehim ta' kooperazzjoni mal-Euratom fil-qasam tal-fużjoni nukleari kkontrollata;
- C. billi l-objettivi tal-Impriża Konġunta huma li tipprovdi l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-proġett internazzjonali ITER għall-enerġija mill-fużjoni, li timplimenta l-ftehim ta' approċċ usa' bejn il-Euratom u l-Ġappun, u li tipprepara għall-konstruzzjoni ta' reattur dimostrattiv tal-enerġija mill-fużjoni;
- D. billi l-Impriża Konġunta bdiet taħdem b'mod awtonomu f'Marzu 2008;

Ġenerali

1. Jinnota li r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri (il-“Qorti”) dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2018 (ir-“rapport tal-Qorti”) isib li l-kontijiet annwali huma ppreżentati b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, fir-rigward tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fil-31 ta' Diċembru 2018 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti tagħha għas-sena li kienet għadha kemm intemmet, b'konformità mar-regolament finanzjarju tagħha u mar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni;
2. Jirrikonoxxi l-fatt li t-tranżazzjonijiet li l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2018 huma bbażati fuqhom, fl-aspetti materjali kollha, huma legali u regolari;
3. Jenfasizza l-fatt li l-Impriża Konġunta reġgħet ikkalkulat il-kontribuzzjoni tagħha għall-fażi ta' konstruzzjoni tal-proġett għal EUR 12 000 000 000, żieda mis-EUR 6 600 000 000 approvati mill-Kunsill fl-2010; jinnota li ċ-ċifra ma tinkludix kontinġenzi, minkejja li l-Kummissjoni ssuġġeriet li kontinġenza sa 24 xahar f'termini ta' skeda u minn 10 % sa 20 % f'termini ta' baġit tkun xierqa;
4. Jinnota li f'Novembru 2016, il-Kunsill tal-Organizzazzjoni ITER (il-“Kunsill ITER”) approva linja bażi ġdida tal-proġett ITER; jinnota li l-linja bażi l-ġdida tal-ITER tistma l-kisba tal-“ewwel plażma” u l-bidu tal-fażi operattiva fl-2025 bitlestija tal-fażi ta' konstruzzjoni fl-2035, iżda josserva li l-linja bażi preċedenti tal-2010 smat li l-fażi ta' konstruzzjoni titlesta fl-2020; madankollu, jinnota li l-linja bażi l-ġdida hija meqjusa bħala l-aktar data kmieni possibbli li tista' tinkiseb teknikament;
5. Jinnota li f'Marzu 2017, ir-Renju Unit innotifika lill-Kunsill dwar id-deċiżjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni u mill-Euratom; jinnota bi tħassib li dan jista' jkollu effetti fuq l-attivitàjiet ta' wara l-2020 tal-Impriża Konġunta u tal-proġett ITER;

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxi l-vantaġġi fuqha (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58).

6. Jilqa' l-fatt li f'April 2018 il-Kunsill ta mandat lill-Kummissjoni biex tapprova l-linja bażi l-ġdida tal-ITER fisem il-Euratom u afferma mill-ġdid l-impenn li jqiegħed għad-dispożizzjoni riżorsi fil-limiti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss mingħajr preġudizzju għal negozjati sussegwenti dwar il-QFP, li se jiddeterminaw id-dettalji tal-finanzjament futur ⁽²⁾;
7. Jenfasizza l-fatt li, minbarra l-fażi ta' kostruzzjoni, l-Impriża Konġunta jkollha tikkontribwixxi għall-fażi operattiva tal-ITER wara l-2035 u għall-fażijiet sussegwenti ta' diżattivazzjoni u dekkummissjonar tal-ITER; jieħu nota tal-fatt li l-kontribuzzjoni għall-fażijiet ta' diżattivazzjoni u ta' dekkummissjonar ġew stmati li huma EUR 95 540 000 u EUR 180 200 000 rispettivament; jinnota li l-proġett ITER se jkompli jopera sa ma l-Ftehim ITER jiġi fi tmiemu fl-2042 u li l-Unjoni se tkompli tikkontribwixxi għall-ispejjeż tal-ITER sa dak iż-żmien; jinnota li dawn l-ispejjeż addizzjonali jinkludu l-aħħar sena ta' kontribuzzjonijiet fi flus għall-fażijiet ta' operazzjoni u ta' dekkummissjonar u l-ispejjeż sħaħ tal-fażi ta' diżattivazzjoni;
8. Jinnota li għad hemm ir-riskju ta' aktar żidiet fl-ispejjeż u dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġett meta mqabbel mal-linja bażi approvata attwali għalkemm ittieħdu passi pożittivi biex jittejjbu l-ġestjoni u l-kontroll tal-kontribuzzjoni tal-Impriża Konġunta għall-fażi ta' kostruzzjoni tal-proġett; jistieden lill-Impriża Konġunta ma taqbiż il-linja bażi attwali approvata għall-ispejjeż totali tal-proġett;
9. Jinnota li komunikazzjoni effettiva hija komponent essenzjali ta' proġetti ffinanzjati mill-Unjoni li jirnexxu; iqis li huwa importanti li tiżdied il-viżibbiltà tal-kisbiet tal-Impriża Konġunta u li tinxtered informazzjoni dwar il-valur miżjud tagħhom; jistieden lill-Impriża Konġunta taħdem favur politika ta' komunikazzjoni proattiva billi xxerred ir-riżultati tar-riċerka tagħha fost il-pubbliku, pereżempju permezz tal-midja soċjali jew ta' mezzi oħra tal-midja, u b'hekk tissensibilizza lill-pubbliku dwar l-impatt tal-appoġġ tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-adozzjoni mis-suq;
10. Jitlob lill-Qorti tivvaluta r-robustezza u l-affidabbiltà tal-metodoloġija għall-kalkolu u l-ivvalwar tal-kontribuzzjonijiet *in natura*;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

11. Jinnota li l-baġit finali 2018 disponibbli għall-implimentazzjoni kien jinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 706 230 231 u approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 847 366 988; jinnota li r-rati ta' użu għall-approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament kienu ta' 98,4 % u 96,1 % rispettivament (meta mqabbla ma' 99,9 % u 96,3% fl-2017);
12. Jinnota li, minħabba nuqqasijiet fil-proċess ta' ppjanar tal-baġit fl-2017, l-approprijazzjonijiet ta' pagament meħtieġa fl-2017 u fl-2018 qabżu l-approprijazzjonijiet ta' pagament tal-baġit inizjali; josserva li l-approprijazzjonijiet ta' pagament addizzjonali meħtieġa mill-Impriża Konġunta ammontaw għal EUR 160 700 000, 25 % ogħla mill-baġit inizjali; jieħu nota tat-tweġiba tal-Impriża Konġunta li tgħid li l-Impriża Konġunta hija grata lejn il-Euratom għall-kontribuzzjoni addizzjonali lill-baġit tal-2018 u li l-Impriża Konġunta tixtieq tirrapporta li n-nuqqas ta' approprjazzjonijiet ta' pagament ma kien ikollu ebda impatt jew riskju, peress li EUR 1 37 000 000 tħallu lill-Organizzazzjoni ITER bħala avvanz fuq il-kontribuzzjoni fi flus tal-2019; jinnota li s-sistema ta' previżjoni tal-pagamenti ġiet kompletament imfassla mill-ġdid u integrata fl-għodda l-ġdida ta' ġestjoni finanzjarja, u li din, flimkien mal-istruttura organizzattiva l-ġdida, tiżgura li jkun hemm fis-seħħ ipplanar baġitarju xieraq u li jkun diġà ntuża biex jiddetermina d-dħul tal-baġit tal-2019;
13. Jilqa' l-fatt li mis-EUR 706 200 000 disponibbli għall-approprijazzjonijiet ta' impenn, 98,4 % ġew implimentati permezz ta' impenji individwali diretti (meta mqabbel ma' 96,5 % fl-2017);
14. Jinnota li fl-2018 il-bilanċ tal-eżitu tal-baġit ammonta għal EUR 1 316 734 (meta mqabbel ma' EUR 17 236 192 fl-2017);

⁽²⁾ Kunsill tal-Unjoni Ewropea 7881/18 adottat fit-12 ta' April 2018.

15. Josserva li fl-2018 l-Impriża Konġunta għamlet pagament ta' regolarizzazzjoni li jittrasferixxi EUR 1 000 000 ta' pagamenti awtorizzati u verifikati relatati mal-ispejjeż tal-ivjaġġar fuq xogħol tal-persunal mill-baġit amministrattiv għall-baġit operattiv; jinnota, madankollu, li l-prinċipju baġitarju tal-ispejjeż ta' regolarizzazzjoni ma ġiex irrispettat mill-pagament ta' regolarizzazzjoni; jieħu nota tat-tweġiba tal-Impriża Konġunta li tgħid li tqis li l-pagament ta' regolarizzazzjoni implimentat għal ammont globali u għal partiti mhux differenzjati ma kienx l-aħjar għodda għall-assenjar tan-nefqa minħabba n-nuqqas ta' trasparenza perċepita tiegħu; madankollu, jistenna li t-titjib li nkiseb mid-dipartiment kummerċjali tal-Impriża Konġunta matul l-2019 jiġi kkonfermat mill-Qorti fir-rapport annwali tagħha għall-2019;
16. Jinnota li fl-2018 l-Impriża Konġunta kisbet sitta mill-miri stabbiliti mill-Kunsill ITER u l-Bord ta' Tmexxija tiegħu għal dik is-sena, b'indiċi ta' prestazzjoni skedat ta' 93 % (meta mqabbel ma' 91 % fl-2017, 70 % fl-2016 u 75 % fl-2015); jinnota wkoll id-dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni ITER f'Diċembru 2018 li tikkonferma li 60 % tax-xogħol ta' kostruzzjoni totali skedat għall-ewwel plażma tal-2025 (meta mqabbel ma' 50 % fl-2017) tlesta;

Prestazzjoni

17. Jinnota mir-rapport tal-Qorti li d-deċizzjoni tad-direttur li jibdel il-post tal-impjeg ta' maniġer superjuri li għadu kif ġie rreklutat minn Barcellona għal Cadarache ma kinitx sostnuta b'dokumentazzjoni adegwata biex tiġġustifika l-ispejjeż addizzjonali tas-salarju minħabba l-koeffiċjent ta' korrezzjoni differenti; jilqa' l-fatt li l-Impriża Konġunta tirrikonoxxi fit-tweġiba tagħha li l-bidla tal-post tal-impjeg ma kinitx dokumentata b'mod adegwat, peress li din kienet fi ħdan ir-responsabbiltà tal-awtorità tal-ħatra; josserva li l-Impriża Konġunta kienet qed tiffaċċja xi riskji fil-proġett tal-kojls tal-kamp polojdali li kienu jirrikjedju l-attenzjoni ta' maniġer superjuri; jinnota li d-direttur għalhekk iddeċieda li jitlob lill-kandidat jibda jaħdem minnufih f'Cadarache biex jagħti l-attenzjoni sħiħa tiegħu lill-kriżi tal-kamp polojdali;
18. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Impriża Konġunta implimentat il-ġestjoni tal-valur miksub minflok is-sistema tal-kreditu tal-ITER biex timmonitorja l-progress tal-proġett abbażi tal-proposta tal-grupp ad hoc, li r-riżultati tagħha issa qed jiġu ppreżentati regolament;
19. Jinnota l-progress fuq il-kostruzzjoni tal-ITER fir-rigward tat-tlestija tal-bioshield enormi madwar il-fossa tat-tokamak u l-installazzjoni tal-ewwel komponenti fil-kumplex tat-tokamak;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

20. Jinnota li fl-2017 il-bord ta' tmexxija tal-Impriża Konġunta kompli jimplimenta l-parti tal-akkwist pubbliku tal-istrateġija kontra l-frodi; jinnota li l-Impriża Konġunta adottat lista ta' kontroll abbażi tas-sett tagħha stess ta' indikaturi tar-riskju ta' frodi fl-akkwist, b'mod speċifiku, bnadar ħomor, meqjusa bħala prerekwiżit għall-iżvilupp tal-għodda tal-IT kontra l-frodi, wara li żviluppathom internament; jirrikonoxxi li l-uffiċjal kontra l-frodi u tal-etika kompli jikkoordina l-implimentazzjoni tal-istrateġija kontra l-frodi tal-Impriża Konġunta f'kooperazzjoni mill-qrib mal-unitajiet rispettivi kollha, u jinnota b'apprezzament li fi tmiem l-2018 grupp ta' ħidma kien kompli jżviluppa l-istrateġija kontra l-frodi;

Persunal u reklutaġġ

21. Jinnota li l-Qorti sabet nuqqasijiet sinifikanti fir-rigward tar-reklutaġġ ta' persunal maniġerjali ewlieni; jieħu nota tal-fatt li fit-tweġiba tagħha, l-Impriża Konġunta tgħid li wara l-konstatazzjoni tal-Qorti u bl-użu tal-metodoloġija "six sigma" biex tanalizza, tidentifika u timplimenta t-titjib, l-Impriża Konġunta tejbet ir-robustezza tal-proċess tal-għażla tagħha kif ukoll il-miżuri addizzjonali li qegħdin fis-seħħ bħalissa; jitlob lill-Impriża Konġunta tevita kwalunkwe irregolarità u nuqqas fil-futur;
22. Jinnota li, fi tmiem l-2018, l-Impriża Konġunta kellha 162 mara u 284 raġel fit-tabella tal-persunal tagħha, bl-irġiel jokkupaw il-biċċa l-kbira tal-postijiet fi tlieta mill-ħames kategoriji tal-persunal, filwaqt li aktar minn 50 % tal-aġenti kuntrattwali u tal-uffiċjali tal-Unjoni fpostijiet ta' assistenti huma nisa; jinnota wkoll li 22 Stat Membru kienu rappreżentati fost il-persunal tal-Impriża Konġunta, li l-biċċa l-kbira tal-membri tal-persunal ġew minn tliet Stati Membri, u li erba' membri tal-persunal kienu ġejjin kull wieħed u waħda minnhom minn erba' Stati Membri oħra; iħeġġeġ lill-Impriża Konġunta tipprova tikseb rappreżentanza li hija iktar bilanċjata fuq il-pjan ġeografiku, filwaqt li jirrikonoxxi li dan jiddependi mill-applikanti għal pożizzjonijiet vakanti u minn dawk li jwieġbu s-sejthet għal espressjonijiet ta' interess;

Kontroll intern

23. Jinnota li l-Impriża Konġunta ma segwietx b'mod konsistenti d-dikjarazzjonijiet ta' interessi mill-maniġment superjuri; jinnota b'apprezzament li l-Impriża Konġunta elaborat u daħħlet fis-seħħ xi dokumenti fir-rigward tal-ġestjoni tad-dikjarazzjoni ġenerali ta' interess tal-maniġers kollha u b'konformità mal-Artikolu 13 tar-regoli dwar il-kunflitti ta' interessi tal-Impriża Konġunta; barra minn hekk, josserva li f'Jannar 2019, l-uffiċjal tal-etika organizza sessjoni ta' preżentazzjoni dwar dan is-suġġett lill-maniġers kollha;
24. Josserva li fil-25 ta' Jannar 2018, il-Qorti Ġenerali tat is-sentenza tagħha li annullat ir-riżultati tal-proċedura tal-għażla inklużi d-deċiżjonijiet biex jinħatru kandidati li għaddew mil-listi ta' riżerva tal-proċedura tal-għażla; jinnota li għalkemm l-opinjoni tal-Avukat Ġenerali tad-29 ta' Jannar 2019 appoġġat l-appell tal-Impriża Konġunta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-“Qorti tal-Ġustizzja”) f'April 2018 u ssuġġeriet li l-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-annullament tad-deċiżjonijiet biex jinħatru kandidati li għaddew iżda mhux il-lista ta' riżerva, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali ⁽³⁾; jitlob lill-Impriża Konġunta tikkonforma mar-regoli tal-proċedura tal-għażla sabiex tiġi evitata kwalunkwe litigazzjoni fil-futur;
25. Jinnota li nuqqasijiet fl-istrategġiji ta' komunikazzjoni interna ma żgurawx it-tixrid ta' informazzjoni xierqa dwar l-ispejjeż stmati tal-fażi ta' dekommissjonar fi ħdan l-organizzazzjoni u, għalhekk, l-Impriża Konġunta ma ddivulgat ebda dispożizzjoni għal tali responsabbiltà fil-kontijiet tas-snin preċedenti, li ġew stmati għal EUR 85 200 000; madankollu, jilqa' t-tweġiba tal-Impriża Konġunta li n-nuqqasijiet diġà ġew indirizzati b'żewġ azzjonijiet; li l-maniġment superjuri jittrażmetti lill-uffiċjal tal-kontabbiltà kwalunkwe informazzjoni rilevanti u li l-proċess intern “PM-76 Kontijiet Annwali-ftuħ/ghelug tas-sena finanzjarja” ġie aġġornat f'Mejju 2019;

Akkwist operattiv u għotjiet

26. Jinnota li matul l-2018, ġew varati 55 proċedura ta' akkwist operattiv, u ġew iffirmati 69 kuntratt ta' akkwist operattiv, filwaqt li ġiet varata proċedura ta' għotja waħda u ġew iffirmati tnejn.

⁽³⁾ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Mejju 2019, *Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Energġja mill-Fużjoni vs Yosu Galocha*, C-243/18 P ECLI:EU:C:2019:378.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1916 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (qabel l-20 ta' Diċembru 2018: l-Uffiċċju tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lil-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0061/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1211/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Uffiċċju ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1971 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (l-Uffiċċju tal-BEREC), li jemenda r-Regolament (UE) 2015/2120 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1211/2009 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 28 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0050/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 337, 18.12.2009, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 321, 17.12.2018, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

⁽⁸⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur tal-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1917 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (qabel l-20 ta' Diċembru 2018: l-Uffiċċju tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lil-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0061/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1211/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Uffiċċju ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1971 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (l-Uffiċċju tal-BEREC), li jemenda r-Regolament (UE) 2015/2120 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1211/2009 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 28 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 337, 18.12.2009, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 321, 17.12.2018, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

⁽⁸⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

-
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0050/2020),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jagħti iSTRUZZJONIJET lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur tal-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1918 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (qabel l-20 ta' Diċembru 2018: l-Uffiċċju tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0050/2020),
- A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tagħha⁽¹⁾, il-baġit finali tal-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (l-"Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2018 kien ta' EUR 4 331 000, li jirrappreżenta żieda ta' 2,00 % meta mqabbel mal-2017, u billi l-baġit tal-Aġenzija huwa kompletament derivat mill-baġit tal-Unjoni⁽²⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018 (ir-"rapport tal-Qorti"), tistqarr li kisbet aċċertament raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija kienu affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi kienu legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni baġitarja ta' 99,85 %, li tirrappreżenta tnaqqis ta' 0,09 % meta mqabbla mal-2017; jinnota li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 82,68 %, li tirrappreżenta tnaqqis ta' 4,24 % meta mqabbla mal-2017;
2. Jinnota bi tħassib li l-Aġenzija għet affettwata minn livell għoli ta' dawran tal-impjegati, li huwa ta' riskju għall-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma tal-Aġenzija; jinnota li bħala parti mit-tekniki ta' mitigazzjoni, il-kumitat ta' tmexxija talab li tiġi stabbilita lista ta' riżerva għal 75 % tal-profilu tal-impjegi kollha bil-ħsieb li r-rata ta' postijiet battala tinżamm taħt il-15 %; jinnota li, barra minn hekk, wara l-istabbiliment ta' postijiet ġodda biex jiġi indirzzat il-mandat il-ġdid tal-Aġenzija stabbilit fir-Regolament (UE) 2018/1971, l-Aġenzija rnexxielha tiżgura r-reklutaġġ rapidu ta' tliet membri ġodda tal-persunal mil-listi ta' riżerva eżistenti;

Prestazzjoni

3. Jinnota li l-Aġenzija tuża diversi tipi ta' miżuri bħala indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex tivvaluta l-valur miżjud mogħti permezz tal-attivitajiet tagħha, u biex itejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha;
4. Jirrikonoxxi l-fatt li l-Aġenzija għet ipprovduta b'appoġġ tal-IT imtejjeb, inkluż l-użu ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni speċjalizzata u servizzi ta' sigurtà tal-IT;
5. Jinnota bi tħassib li l-Aġenzija ma tikkondividix riżorsi ma' aġenziji oħra minħabba r-riżorsi proprji limitati tagħha; jinnota, madankollu, li fl-2014 l-Aġenzija ffirmat ftehim dwar il-livell ta' servizz mal-ENISA għall-kondiviżjoni ta' riżorsi fil-qasam tal-kontrolli interni; jinnota li dak il-ftehim ġie tterminat mill-ENISA mill-1 ta' Jannar 2020 b'riżultat ta' bidliet fl-istruttura tal-ENISA minħabba l-mandat ġdid estiż tagħha; jinnota b'sodisfazzjon li l-Aġenzija bdiat proġett konġunt għall-kondiviżjoni ta' infrastruttura tal-IT u proġetti oħra tal-IT ma' diversi impriżi konġunti u aġenziji oħra tal-Unjoni; jilqa' dik l-inizjattiva u jħeġġeġ lill-Aġenzija tkompli tesplora modi possibbli ta' esternalizzazzjoni tal-kompiti tagħha u kollaborazzjoni fuq kompiti li jikkoinċidu ma' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-Unjoni;

⁽¹⁾ ĠU C 108, 22.3.2018, p. 157.

⁽²⁾ ĠU C 108, 22.3.2018, p. 158.

6. Jinnota mir-rapport tal-Qorti li fl-2018 l-Aġenzija nediet sejħa għall-offerti biex tikkonkludi kuntratt qafas li ngħata mingħajr ma ntalbet ebda spjegazzjoni mingħand l-offert rebbieħ għall-offerta li potenzjalment kienet anormalment baxxa; jirrikonoxxi r-risposta tal-Aġenzija li sal-2018 ma kellhiex gwida separata dwar prezzijiet ta' offerti anormalment baxxi, iżda jinnota b'sodisfazzjon li l-Aġenzija introduċiet id-definizzjoni ta' prezz tal-offerta anormalment baxx fil-manwal intern tagħha dwar l-akkwist; jistieden lill-Aġenzija titlob ir-raġunijiet għall-offerti anormalment baxxi u tanalizzahom sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-offerti li potenzjalment ikunu anormalment baxxi;
7. Ihegġegħ lill-Aġenzija taħdem favur id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tagħha;

Politika dwar il-persunal

8. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2018, it-tabella tal-persunal kienet eżegwita 100 %, b'14-il aġent temporanju maħtura minn total ta' 14-il aġent temporanju awtorizzati mill-baġit tal-Unjoni (apparagun ta' 14-il post tax-xogħol awtorizzati fl-2017); jinnota li, barra minn hekk, fl-2018 kien hemm disa' aġenti kuntrattwali u erba' esperti nazzjonali sekondati li kienu qed jaħdmu għall-Aġenzija;
9. Jinnota bi tħassib li l-Aġenzija tiddependi minn riżorsi esterni u minn kumpanija waħda, u dan joħloq riskju għall-kontinwità tal-attivitatiet; jinnota bi tħassib li l-Aġenzija ma għandhiex il-massa kritika ta' persunal u kompetenza; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta allokkazzjoni xierqa tar-riżorsi lill-awtorità tal-baġit.
10. Jinnota b'sodisfazzjon li fi tmiem l-2018, kważi nkiseb bilanċ bejn is-sessi fil-livell tal-persunal (52 % nisa u 48 % irġiel), u nkiseb fpożizzjonijiet ta' maniment intermedju (50 % nisa u 50 % irġiel), u jinnota li nkiseb bilanċ ġeografiku tajjeb, bl-Aġenzija timpjega rappreżentanti minn 13-il Stat Membru; jinsab imħasseb, madankollu, li ma nkisibx bilanċ bejn is-sessi fil-bord maniġerjali, b'ħames nisa biss minn 28 membru; jitlob f'dan ir-rigward lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu l-importanza li jiġi żgurat bilanċ bejn is-sessi meta jippreżentaw in-nomini tagħhom għall-membri tal-bord maniġerjali;
11. Jinnota bi tħassib li fl-2017 il-perjodu medju ta' impjeg fl-Aġenzija kien ta' 2,7 snin biss li huwa rifless fir-rata għolja ta' dawran tal-impjegati; jifhem li l-Aġenzija ssibha diffiċli biex tattira professjonisti, *inter alia* minħabba l-koeffiċjent ta' korrezzjoni tas-salarji baxx tal-pajjiż ospitanti (74,9 %); jenfasizza li r-rata għolja ta' dawran tal-impjegati tenfasizza problemi possibbli bil-politika ta' "bibien iduru" tal-Aġenzija; jistieden lill-Aġenzija tivvaluta mill-ġdid il-politika ta' "bibien iduru" tagħha; jesprimi t-tħassib tiegħu li t-tnaqqis tal-postijiet awtorizzati skont il-baġit tal-Unjoni f'dawn l-aħħar snin u l-kompiti addizzjonali miksuba żiedu l-ammont ta' xogħol tal-persunal tal-Aġenzija; jirrimarka li din is-sitwazzjoni tista' toħloq riskji għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma tagħha; josserva li l-Aġenzija taħdem biex itejjeb il-kundizzjonijiet tal-impjeg għall-persunal tagħha, u li fl-2018 l-Aġenzija bdiet l-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni għall-protezzjoni soċjali; jistieden lill-Aġenzija ssib possibbiltajiet ulterjuri għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien għall-persunal mal-awtoritajiet Latviani bl-għan li jiġi konkluż ftehim għid dwar il-kwartieri ġenerali;
12. jinnota bi tħassib mir-rapport tal-Qorti li fl-4 ta' Mejju 2018 l-Aġenzija ffirmat kuntratt qafas ma' kumpanija għall-forniment ta' servizzi ta' appoġġ segretarjali u klerikali għal durata ta' erba' snin għal ammont massimu ta' EUR 433 433 (pagamenti 2018: EUR 27 655) u li minn Ġunju 2018 bħala medja kien hemm erbgħa mill-membri tal-persunal ta' dik il-kumpanija jaħdmu fl-Aġenzija flimkien ma' 27 impjegat tagħha stess; jenfasizza li l-użu ta' dan il-kuntratt ta' servizz għall-forniment tal-ħaddiema mhuwiex konformi mar-regoli soċjali u tal-impjeg tal-Unjoni u jesponi lill-Aġenzija għal riskji legali u ta' reputazzjoni; jistieden lill-Aġenzija ttrrimedja s-sitwazzjoni u ttrrapporta lura lill-awtorità tal-kwittanza;

13. Jinnota li l-Aġenzija ffirmit kuntratt qafas ma' kumpanija għall-forniment ta' servizzi ta' appoġġ segretarjali u klerikali, iżda jfakkar li s-self ta' membri tal-persunal jista' jseħħ biss permezz ta' kuntratti ma' aġenziji tax-xogħol temporanju awtorizzati u b'konformità mad-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, u mar-regoli speċifiċi adottati mill-Istati Membri; jinnota bi tħassib li l-użu ta' dan il-kuntratt ta' servizz ma jikkonformax mar-regoli soċjali u tal-impjieg tal-Unjoni; jieħu nota tar-risposta tal-Aġenzija li wara proċedura tal-offerti miftuħa, ikkonkludiet kuntratt qafas għall-forniment ta' servizzi ta' appoġġ segretarjali u klerikali, iggarantit tul id-durata tal-kuntratt, u dan huwa differenti mill-użu ta' ħaddiema interim; jinnota li skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt qafas, li huma annessi miegħu, il-kuntrattur huwa meħtieġ jikkonforma mal-qafas legali nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli;

Akkwist

14. Jinnota mir-rapport tal-Qorti li sa tmiem l-2017, l-Aġenzija kienet introduċiet sistemi ta' akkwist-e għal ċerti proċeduri, iżda kienet għadha ma implimentatx fatturar-e u sottomissjoni-e; jinnota mir-risposta tal-Aġenzija li wara l-iffirmar, fl-2018, ta' Memorandum ta' Qbil dwar l-e-PRIOR bejn l-Aġenzija u d-Direttorat Ġenerali għall-Informatika tal-Kummissjoni, inħoloq modulu tal-e-PRIOR għas-sottomissjoni-e ta' offerti għall-Aġenzija;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

15. Jinnota l-miżuri eżistenti dwar u l-isforzi kontinwi tal-Aġenzija biex tiżgura t-trasparenza u l-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess; jindika bi tħassib, madankollu, li hija ma tippubblikax is-CVs tal-membri tal-bord fis-sit web tagħha; jinnota li l-bord maniġerjali beda rieżami tal-politika eżistenti tiegħu b'rabta mal-istabiliment ta' regoli għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess li jipprevedi obbligu għall-membri tiegħu li jippreżentaw flimkien mad-dikjarazzjoni ta' interess tagħhom is-CVs tagħhom, li jiġu ppubblikati fis-sit web tal-Aġenzija;

Kontrolli interni

16. Jirrikonoxxi li finalment l-Aġenzija adottat il-linji gwida tagħha dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta fis-7 ta' Diċembru 2018;
17. Jinnota li fl-2018, l-Aġenzija wettqet eżerċizzju intern biex tivvaluta s-sistemi ta' kontroll intern tagħha, u kkonkludiet li dawn ġew implimentati b'mod effikaċi;
18. Jinnota li fl-2018, is-servizz tal-awditjar intern tal-Kummissjoni ħareġ rapport tal-awditjar bit-titolu "Planning, Budgeting, Monitoring of Activities and Reporting in the Office" (lppjanar, l-baġitjar, Monitoraġġ tal-Attivitajiet u Rappurtar fl-Uffiċċju), li kien segwit minn pjan ta' azzjoni korrettiva;

Kummenti oħra

19. Jinnota li l-Aġenzija wettqet analiżi tal-impatt probabbli tad-deċiżjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni u identifikat il-passi ta' mitigazzjoni meħtieġa; jinnota li l-Aġenzija m'għandha l-ebda membru tal-persunal b'ċittadinanza tar-Renju Unit biss u li għalhekk m'hemm l-ebda riskju relatat ma' kwistjonijiet ta' riżorsi umani;
20. Jistieden lill-Aġenzija tikkonċentra fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tagħha mal-pubbliku, u tikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja;

o

o o

21. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 ⁽⁴⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽³⁾ Id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9).

⁽⁴⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1919 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-13 ta' Mejju 2020

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (li issa saret il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound)) għas-sena finanzjarja 2018

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Fondazzjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0034/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għal titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,
- Regolament (UE) 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jstabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0051/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 30, 31.1.2019, p. 74.⁽⁷⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁸⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1920 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-13 ta' Mejju 2020

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (li issa saret il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound)) għas-sena finanzjarja 2018

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Fondazzjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0034/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għal titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Deleġat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 30, 31.1.2019, p. 74.

⁽⁷⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

⁽⁸⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0051/2020),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1921 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-14 ta' Mejju 2020

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (li issa saret il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound)) għas-sena finanzjarja 2018

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0051/2020),
- A. billi, skont ir-rapporti tad-dħul u n-nefqa tagħha ⁽¹⁾, il-baġit finali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) (il-“Fondazzjoni”) għas-sena finanzjarja 2018 kien ta' EUR 20 760 000, ammont li jfisser żieda ta' 1,37 % meta mqabbel mal-2017; billi l-baġit tal-Fondazzjoni huwa prinċipalment derivat mill-baġit tal-Unjoni ⁽²⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-“Qorti”), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2018 (ir-“rapport tal-Qorti”), tistqarr li kisbet aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 99,58 %, li tirrappreżenta tnaqqis żgħir ta' 0,42 % meta mqabbel mal-2017; jikkonstata l-fatt li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 82,70 %, li tirrappreżenta żieda ta' 2 % meta mqabbla ma' dik tal-2017;

Prestazzjoni

2. Jinnota li l-Fondazzjoni tuża erba' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs), inklużi fis-sistema ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tagħha, li minbarra l-KPIs jikkonsistu minn “metrika” (indikaturi oħra għal proċessi operattivi) u valutazzjoni u evalwazzjoni kwalitattivi, biex jiġi vvalutat il-valur miżjud, inklużi l-eżitu u l-impatt, ipprovduti mill-attivitajiet tagħha, u biex tittejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha;
3. Ihegġegħ lill-Fondazzjoni ssegwi d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tagħha;
4. Jirrikonoxxi l-fatt li l-kisba tar-riżultati tal-programm ta' ħidma previsti għall-2018 kienet 83 % (48 minn 58 riżultat), u li l-Fondazzjoni kkontribwixxiet għal 236 avveniment ta' żvilupp tal-politika (41 % minnhom fil-livell tal-Unjoni);
5. Jinnota li l-Fondazzjoni kompliet il-kooperazzjoni ma' aġenziji oħra tal-Unjoni u implimentat azzjonijiet miftiehma fil-pjanijiet annwali mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), mal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIDE), il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF) u ċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), u kompliet bit-tħejjiet tagħha f'kollaborazzjoni mas-Cedefop dwar ir-raba' Stħarriġ Ewropew dwar il-Kumpaniji;

⁽¹⁾ ĠU C 120, 29.3.2019, p. 177.

⁽²⁾ ĠU C 120, 29.3.2019, p. 179.

6. Jinnota li l-Fondazzjoni, li kienet is-suġġett tal-evalwazzjoni trasversali esterna tal-aġenziji, flimkien mas-Cedefop, l-EU-OSHA u l-ETF, li tkopri l-perjodu mill-2012 sal-2016, u li tiffoka fuq il-valutazzjoni tal-ħidma tal-aġenziji rigward ir-rilevanza, l-effikaċja, l-effiċjenza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni, kif ukoll il-futur tal-erba' Aġenziji, żviluppat pjan ta' azzjoni biex tindirizza r-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni; jistieden lill-Fondazzjoni tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar ir-riżultati tar-rapport finali, b'mod partikolari fir-rigward tal-evalwazzjoni dwar il-valur miżjud tal-Unjoni pprovdut mill-Fondazzjoni, u rigward l-opinjoni dwar il-futur tal-Fondazzjoni;
7. Jistieden lill-Kummissjoni twestaq studju tal-fattibilità sabiex tivvaluta l-possibilità li l-Fondazzjoni tiġi fuża mas-Cedefop; jissottolinja li l-Fondazzjoni u s-Cedefop għandhom ambitu ta' attività simili ħafna u li tali fużjoni tissemplifika l-finanzjament taż-żewġ Aġenziji u tiċċara s-sistema tal-aġenziji tal-Unjoni f'għajnejn il-pubbliku; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra tal-anqas li tistabilixxi sinerġiji kondiviżi mas-Cedefop; jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-alternattivi li ġejjin: it-trasferiment tal-Fondazzjoni lejn il-kwartieri ġenerali tas-Cedefop f'Tessaloniki u t-trasferiment tas-Cedefop lejn il-kwartieri ġenerali tal-Fondazzjoni f'Loughlinstown; josserva li dan ifisser il-kondiviżjoni tas-servizzi istituzzjonali u ta' appoġġ u l-ġestjoni ta' uffiċini komuni, kif ukoll il-kondiviżjoni tal-infrastrutturi bbażati fuq l-ICT, it-telekomunikazzjonijiet u l-Internet, b'ammont kbir ta' flus iffrankati, li jkun jista' jintuża għall-finanzjament ulterjuri taż-żewġ aġenziji;
8. Jinnota li evalwazzjoni esterna tal-aġenziji tal-Unjoni li jaqgħu taħt il-mandat tad-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni tal-Kummissjoni (il-Eurofound, is-Cedefop, l-ETF u l-EU-OSHA) twestqet fl-2018, f'isem il-Kummissjoni, u kienet tirrigwarda r-rilevanza, l-effikaċja, l-effiċjenza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni tagħhom; jistieden lill-Fondazzjoni tinforma lill-awtorità ta' kwittanza bl-eżitu ta' din l-evalwazzjoni;
9. Jenfasizza l-importanza tal-ħidma ta' kwalità għolja tal-Fondazzjoni biex tippovdi għarfien, għarfien espert u appoġġ ibbażat fuq l-evidenza xjentifikament sodi, imparzjali, fil-ħin u rilevanti għall-politika, għall-iżvilupp tal-politika tal-Unjoni u għal dawk li jfasslu l-politika fl-oqsma tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, is-suq tax-xogħol u r-relazzjonijiet industrijali madwar l-Unjoni, u l-importanza li tinżamm in-natura tripartitika tal-mudell ta' governanza tagħha, li jinvolvi organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tal-ħaddiema, gvernijiet mill-Istati Membri kollha, kif ukoll il-Kummissjoni; jilqa' b'mod partikolari l-pubblikazzjoni tar-rapport ta' ħarsa ġenerali tal-Fondazzjoni mill-aktar stħarriġ Ewropew dwar il-kwalità tal-ħajja (EQLS) reċenti u l-pubblikazzjonijiet tagħha relatati mal-futur tax-xogħol u d-diġitalizzazzjoni, b'mod partikolari fil-qasam tax-xogħol fuq pjattaforma diġitali;
10. Jenfasizza l-importanza tal-kontributi tal-Fondazzjoni għall-iżvilupp ta' għodod ta' previżjoni u l-ġbir ta' informazzjoni f'oqsma differenti bħall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-kwalità tal-ħajja, il-futur tax-xogħol, il-manifattura, id-diġitalizzazzjoni u x-xogħol fuq pjattaforma diġitali;
11. Jinnota ż-żieda fl-ammont ta' xogħol tal-Fondazzjoni u ż-żieda fl-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati, u jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati riżorsi materjali u umani adegwati li jippermettu lill-Fondazzjoni timplimenta bis-sħiħ il-kompiti tagħha, filwaqt li tiżgura, b'mod ġenerali, il-prevalenza tal-aġenziji fuq il-kuntratturi privati;
12. Jilqa' l-impenn tal-Fondazzjoni għal sostenibilità ekonomika, soċjali u ambjentali tal-operazzjonijiet tagħha, sabiex jiġi żgurat post tax-xogħol effiċjenti fir-rigward tal-ispejjeż li jsiru u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, kif ukoll għall-użu tal-akkwist pubbliku bħala strument importanti lejn it-tliet kategoriji ta' sostenibilità fl-operazzjonijiet tagħha;
13. Jenfasizza li t-trasparenza u s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini fir-rigward tal-eżistenza tal-aġenziji huma essenzjali għar-responsabbiltà demokratika tagħhom; iqis li l-użu u l-faċilità tal-użu tad-data u r-riżorsi tal-aġenziji huma ta' importanza fundamentali; jitlob, għalhekk, li ssir valutazzjoni dwar kif id-data u r-riżorsi jiġu ppreżentati u magħmula disponibbli attwalment, u dwar kemm iċ-ċittadini jsibuha faċli biex jidentifikawhom, jagħrfu u jużawhom; ifakkar li s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku f'dan ir-rigward tista' titwettaq mill-Istati Membri permezz tal-iżvilupp ta' pjan komprensiv biex jintlaħqu aktar ċittadini tal-Unjoni;

Politika dwar il-persunal

14. Jinnota li fil-31 ta' Diċembru 2018, it-tabella tal-persunal ġiet imwettqa sa 96,70 %, bil-ħatra ta' 88 uffiċjal jew aġent temporanju mit-total ta' 91 awtorizzati taħt il-baġit tal-Unjoni (meta mqabbel ma' 93 post awtorizzati fl-2017); jinnota li, barra minn hekk, 11-il aġent kuntrattwali u espert nazzjonali sekondat wieħed kienu qed jaħdmu għall-Fondazzjoni fl-2018;
15. Jinnota b'sodisfazzjon li kien hemm bilanċ bejn is-sessi fost il-manigiers superjuri (raġel wieħed u mara waħda); jinsab imħasseb, madankollu, li ma hemm l-ebda bilanċ bejn is-sessi fil-livell tal-bord tat-tmexxija (97 raġel u 64 mara);
16. Jilqa' r-riżultati tal-eżerċizzju tal-iskrining tal-impjiegi mwettaq f'Diċembru 2018, li juri livell relattivament għoli ta' stabbiltà minn sena għall-oħra;

Akkwist

17. Jinnota mir-rapport tal-Qorti li l-Fondazzjoni ma qabblitx sistematikament il-prezzijiet u ż-żidiet debitati mal-istimi u l-fatturi li nħarġu mill-fornituri lill-kuntrattur qafas għall-akkwist tal-liċenzji tas-software; jinnota mit-tweġiba tal-Fondazzjoni li dan il-kuntratt qafas ġie sostitwit minn kuntratt qafas multiplu li fih ġew indirizzati l-kwistjonijiet imqajma mill-Qorti, u jħeġġeġ lill-Fondazzjoni tadatta l-kontrolli *ex-ante* fuq il-pagamenti skont il-kuntratti qafas u tiżgura li jkun hemm proċedura kompetittiva għall-akkwisti kollha;
18. Jinkoraġġixxi lill-Fondazzjoni timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti bħal, pereżempju, il-proċess ta' sottomissjoni elettronika;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

19. Jinnota l-miżuri eżistenti tal-Fondazzjoni dwar u l-isforzi kontinwi biex tiżgura t-trasparenza, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, u l-protezzjoni tal-informaturi;

Kontrolli interni

20. Jirrikonoxxi l-fatt li l-Fondazzjoni adottat qafas ta' kontroll intern rivedut li juri bidla minn proċess ibbażat fuq il-konformità għal wieħed ibbażat fuq il-prinċipji;
21. Jinnota b'aprezzament li fl-2018 s-servizz tal-awditjar intern tal-Kummissjoni ffinalizza awditu tal-prestazzjoni dwar il-“prijoritizzazzjoni tal-attivitajiet tal-Fondazzjoni u l-allokazzjoni ta' riżorsi”; jistieden lill-Fondazzjoni tirrapporta r-riżultati ta' dak l-awditu lill-awtorità ta' kwittanza;

Kummenti oħra

22. Jinnota li l-Fondazzjoni qed taħdem biex iżżid is-sostenibbiltà ambjentali tal-operazzjonijiet tagħha, li faċilitajiet ta' vidjokonferenzi ġodda ġew installati matul l-2018 u li l-kumpens għall-emissjonijiet tas-CO₂ qed jiġi diskuss fi ħdan in-netwerk tal-aġenziji;
23. Jistieden lill-Fondazzjoni tikkonċentra fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tagħha mal-pubbliku, u tikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja;
24. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 ⁽³⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽³⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1922 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (li issa saret l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018, skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 – C9-0060/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/942 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 35 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 211, 14.8.2009, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 158, 14.6.2019, p. 22.

⁽⁷⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

⁽⁸⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0052/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1923 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (li issa saret l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018, skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 – C9-0060/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/942 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 35 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Deleġat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 211, 14.8.2009, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 158, 14.6.2019, p. 22.

⁽⁷⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

⁽⁸⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Komitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0052/2020),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1924 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020**

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (li issa saret l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija) għas-sena finanzjarja 2018

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0052/2020),
- A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u n-nefqa ⁽¹⁾ tagħha, il-baġit finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi ("l-Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2018 kien EUR 13 562 000, li jirrappreżenta żieda ta' 2,18 % meta mqabbel mal-2017; billi l-baġit kollu tal-Aġenzija huwa derivat mill-baġit tal-Unjoni ⁽²⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018 ("ir-rapport tal-Qorti"), tistqarr li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet bażi huma legali u regolari,

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 99,26 %, li tfisser li l-Aġenzija għaddiet il-mira pjanata tagħha b'żieda ta' 0,54 % meta mqabbla mal-2017; jinnota b'aprezzament li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet 79,73 %, li tirrappreżenta żieda ta' 3,92 % meta mqabbla mal-2017;

Prestazzjoni

2. Jinnota li l-Aġenzija għadha tuża ċerti miżuri bħala indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex tivvaluta l-valur miżjud ipprovdut mill-attivitàjiet tagħha, b'mod partikolari biex tagħmel stima tal-impatt tal-kodiċijiet tan-netwerk u tal-linji gwida, u biex ittejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha;
3. Jinnota li l-Aġenzija r-nexxielha timplimenta r-Regolament (UE) Nru 1227/2011 ⁽³⁾ u takkumpanja u timmonitorja l-bidla fl-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tan-netwerk li diġà ġew adottati għall-elettriku u l-gass;
4. Jilqa' l-fatt li l-Aġenzija esternalizzat is-servizzi ta' kontabilità lill-Kummissjoni u tikkondividi r-riżorsi ma' Aġenziji oħra fl-oqsma tal-ġestjoni tar-riżorsi umani, il-ġestjoni tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, il-baġit u l-finanzi, l-akkwist u l-ġestjoni tal-faċilitajiet; iqis din l-inizjattiva bħala eżempju li għandu jiġi segwit għal istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni; iħeġġeġ lill-Aġenzija tesplora modi kif ir-riżorsi jistgħu jiġu kondiviżi fuq kompiti li jikkoinċidu fost aġenziji oħra tal-Unjoni b'attivitàjiet simili; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Aġenzija biex b'mod attiv ttipprova tikseb aktar kooperazzjoni u kooperazzjoni usa' mal-aġenziji kollha tal-Unjoni;
5. Iħeġġeġ lill-Aġenzija ssegwi d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tagħha;

Politika dwar il-persunal

6. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2018, 95,52 % tat-tabella tal-persunal kienet kompluta, u li kienu nħatru 64 aġent temporanju mit-total ta' 67 aġent temporanju awtorizzati skont il-baġit tal-Unjoni (meta mqabbel ma' 68 post awtorizzati fl-2017); jinnota, li barra minn hekk, fl-2018 kien hemm 22 aġent kuntrattwali u erba' esperti nazzjonali sekondati qed jaħdmu għall-Aġenzija;

⁽¹⁾ ĠU C 108, 22.3.2018, p. 167.

⁽²⁾ ĠU C 108, 22.3.2018, p. 168.

⁽³⁾ Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1).

7. Jinnota t-tħassib tal-Aġenzija dwar ir-riżorsi addizzjonali inadegwati previsti għall-implimentazzjoni tal-pakkett "Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha", f'termini tal-għadd ta' persunal, il-mument opportun u l-gradi u li l-allokazzjoni tal-persunal tinkludi sehem sproporzjonalment kbir ta' pożizzjonijiet ta' aġenti kuntrattwali (14) meta mqabbel mal-għadd ta' aġenti temporanji (4 biss), minkejja l-kumplessità tal-kompiti l-ġodda assenjati lill-Aġenzija; jinnota li, skont l-Aġenzija, hija mhix ser tkun tista', f'sitwazzjoni bħal din, tissodisfa kif suppost il-mandat estiż tagħha mingħajr l-assenjazzjoni ta' riżorsi addizzjonali;
8. Itenni t-tħassib tiegħu dwar l-iżbilanċ bejn il-ġeneri fost il-membri tal-persunal tal-maniġment superjuri u medju tal-Aġenzija (ħamest irġiel u mara waħda); iqajjem tħassib dwar l-iżbilanċ ġeografiku; jitlob lill-Aġenzija tieħu miżuri sabiex tiżgura bilanċ aħjar ġeografiku u bejn il-ġeneri fil-maniġment superjuri u medju tagħha;
9. Jiddispijaċih dwar l-iżbilanċ bejn il-ġeneri fuq il-bord tal-maniġment tal-Aġenzija, bi 12 minn 17-il membru li huma tal-istess sess;
10. Jitlob lill-Aġenzija tirrapporta lura lill-awtorità ta' kwittanza dwar iċ-ċifri totali tal-każijiet ta' fastidju u tirrapporta lura dwar ir-riżultati ta' każijiet ta' fastidju magħluqa;

Akkwist

11. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, fl-2018 l-Aġenzija kienet introduċiet is-sottomissjoni elettronika, iżda kienet għadha ma introduċietx l-għodod tal-akkwist elettroniku jew tal-fatturazzjoni elettronika żviluppata mill-Kummissjoni biex tiġi introdotta soluzzjoni waħda għall-iskambju elettroniku ta' informazzjoni ma' partijiet terzi li jipparteċipaw fi proċeduri ta' akkwist pubbliku (akkwist elettroniku); jistieden lill-Aġenzija tintroduċi l-għodod kollha meħtieġa biex jiġu ġestiti l-proċeduri ta' akkwist, u tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress li jkun sar f'dak il-qasam;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

12. Jirrikonoxxi l-miżuri eżistenti dwar u l-isforzi kontinwi tal-Aġenzija biex tiżgura t-trasparenza, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u l-protezzjoni tal-informaturi;
13. Jinnota l-passi l-oħra li ttehdhu biex tittejjeb it-trasparenza tal-attivitatijiet tal-Aġenzija billi jiġu rrapportati l-laqqgħat li l-persunal tal-Aġenzija jkollu mal-partijiet ikkonċernati esterni, pereżempju l-laqqgħa tad-direttur mal-organizzazzjonijiet u l-individwi li jaħdmu għal rashom, u d-disponibbiltà tagħhom fuq is-sit web tal-Aġenzija minn Jannar 2018;

Kontrolli interni

14. Jinnota li f'Diċembru 2018, l-Aġenzija adottat qafas ta' kontroll intern tagħha stess; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-implimentazzjoni ta' dawn l-istandards ta' kontrolli interni;
15. Jinnota li fl-2016, is-servizz tal-awditjar intern tal-Kummissjoni (IAS) wettaq valutazzjoni tar-riskju sħiħa, inkluż fir-rigward tal-IT, li rriżultat fi pjan ta' awditjar strateġiku ġdid għall-Aġenzija għall-perjodu 2017-2019 u fformula s-suġġetti tal-awditjar għall-perjodu ta' ppjanar li jmiss; jinnota li fl-2018, l-IAS wettaq awditu dwar is-sigurtà tal-IT fl-Aġenzija fil-qasam tas-sigurtà tal-informazzjoni fid-dominju "REMIT" u li l-Aġenzija ħejjiet pjan ta' azzjoni, skedat għall-implimentazzjoni fl-2019, biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-awditjar finali; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar żviluppi f'dak ir-rigward;

Kummenti oħra

16. Jilqa' l-fatt li fl-2018, l-Aġenzija wettqet analiżi formali tal-impatt probabbli tad-deċiżjoni tar-Renju Unit biex joħroġ mill-Unjoni dwar l-organizzazzjoni, l-operazzjonijiet u l-kontijiet tagħha;
17. Jistieden lill-Aġenzija taqşam ir-riżultati tar-riċerka tagħha mal-pubbliku ġenerali, u biex tikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja;
18. Jirreferi, rigward kummenti oħra ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 ⁽⁴⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1925 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-13 ta' Mejju 2020

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) (qabel il-11 ta' Diċembru 2018: l-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja) għas-sena finanzjarja 2018

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0064/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 47 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99.

⁽⁷⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

⁽⁸⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0053/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1926 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-13 ta' Mejju 2020

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) (qabel il-11 ta' Diċembru 2018: l-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja) għas-sena finanzjarja 2018

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0064/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1.

- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 47 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0053/2020),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għas-sena finanzjarja 2018,
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽⁶⁾ ĠUL 295, 21.11.2018, p. 99.

⁽⁷⁾ ĠUL 328, 7.12.2013, p. 42.

⁽⁸⁾ ĠUL 122, 10.5.2019, p. 1.

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1927 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-14 ta' Mejju 2020

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) (qabel il-11 ta' Diċembru 2018: l-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja) għas-sena finanzjarja 2018

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0053/2020),
- A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tagħha ⁽¹⁾, il-baġit finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) (l-"Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2018 kien ta' EUR 205 657 227, u dan ifisser żieda sinifikanti ta' 32 % meta mqabbel mal-2017; billi ż-żieda kienet relatata mal-kompiti addizzjonali u mat-tisħiħ tal-mandat tal-Aġenzija, filwaqt li l-baġit tal-Aġenzija huwa prinċipalment derivat mill-baġit tal-Unjoni ⁽²⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018 ("ir-rapport tal-Qorti"), issostni li għandha fil-pussess tagħha aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota li l-isforzi ta' monitoraġġ tal-baġit matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 75,18 %; josserva li r-rata baxxa ta' implimentazzjoni hija dovuta għall-impenni pendenti, prinċipalment relatati mal-infiq operattiv soġġett għall-adozzjoni tal-baży ġuridika tagħhom; jinnota, barra minn hekk, li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 94,08 %, u dan ifisser tnaqqis ta' 2,55 % meta mqabbel mal-2017;
2. Jinnota li, wara li ġarrbet dewmien konsiderevoli, il-kostruzzjoni tal-binja l-ġdid tal-Aġenzija fi Strasburgu kellha rata ta' tlestija ta' 88,17 %, skont l-aħħar rapport approvat ta' April 2018 dwar il-progress fix-xogħlijiet, u li l-Aġenzija tipproteġi l-interessi finanzjarji tagħha b'garanzija tal-eżekuzzjoni ta' EUR 1,2 miljun; jinnota li l-Aġenzija rreġistrat dikjarazzjonijiet tad-difiża fil-Qorti tal-Prim' Istanza fi Strasburgu fil-15 ta' Mejju 2018 u fil-15 ta' Frar 2019, u wkoll li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim' Istanza għadha ma nħarġitx; jinnota barra minn hekk li taħditiet bil-għan li jintlaħaq ftehim barra l-qorti reġġu bdew f'April 2019; jitlob li l-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza mingħajr dewmien f'każ li jintlaħaq ftehim barra l-qorti jew, alternattivament, hekk kif tinħareġ is-sentenza tal-Qorti tal-Prim' Istanza;
3. Jinnota bi tħassib li, skont ir-rapport tal-Qorti, ir-rata tal-implimentazzjoni tal-baży tal-Aġenzija kienet iżjed baxxa minn dik ippjanata minħabba li xi atti legali ġew adottati jew daħlu fis-seħħ tard (ħaġa li l-Aġenzija ma kellhiex kontroll fuqha), b'mod li affettwa kemm l-evoluzzjoni tas-sistemi eżistenti kif ukoll l-iżvilupp ta' sistemi ġodda; jinnota li, b'reazzjoni, l-Aġenzija rritornat lill-Kummissjoni EUR 74 000 000 f'appropriazzjonijiet ta' pagament u rriportat EUR 49 000 000 f'appropriazzjonijiet ta' impenn, u b'hekk xeħtet dubju fuq is-suppożizzjonijiet ta' pplanar

⁽¹⁾ ĠU C 120, 29.3.2019, p. 161.

⁽²⁾ ĠU C 120, 29.3.2019, p. 163.

li

jinsabu fir-rapporti finanzjarji leġiżlattivi mħejjija mill-Kummissjoni; jirriveva li l-iskrizzjoni ta' riżorsi baġitarji fil-baġit tal-Aġenzija vvotat fir-rigward talatti leġiżlattivi li għadhom ma ġewx adottati tintroduċi riskji sinifikanti għal ġestjoni finanzjarja soda; jitlob li l-Kummissjoni, flimkien mal-Aġenzija, ittejjeb l-allinjament tal-ippjanar baġitarju mal-kalendarju tal-adozzjoni jew tad-dħul fis-seħħ ta' atti legali;

Prestazzjoni

4. Jinnota l-kooperazzjoni sostnuta tal-Aġenzija ma' aġenziji oħra tal-Unjoni u l-mandat imsaħħaħ mogħti mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2018/1726 ⁽³⁾ f'Diċembru 2018, li jgħib miegħu opportunitajiet ġodda għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni, għall-għoti ta' pariri proattivi u ta' appoġġ u assistenza addizzjonali lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-aġenziji l-oħra attivi fil-qasam tal-ġustizzja u tal-affarijiet interni, kif ukoll għal kollaborazzjoni aktar mill-qrib mal-organizzazzjonijiet internazzjonali;
5. Josserva l-iżvilupp possibbli ta' router ċentralizzat għall-iskambju ta' Informazzjoni Antiċipata dwar il-Passiġġieri u ta' informazzjoni marbuta mar-Reġistri tal-Ismijiet tal-Passiġġieri fost l-Istati Membri; jinnota li l-użu ta' tali informazzjoni għall-kontrolli fuq sistemi tal-IT fuq skala kbira ġie propost bħala element ta' interoperabbiltà ta' interess futur; jinnota wkoll l-istudju ta' fattibbiltà relatat li sar mill-Kummissjoni bejn April 2018 u Jannar 2019;
6. Jinnota, fid-dawl tal-osservazzjonijiet u tal-kummenti li saru fl-2018 mill-awtorità ta' kwittanza, li l-Aġenzija tamministra tliet sistemi tal-IT fuq skala kbira li huma separati u mhumiex integrati bi qbil mal-istrumenti legali rispettivi li jirregolaw it-tali sistemi u li l-iskedi ta' żmien u l-limitazzjonijiet ta' żvilupp differenti li jirriżultaw mit-tali qafas legali wasslu biex is-sistemi tal-IT kellhom jinbnew b'mod separat u mhux integrat; jinnota li l-Aġenzija tirrikonoxxi li dan l-approċċ ma huwa la sostenibbli u lanqas effiċjenti minn perspettiva operattiva jew baġitarja; jilqa' l-fatt li l-Aġenzija varat inizjattiva biex tissimplifika l-arkitettura u d-disinn tas-sistemi bl-użu tal-inizjattiva ta' interoperabbiltà tal-Kummissjoni bħala xprun ewlieni; iħeġġeġ lill-Aġenzija tesplora aktar il-possibiltajiet li jiġu stabbiliti proċeduri komuni u sistemi kondiviżi;
7. Ifakkar, b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt li din l-Aġenzija tindirizza l-interoperabbiltà ta' data sensittiva, l-importanza tal-ġestjoni tad-data u s-servizzi ta' pproċessar u l-ħtieġa li dawn is-servizzi jiġu internalizzati; jenfasisza, f'dan ir-rigward, l-importanza tal-protezzjoni u l-kunfidenzjalità ta' tali data, u r-riskji potenzjali li tinvolvi s-sistema esterna ta' ġestjoni tas-servizzi tal-IT kurrenti;
8. Jilqa' l-istruttura organizzattiva l-ġdida stabbilita mill-Aġenzija biex issaħħaħ il-kapaċitajiet meħtieġa għall-ippjanar operattiv u akkwist assoċjat, inkluż l-għoti ta' input legali u tekniku; jappella, madanakollu, biex isiru aktar sforzi sabiex jiġu żgurati l-konformità mar-regoli tal-akkwist u rrapportar aktar preċiż; jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li l-Aġenzija jaf tikkunsidra li tuża l-metodoloġija tal-International Function Point Users Group, li hija metodoloġija standard biex tiddetermina l-prezz tal-attivitajiet għall-iżvilupp;
9. Jilqa' l-progress li sar rigward ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti meta mqabbel mas-snin preċedenti; jinnota, madankollu, li l-Aġenzija għadha ma tippubblikax l-avviżi ta' postijiet battala fis-sit web tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO); jistieden, għaldaqstant, lill-Aġenzija tieħu passi biex tiżgura l-pubblikazzjoni ta' postijiet battala permezz tas-sit web tal-EPSO;
10. Jinnota li, b'rabta mal-proċeduri dwar l-akkwist elettroniku, l-Aġenzija introduċiet il-fatturar elettroniku u s-sejħiet għall-offerti elettroniċi għal ċerti proċeduri, iżda jinnota li l-introduzzjoni tas-sottomissjoni elettronika ta' offerti għadha ma ġietx konklużiva;
11. Jisħaq fuq l-importanza li tiġi pprovduta data bbażata fuq il-ġeneri sabiex tkun tista' tiġi analizzata l-evoluzzjoni tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost il-membri tal-persunal tal-Aġenzija u fil-korpi governattivi tagħha.

Politika dwar il-persunal

12. Jinnota bi tħassib li, fil-31 ta' Diċembru 2018, it-tabella tal-persunal kienet eżegwita biss 89,71 %, u li kienu nħatru 122 aġent temporanju mill-136 aġent temporanju awtorizzati mill-baġit tal-Unjoni (meta mqabbel mal-13 l post tax-xogħol li kienu awtorizzati fl-2017); jinnota li, barra minn hekk, fl-2018 ħadmu għall-Aġenzija 31 aġent kuntrattwali u 9 esperti nazżjonali sekondati; jilqa' t-tweġiba tal-Aġenzija li din ir-rata ta' eżekuzzjoni tista' tiġi attribwita għall-adozzjoni tardiva ta' atti legali u jħeġġeġ lill-Aġenzija tirrapporta dwar il-progress li jsir fil-ġejjieni;
13. Jinnota bi tħassib l-iżbilanċ bejn il-ġeneri fuq il-bord tat-tmexxija (40 raġel u 6 nisa);

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99).

14. Jinnota, fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet li saru fl-2018 mill-awtorità ta' kwittanza, li l-Aġenzija tagħraf ir-riskji sinifikanti li l-fatt li jkollha ammont żgħir ta' persunal jippreżenta għall-kontinwità tal-operazzjonijiet tagħha; jirrelewa li l-Aġenzija talbet persunal addizzjonali fid-dokumenti ta' programmazzjoni tagħha; jagħraf li tali żieda fil-persunal hija soġġetta għall-approvazzjoni mill-Parlament u mill-Kunsill, u li l-Aġenzija qed ttipprova timmitiga r-riskju billi tirrevedi l-prijoritajiet tal-kompiti u permezz ta' reklutaġġ rapidu; jirrimarka li l-prattika kurrenti li l-persunal meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' att legali jiġi rreklutat biss ladarba tali att legali jkun fis-seħħ jimplika dipendenza fuq il-persunal eżistenti biex iwettaq miżuri preparatorji għall-implimentazzjoni ta' tali att legali, b'mod li l-kapaċitajiet tat-tim ċentrali tal-Aġenzija f'tit jistgħu jlaħħqu, u għalhekk jitqajjem ir-riskju li l-prestazzjoni tal-attivitajiet ta' kuljum tal-Aġenzija tiġi affettwata; jitlob li l-Kummissjoni tawtorizza l-antiċipazzjoni ta' wħud mill-membri tal-persunal previsti fl-ambitu ta' proposta għal att legali biex l-Aġenzija tkun tista' tħejji x-xogħol meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' dak l-att legali;
15. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti bi rbit ma' waħda mill-proċeduri ta' reklutaġġ, il-kumitat ta' selezzjoni tal-Aġenzija, għad-detriment tat-trasparenza tal-proċedura, iddevja mill-avviż ta' post battal ippubblikat u applika punteġġ minimu oġhla minn dak ippubblikat għall-applikanti li kellhom jitqiegħdu fuq il-lista ta' riżerva; jinnota mit-tweġiba tal-Aġenzija l-impenn li ttieħed li tuża diċitura aktar stretta fl-avviżi ta' postijiet battala li għandhom jiġu ppubblikati fil-futur; jilqa' l-fatt li l-Aġenzija minnufih reġgħet aġġustat il-prattika tagħha għall-proċeduri li għaddejjin bħalissa, u li l-linji gwida dwar il-proċeduri ta' reklutaġġ se jinkludu l-prinċipju li s-soll għal-lista ta' riżerva għandu jiġi stabbilit *ex ante*; jitlob li l-Aġenzija tiżgura li l-kriterji ta' selezzjoni ppubblikati jiġu rispettati;
16. Jinnota li, f'Marzu 2018, il-bord tat-tmexxija tal-Aġenzija adotta l-istruttura organizzattiva l-għdida b'antiċipazzjoni tat-tkabbir tal-Aġenzija minħabba t-tweġiba tal-kompiti tagħha wara l-adozzjoni ta' atti legali ġodda tal-Unjoni, u l-persunal addizzjonali awtorizzat f'dak ir-rigward; jinnota li l-Aġenzija kważi se tirdoppja l-għadd tal-persunal tagħha sa tmiem l-2020, u li kien mistenni li r-riorganizzazzjoni tkun kompletament attivata sa tmiem l-2019;

Akkwist

17. Jinnota bi tħassib li, skont ir-rapport tal-Qorti, żewġ pagamenti awditjati għall-forniment ta' servizzi ta' "manutenzjoni korrettiva fil-funzjonament tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen" (MWS) kienu parzjalment irregolari, peress li l-Aġenzija emendat kuntratt speċifiku billi żiedet l-imposti għall-manutenzjoni ta' kull xahar bla ma emendat il-kuntratt qafas tal-MWS biex tippovdi għaż-żieda fil-prezz, u sussegwentement estendiet dak il-kuntratt b'xahar u nofs wara d-data ta' skadenza tal-kuntratt qafas tal-MWS; jenfasisza li l-ammont addizzjonali mħallas fir-rigward tal-manutenzjoni ta' kull xahar u l-pagament għall-manutenzjoni wara li skada l-kuntratt qafas tal-MWS huma irregolari; jinnota r-risposta tal-Aġenzija, li ssostni li kien hemm dewmien minħabba l-varar tal-kuntratt qafas suċċessur, li l-passi addizzjonali li ttieħdu matul il-proċess ta' aġġudikazzjoni rriżultaw fir-reqwizit li l-kontinwità tal-manutenzjoni għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tiġi żgurata, f'konformità mal-obbligi legali tal-Aġenzija, u li għadu għaddej il-proċess ta' finalizzazzjoni tal-ġabra ta' listi ta' kontroll u mudelli għall-proċeduri ta' akkwist u għall-ħolqien tal-kapaċitajiet meħtieġa bħala appoġġ għall-ippjanar tal-attivitajiet operattivi u l-akkwist sottostanti; jitlob li l-Aġenzija tiżgura l-konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku;
18. Jinnota wkoll li, skont ir-rapport tal-Qorti, il-formula stipulata fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta biex tiġi identifikata l-offerta tal-aqwa kwalità għall-kuntratt tal-MWS kienet differenti minn dik ikkomunikata fid-dokument bil-mistoqsijiet u t-tweġibiet għall-offerenti, u li ġew identifikati nuqqasijiet oħra fil-kwalità, il-kompletezza u l-konsistenza tal-informazzjoni pprovduta; jinnota li l-Aġenzija tagħraf il-ħtieġa li jittejjbu u jiġu ddokumentati l-kontrolli tal-konsistenza u l-komparabbiltà bejn l-ippjanar tal-offerti u l-kuntratti effettivi, biex tkun tista' ssir valutazzjoni *ex post* (ħaġa li fil-preżent ma tintużax bħala funzjoni fil-proċess ta' akkwist minħabba nuqqas ta' riżorsi umani); jitlob li l-Aġenzija ssaħħa il-kontroll intern b'rabta mal-akkwist;
19. Jinnota bi tħassib li, skont ir-rapport tal-Qorti, fil-każ ta' kuntratt għall-forniment ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni, l-Aġenzija aġġudikat kuntratt lill-uniku operatur ekonomiku li kien ippreżenta offerta u li l-valur tal-kuntratt aġġudikat kien ta' EUR 144 000, kif kien ippubblikat fl-avviż tal-kuntratt inizjali; jinnota, madankollu, li l-offerta finanzjarja ppreżentata mill-operatur kienet biss ta' EUR 45 700, u dan ifisser li l-kuntratt ġie aġġudikat għal ammont li kien oġhla mill-offerta, ħaġa li mhijiex konformi mar-regoli tal-akkwist pubbliku; jinnota r-risposta tal-Aġenzija, li ssostni li l-offerta finanzjarja kienet maħsuba biss bħala xenarju mhux vinkolanti għall-fini ta' evalwazzjoni tal-offerti, u li l-ħlasijiet effettivi ta' kull xahar huma bbażati fuq il-prestazzjoni reali tas-servizzi skont il-prezzijiet unitarji offruti inizjalment; jitlob li l-Aġenzija ma taġġudikax kuntratti għal prezzijiet li jkunu oġhla mill-offerti tal-offerenti;

20. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, l-Aġenzija estendiet it-tul ta' żmien ta' kuntratt dirett għall-forniment ta' servizzi ta' sigurtà u ta' akkoljenza lil hinn mit-tul ta' żmien tiegħu minn erba' għal sitt snin, b'tali mod li l-valur tal-kuntratt żdied bi 73 % (qagħda li mhijiex konformi mar-Regolament Finanzjarju), u għalhekk il-pagamenti eżegwiti lil hinn mill-perjodu inizjali huma irregolari; jinnota r-risposta tal-Aġenzija, li ssostni li s-sitwazzjoni grat f'ċirkostanzi eċċezzjonali li ġew irrappurtati fil-ħin u li ġew analizzati fir-reġistru tal-eċċezzjonijiet; jirrikonoxxi li ttieħdu deċiżjonijiet biex jiżguraw il-forniment kontinwu ta' servizzi ta' sigurtà; jitlob li l-Aġenzija tiżgura l-konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku;
21. Jilqa' l-fatt li, fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet li saru mill-awtorità ta' kwittanza b'rabta mal-użu estensiv ta' kuntratturi esterni għall-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' proġetti tal-IT, l-Aġenzija qed taħdem fuq strateġija ta' esternalizzazzjoni biex tiżgura l-aħjar użu tar-riżorsi proprji tagħha; jirrileva l-fatt li l-Qorti identifika tendenza orizzontali fost l-aġenziji rigward l-użu ta' persunal estern imqabba bħala konsulenti tal-IT; jenfasizza li jeħtieġ li d-dipendenza tal-Aġenzija fuq ir-reklutaġġ estern f'dan il-qasam tiġi indirizzata b'urġenza; jagħraf li d-deċiżjoni dwar l-allokazzjoni ta' riżorsi suffiċjenti f'termini ta' persunal hija fidejn il-Parlament u l-Kunsill bħala awtoritajiet baġitarji;
22. Ihegġegħ lill-Aġenzija teżamina l-possibbiltajiet għal kondiviżjoni tar-riżorsi għal kompiti li jikkoinċidu fost aġenziji oħra b'attivitajiet simili; ihegġegħ lill-Aġenzija tibda tftitex modi ta' kondiviżjoni ta' persunal mhux esperti f'oqsma bħall-ITC u l-kontabbiltà, b'mod partikolari mal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi bbażat f'Riga u mal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi bbażata f'Helsinki;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u t-trasparenza

23. Jinnota b'sodisfazzjon li, f'Novembru 2018, l-Aġenzija ffinalizzat l-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess għall-membri tal-bord tat-tmexxija u tal-gruppi konsultattivi, li jinkludu l-preżentazzjoni annwali tad-dikjarazzjonijiet ta' interess tagħhom u valutazzjoni tad-dikjarazzjonijiet li saru mill-presidenti tal-bord tat-tmexxija u tal-gruppi konsultattivi rispettivi (skont ma jkun applikabbli) bl-appoġġ tal-Aġenzija; jilqa' l-adozzjoni ta' mudell ġdid ta' dikjarazzjonijiet ta' interess, li wara jiġu ppubblikati fis-sit web tal-Aġenzija; jinnota li l-Aġenzija stabbiliet regoli ġodda dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess għall-membri tal-persunal; jinnota li fl-2018 il-membri kollha tal-persunal ippreżentaw dikjarazzjonijiet ta' interess, li minnhom 31 (jiġifieri 20 % tal-persunal) iddikjaraw interess li ġie vvalutat mis-superjuri ġerarkiċi diretti, u li għal tliet membri tal-persunal (jiġifieri 2 % tal-persunal) ittieħdu azzjonijiet biex jimmitigaw ir-riskju ta' kunflitt ta' interess potenzjali; jiddispijaċih, madankollu, li l-mudell il-ġdid ta' dikjarazzjoni ta' interess ma ġiex applikat ukoll għat-tmexxija eżekuttiva; jinnota b'dispijaċir li għad-direttur eżekuttiv hija disponibbli biss dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interess; jinnota li f'Ġunju 2018 il-bord tat-tmexxija adotta d-deċiżjoni tal-Aġenzija dwar il-linji gwida rigward l-iżvelar ta' informazzjoni protetta; jinnota li, skont ir-risposta tal-Aġenzija, mhemm l-ebda obbligu legali li s-CVs tal-membri tal-bord tat-tmexxija tagħha jiġu ppubblikati; jirrileva f'dan ir-rigward li l-aġenziji tal-Unjoni għandhom ikunu eżemplari f'termini ta' trasparenza, u jitlob li l-membri tal-bord tat-tmexxija jippubblikaw is-CVs tagħhom fis-sit web tal-Aġenzija;

Kontrolli interni

24. Jinnota, fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet li saru mill-awtorità ta' kwittanza b'rabta mar-rakkomandazzjonijiet ta' awditjar li għadhom miftuħa, li r-rata ta' implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni li ġew stabbiliti wara rakkomandazzjonijiet varji ta' awditjar kellha xejra 'l isfel fl-2018, u li l-Aġenzija adottat u implimentat il-qafas ta' kontroll intern rivedut kmieni fl-2019; jinnota li s-servizz tal-awditjar intern stabbilixxa pjan ta' awditjar strateġiku għall-perjodu 2019-2021, abbażi tar-riżultati ta' eżerċizzju ta' valutazzjoni tar-riskju mwettaq fi Frar 2018 kemm fil-kwartieri ġenerali f'Tallinn kif ukoll fis-sit tekniku fi Strasburgu, li jkopri l-proċessi amministrattivi u operattivi ewlenin tal-Aġenzija; jitlob li l-Aġenzija tirrapporta lura lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ta' awditjar;

Kummenti oħra

25. Jinnota, fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet li saru mill-awtorità ta' kwittanza b'rabta mad-dewmien fir-rikostruzzjoni tas-sit operattiv tal-Aġenzija fi Strasburgu u l-kostruzzjoni tal-bini l-ġdid tal-kwartieri ġenerali f'Tallinn, li l-proġett ta' rikostruzzjoni tal-kwartieri ġenerali ġie ffinalizzat mill-gvern Estonjan skont il-pjan oriġinali u li l-Aġenzija ġiet trasferita fis-sit permanenti tagħha f'Lulju 2018; jinnota li x-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni fis-sit operattiv fi Strasburgu ġew iffinalizzati kuntrattwalment f'Ġunju 2018, li d-dewmien kien attribwit għat-tibdil fid-disinn maqbul mal-kuntrattur, u li l-Aġenzija qed taħdem mill-qrib mal-kuntrattur biex jissewewew l-ineffċjenzi tekniċi li nstabu u jsir progress fl-aċċettazzjoni tax-xogħlijiet;

26. Jitlob li l-Aġenzija tiffoka fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tagħha fost il-pubbliku, u tikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u ta' mezzi oħra tal-midja;
27. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Meju 2020 ⁽⁴⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1928 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Istitut fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0062/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 97, 9.4.2008, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0054/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽⁷⁾ ĠUL 122, 10.5.2019, p. 1.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1929 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Istitut fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0062/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li jstabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 97, 9.4.2008, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0054/2020),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1930 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għas-sena (EIT) finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0054/2020),
- A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tiegħu ⁽¹⁾, il-baġit finali tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (l-"Istitut") għas-sena finanzjarja 2018 kien ta' EUR 458 057 031,54, li jirrappreżenta żieda ta' 35,33 % meta mqabbel mal-2017, prinċipalment minħabba l-importanza li qed tiżdied tal-Komunitajiet ta' Konossenza u Innovazzjoni (KKI), speċjalment EIT "Health", EIT "Raw Materjals" u EIT "Food" fl-attivitajiet tagħhom ta' edukazzjoni, innovazzjoni u ħolqien tan-negozju; billi l-kontribuzzjoni kumplessiva tal-Unjoni għall-baġit tal-Istitut għall-2018 tammonta għal EUR 312 886 716 ⁽²⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Istitut għas-sena finanzjarja 2018 (ir-"rapport tal-Qorti"), tiddikjara li kisbet aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Istitut huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni baġitarja ta' 92,05 %, li tirrappreżenta żieda ta' 0,82 % meta mqabbla ma' dik tal-2017; jinnota li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 97,80 %, li tirrappreżenta tnaqqis ta' 1,72 % meta mqabbla mal-2017; josserva li din iż-żieda żgħira fir-rata ta' implimentazzjoni tal-impjenji tirriżulta prinċipalment minħabba żieda fl-eżekuzzjoni tal-impjenji fin-nefqa operazzjonali u, b'mod partikolari, għotjiet lill-KKI tal-Istitut;
2. Jieħu nota tar-risposta tal-Istitut għall-kwittanza tal-2017 li turi li l-bidla għal ftehim ta' għotja pluriennali mal-KKI tal-Istitut fil-perjodu ta' wara l-2020 tiddependi mill-allokazzjonijiet baġitarji għall-2021-2027 u li l-bażi ġuridika futura tal-Istitut għadha qed tiġi nnegozjata;
3. Jinnota bi tħassib li, mir-rapport tal-Qorti, l-Istitut ma ħallasx fil-ħin il-prefinanzjament miftiehem għal żewġ KKI; jistieden lill-Istitut jiġġestixxi, flimkien mal-Kummissjoni, il-ħtiġijiet ta' flus fil-ħin u jevita kwalunkwe riskju ta' mgħax ta' inadempjenza kif ukoll dannu għar-reputazzjoni; jinnota mir-risposta tal-Istitut li l-ħlas tard tal-prefinanzjament lill-KKI kien ikkawżat min-nuqqas ta' disponibbiltà ta' flus kontanti fil-kont bankarju tal-Istitut u li ppjana u ta bidu għal talba għas-sussidju tal-Kummissjoni f'konformità mal-proċeduri rilevanti iżda dan irriżulta f'dewmien fil-pagament, li kien lil hinn mill-kontroll tal-Istitut;

Prestazzjoni

4. Jirrikonoxxi li l-Istitut juża indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) fil-livell tal-istituzzjoni u fil-livell ta' KKI, kif ukoll KPIs ta' Orizzont 2020 orjentati lejn il-ġestjoni u li juża wkoll indikaturi speċifiċi stabbiliti fid-dokument uniku ta' programmazzjoni; jinnota, barra minn hekk, li l-Istitut juża indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni addizzjonali biex itejjeb il-ġestjoni baġitarja tiegħu; jinnota li, wara l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu mill-Kummissjoni u l-Istudju dwar l-Impatt tal-Istitut tal-2017, l-Istitut qed jaħdem biex jistabbilixxi Qafas ta' Impatt ħalli jkejjel l-impatt soċjo-ekonomiku tal-attivitajiet KKI tiegħu;

⁽¹⁾ ĠU C 120, 29.3.2019, p. 213.

⁽²⁾ ĠU C 120, 29.3.2019, p. 214.

5. Jinnota l-fatt li f'Ottubru 2019 l-Istitut esternalizza s-servizzi tal-kontabbiltà lill-Kummissjoni; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Istitut biex b'mod attiv jipprova jikseb aktar kooperazzjoni u kooperazzjoni aktar mifruxa mal-aġenziji kollha tal-Unjoni; iħeġġeġ lill-Istitut jesplora possibilitajiet ta' kondiviżjoni tar-riżorsi fuq kompiti li jikkoinċidu fost aġenziji oħra b'attivitajiet simili;
6. Jinnota li r-riżultati li joħorġu mir-rapport ta' nofs it-terminu tal-Kummissjoni ppubblikat f'Ottubru 2017 li l-Istitut huwa l-uniku korp tal-Unjoni li jintegra bis-sħiħ in-negozju, ir-riċerka u l-edukazzjoni, li l-Komunità tal-Istitut tagħti riżultati innovattivi, u li l-KKI eżistenti jġibu magħhom soluzzjonijiet innovattivi;
7. Jinnota bi tħassib mir-rapport tal-Qorti li l-progress reali lejn is-sostenibbiltà jibqa' limitat għall-KKI, li t-tliet KKI tal-ewwel fażi huma kawża ta' tħassib minħabba l-indikaturi ta' sostenibbiltà finanzjarja baxxa tagħhom, li juru biss tkabbir modest, b'aktar tħassib fir-rigward tal-KKI "Climate", li għandha l-aktar punteġġ baxx; Jieħu nota tar-risposta tal-Istitut li d-dħul iġġenerat mill-KKI żdied minn EUR 23,7 miljun fl-2017 għal EUR 38,4 miljun fl-2018, li qed jinbnew assi mill-KKI biex jiżguraw dħul futur, u li s-sħab tal-KKI u l-KKI jerfġu il-piż ta' kofinanzjament sostanzjali għall-kost tal-attivitajiet tal-KKI, u li l-limiti għall-ispiża tal-ġestjoni tal-Istitut huma stabbiliti kemm fil-livell tal-KKI kif ukoll f'dak tal-membri tal-persunal individwali; jistieden lill-Istitut jikkonċentra fuq strutturi ta' ġestjoni effiċjenti, jirreżamina l-portafoll ta' attivitajiet imwettqa u jipromwovi sorsi ta' dħul alternattivi;
8. Jinnota li l-Komunità tal-EIT laħqet ukoll stadju importanti ieħor fl-2018, kibret għal tmien KKI, kif previst fl-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni EIT għall-2014-2020, inkluża l-għażla tal-EIT "Manufacturing" u l-EIT "Urban Mobility" f'Diċembru;
9. Iħeġġeġ lill-Istitut jaħdem favur id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tiegħu;

Politika dwar il-persunal

10. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2018, it-tabella tal-persunal kienet 97,73 % esegwita, bil-ħatra ta' 43 aġent temporanju minn 44 aġent temporanju li kienu awtorizzati skont il-baġit tal-Unjoni (meta mqabbel mal-41 post awtorizzat fl-2017); jinnota wkoll li, fl-2018, l-Istitut ħaddem 20 aġent kuntrattwali u espert nazzjonali sekondat wieħed;
11. Jinnota fir-rigward tal-bilanċ bejn is-sessi fil-bord tat-tmexxija għall-2018 li hemm erbat irġiel u tmien nisa;
12. Itenni t-tħassib tiegħu abbażi tar-rapport tal-Qorti li r-riżorsi limitati tal-persunal ma jikkorrispondux maż-żieda fil-baġit tal-Istitut u fl-għadd ta' KKI li joħolqu riskju għall-Istitut biex jindirizza l-volum ta' xogħol estiż u biex jintlaħqu l-oġettivi strateġiċi tiegħu;
13. Jinnota li l-Istitut iddeċieda li jadotta manwal għal proċeduri informali għal każijiet ta' fastidju u li d-deċiżjoni tad-Direttur tal-Istitut dwar il-ħatra ta' esperti fl-assistenza psikoloġika kunfidenzjali ser tiġi adottata sa tmiem l-2019; jilqa' l-fatt li l-Istitut jipprovdi, fuq bażi annwali, sessjonijiet ta' taħriġ għall-membri tal-persunal dwar l-etika u l-integrità, b'parti ta' dak it-taħriġ iddedikata għall-fastidju;
14. Jinnota li l-Istitut talab lill-Kummissjoni biex tagħtih seba' postijiet addizzjonali mill-2020 'il quddiem biex jindirizza n-nuqqas ta' persunal strutturali tal-Istitut, u biex ikun jista' jimplementa bis-sħiħ il-programm ta' ħidma tal-Istitut ipplanat għall-2020; jinnota bi tħassib li l-Kummissjoni ma aċċettatx li tapprova l-postijiet addizzjonali mitluba;

15. Jinnota mir-rapport tal-Qorti li, skont l-istatuti tal-Istitut, dan jista' joffri biss kuntratti ta' aġenti temporanji għal massimu ta' ħames snin, li jistgħu jiġu estiżi għal ħames snin oħra, u meta jitqies il-fatt li hemm membri ewlenin tal-persunal li se jilħqu l-massimu ta' għaxar snin fl-2020; jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-kontinwità tal-operazzjonijiet tista' tkun potenzjalment imfixkla; jinnota li t-talbiet tal-Istitut biex isolvi dawn il-kwistjonijiet kuntrattwali skont l-istatut attwali ma ġewx issodisfati mill-Kummissjoni, u li, b'riżultat ta' dan, l-Istitut ma setax joffri estensjonijiet ta' kuntratti għal 10 membri tal-persunal, u jinnota li l-Istitut ħa l-passi meħtieġa biex iniedi sejħiet għal espressjonijiet ta' interess għal dawn il-pożizzjonijiet ewlenin biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-operazzjonijiet;
16. Jilqa' l-fatt li, skont ir-risposta tal-Istitut, id-direttur il-ġdid inħatar bid-deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut tad-19 ta' Awwissu 2019;
17. Jinnota bi tħassib li l-Istitut ħallas kważi EUR 3 000 f'allowances lil ħames membri tal-persunal li għalihom l-Istitut kien diġà qed iħallas miżati għat-tagħlim direttament lill-iskola, li rriżulta f'finanzjament doppju irregolari tal-kost tal-edukazzjoni; jilqa' l-fatt li l-Istitut irregolarizza s-sitwazzjoni permezz ta' rieżami bir-reqqa tal-pagamenti ta' allowances preskolastika, stabbilixxa l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati minn kull membru tal-persunal u stabbilixxa miżuri ta' kontroll addizzjonali għad-drittijiet tal-persunal, jinnota li l-ammonti mħallsa indebitament huma pjanati li jiġu rkuprati matul l-2019; jappella lill-Istitut jirrapporta lill-Qorti u lill-awtorità tal-kwittanza dwar l-ammont irkuprat;

Akkwist

18. Jinnota mir-rapport tal-Qorti li fl-2014 il-Kummissjoni ffirmat, fisem l-Istitut u Istituzzjonijiet u korpi oħra tal-Unjoni, kuntratt qafas għall-akkwist ta' software, liċenzi u l-forniment ta' manutenzjoni u konsulenza tat-IT relatata, u li l-Istitut, fil-kontroll *ex ante* ma vverifikax b'mod sistematiku l-prezzijiet u taż-żidiet applikati mill-kuntrattur qafas meta mqabbla mal-istimi tal-fornituri; jenfasizza li l-pagamenti totali li saru lill-kuntrattur qafas ammontaw għal EUR 64 000; jinnota mir-risposta tal-Istitut li hu segwa l-mekkaniżmu preskritt fil-kuntratt qafas u li l-kuntratt qafas inkwistjoni skada u ġie sostitwit b'wieħed ġdid li jirrikjedi li kull stima għandha tipprovdi separazzjoni bejn il-prezzijiet oriġinali u ż-żieda; jenfasizza l-fatt li l-kuntratt qafas innifsu jista' jillimita l-kompetizzjoni, billi ma hemm l-ebda evidenza li turi li l-kuntrattur qafas jagħżel il-fornituri fuq bażi kompetittiva. jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta lura dwar il-kompetittività tal-kuntratti qafas; jistieden lill-Istitut jadatta l-kontrolli *ex ante* fuq il-pagamenti li jsiru fl-ambitu ta' dawn il-kuntratti u jiżgura li jkun hemm proċedura kompetittiva għall-akkwisti kollha;
19. Jilqa' l-fatt li fl-2018 l-Istitut introduċa sejħa għall-offerti elettronika u preżentazzjoni elettronika u pproċessa diversi sejħiet għall-offerti permezz ta' għodod tal-akkwist elettroniku fl-2019;
20. Jieħu nota tar-risposta tal-Istitut dwar is-sejbiet tal-Qorti fl-2016 relatati mal-proċeduri ta' akkwist tal-entitajiet ġuridiċi tal-KKI, u josserva li l-Istitut ikkuntratta esperti esterni biex jirrieżamina l-politiki u l-proċeduri tal-akkwist fl-2016 u fl-2017; jinnota li l-Istitut introduċa dispożizzjonijiet ġodda fil-ftehimiet ta' għotjiet speċifiċi għall-KKI għall-2018 biex jiġi żgurat l-allinjament tal-politiki tal-akkwist tal-entitajiet ġuridiċi tal-KKI mar-rekwiżiti ewlenin tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku; jinnota li fl-2019 l-Istitut nieda attività ta' monitoraġġ ġdida dwar il-politiki u l-proċeduri tal-akkwist tal-entitajiet ġuridiċi tal-KKI u ċ-ċentri komuni tagħhom;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u t-trasparenza

21. Jikkonstata l-miżuri eżistenti tal-Istitut u l-isforzi kontinwi biex jiġu żgurati t-trasparenza, biex -jipprevenzjenu u biex jiġu ġestiti l-kunflitti ta' interess u biex jipproteġu lill-informaturi; jieħu nota tal-fatt li fl-2018 ġew identifikati u vvalutati diversi każijiet ta' kunflitti ta' interess potenzjali u ttieħdu miżuri adegwati, inkluża l-esklużjoni minn attivitajiet rilevanti fejn ġie identifikat kunflitt ta' interess;
22. Jilqa' l-fatt li l-EIT jippubblika lista ta' esperti esterni flimkien mar-remunerazzjoni mħallsa fuq bażi annwali; u jistieden lill-Istitut idaħħal fis-seħħ rekwiżit li l-esperti esterni jiddikjaraw il-kunflitti ta' interess;

Kontrolli interni

23. Jinnota li, fl-2018, is-servizz tal-awditjar intern (IAS) tal-Kummissjoni wettaq awditu dwar verifika *ex ante* ta' pagamenti lill-KKI, u kkonkluda li jeżistu dgħufijiet sinifikanti ħafna fil-qasam tal-prevenzjoni u l-qbid ta' frodi, għalkemm il-proċeduri għal verifika *ex ante* ta' pagamenti lill-KKI ġeneralment huma effettivi u f'konformità mar-rekwiżiti ġuridiċi ta' Orizzont 2020; jinnota li l-IAS elenka tliet sejbiet li dwarhom l-Istitut aċċetta biss waħda iżda dan fassal pjan ta' azzjoni adegwat għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet kollha, inklużi ż-żewġ sejbiet li ġew rifjutati;
24. Jinnota li l-valutazzjoni tal-2018 dwar l-implimentazzjoni tal-KKI ta' prinċipji ta' governanza tajba, li jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-IAS, ġiet iffinalizzata f'Settembru 2018; jinnota li l-valutazzjoni tal-2019, bħala parti mill-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-2018 tal-KKI, ġiet iffinalizzata f'Lulju 2019; jinnota li ħamsa minn sitt KKI ġeneralment jindirizzaw il-prinċipji ta' governanza tajba b'mod korrett;
25. Jiddispijaċih għan-numru ta' kwistjonijiet pendenti u miżuri korrettivi li għaddejjin b'reazzjoni għall-kummenti tal-Qorti fl-2014, 2015, 2016 u 2017 relatati b'mod partikolari mal-kondizzjoni ta' finanzjament, il-finanzjament minn sorsi pubbliċi, għotjiet u sorsi privati; jinnota li r-risposta tal-Istitut tiddikjara li huwa kompli jieħ miżuri korrettivi u lesta l-biċċa l-kbira tal-azzjonijiet miftuħa li jindirizzaw il-kummenti tal-Qorti, u jirrikonoxxi li għadd ta' azzjonijiet miftuħa li fadal huma lil hinn mill-kontroll tal-Istitut u li xi kummenti miftuħa li fadal jeħtieġ li jiġu indirizzati b'mod sħiħ u b'perspettiva fit-tul;
26. Jinnota bi tħassib kbir li, skont ir-rapport tal-Qorti, l-Istitut ħallas ir-remunerazzjoni ta' membru tal-bord tat-tmexxija lil persuna żbaljata matul perjodu ta' sena u nofs, u li sar jaf b'dan l-iżball biss wara li l-persuna kkuntattjat lill-Istitut; jinnota r-risposta tal-Istitut li dan kien żball ta' darba biss u li hemm fis-seħħ kontrolli xierqa biex jiġu evitati sitwazzjoni simili; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Istitut biex jimplimenta miżuri li jipprevjenu tali żbalji sinifikanti fil-futur;

Kummenti oħra

27. Jinnota li matul is-sena l-Istitut ikkollabora b'mod attiv ma' partijiet ikkonċernati ewlenin, inklużi fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-Unjoni li jmiss; jinnota li l-Kummissjoni pproponiet baġit ta' EUR 100 biljun għal Orizzont Ewropa, inkluż baġit ta' EUR 3 biljun għall-Istitut;
28. Jistieden lill-Istitut jikkonċentra fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tiegħu mal-pubbliku, u jikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja;
29. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji ⁽³⁾.

⁽³⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1931 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-13 ta' Mejju 2020

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom (ESA) għas-sena finanzjarja 2018

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾, dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018, skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0054/2020),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(2) tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 68 tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/114/KE, Euratom tat-12 ta' Frar 2008 li tistabbilixxi l-Istatuti tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tal-Anness tagħha,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0056/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 41, 15.2.2008, p. 15.

DEĊIŻJONI (UE, Euratom) 2020/1932 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom (ESA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾, dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018, skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0054/2020),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(2) tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 68 tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/114/KE, Euratom tat-12 ta' Frar 2008 li tistabbilixxi l-Istatuti tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tal-Anness tagħha,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0056/2020),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 41, 15.2.2008, p. 15.

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1933 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom (ESA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0056/2020),
- A. billi, skont ir-rapporti finanzjarji tagħha tad-dħul u l-infiq, il-baġit finali tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom ("l-Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2018 kien ta' EUR 123 000, ċifra li tirrappreżenta l-istess ammont meta mqabbel mal-2017; billi l-baġit kollu tal-Aġenzija huwa derivat mill-baġit tal-Unjoni;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018 ("ir-rapport tal-Qorti"), stqarret li kisbet aċċertament raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' impenn ta' 97,84 %, rata li tirrappreżenta tnaqqis ta' 1,04 % meta mqabbla mal-2017; jinnota bi tħassib, madankollu, li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 72,90 %, liema rata tirrappreżenta tnaqqis ta' 1,73 % meta mqabbla mal-2017;

Kanċellazzjoni tar-riporti

2. Iqajjem tħassib li r-rata ta' kanċellazzjoni tal-appropriazzjonijiet baġitarji riportati mill-2017 għall-2018 hija għolja, fil-livell ta' 21 %, b'mod li juri li saru impenji mhux iġġustifikati fis-sena preċedenti; jistieden lill-Aġenzija ma tirriportax l-appropriazzjonijiet baġitarji ħlief meta dan ikun iġġustifikat;

Prestazzjoni

3. Jinnota li fl-2018 l-Aġenzija pproċessat 331 tranżazzjoni, inklużi kuntratti, emendi u notifiki, u kompliet tiegħu responsabbiltà għall-politika komuni ta' provvista nukleari tal-Unjoni f'konformità mal-mandat statutorju tagħha, sabiex tiżgura s-sigurtà tal-provvista ta' materjali nukleari; jirrikonoxxi l-isforzi kontinwi tal-Aġenzija fid-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' provvista;
4. Ihegġegħ lill-Aġenzija ssegwi d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tagħha;

Politika dwar il-persunal

5. Jinnota li l-Aġenzija kellha 16-il membru tal-persunal fi tmiem l-2018, kollha kemm huma uffiċjali tal-Kummissjoni, mill-25 li huma awtorizzati mit-tabella tal-persunal, l-istess numru li kien ġie awtorizzat fl-2017;

Kummenti oħra

6. Jinnota li r-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni, inkluża l-Euratom; jitlob li l-Aġenzija tiżgura li tibqa' attenta għall-effetti tal-ħruġ tar-Renju Unit u li tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar kwalunkwe żvilupp f'dak ir-rigward;
7. Jitlob li l-Aġenzija tiffoka fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tagħha fost il-pubbliku, u tikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja;
8. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Meju 2020 ⁽¹⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji

⁽¹⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1934 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-13 ta' Meju 2020

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tat-tmien, tad-disa', tal-għaxar u tal-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2018

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra r-rapporti finanzjarji u l-kontijiet tad-dħul u l-infiq tat-tmien, tad-disa', tal-għaxar u tal-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2018 (COM(2019) 317 — C9-0060/2019),
- wara li kkunsidra l-informazzjoni finanzjarja dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (COM(2019) 258),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-attivitajiet li jaqgħu taħt it-tmien, id-disa', l-għaxar u l-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2018 (05324/2020 — C9-0029/2020, 05325/2020 — C9-0030/2020, 05327/2020 — C9-0031/2020, 05328/2020 — C9-0032/2020),
- wara li kkunsidra r-rapporti tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għall-kwittanza għas-sena finanzjarja 2017 (COM(2019) 334),
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou (il-Benin) fit-23 ta' Ġunju 2000 ⁽³⁾ u modifikat f'Ouagadougou (il-Burkina Faso) fit-22 ta' Ġunju 2010 ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji barranin mal-Unjoni Ewropea ("Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija") ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 33 tal-Ftehim Intern tal-20 ta' Diċembru 1995 bejn ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar u l-amministrazzjoni tal-għajnuna tal-Komunità taħt it-Tieni Protokoll Finanzjarju għar-raba' Konvenzjoni AKP-KE ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 32 tal-Ftehim Intern tat-18 ta' Settembru 2000 bejn ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar u l-Amministrazzjoni tal-Għajnuna tal-Komunità permezz tal-Protokoll Finanzjarju għall-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha iffirmat f'Cotonou (Benin) fit-23 ta' Ġunju 2000 u l-allokazzjoni tal-għajnuna finanzjarja għall-Pajjiżi u Territorji *extra-Ewropej* li dwarhom il-Parti Erbgħa tat-Trattat KE hija applikabbli ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 11 tal-Ftehim Intern tas-17 ta' Lulju 2006 bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar il-finanzjament tal-għajnuna Komunitarja permezz tal-Kwadru Finanzjarju Pluriennali għall-Perjodu 2008-2013 skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-pajjiżi u t-Territorji Barranin li għalihom tapplika l-Parti Erbgħa tat-Trattat tal-KE ⁽⁸⁾,

⁽¹⁾ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 269.

⁽²⁾ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 278.

⁽³⁾ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

⁽⁴⁾ ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3.

⁽⁵⁾ ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 156, 29.5.1998, p. 108.

⁽⁷⁾ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 355.

⁽⁸⁾ ĠU L 247, 9.9.2006, p. 32.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 11 tal-Ftehim Intern tal-24 ta' Ġunju 2013 u tas-26 ta' Ġunju 2013 bejn ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-ftehim ta' sħubija AKP-UE, u dwar l-allokkazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-pajjiżi u territorji *extra*-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⁽⁹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 74 tar-Regolament Finanzjarju tas-16 ta' Ġunju 1998 applikabbli għall-kooperazzjoni għall-finanzjament tal-iżvilupp skont ir-raba' Konvenzjoni AKP-KE ⁽¹⁰⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 119 tar-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003 applikabbli għad-9 Fond Ewropew għall-Iżvilupp ⁽¹¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 50 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) (KE) Nru 215/2008 tat-18 ta' Frar 2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp ⁽¹²⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/323 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp ⁽¹³⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99, l-Artikolu 100, it-tielet inċiż, u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0057/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit tat-tmien, tad-disa', tal-għaxar u tal-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Bank Ewropew tal-Investment, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽⁹⁾ ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 191, 7.7.1998, p. 53.

⁽¹¹⁾ ĠU L 83, 1.4.2003, p. 1.

⁽¹²⁾ ĠU L 78, 19.3.2008, p. 1.

⁽¹³⁾ ĠU L 58, 3.3.2015, p. 17.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1935 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tat-tmien, tad-disa', tal-għaxar u tal-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra r-rapporti finanzjarji u l-kontijiet tad-dħul u l-infiq tat-tmien, tad-disa', tal-għaxar u tal-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2018 (COM(2019)0317 — C9-0060/2019),
- wara li kkunsidra l-informazzjoni finanzjarja dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (COM(2019) 258),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-attivitajiet li jaqgħu taħt it-tmien, id-disa', l-għaxar u l-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2018 (05324/2020 — C9-0029/2020, 05325/2020 — C9-0030/2020, 05327/2020 — C9-0031/2020, 05328/2020 — C9-0032/2020),
- wara li kkunsidra r-rapporti tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għall-kwittanza għas-sena finanzjarja 2017 (COM(2019) 334),
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou (il-Benin) fit-23 ta' Ġunju 2000 ⁽³⁾ u modifikat f'Ouagadougou (il-Burkina Faso) fit-22 ta' Ġunju 2010 ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji barranin mal-Komunità Ewropea ("Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija") ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 33 tal-Ftehim Intern tal-20 ta' Diċembru 1995 bejn ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar u l-amministrazzjoni tal-ghajjnuna tal-Komunità taħt it-Tieni Protokoll Finanzjarju għar-raba' Konvenzjoni AKP-KE ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 32 tal-Ftehim Intern tat-18 ta' Settembru 2000 bejn ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar u l-Amministrazzjoni tal-Ghajjnuna tal-Komunità permezz tal-Protokoll Finanzjarju għall-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha iffirmat f'Cotonou (il-Benin) fit-23 ta' Ġunju 2000 u l-allokkazzjoni tal-ghajjnuna finanzjarja għall-Pajjiżi u Territorji *extra*-Ewropej li dwarhom il-Parti Erbgħa tat-Trattat KE hija applikabbli ⁽⁷⁾,

⁽¹⁾ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 269.⁽²⁾ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 278.⁽³⁾ ĠUL 317, 15.12.2000, p. 3.⁽⁴⁾ ĠUL 287, 4.11.2010, p. 3.⁽⁵⁾ ĠUL 344, 19.12.2013, p. 1.⁽⁶⁾ ĠUL 156, 29.5.1998, p. 108.⁽⁷⁾ ĠUL 317, 15.12.2000, p. 355.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 11 tal-Ftehim Intern tas-17 ta' Lulju 2006 bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar il-finanzjament tal-ghajjnuna Komunitarja permezz tal-Kwadru Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu 2008-2013 skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-pajjiżi u t-Territorji Barranin li għalihom tapplika l-Parti Erbgħa tat-Trattat tal-KE ⁽⁸⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 11 tal-Ftehim Intern tal-24 ta' Ġunju 2013 u tas-26 ta' Ġunju 2013 bejn ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' ghajjnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-ftehim ta' sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-pajjiżi u territorji *extra-Ewropej* li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⁽⁹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 74 tar-Regolament Finanzjarju tas-16 ta' Ġunju 1998 applikabbli għall-kooperazzjoni għall-finanzjament tal-iżvilupp skont ir-raba' Konvenzjoni AKP-KE ⁽¹⁰⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 119 tar-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003 applikabbli għad-9 Fond Ewropew għall-Iżvilupp ⁽¹¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 50 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) (KE) Nru 215/2008 tat-18 ta' Frar 2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp ⁽¹²⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/323 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp ⁽¹³⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99, l-Artikolu 100, it-tielet inċiż, u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0057/2020),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tat-tmien, tad-disa', tal-għaxar u tal-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Bank Ewropew tal-Investment, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽⁸⁾ ĠU L 247, 9.9.2006, p. 32.

⁽⁹⁾ ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 191, 7.7.1998, p. 53.

⁽¹¹⁾ ĠU L 83, 1.4.2003, p. 1.

⁽¹²⁾ ĠU L 78, 19.3.2008, p. 1.

⁽¹³⁾ ĠU L 58, 3.3.2015, p. 17.

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1936 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tat-tmien, tad-disa', tal-għaxar u tal-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tat-tmien, tad-disa', tal-għaxar u tal-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra t-tweġibiet mogħtija mill-Kummissjoni għall-mistoqsijiet bil-miktub lil dak li kien il-Kummissarju għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp, Neven Mimica, għas-smiegħ quddiem il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit fit-28 ta' Novembru 2019;
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99, l-Artikolu 100, it-tielet inċiż, u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0057/2020),
- A. billi l-oġġettiv primarju tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp huwa li jitnaqqas il-faqar u, fuq terminu twil, jinqered kif definit fl-Artikoli 208 sa 210 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE);
- B. billi l-Unjoni jeħtiġilha tagħmel sforzi massimi biex tiżgura li, speċjalment f'każijiet fejn isir investiment f'pajjiżi rregolati minn reġimi mhux demokratiċi, il-fondi u l-azzjonijiet tagħha jkunu dejjem ta' benefiċċju għan-nies fil-bżonn u mhux għall-istrutturi regolatorji;
- C. billi l-oġġettiv ġenerali jibqa' li jintlaħaq 0,7 % tal-introjt nazzjonali gross għall-ghajjnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) u li jiġi mobilizzat il-finanzjament privat;
- D. billi l-integrazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli kif ukoll l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima huma oġġettivi fundamentali li jridu jiġu segwiti fi strumenti ta' kooperazzjoni;
- E. billi s-sostenibbiltà hija kruċjali biex jinkisbu l-għanijiet u r-riżultati stabbiliti u speċjalment l-impatti fit-tul tal-ghajjnuna għall-iżvilupp;
- F. billi l-prinċipju li "ħadd ma jitħalla barra" huwa essenzjali fl-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli;
- G. billi l-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp, li ġie adottat fl-2017, jipprovdi qafas ta' politika komuni għall-iżvilupp għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri;
- H. billi l-allinjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni mal-prijoritajiet ta' żvilupp tal-pajjiżi sħab stess huwa l-element ewlieni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli;
- I. billi l-koerenza u l-komplementarjetà tal-politika ta' diversi politiki esterni għandhom jiġu eżaminati b'mod kostanti, speċjalment meta jkunu qed jiġu implimentati diversi politiki f'pajjiż sieħeb uniku, bil-ħsieb li jiġu promossi s-sinerġiji, jitnaqqsu l-kompromessi bejn dawk il-politiki eżistenti u jiġu evitati kemm jista' jkun piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa;

- J. billi l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tajbin ma' donaturi u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra huma ta' importanza assoluta biex tiġi evitata d-duplikazzjoni, jiġu żgurati l-kontrolli effiċjenti, il-kondiviżjoni tar-riskju, is-sjeda ta' riżultati li jirriflettu l-inputs reali u l-effikaċja tal-ghajjnuna u titrawwem il-kapaċità li tinbena ghajjnuna għall-iżvilupp fil-pajjiżi benefiċjarji;
- K. billi l-Kummissjoni hija finalment responsabbli għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-Fondi Ewropej għall-iżvilupp (FEŻ) u għas-sorveljanza tal-proċess ta' monitoraġġ u rappurtar finanzjarju tal-FEŻ;
- L. billi t-trasparenza, ir-responsabbiltà u d-diliġenza dovuta tad-drittijiet tal-bniedem huma prerekwiżiti għal skrutinju demokratiku u ghajjnuna effettiva għall-iżvilupp;
- M. billi l-interventi esterni tal-Unjoni jgħaddu minn organizzazzjonijiet internazzjonali li jew jimplementaw il-finanzjament tal-Unjoni jew jikkofinanzjaw proġetti flimkien mal-Unjoni, li jinvolvi sfidi f'termini ta' sorveljanza u governanza;
- N. billi 79 pajjiż jużaw firxa estensiva ta' metodi ta' implimentazzjoni, li jirriflettu n-natura intergovernattiva tal-FEŻ, b'regoli u proċeduri kumplessi fir-rigward tas-sejħiet għal offerti u l-għoti ta' kuntratti;
- O. billi l-appoġġ tal-baġit, filwaqt li għandu rwol prinċipali biex iwassal għall-bidla u biex jindirizza l-isfidi tal-iżvilupp ewlenin, jinvolvi riskju fiduċjarju kbir u għandu jingħata biss jekk l-istat benefiċjarju jkun jista' juri livell suffiċjenti ta' trasparenza, traċċabbiltà, responsabbiltà, rispett għall-istat tad-dritt u għad-drittijiet tal-bniedem u effikaċja qabel ma jirċievi l-ghajjnuna għall-appoġġ baġitarju;
- P. billi t-trawwim tat-trasparenza u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-frodi huma kruċjali għas-suċċess tal-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju tal-Unjoni;
- Q. billi l-attivitatijiet tal-FEŻ jiġu implimentati f'kundestji diffiċli billi jiffaċċjaw esponiment għal riskju għoli rikorrenti, ta' natura ġeopolitika jew istituzzjonali;
- R. billi l-fatturi esterni għall-implimentazzjoni xierqa tal-FEŻ jistgħu jtaffu jew jeqirdu l-isforzi magħmula f'termini ta' iżvilupp;
- S. billi l-appoġġ għall-governanza mill-Unjoni huwa komponent ewleni tal-ghajjnuna għall-iżvilupp biex jiġu ġġenerati riformi effikaċi tal-governanza;
- T. billi l-kriżijiet migratorji attwali ma jridux inaqqsu mill-importanza tal-mewġiet migratorji marbutin ma' taqlib demografiku u jirrikjedu reazzjonijiet differenti fuq terminu twil;
- U. billi s-simplifikazzjoni tal-proċessi ta' implimentazzjoni hija mutur biex titqawwa l-effikaċja tal-għoti tal-ghajjnuna;
- V. billi huwa ta' importanza fundamentali li tiġi promossa l-viżibbiltà tal-Unjoni, li jiġi żgurat użu strateġiku tal-istrument ta' ghajjnuna finanzjarja esterna tal-Unjoni, li jkun hemm komunikazzjoni dwar il-finanzjament tal-Unjoni u li jiddaħħlu l-valuri tal-Unjoni f'kull forma ta' ghajjnuna għall-iżvilupp.

Dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni

Implimentazzjoni finanzjarja u dik tal-proġetti tal-FEŻ (it-8 sal-11-il FEŻ) fl-2018

1. Josserva li l-ħdax-il FEŻ jirrappreżenta 65 % tal-portafoll tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-iżvilupp (id-DĠ DEVCO); jinnota li fl-2018 l-impenji tal-FEŻ kienu laħqu EUR 4 959 miljun, li qabżu l-mira annwali ta' EUR 4 537 miljun (jew 109,3 % tal-mira inizjali meta mqabbla ma' 95 % fl-2017) filwaqt li l-pagamenti tal-FEŻ ammontaw għal EUR 4 124 miljun (jiġifieri rata ta' eżekuzzjoni ta' 98,2 % tal-mira annwali ta' EUR 4 200 miljun (meta mqabbla ma' 98,89 % fl-2017); barra minn hekk jinnota li l-impenji tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) kienu ta' EUR 880 miljun (li minnhom EUR 800 miljun jikkonċernaw il-Faċilità ta' Investment) filwaqt li l-pagamenti tal-BEI kienu jammontaw għal EUR 555 miljun fl-2018 (li minnhom EUR 525 miljun tħallsu permezz tal-Faċilità ta' Investment);

2. Jilqa' l-isforzi regolari tad-DĠ DEVCO biex inaqqas il-prefinanzjament l-antik u l-impjenji antiki li ma ntefqux, b'objettiv ta' 25 %; jinnota li d-DĠ DEVCO eċċeda l-mira ta' 25 % tiegħu billi naqqas il-prefinanzjament antik tal-FEŻ b'40,33 % (43,79 % għal oqsma oħra ta' għajjnuna) u l-impjenji antiki li ma ntefqux tal-FEŻ b'37,10 % (39,71 % għal oqsma oħra ta' għajjnuna);
3. Jinkoraġġixxi lid-DĠ DEVCO jkompli bl-isforzi tiegħu fir-rigward ta' kuntratti qodma skaduti tal-FEŻ peress li l-valur fil-mira ta' inqas minn 15 % ma ntlaħaqx kif kien ġara fl-2017 irrispettivament mill-proċedura ġdida stabbilita minn DĠ DEVCO (bi 17,27 %, titjib żgħir iżda mhux sodisfaċenti meta mqabbel ma' 18,75 % fl-2017); jinnota li dan l-valur fil-mira tal-indikatur ta' prestazzjoni ewlieni (KPI) ta' inqas minn 15 % ntlaħaq b'13,88 % għall-bqija tal-operazzjoni tad-DĠ DEVCO;
4. Jiddispjaċih, b'mod ġenerali, li l-eżerċizzju ta' tnaqqis għandu prestazzjoni aktar baxxa b'livelli ta' tnaqqis li huma aktar baxxi għall-prefinanzjament antik tal-FEŻ u b'impjenji li ma ntefqux jew li ma ntlaħaqx għal kuntratti qodma skaduti tal-FEŻ meta mqabbla ma' oqsma oħra ta' intervent u ta' responsabbiltà tad-DĠ DEVCO; jirrikonoxxi madankollu li l-kumplessità operattiva tal-FEŻ tista' tostakola l-kisba ta' valuri fil-mira tal-KPI b'mod partikolari għall-proċeduri ta' għeluq, u b'hekk tagħmilha aktar diffiċli li jinħarġu ordnijiet ta' rkupru;
5. Jistieden lid-DĠ DEVCO jagħlaq fuq terminu qasir, bħala kwistjoni ta' prijorità, il-bqija tal-operazzjonijiet mit-tmien u d-disa' FEŻ;

Affidabbiltà tal-kontijiet

6. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti"), fir-rapport annwali tagħha dwar l-attivitàjiet iffinanzjati mit-tmien, mid-disa', mill-għaxar u mill-ħdax-il FEŻ għas-sena finanzjarja 2018, sabet li l-kontijiet annwali finali jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-FEŻ sal-31 ta' Diċembru 2018, u li r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom, il-flussi ta' flushom u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet għadha kif intemmet huma konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-FEŻ u mar-regoli kontabilistiċi bbażati fuq l-istandards kontabilistiċi li ntlaħaq qbil dwarhom fil-livell internazzjonali fir-rigward tas-settur pubbliku;

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

7. Jilqa' l-opinjoni tal-Qorti, skont liema d-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena 2018 hu legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;
8. Jesprimi t-tħassib tiegħu li qed jikber dwar l-opinjoni negattiva mogħtija mill-Qorti dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa minħabba li l-infiq li fuqu huma bbażati l-kontijiet huma materjalment milquta minn livell dejjem ogħla ta' żbalji;
9. Jinsab imħasseb ħafna li l-livell stmat ta' żbalji reġa' żdied għat-tieni sena għal 5,2 % għan-nefqa aċċettata fil-kontijiet tat-tmien, tad-disa', tal-għaxar u tal-ħdax-il FEŻ (meta mqabbel ma' 4,5 % fl-2017, 3,3 % fl-2016, 3,8 % fl-2014 u fl-2015, 3,4 % fl-2013 u 3 % fl-2012); jistenna li l-Kummissjoni tirrifletti fuq ir-raġunijiet u tiegħu l-passi meħtieġa biex treġġa' lura x-xejra fir-rigward taż-żieda fir-rata ta' żbalji;
10. Jinnota, li parti mir-rati ta' żball stmati mill-Qorti tista' tkun minħabba ammont kbir ta' xogħol għal numru insuffiċjenti ta' persunal, b'mod partikolari fid-Delegazzjonijiet li jkunu qed jiffaċċjaw xi diffikultajiet;
11. Jemmen li huwa kruċjali, meta jintlaħaq tali livell ta' żbalji stmati, li jsir aktar investiment fl-għarfien u t-taħriġ tal-persunal; jistieden lill-Kummissjoni ssib modi biex issolvi l-problema tan-nuqqas ta' persunal, b'mod partikolari fid-Delegazzjonijiet li jkunu qed jiffaċċjaw xi diffikultajiet;
12. Josserva li l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea ma kellu l-ebda impatt fuq il-ġestjoni finanzjarja tal-FEŻ għall-2018 u li l-kontijiet tal-FEŻ tal-2018 jirriflettu b'mod korrett l-istat tal-proċess tal-ħruġ;
13. Jinnota bi tħassib kbir il-fatt li minn 125 tranżazzjoni ta' pagament riveduti mill-Qorti, 51 (jew 41 %) ġew affettwati minn żbalji, u b'mod partikolari, mid-39 pagament bi żbalji kwantifikabbli, 9 (23 %) kienu tranżazzjonijiet finali awtorizzati wara li twettqu l-verifiki *ex ante* kollha; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb b'mod sostanzjali l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet u tiżgura li l-verifiki *ex ante* jiġu segwiti kif suppost;

14. Josserva li l-fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-għaxar FEŻ li huma trasferiti għar-riżerva ta' prestazzjoni tal-ħdax-il FEŻ mhux se joħlqu xi kwistjonijiet tat-teżor fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, u li l-impatt fuq il-kontribuzzjoni ta' kull Stat Membru se jiġi kkalkulat b'mod proporzjonali għall-kontribuzzjoni inizjali tagħhom għall-FEŻ;
15. Jinsab imħasseb ħafna dwar il-fatt li, minkejja l-pjanijiet ta' azzjoni korrettiva suċċessivi implimentati mid-DĠ DEVCO, it-tipoloġija tal-iżbalji identifikati hija, fil-biċċa l-kbira, simili għal snin preċedenti, b'mod partikolari nuqqas ta' dokumenti essenzjali ta' appoġġ (36,6 %), nuqqas serju ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku (27,1 %), nefqa mhux imġarrba (22,7 %), adattament tar-rata tal-iżball residwu (RER) minn studju tal-RER tad-DĠ DEVCO (5,4 %), infiq ineliġibbli (4,3 %) u tipi oħra ta' żbalji (3,9 %), nuqqas ta' konformità mill-benefiċjarji mad-dispożizzjonijiet dwar l-akkwist pubbliku u n-nefqa ineliġibbli;
16. Josserva li l-iżbalji kienu prinċipalment relatati ma' tranżazzjonijiet marbuta ma' stimi ta' programmi, għotjiet u ftehimiet ta' kontribuzzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u ftehimiet ta' delegazzjoni ma' aġenziji ta' kooperazzjoni nazzjonali tal-Unjoni pjuttost milli strumenti ta' għajna oħrajn;
17. Jinsab imħasseb ħafna dwar din is-sitwazzjoni rikorrenti, minkejja l-pjanijiet ta' azzjoni korrettiva suċċessivi stabbiliti mid-DĠ DEVCO, speċjalment meta żbalji kwantifikabbli jindikaw nuqqasijiet fil-verifiki minn organizzazzjonijiet internazzjonali; ihegġegħ lill-Kummissjoni biex ma tissottovalutax il-gravità ta' tali żbalji li jistgħu jindikaw irregolaritajiet bħal frodi u biex tindirizza n-nuqqasijiet rikorrenti msemmija hawn fuq b'mod urġenti, biex tirrapporta b'mod ċar dwar id-diffikultajiet speċifiċi ffaċċjati fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni u tikkooopera kif dovut mal-Qorti kif ukoll mal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) meta jkun mehtiegħ;

L-effikaċċja tas-sistemi ta' monitoraġġ u ta' aċċertament

18. Jinsab imħasseb ferm dwar il-fatt li l-Kummissjoni kellha biżżejjed informazzjoni biex tipprevjeni, tidentifika u tikkoreġi l-iżbalji kwantifikabbli qabel ma vvalidat u aċċettat in-nefqa, u li l-użu tal-informazzjoni disponibbli kien inaqqas il-livell stmat ta' rata ta' żbalji b'1,3 punti perċentwali; jenfazizza wkoll li ċerti tranżazzjonijiet bi żbalji ma ġewx identifikati minn awdituri esterni u li jirrappreżentaw 1,1 punti perċentwali;
19. Jeżiġi li d-DĠ DEVCO jkun aktar rigoruż fl-użu tiegħu tal-informazzjoni ta' ġestjoni disponibbli u fit-tmexxija konsistenti tas-sistema ta' kontroll ġenerali tiegħu (verifiki *ex-ante* u awditjar estern jew verifika tal-infiq); jisħaq fuq l-importanza tal-isforzi kontinwi tad-DĠ DEVCO u jstieden li jsiru biex tittejjeb l-implimentazzjoni tal-kontrolli preventivi tiegħu, b'mod partikolari l-iffokar fuq oqsma ta' riskju għoli relatati ma' fondi taħt ġestjoni indiretta permezz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u ta' aġenziji għall-iżvilupp kif ukoll ta' għotjiet taħt ġestjoni diretta;
20. Jinnota s-seba' studju dwar ir-RER tad-DĠ DEVCO li rriżulta f'RER ta' 0,85 % taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 % stabbilit mill-Kummissjoni; jinnota, madankollu, li l-metodoloġija użata kienet ibbażata għal numru ta' snin fuq verament ftit verifiki fuq il-post rigward tranżazzjonijiet, verifiki mhux kompluti fuq proċeduri ta' akkwist pubbliku u jstieden lid-DĠ DEVCO biex jaħdem mill-qrib mal-Qorti ħalli jtejbu l-affidabbiltà tal-valutazzjoni tar-rati ta' żbalji;
21. Josserva, madankollu, li r-riżultati tal-awditjar estern għal operazzjonijiet implimentati fl-oqsma "għotjiet f'ġestjoni diretta" u "ġestjoni indiretta ma' pajjiżi benefiċjarji" juru li 4,64 % u 3,77 % rispettivament tal-ammont totali awditjat ġew identifikati bħala mhux eliġibbli u li din is-sitwazzjoni ma wasslitx għall-ħruġ ta' riżervi differenzjati; jitlob lid-DĠ DEVCO jressaq spjegazzjoni dettaljata ulterjuri dwar il-loġika sottostanti li ntużat f'dawn iż-żewġ każijiet;
22. Ifakkar li r-riżerva hija fundamentali fil-kostruzzjoni tar-responsabbiltà u għalhekk tikkostitwixxi strument preventiv u ta' trasparenza fil-bini tal-katina ta' aċċertament tad-DEVCO li jirrifletti l-isfidi li hemm bħalissa jew dgħufijiet li fadal jew li seħħew, li ġew iffaċċjati fil-Kwartieri Ġenerali jew fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
23. Jistieden lid-DĠ DEVCO jsaħħaħ b'mod progressiv il-katina ta' aċċertament tiegħu f'konformità mas-sett il-ġdid ta' standards ta' kontroll intern billi jpoġġi aktar enfasi kemm fuq il-kompetenzi individwali u r-responsabbiltà għar-rwol tagħhom fit-tweqqi ta' kontrolli kif ukoll fuq ir-riskju ta' frodi;

24. Jinnota li l-istudju dwar ir-RER sar element kostituttiv tal-valutazzjoni tar-riskju tad-DĠ DEVCO, tal-istrategġja ta' kontroll u ta' awditjar, u tal-katina tal-aċċertament, iżda jstieden lid-DĠ DEVCO jiżgura konsistenza aħjar fl-istandards metodoloġiċi użati fil-valutazzjoni tiegħu dwar ir-RER u, fejn meħtieġ, jikkonsulta lill-Qorti dwar kwistjonijiet bħal dawn;
25. Jinnota l-approċċi differenti użati mill-Qorti u mid-DĠ DEVCO, bil-Qorti li tiffoka fuq operazzjonijiet li għaddejjin jew rati ta' żbalji provviżorji fil-livell ta' pagament u d-DĠ DEVCO li jittratta operazzjonijiet mitmuma; iqis u jissottolinja l-fatt li din id-duwalità tal-metodoloġija tal-istima ma għandhiex twassal għal viżjoni ekwivoka tar-regolarità u l-legalità tal-operazzjonijiet, li tipprevjeni wkoll il-komparabbiltà tar-riżultati fuq diversi snin;
26. Jeżiġi li l-partijiet interessati kollha jevitaw li jikkompetu b'ġustifikazzjonijiet dwar metodoloġiji meta jivvalutaw il-livelli ta' żbalji stmati sabiex jippreżentaw stampa affidabbli u aktar realistika tas-sitwazzjoni u jqawwu l-kunfidenza u l-ġustizzja kemm fil-ħidma ta' kontroll imwettqa kif ukoll fis-sistemi ta' kontroll ġenerali; jissottolinja wkoll il-fatt li l-kunċett ta' ammonti stmati bħala friskju fil-mument tal-għeluq li jintużaw fil-forom varji ta' rappurtar bħar-rapport tal-attività annwali tad-DĠ DEVCO jew ir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni tal-ġestjoni tal-Kummissjoni għandu jerġa' jiġi kkunsidrat kif xieraq;
27. Jstieden lid-DĠ DEVCO jkompli bl-isforzi tiegħu biex itejjeb l-implimentazzjoni effiċjenti tal-qafas ta' kontroll u tal-KPIs tiegħu, b'mod partikolari l-KPI 21 dwar il-pagamenti mhux dovuti evitati minn kontrolli *ex ante* u l-KPI 25 dwar ammonti ineliġibbli identifikati minn awditjar estern; jinnota li l-ordnijiet ta' rkupru nħarġu għal ammont ta' EUR 18,22 miljun għar-rimborż ta' pagamenti mhux dovuti;
28. Jemmen li l-iffukar fuq oqsma ta' riskju għoli relatati mal-fondi taħt ġestjoni indiretta permezz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u aġenziji nazzjonali tal-iżvilupp u għotjiet taħt ġestjoni diretta huwa essenzjali u li l-livell ta' riskji assoċjati ma' dawn iż-żewġ oqsma ta' operazzjoni għandu jiġi aġġornat;
29. Jinnota li nħarġu żewġ riżervi fl-2018, b'mod partikolari t-tiġdid tar-riżerva dwar il-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika (FPA) maħruġa inizzjalment fl-2015 u l-fatt li tirrifletti d-dgħufijiet istituzzjonali u maniġerjali li għaddejjin bħalissa, peress li l-FPA mhijiex effettiva biżżejjed biex tipproteġi l-legalità u r-regolarità tan-nefqa tal-FEŻ;
30. Jinnota li fl-2018, kienu għaddejjin 19-il investigazzjoni ta' frodi;

Kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, aġenziji tal-Unjoni għall-iżvilupp u organizzazzjonijiet mhux governattivi

31. Jinnota li l-pagamenti mill-FEŻ fl-2018 għal proġetti implimentati permezz ta' ġestjoni indiretta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u aġenziji tal-iżvilupp ammontaw rispettivament għal EUR 1,074 miljun u EUR 201 miljun (li minnhom EUR 347 miljun kienu permezz tan-Nazzjonijiet Uniti); jinnota li EUR 2,6 biljun ġew mill-baġit ġenerali;
32. Jinnota bi tħassib li għall-operazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, 33 minn 61 tranżazzjoni awditjata (jew 54 %) għandhom żbalji kwantifikabbli, li jirrappreżentaw 62,5 % tal-livell ta' żbalji stmat għall-2018;
33. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar il-fatt li l-organizzazzjonijiet internazzjonali reġġu, għal darb'oħra, ma pprovdux dokumentazzjoni ta' sostenn fil-ħin, li impedixxa lill-Kummissjoni u lill-Qorti milli jwettqu awditi rigorużi; jstieden lill-Kummissjoni, f'dak ir-rigward, biex issaħħaħ l-isforzi tagħha biex tiżgura li l-informazzjoni tasal fil-ħin mingħand l-organizzazzjonijiet internazzjonali kkonċernati sabiex il-Qorti tkun tista' tippreżenta data sħiħa u preċiża;
34. Jinnota bi tħassib li l-għadd kbir ta' kuntratti tal-FEŻ ingħataw lil numru ferm limitat ta' aġenziji nazzjonali tal-iżvilupp, bir-riskju konsegwenti ta' rinazzjonalizzazzjoni tal-politika tal-Unjoni, li tmur kontra l-interessi ta' integrazzjoni akbar tal-politika barranija tal-Unjoni;

35. Jistieden lill-Kummissjoni, issaħħaħ u tikkonsolida l-monitoraġġ tal-proċeduri ta' sejħiet għal offerti u dawk tal-għoti ta' kuntratti biex jiġi evitat kwalunkwe riskju li numru żgħir ħafna ta' aġenziji pubbliċi jew semiprivati jimmonopolizzaw ishma sostanzjali tal-proġetti tal-FEŻ implimentati f'pajjiżi li qed jiżviluppaw u jiksbu influwenza dejjem akbar fuq il-politiki tal-Unjoni dwar l-iżvilupp, il-kooperazzjoni u l-vironat, li jistgħu jipperikolaw l-indipendenza tal-politika tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ u twessa' l-kooperazzjoni tagħha ma' entitajiet pubbliċi u privati oħrajn, bħal diversi NGOs li jaħdmu fil-qasam tal-iżvilupp;
36. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tagħmel enfasi akbar fuq il-promozzjoni tal-ħidma kooperattiva tal-FEŻ mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-aġenziji tal-Unjoni għall-iżvilupp u l-NGOs; jesprimi tħassib dwar il-viżibbiltà inadegwata u insuffiċjenti tal-ħidma tal-FEŻ għall-pubbliku;
37. Ifakkar fil-fatt li l-entitajiet fdati bl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni iridu, bħala prinċipju ġenerali, jirrispettaw il-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja soda u t-trasparenza; jenfasizza li kwalunkwe entità jeħtiġilha tikkooopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u trid, bħala kundizzjoni biex tirċievi l-fondi, tagħti lill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, lill-Qorti u lill-OLAF id-drittijiet neċessarji u l-aċċess meħtieġ;
38. Jistieden lill-Kummissjoni:
- (i) tirrispetta b'mod strett u tagħmel applikabbli f'kontribuzzjonijiet u fi ftehimiet qafas ir-responsabbiltajiet imsem-mija hawn fuq ta' entitajiet li jimplimentaw fondi tal-Unjoni u l-obbligu li tipprovi lill-Qorti u lill-OLAF b'kull dokument rikjest li jkun meħtieġ għat-twettiq tal-awditjar;
 - (ii) tagħti attenzjoni regolari għar-reqwiziti tal-valutazzjoni tal-pilastru u għar-rapporti tal-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-NGOs ikkonċernati minn dan in-nuqqas ta' kooperazzjoni biex tiġi rieżaminata l-adekwatezza tal-għodod ta' responsabbiltà tagħhom; terġa' tikkunsidra d-dispożizzjonijiet jew it-termini ta' referenza relatati meta l-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-pilastru tiġi rieżaminata biex tkun konformi mar-Regolament Finanzjarju tal-FEŻ; jitlob adattament, jekk ikun meħtieġ, tal-ftehimiet ta' delega eżistenti fis-seħħ ma' dawk l-entitajiet internazzjonali;
 - (iii) jinnota li għad hemm bżonn ta' approċċ aktar sistematiku fir-rigward tal-komunikazzjoni tal-attivitajiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-għotjiet, bil-għan li tiżdied il-viżibbiltà tal-Unjoni, u jissaħħu t-trasparenza, ir-responsabbiltà u d-diliġenza dovuta tad-drittijiet tal-bniedem tul il-katina tal-finanzjamenti; jistieden lill-Kummissjoni biex tintroduċi fil-ftehimiet qafas l-obbligu għall-aġenzija ewlenija li tiżgura l-viżibbiltà tal-Unjoni f'proġetti b'ħafna donaturi; jistieden lill-Kummissjoni ttwettaq kontrolli fuq il-post ibbażati fuq il-kampjuni snin wara t-tlestija tal-proġetti kofinanzjati biex tivverifika l-impatt kontinwu tal-interventi tal-FEŻ u tieħu l-passi meħtieġa biex tiżgura l-impatti fit-tul tal-operazzjonijiet tagħha;

Appoġġ baġitarju tal-Unjoni

39. Jinnota li l-kontribuzzjoni tal-FEŻ għall-attivitajiet ta' appoġġ baġitarju laqgħet EUR 881,9 miljun fl-2018 li minnhom EUR 858,6 miljun kienu impenji ġodda (b'kopertura ġeografika ta' 56 pajjiż sieħeb li jirrappreżentaw 96 kuntratt ta' appoġġ baġitarju); josserva li għall-pajjiżi u t-territorji *extra*-Ewropej (PTEE), EUR 92,9 miljun ġew żborżati permezz tal-FEŻ għal 14-il pajjiż, li jirrappreżentaw 18-il kuntratt ta' appoġġ baġitarju;
40. Jinnota b'aprezzament li l-Afrika sub-Saħarjana hija l-akbar riċevitur ta' appoġġ baġitarju b'sehem ta' 41 % u li l-kuntratti relatati jikkonċernaw ir-reżiljenza tal-istat u l-kuntratti tal-bini; josserva wkoll li s-sehem ta' pajjiżi bi dħul baxx żdied għal 38 % meta mqabbel ma' 31 % fl-2015 u li l-pajjiżi bi dħul medju aktar baxx, b'47 % tal-impenji kurrenti totali, huma l-akbar benefiċjarji tal-appoġġ baġitarju;
41. Ifakkar li l-appoġġ baġitarju huwa investiment fil-politiki u s-sistemi pubbliċi tal-pajjiżi sħab tal-Unjoni u li l-prinċipji fundamentali tiegħu huma l-implimentazzjoni tar-riformi u l-kontribuzzjoni għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli; jinnota li l-appoġġ baġitarju tal-Unjoni għandu jkun iggwidat mill-prinċipji tal-effikaċja ta' Busan maqbula internazzjonalment bħall-appartenenza minn pajjiżi sħab, il-fokus fuq ir-riżultati, l-inklużività u r-responsabbiltà;

42. Jinnota li fil-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u l-PTEE l-iżborżi jsiru prinċipalment minn segmenti fissi; iqis, madankollu, li s-segmenti varjabbli jistgħu jipprovdur mobilizzazzjoni aħjar għall-approfondiment tal-politika u tad-djalogu politiku mal-pajjiżi sħab dwar ir-riformi ewlenin li għandhom jitwettqu; jemmin li l-modalitajiet tal-iżborż permezz ta' segmenti fissi u varjabbli għandhom ikunu riżultati bbażati u dipendenti fuq biżżejjed data kwalitattiva biex jevalwaw il-progress miksub; iqis li l-kriterji ta' prestazzjoni ta' żborż huma fattur ċentrali fil-ġestjoni tal-attivitajiet ta' appoġġ baġitarju;
43. Jitlob għal monitoraġġ mill-qrib u djalogu politiku dettaljat ma' pajjiżi sħab rigward l-oġettivi, il-progress favur riżultati maqbula u indikaturi tal-prestazzjoni; ifakkar għal darb'oħra lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi aħjar u tkejjel l-impatt mistenni tal-iżvilupp u, b'mod partikolari, ittejjeb il-mekkaniżmu ta' kontroll fir-rigward tal-imġiba tal-istat benefiċjarju fl-oqsma tal-korruzzjoni, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u d-demokrazija; jibqa' mħasseb ħafna dwar l-użu li jista' jsir mill-appoġġ baġitarju tal-Unjoni fil-pajjiżi riċevituri fejn ma hemm l-ebda kontroll demokratiku jew hemm biss kontroll demokratiku limitat;
44. Josserva tnaqqis globali żgħir fil-perċezzjoni tar-riskji marbuta mal-appoġġ baġitarju fl-2018; jenfasizza, madankollu, li r-riskji marbuta mal-korruzzjoni, il-finanzi pubbliċi u l-iżvilupp jibqgħu l-aktar riskji sinifikanti filwaqt li kien hemm tendenza dejjem akbar fir-riskju makroekonomiku;
45. Jappoġġa l-fokus fuq il-progress miksub fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, it-trasparenza baġitarja u l-korpi ta' kontroll demokratiku u ta' sorveljanza, u l-makrokundizzjonalità fpajjiżi sħab sabiex jiġi ottimizzat l-iżvilupp tal-kapaċità; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja b'mod sistematiku r-riformi mwettqa u r-riżultati miksuba, filwaqt li turi li l-appoġġ baġitarju tal-Unjoni kkontribwixxa b'mod effettiv għall-aġenda għall-iżvilupp tal-pajjiżi benefiċjarji stess u saħħaħ is-sjieda demokratika tagħha;
46. Jirrimarka li, biex jiġi vvalutat il-mod kif l-appoġġ baġitarju kkontribwixxa għat-titjib tal-mobilizzazzjoni tad-dħul domestiku u għal riformi relatati, iridu jissaħħu għodod ta' monitoraġġ xierqa; jinnota b'apprezzament li l-mobilizzazzjoni tad-dħul domestiku fl-2018 kienet tammonta għal 19 % tal-valur tas-segmenti varjabbli (meta mqabbla ma' 3 % fl-2014); iħeġġeġ lid-DĠ DEVCO jkompli jagħti informazzjoni regolari, fir-rapporti tiegħu dwar l-appoġġ baġitarju, rigward l-użu ta' kuntratti ta' appoġġ baġitarju għall-mobilizzazzjoni tad-dħul intern;
47. Jistieden lid-DĠ DEVCO, madankollu, jivvaluta b'mod strett fid-djalogu politiku tiegħu r-riskji relatati mal-evitar tat-taxxa korporattiva, mal-evazzjoni tat-taxxa u mal-flussi finanzjarji illeċiti li jaffettwaw b'mod partikolari l-pajjiżi li qed jiżviluppaw; iħeġġeġ lid-DĠ DEVCO jivvaluta l-impatt fiskali u jgħin fid-definizzjoni tal-oġettivi ta' investment orjentati;

Riskji u sfidi relatati mal-implimentazzjoni tal-ghajjnuna tal-FEŻ

48. Jesprimi tħassib kbir dwar ir-riskju li l-FEŻ jiġi kostrett iwieġeb għall-aġendi li jbiegħduh mill-oġettiv primarju tiegħu li huwa t-tnaqqis tal-faqar, li ma jkunux rikonċiljatorji mal-valuri ċentrali tal-FEŻ u b'riskju li jiġi kompromess dak li sar sew preċedentement; jinnota b'mod imħasseb ir-riskju ta' devjazzjoni u jstieden lill-Kummissjoni tieħu kont ta' dan fit-twettiq ta' proġetti u programmi f'konformità mal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp; jistieden lill-Kummissjoni tagħżel programmi ta' ghajjnuna futuri skont il-valuri ċentrali tal-FEŻ u tikkunsidra li tirtira s-sussidji għal programmi li jiddevjaw minn dawk il-valuri;
49. Jissottolinja l-fatt li l-FEŻ ma għandux imur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u li r-rabta l-għdida biex jiġu iffaċċjati sfidi ġodda ma għandhiex iddgħajjef il-kisba ta' għanijiet oħra ta' żvilupp;
50. Jappella lill-Kummissjoni biex tagħmel aktar enfasi u tiffoka fuq it-titjib u ż-żamma ta' programmi ta' ghajjnuna li jiffunzjonaw tajjeb; jstieden lill-Kummissjoni tiżgura kopertura akbar mill-media u viżibbiltà tal-aħjar Prattiki u tal-istejjer ta' suċċess;
51. Jisħaq fuq is-sinifikanza tar-riskji għas-sostenibbiltà, it-trasparenza u l-koordinazzjoni tajba li l-Unjoni għandha l-għan li tindirizza bil-fondi tagħha ta' ghajjnuna għall-iżvilupp fid-dawl ta' żieda sinifikanti ta' donaturi emerġenti u atturi ġodda bħar-Russja u ċ-Ċina fl-Afrika; jstieden lill-Kummissjoni taħdem favur allinjament aħjar tal-kooperazzjoni internazzjonali mal-prijoritajiet ta' żvilupp tal-pajjiżi sħab stess;

52. Iqis li r-relazzjoni bejn il-kwistjoni tal-migrazzjoni u l-ghajjnuna għall-iżvilupp hija waħda mill-aktar rabtiet importanti li għandha tiġi ġestita flimkien mar-rabta bejn is-sigurtà u l-iżvilupp u dik bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp; jirrikonoxxi madankollu li l-bini tal-paċi u l-indirizzar tal-kawżi bażiċi tal-migrazzjoni huma aspetti fundamentali tal-iżvilupp sostenibbli;
53. Ifakkar li l-effikaċja tal-ghajjnuna, is-sjieda min-naħa tal-pajjiżi sħab tar-riżultati fil-qasam tal-iżvilupp u d-dipendenza fuq l-oqfsa ta' governanza tal-pajjiżi sħab huma prinċipji ta' gwida li għandhom jiġu regolarment irfinuti; jissottolinja wkoll li l-governanza tajba, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huma prekondizzjonijiet inevitabbli li jaqblu mal-effikaċja tal-ghajjnuna; jitlob lill-Kummissjoni tistabbilixxi l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem bħala l-prekondizzjoni aħharja biex tkun approvata l-ghajjnuna finanzjarja;
54. Jenfasizza li s-sostenibbiltà hija kruċjali biex tiżdied l-effikaċja globali tal-ghajjnuna għall-iżvilupp billi jiġu mmonitorjati b'mod kostanti l-impatti permezz tal-mezzi kollha għall-forniment tal-ghajjnuna; ifakkar fil-fatt li l-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli jqiegħdu enfasi kbira fuq id-data u l-indikaturi, meta wieħed iqs li monitoraġġ robust huwa essenzjali għal strateġija effikaċi u operazzjonali;
55. Itenni s-sejħa tiegħu li l-Kummissjoni tinkludi, fir-rapport tal-attività annwali li jmiss, valutazzjoni strutturata tal-impatt tal-attivitàjiet tal-FEŻ, b'fokus partikolari fuq id-drittijiet tal-bniedem;
56. Jitlob lill-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni fuq bażi ta' pajjiż b'pajjiż tal-proġetti ffinanzjati mill-FEŻ li għaddejjin bħalissa u li ilhom għaddejjin, sabiex turi l-impatti veri ta' investiment tal-Unjoni li ilu jsir għexieren ta' snin fuq il-post u kif dan l-investiment effettivament għen fl-iżvilupp ekonomiku, soċjali u sostenibbli tal-pajjiżi benefiċjarji; konsegwentement jappella lill-Kummissjoni biex tirrifletti fuq ir-riżultat tal-evalwazzjoni u tillimita u/jew ittemm aktar finanzjament ta' proġetti ineffettivi;
57. Jemmen li l-fokus fuq l-SMEs lokali, is-settur privat u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandu jkun assi ċentrali ta' kooperazzjoni fil-ġestjoni ta' sensiela ta' proġetti tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni; jenfasizza li, minħabba d-differenza fil-finanzjament meħtieġa biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli ambizzjużi, djalogu strateġiku mas-settur privat u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jrid jaqdi rwol kruċjali għall-iżvilupp tal-ekonomiji lokali;
58. Jemmen li l-inklużjoni finanzjarja u l-mikrofinanzjament huma fatturi ewlenin tal-progress ekonomiku u soċjali, li għandhom impatt ippruvat fuq l-attività ekonomika lokali u l-ħolqien tal-impjiegi; jinnota b'sodisfazzjon li l-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp jappoġġaw l-inklużjoni finanzjarja fl-Afrika permezz ta' għadd ta' strumenti (il-Fond ta' Garanzija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), il-Faċilità għall-Kondiviżjoni tar-Riskju Nasira, il-Fond Huruma, il-Boost Africa u l-Fond ta' Garanzija Afrikan), li għandhom l-għan, fost l-oħrajn, li jipprovdu mikrokrediti lil bdiewa li mhumiex moqđdjin tajjeb fl-Afrika; jiskoraġġixxi lill-Kummissjoni u lil istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni milli jistabbilixxu strumenti ġodda ta' ghajjnuna finanzjarja u, minflok, jinkoraġġihom jiżguraw viżibbiltà akbar tal-istrumenti ta' ghajjnuna finanzjarja fl-oqfsa ta' operazzjoni rispettivi tagħhom u fl-Unjoni;
59. Jinnota l-awditu tas-Servizz tal-Awditjar Intern dwar "koordinazzjoni KE-SEAE" u jinnota b'apprezzament il-konklużjoni tal-awditu li l-attivitàjiet ta' koordinazzjoni bejn is-servizzi tal-Kummissjoni (DĠ DEVCO, id-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negożjati għat-Tkabbir (DĠ NEAR) u s-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija) u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) huma ġeneralment effikaċi u effiċjenti; madankollu, jisħaq b'mod qawwi fuq il-ħtieġa li tiġi definita stampa mhux frammentata tal-assistenza esterna globali tal-Unjoni għal pajjiż partikolari u l-ħtieġa li, f'koordinazzjoni ma' DĠ DEVCO u DĠ NEAR, jissaħħu l-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji sabiex tiġi żviluppata viżjoni komuni dwar l-inċertezza u l-mitigazzjoni ta' strateġiji;

Effikaċja tal-Fond Fiduċjarju tal-Unjoni Ewropea għall-Afrika

60. Jinnota li r-riżorsi allokatli għall-Fond Fiduċjarju tal-Unjoni Ewropea (EUTF) sal-aħħar tal-2018 laħqu EUR 4,2 biljun, li minnhom EUR 3,7 biljun ġew mill-FEŻ u EUR 489,5 miljun mill-Istati Membri u minn donaturi oħra (l-Iżvizzera u n-Norveġja); jinnota li fl-2018, ġew implimentati 187 proġett; jinnota t-tkabbir tal-Inizjattiva Konġunta UE-IOM għall-Protezzjoni tal-Migrazzjoni u l-Iżvilupp għar-Riintegrazzjoni li, fi tmiem l-2018, ra żieda minn 14 għal 26 pajjiż Afrikan;
61. Ifakkar fil-pożizzjoni regolari tal-Parlament li l-Kummissjoni għandha tiżgura li kwalunkwe fond fiduċjarju stabbilit bħala għodda ta' żvilupp ġdida jrid dejjem ikun konformi mal-oġġettivi tal-istrategġija globali u tal-politika tal-iżvilupp tal-Unjoni, jiġifieri t-tnaqqis u l-qerda tal-faqar u jrid b'mod partikolari jiżgura li l-interessi tas-sigurtà tal-pajjiżi Ewropej ma jidhux preċedenza fuq il-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet riċevituri; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra li tillimita l-għajjnuna finanzjarja għal proġetti tal-EUTF li jiżvijaw minn din il-linja ċentrali;
62. Jenfasizza li l-EUTF irid jindirizza l-kawżi fundamentali tad-destabilizzazzjoni, l-ispostament furzat u l-migrazzjoni irregolari billi jippromwovi r-reżiljenza, l-oportunitajiet ekonomiċi, l-oportunitajiet ugwali, is-sigurtà tal-popolazzjonijiet, u l-iżvilupp uman u soċjali; jinnota li l-kunċett u l-karatteristiċi tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari huma proteani u għandhom jiġu adattati u analizzati bir-reqqa biex ifasslu aħjar ir-razzjonal u l-valur miżjud ta' interventi ta' proġetti u biex jippreżentaw aħjar ir-riżultati miksuba;
63. Jinnota li l-Qorti kkonkludiet li l-EUTF għall-Afrika huwa għodda flessibbli għall-għoti ta' assistenza f'oqsma bħall-ikel, l-edukazzjoni, is-saħħa, is-sigurtà u l-iżvilupp sostenibbli, iżda meta jitqiesu l-isfidi bla preċedent li qed jiffaċċja, id-disinn tiegħu kellu jkun aktar iffukat f'termini ta' oġġettivi kkunsidrati bħala wiesgħa wisq biex titmexxa l-azzjoni b'mod effiċjenti fir-reġjuni Afrikani u biex jitkejjel l-impatt;
64. Jinnota bi tħassib li l-ħafna preokkupazzjonijiet tal-Qorti ⁽¹⁾ u tal-awturi tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-ħdax-il FEŻ dwar l-implimentazzjoni tal-EUTF huma fil-biċċa l-kbira mhux indirizzati; itenni t-tħassib tiegħu rigward:
- in-nuqqas ta' kriterji dokumentati għall-għażla ta' proposti tal-proġetti għat-taqsimiet tal-Afrika ta' Fuq u tal-Qarn tal-Afrika,
 - in-nuqqas tal-qafas ta' valutazzjoni tar-riskji speċifiċi,
 - nuqqasijiet serji fil-kejl tal-prestazzjoni tal-proġetti tal-EUTF,
 - l-effikaċja u s-sostenibbiltà tal-proġetti tal-EUTF, u l-kapaċità tal-Unjoni li tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tagħhom;
 - in-nuqqas ta' strategġija kostruttiva rigward it-tixrid u l-kopertura tal-media tal-aħjar prattiki u programmi ta' għajjnuna ta' suċċess;
- iqis li, minħabba dawn il-konstatazzjonijiet, il-valur miżjud tal-EUTF huwa dubjuż ħafna;
65. Ifakkar fil-fatt li l-parti l-kbira tal-fondi tal-EUTF ġejjin mill-FEŻ, li inevitabbilment jimplika li l-għajjnuna għall-iżvilupp mhux qed titqiegħed għas-servizz tal-pjanijiet ta' żvilupp tal-pajjiżi sħab tal-Unjoni, iżda għall-oġġettivi fuq terminu qasir tal-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni, li jmur kontra t-Trattat ta' Lisbona u d-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effikaċja tal-Għajjnuna; jirrimarka li l-EUTF kien aktar strument li kien qed jiffoka fuq proġetti b'soluzzjoni ta' malajr li kellhom l-għan li jwaqqfu flussi migratorji minflok ma kien qed jindirizza l-muturi tal-migrazzjoni fit-tul b'konformità mal-prinċipji tal-għajjnuna għall-iżvilupp;

(1) Rapport Speċjali Nru 32/2018 "Il-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-Unjoni Ewropea: Għodda flessibbli, iżda mhuwiex iffukat biżżejjed".

66. Jirrimarka li l-akkomunament ta' riżorsi mill-FEŻ, il-baġit tal-Unjoni u donaturi oħra ffondi fiduċjarji ma għandux ikollu bħala konsegwenza li l-flus maħsuba għall-politika dwar l-iżvilupp u l-kooperazzjoni ma jaslux għand il-benefiċjarji normali jew li ma jintużawx għall-oġġettivi oriġinali tagħhom; f'dak ir-rigward, jiddeplora l-fatt li filwaqt li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-EUTF se ssir l-aktar permezz ta' riżorsi mill-Għajjuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA), l-EUTF mhux i ffukat esklussivament fuq oġġettivi orjentati lejn l-iżvilupp; jirrimarka li t-taqsimat tematika għall-ġestjoni tal-migrazzjoni ngħatat l-akbar sehem tal-fondi fl-2018, li żdiedu minn 17,3 % fl-2016 għal 30,8 % tal-fondi tal-EUTF fl-2018;
67. Jinnota li mhux biss żdiedet il-ġestjoni tal-migrazzjoni bħala sehem fil-proġetti kollha approvati mill-EUTF, imma wkoll li l-fondi taw prijorità dejjem akbar lill-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq, minn 23 % tal-fondi totali tal-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-2016 għal 52 % fl-2018; jiddeplora l-fatt li filwaqt li l-Unjoni għandha l-għan li tappoġġa "popolazzjonijiet vulnerabbli u marġinalizzati" bħala prijorità tal-EUTF, 55 % tal-finanzjament mit-taqsimat tal-ġestjoni tal-migrazzjoni kienu qed jingħataw għal proġetti li kellhom l-għan li jirrestrinġu u jiskoraġġixxu l-migrazzjoni irregolari permezz taż-żamma u l-kontroll tal-migrazzjoni fl-2017; iwissi li l-użu tal-għajjuna għall-iżvilupp bħala mezz li jindirizza l-migrazzjoni u s-sigurtà mhux biss idgħajef il-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp iżda jista' joħloq aktar faqar u instabbiltà li jgħiegħlu lin-nies jitolqu mill-komunitajiet tagħhom; ihegġegħ lill-Kummissjoni, f'dak ir-rigward, tikkunsidra li tillimita u/jew tikkanċella l-għoti ta' għajjuna finanzjarja għal proġetti tal-EUTF li ma jirrispettawx il-politiki tal-iżvilupp fit-tul tal-Unjoni;
68. Ifakkar il-fatt li l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-NGOs u s-settur privat huma sħab għal politika ta' żvilupp effettiva, u li djalogu kostanti mal-awtoritajiet nazzjonali u l-komunitajiet lokali huwa essenzjali sabiex jiġu stabbiliti strateġiji u prijoritajiet komuni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-FEŻ u l-baġit tal-UE ma jiffinanzjawx proġetti permezz tal-EUTF implimentati mill-forzi governattivi u lokali (milizzja) li huma involuti fi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, speċjalment f'pajjiżi bħal-Libja u s-Sudan;
69. Ifakkar li l-finanzjament tal-EUTF li ġej mil-linji baġitarji tal-iżvilupp ma jridux jintużaw għal miżuri ta' sigurtà li jipperikolaw id-drittijiet tal-migranti; jistieden lill-Kummissjoni tistabilixxi garanziji tanġibbli li l-proġetti tal-EUTF relatati mal-migrazzjoni ma jintużawx mill-awtoritajiet ta' implimentazzjoni biex jiksru d-drittijiet tal-bniedem bażiċi tal-migranti, u li fuq terminu twil il-proġetti tal-EUTF relatati mal-migrazzjoni ma jikkontribwixxu għad-destabilizzazzjoni ta' pajjiżi u sottoreġjuni, peress li dan huwa dejjem aktar u aktar enfazzat mill-NGOs u l-persuni lokali fit-Tramuntana tan-Niġer; jisħaq fuq il-fatt li l-proġetti tal-EUTF iridu jintegraw id-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tal-programmazzjoni u jikkontribwixxu għar-realizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi kkonċernati;
70. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi klawnsoli ċari u trasparenti dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet ta' kontribuzzjoni li tikkonkludi ma' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni (aġenziji tan-NU, aġenziji tal-iżvilupp tal-Istati Membri) sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn l-Unjoni tkun tista' tiffinanzja indirettament proġetti li jiksru d-drittijiet tal-bniedem; jirrimarka f'dak ir-rigward il-proġett "Rabta mill-għdid mal-Eritrea u l-Etjopja permezz tar-riabilitazzjoni tat-toroq prinċipali arterjali fl-Eritrea", iffinanzjat mill-EUTF u ġestit mill-Uffiċċju tas-Servizzi tal-Proġetti tan-Nazzjonijiet Uniti, li jiffinanzja kumpaniji nazzjonali tal-konstruzzjoni Eritreani li jużaw xogħol furzat permezz ta' servizz nazzjonali;
71. Jappella lill-Kummissjoni biex tiżgura li x-xogħol furzat u l-kundizzjonijiet ta' skjavitù ma jintużawx fis-siti ta' ħidma tal-proġetti kofinanzjati mill-Unjoni, f'konformità mal-oqfsa legali internazzjonali u tal-Unjoni; jirrakkomanda li l-Kummissjoni timplimenta sistema ta' monitoraġġ trasparenti u riġidu għal proġetti kofinanzjati mill-Unjoni, li għandha tinkludi proċedura ta' lmenti u segwitu anonimi;
72. Jinsab imħasseb mill-fatt li l-Qorti sabet eżempji ta' proġetti li jindirizzaw ħtiġijiet simili għal dawk ta' strumenti oħra tal-Unjoni b'riskju ta' duplikazzjoni ta' forom oħra ta' appoġġ tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu ħsieb partikolari ħalli tiżgura li l-azzjonijiet tagħha jkunu konsistenti u kkoordinati mal-Programmi ta' Żvilupp Reġjonali u timmassimizza l-impatt u l-effikaċja tal-għajjuna globali sabiex tiżgura li l-enfasi ewlenija tkun fuq l-iżvilupp u mhux fuq il-kontroll tal-fruntieri u s-sigurtà għad-detriment tal-migranti;

73. Jinnota li l-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ħtieġa li tkompli ttejjeb is-sistema komuni ta' monitoraġġ; jilqa' l-adozzjoni ta' sett ta' 41 indikatur komuni tar-riżultati matul it-tieni kwart tal-2018 u t-twaqqif ta' assistenza teknika; jinnota li t-tliet taqsimiet operattivi tal-EUTF għall-Afrika qed jaħdmu biex jidentifikaw aħjar l-oġġettivi speċifiċi u l-linji bażi fil-livell tal-proġett;
74. Iqis li hemm bżonn ta' attenzjoni xierqa biex tiġi żgurata komunikazzjoni aħjar bejn il-Kummissjoni, il-Parlament u l-Istati Membri rigward l-implimentazzjoni tal-EUTF u rappurtar pubbliku, sorveljanza u awditjar suffiċjenti tal-operazzjonijiet u l-prestazzjoni tagħhom; jistieden lill-Qorti tikkunsidra awditu tal-impatt tal-implimentazzjoni tal-EUTF għall-Afrika dwar il-politika tal-Unjoni għall-iżvilupp kemm mil-lat baġitarju kif ukoll mil-lat ta' riżultati; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tislet konklużjonijiet mill-awditu u tiżgura li l-proġetti tal-EUTF li ġew implimentati b'mod ineffiċjenti jintemmu jew jiġu limitati ħafna fil-finanzjament;

L-Arkitettura Afrikana għall-Paċi u s-Sigurtà (APSA)

75. Jinnota bi tħassib li l-Arkitettura Afrikana għall-Paċi u s-Sigurtà (APSA) ssofri minn dipendenza qawwija fuq sorsi finanzjarji esterni minħabba l-kontribut baxx tal-Istati Membri għall-Fond għall-Paċi u l-finanzjament addizzjonali limitat li tattira l-APSA minn sorsi alternattivi ta' finanzjament;
76. Jirrikonoxxi li, fl-Afrika, is-SEAE u l-Kummissjoni qed jiffaċċjaw sitwazzjonijiet kumplessi ħafna, b'għadd numeruż ta' sfidi u restrizzjonijiet politiċi u operattivi f'ħafna oqsma, b'mod partikolari l-kooperazzjoni tal-partijiet ikkonċernati ewlenin, il-finanzjament u n-nuqqasijiet tal-istituzzjonijiet u r-rieda politika biex jintervjenu, jipprevjenu u jiġġestixxu l-kunflitti;
77. Jiddispjaċih dwar il-fatt li dan in-nuqqas ta' sjieda Afrikana u sostenibbiltà finanzjarja b'dipendenza kbira fuq id-donaturi u s-sħab internazzjonali jwassal għal nuqqasijiet operattivi; jistieden lill-Kummissjoni biex trawwem sjieda tal-APSA min-naħa tal-Unjoni Afrikana sabiex tikseb indipendenza finanzjarja akbar u tiffoka mill-ġdid l-appoġġ tal-Unjoni ħalli ma jibqax iffokat fuq l-appoġġ ta' spejjeż operazzjonali iżda minflok jappoġġa miżuri tal-bini ta' kapaċità.
78. Jiddispjaċih kemm tal-fatt li l-appoġġ tal-Unjoni għall-APSA kellu effett limitat u kien jeħtieġ iffokar mill-ġdid kif ukoll tal-fatt li l-appoġġ tal-Unjoni kien prinċipalment qed jiffoka fuq il-kontribuzzjoni għall-ispejjeż operattivi bażiċi tal-APSA u li l-APSA kienet, għal ħafna snin, dipendenti ferm fuq l-appoġġ tad-donaturi;
79. Jinsab serjament imħasseb dwar l-insuffiċjenzi tas-sistemi ta' monitoraġġ fir-rigward tal-kapaċità tagħha li tipprovdi data adegwata dwar ir-riżultati tal-attivitajiet; jitlob lill-Kummissjoni żżid il-kapaċità tas-sistema ta' evalwazzjoni tal-attivitajiet u tal-prestazzjoni biex turi b'mod ċar li l-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni jistgħu jkunu marbuta l-aktar ma' effetti tanġibbli u pożittivi fuq il-paċi u s-sigurtà fuq il-post; jitlob lis-servizzi tal-Kummissjoni jvaraw missjoni ta' "Monitoraġġ Orjentat lejn ir-Riżultati" u jirrapportaw lill-Parlament malajr kemm jista' jkun;
80. Abbażi tat-tħassib imsemmi hawn fuq, jirrakkomanda li l-Kummissjoni tikkunsidra tikkanċella l-finanzjament finanzjarju kollu lill-APSA;

Pjan ta' Investiment Estern u l-EFSD

81. Ifakkar fl-oġġettiv finanzjarju fil-mira li jimmobilizza EUR 44 biljun f'investiment; jinnota li l-Unjoni allokat EUR 2,2 biljun għal 94 proġett ta' għotjiet imħallta taħt l-EFSD (Pilastru 1 tal-Pjan ta' Investiment Estern) u EUR 1,54 biljun għal garanziji tal-EFSD għal 28 programm ta' investiment;
82. Jinkoraġġixxi lid-DĠ DEVCO jkompli jżid is-sensibilizzazzjoni dwar il-possibbiltajiet ta' mobilizzazzjoni offruti mill-Pjan ta' Investiment Estern billi jattira investiment mis-settur privat fi sħubijiet għall-iżvilupp; ifakkar madankollu li għandha tingħata attenzjoni speċifika mhux biss lill-addizzjonalità tal-Pjan ta' Investiment Estern, iżda wkoll lill-kriterji applikati fil-ġestjoni tiegħu, sabiex tiġi evitata kwalunkwe devjazzjoni tal-finanzjament għall-iżvilupp lejn investituri privati, jew lejn eżiti ta' interessi jew ta' lukru;
83. Josserva li permezz ta' 21 proġett ta' għotjiet imħallta, l-Unjoni allokat ukoll EUR 547 miljun lill-Afrika sub-Saħarjana li mistennija jiżblukkaw EUR 4 biljun għat-trasport, l-enerġija, is-settur privat u l-agrikoltura; jesprimi l-appoġġ tiegħu għat-trawwim tad-dimensjoni lokali ta' finanzjament imħallat;

84. Jirrimarka li l-kooperazzjoni reġjonali tal-Unjoni kienet il-kontributur finanzjarju ewlieni tal-proġetti ta' ġestjoni tal-bijodiversità u tar-riżorsi tal-foresti u kellha rwol ewlieni fil-preservazzjoni tas-sittax-il żona protetta fir-Reġjun Ċentrali u tal-Punent tal-Afrika;
85. Jistieden lill-Kummissjoni tiffoka aktar fuq it-tixrid ta' proġetti implimentati b'suċċess u tqajjem kuxjenza pubblika dwar l-investimenti tal-Unjoni fl-iżvilupp sostenibbli globali;

Il-faċilità ta' investment tal-AKP tal-BEI

86. Jinkoraġġixxi lill-BEI jagħti appoġġ ulterjuri lill-iżvilupp tas-settur privat lokali bħala mutur ewlieni tas-sostenibbiltà u r-reżiljenza, jagħti appoġġ lill-infrastruttura soċjali u ekonomika bażika ta' interess immedjat għall-benefiċjarji kif ukoll lit-tiftix għal sħab lokali u reġjonali ġodda fil-qasam speċifiku tal-mikrofinanzjament; jistieden lill-BEI jżid l-addizzjonalità permezz ta' ġustifikazzjoni aħjar tal-użu tal-fondi;
87. Jinkoraġġixxi lill-BEI jżid l-isforzi u jieħu l-miżuri xierqa sabiex jirreklama strumenti tal-BEI aħjar f'pajjiżi fejn l-impatt tal-investimenti tal-BEI jkun ogħla;
88. Jilqa' l-kontribuzzjoni tal-Unjoni permezz tal-Faċilità ta' Investment tal-AKP għal linji ta' kreditu tal-mikrofinanzjament bl-ammont ta' EUR 139 miljun li għandhom jirriżultaw f'madwar 26 300 self lil mikrointrapriżi u individwi;
89. Jemmen li hu kruċjali għall-BEI li kontinwament jinvesti ħin fil-politika dwar id-diliġenza dovuta flimkien ma' għodod għall-valutazzjoni tar-riżultati sabiex jikseb għarfien aħjar dwar il-profil tal-intermedjarji finanzjarji u l-benefiċjarji u anke sabiex jevalwa aħjar l-impatt tal-proġetti fuq il-benefiċjarji finali;

Il-futur tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Afrika

90. Jinnota r-riflessjoni li għaddejja bħalissa dwar l-istrateġija u s-sħubija fit-tul li jmiss tal-Afrika u l-UE, filwaqt li jikkunsidra din l-opportunità biex iressaq 'il quddiem aktar effiċjenza fil-mezzi tal-għoti tal-għajnuna; iqis li hemm bżonn li nimxu lil hinn minn relazzjoni tradizzjonali li tiffoka fuq l-għajnuna lejn waħda aktar strateġika u integrata;
91. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa "approċċ ta' aktar huwa aktar" mas-sħab tagħna li jippermetti l-possibbiltà li l-għajnuna tagħna taġġusta ruħha għar-rispett, min-naħa tal-pajjiżi terzi, tad-drittijiet demokratiċi, tal-istat tad-dritt, tar-rispett tal-konvenzjonijiet internazzjonali, eċċ.;
92. Jenfasizza li l-FEŻ għandu jiġi inkorporat fil-baġit tal-Unjoni, kif ġie ddikjarat preċedentement fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament u fil-proposta għall-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 il-ġdid, sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tal-baġit; jirrimarka li l-inklużjoni tal-FEŻ issa ħaħ il-kapaċità tal-awtorità ta' kwittanza biex tiskrutinizza kif jintnefaq il-baġit tal-Unjoni barra mill-Unjoni.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1937 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Meju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Istitut fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0056/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0058/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 128.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1938 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Istitut fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0056/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0058/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 128.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1939 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċizzjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċizzjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0058/2020),
- A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tiegħu ⁽¹⁾, il-baġit finali tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi ("l-Istitut") għas-sena finanzjarja 2018 kien jammonta għal EUR 7 981 001,45, u dan ifisser żieda ta' 3,34 % meta mqabbla mal-2017; billi l-baġit kollu tal-Istitut ġej mill-baġit tal-Unjoni ⁽²⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Istitut għas-sena finanzjarja 2018 ("ir-rapport tal-Qorti"), iddikjarat li kisbet aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Istitut huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'apprezzament li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 99,38 %, li tirrappreżenta żieda ta' 0,46 % meta mqabbla mal-2017; jinnota li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 81,15 %, li tfisser żieda ta' 0,20 % meta mqabbla mas-sena preċedenti;

Prestazzjoni

2. Jilqa' l-fatt li l-Istitut juża ċerti indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni fir-rigward tal-oġettivi operattivi u tal-ġestjoni tar-riżorsi finanzjarji u umani biex jivvaluta l-valur miżjud mill-attivitajiet tiegħu u jtejjeb il-ġestjoni tal-baġit tiegħu; jinnota wkoll li fl-2018, l-Istitut lesta 98,80 % tal-attivitajiet tad-dokument uniku ta' programmazzjoni;
3. Jinnota li l-Istitut ippresieda n-netwerk tal-aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u kkoordinata aġġornamenti regolari u qsim ta' informazzjoni fost l-aġenziji; jinnota li fi tmiem l-2018 l-Istitut, flimkien ma' aġenziji oħra, qabel li jesplora possibbiltajiet għal kooperazzjoni msaħħa bejn l-aġenziji fl-implimentazzjoni ta' proġetti konġunti ta' bini ta' kapaċità ma' pajjiżi terzi; ifaħħar din il-prattika bħala eżempju li aġenziji oħra għandhom isegwu; iħeġġeġ lill-Istitut biex jipprova jikseb kooperazzjoni ulterjuri u usa' mal-aġenziji tal-Unjoni; iħeġġeġ lill-Istitut jibda diskussjonijiet dwar is-suġġett tal-kondiviżjoni tar-riżorsi rigward kompiti li jikkoinċidu fost aġenziji oħra b'attivitajiet simili;
4. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju tal-fattibbiltà biex tivvaluta l-possibbiltà ta' fużjoni totali jew almenu tal-ħolqien ta' sinerġiji kondiviżi mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA); jistieden lill-Kummissjoni tevalwa ż-żewġ xenarji li ġejjin: it-trasferiment tal-Istitut għas-sede tal-FRA fi Vjenna u t-trasferiment tas-sede tal-FRA għas-sede tal-Istitut f'Viñnius; jinnota li pass bħal dan ikun ifisser il-kondiviżjoni tas-servizzi korporattivi u ta' appoġġ u l-ġestjoni ta' bini komuni, kif ukoll il-kondiviżjoni tal-infrastrutturi bbażati fuq l-ICT, it-telekomunikazzjonijiet u l-Internet, u b'hekk jiġu ffrankati ammonti kbar ta' flus li jkunu jistgħu jintużaw għal finanzjament ulterjuri tal-Istituzzjoni u tal-FRA;
5. Iħeġġeġ lill-Istitut jimplementa r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti;
6. Iħeġġeġ lill-Istitut jaħdem favur id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tiegħu;

⁽¹⁾ ĠU C 128, 5.4.2019, p. 16.

⁽²⁾ ĠU C 128, 5.4.2019, p. 18.

7. Ifakkar li l-Istitut ġie stabbilit biex jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Unjoni u jsah-hahha, inkluż permezz tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki kollha tal-Unjoni u fil-politiki nazzjonali derivanti, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess u s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi;
8. Jilqa' l-kooperazzjoni li għaddeja bejn l-Istitut u l-Kumitat tal-Parlament għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (il-'Kumitat FEMM'), u jilqa' l-kontribut tal-Istitut għall-isforzi kontinwi tal-'Kumitat FEMM' inkluż dwar il-kwistjonijiet tad-distakk diġitali bejn l-irġiel u n-nisa, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, id-differenza bejn il-pagi u l-pensjonijiet tal-irġiel u tan-nisa, l-ibbaġitjar skont is-sessi, il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa, is-saħħa tan-nisa inkluż is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, id-drittijiet tan-nisa u l-iżvilupp ta' għodda parlamentari sensittiva għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi; jinnota l-kontribut siewi li l-Istitut jista' jagħti lill-kumitati kollha tal-Parlament sabiex jintegraw aħjar b'mod orizzontali l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi u jwettqu aħjar l-integrazzjoni tal-kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki u fl-azzjonijiet matul it-fassil tal-politiki tal-Unjoni, billi, pereżempju, jipprovdi lill-kumitati l-oħra b'taħriġ u data;
9. Jinnota l-Istrateġija l-ġdida dwar il-Ġestjoni tal-Għarfien u l-Komunikazzjoni 2019-2021, li għandha l-għan li tinvolvi lill-partijiet ikkonċernati fl-ugwaljanza bejn is-sessi u tissorvelja l-mezzi ta' komunikazzjoni tal-Istitut;
10. Jappoġġa bil-qawwa l-ħidma tal-Istitut, li, permezz ta' studji u riċerka, jippermetti lill-Kumitat FEMM jikseb data li hija indispensabbli sabiex iwettaq ħidmietu kif suppost billi jipprovdi data uffiċjali, oġġettiva u ta' kwalità għolja;
11. Jilqa' l-kisbiet tal-Istitut fl-2018 u jitolbu jaġġorna l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2017 fuq bażi annwali mill-2020 'il quddiem; jappella sabiex jiġu żviluppatti għodod aktar metodoloġiċi biex tiġi żgurata aħjar l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki u l-azzjonijiet kollha;
12. Jinsisti fuq ir-rwol tal-Istitut, bħala ċ-ċentru ta' għarfien espert tal-Unjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, li jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul;
13. Iqajjem tħassib dwar talbiet ta' ex ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija u dwar id-deċiżjonijiet tal-Qorti Distrettwali tal-Belt ta' Vilnius u tal-Qorti Reġjonali ta' Vilnius; jappella għal proċess ċar ta' reklutaġġ u jitlob lill-Istitut jadotta miżuri biex isolvi s-sitwazzjoni.

Politika dwar il-persunal

14. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2018, it-tabella tal-persunal kienet ikkompletata b'100 %, bil-ħatra ta' 27 aġent temporanju minn total ta' 27 aġent temporanju li ġew awtorizzati fil-qafas tal-baġit tal-Unjoni (meta mqabbla mas-27 post awtorizzati fl-2017); jinnota li, barra minn hekk, 14-il aġent kuntrattwali u erba' esperti nazzjonali sekondati kienu qed jaħdmu għall-Istitut fl-2018;
15. Jinnota d-deċiżjoni tal-Qorti Distrettwali tal-Belt ta' Vilnius fi Frar 2019 favur ħames ex impjegati tal-Istitut li kienu akkużaw lill-Istitut li sfrutta l-istatus ta' 'impjegat temporanju' għal perjodu ta' ħames snin sabiex iħallsuhom inqas minn persunal bi status ta' impjegat fit-tul; jistieden lill-Kummissjoni twettaq analiżi ġenerali tal-modi li bihom l-aġenziji jimpjegaw il-persunal tagħhom u tal-Istitut innifsu u tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-eżitu finali tal-analiżi;
16. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, wieħed mill-obbligi prinċipali, li jirriżulta mid-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ u l-liġi tax-xogħol tal-Litwanja, huwa li l-ħaddiema interim għandu jkollhom l-istess kundizzjonijiet tax-xogħol bħall-ħaddiema li jiġu impjegati direttament mill-impriża li tħaddimhom; jinnota, madankollu, li l-kuntratti ma kinux jirrikjedu b'mod espliċitu li l-aġenziji tax-xogħol temporanju jirrispettaw dawn il-kundizzjonijiet, u li xejn ma jindika li l-Istitut innifsu għamel xi tqabbil bejn il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal proprju tiegħu u l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema interim, li jikkawża riskji ta' litigazzjoni u għar-reputazzjoni; jistieden lill-Istitut janalizza l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema interim tiegħu u jiżgura li jkunu jikkonformaw mal-liġijiet tax-xogħol tal-Unjoni u dawk nazzjonali;
17. Jinnota bi tħassib ir-rappreentazzjoni żbilanċjata tal-irġiel (7 membri) u tan-nisa (23 membri) fil-Bord ta' Tmexxija;
18. Jinnota li l-Istitut jippubblika avviżi ta' postijiet battala fuq is-sit web proprju tiegħu u fuq il-midja soċjali sabiex tiżdied il-pubbliċità, iżda mhux fuq is-sit web tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal;

⁽³⁾ Id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9).

Akkwisti

19. Jinnota bi tħassib li, fi tmiem l-2017, l-Istitut kien konvenut ferba' kawżi relatati ma' tliet proċeduri ta' akkwist li tressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("il-Qorti tal-Ġustizzja") minn offerenti li ma ntgħażlux; jinnota li fl-2018 il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fuq tnejn mill-erba' każijiet u ħadet l-azzjonijiet tar-rikorrenti filwaqt li sabet li l-Istitut ma kienx responsabbli, u li fl-2019 il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar iż-żewġ każijiet li kien fadal marbuta mal-istess deċiżjoni ta' għoti u mal-istess kuntratt; jinnota li, skont it-tweġiba tal-Istitut, huwa kompli jtejjeb il-proċeduri ta' akkwist sabiex jimminimizza r-riskju ta' nuqqas ta' sodisfazzjon potenzjali fost l-offerenti li ma jintgħażlux u ta' każijiet legali futuri;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

20. Jinnota l-miżuri eżistenti tal-Istitut u l-isforzi kontinwi biex jiġu żgurati t-trasparenza, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, u l-protezzjoni tal-informaturi; jilqa' l-pubblikazzjoni tas-CVs tal-maniġment superjuri tal-Istitut fuq is-sit web tiegħu;

Awditu intern

21. Jinnota li r-rapport tal-awditjar finali, maħruġ fis-17 ta' Ottubru 2017, tal-awditu tas-Servizz tal-Awditjar Intern dwar il-ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati u l-komunikazzjoni esterna ma identifika l-ebda kwistjoni kritika jew importanti ħafna; jinnota, madankollu, li r-rapport tal-awditjar irrakkomanda titjib ulterjuri f'għadd ta' oqsma inklużi l-ġestjoni tal-għarfien u l-istrateġija ta' komunikazzjoni, l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni, il-monitoraġġ u r-rappurtar, il-ġestjoni ta' proġetti ewlenin tal-partijiet ikkonċernati u l-komunikazzjoni esterna; jinnota li l-Istitut żviluppa pjan ta' azzjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet u s-sottorakkomandazzjonijiet kollha li għandhom jiġu implimentati matul l-2017-2018 u li diversi sottorakkomandazzjonijiet ġew implimentati fl-2017 u l-bqija matul l-2018;
22. Jinnota l-isforzi tal-Istitut biex jiżgura post tax-xogħol kosteffikaċi u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent; josserva li, filwaqt li l-Istitut ma għandu l-ebda miżura speċifika fis-seħħ biex inaqqas jew jikkumpensa l-emissjonijiet tas-CO₂, huwa jipparteċipa f'laqgħat, konsultazzjonijiet u preżentazzjonijiet għal dak il-għan u li għandu wkoll spazji ta' parkeġġ għar-roti;
23. Jistieden lill-Istitut jiffoka fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tiegħu mal-pubbliku, u jikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja;
24. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 ⁽⁴⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1940 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾, dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018, skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Awtorità fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0059/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 64 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0059/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1941 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) għas-sena
finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾, dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018, skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Awtorità fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0059/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 64 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0059/2020),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1942 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0059/2020),
- A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tagħha ⁽¹⁾, il-baġit finali tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità") għas-sena finanzjarja 2018 kien ta' EUR 44 191 067, ammont li jirrappreżenta żieda ta' 5,02 % meta mqabbel mal-2017; billi l-Awtorità hija ffinanzjata minn kontribuzzjoni mill-Unjoni (26,59 %), kontribuzzjonijiet mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tal-Istati Membri (46,44 %) u tariffi riċevuti minn entitajiet sorveljati (25,78 %) ⁽²⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2018 ("ir-rapport tal-Qorti"), issostni li għandha fil-pussess tagħha aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Awtorità huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 99,99 %, li meta mqabbla mal-2017 tirrappreżenta tnaqqis żgħir ta' 0,01 %; jinnota li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 88,87 % — tnaqqis ta' 0,89 % meta mqabbla mas-sena preċedenti;
2. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, l-Awtorità, f'konformità mar-regolament dwar it-tariffi, tapplika tariffi lill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u li dawn it-tariffi għandhom ikopru biss l-infiq tal-Awtorità marbut mar-reġistrazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u s-superviżjoni tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu; jinnota li, fl-2017, it-tariffi li l-Awtorità imponiet fuqhom l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu qabżu dak l-infiq b'EUR 853 950 u l-Awtorità nefqet dak il-bilanċ pożittiv fuq attivitajiet oħra, filwaqt li fl-2018, dak l-infiq qabeż it-tariffi imposti fuq l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu b'EUR 224 664; jinnota li d-devjazzjoni akkumulata għall-perjodu mill-2015 sal-2018 tammonta għal EUR 540 412; josserva, barra minn hekk, li l-Awtorità timponi tariffi fuq ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet skont ir-regolament dwar it-tariffi relatati, u li tali tariffi għandhom ikopru biss l-infiq relatati mar-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet; jinnota li, fl-2017, l-infiq tal-Awtorità relatata mar-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet qabżet it-tariffi relatati mitluba b'EUR 452 466, u li, fl-2018, l-infiq tal-Awtorità f'dak il-qasam qabeż it-tariffi relatati mitluba b'EUR 30 882; jinnota li d-devjazzjoni akkumulata matul il-perjodu mill-2015 sal-2018 tammonta għal EUR 545 735 (jew 6 %); josserva li, għalkemm l-Awtorità segwiet il-gwida pprovduta mill-Kummissjoni, il-bilanċi pożittivi u d-defiċits jistgħu jwasslu għal finanzjament trasversali annwali tal-attivitajiet; jinnota t-tweġiba tal-Awtorità li fl-2017, hija kellha tirrialloka r-riżorsi biex taħdem fuq riskju partikolari relatati mar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet, u dan irriżulta f'diskrepanza bejn it-tariffi miġbura u l-infiq reali, filwaqt li dejjem użat il-gwida tal-Kummissjoni dwar il-mudell ta' baġit għall-miżati tagħha, u li kwalunkwe bilanċ fuq terminu qasir għandu jiġi kkompensat fit-tul; jistieden lill-Awtorità tkompli tillimita tali finanzjament trasversali sakemm devjazzjonijiet sinifikanti ma jkunux rikorrenti fil-baġit tal-Awtorità;
3. Josserva li s-surpluses akkumulati matul il-perjodu 2015-2018 li jirriżultaw minn tariffi mħallsa minn aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fir-rigward tar-reġistrazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u s-superviżjoni ta' dawn l-entitajiet jammontaw għal EUR 0,5 miljun; huwa tal-fehma li dawn is-surpluses għandhom ikunu temporanji u m'għandhomx jintużaw biex jiffinanzjaw b'mod permanenti attivitajiet oħra b'mod trasversali;

⁽¹⁾ ĠU C 19, 15.1.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 19, 15.1.2019, p. 3.

Prestazzjoni

4. Jinnota li l-Awtorità lestiet 90 % tal-attivitajiet inklużi fil-programm ta' ħidma annwali tagħha;
5. Jinnota li l-implimentazzjoni tal-MiFID II kienet l-akbar proġett li l-Awtorità wettqet fl-2018; jinnota, barra minn hekk, li waħda mill-isfidi u mill-oġġettivi ewlenin tal-Awtorità kienet it-tnejn għal proċess ordnat biex jiġi indirizzat l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni mingħajr ftehim, fejn kienu meħtieġa sforzi akbar fil-kuntest tal-inċertezza;
6. Jinnota li l-ammont ta' xogħol tal-Awtorità qed jevolvi b'mod kostanti u jinkludi kemm kompiti regolatorji kif ukoll l-infurzar u l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni;
7. Jinnota li l-Awtorità, flimkien mal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) u l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA), tiffirma parti minn kumitat konġunt li għandu l-għan li jiżgura konsistenza transsettorjali u pożizzjonijiet konġunti fil-qasam tas-superviżjoni tal-konglomerati finanzjarji u fuq kwistjonijiet transsettorjali oħra, u li tikkondividi uffiċjal tal-kontabilità mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li ħadet sehem f'haġna akkwisti konġunti ma' aġenziji oħra, u dejjem fittxet effiċjenzi permezz tal-kooperazzjoni; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Awtorità biex b'mod attiv tipprova tikseb aktar kooperazzjoni u kooperazzjoni usa' mal-aġenziji kollha tal-Unjoni;
8. Jinnota, fid-dawl tal-kummenti li saru mill-awtorità tal-kwintanza marbuta mal-evalwazzjoni esterna tat-tliet Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) li saru fl-2017, il-konklużjoni b'suċċess tal-proċess leġiżlattiv dwar ir-rieżami tal-ASE fir-Rebbiegħa 2019, u jinnota li l-bidliet kemm għar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ kif ukoll għal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni issa qed jiġu implimentati kif xieraq;
9. Jilqa' l-inkjesta tal-Awtorità dwar skemi ta' kummerċ ta' arbitraġġ tad-dividendi bħal *cum-ex* jew *cum-cum*; iħeġġeġ lill-Awtorità tisset konklużjonijiet konkreti minn dik l-inkjesta sabiex twaqqaf u tipprevjeni prattiki futuri li jheddu l-integrità tas-swieq finanzjarji tal-Unjoni;
10. Jilqa' r-Rapport tal-Awtorità ta' Lulju 2019 dwar is-sejbiet preliminari dwar skemi multipli ta' taxa minn ras il-għajn b'reazzjoni għar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Novembru 2018 dwar l-iskandlu *cum-ex*: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali attwali (2018/2900(RSP)), fejn il-Parlament Ewropew talab lill-Awtorità twettaq inkjesta dwar skemi bħal *cum-ex* u *cum-cum*; jilqa' wkoll il-fatt li l-bord tas-superviżuri tal-Awtorità approva t-tnejdja ta' inkjesta formali skont l-Artikolu 22(4) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010; iħeġġeġ lill-Awtorità tisset konklużjonijiet konkreti minn dik l-inkjesta sabiex twaqqaf u tipprevjeni prattiki futuri li jheddu l-integrità tas-swieq finanzjarji tal-Unjoni;
11. Jenfasizza li r-rwol tal-Awtorità fil-promozzjoni ta' reġim superviżorju u regolatorju komuni fis-sistema finanzjarja Ewropea huwa essenzjali biex tiġi żgurata stabbiltà finanzjarja, suq finanzjarju integrat aħjar, aktar effiċjenti u sikur, kif ukoll livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur fl-Unjoni billi tippromwovi l-korrettezza u t-trasparenza fis-suq tal-prodotti u s-servizzi finanzjarji;
12. Jissottolinja l-fatt li l-Awtorità, meta twettaq l-attivitajiet tagħha, jeħtiġilha tagħti attenzjoni partikolari biex tiżgura l-kompatibilità mad-dritt tal-Unjoni, filwaqt li tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità u tikkonforma mal-prinċipji fundamentali tas-suq intern;
13. Huwa mħasseb li l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet superviżorji tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾ fil-forma ta' linji gwida u mistoqsijiet u tweġibiet tista' tpoġġi piż żejjed fuq atturi iżgħar u għalhekk tnaqqas il-kompetizzjoni fis-suq ⁽⁵⁾;

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1).

⁽⁵⁾ Ibbażat fuq il-feedback riċevut mill-Creditreform Rating AG.

14. Jisħaq fuq il-fatt li, filwaqt li tiżgura li l-funzjonijiet kollha assenjati lilha jitwettqu bis-sħiħ u fil-ħin, l-Awtorità għandha taderixxi u tagħmel użu sħiħ mill-kompiti u l-mandat assenjati lilha mill-Parlament u mill-Kunsill, u li l-Awtorità jeħtiġilha li qatt ma tmur lil hinn mill-mandat tagħha; jirrimarka li l-iffukar fuq il-mandat assenjat mill-Parlament u mill-Kunsill iwassal għal użu aktar effettiv u effiċjenti tar-riżorsi;

Politika dwar il-persunal

15. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2018, kien ġie eżegwit 95,51 % mill-pjan ta' stabbiliment, u li kienu nħatru 149 aġent temporanju mill-156 awtorizzati mill-baġit tal-Unjoni, (meta mqabbla mal-150 post tax-xogħol awtorizzati fl-2017); jinnota li, barra minn hekk, 68 aġent kuntrattwali u 14-il espert nazzjonali sekondat kienu qed jaħdmu għall-Awtorità fl-2018;
16. Jistaqsi jekk ir-riżorsi allokat lill-Awtorità humiex biżżejjed biex jippermettulha twettaq in-numru dejjem akbar ta' kompiti tagħha, pereżempju fl-oqsma tat-titolizzazzjoni, il-Prospectus 3 u l-fondi tas-suq monetarju fejn l-ammont ta' xogħol żdied iżda ma ġie allokat l-ebda persunal ġdid;
17. Jinnota b'sodisfazzjoni l-bilanċ ugwali bejn is-sessi rrapportat mill-Awtorità fir-rigward tal-manijers superjuri (raġel wieħed u mara waħda) u l-bord manijerjali (tliet irġiel u tliet nisa);
18. Jinnota li r-rata ta' tibdil tal-persunal tal-Awtorità kienet ta' 6,9 %, li tilħaq il-mira tal-Awtorità ta' inqas minn 10 %;
19. Jinnota li l-Awtorità adottat politika dwar il-protezzjoni tad-dinjità tal-persuna u l-prevenzjoni tal-fastidju u aġġornat ir-regoli preċedenti tagħha permezz ta' deċizzjoni adottata mill-bord manijerjali f'Diċembru 2018, f'konformità mal-mudell tal-Kummissjoni; jinnota li l-Awtorità taħtar konsulenti kunfidenzjali u torganizza sessjonijiet regolari ta' għarfien;
20. Jistaqsi jekk l-użu ta' ħaddiema temporanji u konsulenti esterni minflok ma żżid il-persunal tagħha, huwiex l-aħjar użu tar-riżorsi fuq terminu twil;
21. Jinnota li l-Qorti identifikat tendenza orizzontali fost l-aġenziji fir-rigward tal-użu ta' persunal estern impjegat fi rwoli ta' konsulenza tal-IT; jitlob li d-dipendenza fuq ir-reklutaġġ estern f'dak il-qasam importanti u sensitiv jitnaqqas kemm jista' jkun biex jiġu limitati r-riskji potenzjali;

Akkwist

22. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, l-Awtorità tuża kuntratti ma' kumpaniji tal-IT li huma fformulati b'mod li jistgħu jimplikaw l-assenjazzjoni ta' ħaddiema interim minflok il-forniment ta' servizzi jew prodotti tal-IT definiti b'mod ċar, filwaqt li għandhom japplikaw regoli speċifiċi f'konformità mad-Direttiva 2008/104/KE⁽⁶⁾, u l-użu ta' ħaddiema temporanji jista' jsir biss permezz ta' kuntratti ma' aġenziji ta' xogħol temporanju awtorizzati; jinnota li l-użu ta' kuntratti ta' servizzi tal-IT għall-forniment ta' ħaddiema ma jikkonformax mar-regoli tal-Unjoni dwar is-servizzi soċjali u l-impjiegi, u jesponi lill-Awtorità għal riskji legali u reputazzjonali; jistieden lill-Awtorità tiżgura li l-kuntratti jevitaw kwalunkwe konfużjoni bejn l-akkwist ta' servizzi tal-IT u l-assenjazzjoni ta' ħaddiema interim;
23. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, fl-2018, l-Awtorità nediet il-proċedura ta' akkwist għall-kiri ta' spazju ġdid għall-uffiċċji f'Pariġi; jinnota li inizjalment l-Awtorità kienet ipplanat proċedura konġunta ta' akkwist ma' korpi oħra tal-Unjoni, bħall-EBA, li, f'dak iż-żmien, kienet qed tħejji għar-rilokazzjoni tagħha minn Londra għal Pariġi; jinnota li l-Awtorità u l-EBA waslu għall-konklużjoni li l-vantaġġi previsti ta' proċedura ta' akkwist konġunta ma kinux se jimmaterializzaw, u li l-Awtorità u l-EBA wettqu proċeduri ta' akkwist separati għall-kiri tal-ispazju għal uffiċċji tagħhom u għal servizzi relatati oħra, u tilfu l-oportunità għall-ekonomiji tal-kobor u effiċjenza; jistieden lill-Awtorità ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha mal-aġenziji l-oħra u tuża proċeduri ta' akkwist konġunt kull fejn ikun possibbli, sabiex ma jintilfu oportunitajiet għal ekonomiji ta' skala u titjib fl-effiċjenza;
24. Jinnota li filwaqt li l-Awtorità għamlet sforzi sinifikanti fir-rigward tat-thejgħ ta' dokumenti tal-offerta għall-kiri ta' spazju ġdid għall-uffiċċji u fir-rigward tal-metodoloġija ta' evalwazzjoni tal-offerti tagħha, xorta teħtieġ ittejjeb id-dokumentazzjoni u t-traċċabilità tal-evalwazzjonijiet tal-offerti; b'mod partikolari peress li r-rapporti ta' evalwazzjoni jservu bħala r-referenza prinċipali għall-istadji differenti tal-proċeduri ta' akkwist, il-kontenut tagħhom għandu jkun eżawrjenti u jipprovdi d-dettalji rilevanti kollha;

⁽⁶⁾ Id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9).

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, trasparenza u demokrazzija

25. Jinnota li 28 % tal-baġit tal-Awtorità ġej minn tariffi imposti fuq l-entitajiet li jinsabu taħt is-superviżjoni tagħha; jinnota li ġew implimentati miżuri sabiex jittaffa kwalunkwe kunflitt ta' interess u li dawk il-miżuri ġew awditjati; jistieden lill-Awtorità tkompli tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-miżuri li ħadet biex tiżgura li ma jseħħ l-ebda kunflitt ta' interess; jinnota, barra minn hekk, li l-Awtorità temmen li, kieku l-Kummissjoni ġabret it-tariffi, kienu jinħolqu ineffiċjenzi u r-riskji ta' ineżattezza u ta' kalkolu ħażin kienu jiżdienu b'konsegwenza ta' ħsara fir-reputazzjoni;
26. Jilqa' l-pubblikazzjoni ta' rekords dwar il-laqqhat tal-partijiet ikkonċernati kif mitlub mill-Ombudsman Ewropew; jistieden lill-Awtorità ssewwi s-suġġeriment tal-Ombudsman Ewropew li tinkludi fl-informazzjoni tagħha għall-pubbliku indikazzjoni dwar jekk jeżistux rekords dettaljati ta' laqqha speċifika mal-partijiet ikkonċernati u għalhekk tistax tkun soġġetta għal talba għal aċċess pubbliku għal dokumenti, sakemm il-kontenut ta' dawk ir-rekords ma jkun kummerċjalment sensitiv;
27. Jissottolinja l-importanza ta' amministrazzjoni miftuħa, effiċjenti u indipendenti għall-aġenziji kollha tal-Unjoni u l-Unjoni kollha kemm hi; ifakkar fil-problema tal-kunflitti ta' interess li tinqala' mis-sitwazzjonijiet ta' "bibien iduru" u jisħaq fuq il-ħtieġa għal qafas ġuridiku unifikat biex jindirizza dawn il-kwistjonijiet;

Kontrolli interni

28. Jinnota, fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet mill-awtorità tal-kwittanza relatati mal-awditjar tas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni (IAS) dwar l-Eżamijiet bejn il-Pari tal-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti, li l-azzjonijiet relatati kollha nġhalqu;
29. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, fl-2018 l-IAS ħareġ rapport tal-awditjar dwar "Id-Dħul u l-Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività fl-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq" u li l-Awtorità ħejjiet pjan ta' azzjoni biex tindirizza l-oqsma fejn jista' jsir titjib; jistieden lill-Awtorità tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-miżuri meħuda f'dak ir-riġward;

Kummenti oħrajn

30. Jinnota li matul l-2018, il-ħruġ mistenni tar-Renju Unit mill-Unjoni kellu impatt sinifikanti fuq il-ħidma u r-riżultati ppjanati tal-Awtorità, u ġġenera ħafna xogħol ta' tħejjija, b'mod partikolari fl-oqsma tal-konverġenza superviżorja, il-prevenzjoni tal-frammentazzjoni u l-arbitraġġ regolatorju, is-superviżjoni diretta u l-valutazzjoni tar-riskju; jinnota li l-Awtorità analizzat fid-dettall x'impatt operattiv ikollu l-ħruġ mistenni tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq l-organizzazzjoni tagħha, u li hija allokat persunal dedikat biex jipprovdri pariri dwar dawk il-kwistjonijiet u jirrapporta dwarhom b'mod regolari;
31. Jistieden lill-Awtorità titfa' l-attenzjoni tagħha fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tagħha mal-pubbliku, u tikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja;
32. Jissottolinja r-responsabilità li għandha s-sistema finanzjarja biex tissodisfa l-isfidi relatati mas-sostenibilità u tiżgura li l-Unjoni tissodisfa l-obbligi tagħha meħuda fil-qafas tal-Ftehim ta' Pariġi skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima; jenfasizza r-rwol kruċjali tal-Awtorità fl-integrazzjoni ta' fatturi relatati mal-ambjent u l-governanza u dawk soċjali fil-qafas regolatorju u superviżorju u fil-mobilizzazzjoni u l-igġwidar tal-flussi kapitali privati lejn investimenti sostenibbli; għaldaqstant jisħaq fuq il-ħtieġa li jkun hemm biżżejjed riżorsi biex tiġi mmonitortorjata l-implimentazzjoni ta' dak il-qafas mill-istituzzjonijiet finanzjarji u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali;
33. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 ⁽⁷⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

(7) Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1943 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Awtorità Bankarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Awtorità fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0057/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 64 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiki u Monetari,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0060/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Bankarja Ewropea għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Bankarja Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1944 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Awtorità Bankarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Awtorità fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0057/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 64 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarij,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0060/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Bankarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Bankarja Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1945 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Bankarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2020 dwar l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja: Il-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess wara l-impjeg fis-servizz pubbliku ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0060/2020),
- A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tagħha ⁽²⁾, il-baġit finali tal-Awtorità Bankarja Ewropea (l-"Awtorità") għas-sena finanzjarja 2018 kien jammonta għal EUR 42 584 409, li jfisser żieda ta' 10,84 % meta mqabbel mas-sena 2017; billi ż-żieda kienet relatata mal-proċess ta' rilokazzjoni tal-Awtorità lejn Pariġi; billi l-Awtorità hija ffinanzjata minn kontribuzzjoni mill-Unjoni (EUR 16 142 578, jiġifieri 37,91 %), u minn kontribuzzjonijiet mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tal-Istati Membri u minn osservaturi (EUR 26 441 831, jiġifieri 62,09 %) ⁽³⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità Bankarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 (ir-"rapport tal-Qorti"), tiddikjara li kisbet aċċertament raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Awtorità huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 99,85 %, li tirrappreżenta żieda ta' 3,94 % meta mqabbla mal-2017; jinnota li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 88,23 %, li tirrappreżenta żieda ċkejna ta' 0,96 % meta mqabbla mas-sena preċedenti;

Prestazzjoni

2. Jinnota li l-Awtorità tuża erbatax-il indikatur ewlieni ta' prestazzjoni biex tivvaluta, sal-punt li fih ir-riżultati huma fil-kontroll tal-Awtorità, ir-riżultati tal-attivitajiet tagħha u biex ittejjeb il-ġestjoni tal-baġit tagħha;
3. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Awtorità pprovdiet il-maġġoranza tal-prodotti regolatorji tagħha f'konformità mal-programm ta' ħidma tagħha u laħqet il-miri kollha ddikjarati fl-implimentazzjoni tal-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz tal-Awtorità;
4. Jilqa' l-fatt li l-Awtorità tikkondividi Prattiki, inizjattivi u mudelli mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u mal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, li magħhom l-Awtorità jkollha laqgħat regolari; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Awtorità biex b'mod attiv tipproma tikseb aktar kooperazzjoni u kooperazzjoni mifruxa mal-aġenziji kollha tal-Unjoni;
5. Ifakkar fir-rwol, fil-kompiti u fir-riżorsi l-ġodda tal-Awtorità fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu; jemmen li l-prestazzjoni effettiva ta' dan ir-rwol u ta' dawn il-kompiti tiddependi mill-appoġġ tal-Bord tas-Superviżuri; jiddispijaċih, f'dan il-kuntest, biċ-ċaħda ta' proposta biex jiġi investigat il-każ tal-ħasil tal-flus tad-Danske Bank;

⁽¹⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0017.

⁽²⁾ ĠU C 419, 19.11.2018, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 419, 19.11.2018, p. 2.

6. Ifakkar li l-Awtorità s'issa għadha ma fetħitx inkjesta dwar l-iskemi ta' negozju ta' arbitraġġ tad-dividendi bħal *cum-ex* jew *cum-cum* kif mitlub mill-Parlament; ihegġegħ lill-Awtorità tiftaħ inkjesta flimkien mal-ESMA dwar l-iskemi ta' arbitraġġ tad-dividendi sabiex twaqqaf u ttiprevjeni Prattiki futuri li jheddu l-integrità tas-swieq finanzjarji tal-Unjoni;
7. Jiddispjaci li twaqqfet il-kooperazzjoni bejn l-Awtorità u l-ESMA għat-tħejjija ta' proċedura konġunta ta' akkwist għall-kiri ta' spazju għall-uffiċċji f'Pariġi u li l-Awtorità u l-ESMA wettqu proċeduri ta' akkwist separati, mhux biss għal spazju għall-uffiċċji iżda wkoll għal servizzi relatati oħra; jappella lill-Awtorità tirrapporta għand lill-awtorità ta' kwittanza dwar ir-raġunijiet għal din l-oportunità mitlufa għal ekonomiji ta' skala u żidiet fl-effiċjenza; ihegġegħ lill-Awtorità tqis l-idea ta' proċeduri ta' akkwist konġunti u l-kondiviżjoni tar-riżorsi f'kompiti sovrapposti fost aġenziji oħra b'attivitajiet simili jew li jinsabu qrib is-sede tal-Awtorità;
8. Jappella lill-Awtorità ttejjeb u tintensifika l-komunikazzjoni tagħha mal-Istati Membri; ihegġegħ lill-Awtorità ttejjeb u tintensifika l-kooperazzjoni tagħha mal-Istati Membri u mal-banek nazzjonali u l-organi bankarji kummerċjali tal-Istati Membri; jisħaq fuq l-importanza ta' kollaborazzjoni bla xkiel bħal din għall-għan tal-Awtorità li toħloq għabra unika tar-regoli bankarji;
9. Jenfasizza li r-rwol tal-Awtorità fil-promozzjoni ta' reġim superviżorju komuni fis-sistema finanzjarja Ewropea huwa essenzjali biex jiġu żgurati stabbiltà finanzjarja, suq finanzjarju integrat aħjar, aktar effiċjenti u aktar sikur, kif ukoll livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur fl-Unjoni permezz tal-promozzjoni tal-korrettezza u t-trasparenza fis-suq tal-prodotti u s-servizzi finanzjarji;
10. Ifakkar fl-importanza tas-superviżjoni tas-settur finanzjarju, li huwa strument meħtieġ u tassew effikaċi fil-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-ħasil tal-flus;
11. Jinnota li r-rwol, is-setgħat u r-riżorsi tal-Awtorità fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT) ser jissaħħu fil-kuntest tal-proposti leġiżlattivi l-ġodda li dwarhom intlaħaq qbil politiku f'Marzu 2019 ⁽⁴⁾; jisħaq li l-Awtorità għandha tiżvolġi rwol ewlieni fil-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus, filwaqt li tieħu vantaġġ mill-kompetenzi l-ġodda u l-ħolqien ta' kumitat intern ġdid tal-AML/CFT, u għalhekk għandha tingħata kapaċità akbar f'termini ta' riżorsi umani u materjali biex tikkontribwixxi b'mod effikaċi għall-prevenzjoni konsistenti u effiċjenti tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;
12. Jissottolinja l-fatt li l-Awtorità, meta twettaq l-attivitajiet tagħha, jeħtiġilha tagħti attenzjoni partikolari biex tiżgura l-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni, filwaqt li tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità u tikkonforma mal-prinċipji fundamentali tas-suq intern;
13. Ihegġegħ lill-Awtorità twettaq il-proposti tagħha għat-tnaqqis tal-piż tar-rapportar superviżorju għall-istituzzjonijiet ż-żgħar u mhux kumplessi skont kalendarju stabbilit mill-Parlament u mill-Kunsill sabiex tinkiseb proporzjonalità akbar ⁽⁵⁾; jitlob lill-Awtorità tiżgura l-użu konsistenti tad-definizzjonijiet fid-dokumenti regolatorji u mhux regolatorji kollha ⁽⁶⁾;
14. Jinnota li l-volum ta' xogħol tal-Awtorità qiegħed jevolvi b'mod kostanti u jinkludi kemm kompiti regolatorji kif ukoll l-infurzar u l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni; jinnota li sabiex tkun iffaċilitata dik l-evoluzzjoni, ir-riżorsi baġitarji u tal-persunal ġew riallokati internament; jisħaq li l-Awtorità qatt ma għandha tipprova tmur lil hinn mill-mandat tagħha; jindika li l-iffukar fuq il-mandat assenjat mill-Parlament u mill-Kunsill ser iwassal għal użu aktar effikaċi u effiċjenti tar-riżorsi;
15. Jitlob li l-Awtorità twettaq inkjesta dwar skemi ta' negozju ta' arbitraġġ tad-dividendi, bħal *cum-ex*, sabiex tivvaluta t-tħeddid potenzjali għall-integrità tas-swieq finanzjarji u għall-baġits nazzjonali, tistabbilixxi n-natura u l-kobor tal-atturi fi skemi bħal dawn, tivvaluta jekk kienx hemm ksar tad-dritt tal-Unjoni jew tad-dritt nazzjonali, tivvaluta l-azzjonijiet meħuda mis-superviżuri finanzjarji fl-Istati Membri, u tagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa għar-riforma u għall-azzjoni lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati;

⁽⁴⁾ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_19_1655

⁽⁵⁾ Abbażi tal-kontribut mogħti minn IHK München u Genossenschaftsverband Bayern.

⁽⁶⁾ Abbażi tal-kontribut mogħti minn Michael Ikrath, Membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

Politika dwar il-persunal

16. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2018, it-tabella tal-persunal kienet 97,93 % eżegwita, b'145 aġent temporanju li ġew awtorizzati skont il-baġit tal-Unjoni (imqabbla mal-134 post awtorizzati fl-2017); jinnota li, barra minn hekk, 42 aġent kuntrattwali u 16-il espert nazzjonali sekondati kienu qegħdin jaħdmu għall-Awtorità fl-2018;
17. Jinnota li l-Awtorità tippubblika l-avviżi ta' postijiet vakanti fuq is-sit web tagħha u fuq is-sit web tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal u fuq kanali oħra relatati sabiex iżżid il-pubbliċità;
18. Jinnota bi tħassib li fl-2018, skont ir-rapport tal-Qorti, l-Awtorità, minbarra l-persunal tagħha, użat 42 ħaddiem interim li minnhom 27 kienu għal funzjonijiet relatati mal-IT, u 13-il ħaddiem biss mill-persunal tal-Awtorità jaħdem fl-IT, u dan ikkawża dipendenza kritika mill-aġenzija interim f'qasam li huwa kruċjali għall-operazzjonijiet tal-Awtorità; iħeġġeġ lill-Awtorità tindirizza dan ir-riskju konsiderevoli għall-kontinwità tal-operat mal-Parlament u mal-Kunsill waqt id-diskussjoni tal-allokkazzjoni tal-persunal għall-Awtorità;
19. Jinnota bi tħassib li għall-2018 ġie rrapportat li hemm żbilanċ bejn il-ġeneri fir-rigward tal-manijers superjuri (ħamest u mara waħda) u li ma hemm ebda membru mara fil-bord manijerjali (ħamest irġiel).

Akkwist

20. Jinnota li l-Awtorità ipparteċipat f'diversi proċeduri ta' akkwist interistituzzjonali mad-direttorati ġenerali tal-Kummissjoni u ma' aġenziji oħra;
21. Jilqa' l-fatt li, skont ir-rapport tal-Qorti, l-Awtorità għamlet sforzi sinifikanti fit-tħejjija ta' dokumenti tal-offerti u fil-metodoloġija ta' evalwazzjoni tal-offerti; jinnota, madankollu, li għad hemm lok biex jiġu applikati kriterji għall-għoti li jkunu aktar sinifikanti u li fil-proċedura tal-akkwist tal-bini futur tal-Awtorità, l-offerenti rċewew punti ta' evalwazzjoni addizzjonali f'każ ta' dikjarazzjoni li jistgħu joffru wkoll biżżejjed spazju biex jospitaw lill-ESMA fl-istess bini u li l-offerent rebbieħ irċieva dawn il-punti iżda fl-aħħar mill-aħħar ma pparteċipax fil-proċedura ta' akkwist għall-bini tal-ESMA;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

22. Jirrikonoxxi l-miżuri li l-Awtorità diġà għandha fis-seħħ u l-isforzi kontinwi tagħha biex tiżgura t-trasparenza, tipprevjeni u tiġġestixxi l-kunflitti ta' interess u ttiproteġi lill-informaturi; jinnota li huma meħtieġa passi ulterjuri sabiex jiġu evitati u amministrati l-kunflitti ta' interess, u sabiex tissaħħa it-trasparenza fl-attivitajiet tal-Awtorità permezz tar-rapportar dwar il-laqqgħat li l-persunal tal-Awtorità jkollu ma' partijiet ikkonċernati esterni, u billi tagħmel dawn ir-rapporti disponibbli fuq is-sit web tal-Awtorità;
23. Ifakkar li fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2020 dwar "L-Istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja: il-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess wara l-impjeg fis-servizz pubbliku", il-Parlament innota t-tħassib tiegħu dwar il-kunflitt ta' interess li nħoloq b'konsegwenza tal-ħatra tad-direttur eżekuttiv tal-Awtorità bħala l-kap eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni għas-Swieq Finanzjarji fl-Ewropa (AFME) mill-1 ta' Frar 2020, li ma ġiex indirizzat biżżejjed bir-restrizzjonijiet imposti mill-Bord tas-Superviżuri; jespri t-tħassib tiegħu li l-Bord tas-Superviżuri tal-Awtorità nnomina wkoll kandidat għall-kariga ta' direttur eżekuttiv li qabel kien impjegat bħala direttur manijerjali għal promozzjoni fl-AFME; jissottolinja li s-sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess wara l-impjeg fis-servizz pubbliku u ta' "bibien iduru" huma problema komuni għal bosta korpi u aġenziji madwar l-Unjoni li taffettwa r-reputazzjoni tagħhom; jinkoraġġixxi lill-Awtorità ssaħħa il-politika tagħha rigward il-kunflitt ta' interess;
24. Jinnota li wara l-iżvilupp tal-istrateġija tal-awtorità ta' kontra l-frodi għall-perjodu 2015–2017, it-tim ta' kontra l-frodi kompli jikkoordina u jimplementa din l-istrateġija;

Kontrolli interni

25. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, wieħed mill-obbligi prinċipali, li jirriżulta mid-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾ u l-leġiżlazzjoni tax-xogħol tar-Renju Unit, huwa li l-ħaddiema interim ikollhom l-istess kundizzjonijiet tax-xogħol bħall-ħaddiema li jiġu impjegati direttament mill-impriża li tħaddimhom; jinnota, madankollu, li l-kuntratti ma kinux jirrikjedu li l-aġenziji tax-xogħol temporanju jirrispettaw b'mod espliċitu dawn il-kundizzjonijiet u m'hemm ebda evidenza li tindika li l-Awtorità stess għamlet tqabbil bejn il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal tagħha u l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema interim, li kkawża riskji ta' litigazzjoni u ta' dannu għar-reputazzjoni; jappella lill-Awtorità tanalizza l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema temporanji tagħha u tiżgura li jkunu jikkonformaw mal-leġiżlazzjonijiet tax-xogħol tal-Unjoni u dawk nazzjonali;
26. Jinnota li, b'segwitu għar-rapport tal-awditjar tas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni fl-2018 dwar "Il-Ġabra Unika tar-Regoli – Mistoqsijiet u Tweġibiet fl-Awtorità Bankarja Ewropea", l-Awtorità ħejjiet pjan ta' azzjoni biex tindirizza xi oqsma potenzjali għal titjib; jappella lill-Aġenzija tirrapporta għand l-awtorità tal-kwittanza dwar kwalunkwe progress f'dak ir-rigward;

Kummenti oħra

27. Jinnota li minħabba d-deċizzjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni, is-sede tal-Awtorità ġiet ittrasferita gradwalment f'Pariġi, Franza, minn Marzu 2019; jinnota li l-kontijiet tal-Awtorità jinkludu proviżjonamenti għal spejjeż relatati li jammontaw għal EUR 4,7 miljun u jiddivulgaw il-bqija tal-pagamenti kuntrattwali futuri li jammontaw għal EUR 10,4 miljun għall-uffiċċji f'Londra;
28. Jissottolinja r-responsabbiltà li għandha s-sistema finanzjarja biex tegħleb l-isfidi relatati mas-sostenibbiltà u tiżgura li l-Unjoni tissodisfa l-obbligi meħuda fil-qafas tal-Ftehim ta' Pariġi skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima; jenfasizza r-rwol kruċjali tal-Awtorità fl-integrazzjoni ta' fatturi ambjentali, soċjali u dawk relatati mal-governanza fil-qafas regolatorju u superviżorju, u fil-mobilizzazzjoni u l-igġwidar tal-flussi kapitali privati lejn investimenti sostenibbli; jisħaq għaldaqstant fuq il-ħtieġa ta' biżżejjed riżorsi biex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni ta' dak il-qafas mill-istituzzjonijiet finanzjarji u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali;
29. Huwa tal-opinjoni li l-Qorti għandha twettaq awditu dwar l-effiċjenza u l-kosteffettività tar-rilokazzjoni tal-Awtorità ladarba l-ispejjeż kollha taċ-ċaqliq ikunu stabbiliti, sabiex jiġu identifikati l-aħjar Prattiki u jiġu indirizzati oqsma għal titjib;
30. Jappella lill-Aġenzija tiffoka fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tagħha mal-pubbliku ġenerali, u biex tikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja;
31. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċizzjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 ⁽⁸⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽⁷⁾ Id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9).

⁽⁸⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1946 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 – C9-0049/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2015/2219 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar regolament finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 319, 4.12.2015, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0062/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1947 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 – C9-0049/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2015/2219 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar regolament finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 319, 4.12.2015, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0062/2020),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1948 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0062/2020),
- A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u n-nefqa tiegħu ⁽¹⁾, il-baġit finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL jew l-"Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2018 kien ta' EUR 10 416 720, li jirrappreżenta tnaqqis ta' 1,02 % meta mqabbel mal-2017; billi l-Aġenzija hija prinċipalment iffinanzjata minn kontribuzzjoni mill-Unjoni ⁽²⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018 (ir-"rapport tal-Qorti"), tistqarr li kisbet aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 97,97 %, li tirrappreżenta żieda ta' 0,88 % meta mqabbla mal-2017; jinnota li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 76,51 % – tnaqqis ta' 7,51 % meta mqabbla mas-sena preċedenti;

Prestazzjoni

2. Jinnota li l-Aġenzija tuża indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex tkejjel l-attivitajiet ta' taħriġ tagħha u l-impatt tagħhom, b'mod partikolari l-livell ta' sodisfazzjon tal-parteċipanti, sabiex tivvaluta l-valur miżjud ipprovdut minn dawn l-attivitajiet, u tuża l-indikaturi tal-prestazzjoni biex ittejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha;
3. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Aġenzija wettqet b'suċċess il-mandat tagħha matul l-2018 u li fxi każijiet din marret lil hinn mill-objettivi stabbiliti fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2018;
4. Josserva li l-Aġenzija bdiet żewġ proġetti ġodda ffinanzjati mill-Unjoni, is-Sħubija għal Taħriġ Kontra t-Terroriżmu UE/MENA 2 u l-Proġett fil-Balkani tal-Punent għal Taħriġ fuq il-Post tax-Xogħol dwar l-Investigazzjoni Finanzjarja, bit-tnejn li huma juru r-rikonoxximent dejjem akbar tal-Aġenzija bħala attur ewleni tal-Unjoni li jikkontribwixxi għas-sigurtà Ewropea permezz tal-azzjoni esterna;
5. Jinnota li fl-2018, l-Aġenzija wettqet il-proġett pilota Valutazzjoni tal-Ħtiġijiet Strateġiċi ta' Taħriġ tal-UE (EU-STAN) u li aktar minn 87 % tal-avvenimenti ta' taħriġ residenzjali u online tal-Aġenzija (attivitajiet residenzjali, webinars, korsijiet online) indirizzaw nuqqasijiet fil-kapaċità b'rabta mat-theddid kritiku għas-sigurtà li qegħdin jirriżultaw mill-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà.
6. Jilqa' l-fatt li l-Aġenzija baqgħet tikkoopera mill-qrib man-netwerk ta' aġenziji tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni u mad-disa' aġenziji li jiffurmawh, (inkluż b'mod partikolari l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta); jinnota li daww l-aġenziji jikkondividu t-taħriġ u jorganizzaw korsijiet; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Aġenzija biex b'mod attiv tipprova tikseb kooperazzjoni ulterjuri u aktar mifruxa mal-aġenziji kollha tal-Unjoni; iħeġġeġ lill-Aġenzija tesplora l-possibiltajiet ta' kondivizzjoni ta' riżorsi dwar kompiti sovrapposti (bħal IT u servizzi oħra) ma' aġenziji qrib l-Aġenzija, b'mod partikolari l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Driftijiet Fundamentali fi Vjenna u l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol fi Bratislava;

⁽¹⁾ ĠU C 7, 9.1.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 7, 9.1.2019, p. 2.

7. Jappella lill-Kummissjoni twettaq studju tal-fattibbiltà biex tivvaluta l-possibbiltà li (jekk mhux fużjoni totali) almenu jinħolqu sinerġiji kondiviżi mal-Europol; jappella lill-Kummissjoni tevalwa ż-żewġ xenarji, jiġifieri t-trasferiment tal-Aġenzija fis-sede tal-Europol fl-Aja u t-trasferiment tas-sede tal-Europol fis-sede tal-Aġenzija f'Budapest; jinnota li att bħal dan ifisser il-kondiviżjoni tas-servizzi korporattivi u ta' appoġġ u l-ġestjoni ta' uffiċini komuni, kif ukoll il-kondiviżjoni tal-infrastrutturi bbażati fuq l-ICT, it-telekomunikazzjonijiet u l-internet, u li b'hekk jiġu ffrankati ammonti kbar ta' flus li jkunu jistgħu jintużaw għal finanzjament ulterjuri taż-żewġ aġenziji;
8. Josserva kif, wara li f'Janar 2016 ġiet konkluża l-evalwazzjoni esterna perijodika fuq ħames snin u li għaliha l-Aġenzija kellha timplimenta azzjonijiet korrettivi sa tmiem l-2018, ir-rapport ta' evalwazzjoni ġie adottat mill-Aġenzija u inkorpora 17-il rakkomandazzjoni li jkopru ħames oqsma relatati mal-istruttura u l-prattiki ta' ħidma tal-Aġenzija; jinnota li mill-adozzjoni tal-pjan ta' azzjoni, tlestew 24 attività, għadhom għaddejjin 3 attivitajiet relatati ma' żvilupp ulterjuri ta' E-net, 4 attivitajiet m'għadhomx jitqiesu bħala rilevanti u attività waħda ġiet sospiża;
9. Iħeġġeġ lill-Aġenzija ssegwi d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tagħha;
10. Jilqa' l-fatt li l-Qorti ddikjarat li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tas-CEPOL għas-sena finanzjarja 2018 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha u li l-pożizzjoni finanzjarja tagħha sal-31 ta' Diċembru 2018 hija rrappreżentata b'mod ġust; ifakkar li l-baġit tal-Aġenzija żdied minn EUR 9 miljun għal EUR 10 miljun (+11 %) filwaqt li l-persunal tagħha naqas minn 53 għal 51 (-4 %) meta mqabbel mal-2017; jiddeplora madankollu l-fatt li s-CEPOL kellha tirrifjuta bosta talbiet għal taħriġ, li kienu validi u leġittimi, minn Stati Membri f'oqsma kruċjali tal-infurzar tal-liġi minħabba restrizzjonijiet baġitarji; jinsab imħasseb li s-CEPOL bħalissa ma tistax tkopri b'mod suffiċjenti d-domanda mill-Istati Membri fir-rigward tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-komunitajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Unjoni u fil-viċinat tagħha;

Politika dwar il-persunal

11. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2018, 100 % tat-tabella tal-persunal ġiet eżegwita, bi 32 aġent temporanju maħtura minn total ta' 32 aġent temporanju awtorizzat mill-baġit tal-Unjoni (meta mqabbel ma' 31 post tax-xogħol awtorizzati fl-2017); jinnota li, barra minn hekk, fl-2018 ħadmu għall-Aġenzija 18-il aġent kuntrattwali u 4 esperti nazzjonali sekondati;
12. Josserva li, bħala konsegwenza tar-rilokazzjoni tiegħu mir-Renju Unit lejn l-Ungerija u tal-koeffiċjent ta' korrezzjoni applikat minħabba dan għas-salarji tal-persunal, it-tibdil fil-persunal kien għoli u l-bilanċ ġeografiku mhux dejjem inżamm hekk kif naqsu l-applikazzjonijiet minn Stati Membri oħra, apparti dawk mill-pajjiż ospitanti; jinnota li fl-2018, l-Aġenzija kompliet tirċievi għadd sinifikanti ta' applikazzjonijiet miċ-ċittadini Ungeriżi u ċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti baqgħu sovrarappreżentati fl-għadd totali ta' persunal; josserva li t-tilwima legali dwar ir-rilokazzjoni nqas permezz tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali fl-2018⁽³⁾, u s-sentenza inizjali ġiet ikkonfermata; jaċċentwa li koeffiċjent ta' korrezzjoni baxx applikat għas-salarji tal-persunal jista' joħloq sitwazzjonijiet diffiċli li jistgħu jfixxlu l-kapaċità ta' aġenzija li twettaq id-dmirijiet tagħha ta' kuljum b'mod effikaċi; jisħaq li l-aġenzija li jinsabu f'pajjiżi fejn jiġi applikat koeffiċjent ta' korrezzjoni baxx għandhom jirċievu appoġġ ulterjuri mill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni ta' miżuri komplementari sabiex isiru aktar attraenti għall-persunal attwali u prospettiv; jappella lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt u l-vijabbiltà tal-applikazzjoni tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni tas-salarju fil-futur;
13. Ifakkar fis-suġġeriment tal-Qorti li l-avviżi ta' postijiet vakanti jiġu ppubblikati fis-sit web tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal bil-għan li tiżdied il-pubbliċità; jifhem ir-risposta tal-Aġenzija dwar l-ispejjeż kbar involuti biex issir it-traduzzjoni; jirrikonoxxi, barra minn hekk, li fl-2018 l-Aġenzija ppubblikat ukoll il-pożizzjonijiet vakanti kollha tagħha fuq il-bord tal-impjeggi interaġenzjali żviluppat min-Netzwerk tal-Aġenziji tal-UE; itenni madankollu li, biex jiġu evitati spejjeż ta' traduzzjoni għolja, l-Aġenzija għandha tagħmel l-ewwel pass f'din id-direzzjoni u tagħmel użu mill-kapaċità li tippubblika t-titli ta' dawn il-postijiet vakanti fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni flimkien ma' link għat-test sħiħ bl-Ingliż biss;
14. Jinnota b'sodisfazzjon li fl-2018 inkiseb bilanċ indaq bejn is-sessi fir-rigward tal-pożizzjonijiet manijerjali għolja (3 irġiel u 3 nisa), iżda jinsab imħasseb li fil-livell tal-bord manijerjali hemm bilanċ fil-parteċipazzjoni tal-irġiel (17-il membru) u tan-nisa (9 membri);

⁽³⁾ Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Ottubru 2018, *FN u Oħrajn v CEPOL*, T-334/16 P, ECLI:EU:T:2018:723.

Akkwist

15. Ifakkar, mir-rapport tal-Qorti, li sa tmiem l-2017 l-Aġenzija ma kinitx għadha qiegħda tuża l-għodda kollha varati mill-Kummissjoni li kellhom l-għan li tiġi introdotta soluzzjoni unika għall-iskambju elettroniku ta' informazzjoni ma' partijiet terzi li jipparteċipaw fi proċeduri ta' akkwist pubbliku (akkwist-e); jinnota li skont ir-risposta tal-Aġenzija, hija introduċiet sistemi ta' fatturar-e u akkwist-e filwaqt li beħsiebha tadotta sottomissjoni-e; jappella lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza bil-progress magħmul f'dan ir-rigward sa Ġunju 2020;
16. Jinnota bi tħassib li l-Aġenzija tat kuntratt qafas għal arranġamenti tal-ivvjaġġar, għall-persunal tagħha stess u għall-parteċipanti fit-taħriġ, mingħajr ma talbet spjegazzjoni mill-offerent rebbieħ għala l-offerta tiegħu kienet potenzjalment baxxa wisq; jinnota li, skont ir-risposta tal-Aġenzija, il-kumitat ta' evalwazzjoni ma pproċediex bit-tfittxija ta' kjarifiki billi, matul il-ħidma ta' kuljum tagħhom, il-membri tal-kumitat ta' evalwazzjoni kienu diġà jafu bil-prezzijiet mitluba mill-kumpanija li kellha l-kuntratt preċedenti; jirrikonoxxi li l-Aġenzija taċċetta l-osservazzjoni tal-Qorti li din il-valutazzjoni ma ġietx ifformalizzata fir-rapport ta' evalwazzjoni; jappella lill-Aġenzija titlob u tanalizza r-raġunijiet għall-offerti, potenzjalment, baxxi wisq b'mod anormali u tiżgura li l-valutazzjonijiet kollha jiġu fformalizzati b'mod adegwat fir-rapporti ta' evalwazzjoni futuri;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

17. Japprezza l-miżuri eżistenti meħuda mill-Aġenzija u l-isforzi tagħha li għaddejjin bħalissa biex jiġu żgurati t-trasparenza, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interessi u l-protezzjoni tal-informaturi; jesprimi s-sodisfazzjon li l-Aġenzija stabbiliet u implimentat regoli interni dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta u li ppubblikat CVs u dikjarazzjonijiet ta' interess għall-membri tal-bord maniġerjali u għad-direttur eżekuttiv;

Kummenti oħra

18. Jilqa' l-fatt li, fi Frar 2017, l-Aġenzija kkonkludiet b'suċċess iċ-ċertifikazzjoni ISO 9001:2015 tas-sistema ta' tmexxija tal-Aġenzija sabiex ittejjeb u turi aħjar l-impenn tagħha lejn il-kwalità; josserva li, abbażi tar-riżultati pożittivi tal-awditu tas-sorveljanza implimentati fl-2018 kif ukoll fil-bidu tal-2019, l-Aġenzija żammet iċ-ċertifikazzjoni tagħha;
19. Jinnota bi tħassib li, għall-kuntrarju tal-maġġoranza ta' Aġenziji oħra, l-Aġenzija ma wettqitx analiżi komprensiva tal-impatt probabbli tad-deċiżjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni Ewropea fuq l-organizzazzjoni, l-operazzjonijiet u l-kontijiet tagħha; jinnota li, skont it-tweġiba tal-Aġenzija, id-deċiżjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni Ewropea ġiet diskussa fil-laqgħat tal-maniġment, fid-diskussjonijiet fin-netwerk interaġenzjali għall-uffiċjali tal-akkwist u fin-netwerk interaġenzjali legali u wkoll ġew segwiti mill-qrib il-komunikazzjonijiet li waslu mingħand il-Kummissjoni u li r-riskji korrispondenti ġew evalwati bħala limitati;
20. Jinnota l-isforzi tal-Aġenzija biex tiżgura post tax-xogħol kosteffikaċi u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent; jiddispijaċih li l-Aġenzija ma għandhiex fis-seħħ skema ta' tpaċija għall-emissjonijiet tal-karbonju iżda jirrikonoxxi, abbażi tar-risposta tal-Aġenzija, li l-ispiża tal-parteċipazzjoni fi skema bħal din ma tistax tiġi koperta mir-riżorsi finanzjarji limitati tagħha; u jirrikonoxxi li l-Aġenzija tinkoraġġixxi lill-persunal tagħha jagħmel użu mit-trasport pubbliku biex jitnaqqsu l-emissjonijiet;
21. Jappella lill-Aġenzija tiffoka fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tagħha mal-pubbliku ġenerali, u tikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja;
22. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 ⁽⁴⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1949 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-13 ta' Meju 2020

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (li issa saret l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)) għas-sena finanzjarja 2018

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0038/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/126 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2062/94 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 216, 20.8.1994, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 30, 31.1.2019, p. 58.

⁽⁷⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

⁽⁸⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0033/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1950 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-13 ta' Mejju 2020

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (li issa saret l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)) għas-sena finanzjarja 2018

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0038/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/126 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2062/94 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 216, 20.8.1994, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 30, 31.1.2019, p. 58.

⁽⁷⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

⁽⁸⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0033/2020),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1951 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-14 ta' Mejju 2020

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċizzjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (li issa saret l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)) għas-sena finanzjarja 2018

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċizzjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0033/2020),
- A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tagħha ⁽¹⁾, il-baġit finali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) (l-"Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2018 kien ta' EUR 15 425 700, li jfisser tnaqqis ta' 1,47 % meta mqabbel mal-2017; billi l-baġit tal-Aġenzija huwa prinċipalment derivat mill-baġit tal-Unjoni ⁽²⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018 (ir-"rapport tal-Qorti"), tistqarr li kisbet aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 99,58 %, li tirrappreżenta żieda ta' 3,55 % meta mqabbla mal-2017; jinnota bi tħassib li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprijazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 67,81 %, li tfisser tnaqqis ta' 4,42 % meta mqabbel mal-2017;

Prestazzjoni

2. Jinnota li l-Aġenzija tuża ċerti indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) biex tkejjel il-prestazzjoni tagħha u biex ittejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha; jinnota, barra minn hekk, li fl-2018 l-Aġenzija adottat qafas ġdid għall-KPIs tagħha; jinnota li matul l-2019 l-Aġenzija impenjat ruħha flimkien mal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) u l-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF), rieżami tal-metodoloġija għal indikaturi amministrattivi bil-ħsieb li tiġi eżaminata l-possibbiltà ta' simplifikazzjoni; iħeġġeġ lill-Aġenzija tesplora aktar il-possibbiltajiet ta' kollaborazzjoni interistituzzjonali u s-simplifikazzjoni tal-aħjar Prattiki;
3. Jinnota li l-EU-OSHA Programm strateġiku pluriennali 2014-2020 ġie estiż sal-2023; japprezza l-progress tal-Aġenzija fil-ksib tal-oġġettivi strateġiċi tagħha u jinnota li dawn huma allinjati ma' oġġettivi usa' tal-politika tal-Unjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH); jinnota, barra minn hekk, li l-Aġenzija implimentat 93 % tal-programm ta' ħidma annwali tagħha;
4. Jilqa' l-fatt li fl-2018 l-Aġenzija tat bidu għal evalwazzjoni *ex post* għall-attività tagħha bl-isem "tbassir fuq skala kbira"; jirrikonoxxi li l-eżitu ta' din l-evalwazzjoni se jkun partikolarment utli fil-kuntest taċ-ċiklu ta' tbassir il-ġdid u l-Kampanja dwar il-Postijiet tax-Xogħol li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa tal-2022-2024/5 dwar OSH u d-Diġitalizzazzjoni; iħeġġeġ lill-Aġenzija tkompli tesplora modi possibbli ta' kondivizzjoni tal-kompiti fost aġenziji oħra, b'enfasi partikolari fuq il-kondivizzjoni ta' riżorsi fuq kompiti li jikkoinċidu fost aġenziji oħra b'attivitajiet simili;

⁽¹⁾ ĠU C 120, 29.3.2019, p. 191.

⁽²⁾ ĠU C 120, 29.3.2019, p. 192.

5. Jilqa' l-fatt li l-Aġenzija taqşam b'mod proattiv il-kompiti ma' aġenziji oħra f'dak li jikkonċerna suġġetti bħas-sigurtà, il-ġestjoni tal-faċilitajiet jew is-servizzi bankarji, u li nġhaqdet ma' sejħa interistituzzjonali għall-offerti għal servizzi ta' evalwazzjoni u feedback tal-partijiet ikkonċernati mnedija mill-Eurofound;
6. Jirrikonoxxi l-kontributi tal-Aġenzija għall-ġlieda kontra l-kanċer okkupazzjonali u fit-tmexxija tal-akbar kampanja fid-dinja ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol u jilqa' s-suċċess inizjali tal-"Kampanja ta' Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quediem is-Saħħa dwar is-Sustanzi Perikolużi" li tnediet fl-2018 u li diġà ilha għaddejja faktar minn 30 pajjiż;
7. Jilqa' l-ħidma tal-Aġenzija b'rabta mal-proġett tagħha "Riabilitazzjoni u ritorn għax-xogħol wara kanċer", li tlesta fl-2018 bl-għan li jingħataw rakkomandazzjonijiet biex jiġu indirizzati d-diffikultajiet li s-superstiti tal-kanċer jiffaċċjaw meta jirritornaw lura għax-xogħol wara li jtemmu t-trattament tal-kanċer u l-isfidi ta' OSH li min iħaddimhom jista' jiltaqa' magħhom;
8. Japprezza l-kontributi tal-Aġenzija fil-laqgħat ta' konsultazzjoni dwar ir-reviżjoni tad-direttivi dwar il-karċinoġeni u l-mutaġeni u għas-sħubija tagħha mal-grupp konsultattiv stabbilit mill-Kummissjoni fid-dawl tal-istabbiliment tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol;
9. Jinnota b'dispaċir li, skont ir-rapport tal-Qorti, ir-riporti għall-2019 għat-Titolu II (nefqa amministrattiva) kienu ta' 35 % (meta mqabbla ma' 40 % fl-2017) filwaqt li għat-Titolu III (nefqa operazzjonali) kienu għoljin daqs 46 % (meta mqabbla ma' 40 % fl-2017), li kien f'kontradizzjoni mal-prinċipju baġitarju tal-annwalità; ifakkar li tali riporti għoljin ġew irrappurtati wkoll għas-snin finanzjarji 2016 u 2017 u jistieden lill-Aġenzija tanalizza r-raġunijiet sottostanti u ttejjeb l-ippjanar tal-baġit skont dan; jinnota t-tweġiba tal-Aġenzija li tispeċifika l-possibbiltà li tiżdied u tiġi ġġus-tifikata lista ta' xiri addizzjonali potenzjali fil-qasam tal-IT fir-rigward ta' riporti għat-Titolu II u li tindika n-natura ppjanata ta' riporti fir-rigward tal-ipprogrammar ta' proġetti ta' rċerka fuq skala kbira, fuq sentejn, għat-Titolu III sabiex jinkiseb impatt aktar sinifikanti bir-riżorsi disponibbli;
10. Jenfasizza li t-trasparenza u s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini fir-rigward tal-eżistenza tal-aġenziji huma essenzjali għar-responsabbiltà demokratika tagħhom; iqis li l-użu u l-faċilità tal-użu tad-data u r-riżorsi tal-aġenziji huma ta' importanza fundamentali; jitlob, għalhekk, li ssir valutazzjoni dwar kif id-data u r-riżorsi qed jiġu ppreżentati u magħmula disponibbli bħalissa, u dwar kemm iċ-ċittadini tal-Unjoni jsibuha faċli biex jidentifikawhom, jagħrfu u jużawhom; ifakkar li s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku f'dan ir-rigward tista' titqajjem mill-Istati Membri permezz tal-iżvilupp ta' pjan komprensiv biex jintlaħqu aktar ċittadini tal-Unjoni;
11. Jappoġġa l-politiki tal-Aġenzija favur l-iżgurar ta' miżuri kosteffettivi u favur l-ambjent biex titnaqqas il-marka tal-karbonju tagħha fuq il-post tax-xogħol permezz tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku tagħha u l-implimentazzjoni tat-telexogħol u s-sensibilizzazzjoni u l-iżvilupp tal-kultura elettronika;

Politika dwar il-persunal

12. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2018, it-tabella tal-persunal kienet esegwita sa 100 %, bil-ħatra ta' 40 aġent temporanju minn 40 aġent temporanju li kienu awtorizzati taħt il-baġit tal-Unjoni (meta mqabbel mal-40 post awtorizzat fl-2017); jinnota li, barra minn hekk, 25 aġent kuntrattwali ħadmu għall-Aġenzija fl-2018;
13. Jinnota li huma meħtieġa aktar sforzi biex jinkiseb bilanċ bejn is-sessi fost il-manijers superjuri (tliet irġiel u mara waħda) u fuq il-bord ta' ġestjoni (42 raġel u 35 mara);
14. Jinnota li l-Aġenzija għandha politika dwar il-protezzjoni tad-dinjità tal-persuna u l-prevenzjoni tal-fastidju; jinnota li wara l-każ tal-investigazzjoni dwar il-fastidju li nbdiat fl-2016 u li ġiet konkluzja fl-2017, l-Aġenzija implimentat diversi azzjonijiet li jinkludu, b'mod partikolari, sessjonijiet regolari ta' sensibilizzazzjoni għall-persunal tagħha u l-istabbiliment ta' netwerk ta' kunsillieri kunfidenzjali, bħala miżuri ta' mitigazzjoni;

Akkwisti

15. Jinnota li l-Aġenzija qed tħaddan id-diġitizzazzjoni fl-akkwist u bdiat timplimenta l-akkwist elettroniku f'Novembru 2018 bit-tnedija tal-ewwel offerta elettronika tagħha, u li matul l-2019 l-Aġenzija bdiat ukoll tuża modulu ġdid tal-pakkett tal-akkwist elettroniku, is-sottomissjoni elettronika; jinnota wkoll li l-Aġenzija għandha l-intenzjoni li tesplora l-użu ulterjuri tal-pakkett tal-akkwist elettroniku kollu tul l-2019 u l-2020;

16. Jinnota li, wara r-rapport tal-Qorti, l-Aġenzija ffirmat kuntratt qafas għall-forniment ta' servizzi ta' konsulenza tal-IT mill-2014 sal-2017 li għalihom il-prezzijiet kienu kontinġenti għall-ħin iddedikat għall-proġetti u mhux marbuta mal-kunsinna, u li fuqhom l-Aġenzija għandha possibbiltajiet ta' monitoraġġ limitat, l-Aġenzija kienet qed tapplika l-parir tal-Qorti għall-kuntratti qafas attwali tagħha dwar l-ICT u l-konsulenza billi fejn hu xieraq tagħmel użu minn kuntratti speċifiċi "quoted times and means" (fi żminijiet u b'mezzi kkwotati);

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

17. Jagħraf il-miżuri eżistenti tal-Aġenzija u l-isforzi kontinwi biex jiġu żgurati t-trasparenza, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess; jinnota, barra minn hekk, li l-Aġenzija adottat kemm il-mudell ta' deċiżjoni dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta li għalih il-Kummissjoni ikkonkludiet ftehim *ex ante* fl-2018 kif ukoll, b'analoġija fl-2019, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar attivitajiet esterni u assenjazzjoni u dwar attivitajiet okkupazzjonali wara t-tluq mis-servizz;

Kontroll intern

18. Jinnota li l-Aġenzija qed tħejji pjan ta' azzjoni biex tindirizza xi oqsma potenzjali għal titjib indirizzat fir-rapport tal-awditjar tas-servizz tal-awditjar intern (IAS) tal-2018 dwar "Kampanji għall-Postijiet tax-Xogħol Ħielsa mill-Periklu u l-appoġġ għall-IT fl-EU-OSHA"; jinnota li, f'dan ir-rigward, l-IAS ħareġ erba' rakkomandazzjonijiet, li l-ebda waħda minnhom ma kienet kritika jew importanti ħafna, u li fl-aħħar tal-2018, l-IAS għalaq tliet rakkomandazzjonijiet u r-raba' waħda tinsab fil-proċess li titlesta fl-2019;
19. Jinnota li evalwazzjoni esterna tal-aġenziji tal-Unjoni li jaqgħu taħt il-mandat tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni (EU-OSHA, il-Eurofound, is-Cedefop, u l-ETF) twettqet fl-2018 fisem il-Kummissjoni dwar ir-rilevanza, l-effikaċja, l-effiċjenza, il-koerenza u l-valur miżjud tagħhom għal-Unjoni; jinnota li l-feedback ġenerali tal-partijiet ikkonċernati miġbur ikkonferma r-rispons tal-Aġenzija għall-ħtiġijiet ġenerali u speċifiċi tas-sħab u l-intermedjarji tagħha u l-kważi kunsens li l-attivitajiet tagħha ta' komunikazzjoni, netwerking u l-involvement tal-partijiet ikkonċernati huma effettivi, effiċjenti u koerenti ħafna;
20. Jistieden lill-Aġenzija tiffoka fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tagħha lill-pubbliku, u tikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja;
21. Jinnota li bil-proklamazzjoni tal-pilastru Ewropew dwar id-drittijiet soċjali fi tmiem l-2017, l-Aġenzija tingħata rwol importanti fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tagħha;

Kummenti oħra

22. Jinnota li l-Aġenzija wettqet analiżi tal-impatt probabbli tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fuq l-organizzazzjoni, l-operazzjonijiet u l-kontinwità tagħha u li twettqet analiżi bir-reqqa tal-funzjonijiet ewlenin kollha tal-Aġenzija; jinnota, barra minn hekk, li r-riżultati tal-analiżi wera li kien hemm impatt żgħir fuq l-operazzjonijiet tal-Aġenzija, irrispettivament mit-tip ta' ftehim futur bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni;
23. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 ⁽³⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽³⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1952 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0053/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 97 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Deleгат tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 57.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

-
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0063/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1953 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Meju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0053/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 97 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 57.

⁽³⁾ ĠUL 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠUL 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠUL 396, 30.12.2006, p. 1.

- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0063/2020),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽⁶⁾ ĠUL 328, 7.12.2013, p. 42.

⁽⁷⁾ ĠUL 122, 10.5.2019, p. 1.

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1954 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-14 ta' Mejju 2020

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) għas-sena finanzjarja 2018

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0063/2020),
- A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tagħha ⁽¹⁾, il-baġit finali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2018 kien ta' EUR 118 760 709 — żieda ta' 7,45 % meta mqabbel mal-2017; billi madwar 72,47 % tal-baġit tal-Aġenzija huwa ġġenerat minn tariffi u imposti u 26,18 % mill-Unjoni u minn pajjiżi terzi ⁽²⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018 ("ir-rapport tal-Qorti"), issostni li għandha fil-pussess tagħha aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jitlob li l-Aġenzija, bħala waħda mill-aġenziji tal-Unjoni responsabbli mill-valutazzjoni ta' prodotti regolati, tingħata biżżejjed fondi biex twettaq il-kompiti tagħha;
2. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw f'rata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 99,92 % — żieda ta' 1,25 % meta mqabbel mal-2017; jinnota, barra minn hekk, li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 87,04 % — tnaqqis ta' 0,59 % meta mqabbel mal-2017;
3. Jenfasizza li l-Aġenzija hija parzjalment iffanzjata mit-tariffi li tirċievi mingħand il-kumpaniji li jitolbu r-reġistrazzjoni ta' sustanzi kimiċi kif mitlub mir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾; jinnota li t-tariffi applikabbli jiddependu mid-daqs tal-kumpaniji u l-volum ta' sustanzi kimiċi rreġistrati; jinnota li l-Aġenzija sabet li madwar 52 % tal-kumpaniji kienu ddikjaraw id-daqs tagħhom b'mod skorrett u dan irriżulta f'tariffi aktar baxxi; jenfasizza li dan juri l-limitazzjonijiet ta' sistema li tistrieħ wisq fuq dikjarazzjonijiet magħmula mill-applikanti nfishom; jinnota li, tul is-snin, l-Aġenzija talbet il-ħlas ta' EUR 17,9 miljun f'korrezzjonijiet tariffarji u imposti amministrattivi, u li l-Aġenzija għamlet progress konsiderevoli fl-irkupru ta' tnaqqis mhux dovut fit-tariffi u fil-ġbir ta' imposti amministrattivi li kienu b'lura; jinnota, madankollu, li għad hemm volum ta' xogħol konsiderevoli xi jsir b'rabta mal-verifiki u li, sa tmiem l-2018, l-ammont ta' korrezzjonijiet tariffarji neċessarji pendenti kien għadu mhux magħruf; iħeġġeġ lill-Aġenzija tintroduċi verifiki *ex ante* daqstant ieħor eżawrjenti biex timminimizza r-riskju ta' awtodikjarazzjonijiet frawdolenti; iħeġġeġ ukoll lill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar isaħħu s-sistemi ta' verifika użati biex jiġu ċċekkjati u ppubblikati l-volumi ta' sustanzi kimiċi ddikjarati mill-kumpaniji; jistieden lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità tal-kwittanza bl-isforzi tagħha, kif ukoll bir-riżultati miksuba, tkompli tnaqqas l-għadd

⁽¹⁾ ĠU C 120, 29.3.2019, p. 209.

⁽²⁾ ĠU C 120, 29.3.2019, p. 212.

⁽³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

konsiderevoli ta' verifiki pendenti, timplimenta l-korrezzjonijiet tariffarji u tirkupra t-tariffi li jkunu għadhom ma tħallsux; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi miżuri biex tinstab soluzzjoni għal din is-sitwazzjoni, sabiex jiġu evitati l-frodi fid-dikjarazzjonijiet tad-daqs tal-applikanti u biex l-Aġenzija tkun tista' tippjana l-baġit tagħha fuq bażi aktar stabbli;

4. Jinnota li t-tariffi mħallsa mill-industrija jvarjaw sostanzjalment minn sena għal oħra u li għaldaqstant mhuwiex possibbli li l-Aġenzija tagħmel stima raġonevoli tal-bżonn ta' sussidju ta' bilanċ mill-baġit tal-Unjoni, u dan jikkomplika l-ippjanar baġitarju; jappella għal djalogu dwar kif għandu jiġi riformat il-mekkaniżmu għall-finanzjament tal-Aġenzija, b'tali mod li jkun mibni fuq bażi sostenibbli;
5. Jinnota li l-Aġenzija għandha dħul iġġenerat minn tariffi u imposti pagabbli mill-industrija kif ukoll sussidju saldatorju mill-baġit tal-UE; jinnota bi tħassib li, skont ir-rapport tal-Qorti, peress li t-tielet skadenza għar-reġistrazzjoni prevista mir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 għalqet f'Mejju 2018, id-dħul mit-tariffi u l-imposti kien mistenni jonqos b'mod sinifikanti mill-2019 'il quddiem; jirrimarka li hemm riskju li nfiq relattivament stabbli u dħul ferm inqas prevedibbli jista' jkollhom effett negattiv fuq l-operat u l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija; jenfasizza l-ħtieġa li jinħoloq mudell ta' finanzjament ġdid, vijabbli u eżawrjenti li l-Aġenzija — skont ir-risposta tagħha — diġà bdiet diskussjonijiet mal-Kummissjoni dwaru; jistieden lill-Aġenzija żżomm lill-awtorità tal-kwittanza aġġornata bl-iżviluppi li jkun hemm f'dan ir-rigward;

Prestazzjoni

6. Josserva — fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet tal-awtorità tal-kwittanza b'rabta mal-bżonn li l-Aġenzija tiżviluppa aktar KPIs iffukati fuq l-eżitu u l-impatt li jivvalutaw il-valur miżjud iġġenerat mill-attivitajiet tal-Aġenzija fir-reviżjoni tagħha tas-sistema ġenerali tal-ġestjoni tal-prestazzjoni — li, matul l-2018, l-Aġenzija rrevediet il-mudell tal-ġestjoni tal-prestazzjoni tagħha għall-Programm ta' Ħidma 2019 bil-ħsieb li tindika aħjar l-impatt u l-eżitu tax-xogħol tagħha; jinnota li l-Programm ta' Ħidma 2019 issa jindika t-tip ta' indikatur (impatt, eżitu, output, input) u m'għadux juża l-istess tip ta' indikaturi għal tipi differenti ta' xogħol iżda fih indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni adatti għall-proċess operazzjonali kkonċernat;
7. Jinnota li, minkejja r-riskji u r-restrizzjonijiet f'ċerti oqsma, l-Aġenzija laqget 58 mid-69 mira tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tagħha; iħeġġeġ lill-Aġenzija tagħmel l-almu tagħha biex tilħaq 100 % tal-miri tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tagħha;
8. Jinnota li l-Aġenzija lestiet il-fażi ta' reġistrazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 mingħajr ma kkawżat tfixkil fis-suq u pprovdiet appoġġ lill-kumpaniji fit-tħejjija u r-reġistrazzjoni ta' 28 357 dossier;
9. Jinnota li l-Aġenzija qed tkompli tikkondividi l-kapaċità tal-awditjar intern tagħha mal-Aġenzija tas-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita Ewropea u tikkollabora mill-qrib ma' aġenziji oħra, fosthom billi tikkondividi servizzi fil-kuntast ta' netwerk interaġenzjali u riżorsi permezz ta' memoranda ta' qbil; ifaħħar din il-kooperazzjoni, li hi ta' eżempju għal aġenziji oħra; iħeġġeġ lill-Aġenzija tftitx kooperazzjoni akbar u usa' mal-aġenziji tal-Unjoni; iħeġġeġ lill-Aġenzija tidħol f'taħditiet dwar il-kondiviżjoni tar-riżorsi f'każ ta' kompiti li jikkoinċidu ma' dawk ta' aġenziji oħra li jwettqu attivitajiet simili;
10. Josserva li, skont ir-rapport tal-Qorti, fi proċedura ta' akkwist għal kuntratt qafas għall-provvista ta' servizz ta' infrastruttura tal-IT, ħames kumpaniji tefgħu offerti li kienu jvarjaw bejn EUR 10 miljun u EUR 38,2 miljun u li l-Aġenzija assenjat il-kuntratt qafas għal valur ta' EUR 30 miljun lill-offerent li kien għamel offerta ta' EUR 12-il miljun; jinnota, madankollu, li d-differenza sinifikanti bejn il-valur tal-kuntratt u l-offerta effettiva tqajjem tħassib f'termini ta' ġestjoni finanzjarja tajba; jinnota li, skont ir-risposta tagħha, inizjalment l-Aġenzija stmat il-valur f'konformità mal-vademecum tal-Kummissjoni dwar l-akkwist pubbliku; jinnota li l-Aġenzija għażlet il-proċedura kompetittiva b'ne-gożjati biex tinkoraġġixxi l-aktar kompetizzjoni wiesgħa possibbli u b'hekk jinġieb l-aħjar valur għall-flus; jistieden lill-Aġenzija tapplika sistema ta' ġestjoni finanzjarja rigoruża tal-kuntratti tal-IT;
11. Iħeġġeġ lill-Aġenzija tkompli bid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tagħha;
12. Ifakkar li, fost l-awtoritajiet regolatorji kollha, l-Aġenzija hi dik li tixpruna l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sustanzi kimiċi għall-benefiċċju tal-ambjent u s-saħħa tal-bniedem, kif ukoll għall-innovazzjoni u l-kompetittività; jinnota li l-Aġenzija tgħin lill-kumpaniji josservaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sustanzi kimiċi, tippromwovi l-użu tagħhom b'mod sikur, tipprovdi informazzjoni dwarhom u tindirizza sustanzi li jqajmu tħassib;

13. Jitlob li l-Aġenzija, bħala waħda mill-aġenziji tal-Unjoni responsabbli mill-valutazzjoni ta' prodotti regolati, tingħata biżżejjed fondi biex twettaq il-kompiti tagħha;
14. Ifakkar li l-2018 kienet is-sena tal-iskadenza finali għar-reġistrazzjoni fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006; jenfasizza li dik is-sena l-Aġenzija rċeviet 37 400 dossier — żieda ta' 135 % meta mqabbel mal-2017; jinnota b'sodisfazzjon il-mod li bih l-Aġenzija affrontat iż-żieda drammatika fir-reġistrazzjonijiet tul l-aħħar sena;
15. Jilqa' l-isforzi li saru fl-2018 biex tiġi ssimplifikata l-istruttura organizzattiva, bil-ħsieb li tiżdied l-effiċjenza permezz ta' rabta u koordinazzjoni aħjar bejn kompitu u ieħor; jinnota li l-Aġenzija rnexxielha tilħaq il-maġġoranza vasta tal-oġġettivi tagħha;
16. Jistieden lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità tal-kwittanza bil-miżuri meħuda b'risposta għar-rakkomandazzjonijiet tat-tieni rieżami tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u tara li d-dossiers tar-reġistrazzjoni jkunu konformi;
17. Jitlob li tingħata informazzjoni dwar l-istat tat-tħejjijiet għal prototip ta' bażi tad-data fl-ambitu tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), previst għall-bidu tal-2020;
18. Jitlob dettalji dwar il-passi li ħadet l-Aġenzija bi tweġiba għar-Rapport ta' Sinteżi tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-REACH u l-azzjonijiet proposti lill-Aġenzija f'dak ir-rapport;

Politika dwar il-persunal

19. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2018, mit-tabella tal-persunal kien imtela perċentwal ta' 96,29 %, u li kienu nħatru 441 aġent temporanju mill-458 awtorizzati mill-baġit tal-Unjoni (apparagun tal-460 post awtorizzati fl-2017); jinnota li fl-2018, barra minn hekk, l-Aġenzija kellha 122 aġent kuntrattwali u 14-il espert nazzjonali sekondat jaħdmu magħha;
20. Jinnota li l-Aġenzija adottat politika kontra l-fastidju u linji gwida relatati li ġew aġġornati fl-2018; jirrikonoxxi li organizzat sessjonijiet ta' taħriġ u offriet servizz ta' assistenza psikoloġika kunfidenzjali;
21. Jinnota li, sabiex il-pożizzjonijiet vakanti jingħataw aktar pubbliċità, l-Aġenzija tippubblika l-avviżi relattivi fuq is-sit tagħha, fuq il-midja soċjali u fuq is-sit tan-Netwerk tal-Aġenziji tal-UE ddedikat apposta; jistieden lill-Aġenzija tippubblikahom ukoll fuq is-sit tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal;
22. Jilqa' l-fatt li fuq is-sit tagħha l-Aġenzija tippubblika s-CVs tal-membri kollha tal-bord ta' tmexxija u l-kumitati tagħha, inklużi dawk tal-presidenti li huma membri tal-persunal tal-Aġenzija, id-direttur eżekuttiv u l-membri kollha tal-bord tal-appell;
23. Jinnota b'sodisfazzjon li fl-2018 intlaħaq bilanċ tajjeb bejn is-sessi f'dak li għandu x'jaqsam ma' pożizzjonijiet maniġerjali superjuri (erba' rġiel u tliet nisa) iżda jinnota li fir-rigward tal-bord ta' tmexxija ma ntlaħaqx l-istess bilanċ (15-il raġel u 21 mara);

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, trasparenza u demokrazija

24. Skont l-Aġenzija, l-introjtu bbaġitjat mit-tariffi għall-2018 jirrappreżenta madwar 73 % tal-introjtu totali tagħha; jinnota s-sistema eżemplari tal-Aġenzija għall-monitoraġġ u l-prevenzjoni ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess, u l-fehma tagħha li m'hemm l-ebda periklu li jinqalgħu kunflitti bħal dawn għax l-iskop tat-tariffi hu li jkopru l-ispejjeż u għax il-membri tal-persunal tal-Aġenzija involuti fit-tfassil tal-opinjonijiet issirillhom valutazzjoni regolari biex tiġi żgurata l-indipendenza tagħhom; jinnota li l-Aġenzija tkun favur soluzzjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni tiġbor it-tariffi f'isem l-Aġenzija, billi dan jiffaċilita l-ġestjoni finanzjarja tal-Aġenzija u jgħin biex jonqos ir-riskju ta' nuqqasijiet;
25. Jilqa' l-fatt li l-Aġenzija tiġbor dikjarazzjonijiet tal-interessi aġġornati kull sena mill-persunal u l-esperti esterni kollha, u kull waħda minnhom tiġi ppubblikata fuq is-sit tal-Aġenzija;

(*) Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

26. Jirrikonoxxi l-passi ulterjuri li ħadet biex tiżgura t-trasparenza u l-protezzjoni tal-informaturi; skont l-Aġenzija, il-laqgħat kollha tal-maniġment superjuri tagħha mal-partijiet ikkonċernati jiġu rreġistrati u ppubblikati fuq is-sit web tagħha biex tiġi żgurata trasparenza sħiħa;

Awditu intern

27. Jinnota li f'Settembru 2019 l-Aġenzija adottat u bdiet timplimenta politika dwar karigi sensitivi li tidentifika funzjonijiet sensitivi, iżżommhom aġġornati u tiddefinixxi miżuri xierqa biex ittaffi r-riskju ta' interessi personali;
28. Jinnota li, fl-2018, is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni ħareġ rapport ta' awditu dwar il-kunflitti ta' interess u l-etika fl-ECHA u li, f'Settembru 2018, l-Aġenzija ħejjiet u ddiskutiet pjan ta' azzjoni biex tindirizza oqsma fejn seta' jsir titjib, u li, sa nofs l-2019, l-azzjonijiet kollha kienu ġew implimentati;

Kummenti oħra

29. Jinnota li, wara li għażlet il-bini l-ġdid u ffirmat kuntratt ta' kiri fl-2017 — billi l-kuntratt ta' kiri preċedenti kien se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2019 — l-Aġenzija kienet ippjanat li tmur fl-uffiċċji l-ġodda tagħha f'Helsinki f'Janar 2020; jinnota li t-trasferiment lejn l-uffiċċji l-ġodda tlesta fis-7 ta' Jannar 2020;
30. Jinkoraġġixxi lill-Aġenzija tkompli tkejjel it-tnaqqis li jista' jkun hemm f'parti mid-dħul tagħha fil-futur minħabba d-deċiżjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni Ewropea; josserva li l-impatt jidher li se jibqa' limitat, minħabba l-fatt li ntemm l-obbligu ta' reġistrazzjoni previst fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u li kien jiġġenera introjtu sinifikanti mit-tariffi;
31. Jistieden lill-Aġenzija tiffoka fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tagħha fost il-pubbliku u tikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u ta' mezzi ta' komunikazzjoni oħra;
32. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 ⁽⁵⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽⁵⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1955 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata liċ-Ċentru fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0046/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jstabbilixxi ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 23 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

-
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0065/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1956 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata liċ-Ċentru fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0046/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 23 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0065/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1957 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-14 ta' Mejju 2020

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) għas-sena finanzjarja 2018

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0065/2020),
- A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u n-nefqa tiegħu ⁽¹⁾, il-baġit finali taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (iċ-Ċentru) għas-sena finanzjarja 2018 kien ta' EUR 58 030 000, li jirrappreżenta tnaqqis żgħir ta' 0,02 % meta mqabbel mal-2017; billi 97,82 % tal-baġit taċ-Ċentru ġej mill-baġit tal-Unjoni ⁽²⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-“Qorti”), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2018 (ir-“rapport tal-Qorti”), iddikjarat li kisbet aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali taċ-Ċentru huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 98,53 %, li meta mqabbla mal-2017 tirrappreżenta tnaqqis ta' 1,25 %; jinnota li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 81,21 %, li meta mqabbla mas-sena ta' qabel tirrappreżenta tnaqqis żgħir ta' 0,50 %;

Prestazzjoni

2. Jinnota b'sodisfazzjon li ċ-Ċentru juża diversi mill-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) fid-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni 2019-2021 tiegħu sabiex jevalwa l-valur miżjud ipprovdut mill-attivitajiet tiegħu kif ukoll il-lista ta' KPIs inkluża fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-2015, fost l-oħrajn, biex itejjeb il-ġestjoni baġitarja tiegħu; jinnota li fl-2018 iċ-Ċentru żied 7 KPIs u 12-il KPI pluriennali, u li, bħala parti mill-istrateġija tiegħu għall-2021-2027, kellu jirrevedi l-indikaturi b'mod sistematiku fl-2019;
3. Jinnota li, fl-2018, iċ-Ċentru implimenta 89 % tal-outputs ewlenin indikati fil-programm ta' ħidma tiegħu (aktar mill-mira ta' 85 %);
4. Josserva li, fl-2018, iċ-Ċentru beda l-organizzazzjoni mill-ġdid tas-sistemi tiegħu ta' sorveljanza tal-mard, l-esternalizzazzjoni tal-kapaċità tal-IT, u t-tfassil mill-ġdid tas-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Reazzjoni, u saħħaħ il-kollaborazzjoni mas-sħab esterni tiegħu u ma' aġenziji oħra tal-Unjoni;
5. Jilqa' l-fatt li ċ-Ċentru qed ikompli jaqsam l-aħjar prattika ma' aġenziji oħra u jaħdem magħhom regolarment, b'mod partikolari mal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u maċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga; jinnota, barra minn hekk, li ċ-Ċentru jipparteċipa f'akkwisti interistituzzjonali organizzati minn aġenziji oħra; iħeġġeġ bil-qawwa liċ-Ċentru biex b'mod attiv jipprova jikseb aktar kooperazzjoni u kooperazzjoni aktar mifruxa mal-aġenziji kollha tal-Unjoni;
6. Jinnota li evalwazzjoni esterna għall-perjodu 2013-2017 twettqet bejn l-2018 u l-2019 u li r-rapport finali dwar dik l-evalwazzjoni kien mistenni f'Lulju 2019 u għandu jintbagħat lill-Parlament ladarba jkun approvat mill-bord tal-amministrazzjoni taċ-Ċentru; jistieden liċ-Ċentru jirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-eżitu ta' dik l-evalwazzjoni esterna;

⁽¹⁾ ĠU C 160, 10.5.2019, p. 6.

⁽²⁾ ĠU C 160, 10.5.2019, p. 7.

7. Ifakkar li l-missjoni taċ-Ċentru hija li jidentifika, jivvaluta u jikkomunika t-theddiet kurrenti u emerġenti għas-saħħa tal-bniedem minn mard li jittieħed; jisħaq li, fl-2018, iċ-Ċentru wieġeb għal 31 talba xjentifika formali mill-Kummissjoni (li għaxra minnhom tressqu mill-Membri), u ppubblika total ta' 214-il rapport, inklużi 35 valutazzjoni rapida ta' riskju li jindirizzaw it-theddid ta' mard; jirrimarka li r-rwol tiegħu se jsir dejjem aktar importanti fil-kuntest tat-tibdil fil-klima, minħabba li ż-żoni ta' tniissil għad-diversi patoġeni qed jinbidlu u l-mard qed jinfirex f'żoni li ma kinux affettwati minnhom qabel;
8. Jinnota li, fl-2018, il-bord tal-amministrazzjoni adotta politika ta' indipendenza riveduta għal dawk li mhumiex membri tal-persunal u approva proċedura interna korrispondenti;
9. Jiddispaċih, fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-politika ta' indipendenza taċ-Ċentru, li mhux id-dikjarazzjonijiet annwali ta' interess kollha meħtieġa ġew ippreżentati, b'mod partikolari mill-membri tal-bord tal-amministrazzjoni (96 %) u mill-membri tal-forum konsultattiv (89 %); jitlob, għalhekk, li jkun hemm konformità stretta mar-regoli u l-proċeduri interni; ifakkar li l-indipendenza u t-trasparenza huma kruċjali fid-dawl tal-kompiti importanti taċ-Ċentru; jitlob li jkun hemm mekkaniżmu li jiżgura li d-dikjarazzjonijiet ta' interess pendenti u futuri kollha jiġu ppreżentati mingħajr dewmien, u jistieden liċ-Ċentru jikkunsidra l-possibbiltà li ma jippermettix lill-membri jassumu r-rwoli tagħhom qabel ma din l-informazzjoni kruċjali tkun ġiet ipprovduta u vverifikata;
10. Jisħaq li iċ-Ċentru nieda t-tielet evalwazzjoni esterna tiegħu, li kienet ikkoordinata minn kumitat ta' tmexxija kompost minn membri tal-bord tal-amministrazzjoni, u li r-riżultat tal-evalwazzjoni kien mistenni għal nofs l-2019;
11. Jiġbed l-attenzjoni għar-rwol taċ-Ċentru fl-iżvilupp ta' għodod għad-diġitalizzazzjoni tal-kura tas-saħħa fl-Unjoni, b'mod partikolari fil-kuntest tal-ġlieda kontra pandemija;
12. Ifakkar li, bħala aġenzija tal-Unjoni, id-denominazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru hija feuro; madankollu, peress li s-sede tiegħu tinsab barra miż-żona tal-Euro (fl-Iżvezja), ħafna mill-ispejjeż tiegħu jsiru bil-krona Żvediża (SEK); barra minn hekk, iċ-Ċentru huwa espost għal fluttwazzjonijiet fir-rata tal-kambju peress li, mhux biss il-kontijiet bankarji tiegħu huma fil-krona Żvediża, iżda jwettaq wkoll ċerti tranżazzjonijiet f'valuti barranin oħra;

Politika dwar il-persunal

13. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2018, it-tabella tal-persunal kienet ikkompletata b'96,11 %, bil-ħatra ta' 173 aġent temporanju minn total ta' 180 aġent temporanju li ġew awtorizzati fil-qafas tal-baġit tal-Unjoni (meta mqabbla mal-182 post awtorizzati fl-2017); jinnota li, barra minn hekk, 92 aġent kuntrattwali u żewġ esperti nazzjonali sekondati kienu qed jaħdmu għaċ-Ċentru fl-2018;
14. Jinnota li iċ-Ċentru rrapporta bilanċ bejn is-sessi relattivament tajjeb għall-2018 fir-rigward tal-maniġers superjuri (erba' rġiel u żewġ nisa) u fir-rigward tal-bord tal-amministrazzjoni tiegħu (12-il raġel u 15-il mara);

Akkwisti

15. Jirrikonoxxi li l-użu ta' flussi ta' xogħol elettroniċi għall-akkwist, ibbażati fuq l-applikazzjoni e-PRIOR tad-DĠ DIGIT tal-Kummissjoni, għen biex jitlestew 142 proċedura ta' akkwist fl-2018, u li iċ-Ċentru stabbilixxa erba' flussi ta' xogħol elettroniċi interni ġodda foqasma oħra biex jiġu żgurati proċessi aktar rapidi u effiċjenti;
16. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, il-Kummissjoni ffirmat kuntratt qafas interistituzzjonali ma' kuntrattur wieħed għall-akkwist ta' softwer, liċenzji u l-forniment tas-servizzi ta' konsulenza relatati mal-IT fl-2014, u iċ-Ċentru ma vverifikax b'mod sistematiku l-prezzijiet u ż-żidiet applikati mill-kuntrattur qafas mal-istimi u l-fatturi tal-fornituri; jinnota li, skont ir-risposta taċ-Ċentru, fil-prattika, kien diffiċli għaċ-Ċentru li japplika tali kontrolli, peress li ma kien hemm l-ebda obbligu kuntrattwali li jirrikjedi li l-prezz oriġinali u ż-żidiet jiġu ppreżentati separatament; jistieden liċ-Ċentru jadatta l-kontrolli *ex-ante* taħt il-kuntratti qafas u jiżgura li jkun hemm proċedura kompetittiva fl-akkwisti kollha;
17. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, instabu dgħufijiet simili fil-kontroll fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' kuntratt qafas għall-forniment ta' tagħmir u servizzi ta' konferenzi u ta' multimedja, u li iċ-Ċentru ma vverifikax biżżejjed jekk id-dispożizzjoni ta' rata kuntrattwali ta' skont ġietx applikata għal-lista tal-prezzijiet tal-prodotti tal-fornituri ewlenin tal-kuntrattur qabel ma ntbagħtu l-formoli tal-ordni fir-rigward ta' dak il-kuntratt qafas; jinnota li iċ-Ċentru ddeċieda li ma jgeddix il-kuntratt wara d-data ta' skadenza f'Ottubru 2019, u li dak il-kuntratt se jiġi sostitwit b'kuntratt qafas interistituzzjonali għid ġestit mill-Kummissjoni; jistieden liċ-Ċentru jadatta l-kontrolli *ex-ante* fuq il-formoli tal-ordni;

18. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, għaż-żewġ pagamenti għal avvenimenti ta' laqgħat, instabu dgħufijiet fl-istruttura u d-dokumentazzjoni tal-kontrolli u tar-rikonċiljazzjonijiet fuq il-formoli ta' ordnijiet, il-fornituri u l-fatturi; jinnota li, skont ir-risposta taċ-Ċentru, ma nstabu l-ebda żbalji fiż-żewġ pagamenti vverifikati, u li ċ-Ċentru se jirrevedi l-istruttura u d-dokumentazzjoni tal-kontrolli u r-rikonċiljazzjonijiet fis-seħħ għal dak li jirrigwarda l-laqgħat;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, u trasparenza

19. Jinnota, fid-dawl tal-osservazzjonijiet u l-kummenti mill-awtorità ta' kwittanza marbuta man-nuqqas ta' ċerti dikjarazzjonijiet ta' interess u CVs tal-bord tal-amministrazzjoni u tal-forum konsultattiv, li l-membri/sostituti kollha li fiżikament attendew il-laqgħat tal-bord tal-amministrazzjoni u l-forum konsultattiv, u/jew eżerċitaw id-dritt tal-vot, ippreżentaw dikjarazzjoni ta' interess; jinnota li fl-2018 sar aktar titjib fil-politika dwar l-indipendenza għall-persunal u aġenti oħra, inklużi l-esperti esterni; jinnota li ċ-Ċentru jippubblika s-CVs tal-membri tal-bord tal-amministrazzjoni, tal-persunal maniġerjali superjuri u tal-esperti esterni;
20. Jieħu nota tal-miżuri eżistenti taċ-Ċentru u l-isforzi kontinwi biex jiżgura t-trasparenza, jimpedixxi u jiġġestixxi l-kunflitti ta' interess, u jipproteġi l-informaturi; jinnota li ġew identifikati u investigati b'mod aktar profond 10 każijiet ta' kunflitti ta' interess potenzjali rilevanti fl-2018, li 5 minnhom ġew identifikati li qamu fir-rigward ta' punt ta' aġenda ta' laqgħa u li l-persuni kkonċernati ntalbu jastjenu milli jiddiskutu u jivvutaw dwar dak il-punt tal-aġenda; jinnota li ċ-Ċentru rreġistra l-laqgħat mal-lobbyists;

Kontrolli interni

21. Jinnota, fid-dawl tal-osservazzjonijiet u l-kummenti tas-sena l-oħra mill-awtorità ta' kwittanza, li ġew implimentati tnejn mit-tliet azzjonijiet fil-pjan ta' azzjoni biex jitnaqqas l-għadd ta' derogi mill-kontrolli u devjazzjonijiet mill-proċessi u l-proċeduri, u li għall-azzjoni li baqa', dwar it-tariffi ta' aċċess miftuħ għall-pubblikazzjoni ta' artikoli f'pajjiżi mhux fl-Unjoni, qed tiġi eżaminata soluzzjoni permanenti;
22. Jinnota, fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet tas-sena l-oħra mill-awtorità ta' kwittanza, li ġew ippreparati abbozzi ta' proċeduri u mudelli dwar il-laqgħat mal-industrija farmaċewtika u ġiet adottata l-konklużjoni ta' memoranda ta' ftehim u ftehimiet ta' kollaborazzjoni ma' partijiet terzi, u barra minn hekk, jinnota li proċedura interna dwar laqgħat ma' organizzazzjonijiet kummerċjali tinsab attwalment fil-proċess li tiġi adottata internament b'mod formali;

Kummenti oħrajn

23. Jinnota li ċ-Ċentru ġie ttrasferit fil-bini l-ġdid tiegħu f'April 2018, u dan jipprovdi l-persunal u l-partijiet interessati li jmorru fih bi spazju amministrattiv sikur, li jirrispetta l-ambjent u li hu effettiv f'termini ta' spejjeż, u li dan it-trasferiment seħħ bla xkiel u fil-ħin previst;
24. Jistieden liċ-Ċentru jikkonċentra fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tiegħu mal-pubbliku, u jikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja;
25. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu ta 1-14 ta' Mejju 2020 ⁽³⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenzji.

⁽³⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1958 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Awtorità fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0045/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 124.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0068/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1959 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Awtorità fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0045/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0068/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 124.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1960 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2019 dwar il-proċedura tal-Unjoni għall-awtorizzazzjoni tal-pestiċidi ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0068/2020),
- A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tagħha ⁽²⁾, il-baġit finali tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem l-"Awtorità") għas-sena finanzjarja 2018 kien ta' EUR 79 183 814,25, ammont li jirrappreżenta tnaqqis ċkejken ta' 0,47 % meta mqabbel mal-2017; billi l-baġit tal-Awtorità huwa prinċipalment derivat mill-baġit tal-Unjoni ⁽³⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2018 (ir-"rapport tal-Qorti"), issostni li għandha fil-pussess tagħha aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Awtorità huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 100 %, li meta mqabbla mal-2017 tirrappreżenta żieda ċkejna ta' 0,02 %; jinnota, barra minn hekk, li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 91,31 %, li meta mqabbla mal-2017 tirrappreżenta tnaqqis ta' 1 %;

Prestazzjoni

2. Jinnota li, fl-approċċ ta' ġestjoni tagħha, li huwa wieħed komprensiv u bbażat fuq il-prestazzjoni, l-Awtorità introduċiet diversi indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għall-impatt u għall-eżitu biex tkejjel il-valur miżjud ipprovdut mill-attivitàjiet tagħha; jinnota, barra minn hekk, li l-Awtorità tuża indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni oħrajn biex ittejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha;
3. Jirrikonoxxi li l-2018 kienet it-tieni sena tal-approċċ ta' ġestjoni komprensiv u bbażat fuq il-prestazzjoni, tal-kejl tal-prestazzjoni tal-Awtorità bbażat fuq indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni ġodda u tal-implimentazzjoni tal-pjan tal-Istrateġija tal-Awtorità għall-2020;
4. Jinnota b'sodisfazzjon ir-riżultati tajbin miksuba mill-Awtorità għal dak li jikkonċerna l-konformità mal-iskadenzi tal-produzzjoni xjentifika; jinnota wkoll li fl-uniku qasam li fih 83,6 % tar-riżultati kienu magħluqa fit-termini previsti, inqas mill-oġettiv ta' 90 %, id-dewmien kien limitat għal ftit oqsma li fihom kien hemm volum ta' xogħol konsiderevolment għoli;
5. Jinnota li, wara l-ewlija tal-awtorità li bdiet fl-2017, l-Awtorità adottat sensiela ta' rakkomandazzjonijiet fil-lagħha tagħha f'Ottubru 2018; jinnota li l-oqsma ta' progress imsemmija fir-rapport ta' evalwazzjoni kienu jinkludu, b'mod partikolari, il-mekkaniżmi l-ġodda tal-Awtorità għall-involvement mal-partijiet ikkonċernati, il-kooperazzjoni tagħha mal-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-indipendenza msaħħa tagħha; jinnota li l-oqsma ta' titjib enfasizzati fl-ewlija tal-awtorità jirrigwardaw l-approċċ tal-Awtorità li tistabbilixxi l-prijorità tar-riżorsi, il-viżibbiltà ekonomika tas-sistema tagħha għar-reklutaġġ ta' esperti u l-ħtieġa li l-materjali ta' komunikazzjoni tagħha jiġu adattati aktar mill-qrib għall-ħtiġijiet ta' pubbliku differenti;

⁽¹⁾ Testi adottati, P8_TA(2019)0023.

⁽²⁾ ĠU C 202, 12.6.2018, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 202, 12.6.2018, p. 3.

6. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Awtorità tikkondividi riżorsi u attivitajiet mal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u maċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard fl-oqsma tal-valutazzjoni tar-riskju, tad-data u tar-riċerka; jinnota li l-Awtorità ilha żżid il-kondiviżjoni tar-riżorsi u tal-attivitajiet tagħha maċ-Ċentru Konġunt tar-riċerka, b'mod partikolari fil-qasam tad-data u l-mapep ambjentali; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Awtorità biex b'mod attiv tipprova tikseb aktar kooperazzjoni u kooperazzjoni aktar mifruxa mal-aġenziji kollha tal-Unjoni;
7. Iħeġġeġ lill-Awtorità biex taħdem favur id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tagħha;
8. Jilqa' l-kontribut tal-Awtorità għas-sikurezza tal-katina tal-ikel u l-għalf tal-Unjoni, kif ukoll l-isforzi konsiderevoli tagħha biex tipprovi lill-manijers tar-riskju tal-Unjoni b'konsulenza xjentifika komprensiva, indipendenti u aġġornata dwar kwistjonijiet marbuta mal-katina tal-ikel, billi tinforma b'mod ċar lill-pubbliku dwar ir-riżultati tagħha u l-informazzjoni li fuqha huma bbażati, u tikkooopera ma' partijiet ikkonċernati u sħab istituzzjonali bil-għan li tippromwovi l-koerenza u l-fiducia fis-sistema tas-sikurezza tal-ikel tal-Unjoni;
9. Jenfasizza li, fl-2018, l-Awtorità ffinalizzat 788 mistoqsija permezz ta' opinjonijiet xjentifiċi, rapporti tekniċi u pubblikazzjonijiet ta' sostenn;
10. Jemmen li l-Awtorità għandha tkompli tagħti attenzjoni speċjali lill-opinjoni pubblika u timpenja ruħha li tkun miftuħa u trasparenti; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li r-Regolament (UE) 2019/1381 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) jagħti lill-Awtorità kompiti addizzjonali relatati mal-valutazzjoni tas-sikurezza u mal-komunikazzjonijiet pubbliċi, li kollha kemm huma jiġġeneraw spejjeż supplimentari;

Politika dwar il-persunal

11. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2018, it-tabella tal-persunal kienet eżegwita fil-livell ta' 97,49 %, bil-ħatra ta' 5 uffiċjali u ta' 306 aġenti temporanji mit-319-il post tax-xogħol awtorizzat skont il-baġit tal-Unjoni (meta mqabbel ma' 323 post awtorizzat fl-2017); jinnota li, barra minn hekk, 122 aġent kuntrattwali u 14-il espert nazzjonali sekondat kienu qed jaħdmu għall-Awtorità fl-2018;
12. Jinnota bi tħassib li l-Awtorità, li hija waħda mill-aġenziji regolatorji tal-Unjoni responsabbli mill-valutazzjoni tar-riskji tal-prodotti rregolati, ma tirceviz biżżejjed riżorsi biex twettaq b'mod effikaċi r-responsabbiltajiet tagħha; jinsisti li l-Awtorità tingħata biżżejjed riżorsi biex twettaq il-kompiti tagħha;
13. Jinnota li l-Qorti identifikat tendenza orizzontali fost l-aġenziji fir-rigward tal-użu ta' persunal estern impjegat fi rwoli ta' konsulenza fil-qasam tal-IT; jitlob li d-dipendenza fuq ir-reklutaġġ estern f'dan il-qasam importanti u sensitiv titnaqqas kemm jista' jkun biex jiġi limitat kull riskju potenzjali;
14. Jinnota li l-Awtorità adottat il-mudell tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-politika għall-protezzjoni tad-dinjità tal-persuna u għall-prevenzjoni tal-fastidju; jinnota barra minn hekk li organizzat sessjonijiet ta' taħriġ obbligatorji kemm għall-persunal kif ukoll għall-manijers, qiegħdet għad-dispożizzjoni servizz ta' assistenza psikoloġika kunfidenzjali u organizzat il-pubblikazzjoni fuq l-intranet tagħha ta' rapport dwar il-fastidju, li juri l-istatistika u l-proċeduri formali fil-perjodu 2014-2018; jitlob lill-Awtorità tinforma lill-awtorità tal-kwittanza dwar il-miżuri meħuda in-segwitu tal-investigazzjoni ta' każijiet ta' fastidju;
15. Jirrikonoxxi li l-bilanċ bejn is-sessi fi ħdan il-manijement superjuri tal-Awtorità huwa sodisfaċenti, peress li 2 minn 5 huma rġiel, u 3 huma nisa; jesprimi tħassib, madankollu, dwar l-iżbilanċ ġeografiku, peress li m'hemm x manijers superjuri li huma ċittadini tal-Istati li saru membri tal-Unjoni fl-2004; jitlob lill-Awtorità tieħu miżuri li jiżguraw bilanċ ġeografiku aħjar fil-manijement superjuri tagħha;
16. Jiddispaċih li, fir-rigward tal-perjodi ta' preklużjoni ta' sentejn, il-politika ta' indipendenza tal-2017 tinkludi l-obbligu li jiġu eżaminati l-interessi tal-esperti biss f'dak li għandu x'jaqşam mal-mandat tal-grupp xjentifiku li għalih l-espert ikun qiegħed japplika; jitlob li l-politika tiġi aġġornata mingħajr dewmien sabiex jiġi żgurat li l-interessi tal-esperti jitqiesu fil-kuntest tal-mandat ġenerali tal-Awtorità, kif mitlub ripetutament mill-Parlament;

(*) Ir-Regolament (UE) 2019/1381 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 1829/2003, (KE) Nru 1831/2003, (KE) Nru 2065/2003, (KE) Nru 1935/2004, (KE) Nru 1331/2008, (KE) Nru 1107/2009, (UE) 2015/2283 u d-Direttiva 2001/18/KE (ĠU L 231, 6.9.2019, p. 1).

17. Jiddispijaci li l-finanzjamenti għar-riċerka mill-kumpaniji li jidħlu fl-ambitu tal-mandat tal-Awtorità mhumiex meqjusin rilevanti għall-perjodu ta' preklużjoni, dment li l-ammonti inkwistjoni ma jkunux ogħla minn 25 % tal-baġit totali ddedikat għar-riċerka amministrat mill-espert u/jew mit-tim ta' riċerka tiegħu, u li l-limitu minimu japplika għal sorsi individwali u mhux għas-sorsi privati kollha meqjusin flimkien; jitlob li jitneħħa l-limitu ta' finanzjament mill-politika ta' indipendenza tal-Awtorità, bi qbil mat-talbiet ripetuti li għamel dwar il-kwistjoni l-Parlament;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

18. Jinnota bi tħassib li l-Awtorità ntaqtet minn problemi ta' kunflitti ta' interess u li l-istħarriġ wera li l-proporzjon ta' esperti b'kunflitt ta' interess finanzjarju varja minn 59 % fl-2013 għal 49 % fl-2017; jinnota li l-Qorti identifikat il-ħtieġa li tissaħħaħ l-indipendenza tal-uffiċjal tal-kontabbiltà, iżda ma titkellimx dwar l-indipendenza tal-esperti; jistieden lill-Awtorità tadotta perjodu strett ta' preklużjoni fir-rigward ta' kunflitti ta' interess finanzjarji u linji gwida ta' politika ċari dwar l-użu ta' esperti, li jipproteġu l-opinjoni xjentifiċi tal-Awtorità minn influwenza indebita;
19. Jiddispijaci għall-fatt li esperti esterni, bħall-esperti li jattendu seduti ta' smigħ jew membri tal-forum ta' konsulenza, punti fokali jew networks xjentifiċi, mhumiex soġġetti għal skrinjar ta' kunflitti ta' interess, u li jista' jagħti l-każ li ma jiġix identifikat xi kunflitt ta' interess potenzjali f'dan il-qasam;
20. Ifakkar fir-rakkomandazzjonijiet tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-16 ta' Jannar 2019 dwar il-proċedura tal-Unjoni għall-awtorizzazzjoni tal-pestiċidi, u b'mod partikolari l-appell tiegħu lill-Awtorità biex ittejjeb il-komunikazzjoni tar-riskju tagħha, taġġorna d-dokumenti ta' gwida tagħha f'konformità mal-iżviluppi l-aktar reċenti fl-oqsma kollha rilevanti, iżżid il-faċilità tal-użu tal-informazzjoni pprovduta fuq is-sit web tagħha u tiffaċilita l-estrazzjoni tad-data, tippubblika l-opinjoni tagħha f'ġurnali riveduti mill-pari u tħeġġeġ aktar esperti nazzjonali u xjentisti oħra biex jipparteċipaw fil-ħidma tagħha u teskludi l-parteciċipazzjoni ta' esperti li għandhom kunflitt ta' interess mill-istadji kollha tal-proċess ta' reviżjoni bejn il-pari; jinnota mir-risposta tagħha li l-Awtorità daħħlet diversi wħud mir-rakkomandazzjonijiet fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁵⁾ rivedut, b'mod partikolari fir-rigward taż-żieda fit-trasparenza u fl-aċċessibiltà tal-komunikazzjonijiet tar-riskji;
21. Ifakkar li r-Regolament (KE) Nru 178/2002 rivedut se jirrikjedi li l-Awtorità tagħmel, b'mod proattiv, id-data regulatorja mressqa mill-applikanti disponibbli, biex din tkun tista' titniżżel, tiġi stampata u kkonsultata f'format elettroniku; billi dan se jippermetti lill-Awtorità tibbenefika minn reviżjoni estiża bejn il-pari min-naħa tal-komunità xjentifika; ifakkar li dan ir-rewiżit ta' trasparenza huwa indispensabbli għar-riċerka sponsorizzata mill-industrija iżda ma jstax jintuża bħala bażi għal rifjut tal-użu mill-akkademiċi ta' data li tkun inżammet kunfidenzjali għal raġunijiet leġittimi, bħar-rekords mediċi personali tal-pazjenti;

Kontrolli interni

22. Jilqa' l-fatt li fl-2018 sar kontroll tal-idoneità bil-għan li jiġi vvalutat kif għandha tiġi riveduta l-Istrateġija tal-Awtorità Kontra l-Frodi fl-2019 u matul is-sena ta' rappurtar, u li l-Awtorità ma kellhiex għalfejn tittrażmetti jew tagħti segwitu għal kwalunkwe suspett ta' każijiet ta' frodi lill-OLAF;
23. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, is-Servizz tal-Awditjar Intern ħareġ rapport ta' awditjar dwar "Il-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani u l-Etika fl-EFSA" u l-Awtorità qed tħejji pjan ta' azzjoni korrispondenti biex tintervjeni f'xi oqsma li fihom jista' jseħħ titjib; jistieden lill-Awtorità tinforma lill-awtorità tal-kwittanza dwar il-miżuri implementati;
24. Jistieden lill-Awtorità tiffoka fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tagħha mal-pubbliku, u tikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja;
25. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020⁽⁶⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtieġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-ikel u jstabilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

⁽⁶⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE, Euratom) 2020/1961 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima III — Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 (COM(2019) 316 — C9-0050/2019) ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għall-kwittanza għas-sena finanzjarja 2017 (COM(2019) 334),
- wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-2018 tal-Kummissjoni dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni tal-Baġit tal-UE (COM(2019) 299),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditi interni mwettqa fl-2018 (COM(2019) 350) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni li jakkumpanjah (SWD(2019) 300),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2019 dwar l-istat tad-dritt f'Malta wara r-rivelazzjonijiet reċenti rigward il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri Nru 15/2019: Implimentazzjoni tal-pakkett ta' riformi tal-persunal tal-2014 fil-Kummissjoni — Iffrankar sinifikanti, iżda mhux mingħajr konsegwenzi għall-persunal,
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma dwar "ir-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri Nru 15/2019: Implimentazzjoni tal-pakkett ta' riformi tal-persunal tal-2014 fil-Kummissjoni - Iffrankar sinifikanti, iżda mhux mingħajr konsegwenzi għall-persunal" li ħareġ il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2020 dwar is-seduti ta' smiġh li għaddejjin bħalissa skont l-Artikolu 7(1) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Polonja u l-Ungerija ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet ⁽⁵⁾, u r-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁶⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 (05760/1/2020 — C9-0018/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

⁽¹⁾ ĠU L 57, 28.2.2018, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 327, 30.9.2019, p. 1.

⁽³⁾ Testi adottati, P9_TA(2019)0103.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0014.

⁽⁵⁾ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 9.

- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 62, 164, 165 u 166 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 69, 260, 261 u 262 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp; tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali; tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel; tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu; tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali; tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali; tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni; tal-Kumitat għall-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u għall-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi;
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0069/2020),
- A. billi, skont l-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha timplimenta l-baġit u tiġġestixxi l-programmi, u billi, b'applikazzjoni tal-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, din għandha timplimenta l-baġit f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, taħt ir-responsabbiltà tagħha stess, b'konsiderazzjoni tal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba;
1. Jagħti l-kwittanza lill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni li hija parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima III — Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, flimkien mar-risoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, kif ukoll lill-istituzzjonijiet tal-awditjar nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽⁷⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁸⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

DEĊIŻJONI (UE, Euratom) 2020/1962 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 (COM(2019) 316 — C9-0050/2019) ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura għas-sena finanzjarja 2018 ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għall-kwittanza għas-sena finanzjarja 2017 (COM(2019) 334),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditi interni mwettqa fl-2018 (COM(2019) 350) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni li jakkumpanjah (SWD(2019) 300),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposta tal-Aġenzija ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁵⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05762/2020 — C9-0019/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 62, 164, 165 u 166 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 69, 260, 261 u 262 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU L 57, 28.2.2018, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 327, 30.9.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU C 376, 6.11.2019, p. 10.⁽⁴⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.⁽⁶⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁷⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁸⁾ ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar regolament finanzjarju standard tal-aġenziji eżekuttivi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità ⁽⁹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 66, l-ewwel u t-tieni subparagrafi, tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/776/UE tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 2013 li tistabilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura u li tħassar id-Deċiżjoni 2009/336/KE ⁽¹⁰⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp; tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali; tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel; tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu; tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali; tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali; tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni; tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u għall-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi;
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0069/2020),
- A. billi, skont l-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha timplimenta l-baġit u tiġġestixxi l-programmi, u billi, b'applikazzjoni tal-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, din għandha timplimenta l-baġit f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, taħt ir-responsabbiltà tagħha stess, b'konsiderazzjoni tal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba;
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni li hija parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima III — Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, flimkien mad-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima III — Il-Kummissjoni u r-risoluzzjoni li hija parti integrali minn dawn id-deċiżjonijiet, lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽⁹⁾ ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 343, 19.12.2013, p. 46.

DEĊIŻJONI (UE, Euratom) 2020/1963 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (EASME) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 (COM(2019) 316 — C9-0050/2019) ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji għas-sena finanzjarja 2018 ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għall-kwittanza għas-sena finanzjarja 2017 (COM(2019) 334),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditi interni mwettqa fl-2018 (COM(2019) 350) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni li jakkumpanjah (SWD(2019) 300),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposta tal-Aġenzija ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁵⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05762/2020 — C9-0019/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 62, 164, 165 u 166 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 69, 260, 261 u 262 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU L 57, 28.2.2018, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 327, 30.9.2019, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 376, 6.11.2019, p. 12.

⁽⁴⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.

⁽⁶⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar regolament finanzjarju standard tal-aġenziji eżekuttivi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità ⁽⁹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 66, l-ewwel u t-tieni subparagrafi, tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/771/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 li tistabilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2004/20/KE u 2007/372/KE ⁽¹⁰⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp; tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali; tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel; tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu; tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali; tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali; tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni; tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u għall-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0069/2020),
- A. billi, skont l-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha timplimenta l-baġit u tiġġestixxi l-programmi, u billi, b'applikazzjoni tal-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, din għandha timplimenta l-baġit f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, taħt ir-responsabbiltà tagħha stess, b'konsiderazzjoni tal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba;
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni li hija parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima III — Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, flimkien mad-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima III — Il-Kummissjoni u r-risoluzzjoni li hija parti integrali minn dawn id-deċiżjonijiet, lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽⁸⁾ ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

⁽⁹⁾ ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 341, 18.12.2013, p. 73.

DEĊIŻJONI (UE, Euratom) 2020/1964 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel (Chafea) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 (COM(2019) 316 — C9-0050/2019) ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel għas-sena finanzjarja 2018 ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għall-kwittanza għas-sena finanzjarja 2017 (COM(2019) 334),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditi interni mwettqa fl-2018 (COM(2019) 350) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni li jakkumpanjah (SWD(2019) 300),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposta tal-Aġenzija ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁵⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05762/2020 — C9-0019/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 62, 164, 165 u 166 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 69, 260, 261 u 262 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU L 57, 28.2.2018, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 327, 30.9.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU C 376, 6.11.2019, p. 7.⁽⁴⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.⁽⁶⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁷⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar regolament finanzjarju standard tal-aġenziji eżekuttivi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità ⁽⁹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 66(3), l-ewwel u t-tieni subparagrafi, tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/770/UE tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2004/858/KE ⁽¹⁰⁾,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/927/UE tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2013/770/UE sabiex "L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel" tiġi ttrasformata f "L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel" ⁽¹¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp; tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali; tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel; tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu; tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali; tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali; tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni; tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u għall-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi;
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0069/2020),
- A. billi, skont l-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha timplimenta l-baġit u tiġġestixxi l-programmi, u billi, b'applikazzjoni tal-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, din għandha timplimenta l-baġit f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, taħt ir-responsabbiltà tagħha stess, b'konsiderazzjoni tal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba;
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni li hija parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima III — Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, id-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima III — Il-Kummissjoni u r-risoluzzjoni li hija parti integrali minn dawn id-deċiżjonijiet, lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽⁸⁾ ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

⁽⁹⁾ ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 341, 18.12.2013, p. 69.

⁽¹¹⁾ ĠU L 363, 18.12.2014, p. 183.

DEĊIŻJONI (UE, Euratom) 2020/1965 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (ERCEA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 (COM(2019) 316 — C9-0050/2019) ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka għas-sena finanzjarja 2018 ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għall-kwittanza għas-sena finanzjarja 2017 (COM(2019) 334),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditi interni mwettqa fl-2018 (COM(2019) 350) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni li jakkumpanjah (SWD(2019) 300),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposta tal-Aġenzija ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁵⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05762/2020 — C9-0019/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 62, 164, 165 u 166 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 69, 260, 261 u 262 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassa l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU L 57, 28.2.2018, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 327, 30.9.2019, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 376, 6.11.2019, p. 30.

⁽⁴⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.

⁽⁶⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁸⁾ ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar regolament finanzjarju standard tal-aġenziji eżekuttivi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità ⁽⁹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 66(3), l-ewwel u t-tieni subparagrafi, tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/779/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 li tistabilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2008/37/KE ⁽¹⁰⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp; tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali; tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel; tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu; tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali; tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali; tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni; tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u għall-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0069/2020),
- A. billi, skont l-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha timplimenta l-baġit u tiġġestixxi l-programmi, u billi, b'applikazzjoni tal-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, din għandha timplimenta l-baġit f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, taħt ir-responsabbiltà tagħha stess, b'konsiderazzjoni tal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba;
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni li hija parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima III — Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, flimkien mad-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima III — Il-Kummissjoni u r-risoluzzjoni li hija parti integrali minn dawn id-deċiżjonijiet, lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽⁹⁾ ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 346, 20.12.2013, p. 58.

DEĊIŻJONI (UE, Euratom) 2020/1966 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 (COM(2019) 316 — C9-0050/2019) ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka għas-sena finanzjarja 2018 ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għall-kwittanza għas-sena finanzjarja 2017 (COM(2019) 334),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditi interni mwettqa fl-2018 (COM(2019) 350) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni li jakkumpanjah (SWD(2019) 300),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposta tal-Aġenzija ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁵⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05762/2020 — C9-0019/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 62, 164, 165 u 166 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 69, 260, 261 u 262 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU L 57, 28.2.2018, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 327, 30.9.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU C 376, 6.11.2019, p. 47.⁽⁴⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.⁽⁶⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁷⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁸⁾ ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar regolament finanzjarju standard tal-aġenziji eżekuttivi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità ⁽⁹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 66, l-ewwel u t-tieni subparagrafi, tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/778/UE tat-13 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2008/46/KE ⁽¹⁰⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp; tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali; tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel; tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu; tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali; tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali; tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni; tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u għall-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0069/2020),
- A. billi, skont l-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha timplimenta l-baġit u tiġġestixxi l-programmi, u billi, b'applikazzjoni tal-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, din għandha timplimenta l-baġit f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, taħt ir-responsabbiltà tagħha stess, b'konsiderazzjoni tal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba;
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni li hija parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima III — Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, flimkien mad-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima III — Il-Kummissjoni u r-risoluzzjoni li hija parti integrali minn dawn id-deċiżjonijiet, lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽⁹⁾ ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 346, 20.12.2013, p. 54.

DEĊIŻJONI (UE, Euratom) 2020/1967 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-
Netwerks (INEA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 (COM(2019) 316 — C9-0050/2019) ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks għas-sena finanzjarja 2018 ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għall-kwittanza għas-sena finanzjarja 2017 (COM(2019) 334),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditi interni mwettqa fl-2018 (COM(2019) 350) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni li jakkumpanjah (SWD(2019) 300),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposta tal-Aġenzija ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁵⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05762/2020 — C9-0019/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 62, 164, 165 u 166 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 69, 260, 261 u 262 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU L 57, 28.2.2018, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 327, 30.9.2019, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 376, 6.11.2019, p. 46.

⁽⁴⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 34.

⁽⁶⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁸⁾ ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar regolament finanzjarju standard tal-aġenziji eżekuttivi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità ⁽⁹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 66, l-ewwel u t-tieni subparagrafi, tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/801/UE tat-23 ta' Diċembru 2013 li tistabilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netzwerks u li tassar id-Deċiżjoni 2007/60/KE kif emendata bid-Deċiżjoni 2008/593/KE ⁽¹⁰⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp; tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali; tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel; tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu; tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali; tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali; tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni; tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u għall-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0069/2020),
- A. billi, skont l-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha timplimenta l-baġit u tiġġestixxi l-programmi, u billi, b'applikazzjoni tal-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, din għandha timplimenta l-baġit f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, taħt ir-responsabbiltà tagħha stess, b'konsiderazzjoni tal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba;
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netzwerks għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni li hija parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima III — Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, flimkien mad-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima III — Il-Kummissjoni u r-risoluzzjoni li hija parti integrali minn dawn id-deċiżjonijiet, lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netzwerks, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽⁹⁾ ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 352, 24.12.2013, p. 65.

DEĊIŻJONI (UE, Euratom) 2020/1968 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima III — Il-Kummissjoni**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 (COM(2019)0316 — C9-0050/2019) ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għall-kwittanza għas-sena finanzjarja 2017 (COM(2019)0334),
- wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-2018 tal-Kummissjoni dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni tal-Baġit tal-UE (COM(2019)0299),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditi interni mwettqa fl-2018 (COM(2019)0350) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni li jakkumpanjah (SWD(2019)0300),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet ⁽³⁾, u r-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05760/1/2020 — C9-0018/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 62, 164, 165 u 166 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 69, 260, 261 u 262 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) u (3) tiegħu,

⁽¹⁾ ĠUL 57, 28.2.2018, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 327, 30.9.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 9.⁽⁵⁾ ĠUL 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁶⁾ ĠUL 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁷⁾ ĠUL 11, 16.1.2003, p. 1.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 99 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp; tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali; tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel; tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu; tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali; tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali; tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni; tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u għall-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi;
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0069/2020),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni li hija parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima III — Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Bank Ewropew tal-Investment, kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali u lill-istituzzjonijiet tal-awditjar nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1969 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-14 ta' Mejju 2020

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima III — Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima III – Il-Kummissjoni,
 - wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġits tal-aġenziji eżekuttivi għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp; tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali; tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel; tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu; tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali; tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali; tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni; tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u għall-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi;
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0069/2020),
- A. billi l-infiq tal-UE huwa strument sinifikanti biex jintlaħqu l-oġettivi ta' politika, u bħala medja jirrappreżenta 1,9 % tal-infiq tal-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-Istati Membri;
- B. billi, meta jagħti l-kwittanza lill-Kummissjoni, il-Parlament jivverifika jekk il-fondi jkunux intużaw b'mod korrett jew le, u jekk l-oġettivi ta' politika jkunux intlaħqu jew le;

Prijoritajiet politiċi

1. Jenfasizza li kull meta l-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri timplimenta l-baġit tal-Unjoni, u jkun xi jkun il-metodu ta' implimentazzjoni użat - ġestjoni kondiviża, diretta jew indiretta - ir-rispett tal-istat tad-dritt huwa wieħed mill-prekondizzjonijiet l-aktar essenzjali biex jikkonformaw mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba, stabbiliti fl-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE); jenfasizza li l-atturi kollha għandhom jagħmlu hilitom biex jużaw il-fondi bl-aktar mod trasparenti, effettivi u effiċjenti; jinsab imħasseb dwar it-telf finanzjarju kkawżat minn nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt f'għadd ta' Stati Membri u jsostni li l-Unjoni għandha tkun kapaċi timponi miżuri xierqa li jinkludu s-sospensjoni, it-tnaqqis u r-restrizzjoni tal-aċċess għall-finanzjament tal-Unjoni f'każijiet bħal dawn; jilqa' għalhekk il-proposta għal regolament dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri u jitlob li din il-proposta tiġi adottata bħala prijorità;
2. Jisħaq li, fil-kuntest ta' riżorsi finanzjarji skarsi fil-baġit tal-Unjoni li għandhom jappoġġaw il-prijoritajiet u r-responsabbiltajiet tal-Unjoni, il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni hija ta' importanza kbira u li l-aktar sforzi b'saħħithom huma meħtieġa fil-livelli kollha sabiex jimpedixxu l-frodi, il-korruzzjoni u l-użu ħażin tal-fondi tal-Unjoni, u jiġġielduhom; jissottolinja li l-ħolqien tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) huwa sinjal ta' żvilupp fundamentali fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jikkritika l-fatt li m'hemmx biżżejjed finanzjament u persunal tal-UPPE matul il-fażi ta' żvilupp u jikkritika s-sottovalutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-Uffiċċju mill-Kummissjoni; jenfasizza li l-UPPE għandu jipproċessa sa 3 000 każ kull sena; jenfasizza li l-UPPE jeħtieġ mill-inqas 76 post tax-xogħol addizzjonali u EUR 8 miljun jekk għandu jsir kompletament operattiv, kif previst, sa tmiem l-2020; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni tippreżenta abbozz ta' baġit emendatorju; itenni li l-Parlament assolutament jopponi t-tnaqqis ta' 45 post mill-persunal tal-Uffiċċju Ewropew ta' kontra l-Frodi (OLAF);
3. Ifakkar li l-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju, li daħal fis-seħħ fit-2 ta' Awwissu 2018, wessa' d-definizzjoni ta' kunflitti ta' interessi; jistieden lill-Kummissjoni, bħala l-"Gwardjan tat-Trattati", tiġġieled kull forma ta' kunflitti ta' interessi u tevalwa fuq bażi regolari l-miżuri preventivi meħuda mill-Istati Membri biex jevitawhom; jistieden lill-Kummissjoni tippromponi linji gwida komuni sabiex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess li jaffettwaw lill-politiċi ta' profil għoli; iħeġġeġ lill-Kunsill jadotta standards etiċi komuni dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-kunflitti ta' interess u joħloq fehim komuni fl-Istati Membri kollha; jissottolinja li, minħabba l-problemi mifruxa ta' kunflitti ta' interessi fid-distribuzzjoni tal-fondi agrikoli tal-Unjoni, mhuwiex mixtieq li l-membri tal-Kunsill Ewropew, il-ministri tal-agricoltura, il-funzjonarji, jew il-membri tal-familja tagħhom, jieħdu deċiżjonijiet dwar l-appoġġ għall-introjt;

4. Jilqa' l-intenzjoni tal-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") li timxi lejn metodoloġija ta' attestazzjoni li permezz tagħha l-Qorti tiġbor evidenza li tkun suffiċjenti u xierqa biex tasal għal konklużjoni dwar l-aċċertament espress mill-entità responsabbli; ifakkar fis-sejba tal-Qorti li l-kwalità u l-affidabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali jeħtieġ li jitjiebu malajr u li l-metodoloġija ta' attestazzjoni għandha tqis dawn il-fatti; jirrakkomanda li l-Qorti tikkomplementa l-kontrolli aleatorji tagħha b'approċċ ibbażat fuq ir-riskju sabiex ir-rapporti tagħha dwar ir-rati ta' żball jagħtu aktar attenzjoni lil oqsma fejn x'aktarx ikun hemm problemi;
5. Jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, taħdem mill-qrib mal-Istati Membri sabiex tiggarrantixxi data komprensiva, preċiża u affidabbli mingħajr ma tinsa l-għan ta' implimentazzjoni sħiħa tal-Iskema ta' Awditjar Uniku; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jintużaw metodoloġija trasparenti u terminoloġija konsistenti u tissimplifika r-rappurtar tagħha, speċjalment, fir-rigward tar-rati ta' żball sabiex jiġu evitati l-konfużjoni u n-nuqqas ta' trasparenza;
6. Jinnota li l-kejl ta' dak li nkiseb permezz tal-prijoritajiet, tal-politiki u tal-programmi tal-Unjoni jippreżenta sfida; jinnota, madankollu, li l-monitoraġġ effettiv tal-prestazzjoni huwa essenzjali sabiex tkun tista' tinftehem is-sitwazzjoni, jiġu identifikati kwistjonijiet emerġenti, u jittieħdu azzjonijiet korrettivi meta l-oġġettivi ma jintlaħqux jew fejn l-eżiti ta' politika waħda tal-Unjoni jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-kisba tal-għanijiet stabbiliti ta' politika oħra;
7. Jistieden lill-Kummissjoni:
 - ittejjeb l-allinjament bejn l-oġġettivi ġenerali ta' livell għoli, u l-oġġettivi u l-programmi ta' politika speċifiċi;
 - tiddefinixxi indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni aktar b'saħħithom li jirriflettu l-impatt u l-kisbiet tal-programmi u l-politiki ta' nfiq tal-Unjoni aktar milli l-prestazzjoni tal-awtoritajiet li jimplementawhom;
 - tuża informazzjoni aġġornata dwar il-prestazzjoni sabiex l-oġġettivi u l-indikaturi jkunu jistgħu jiġu adattati f'waqthom;
 - tpoġġi aktar enfasi fuq ir-riżultati u l-valur miżjud tal-finanzjament tal-Unjoni li jmur lil hinn minn sempliċi outputs;
8. Jilqa' l-intenzjoni espressa mill-Qorti li tipprovdi lill-awtoritajiet ta' kwittanza valutazzjoni li tkopri kemm id-dimensjonijiet tal-konformità kif ukoll tal-prestazzjoni, għal kull politika tal-Unjoni, skont l-intestaturi baġitarji kapitolu b'kapitolu fir-rapport annwali tagħha;
9. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Qorti jaċċelleraw il-proċess ta' kwittanza għal n+1;
10. Jafferma mill-ġdid il-ħtieġa ċara għal aktar kooperazzjoni bejn is-servizzi doganali fl-Istati Membri sabiex tiġi evitata l-ħsara għall-baġits tal-Unjoni u dawk nazzjonali; b'mod partikolari fir-rigward ta' telf tal-VAT, kummerċ elettroniku u prodotti foloz;
11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirriżamina, flimkien mal-Istati Membri, kif id-dazji doganali jistgħu jinġabru b'mod aktar effettiv u kwalunkwe ammont li l-ħlas tiegħu ġie evitat b'mod frodulent i jista' jiġi rkuprat; kif ukoll tikkunsidra t-titjib li jista' jsir fl-irkupru tad-dħul doganali;
12. Jinsab imħasseb dwar ir-riskju ta' sottovalutazzjoni ta' provvisti ta' oġġetti tal-kummerċ elettroniku li ġejjin mill-pajjiżi terzi u jistieden lill-Kummissjoni twestaq biżżejjed attivitajiet ta' kontroll u ta' sorveljanza fl-Istati Membri biex tiżgura kooperazzjoni aħjar;
13. Jinnota li t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea wriet tendenza pożittiva fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri f'dawn l-aħħar snin;
14. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti aktar attenzjoni għad-distribuzzjoni ġeografika tal-fondi ta' riċerka bil-ħsieb li tikkontribwixxi għat-tixrid tar-riċerka fl-ogħla livell ta' eċċellenza fl-Unjoni kollha u għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi għat-tkabbir u l-impjiegi; jissuġġerixxi li l-fondi strutturali għandhom jintużaw aktar biex jiġu promossi l-innovazzjoni u l-eċċellenza; jisħaq li l-Programmi Qafas iridu jiffinanzjaw l-istadji kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni; jirrimarka li għalkemm il-proġetti ta' riċerka fundamentali spiss iwasslu għal riżultati tanġibbli fuq medda itwal ta' żmien biss, huma indispensabbli biex tiġi żgurata l-eċċellenza tal-Unjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll biex jiġu attirati l-aqwa xjentisti; jinnota bi tħassib li l-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni titqiegħed friskju minn xi pajjiżi terzi li jipparteċipaw fi proġetti ta' riċerka konġunta;

15. Itenni t-tħassib tiegħu dwar il-livell għoli ta' impenji pendenti l-aktar minħabba l-bidu tard tal-finanzjament tal-proġetti u l-programmi tal-perspettiva finanzjarja 2014-2020 u minħabba l-implimentazzjoni bil-mod tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE); jistieden lill-Istati Membri rispettivi jħaffu t-tweqqif tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni u l-pagamenti relatati, mingħajr ma jtaffu l-kontrolli meħtieġa, filwaqt li jżidu t-trasparenza għall-applikanti u jnaqqsu l-komplessità bil-ħsieb li jitnaqqas it-tul tal-perjodu ta' implimentazzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipproponi li tmur lura għar-regola n+2; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni mill-Istati Membri fil-każ ta' sottoimplimentazzjoni u rati baxxi ta' assorbiment;
16. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza kruċjali tal-politika ta' koeżjoni u l-Fondi SIE fit-tnaqqis tad-differenzi bejn l-Istati Membri u r-reġjuni, fil-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku u l-impjegi, fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, u għalhekk fit-titjib tal-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej;
17. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-appoġġ tekniku (sessjonijiet ta' taħriġ, komunikazzjoni eċċ.) ma' awtoritajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali sabiex tikseb rati aħjar ta' assorbiment;
18. Jinnota li, skont id-dritt tal-Unjoni, il-benefiċjarji intitolati għal pagamenti diretti tal-politika agrikola komuni (PAK) huma dawk li jaħdmu l-art; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jiġu adottati regoli bil-għan li tiġi evitata sitwazzjoni li fiha s-sussidji tal-Unjoni jitqassmu lid-destinatarji li akkwistaw l-art inkwistjoni b'mezzi illegali jew frawdolenti, kif ġie osservat f'xi Stati Membri; jissottolinja, filwaqt li jqis każijiet bħal dawk irrapportati mill-OLAF fis-Slovakkja u fl-Italja li l-Kummissjoni għandha toħroġ bi proposti li jindikaw biċ-ċar li l-kuntratti ta' kera jew ta' sjienda ta' art huma bbażati fuq l-istat tad-dritt u li l-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar id-drittijiet tal-ħaddiema, inklużi d-drittijiet li jirrigwardaw l-introjt tal-ħaddiema tal-farms qed jiġu segwiti; jitlob lill-Kummissjoni biex, f'kooperazzjoni mal-aġenziji nazzjonali, toħroġ format standardizzat u aċċessibbli għall-pubbliku (li jirrispetta d-deċiżjoni rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja) li jiżvela l-benefiċjarji finali tal-PAK;
19. Jinsab ferm imħasseb dwar investigazzjonijiet reċenti mill-awtoritajiet Taljani li żvelaw frodi b'valur ta' EUR 5,5 miljun u diversi strutturi tal-mafja li jużaw ħażin is-sussidji agrikoli tal-Unjoni għall-iskopijiet kriminali tagħhom, u li huma ta' theddida għal bdiewa onesti li jipparteċipaw fl-irkanti ta' art li tkun proprjetà tal-istat, u li jinjoraw il-liġi tax-xogħol nazzjonali; jemmen li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u flus il-kontribwenti fl-Unjoni jirriskjaw li jiddgħajfu kawża tal-kriminalità organizzata u jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa biex timpedixxi lin-netwerks kriminali milli jiksbu flejjes tal-Unjoni; jissottolinja l-ħtieġa għal skambju aħjar ta' informazzjoni fil-livell nazzjonali, kif ukoll bejn il-livelli nazzjonali u tal-Unjoni, sabiex jiġu identifikati malajr l-organizzazzjonijiet kriminali li qed jippruvaw jagħmlu profitti illegali; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħa is-sistemi ta' kontroll sabiex jiġi evitat li tali sitwazzjoni tirrepeti ruħha; jitlob li l-Kummissjoni żżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar kwalunkwe żvilupp għdid;
20. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi bilanċ aħjar bejn il-ġeneru u approċċ ta' bbaġitjar reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru fil-fondi allokati;
21. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni taħdem favur id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tagħha;
22. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem favur s-simplifikazzjoni amministrattiva sabiex tattira strutturi żgħar bħall-SMEs biex jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni u fl-akkwisti pubbliċi;
23. Jinsisti li l-Kummissjoni tipproponi mekkaniżmu ta' lment speċifiku fil-livell tal-Unjoni biex jappoġġa lill-bdiewa jew lill-benefiċjarji li jħabbtu wiċċhom, pereżempju, ma' Prattiki ħżiena ta' ħtif tal-art, imġiba ħażina tal-awtoritajiet nazzjonali, pressjoni minn strutturi kriminali jew minn kriminalità organizzata, jew persuni li huma soġġetti għal xogħol furzat jew ta' skjavitù, li jagħtihom l-opportunità li jressqu malajr ilment mal-Kummissjoni, u li l-Kummissjoni għandha tivverifika b'urġenza;
24. Jinnota b'dispaċir il-konċentrazzjoni tal-maġġoranza tal-pagamenti diretti tal-PAK f'idejn ftit destinatarji f'xi Stati Membri; ma japprovax bil-qawwa l-ħolqien u t-twaqqif ta' strutturi oligarkiċi f'xi Stati Membri; jinsab ferm imħasseb li membri ta' dawn l-istrutturi oligarkiċi jieħdu fondi tal-Unjoni partikolarment fil-qasam tal-agrikoltura u l-koeżjoni biex isaħħu l-pożizzjoni ta' setgħa tagħhom; huwa tal-fehma li l-fondi tal-Unjoni għandhom, minflok, ikunu ta' benefiċċju għall-parti l-kbira taċ-ċittadini tal-Unjoni;
25. Jinsab imħasseb ħafna bir-rapporti ta' dan l-aħħar dwar il-fondi agrikoli li allegatament qed ikunu ta' benefiċċju għall-istrutturi oligarkiċi; itenni li dan jirrappreżenta inġustizzja gravi lejn il-kontribwenti tal-Unjoni u partikolarment lejn il-bdiewa żgħar u l-komunitajiet rurali; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta li timmodifika r-regoli tal-PAK u tal-koeżjoni sabiex issir allokazzjoni aktar ġusta tal-fondi tal-Unjoni u b'hekk tevita distribuzzjoni distorta fejn minoranza żgħira ta' benefiċjarji (kemm persuni fiżiċi kif ukoll ġuridiċi) tirċievi maġġoranza vasta ta' sussidji tal-Unjoni fiż-żewġ oqsma; iqis li huwa meħtieġ li jinbidlu r-regoli tal-QFP biex tiġi evitata sitwazzjoni li fiha persuna fiżika waħda li tkun proprjetarja ta' diversi kumpaniji jkollha l-possibbiltà li tirċievi sussidji tal-Unjoni fil-PAK u koeżjoni li tammonta għal mijiet ta' miljuni matul QFP wieħed;

26. Josserva r-rekwiżiti fil-qasam tat-trasparenza għall-politika ta' koeżjoni u għall-PAK, li jobbligaw lill-awtoritajiet responsabbli tal-Istati Membri, skont ir-regoli tal-ġestjoni kondiviża, iżommu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku lista tal-benefiċjarji finali; jistieden lill-Istati Membri jippubblikaw tali data b'mod uniformi u jiżguraw l-interoperabbiltà tal-informazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiġbor u taggrega d-data u tippubblika l-listi tal-akbar 50 benefiċjarju minn kull fond f'kull Stat Membru kif ukoll tal-akbar 50 benefiċjarju tal-PAK u tal-politika ta' koeżjoni (persuni fiżiċi u ġuridiċi) mill-Istati Membri kollha biex ikollha stampa ġenerali preċiża tat-tqassim tas-sussidji tal-Unjoni;
27. Jistieden lill-Kummissjoni, fl-aċċettazzjoni sħiħa tal-prinċipju tal-ġestjoni kondiviża:
- tistabbilixxi sistemi ta' informazzjoni uniformi u standardizzati għall-Istati Membri biex jirrapportaw l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji finali tal-fondi tal-Unjoni fil-qasam tal-agrikoltura u tal-koeżjoni; tenfasizza li l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji finali għandha tinkludi speċifikazzjoni dwar is-sidien ta' kumpaniji benefiċjarji (persuni fiżiċi u ġuridiċi);
 - tipproponi regolament għall-ħolqien ta' sistema informatika li tippermetti rapportar uniformi u standardizzati f'ħin reali min-naħa tal-awtoritajiet tal-Istati Membri li tiżgura l-interoperabbiltà mas-sistemi użati fl-Istati Membri, bil-għan li tkun garantita kooperazzjoni u trasparenza aħjar bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u tkompli titjeb ir-responsabbiltà għall-pagamenti, u, b'mod partikolari, jingħata kontribut għall-identifikazzjoni ta' żbalji sistemiċi u użu ħażin mill-istadji inizjali;
 - tassisti lill-Istati Membri biex jadattaw is-sistemi informatiċi tal-Istati Membri għal sistema ta' rapportar ġdida, jew biex jiżviluppawha;
 - tagħmel monitoraġġ tal-kwalità u tal-kompletezza tad-data fornuta mill-Istati Membri;
 - tiżgura aktar effikaċja, tempestività u anqas piż burokratiku bl-għajjnuna tas-sistemi diġitalizzati moderni;
28. Jirrikonoxxi li l-ħolqien u l-istabbiliment ta' sistema informatika b'hal din se jieħdu l-ħin biex isiru; jirrikonoxxi b'mod sħiħ li l-għoti ta' informazzjoni dwar il-benefiċjarji f'reġim ta' ġestjoni kondiviża huwa r-responsabbiltà tal-Istati Membri; jitlob, fl-istess ħin, skambju aktar rapidu u aktar trasparenti ta' informazzjoni u data relatati mas-sussidji tal-Unjoni fil-qasam tal-koeżjoni u tal-PAK; jistieden lill-Kummissjoni tagħti lill-awtorità ta' kwittanza lista tal-akbar 50 destinatariju individwali (persuni fiżiċi b'halha sidien benefiċjarji ta' kumpanija jew ta' bosta kumpaniji) għal kull Stat Membru kif ukoll lista tal-akbar 50 destinatariju (persuni fiżiċi u persuni ġuridiċi kif ukoll persuni fiżiċi b'halha sidien ta' bosta kumpaniji) tas-sussidji tal-UE aggregati fl-Istati Membri kollha kemm huma; jitlob lill-Kummissjoni tfori din l-informazzjoni lill-awtorità ta' kwittanza fuq bażi annwali;
29. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-proposti tal-PAK li qeġhdin fuq il-mejda b'ħalissa u tipproponi emendi biex ir-reġim tal-futur ikun allinjat mal-Patt Ekoloġiku Ewropew;
30. Jistieden lill-Kummissjoni tqis, fil-proposti tagħha dwar il-QFP u l-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-konklużjonijiet kritiċi tal-Qorti dwar in-nuqqas ta' effiċjenza u effikaċja tal-ekoloġizzazzjoni tar-reġim tal-PAK;
31. Jinsab partikolarment imħasseb dwar l-informazzjoni allarmanti pprovduta mill-istampa u mill-NGOs dwar is-sitwazzjoni drammatika tal-migranti l-aktar vulnerabbli fil-hotspots, speċjalment, il-migranti tfal u r-rifugiati nisa; jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri speċifiċi f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Istati Membri sabiex jiġu evitati l-użu ħażin tal-fondi tal-Unjoni, l-abbuż u t-traffikar, filwaqt li jiġi żgurat li l-fondi tal-Unjoni jintużaw biex jiġu protetti d-drittijiet fundamentali;
32. Jenfasizza li l-użu dejjem akbar tal-istrumenti finanzjarji u tal-Fondi Fiduċjarji biex jitwettqu l-politiki tal-Unjoni fil-pajjiżi terzi, id f'id mal-baġit tal-Unjoni, għandu r-riskju li jimmina l-livell tal-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza tal-azzjoni tal-Unjoni; jinsisti li l-Kummissjoni tiżgura li l-għoti tal-għajjnuna esterna jkun suġġett għall-istat tad-dritt u għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi destinatariji; jisħaq, b'mod partikolari, fuq il-ħtieġa li jiġi garantit li l-ebda fond tal-Unjoni ma jappoġġja l-ebda forma ta' tħaddim furzat jew tat-tfal; jinsab imħasseb dwar ir-rapporti tal-istampa ta' dan l-aħħar li ġejjin mill-proġetti fl-Eritrea li fihom allegazzjonijiet; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħti segwitu malajr lil dawn l-allegazzjonijiet u tirrapporta lura lill-awtorità ta' kwittanza fil-mument opportun;
33. Jilqa' pożittivament ix-xogħol eċċellenti li għamlet il-Qorti li xogħolha u r-rapporti tagħha huma strument essenzjali għat-trasparenza u għall-governanza tajba Ewropea; jieħu nota tar-rakkomandazzjonijiet kollha fformulati mill-Qorti fir-rapporti speċjali tal-2018 u jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej jimplementawhom malajr;

Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-Qorti

34. Jilqa' pożittivament il-fatt li l-Qorti kkonkludiet li l-kontijiet għall-2018 huma affidabbli, kif għamlet mill-2007 'l hawn, u li l-Qorti kkonkludiet li d-dħul kien ħieles minn kwalunkwe żball materjali fl-2018;
35. Jinnota b'sodisfazzjon li l-impenji li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;
36. Jilqa' t-tendenza pożittiva tar-rata tal-iżball l-aktar probabbli għall-pagamenti maħruġa mill-Qorti meta mqabbla mat-tendenza li kien hemm dawn l-aħħar snin minħabba li l-pagamenti fl-2018 huma milquta minn rata tal-iżball l-aktar probabbli ta' 2,6 % ⁽¹⁾;
37. Jinnota li f'26 sena, fi tliet okkażjonijiet konsekuttivi, il-Qorti ħarġet opinjoni kwalifikata (pjuttost milli opinjoni negattiva) dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet, u dan ifisser li fil-fehma tal-Qorti l-iżbalji materjali kienu limitati prinċipalment għan-nefqa bbażata fuq ir-rimborżi, li tirrappreżenta madwar nofs il-popolazzjoni awditjata;
38. Jiddispjaċih li, għas-26 sena konsekuttiva, il-pagamenti huma materjalment milquta minn żbalji minħabba l-fatt li s-sistemi ta' superviżjoni u ta' kontroll huma biss parzjalment effikaċi; jisħaq fuq il-fatt li l-Istati Membri kellhom biżżejjed informazzjoni disponibbli biex jipprevjenu, jaqdbu u jikkoreġu proporzjon sinifikanti ta' żbalji qabel ma ddikjaraw in-nefqa lill-Kummissjoni u li, kieku ntużat din l-informazzjoni, ir-rata ta' żball stmat kienet tkun konsiderevolment inqas; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi l-istrumenti neċessarji biex tkompli tejjeb il-qbid ta' żbalji min-naħa tal-awtoritajiet tal-Istati Membri;
39. Jinnota li, meta l-pagamenti jsiru fuq il-bażi tar-rimborż tal-kostijiet, il-Qorti tistima r-rata ta' żball għal 4,5 % (meta mqabbla ma' 3,7 % fl-2017 u 4,8 % fl-2016), filwaqt li r-rata ta' żball għall-pagamenti għad-drittijiet ⁽²⁾ kienet anqas mis-soll ta' materjalità ta' 2 %, esklużi ċerti skemi ta' żvilupp rurali; jiddispjaċih li, fil-każ tal-pagamenti għad-drittijiet, ir-rata ta' żball ma kinitx kwantifikata b'mod ċar;
40. Jindika li l-Qorti sabet l-ogħla livell ta' żball stmat għall-infiq fl-ambitu tas-subintestatura "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" (5,0 %), filwaqt li r-rata ta' żball materjali l-aktar baxxa għall-infiq fl-ambitu tas-subintestatura "Kompetittività għat-ktabbir u l-impjiegi" kienet tikkorrispondi għas-soll ta' materjalità (2,0 %);
41. Jindika li, skont il-fehma tal-Qorti, in-nefqa għar-riċerka tibqa' qasam ta' riskju ogħla kif ukoll is-sors prinċipali ta' żbalji fl-ambitu tal-intestatura "Kompetittività";
42. Josserva li l-Qorti forniet fl-2018 rati ta' żball speċifiċi għal erba' (sub)intestaturi tal-QFP: "Kompetittività", "Koeżjoni", "Riżorsi naturali" u "Nefqa amministrattiva";
43. Jindika li, għall-2018, il-Qorti ppreżentat rata ta' żball għal kull qasam ta' politika iżda ma stmatx il-livelli ta' żball għall-oqsma tan-nefqa fl-ambitu tal-intestatura 3 "Sigurtà u ċittadinanza" u tal-intestatura 4 "Ewropa globali"; jitlob lill-Qorti tqis jekk l-awditu ta' kampjun rappreżentattiv taż-żewġ intestaturi jistax ikun utli għall-ewalwazzjoni tat-tranżazzjonijiet finanzjarji; josserva, barra minn hekk, li l-Qorti ma ħarġitx rati ta' żball speċifiċi għal dak li għandu x'jaqşam mal-iżvilupp rurali u l-operazzjonijiet tas-suq tal-PAK, la ħarġet rati ta' żball individwali għall-Fond Soċjali Ewropew, la għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u lanqas għall-fond ta' koeżjoni; jissuġġerixxi lill-Qorti tikkunsidra l-possibbiltà li tirrevedi l-istrateġija ta' kampjunar tagħha biex tiżgura komparabbiltà aħjar minn sena għall-oħra;
44. Jiddispjaċih li l-Qorti ma stmatx il-livelli ta' żball għall-oqsma tan-nefqa fl-ambitu tal-intestatura 3 "Sigurtà u ċittadinanza" u tal-intestatura 4 "Ewropa globali"; iqis li, avolja ċ-ċifri f'dawn l-intestaturi huma relattivament baxxi, huma ta' importanza politika partikolari; jisħaq fuq il-fatt li l-awditjar ta' kampjun rappreżentattiv ta' dawn iż-żewġ intestaturi huwa essenzjali għall-finijiet ta' ewalwazzjoni rigoruża u indipendenti tat-tranżazzjonijiet finanzjarji kif ukoll għall-finijiet ta' sorveljanza aħjar tal-użu tal-fondi tal-Unjoni min-naħa tal-Parlament, u jistieden lill-Qorti tforni data dwar ir-rata ta' żball relatata mal-pagamenti fl-ambitu ta' dawn l-intestaturi fir-rapporti annwali tagħha li jmiss;

⁽¹⁾ Fis-sena finanzjarja 2017, ir-rata tal-iżball l-aktar probabbli għall-pagamenti kienet stmata għal 2,4 %, fl-2016 għal 3,1 %; fl-2015 għal 3,8 %, fl-2014 għal 4,4 %, fl-2013 għal 4,7 %, fl-2012 għal 4,8 %, fl-2011 għal 3,9%, fl-2010 għal 3,7 %, fl-2009 għal 3,3 %, fl-2008 għal 5,2 % u fis-sena finanzjarja 2007 għal 6,9 %.

⁽²⁾ Il-pagamenti kkonċernati jinkludu boroż ta' studju u ta' riċerka (subintestatura 1a tal-QFP — kapitolu 5), għajjuna diretta lill-bdiewa (intestatura 2 tal-QFP — kapitolu 7) u appoġġ baġitarju lill-pajjiżi terzi (intestatura 4 tal-QFP — kapitolu 9). Il-pagamenti amministrattivi jikkonsistu prinċipalment fis-salarji u l-pensjonijiet tal-uffiċjali tal-UE (intestatura 5 tal-QFP 5 — kapitolu 10). Kumplessivament, in-nefqa bbażata fuq id-drittijiet tirrappreżenta madwar 53 % tal-popolazzjoni li awditjata.

45. Jinnota li l-Qorti għamlet awditjar tat-tranżazzjonijiet għall-valur totali ta' EUR 120,6 biljun u li l-intestatura "Riżorsi naturali" tirrappreżenta l-ogħla perċentwal tal-popolazzjoni kumplessiva (48 %), filwaqt li l-piż tas-subintestatura 1b "Koeżjoni" huwa relattivament żgħir (madwar 20 %); josserva t-tqassim tal-popolazzjoni awditjata, fid-dawl tar-rata ta' żball ferm għolja għall-"Koeżjoni"; jissuġġerixxi lill-Qorti tqis kemm is-sehem tan-nefqa totali tal-Unjoni kif ukoll l-iżball relatat mar-riskju meta tiddeċiedi dwar id-diviżjoni tas-sehem tal-awditjar li jmiss tal-popolazzjoni kumplessiva;
46. Jistagħġeb li l-Qorti ddeċidiet li r-riżorsi naturali għandhom jikkostitwixxu l-akbar sehem tal-popolazzjoni awditjata kumplessiva għall-awditjar finanzjarju u tal-konformità annwali tagħha, waqt li l-pagamenti diretti tal-PAK ma kinux suġġetti għal żbalji; josserva, madankollu, li fil-qasam tal-pagamenti diretti diversi każijiet ta' kunflitt ta' interess, kriminalità organizzata u korruzzjoni saru pubbliċi u ġew segwiti minn awditi tal-Kummissjoni; jitolb li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu miżuri aktar adegwati għall-prevenzjoni u għar-riżoluzzjoni tal-każijiet li jpoġġu friskju l-PAK;
47. Jindika li l-popolazzjoni awditjata tal-Qorti għall-"Koeżjoni" kienet differenti mis-snin preċedenti u kienet tikkonsisti mill-pagamenti finali għall-perjodu 2007-2013 u min-nefqa mdaħħla fil-kontijiet aċċettati fuq bażi annwali mill-Kummissjoni għall-perjodu 2014-2020; jissuġġerixxi li dan ifisser li l-Qorti ttestjat tranżazzjonijiet li għalihom l-azzjonijiet korrettivi rilevanti kollha kienu ġew implimentati fil-livell tal-Istati Membri; jiddispijaċi għall-fatt li minkejja dan l-approċċ ta' awditjar, ir-rata ta' żball kienet kwantifikata flivell ferm għoli ta' 5 %;
48. Jindika li, bħal fis-snin preċedenti, l-iżbalji ta' eliġibbiltà (jiġifieri kostijiet mhux eliġibbli li kienu inklużi fid-dikjarazzjonijiet ta' spejjeż, u fi proġetti, attivitajiet jew benefiċjarji mhux eliġibbli) kienu dawk li l-aktar li kkontribwew għal-livell ta' żball smat, fl-2018, għan-nefqa b'riskju għoli;
49. Jindika, madankollu, li l-impatt tal-iżbalji ta' eliġibbiltà kien inqas importanti minn dak tal-2017 (2018: 68 %, 2017: 93 %); jiddispijaċi li, fl-2018, il-Qorti sabet għadd ogħla ta' żbalji fir-rigward tal-akkwist pubbliku, tar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat u tal-proċeduri ta' aġġudikazzjoni ta' għotjiet; jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lil dawn il-kategoriji ta' żbalji u tivvaluta jekk jippreżentawx riskju għall-kompetizzjoni libera jew humiex saħansitra sinjal ta' każijiet possibbli ta' korruzzjoni; iqis li, f'dan l-aħħar każ, il-Kummissjoni ma għandhiex iżżomm lura milli tadotta miżuri korrettivi u tinforma lill-UPPE;
50. Jistieden lill-Kummissjoni tirrazzjonalizza u tissemplifika l-oqfsa strateġiċi li jirregolaw l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, u b'hekk tirrinforza l-obbligu ta' rendikont għar-riżultati u żżid iċ-ċarezza u t-trasparenza għall-partijiet ikkonċernati kollha;

Ir-rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni: ir-riżultati tal-ġestjoni

L-affidabbiltà tad-data kkomunikata mill-Kummissjoni

51. Jiddispijaċi li l-Qorti ma għamlitx awditjar tar-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR); jindika, madankollu, li l-Qorti eżaminat uħud mir-rapporti annwali tal-attività, u, b'mod partikolari, dawk tad-DG AGRI, tad-DG DEVCO, tad-DG ECHO, tad-DG NEAR, tad-DG EMPL u tad-DG REGIO;
52. Jindika li fil-kapitolu relatat mas-sinteżi tal-ġestjoni finanzjarja tal-AMPR, il-Kummissjoni tirrapporta dwar riskju smat fil-waqt tal-pagament ta' 1,7 % u tikkonferma li "[r]-riskju fil-waqt tal-pagament huwa l-eqreb għal-"livell ta' żball l-aktar probabbli" tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri." (l-paġna 163 tal-AMPR 2018 ⁽³⁾);
53. Josserva li l-Kummissjoni fl-2018 insistiet li l-progress kien dovut l-aktar għall-punteġġ tajjeb li kisbet il-familja tal-"Koeżjoni", jiġifieri 1,1 % ⁽⁴⁾; josserva bi stagħġib li għall-istess sena ta' kalendarju 2017, fir-rapport annwali tal-attività tiegħu għall-2018 (p. 70), id-DG REGIO jagħmel referenza għal rata ta' żball oħra, jiġifieri 1,95 %;
54. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li d-Direttur Ġenerali tad-DG EMPL, fir-rapport annwali tal-attività tiegħu għall-2018, fil-paġna 83, jispejja li:

— "fir-Rapporti Annwali tal-Attività 2017, id-diretturi ġenerali tad-DG REGIO u tad-DG EMPL iddeċidew li jistmaw ir-riskju billi jagħmlu projezzjoni tar-rata proviżorja tal-iżball residwu għall-infiq fis-sena kalendarja 2017, li kienu għandhom la ma aċċettaw u lanqas ma kkonfermaw";

⁽³⁾ COM(2019) 299.

⁽⁴⁾ AMPR 2017, p. 77. Imqabbla mal-2016, il-bidla ewlenija hija t-tnaqqis sinifikanti fil-Koeżjoni, il-Migrazzjoni u s-Sajd. F'dan il-qasam ta' politika, il-programmi attwali tal-perjodu 2014-2020 qegħdin jitħaffew, li għandhom riskju aktar baxx inerenti minħabba l-approvazzjoni annwali tal-kontijiet li għadha kif ġiet introdotta u l-mekkaniżmu ta' żamma ta' 10 % fuq dividendi interim sakemm jiġu implimentati l-kontrolli u l-miżuri korrettivi kollha.

- "il-Qorti tal-Awdituri hija tal-fehma li r-rapporti annwali tal-attività għandhom ikompli jiġu semplifikati u adattati skont il-qafas ta' kontroll u ta' aċċertament il-ġdid. Dan il-qafas ifisser li wara kważi sentejn minn tmiem il-perjodu kontabilistiku rilevanti tista' l-Kummissjoni tirrapporta għall-ewwel darba l-konklużjonijiet tagħha dwar l-affidabbiltà tar-rati tal-iżball residwu tal-awtoritajiet tal-awditjar għal sena kontabilistika partikolari";
55. Jitlob lill-Kummissjoni taċċerta ruħha li l-AMPR ikun totalment affidabbli u mhux ibbażat fuq projezzjonijiet;
 56. Josserva li, fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni, fir-rapporti annwali tal-attività tagħhom, id-DĠ NEAR u d-DĠ DEVCO jużaw rati tal-iżball residwu (RERs) li huma l-prodott ta' studji tal-RERs li għamlu kumpaniji esterni;
 57. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-RER hija kkalkulata fuq tranżazzjonijiet minn kuntratti magħluqa bejn l-1 ta' Settembru 2017 sal-31 ta' Awwissu 2018 biss (kaxxa 9.5 tar-rapport annwali għall-2018 tal-Qorti) li għalihom ġew applikati l-kontrolli u l-verifiki kollha;
 58. Jenfasizza li l-RERs tad-DĠ DEVCO u tal-DĠ NEAR ma jikkonċernawx biss il-pagamenti li saru fl-2018;
 59. Ifakkar li għall-AMIF/ISF, id-DĠ HOME, fl-2018, indika li "jirrapporta biss r-rata tal-iżball residwu peress li, kif previsti mill-bażi ġuridika, l-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Awditjar ma għandhomx l-obbligu li jirrapportaw lid-DĠ HOME r-rati ta' żball maqbuda" (ara t-tweġiba għall-Mistoqsija nru 14, seduta smiġh ta' Avramopoulos fit-18 ta' Ottubru 2018); josserva, konsegwentement, li r-rata ta' żball irrapportata kienet dik residwa, u dan ifisser ir-rata ta' żball stmata li minnha tnaqqas kwalunkwe ammont li jikkorrispondi għal kwalunkwe azzjoni korrettiva meħuda li diġà kienet effettivament naqset l-iskopertura ⁽⁵⁾;
 60. Jaqbel mal-fehma espressa mill-Qorti (fil-punt 6.74 tar-rapport annwali tal-Qorti għall-2018) skont liema, fl-AMPR, il-Kummissjoni tippreżenta riskju stmat meta jsir il-pagament għal "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" li "tirreferi għall-infiq li għadu ma għaddiex miċ-ċiklu ta' kontroll sħiħ"; Jiddispjaċih li jkollu jikkonstata li dan ifisser li l-Kummissjoni qiegħda tivvaluta r-rata ta' żball għall-"Koeżjoni" abbażi ta' sempliċi stimi mqabbla mas-sena kontabilistika 2017-2018 u mhux fuq ċifri reali vverifikati għas-sena finanzjarja 2018 stess;
 61. Jenfasizza li, għal din ir-raġuni, il-Qorti osservat li ma tistax toqgħod fuq id-data fornuta mill-Kummissjoni fl-AMPR tagħha fir-rigward tal-koeżjoni soċjali u territorjali (ara r-rapport annwali tal-Qorti għall-2018, punt 6.74);
 62. Jisħaq, barra minn hekk, fuq il-fatt li billi r-rati ta' żball li ħarġet il-Kummissjoni fl-oqsma tal-koeżjoni, tar-relazzjonijiet esterni u wħud minn dawk tal-politika interna huma bbażati fuq riskju residwu, mhuwiex ġustifikabbli t-tqabbil tar-riskju fil-waqt tal-pagament irrapportat mill-Kummissjoni fl-AMPR tagħha mal-livell ta' żball stmat tal-Qorti;
 63. Jindika li jekk ir-riskju fil-waqt tal-pagament ikkomunikat mill-Kummissjoni diġà jintegra l-korrezzjonijiet finanzjarji, il-kapaċità korrettiva tal-Unjoni tista' tiġi sovrastimata; jiddispjaċih bil-fatt li dan jista' jkollu riperkussjonijiet fuq l-affidabbiltà;
 64. Jiddispjaċih li l-iżbalji li nstabu huma sinjal ta' nuqqasijiet persistenti fir-regolarità tan-nefqa ddikjarata mill-awtoritajiet ta' ġestjoni u li l-Qorti identifika dgħufijiet fil-metodoloġiji ta' kampjunar tal-awtoritajiet tal-awditjar;
 65. Huwa tal-fehma li jekk l-Uffiċjali Awtorizzanti b'delega, huma u jiddivulgaw l-oqsma speċifiċi tan-nefqa tagħhom li għalihom joħorġu riżerva, jirreferu għas-soll ta' materjalità ta' 2 % espress bħala RER, fl-aħħar mill-aħħar jissugraw li ma jipproteġux adegwatament il-baġit tal-Unjoni;
 66. Jiddispjaċih li l-istimi tad-direttorati ġenerali individwali tal-livell tal-infiq irregolari mhumiex ibbażati fuq metodoloġija konsistenti;
 67. Jindika li r-rapporti annwali tal-attività tad-direttorati ġenerali u l-AMPR jużaw terminoloġija kumplessa u inkoe-renti li tagħmel diffiċli t-tqabbil bejn ir-riżultati rrapportati bejn DĠ u ieħor u f'termini temporali;
 68. Josserva, b'mod partikolari, li "l-Qorti tal-Awdituri hija tal-fehma li l-Kummissjoni, fir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ REGIO u tad-DĠ EMPL, tippreżenta tal-anqas 13-il rata differenti għaż-żewġ perjodi ta' programmazzjoni bħala kejl tan-nefqa friskju. Għadd daqshekk kbir ta' rati jaf iwassal għal nuqqas ta' ċarezza u taħwid potenzjali f'termini ta' rilevanza tagħhom u ta' aċċertament mogħti" (ir-Rapport Annwali tal-Attività 2018 tad-DĠ EMPL, p. 83);

⁽⁵⁾ Ara wkoll it-tweġiba għall-mistoqsija bil-miktub nru 1 qabel is-seduta ta' smiġh tal-Kummissarju Avramopoulos tat-11 ta' Novembru 2019.

69. Josserva li minflok ma rreferiet, bħal fl-2017, għan-nozzjoni tal-RER, il-Kummissjoni tuża l-AMPR tagħha għat-termini "rata ta' żball fl-għeluq" tal-2018; josserva li dan jikkorrispondi għar-riskju fil-waqt tal-pagament bit-tnaqqis tal-korrezzjonijiet u l-irkupri futuri stmati li l-manigġers tal-fondi tal-Unjoni jistennew li jagħmlu fir-rigward tan-nefqa għall-2018 matul is-snin li jmiss tal-programmi attwali; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li din ir-rata ta' żball hija biss stima;
70. Josserva li skont l-AMPR għall-baġit tal-Unjoni fl-2018 30 (anki fl-2017) uffiċjal awtorizzanti b'delega ddikjaraw aċċertament mhux kwalifikat, filwaqt li 20 (anki fl-2017) dikjarazzjoni kienu kwalifikati b'40 (38 fl-2017 u 37 fl-2016) riżerva għall-2018;
71. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-Kummissjoni fformulat 40 riżerva għall-2018: 2 riżervi ġodda u 38 rikorrenti; josserva li ġew aġġornati ħames riżervi rikorrenti, minn kwantifikati għal mhux kwantifikati (jew viċiversa) jew għal tibdil fl-ambitu ta' applikazzjoni, u li, għar-riżervi kollha, ġie kkalkulat jew rikalkulat l-impatt fuq in-nefqa tal-2018; josserva għaldaqstant li l-ammont fir-riskju fil-waqt tar-rapportar għan-nefqa tal-2018 taħt riżerva huwa stmat għal EUR 1 078 miljun (EUR 1 053 miljun fl-2017, EUR 1 621 miljun fl-2016 u EUR 1 324 miljun fl-2015);
72. Jiddispjaċih li, minkejja t-titjib tal-metodoloġija li sar fl-analiżi tagħha tal-impatt tal-azzjoni korrettiva, il-Kummissjoni għadha ma eliminatx ir-riskju li l-impatt tal-azzjonijiet korrettivi qed jiġi sopravvalutat; jirrimarka li f'tali każ l-RERs fl-AMPR mhumiex affidabbli;
73. Jirrimarka, partikolarment, li għal aktar minn tliet kwarti tan-nefqa fl-2018, id-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni jibbażaw l-istimi tagħhom tal-ammonti friskju fuq id-data pprovduta mill-awtoritajiet nazzjonali, filwaqt li mir-rapporti annwali tal-attività tad-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni kkonċernati (DG AGRI, DG REGIO u DG EMPL) jidher li l-kwalità u l-affidabbiltà ta' diversi kontrolli tal-Istati Membri għadhom problematiċi;
74. Itenni l-appell tiegħu li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimplementaw proċeduri sodi biex jikkonfermaw l-għażla taż-żmien, l-oriġini u l-ammont tal-miżuri korrettivi u jipprovdu informazzjoni li tirrikonċilja, sa fejn ikun possibbli, is-sena meta jsiru l-pagamenti, is-sena meta jinqabad l-iżball relatat u s-sena meta l-irkupri jew il-korrezzjonijiet finanzjarji jiġu ddivulgati fin-noti tal-kontijiet;
75. Jinnota li, kumplessivament, huma 208 l-każijiet li fihom l-OLAF iffurmula rakkomandazzjonijiet bejn l-2012 u l-2018, u l-awtoritajiet nazzjonali ma ħadu l-ebda deċiżjoni⁽⁶⁾; jinnota li f'ċerti Stati Membri l-każijiet li fihom l-awtoritajiet tal-Istati Membri ma taw l-ebda segwitu lir-rakkomandazzjonijiet tal-OLAF huma saħansitra l-maġġoranza, u dan jista' jirriżulta f'dannu dirett għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni u taċ-ċittadini;
76. Jinnota bi tħassib id-disa' każijiet ta' suspett ta' frodi li l-Qorti kkomunikat lill-OLAF fl-2018;
77. Jistieden lill-Kummissjoni tissemplifika u tarmonizza l-prattiki u l-metodi tad-direttorati ġenerali sabiex tkun tista' tirrispetta b'mod sħiħ ir-rekwiżiti tal-Artikolu 247 tar-Regolament Finanzjarju u, b'mod partikolari, il-paragrafu 1b tiegħu, li jgħid li: "... ir-rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni ... jinkludi informazzjoni dwar l-arranġamenti ewlenin ta' governanza fil-Kummissjoni kif ukoll: (i) stima tal-livell ta' żball fin-nefqa tal-Unjoni bbażata fuq metodoloġija konsistenti u stima ta' korrezzjonijiet futuri; ..."
78. Jistieden lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 247 tar-Regolament Finanzjarju, tallinja malajr il-metodoloġija tagħha ma' dik użata mill-Qorti u tagħti lill-awtorità ta' kontroll baġitarju rata ta' żball unika li tikkorrispondi għar-riskju fil-waqt tal-pagament (rata ta' żball fil-waqt tal-pagament); jistieden lill-Kummissjoni tiddivulga separatament stima tal-korrezzjonijiet futuri (rata tal-iżball residwu); iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża terminoloġija koerenti għad-direttorati ġenerali kollha meta tirrapporta dwar dawn iż-żewġ stimi; jitlob li jkun infurmat dwar il-progress li sar fir-rigward tal-kwistjoni sat-30 ta' Ġunju 2021;
79. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri neċessarji biex tikseb data affidabbli mill-Istati Membri fir-rigward tar-rata ta' żball fil-waqt tal-pagament; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel aġġustamenti xierqa b'mod f'waqtu jekk jinqabdu nuqqasijiet fil-kontrolli tal-Istati Membri;
80. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri kollha neċessarji biex tikseb data affidabbli mill-Istati Membri fir-rigward tar-rata ta' żball fil-waqt tal-pagament;
81. Jistieden lill-Qorti:
 - (a) teżamina u tagħmel rieżami taż-żewġ partijiet tal-AMPR fir-rapport annwali tagħha u

⁽⁶⁾ https://ec.europa.eu/anti-fraud/sites/antifraud/files/olaf_report_2018_en.pdf

(b) teżamina jekk, fir-rapporti annwali tal-attività tad-direttorati ġenerali, is-soll ta' materjalità użat biex jattiva l-mekkaniżmi ta' riżerva għandux ikun espress bħala riskju fil-waqt tal-pagament minflok RER;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

82. Josserva li l-appropriazzjonijiet ta' impenn u l-appropriazzjonijiet ta' pagament disponibbli fil-baġit finali kienu kważi ntużaw kompletament: 99,5 % tal-appropriazzjonijiet ta' impenn u 98,6 % tal-appropriazzjonijiet ta' pagament;
83. Jindika li kien hemm żieda notevoli fit-talbiet għal pagament min-naħa tal-Istati Membri fl-2018 għall-Fondi SIE;
84. Josserva bi tħassib li minħabba prinċipalment id-dewmien, ammonti sostanzjali ta' prefinanzjament annwali mhux użat għall-Fondi SIE ntraddu lura lill-baġit tal-Unjoni: EUR 8,1 biljun fl-2018 (meta mqabbel mal-EUR 5,4 biljun fl-2017), li żiedu konsiderevolment id-dħul assenjat f'dawk is-sentejn;
85. Jenfasizza li fl-2018,
 - l-ebda pagament addizzjonali ma kien meħtieġ, u l-ammont ta' EUR 5,3 biljun tal-Marġini Globali għall-Pagamenti (MGP) disponibbli mis-snin preċedenti ma kienx meħtieġ;
 - dan l-ammont ma setax jiġi ttrasferit minħabba li l-limitu massimu tal-MGP għall-2019 u dak għall-2020 kienu ntlaħqu u
 - ammont addizzjonali ta' EUR 11,2-il biljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament li ma ntużawx fl-2018 ma setax jiġi ttrasferit għall-2019 jew għall-2020;
86. Jirrimarka li skont il-previżjonijiet tal-Qorti (punti 2.15 u 2.16 tar-rapport annwali tal-Qorti) total ta' EUR 44,9 biljun jista' jibqa' ma jintużax sal-2020; ifakkar li l-flessibilità prevista mill-MGP tintemm flimkien mal-QFP attwali fl-2020;
87. Jirrimarka bi tħassib li:
 - l-impnjen pendenti komplew jiżdiedu, u laħqu EUR 281,2 biljun fi tmiem l-2018 (meta mqabbla mal-EUR 267,3 biljun fl-2017) u li dawn żdiedu b'36 % (EUR 73,7 biljun) matul l-aħħar seba' snin mill-2011 'il hawn, jiġifieri s-sena korrispondenti tal-QFP preċedenti;
 - abbażi tal-previżjoni fuq terminu twil tal-Kummissjoni ⁽⁷⁾, l-impnjen pendenti se jilhqqu l-ammont ta' EUR 313,8-il biljun sal-2023, stima li tqarreb lejn il-projezzjonijiet tal-Qorti;
88. Huwa inkwetat bil-fatt li l-impnjen pendenti (RAL) komplew jiżdiedu fl-2018 u laħqu rekord ġdid; dan jirrappreżenta riskju gravi; jistieden lill-Kummissjoni, bil-għan li jonqsu l-impnjen pendenti attwali u jiġu evitati dawk futuri, ittejjeb il-previżjonijiet finanzjarji tagħha u, meta neċċessarju, tgħin lill-pajjiżi jsibu proġetti eliġibbli, speċjalment dawk b'valur miżjud Ewropew ċar;
89. Ifakkar li l-livell għoli ta' impnjen pendenti huwa prinċipalment dovut għall-implimentazzjoni bil-mod tal-Fondi SIE, iżda wkoll għad-differenza annwali bejn l-impnjen u l-pagamenti u għaż-żieda fid-daqs tal-baġit tal-Unjoni (Analiżi Rapida tal-Qorti dwar Każ Speċifiku, "Impnjen pendenti fil-baġit tal-UE — Ħarsa aktar mill-qrib");
90. Huwa mħasseb bħall-Qorti dwar il-fatt li jeżisti riskju għoli li mhux biżżejjed appropriazzjonijiet ta' pagament se jkun disponibbli biex ikopru l-ammonti dovuti kollha fl-ewwel snin tal-QFP il-ġdid u dan jista' jkun partikolarment il-każ fir-rigward tal-2021, l-ewwel sena tal-QFP 2021-2027 (il-punt 2.20 tar-rapport annwali tal-Qorti).
91. Jindika li r-riskju li l-appropriazzjonijiet ta' pagament ma jkunux biżżejjed jerġa' huwa akbar minħabba li l-implimentazzjoni tal-Fondi SIE kienet iddewmet aktar minn dik tal-QFP preċedenti; jissottolinja, f'dan ir-rigward, li f'disa' Stati Membri mit-13 li daħlu fl-Unjoni mill-2004 l-impnjen pendenti jirrappreżentaw aktar minn 15 % tannefqa pubblika annwali u li, f'każ li ma jkunux disponibbli biżżejjed appropriazzjonijiet ta' pagament biex ikopru l-ammonti kollha, dan jista' jikkostitwixxi problema finanzjarja u politika gravi kemm f'dawn il-pajjiżi kif ukoll fl-Unjoni;

⁽⁷⁾ COM(2018) 687.

92. Jirrimarka li skont il-Qorti: kumplessivament, l-assorbiment tal-Fondi SIE mill-Istati Membri kien aktar baxx milli kien fis-sena korrispondenti tal-QFP preċedenti (il-punti 2.22 sa 2.24 tar-rapport annwali tal-Qorti għall-2018);
93. Jindika li, b'mod partikolari, il-Bulgarija, il-Lussemburgu, l-Awstrija, ir-Rumanija u l-Finlandja biss għandhom rata ta' assorbiment aktar rapida matul il-QFP attwali milli matul dak preċedenti;
94. Jindika li f'dawn l-aħħar snin żdiedu l-garanziji appoġġjati mill-baġit tal-Unjoni u dan huwa dovut l-aktar għaż-żieda tal-garanziji tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) u tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli; josserva li garanziji oħra jinkludu garanziji tal-mandat ta' self estern mogħtija lill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), kif ukoll garanziji tal-UE li jappoġġjaw l-attivitajiet ta' għoti u teħid b'self, li prinċipalment huma self li jingħata lill-Istati Membri;
95. Josserva bi tħassib li ż-żieda fil-garanziji żżid l-iskopertura tal-baġit tal-Unjoni għar-riskju, billi l-livell ta' telf mistenni mill-Kummissjoni huwa kopert mill-fondi ta' garanzija, li l-QFP il-ġdid se jiġbor flimkien f'fond ta' proviżjonament komuni;
96. Jirrimarka li f'dawn l-aħħar snin, l-Unjoni kompliet dejjem aktar tagħmel użu mill-istrumenti finanzjarji u mill-garanziji tal-baġit offruti mill-Grupp tal-BEI u li dan tal-aħħar għandu relazzjoni kumplessa mal-baġit tal-Unjoni u arranġamenti ta' obbligu ta' rendikont li huma differenti minn dawk tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni;
97. Ifakkar li, attwalment, l-operazzjonijiet tal-Grupp tal-BEI li mhumiex iffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni, iżda li jaqdu l-istess objettivi tal-Unjoni, ma jaqgħux taħt il-mandat tal-awditjar tal-Qorti; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li dan ifisser li l-Qorti ma tistax tipprovdi stampa sħiħa tar-rabtiet bejn l-operazzjonijiet tal-Grupp tal-BEI u l-baġit tal-Unjoni; isostni, b'mod partikolari, ir-rikjesta tal-Qorti biex twettaq awditu tal-operazzjonijiet tal-BEI li mhumiex relatati mal-baġit tal-Unjoni; jagħmel appell biex it-tiġdid tal-ftehim tripartitiku bejn il-Kummissjoni, il-BEI u l-Qorti, mistenni fl-2020, jinkludi dispożizzjonijiet li jagħtu lill-Qorti aktar aċċess għall-awditjar tal-operazzjonijiet tal-BEI bil-għan li jitjieb l-iskrutinju estern; jistieden, barra minn hekk, lill-grupp tal-BEI jagħmel aktar trasparenti dan li ġej: l-operazzjonijiet ekonomiċi, l-użu min-naħa tiegħu tal-garanzija tal-Unjoni, l-addizzjonalità tal-operazzjonijiet tal-BEI u l-pjanijiet futuri possibbli għal sussidjarja fi ħdan il-BEI inkarigata mill-iżvilupp; jagħmel appell għal Memorandum ta' Qbil bejn il-BEI u l-Parlament biex jitjieb l-aċċess ta' dan tal-aħħar għad-dokumenti u għad-data relatata mal-orjentament strateġiku u mal-politiki ta' finanzjamenti tal-BEI bil-għan li jissaħħaħ l-obbligu ta' rendikont tal-Bank;
98. Japprova r-rakkomandazzjonijiet ewlenin ifformulati mill-Qorti fil-kapitolu 2 tar-rapport annwali tagħha għall-2018;
99. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri biex tevita pressjoni indebita fuq il-livell tal-appropriazzjonijiet ta' pagament fl-ewwel snin tal-QFP għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027; jitlob li fost dawn il-miżuri ikun hemm:
 - (a) it-titjib fil-preċiżjoni tal-previżjonijiet tal-ħtiġijiet ta' pagament;
 - (b) appell indirizzat lill-awtorità baġitarja biex:
 - (i) tipprevedi bilanċ ordnat bejn l-appropriazzjonijiet ta' impenn u l-appropriazzjonijiet ta' pagament imniżżla fil-baġit għall-QFP li jmiss billi żżid l-appropriazzjonijiet ta' pagament, tbiddel ir-regoli tal-impenni jew tnaqqas l-appropriazzjonijiet ta' impenn;
 - (ii) meta tagħmel dan, tieħu f'kunsiderazzjoni l-possibbiltà li jista' jkun hemm ammont kbir ta' talbiet għal pagament fl-2021 u fl-2022, kif ukoll il-fatt li l-appropriazzjonijiet ta' pagament mhux użati ma jistgħux jiġu ttrasferiti għall-QFP li jmiss;
 - (c) l-iffaċilitar tal-adozzjoni f'waqtha ta' oqfsa ġuridiċi u l-promozzjoni ta' ppjanar bikri tal-programmi min-naħa tal-Istati Membri;
100. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura, hekk kif jiġi stabbilit il-fond ta' proviżjonament komuni, ġestjoni effikaċi u monitoraġġ aġġornat tal-iskopertura tal-baġit tal-UE għall-garanziji relatati; jitlob, f'dan il-kuntest, lill-Kummissjoni tibbaża l-kalkolu tagħha tar-rata ta' proviżjonament effettiva fuq metodoloġija prudenti li tkun ibbażata fuq prassi tajba rikonossuta;

101. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta kull sena lill-awtorità baġitarja l-ammont kumplessiv u r-ripartizzjoni tal-fondi li jkunu ġew ittrasferiti mill-baġit tal-Unjoni favur strumenti finanzjarji ġestiti mill-Grupp tal-BEI, kif ukoll tippreżenta informazzjoni dwar il-livell ta' implimentazzjoni ta' dawn il-fondi;

Kisba ta' riżultati mill-baġit tal-Unjoni

102. Jenfasizza li l-għan tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni huwa li tagħti indikazzjoni dwar jekk il-politiki u l-programmi tal-Unjoni humiex qed jilhqg l-oġġettivi tagħhom b'mod effiċjenti u effikaċi; jissuġġerixxi li, jekk ikun jeħtieġ li jsir titjib, l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tintuża bħala bażi għall-proċessi ta' tfassil tal-miżuri korrettivi meħtieġa, u biex tiġi mmonitorjata kontinwament l-implimentazzjoni tagħhom;
103. Jilqa' favorevolment il-fatt li l-Qorti analizzat l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni għall-2018 ippubblikata mill-Kummissjoni u, b'mod partikolari, irrieżaminat l-indikaturi ta' prestazzjoni:
- fid-dikjarazzjonijiet tal-programm li jakkumpanjaw l-abbozz tal-baġit 2019,
 - fil-Ħarsa Ġenerali lejn il-Prestazzjoni tal-Programmi (PPO) għall-Baġit tal-UE għall-perjodu 2014-2020, li nħarġet għall-ewwel darba f'Mejju 2018;
104. Jinsisti li l-awditjar tal-konformità u tal-prestazzjoni jirrappreżentaw żewġ uċuh tal-istess midalja; jindika li l-kombinazzjoni taż-żewġ dimensjonijiet, jiġifieri l-evalwazzjoni tar-riżultati miksuba u fl-istess ħin jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tal-infiq, għandha tqiegħed lill-awtoritajiet ta' kwittanza fil-pożizzjoni li jggarantixxu valur miżjud Ewropew u jikkontrollaw l-eżekuzzjoni tal-baġit min-naħa tal-Kummissjoni;
105. Jiddispijaċih, għal darb'oħra, li r-rapporti annwali tal-attività tad-direttorati ġenerali tal-Kummissjoni ma jinkludux dikjarazzjoni dwar il-kwalità tad-data tal-prestazzjoni rrapportata ffirmata minnhom, u li wara li jadotta l-AMPR, il-Kulleġġ tal-Kummissarji jassumi r-responsabbiltà politika ġenerali għall-ġestjoni finanzjarja tal-baġit tal-Unjoni, iżda mhux għall-informazzjoni dwar il-prestazzjoni u r-riżultati;
106. Jilqa' b'sodisfazzjon, u jsegwi b'interess kbir, il-fatt li l-Qorti biħsiebha taġġorna fir-rapport annwali tagħha l-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-infiq tal-Unjoni u, b'mod partikolari, tippreżenta, għal kull intestatura tal-QFP, kapitolu dwar il-konformità u l-prestazzjoni;
107. Jilqa' pożittivament il-fatt li fil-kapitolu 3 tar-rapport annwali għall-2018, taħt it-titolu "Kisba ta' riżultati mill-baġit tal-UE", il-Qorti daħħlet sommarju tar-rapporti speċjali ewlenin ippubblikati fis-sena mqasma skont l-intestaturi tal-QFP; josserva li fl-2018, ir-risposti ppubblikati għar-rapporti tal-Qorti juru li l-entitajiet awditjati aċċettaw bis-siħ 78 % tat-388 rakkomandazzjoni li fformulat il-Qorti (meta mqabbla ma' 68 % fl-2017) u li, fit-18 % tal-każijiet, ir-rakkomandazzjonijiet ġew implimentati biss f'ċerti aspetti, u għad hemm punti ta' dgħufija sinifikanti; josserva li 6 % biss tar-rakkomandazzjonijiet ma ġew implimentati;
108. Huwa mħasseb bil-fatt li f'ċerti Stati Membri l-kapaċità amministrattiva taf ma tkunx biżżejjed;
109. Jirrimarka bi tħassib li, kumplessivament, id-data inkluzja fid-dikjarazzjonijiet tal-programmi tagħti x'tifhem li l-progress lejn l-oġġettivi ta' prestazzjoni huwa moderat, u dan jista' jkun spjegat mill-fatt li l-bidu kemm tal-programmi tal-koeżjoni kif ukoll tal-iżvilupp rurali kien tard u bil-mod;
110. Jisħaq fuq il-fatt li, skont il-Qorti, l-indikaturi mhux dejjem taw stampa tajba tal-progress reali;
111. Jinsisti li kemm il-kalkolu tal-progress lejn l-oġġettiv meta mqabbel mal-linja bażi kif ukoll il-kalkolu lejn l-oġġettiv irrappurtat mill-Kummissjoni fil-PPO għandhom ikunu ttrattati b'kawtela għax ħafna indikaturi ma ntgħażlux b'mod adegwat jew għax il-progress ma setax jitkejjel għal firxa ta' indikaturi; josserva li għal kważi nofs l-indikaturi, ma kienx possibbli li jiġi kkalkulat il-progress lejn l-oġġettiv meta mqabbel mal-linja bażi;
112. Josserva bi tħassib li għal xi programmi, id-data għad-dispożizzjoni ma kinitx ta' kwalità biżżejjed u li xi programmi jinkludu oġġettivi li mhumiex ambizzjużi biżżejjed;
113. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-inklużjoni, fid-dikjarazzjonijiet tal-programmi, tal-indikaturi li:
- (a) permezz ta' bilanċ aħjar bejn ir-riżorsi, ir-realizzazzjonijiet, ir-riżultati u l-impatti jipprovdu informazzjoni aktar rilevanti dwar il-kisbiet tal-programmi ta' nfiq tal-Unjoni;

- (b) ikollhom rabta ċara mal-azzjonijiet ifffinanzjati mill-programmi ta' nfiq tal-Unjoni;
 - (c) jirriflettu l-kisbiet tal-programmi ta' nfiq tal-Unjoni aktar milli l-prestazzjoni tal-Kummissjoni u tal-korpi l-oħra li jimplimentawhom u
 - (d) ikopru l-objettivi tal-programmi;
114. Jinsisti li biex tkun tista' tikkalkula l-progress lejn l-objettiv meta mqabbel mal-linja bażi, il-Kummissjoni tipproponi oqfsa tal-prestazzjoni għall-programmi kollha li jkollhom il-karatteristiċi elenkati hawn taħt għal dak li jirrigwarda l-indikaturi tal-prestazzjoni u li jekk lill-Kummissjoni jidhrilha li dan mhuwiex sinifikattiv għal indikatur speċifiku, għandha tispjega l-għażla tagħha fid-dikjarazzjonijiet tal-programmi:
- (a) linji bażi kwantitattivi, li jistabbilixxu s-sena għal-linja bażi;
 - (b) objettivi intermedjarji kwantitattivi;
 - (c) objettivi kwantitattivi, li jistabbilixxu s-sena tal-objettiv;
 - (d) data li jkollha l-livell meħtieġ ta' kwalità biex il-progress lejn l-objettiv meta mqabbel mal-linja bażi jkun jista' jiġi kkalkulat faċilment;
115. Jistieden lill-Kummissjoni timmira li tirċievi informazzjoni f'waqtha dwar il-prestazzjoni għall-indikaturi kollha tal-prestazzjoni, pereżempju billi tintroduċi għodod ġodda ta' rappurtar fuq pjattaformi tal-Internet;
116. Jistieden lill-Kummissjoni tiddokumenta l-objettivi u l-valuri fil-mira tal-programmi, inklużi l-parametri ta' riferiment, biex l-awtorità baġitarja tkun tista' tivvaluta l-grad ta' ambizzjoni tagħhom u r-riżultati meta jintlaħqu l-objettivi;
117. Jisħaq fuq l-importanza ta' monitoraġġ rigoruż, fil-każ ta' proġetti infrastrutturali ta' skala kbira, tar-riskju possibbli ta' korruzzjoni u frodi; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni *ex ante* u *ex post* b'mod indipendenti u bir-reqqa fir-rigward tal-proġett suġġett għal finanzjament;
118. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli ttejjeb il-PPO, speċjalment billi:
- (a) tuża metodu wieħed biex tikkalkula l-programm lejn l-objettiv mil-linja bażi u jekk lill-Kummissjoni jidhrilha li għal indikatur speċifiku dan mhuwiex fattibbli, għandha tispjega l-approċċ tagħha fil-PPO;
 - (b) tispjega r-raġunament li ntuża għall-għażla tal-indikaturi tal-prestazzjoni għal kull programm;
119. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli ssostni lill-Istati Membri bil-għan li tiżgura li kemm il-kwalità kif ukoll il-kwantità ta' kontrolli jitjiebu, u li tikkondividi l-aħjar Prattika fil-ġlieda kontra l-frodi;

Dħul

Ir-Rapporti Annwali tal-Qorti għall-2018

120. Josserva b'sodisfazzjon li l-Qorti tindika li l-livell ta' żball fid-dħul ma kienx materjali u li s-sistemi relatati mad-dħul kienu, kumplessivament, effikaċi;
121. Jinnota li għat-tielet sena konsekuttiva, id-DĠ Baġit stabbilixxa riżerva fuq il-valur tar-riżorsi proprji tradizzjonali miġbur mir-Renju Unit, minħabba li l-pajjiż naqas milli jagħmel għad-dispożizzjoni tal-baġit tal-Unjoni d-dazji doganali li ma tħallsux fuq importazzjonijiet ta' tessuti u żraben;
122. Jinnota bi tħassib li l-ambitu tar-riżerva ġie estiż biex jinkludi t-telf potenzjali tar-riżorsi proprji tradizzjonali ta' Stati Membri oħra minħabba s-sottovalutazzjoni msemmija hawn fuq, li għadha ma ġietx stmata;
123. Jiddispjaċih li wara li fl-2011 talbet lir-Renju Unit jistabbilixxi profili tar-riskju għal importazzjonijiet sottovalutati ta' tessuti u żraben miċ-Ċina, il-Kummissjoni mbagħad damet aktar minn seba' snin biex tniedi proċedura ta' ksur;
124. Jilqa' pożittivament il-fatt li fl-2018, il-Kummissjoni baġtet opinjoni motivata lir-Renju Unit u kkalkulat li t-total tat-telf (prinċipali u mgħax) għall-baġit tal-Unjoni ammonta għal EUR 2,8 biljun, u li f'Marzu 2019, il-Kummissjoni rreferiet il-każ lill-Qorti tal-Ġustizzja;
125. Jiddispjaċih li l-kontrolli interni ewlenin tar-riżorsi proprji tradizzjonali li vvalutat il-Qorti fil-Kummissjoni u f'ċerti Stati Membri kienu parzjalment effikaċi;

126. Josserva bi tħassib li l-Qorti fi Spanja sabet dgħufijiet fis-sistemi ta' kontrolli għall-kompilazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar tad-dazji doganali;
127. Josserva bi tħassib li fil-kampjun każwali tat-tliet pajjiżi magħżula l-Qorti sabet dgħufijiet fil-ġestjoni tad-dazji stabbiliti li kienu għadhom ma ġewx miġbura; josserva li dawn id-dgħufijiet kienu jikkonċernaw prinċipalment id-dewmien fl-irkupru infurzat ta' djun doganali u fir-reġistrazzjoni jew it-tħassir tardivi ta' djun fis-sistema kontabilistika; josserva dgħufijiet fil-verifiki li l-Kummissjoni twettaq tar-rapporti dwar ir-riżorsi proprji tradizzjonali tal-Istati Membri;
128. Jiddispjaċih li l-programm ta' spezzjoni tal-2018 tal-Kummissjoni relatati mal-effiċjenza tas-sistemi biex jiġbru, jirrapportaw u jagħmlu disponibbli l-ammont korrett ta' riżorsi proprji tradizzjonali ma kienx sostnut biżżejjed minn valutazzjoni tar-riskju strutturata u dokumentata, u li ma kienx jikklassifika l-Istati Membri skont il-livell ta' riskju jew jippreżenta l-impatt u l-probabbiltà tar-riskji;
129. Josserva bi tħassib li l-Kummissjoni, meta rċeviet ir-rapporti dwar ir-riżorsi proprji tradizzjonali ta' kull xahar jew ta' kull trimestru, la wettqet analiżi sistematika tal-bidliet mhux tas-soltu fir-rapporti u lanqas ma ġabret informazzjoni rilevanti li tispejga r-raġunijiet għal dawn il-bidliet;
130. Jindika li l-għadd ta' riżervi tal-ING u tal-VAT baqgħu ma nbidlux globalment, filwaqt li l-punti miftuħa tar-riżorsi proprji tradizzjonali żdiedu b'14 % ⁽⁸⁾;
131. Jiddispjaċih li l-analiżi tal-Qorti tal-punti miftuħa tar-riżorsi proprji tradizzjonali magħżula li kellhom impatt finanzjarju żvelat li kien hemm xi dewmien fis-segwitu mogħti lil dawn il-punti u fl-għeluq tagħhom, min-naħa tal-Kummissjoni; jinnota, barra minn hekk, li l-Qorti sabet li 27 % tal-punti miftuħa kienu ilhom pendenti għal aktar minn ħames snin;
132. Josserva li l-VAT tikkontribwixxi 12 % lid-dħul tal-Unjoni, jiġifieri EUR 145 biljun fl-2018; jevidenzja, f'dan il-kuntest, li skont l-istimi tal-Kummissjoni, id-"diskrepanza" tal-VAT, li hija d-differenza bejn id-dħul mistenni mill-VAT għall-baġits tal-Istati Membri u l-VAT realment miġbura fit-teżoreriji nazzjonali, fl-2017, ammontat għal EUR 137,5 biljun ⁽⁹⁾; jinnota li d-diskrepanza tal-VAT tkopri t-telf ta' VAT li tolgot prinċipalment il-baġits nazzjonali u li t-telf jista' jkun dovut, fost affarijiet oħra, għal insolvenzi, fallimenti, żbalji amministrattivi, ottimizazzjoni tat-taxxa kif ukoll attivitajiet illegali/frawdolenti possibbli;
133. Josserva bi tħassib li, fl-2018, il-Kummissjoni għamlet riżerva ġenerali relatata mal-istima li Franza pprovdiet fir-rigward tal-ING tagħha inkwantu Franza kienet ipprovdiet biżżejjed informazzjoni dwar il-kompilazzjoni tal-ING tagħha;
134. Jiddispjaċih li fir-rigward tal-ħames rakkomandazzjonijiet ifformulati mill-Qorti fir-rapport annwali tal-2015 tagħha, il-Kummissjoni implimentat biss waħda b'mod sħiħ, rakkomandazzjoni waħda f'ċerti aspetti u tlieta fil-biċċa l-kbira mill-aspetti;
135. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta valutazzjoni tar-riskju aktar strukturata u dokumentata għall-ippjanar tal-ispezzjonijiet tagħha tar-riżorsi proprji tradizzjonali, inkluża analiżi tal-livell ta' riskju għal kull Stat Membru kif ukoll tar-riskji relatati mat-tfassil tal-kontijiet A u B;
136. Jistieden lill-Kummissjoni tirrinforza l-ambitu tal-kontrolli tagħha ta' kull xahar u ta' kull trimestru tar-rapporti tal-kontijiet A u B tar-riżorsi proprji tradizzjonali filwaqt li twettaq analiżi aktar profonda tal-bidliet mhux tas-soltu sabiex tiżgura reazzjoni fil-pront għal anomaliji potenzjali;
137. Jikkonferma mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu dwar riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni, li tirrappreżenta parti pożittiva ħafna mid-dħul fil-pakkett tal-QFP 2021-2027; jilqa' favorevolment, għalhekk, l-introduzzjoni proposta ta' tliet riżorsi proprji ġodda tal-Unjoni, kif ukoll is-simplifikazzjoni tar-riżorsa proprja kurrenti bbażata fuq il-VAT għall-QFP 2021-2027 ⁽¹⁰⁾;

⁽⁸⁾ Meta l-Kummissjoni tidentifika każijiet potenzjali ta' nuqqas ta' konformità mar-regolamenti dwar ir-riżorsi proprji fid-data pprovduta mill-Istati Membri, hija tħalli din id-data miftuħa biex ikunu jistgħu jsiru bidliet sakemm tkun sodisfatta li tkun konformi. Għal każijiet li jikkonċernaw l-ING jew il-VAT, din il-proċedura tissejjaħ l-issettjar ta' riżerva; għal każijiet li jikkonċernaw ir-riżorsi proprji tradizzjonali, il-proċedura korrispondenti tissejjaħ il-ħolqien ta' punt miftuħ. Il-Kummissjoni tiddetermina l-impatt tar-riżervi u tal-punti miftuħa fuq il-baġit tal-Unjoni, wara li tikseb l-informazzjoni meħtieġa mingħand l-Istati Membri.

⁽⁹⁾ https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/tax-cooperation-control/vat-gap_en

⁽¹⁰⁾ Ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Nru 12/2019: Kummerċ elettroniku: ħafna mill-isfidi relatati mal-ġbir tal-VAT u tad-dazji doganali għad iridu jiġu riżolti

Ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Nru 12/2019: Kummerċ elettroniku: ħafna mill-isfidi relatati mal-ġbir tal-VAT u tad-dazji doganali għad iridu jiġu riżolti

138. Jinnota li ma hemmx stimi disponibbli tat-telf tal-VAT fil-livell tal-Unjoni fuq il-fornimenti transfrontieri ta' servizzi, iżda l-Kummissjoni tistima li t-telf fuq il-provvisti ta' oġġetti b'valur baxx li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jammonta sa EUR 5 biljun kull sena;
139. Jenfasizza r-rwol tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni amministrattiva, l-effikaċja tal-kontrolli, l-infurzar tal-ġbir tad-data u s-sorveljanza fir-rigward tal-konformità tan-negozjanti mal-qafas regolatorju;
140. Huwa konxju mill-fatt li l-infurzar tal-ġbir tal-VAT huwa kompetenza nazzjonali;
141. Jenfasizza li hu importanti li jkun hemm skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u mal-pajjiżi terzi;
142. Jistieden lill-Istati Membri jżidu l-iskambju ta' informazzjoni dwar kumpaniji u dwar tranżazzjonijiet frawdolenti possibbli permezz tal-Eurofisc;
143. Jistieden lill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri jsaħħu l-attività ta' kontroll tagħhom fir-rigward tas-sistema tal-Punt Uniku ta' Servizz Żgħir (MOSS) ⁽¹¹⁾;
144. Ihegġegħ lill-Kummissjoni twestaq biżżejjed attivitajiet ta' kontroll u ta' sorveljanza fl-Istati Membri;
145. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li qed ikunu sottovalutati l-provvisti ta' oġġetti tal-kummerċ elettroniku li ġejjin mill-pajjiżi terzi; jilqa' pożittivament il-passi meħuda biex tissolva l-problema tal-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku;
146. Jitlob adozzjoni rapida tal-leġiżlazzjoni proposta dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku sabiex jiġu indirizzati d-dgħufijiet tar-reġim tal-bejgħ mill-bogħod;
147. Jistieden lill-OLAF jinforma lill-Parlament dwar l-eżitu tal-investigazzjonijiet tiegħu relatati mal-importazzjoni tal-kummerċ elettroniku ta' lbies ta' valur baxx u dwar suspett ta' importazzjoni permezz ta' tranżazzjonijiet ta' kummerċ elettroniku ta' merkanzija potenzjalment sensitiva permezz tat-trasport bl-ajru;

Il-kompetittività għat-*tkabbir* u l-impjegi

148. Josserva li s-sottointestatura 1a "Kompetittività għat-*tkabbir* u l-impjegi" tal-QFP jikkorrispondi għal 13,7 % tal-baġit tal-Unjoni, jiġifieri EUR 21,4 biljun; minn tali ammont, EUR 11,7-il biljun (54,3 %) huma ddestinati għar-riċerka u l-innovazzjoni, EUR 2,4 biljun (11,1 %) għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġħ u l-isport, EUR 2,2 biljun (10,4 %) għat-trasport u l-enerġija, EUR 1,5 biljun (7,2 %) għall-ispazju u l-bqija għal azzjonijiet oħra;

Kontribut biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-istrateġija Ewropa 2020

149. Huwa sodisfatt bil-fatt li t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea wriet tendenza pożittiva fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-Unjoni, b'mod partikolari f'Malta, fin-Netherlands u fi Spanja, filwaqt li l-Iżvezja hija kkonfermata bħala l-ewwel pajjiż fl-innovazzjoni fl-Unjoni;
150. Jiddispaċiħ madankollu li l-maġġor parti tal-Istati Membri għadha lura biex tilħaq l-oġġettiv li l-pajjiżi jinvestu 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) fir-riċerka u l-iżvilupp; jenfasizza li l-DG RTD tagħti prinċipalment tliet raġunijiet għal dan l-istaġnar, jiġifieri (a) in-nuqqas ta' investimenti pubbliċi u privati f'dan is-settur, (b) il-kwalità u l-effiċjenza skarsi tas-sistemi nazzjonali ta' riċerka u innovazzjoni u (c) il-fallimenti tas-suq marbuta mad-deċiżjoni dwar l-investimenti tal-impriżi fir-R & I;
151. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-livell ta' parteċipazzjoni tal-SMEs fil-parti "Tmexxija f'teknoloġiji abilitanti u industrijali" (Leadership in Enabling and Industrial Technologies - LEIT) u fil-pilastru "Sfidi tas-soċjetà" tal-programm Orizzont 2020 għadu 'l fuq mill-oġġettiv tal-programm, u dan jirrifletti l-isforzi notevoli li saru biex jinġibdu l-SMEs fil-programm u s-semplifikazzjonijiet li saru biex il-parteċipazzjoni ssir aktar faċli;
152. Jilqa' favorevolment il-fatt li l-perċentwal ta' parteċipanti ġodda f'Orizzont 2020 laħaq il-61,4 %, b'hekk qabeż il-parametru ta' riferiment ta' 55 % stabbilit għall-2018;

⁽¹¹⁾ Sistema volontarja ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ li tippermetti lil persuni taxxabli (kemm negozji tal-UE kif ukoll mhux tal-UE) ifornu servizzi ta' telekomunikazzjoni, tax-xandir tat-televiżjoni u tar-radju kif ukoll servizzi fornuti elettronikament lil persuni mhux taxxabli fl-Istati Membri li fihom huma ma jkollhomx stabbiliment biex jagħtu kont għall-VAT dovuta fuq dawk il-fornimenti u jiddikjarawha permezz ta' portal web fl-Istat Membru li fih ikunu rreġistrati għall-VAT.

153. Jiddeplora l-fatt li l-perċentwal tal-kontribut tal-Unjoni ddedikat għall-azzjonijiet klimatiċi fl-ambitu ta' Orizzont 2020 naqas milli jilħaq l-oġġettivi stabbiliti tal-infiq fuq il-klima u s-sostenibbiltà u għaldaqstant għall-QFP 2014-2020 kollu kemm hu; jisħaq fuq il-fatt li, b'segwitu għall-impenn tal-Unjoni fl-ambitu tal-Ftehim ta' Pariġi u fid-dawl tal-Patt Ekoloġiku Ewropew l-infiq relatat mal-klima għandu jiżdied konsiderevolment mill-aktar fis possibbli;

L-ambitu u l-approċċ tal-awditjar

154. Josserva li l-Qorti eżaminat kampjun ta' 130 tranżazzjoni, maħsub biex ikun rappreżentattiv tal-firxa sħiħa ta' nfiq fl-ambitu ta' din is-subintestatura tal-QFP: 81 tranżazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni (22 fl-ambitu tas-Seba' Programm Kwadru u 59 fl-ambitu ta' Orizzont 2020) u 49 tranżazzjoni fl-ambitu ta' programmi u attivitajiet oħra, partikolarment Erasmus+, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) u l-programmi spazjali fejn il-benefiċjarji awditjati kienu jinsabu fi 19-il Stat Membru u 4 pajjiżi terzi;
155. Jilqa' pożittivament il-fatt li l-Qorti stmat li l-livell ta' żball għas-subintestatura 1a tal-QFP kollha kemm hi hu 2,0 % u li dan il-perċentwal huwa inqas minn dak tas-sentejn preċedenti, li l-livell ta' żball tagħhom kien kemxejn 'il fuq minn 4 %;
156. Jiddispjaċih, madankollu, li fi tmien każijiet ta' żbalji kwantifikabbli li saru mill-benefiċjarji, it-talba għar-rimborż kien fiha informazzjoni suffiċjenti biex il-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali jew l-awditur indipendenti jipprewju, jew jaqdbu u jikkoreġu l-iżbalji qabel ma jaċċettaw l-infiq; josserva li kieku l-Kummissjoni għamlet użu adegwat mill-informazzjoni kollha li kellha għad-dispożizzjoni tagħha, il-livell ta' żball stmat għal dan il-kapitolu kien ikun aktar baxx b'0,3 %;
157. Josserva li, bħal fis-snin preċedenti, ħafna żbalji kwantifikabbli kienu jikkonċernaw lill-ispejjeż tal-persunal; l-ispejjeż għat-tagħmir u għall-infrastrutturi kienu wkoll sors ta' żball;
158. Kien sorpriż li sar jaf li l-verifiki *ex ante* tal-kontribut tal-Unjoni għall-programmi dwar l-infrastrutturi tar-riċerka l-kbar mhux biss swew ħafna ħin u flus (jiġifieri manodopera, vjaġġar) iżda spiss kellhom impatt skars fuq il-prevenzjoni tal-iżbalji;
159. Jieħu nota tal-fatt li l-Qorti eżaminat il-fajls tal-awditu (dokumenti ta' ħidma u dokumenti ġustifikattivi) għand is-Servizz Komuni tal-Awditjar u l-kumpaniji privati ta' awditjar u li, fi 11-il każ, il-Qorti kellha tattwa proċeduri ta' awditjar addizzjonali, prinċipalment minħabba l-ħtieġa li jinkisbu dokumenti ġustifikattivi addizzjonali jew diskrepanzi fid-dokumenti ta' ħidma;
160. Huwa mħasseb bl-iżbalji metodoloġiċi li qabdet il-Qorti għall-kalkolu tar-rata ta' żball fil-programm Orizzont 2020: "L-awditi *ex post* jimmiraw għal kopertura massima tal-ispejjeż aċċettati, iżda rarament ikopru l-ispejjeż kollha. Ir-rata ta' żball tiġi kkalkulata bħala sehem tal-ispejjeż aċċettati kollha, minflok tal-ammont li tassew ikun ġie awditjat. Dan ifisser li d-denominatur fil-kalkolu tal-iżball huwa ogħla, u għalhekk ir-rata ta' żball tiġi ddikjarata b'mod insuffiċjenti. F'każ li l-iżbalji misjuba jkunu ta' natura sistemika, l-iżball jiġi estrapolat u dan ipatti parzjalment għad-dikjarazzjoni insuffiċjenti msemmija hawn fuq. Madankollu, peress li ma titwettaqx estrapolazzjoni għal żbalji [mhux] sistemiki, ir-rata kumplessiva ta' żball xorta waħda tiġi ddikjarata b'mod insuffiċjenti." (12)
161. Innota li d-DĠ RTD kkalkula r-rati ta' żball għas-Seba' Programm Kwadru u għal Orizzont 2020:
- id-DĠ RTD stima li r-rata ta' żball rappreżentattiv komuni għas-Seba' Programm Kwadru, ikkalkulata fuq bażi pluriennali, kienet kemxejn 'il fuq minn 5 %; l-RER hu stmat għal 3,36 %;
 - l-RER għas-settur tar-riċerka u l-innovazzjoni huwa 2,22 % (2,24 % għad-DĠ RTD) u mistenni jitla' għal madwar 2,45 % (2,48 % għad-DĠ RTD) meta jittieħed kont tal-abbozzi ta' rapporti tal-awditjar;
162. Josserva li għad-DĠ RTD l-ammont total stmat friskju fil-waqt tal-pagament għall-pagamenti 2018 li saru kien bejn EUR 97,6 u 101,1 miljun u li l-ammont globali friskju fil-waqt tal-għeluq għan-nefqa tal-2018 huwa bejn EUR 69,1 u 72,7 miljun, u dan jirrappreżenta bejn 2,21 % u 2,33 % tan-nefqa totali;

(12) Il-punt 5.34 tar-Rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit fir-rigward tas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet (ĠU C 340, 8.10.2019).

163. Jirrimarka li l-kunċetti ta' "riskju fil-waqt tal-pagament" u ta' "riskju fil-waqt tal-għeluq" ġew introdotti għall-eżerċizzju ta' awditjar 2018;
164. Jilqa' pożittivament il-fatt li s-sejbiet tal-Qorti (ibbażati fuq is-subintestatura tal-QFP) u tal-Kummissjoni huma simili;
- Ġestjoni finanzjarja u kontrolli interni*
165. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li għas-Seba' Programm Kwadru nżammet ir-riżerva orizzontali fuq ir-rimborż tad-dikjarazzjonijiet ta' spejjeż;
166. Jispeċifika li fl-2018 id-DĠ RTD ġġestiet direttament 56 % (meta mqabbel ma' 58 % fl-2017) tal-baġit tiegħu, espress f'termini ta' pagamenti, u li 44 % tal-pagamenti kien iddestinat għal korpi fdati oħrajn, inkarigati mill-implimentazzjoni tiegħu;
167. Jieħu nota li d-DĠ RTD fada 15,05 % tal-baġit tiegħu għall-2018 lill-BEI/FEI għall-Innovfin, li Innovfin jimmira li jsostni r-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' strumenti finanzjarji u li l-ammont ittrasferit lill-BEI/FEI fl-2018 kien EUR 472,9 miljun;
168. Huwa tal-fehma li kwalunkwe programm, azzjoni jew proġett tal-familja tal-BEI kofinanzjati mill-baġit tal-Unjoni għandu/ħa j/tkun awditjat(a) mill-Qorti;
169. Jinsab imħasseb bil-fatt li, avolja huma magħluqa 4 740 proġett tal-perjodu ta' finanzjament 2007-2013 minn 4 934, għad fadal akkumulati ta' impenji pendenti ("reste à liquider" jew "RAL") tal-valur ta' EUR 157,3 miljun u li l-Kummissjoni mhijiex fqaghda li tindika meta r-RAL se jkunu saldati ⁽¹³⁾;
170. Jenfasizza bi tħassib l-allokkazzjoni ferm żbilanċjata tal-fondi għar-riċerkaturi fl-Istati Membri kollha minn Orizzont 2020;
171. Jirrimarka li għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 attwali, 64,26 % tal-baġit ġie eżegwit;
172. Jinkoraġġixxi lid-DĠ RTD jkompli bl-isforzi ta' semplifikazzjoni tiegħu konformement mar-Rapport Speċjali Nru 28/2018 tal-Qorti iżda mingħajr ma jikkomprometti ċ-ċertezza ġuridika u mingħajr ma jbidel il-kontrolli *ex post* f'kontrolli *ex ante*;
173. Huwa tal-fehma li d-DĠ RTD għandu jagħti aktar attenzjoni lill-kejl tal-valur miżjud tal-Unjoni tal-investimenti fis-settur tar-R&I; jisħaq fuq il-fatt li l-kejl tal-prestazzjoni fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni ma għandux ikun ibbażat biss fuq l-indikaturi ta' produzzjoni u l-indikaturi monetarji fit-terminu qasir, iżda għandu jqis in-natura partikolari tar-riċerka; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tiżviluppa modi kif ittejjeb l-appoġġ favur il-proġetti tar-riċerka u l-innovazzjoni b'riskju għoli b'mod trasparenti;
174. Jirrakkomanda bil-qawwa li d-DĠ RTD jagħti aktar attenzjoni lill-kejl tal-valur miżjud tal-Unjoni tal-investimenti fis-settur tar-R & I;
- HUAWEI*
175. Jikkonstata li s-sussidjarji ta' HUAWEI applikaw għall-kofinanzjamenti tal-Unjoni fl-ambitu tal-programm Orizzont 2020;
176. Josserva, madankollu, li l-parteċipanti mill-Brażil, miċ-Ċina, mill-Indja, mill-Messiku u mir-Russja ma baqgħux jiġu ffinanzjati fl-ambitu ta' Orizzont 2020 ⁽¹⁴⁾;
177. Ifakkar li r-Regoli ta' Parteċipazzjoni u Tixrid tal-programm Orizzont 2020 jirregolaw l-isfruttament tar-riżultati u jikkonferixxu lill-Kummissjoni d-dritt li toponi t-trasferimenti ta' sjieda jew l-għoti ta' liċenzji esklużivi lil suġġetti stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati f'Orizzont 2020;
178. Jieħu nota tal-fatt li l-OLAF, f'dan il-kuntest, analizza l-informazzjoni dwar allegati vjolazzjonijiet u ddeċieda li jibda evalwazzjoni ġdida;

⁽¹³⁾ Risposta lill-mistoqsija 10 tal-Kwestjonarju bħala tħejji għad-diskussjoni mal-Kummissarju Moedas, <https://www.europarl.europa.eu/cmsdata/188520/Replies%20to%20questionnaire%20-%20Commissioner%20Moedas-original.pdf>

⁽¹⁴⁾ RAA 2018 tad-DĠ R&I, p. 16.

179. Jieħu nota bi tħassib tal-periklu tal-abbuż deliberat tal-fondi tal-Unjoni min-naħa ta' pajjiżi terzi fil-proġetti ta' riċerka konġunti; ifakkar li dawn il-pajjiżi terzi jeħtieġu jsegu r-regoli dwar l-integrità u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni eżatt kif jagħmlu l-Istati Membri;

Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA)

180. Jinsab imħasseb bis-sejba tal-Qorti skont liema s-sistemi ta' kontroll intern tal-aġenzija għandhom bżonn jitjiebu b'mod ċar u li l-Kummissjoni ħarġet, għat-tieni sena konsekuttiva, riżerva fuq is-sistema;

Rakkomandazzjonijiet

181. Jistieden lid-DĠ RTD:

- jagħti segwitu lir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti relatati ma' din is-sottointestatura;
- jimplementa mill-aktar fis possibbli s-26 rakkomandazzjoni pendenti tas-Servizz tal-Awditjar Intern;
- jagħti aktar attenzjoni lill-promozzjoni tal-azzjonijiet klimatiċi (Indikatur Ewlieni tal-Prestazzjoni) u turi ambizzjoni akbar f'dan ir-rigward;
- jibqa' partikolarment għassa tal-konformità mar-Regoli ta' Parteċipazzjoni u Tixrid ta' Orizzont 2020;
- jinkoraġġixxi allokkazzjoni aktar ibbilanċjata tar-riżorsi fost l-Istati Membri fl-ambitu ta' Orizzont 2020 u jgħin aktar lill-Istati Membri u lir-riċerkaturi, b'mod partikolari fl-applikazzjoni tagħhom għall-finanzjamenti;
- jippubblika fir-rapport annwali tal-attività tiegħu l-proposti kollha tiegħu għal rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fl-ambitu tal-eżerċizzju tas-Semestru Ewropew;
- jerġa' jikkunsidra l-mod kif issir l-verifika *ex ante* għall-infrastrutturi tar-riċerka biex tkun aktar effiċjenti u effikaċi;
- jirrapporta, flimkien mal-EACEA, lill-kumitat responsabbli tal-Parlament sa Lulju 2020 dwar ir-riformi introdotti biex jinstab rimedju għas-sitwazzjoni;
- jagħti attenzjoni partikolari lit-tqassim tal-fondi lill-benefiċjarju min-naħa tal-koordinatur tal-proġett;
- jinvesti fil-kejl tal-prestazzjoni u tal-valur miżjud tal-Unjoni;

182. Jistieden lill-Qorti twessa' l-kopertura tal-prestazzjoni fir-rapport annwali tagħha, li għaliha r-rapporti speċjali tal-Qorti jikkostitwixxu sors prezjuż ta' informazzjoni; jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan il-kuntest, il-proposti li saru fid-19 ta' Novembru 2019 fil-Lussemburgu fl-okkażjoni taż-żjara tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit;

Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali

183. Josserva l-informazzjoni li l-Qorti ppreżentat skont liema l-pagamenti tal-2018 fl-ambitu tas-sottointestatura 1b "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" tal-QFP huma 34,8 % tal-baġit annwali tal-Unjoni, jiġifieri EUR 54,5 biljun; jinnota wkoll li minn tali ammont, EUR 30,1 biljun (55,1 %) huma ddestinati għall-FEŻR), EUR 9,3 biljun (17 %) għall-FK, EUR 13,9-il biljun (25,6 %) għall-FSE u l-bqija għal azzjonijiet oħra;
184. Josserva li għall-2018 id-DĠ REGIO rrapporta pagament ta' EUR 39,5 biljun li jirrappreżenta rata ta' implimentazzjoni ta' 98,52 % tal-appropriazzjonijiet ta' pagament awtorizzati għall-2018, u li d-DĠ EMPL irrapporta pagament ta' EUR 14,6-il biljun, jiġifieri rata ta' implimentazzjoni ta' 94,42 %;

Kontribut biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Unjoni għall-2020

185. Jieħu nota mill-affermazzjonijiet tal-Kummissjoni li ġejjin fir-rigward tal-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni:

- għal dak li għandu x'jaqsam mal-impjiegi, it-tkabbir u l-investment, kull euro li jintnefaq iġġenera tkabbir addizzjonali ta' EUR 2,7 tal-PDG, u li, b'konsegwenza t'hekk, dan iddetermina l-ħolqien ta' madwar 1,3 miljun impjeg matul l-aħħar perjodu ta' programmazzjoni;

- għal dak li għandu x'jaqsam mat-tisħiħ tar-riċerka, tal-iżvilupp teknoloġiku u mal-innovazzjoni, il-previżjonijiet jindikaw, abbażi tal-proġetti magħżula fi tmiem l-2017, li n-numru ta' proġetti ta' kooperazzjoni bejn impriżi u istituti ta' riċerka kważi rdoppja;
 - għal dak li għandu x'jaqsam mal-kompetittività tal-SMEs, il-previżjonijiet indikaw, abbażi tal-proġetti magħżula fi tmiem l-2017, li n-numru ta' impriżi benefiċjarji ta' sostenn żdied b'40 %;
 - għal dak li għandu x'jaqsam mal-ekonomija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, il-previżjonijiet jindikaw, abbażi tal-proġetti magħżula fi tmiem l-2017, li n-numru aktar minn irdoppja u laħaq 69,2 % tal-oġettiv ta' 6 708 megawatt ta' kapaċità addizzjonali stabbilit għal tmiem l-2023;
186. Jirrimarka li r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni għall-perjodu 2014-2020 (ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 ⁽¹⁵⁾) ma jinkludix dispożizzjonijiet li jiddefinixxu l-ksib ta' riżultati u s-sostenibbiltà tagħhom bħala kriterji għad-durabbiltà tal-investimenti produttivi mill-FEŻR; jieħu nota tal-osservazzjonijiet iffornati mill-Qorti dwar is-sostenibbiltà ⁽¹⁶⁾ u l-kwalità ta' tali investimenti u jtenni l-appell tiegħu għall-inklużjoni tal-ksib tar-riżultati bħala kunsiderazzjoni fundamentali fl-ewwelwazzjoni tad-durabbiltà tal-proġetti li tippermetti l-valutazzjoni tal-grad sa liema l-iżviluppi ekonomiċi pożittivi jtrawmu permezz ta' rpiljar ekonomiku ġenerali jew bis-saħħa tal-finanzjamenti tal-Unjoni;

L-ambitu u l-approċċ tal-awditjar

187. Josserva li l-Qorti eżaminat kampjun ta' 220 tranżazzjoni, maħsub biex ikun statistikament rappreżentattiv tal-firxa sħiħa ta' nfiq fl-ambitu tas-subintestatura 1b tal-QFP, li l-awtoritajiet tal-awditjar kienu vverifikaw preċedentement;
188. Jinnota bi tħassib li l-Qorti identifikat u kkwantifikat, f'dawk il-220 tranżazzjoni, 36 żball, li ma kinux inqas mill-awtoritajiet tal-awditjar u li b'kont meħud tas-60 żball li nstabu preċedentement mill-awtoritajiet tal-awditjar u tal-korrezzjonijiet applikati mill-awtoritajiet inkarigati mill-programmi (b'valur totali ta' EUR 314-il miljun għaż-żewġ perjodi ta' programmazzjoni flimkien), il-Qorti stmat li l-livell ta' żball huwa 5,0 %;
189. Josserva li l-Kummissjoni ma taqbilx mal-valutazzjoni tal-Qorti dwar tliet żbalji sinifikanti li saru fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 u żewġ żbalji li saru fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013; josserva li l-Kummissjoni tagħmel referenza għal interpretazzjoni diverġenti tar-regoli nazzjonali jew tal-Unjoni applikabbli li għandhom impatt fuq ir-rata ta' żball ikkalkulata ⁽¹⁷⁾;
190. Jippreċiża li s-sorsi ta' żball ewlenin ikkonċernaw l-ispejjeż ineliġibbli (37) u l-akkwist pubbliku (18) segwiti min-nuqqas ta' dokumentazzjoni essenzjali ta' sostenn (3);
191. Josserva li, barra minn hekk, sa tmiem is-sena kontabilistika 2016/2017, EUR 2,9 biljun kienu tħallsu permezz ta' pagamenti bil-quddiem lil strumenti finanzjarji, li minnhom EUR 2,3 biljun kienu ġew iddikjarati bejn l-1 ta' Lulju 2016 u t-30 ta' Ġunju 2017 (17 % tal-ammont totali mħallas f'kofinanzjament mill-Unjoni); matul is-sena kontabilistika 2016/2017, EUR 1,3 biljun (43 %) ġew żborżati favur id-destinatarji finali;
192. Jitlob lill-Kummissjoni tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar min jibbenefika mill-imgħax akkumulat fuq il-EUR 1,6 biljun li għadhom ma tħallsux lill-benefiċjarji u minn issa 'l quddiem tinkludi din l-informazzjoni fir-rapportar annwali tagħha;
193. Jinnota li l-awditu tal-Qorti kopra l-iżborżi li saru lil ħames strumenti finanzjarji (tnejn mill-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 u tlieta mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013); jinnota li l-Qorti eżaminat 30 garanzija u 100 każ ta' self għal dawn il-ħames strumenti fil-livell tal-intermedjarju finanzjarju u sabet 14-il każ ta' żborż ineliġibbli lid-destinatarji finali, relatati ma' tlieta mill-istrumenti eżaminati mill-Qorti: dawn kienu jkkonċernaw jew self ineliġibbli jew inkella destinatarji finali ineliġibbli, kif ukoll żborżi kkanċellati li l-Istat Membru kkonċernat irreġistra b'mod skorrett bħala mħallsa;

⁽¹⁵⁾ Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁽¹⁶⁾ Ara wkoll ir-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri Nru 8/2018: Appoġġ mill-UE għal investimenti produttivi fin-negozji - jeħtieġ li jkun hemm fokus akbar fuq id-durabbiltà.

⁽¹⁷⁾ Ara t-tweġiba lill-mistoqsija 24 tal-Kwestjonarju lill-Kummissarju Hahn għas-Seduta tal-Kumitat CONT fil-11 ta' Novembru 2019.

194. Josserva li d-DĠ REGIO kkonferma rata ta' żball residwu ta' 1,96 % għas-sena kontabilistika 2016-2017, wara t-tlestija taċ-ċiklu ta' kontroll nazzjonali u tal-Kummissjoni, fuq il-bażi tal-evidenza kollha tal-awditjar disponibbli f'din id-data u fl-istennija tal-konklużjoni tal-proċeduri kontradittorji (approċċ konservattiv) u li fl-istess ħin li d-DĠ REGIO stima li r-rata kkonfermata taf tilħaq massimu ta' 2,74 %;
195. Jinnota bi tħassib id-differenza ċara bejn ir-rati ta' żball stmati mill-Qorti u mill-Kummissjoni;
196. Josserva, barra minn hekk, li għall-2018 il-Kummissjoni introduċiet żewġ kunċetti ġodda: "ammont friskju fil-waqt tal-pagament" ⁽¹⁸⁾ u "ammont friskju fil-waqt tal-għeluq";
197. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-"ammont friskju fil-waqt tal-pagament" huwa bbażat fuq il-kontijiet trażmessi mill-Istati Membri wara li jkunu tnaqqasulhom il-korrezzjonijiet finanzjarji; jinnota li jkun jidher, għalhekk, li l-Kummissjoni ma għandhiex informazzjoni diretta dwar l-ammont fir-riskju fil-waqt tal-pagament;
198. Barra minn hekk, jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-"ammont friskju fil-waqt tal-għeluq" huwa estrapolazzjoni bbażata fuq l-esperjenza tal-Kummissjoni;
199. Iqis utli, f'dan il-kuntest, li jfakkar fil-punt (b)(i) tal-Artikolu 247(1) tar-Regolament Finanzjarju li jirrikjedi li l-Kummissjoni tressaq "(...) stima tal-livell ta' żball fin-nefqa tal-Unjoni bbażata fuq metodoloġija konsistenti u stima ta' korrezzjonijiet futuri (...)";
200. Jinsab imħasseb dwar il-konklużjoni tal-Qorti li attwalment hemm dipendenza limitata fuq ix-xogħol magħmul minn ħafna awtoritajiet tal-awditjar minħabba dgħufijiet fil-metodu ta' kampjunar użat mill-awtoritajiet tal-awditjar, fid-dokumentazzjoni tar-rendikont tal-entrati u fit-trattament tal-iżbalji; jesprimi wkoll it-tħassib tiegħu li l-Qorti ma tistax tiddependi fuq ir-rata ta' żball ippreżentata mill-Kummissjoni minħabba li hija bbażata fuq in-nefqa li tkun għadha ma għaddietx miċ-ċiklu sħiħ ta' kontroll u li mhijiex l-istess bħal dik awditjata mill-Qorti;
201. Iqis bħala insodisfaċenti li l-Qorti u l-Kummissjoni jużaw metodoloġiji differenti biex jistabbilixxu l-opinjoni tagħhom dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet finanzjarji; u għaldaqstant jaslu għal riżultati differenti f'dak li għandu x'jaqsam mar-rata ta' żball residwu (RER): > 2 % (DĠ EMPL & DĠ REGIO), 5 % (Qorti); f'dan ir-rigward, jitlob li l-Qorti ma tippovdix RER iżda rata ta' żball fil-waqt tal-pagamenti (qabel ma jiġu applikati l-korrezzjonijiet) sabiex ittejjeb il-kwalità tal-evalwazzjoni u tal-iskrutinju tal-Parlament;
202. Jirrimarka, barra minn dan, li l-bażi tad-data taż-żewġ istituzzjonijiet hija differenti: fil-waqt li l-Qorti ssegwi approċċ annwali, fl-2018 il-Kummissjoni setgħet biss tivverifika l-kontijiet 2016-2017 u ssegwi approċċ pluriennali;
- Ġestjoni finanzjarja u kontrolli interni*
203. Jirrimarka li d-DĠ REGIO joħroġ 30 riżerva għal 30 programm operattiv fl-ambitu tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali; 18-il riżerva kienu għadhom stabbiliti fir-rigward tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013;
204. Jinnota li fi tmiem l-2018, id-DĠ REGIO jirrapporta t-tlestija ta' 99 % tal-pjanijiet ta' azzjoni biex jiġu ssodisfati l-kundizzjonalitajiet *ex ante* u li l-pjanijiet ta' azzjoni mhux kompluti tnaqqsu għal 6 fl-2018 (8 fl-2017); jinnota bi tħassib li żewġ deċiżjonijiet ta' sospensjoni u żewġ ittri ta' presospensjoni nħarġu għal dawk il-pjanijiet li ma tlestewx li jistgħu jaffettwaw l-implimentazzjoni f'waqtha tal-programmi operattivi kkonċernati li l-maġġoranza tagħhom huma fis-settur ambjentali;
205. Jistieden lill-Kummissjoni tipprevedi simplifikazzjoni ġenwina tal-proċedura, inkluż fid-dokumentazzjoni rikjesta sabiex jinkiseb aċċess għall-finanzjament, mingħajr ma jiġu injorati l-prinċipji ta' awditjar u monitoraġġ;
206. Jinsab imħasseb dwar id-dewmien fl-implimentazzjoni tal-fondi strutturali u dwar il-fatt li s-sitwazzjoni tirriżulta saħansitra aktar gravi minn dik li kien hemm fil-fażi komparabbli matul il-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti; fil-waqt li attwalment ir-rata ta' assorbiment medju kienet taħt l-40 %, fil-fażi komparabbli matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 kienet taħt is-60 % ⁽¹⁹⁾;

⁽¹⁸⁾ DĠ REGIO, RAA 2018, p. 111: "Ir-riskju "fil-waqt tal-pagament" huwa kkalkulat għal kull programm billi r-rata ta' żball totali residwu għas-sena kontabilistika 2016/2017, kif ikkonfermat mis-servizzi 113 tal-Kummissjoni jew, f'każ li tirriżulta oġġha, ir-rata ta' żball totali residwu rrapportata mill-awtoritajiet tal-awditjar għas-sena kontabilistika 2017-2018 tiġi applikata għan-"nefqa rilevanti" tas-sena ta' rapportar tal-Kummissjoni (...)"; "Ir-riskju "fil-waqt tal-għeluq" jindika r-riskju li jifdal għan-nefqa rilevanti tal-2018 ladarba l-Kummissjoni tkun applikat il-korrezzjonijiet finanzjarji neċessarji biex tbaxxi għal 2 % r-rata ta' żball totali residwu għall-programmi operattivi kollha (...)".

⁽¹⁹⁾ Ara wkoll ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Nru 17/2018: L-azzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fl-aħħar snin tal-programmi għall-perjodu 2007-2013 indirizzaw l-assorbiment baxx iżda ma kinux iffukati biżżejjed fuq ir-riżultati.

207. Jinnota li r-RAA tad-DĠ REGIO għall-2018 jiddikjara li attwalment, EUR18-il biljun tal-FEŻR u tal-FK, li huma ekwivalenti għal 7,2 % tal-allokazzjonijiet totali, huma pplanati biex isiru disponibbli permezz tal-istrumenti finanzjarji;
208. Jiddispijaci li r-rapport annwali tal-2018 dwar l-"Istrumenti finanzjarji tal-Fondi SIE" ma ġiex ippubblikat qabel Jannar 2020; jinnota li fi tmiem l-2018, il-kontribuzzjonijiet tal-Fondi SIE impenjati għall-istrumenti finanzjarji (FIs) kienu ta' EUR 16,9 biljun, EUR 7 biljun tħallsu lill-FIs mill-Fondi SIE (madwar 41 %) u EUR 3,7 biljun ġew investiti f'benefiċjarji finali; jistieden lill-Kummissjoni tippubblika r-rapport annwali tal-2019 sa Ottubru 2020 sabiex isejbiet tagħha jkunu jistgħu jiġu integrati fir-rapport ta' kwittanza għall-2019;
209. Ifakkar fl-appell tiegħu biex l-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar jitħallew jawditjaw l-istrumenti finanzjarji taħt il-baġit tal-Unjoni, inaqqsu l-għadd ta' strumenti finanzjarji, u jintroduċu regoli aktar stretti għar-rappurtar mill-amministraturi tal-fondi, inkluż mill-Grupp tal-BEL u minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra dwar il-prestazzjoni u r-riżultati miksuba, u b'hekk jiżiedu t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont⁽²⁰⁾;
210. Jenfasizza li huma meħtieġa aktar trasparenza, obbligu ta' rendikont aħjar u rappurtar aħjar dwar il-prestazzjoni u s-sostenibbiltà għall-istrumenti finanzjarji implimentati fl-Unjoni u lil hinn minnha; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-kontropartijiet tagħha li jimplementaw l-istrumenti finanzjarji appoġġati mill-baġit tal-Unjoni jiżguraw l-akbar trasparenza u obbligu ta' rendikont;
211. Jenfasizza li l-istrumenti finanzjarji jistgħu jissupplimentaw l-għotjiet iżda mhux suppost jissostitwuhom⁽²¹⁾;
212. Jinsab imħasseb ferm li l-akkumulazzjoni ta' impenji fi tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni se jkun ferm ogħla minn dak fi tmiem l-eżerċizzju preċedenti, u b'hekk jaf possibbilment jikkawża kriżi oħra tal-pagamenti;
213. Jinnota li d-DĠ REGIO, għas-sena kontabilistika 2016-2017, ikkonferma l-RERs irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar (inkluż f'ċerti każijiet wara li ddaħħlu aġġustamenti mingħajr impatt materjali) bħala taħt il-livell limitu ta' materjalità għal 135 programm operattiv, filwaqt li 29 minnhom kellhom jiġu riveduti biex jtilgħu fuq 2 %;
214. Jinnota wkoll li d-DĠ REGIO aċċetta 242 kont iċċertifikat mill-258 għas-sena kontabilistika 2017-2018; filwaqt li ma aċċettax 16-il kont; jissottolinja f'dan il-kuntest li l-Qorti ma eżaminatx il-kontijiet għal dak il-perjodu peress li l-verifiki kienu għadhom ma ġewx konklużi;
215. Josserva li, fl-ambitu tal-politika strutturali u ta' koeżjoni, is-setturi l-aktar esposti għar-riskju ta' frodi huma l-infrastruttura (34 %), l-ambjent (13 %) u r-riċerka (13 %), u li l-każijiet ta' frodi jikkonċernaw ir-regoli dwar l-akkwist (52 %), in-nefqa irregolari (14 %) u l-kunflitti ta' interess (8 %);

Irregolaritajiet serji u użu ħażin ta' fondi fl-Istati Membri

216. Jinnota li r-rapport finali tal-awditjar tad-DĠ REGIO dwar ir-Repubblika Ċeka ġie żvelat mal-media mingħajr awtorizzazzjoni; kien infurmat li l-Kummissjoni wettqet awditi komprensivi rigward l-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali u tal-Unjoni, billi vverifikat bir-reqqa mhux biss ir-regolarità tal-operazzjonijiet iżda wkoll il-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar il-kunflitti ta' interess; jinnota li l-Kummissjoni infurmat lill-kumitat responsabbli tal-Parlament fl-aqgħa bil-magħluq f'Diċembru 2019 dwar il-progress tal-awditi mwettqa mid-DĠ REGIO u d-DĠ EMPL; jistieden lill-Kummissjoni żżomm lill-awtorità ta' kwittanza u lill-kumitat(i) responsabbli tal-Parlament infurmat(i) dwar kwalunkwe żvilupp ġdid mingħajr dewmien żejjed u tiżgura segwitu xieraq għas-sejbiet;
217. Jiddeplora l-indikazzjonijiet inizjali li, fil-qasam tal-fondi reġjonali u ta' koeżjoni, l-awdituri sabu nuqqasijiet serji fil-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll u għaldaqstant ipproponew korrezzjoni finanzjarja ta' kważi 20 %; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta b'mod kritiku jekk dawn il-każijiet jirrappreżentawx każijiet ta' użu ħażin sistemiku tal-fondi tal-Unjoni; jistenna li l-Kummissjoni tadotta mekkaniżmu xieraq biex jiġu evitati nuqqasijiet futuri;

⁽²⁰⁾ Paragrafu 204 tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-18 ta' April 2018 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016, Taqsima III — Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi (ĠU L 248, 3.10.2018, p. 29).

⁽²¹⁾ Paragrafu 21 tar-Riżoluzzjoni tal-Parlament tat-18 ta' April 2018.

218. Jiddeplora wkoll l-indikazzjonijiet inizjali li l-awdituri tal-Kummissjoni sabu każijiet serji ħafna ta' kunflitti ta' interess relatati mal-Gvern Ċek; jifhem, madankollu, li d-dritt nazzjonali Ċeka fil-qasam tal-kunflitti ta' interess ma ppenalizzax, qabel Frar 2017, l-għoti ta' fondi pubbliċi lill-uffiċjali pubbliċi; jinnota li sa issa għadha ma ġiet iddikjarata l-ebda nefqa għall-2018; jistenna li l-Kummissjoni tagħmel l-almu tagħha biex tlesti l-proċess b'mod effiċjenti u f'waqtu u twettaq bis-sħiħ il-miżuri korrettivi neċessarji kollha; fid-dawl tar-rapporti dwar it-tħassib serju dwar il-kunflitti ta' interessi relatati mal-Gvern Ċek li nstabu fl-awditi mwettqa mill-Kummissjoni; ihegġegħ lill-Kummissjoni tinforma bis-sħiħ lill-Parlament u lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni;
219. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni infurmat lill-kumitat kompetenti tiegħu li d-DĠ REGIO wettaq korrezzjonijiet finanzjarji ta' aktar minn EUR 1,5 biljun minn programmi tal-perjodu 2007-2013 fl-Ungerija, li fihom skopra irregolaritajiet u li dan l-ammont jaffettwa l-programmi operattivi li ġejjin:
- | | | |
|------------------------------------|------------------------|----------------|
| — 2007HU161PO001 | Żvilupp ekonomiku | EUR 275 miljun |
| — 2007HU161PO002 | Ambjent u Enerġija | EUR 254 miljun |
| — 2007HU161PO007 | Trasport | EUR 371 miljun |
| — 2007HU161PO008 | Infrastruttura soċjali | EUR 120 miljun |
| — 7 programmi operattivi reġjonali | | EUR 473 miljun |
| — 2007HU161PO010 | Implimentazzjoni | EUR 75 miljun |
220. Jirrikonoxxi l-ħidma eċċellenti ta' awditjar mill-Kummissjoni fid-detezzjoni ta' riskji sistemiċi u sorsi ta' żball; jilqa' l-korrezzjonijiet finanzjarji imposti; jinnota bi tħassib iż-żmien sostanzjali mehtiegħ biex jiġu rkuprati fondi mħallsa b'mod irregolari; jistieden lill-Kummissjoni tinforma f'aktar dettall lill-awtorità ta' kwittanza rigward is-sejbiet tagħha dwar ir-riskji sistemiċi u l-istrutturi oligarkiċi;
221. Jiddeplora l-fatt li, fil-qasam tal-FSIE, l-awdituri tal-Kummissjoni sabu nuqqasijiet serji fil-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll prinċipalment fir-rigward tal-kontroll tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku;
222. Ifakkar li ġiet applikata korrezzjoni finanzjarja b'rata fissa ta' 10 % fir-rigward tal-programmi operattivi (PO) kollha;
223. Ifakkar fil-korrezzjoni finanzjarja ta' 25 % għall-ftehimiet qafas fis-settur tal-ilma fil-PO dwar l-Ambjent u l-Effiċjenza fl-Enerġija hija minħabba irregolaritajiet fl-akkwist pubbliku;
224. Ifakkar fil-korrezzjoni finanzjarja b'rata fissa ta' 10 % fil-Programm Operattiv għall-Iżvilupp Territorjali u tas-Saldu hija minħabba nuqqasijiet matul l-għażla tal-proġett;
225. Jinnota, barra minn hekk, li d-DĠ REGIO għadu ma għalaqx minn qabel il-programmi li jikkonċernaw l-amministrazzjoni elettronika, u dan jaf jimplika korrezzjonijiet ulterjuri;
226. Jinnota bi tħassib li l-livell ta' irregolaritajiet jindika li hemm problema sistemika fil-programmi operattivi tal-Ungerija li tmur lura għall-2007; jistieden lill-Kummissjoni tinforma lill-Parlament u lill-pubbliku ġenerali rigward il-valutazzjoni tal-Kummissjoni stess dwar ir-raġunijiet wara dan il-livell ta' irregolaritajiet; jirrimarka li l-multa ta' somma f'daqqa ta' 10 % għall-ġestjoni ħażina ta' programmi operattivi mhijiex soluzzjoni fit-tul għal-livell għoli ta' irregolaritajiet identifikati u li, mingħajr mekkaniżmi mtejba u adegwati ta' kontroll u ta' monitoraġġ, dan il-livell ma jistax jonqos;
227. Għall-programmi msemmija hawn fuq, jitlob lill-Kummissjoni tistabilixxi skeda ta' żmien ċara, mill-bidu tal-proġett sal-irkupru tal-fondi, li tispjega d-diversi fażijiet;
228. Jitlob lill-Kummissjoni tindika l-mod kif dawn l-irkupri se jkunu inklużi fil-baġit peress li jaffettwaw programmi tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 preċedenti;
229. Ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu favur it-twaqqif ta' mekkaniżmu li, permezz tiegħu, l-Istati Membri li ma jirrispettawx il-valuri minnuxxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jistgħu jkunu soġġetti għal konsegwenzi legali u finanzjarji sinifikanti;

Rakkomandazzjonijiet

230. Jistieden lill-Kummissjoni:

- testendi r-rappurtar dwar l-impatt u s-sostenibbiltà tal-investimenti tal-Unjoni biex jintwera l-valur miżjud tal-Unjoni tal-finanzjament tal-Unjoni;
- issaħħaħ l-isforzi tagħha biex ittejjeb l-oqfsa attwali ta' kontroll u ta' aċċertament bil-għan li tistabbilixxi katina ta' awditjar uniku;
- tippreżenta, fl-AMPR tagħha, ċifra għal-livell ta' żball fil-waqt tal-pagament (qabel il-korrezzjoni fil-livell nazzjonali) u stima ta' korrezzjoni futura;
- tkompli l-kooperazzjoni tagħha mal-Qorti sabiex tallinja aktar il-metodoloġiji ta' awditjar u l-interpretazzjoni ta' testi legali;
- tippubblika l-proposti kollha tagħha għal rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fl-ambitu tal-eżerċizzju tas-Semestru Ewropew;
- tagħti aktar attenzjoni, u talloka aktar appoġġ tekniku, lill-Istati Membri, li s-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tagħhom huma biss parzjalment affidabbli, jew mhux affidabbli, fejn hemm riskju akbar ta' frodi u korruzzjoni relatati mal-fondi u speċjalment ma' dawk l-Istati Membri li ma nqas għadux mal-UPPE;
- thegħġeg bil-qawwa lill-Istati Membri biex jissiehu fl-UPPE;
- tagħti attenzjoni partikolari lill-ftehimiet qafas mogħtija permezz ta' proċeduri tal-akkwist pubbliku, peress li l-frodi u l-korruzzjoni relatati magħhom jirrappreżentaw riskju akbar għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni;
- tnaqqas kemm jista' jkun malajr l-akkumulazzjoni ta' impenji;
- tnaqqas id-diżimpenn awtomatiku għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 minn n+3 snin għal n+2 snin biex l-Istati Membri jingħataw spinta ħalli jimplementaw il-programmi malajr;
- timponi korrezzjonijiet finanzjarji għall-iżbalji identifikati mill-Qorti bi qbil mad-dispożizzjonijiet legali rilevanti;
- tispeċifika fir-rapporti annwali tal-attività kif l-ammonti affettwati mill-korrezzjonijiet finanzjarji *ex post* imposti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni ntużaw mill-ġdid, b'mod partikolari f'dawk il-każijiet fejn kienu involuti frodi, korruzzjoni jew attività kriminali oħra;
- tispeċifika fir-rapporti annwali tal-attività jekk l-Istati Membri kkonċernati użawx mill-ġdid u b'lema mod użaw il-korrezzjonijiet finanzjarji *ex post* imposti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni;
- tippubblika r-rapport annwali tal-2020 dwar "L-istrumenti finanzjarji tal-Fondi SIE" mingħajr dewmien;
- iżżid it-trasparenza billi tippermetti t-ftitxija għal offerenti rebbieħa fuq it-TED, is-sit web tal-akkwist pubbliku elettroniku tal-Unjoni;
- tagħmel l-użu tal-programm tal-IT ARACHNE prekondizzjoni għall-Istati Membri biex jużaw il-Fondi tal-Unjoni; tesplora l-possibbiltà li tintuża d-data ta' ARACHNE u d-deċizzjonijiet ġudizzjarji mill-Istati Membri u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biex tinholq "lista sewda tal-UE" ta' kumpaniji u s-sidien benefiċjarji tagħhom jew individwi ikkundannati b'rabta ma' frodi jew korruzzjoni jew attivitajiet kriminali oħra relatati mal-użu ta' fondi tal-Unjoni, li possibbilment jiġu pprobiti milli japplikaw għall-finanzjament tal-Unjoni għal perjodu ta' ħames snin, u tiskrutinizza bir-reqqa l-proġetti tagħhom li għaddejjin li jinvolvu l-ħlas ta' Fondi tal-Unjoni;
- tipprovdi aktar appoġġ u gwida lill-Istati Membri permezz tal-mekkaniżmi differenti tagħha inkluż l-assistenza teknika għad-dispożizzjoni tagħha u Task Force dedikat għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva għall-assorbiment tal-fondi tal-Unjoni u għat-tranżizzjoni bla xkiel mill-perjodu ta' programmazzjoni attwali għal dak li jmiss;
- tallinja l-perjodi kontabilistiċi tal-fondi strutturali ma' dawk tal-Qorti;
- tiżgura, flimkien mal-koleġiżlaturi, li ż-żamma ta' 10 % fuq il-pagamenti interim tiġi ppreservata matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 u li l-ammonti miżmuma jiġu rilaxxati biss ladarba jitlestew il-verifiki kollha u jsir it-titjib li jkun hemm bżonn jew jittieħdu l-miżuri korrettivi neċessarji;

- tiżviluppa linji gwida komuni għall-kunflitti ta' interess ta' politiċi ta' livell għoli; tiżviluppa flimkien mal-Istati Membri strumenti legali effettivi biex jiġi evitat li jitrawmu strutturi oligarkiki li jużaw il-fondi ta' koeżjoni tal-Unjoni;
- tikkunsidra l-introduzzjoni ta' ġestjoni diretta minflok il-ġestjoni kondiviża f'każ li jsir użu ħażin intenzjonat ta' fondi għall-QFP il-ġdid;

231. Jistieden lill-Qorti testendi l-kopertura tal-prestazzjoni fir-rapport annwali tagħha, li għaliha r-rapporti speċjali tal-Qorti jikkostitwixxu sors prezjuż ta' informazzjoni; f'dan il-kuntest, jilqa' l-proposti li saru mill-Qorti matul iż-żjara tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit fid-19 ta' Novembru 2019;

Riżorsi naturali

Konformità

232. Jinnota li għas-sena finanzjarja 2018, il-Qorti tistima livell ta' żball ta' 2,4 % għall-Intestatura sħiħa "Riżorsi Naturali", li xorta għadu oġġla mil-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %;
233. Jenfasizza li l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà kumplessi jżidu r-riskju ta' żball fl-iżvilupp rurali, il-miżuri tas-suq, is-sajd, l-ambjent u l-azzjoni klimatika; jinnota li dawk l-oqsma jikkorrispondu għal madwar kwart tal-baġit għar-"Riżorsi Naturali";
234. Jinnota li mill-156 pagament ittestjati mill-Qorti fiż-żoni ta' riskju oġġla, kwart minnhom kien fihom żball u li l-kawżi ewlenin tal-iżbalji kienu relatati ma' kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, regoli ta' akkwist jew ta' għoti, u informazzjoni mhux preċiża dwar żoni;
235. Jinnota b'sodisfazzjon li għall-baġit li jikkorrispondi għall-pagamenti diretti tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) (72 % tal-intestatura "Riżorsi Naturali"), il-Qorti tistima li l-livell ta' żball f'dan il-qasam huwa taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %;
236. Jirrimarka li mill-95 pagament dirett awditjati mill-Qorti, 81 % ma kienx fihom żbalji u li l-biċċa l-kbira tal-iżbalji kienu pagamenti żejda minuri taħt il-5 %, l-aktar minħabba bdiewa li jipprovdu informazzjoni mhux preċiża dwar żoni;
237. Jenfasizza li l-kisbiet pożittivi fil-qasam tal-pagamenti diretti tal-FAEG huma prinċipalment dovuti għall-kwalità tas-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll, is-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art, l-Applikazzjoni ta' Għajjuna Ġeospazjali u l-kontroverifiki preliminari tal-applikazzjonijiet tal-bdiewa;
238. Jinnota li, skont il-Qorti, iċ-ċifri ppreżentati mill-Kummissjoni fl-AMPR tagħha huma konsistenti mal-konklużjoni tal-awditu tagħha;
239. Jirrimarka li fl-2018, id-DĠ AGRI wettaq iżżarat ta' rieżami għal 17-il korp ta' ċertifikazzjoni u sab li hemm bżonn ta' titjib għall-maġġoranza tagħhom u għalhekk, ix-xogħol tal-biċċa l-kbira tal-korpi ta' ċertifikazzjoni miżjura ma setax jiġi kompletament fdat fir-rigward tal-verifika tal-legalità u r-regolarità u lib'mod partikolari, ġew identifikati nuqqasijiet fir-rigward tal-metodoloġija tat-teħid tal-kampjuni u l-firxa tal-verifiki tal-eliġibbiltà;

Prestazzjoni

240. Jinnota li l-azzjonijiet ta' żvilupp rurali ġeneralment twettqu kif ipplanat u li l-Istati Membri kienu vverifikaw ir-raġonevolezza tal-ispejjeż;
241. Jirrimarka li, għal xi proġetti, l-għażliet simplifikati fil-qasam tal-ispejjeż, bħal somom f'daqqa jew rati fissi, għandhom il-potenzjal li jissimplifikaw l-amministrazzjoni u jżommu l-ispejjeż taħt kontroll;
242. Jiddispjaċih li l-awtoritajiet nazzjonali f'it li xejn għamlu użu minn għażliet simplifikati fil-qasam tal-ispejjeż għalkemm setgħu kienu utli f'madwar terz tal-proġetti eżaminati mill-Qorti; jinnota, madankollu, l-isforzi tad-DĠ AGRI biex jgħin lill-Istati Membri jegħlbu d-diffikultajiet u l-problemi li jiltaqqu magħhom meta jintroduċu għażliet ta' spejjeż simplifikati;
243. Jirrimarka bi tħassib li l-Qorti għadha qed tkompli tidentifika d'għufijiet fl-użu tal-indikaturi tar-riżultat fir-rigward tal-qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-PAK (is-CMEF);

244. Jiddispjaċih, b'mod partikolari, li l-Qorti sabet li kważi terz tal-azzjonijiet tal-iżvilupp rurali ma kellhom l-ebda indikatur tar-riżultat rilevanti fis-CMEF u li fejn ġew definiti, l-indikaturi mhux dejjem kienu relatati mal-oġettivi tal-oqsma ta' prijorità;
245. Jirrakkomanda li:
- il-Kummissjoni tivvaluta l-effikaċja tal-azzjonijiet tal-Istati Membri biex ikunu indirizzati l-kawżi sottostanti tal-iżbalji u biex tinħareġ gwida addizzjonali meta meħtieġ;
 - il-korpi taċ-ċertifikazzjoni jtejbu l-proċeduri tagħhom sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tuża għalkollox ix-xogħol tagħhom bħala s-sors primarju ta' aċċertament tagħha fir-rigward tar-regolarità tal-infiq tal-PAK;
 - il-Kummissjoni tindirizza d-dgħufijiet ikkonstatati mill-Qorti fir-rigward tal-qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni fil-kuntest tal-proposta tagħha għall-PAK il-ġdida;

KPIs

246. Ifakkar li wieħed mill-oġettivi ewlenin tal-PAK huwa li tipprovdi stabbiltà tad-dħul lill-bdiewa u tappoġġa ż-żamma u l-ħolqien tal-impjiegi u li tistimula t-tkabbir u l-investimenti fit-territorju kollu tal-Unjoni; josserva li f'żoni rurali inqas żviluppati, il-PAK qed tmur kontra l-oġettivi ewlenin tagħha u qed tgħin primarjament lis-sidien tal-artijiet il-kbar, aktar milli lill-bdiewa ż-żgħar li jaħdmu l-art;
247. Jinnota bi tħassib kbir li bħal fis-snin preċedenti, skont ir-RAA tad-DĠ AGRI għall-2018, "l-introjtu tal-fattur agrikolu għal kull unità tax-xogħol full time kien irkuprat f'termini reali iżda ġeneralment l-introjtu kien għadu lura meta mqabbel mas-salarji fl-ekonomija kollha"; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza din is-sitwazzjoni bl-akbar serjetà, filwaqt li żżomm quddiem għajnejha l-konsegwenzi tas-salarji tal-bdiewa li ġeneralment għadhom lura, speċjalment f'żoni rurali inqas żviluppati;
248. Jinnota li l-impjiegi fiż-żoni rurali tal-Unjoni qabeż il-livell ta' qabel il-kriżi rreġistrat fl-2008: 67,7 %;
249. Jirrimarka li l-KPI relatat mar-rata tal-impjiegi rurali mhuwiex biss iddeterminat mill-fattur tal-PAK;
250. Jirrimarka bi tħassib kbir li, skont ir-RAA tad-DĠ AGRI għall-2018, il-forza tax-xogħol fil-PAK naqset b'mod kostanti minn 11 595 (1 000 unità ta' xogħol annwali) fl-2008 għal 9 363 (1 000) xogħol annwali fl-2017 (paġna 22);
251. Jinnota x-xejra pożittiva kkomunikata mill-Kummissjoni fir-rigward tal-KPI dwar is-sehem minimu ta' art bi Prattiki ambjentali speċifiċi;
252. Jenfasizza, madankollu, li l-Kummissjoni kkonkludiet fid-dokument ta' ħidma tal-persunal tagħha ⁽²²⁾ li "... minkejja l-oġettivi tal-miżuri ta' ekoloġizzazzjoni stabbiliti fir-Regolament dwar il-Pagamenti Diretti, l-oġettivi ambjentali u klimatiċi ma kinux ġeneralment fattur ewleni fl-għażliet ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri. L-Istati Membri (...) ma jużawx din il-flessibbiltà biex jimmassimizzaw il-benefiċċji ambjentali u klimatiċi; id-deċiżjonijiet jidhru li kienu motivati pjuttost minn kwistjonijiet amministrattivi u kunsiderazzjonijiet agrikoli, inkluża r-rieda li jiġi żgurat tfixkil minimu għall-prattiki tal-biedja";
253. Jiddispjaċih li, bħal fir-rapporti preċedenti, il-Qorti reġgħet identifikat dgħufijiet fl-użu tal-indikaturi tar-riżultati, inklużi lakuni fil-kwalità tal-indikaturi tar-riżultati ⁽²³⁾; jenfasizza li, biex tinkiseb il-bidla proposta għall-PAK ibbażata fuq il-prestazzjoni, din tkun teħtieġ l-iżvilupp ta' sett komprensiv ta' indikaturi komuni tar-riżultati, u tkun teħtieġ ukoll l-applikazzjoni bir-reqqa ta' dawk l-indikaturi;
254. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-finanzjament tal-PAK ikun konformi mal-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Ftehim ta' Pariġi;
255. Jiddispjaċih b'mod partikolari li l-Kummissjoni kellha tikkonkludi li "l-effetti ġenerali tal-miżuri ta' ekoloġizzazzjoni, kif applikati bħalissa, fuq Prattiki ta' ġestjoni tal-farms u l-ambjent/il-klima huma inċerti iżda jidhru li huma pjuttost limitati, għalkemm hemm varjazzjonijiet fost l-Istati Membri" u li "l-miżura ta' diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba" rriżultat f'żieda fid-diversità ta' għejejjel ikkultivati ta' madwar 0,8 % tar-raba li tinħadem" ⁽²⁴⁾;

⁽²²⁾ SWD(2018) 478, p. 55.

⁽²³⁾ Rapport Speċjali Nru 10/2018 dwar l-Iskema ta' Pagament Bażiku għall-bdiewa – li qed topera tajjeb, iżda li għandha impatt limitat fuq is-simplifikazzjoni, l-immirar u l-konverġenza tal-livelli ta' għajnunja.

⁽²⁴⁾ SWD(2018) 478, p. 56.

256. Jirrimarka li l-ekoloġizzazzjoni tal-PAK ma setgħetx tilħaq l-għan oriġinali tagħha li ttejjeb il-prestazzjoni ambjentali u baqgħet skema ta' appoġġ għall-introjtu minħabba l-bażi kontinwa ta' pagamenti abbażi tal-ettari; u jfakkar li skont ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Nru 21/2017 dan ħoloq ir-riskju ta' deadweight sinifikanti u finanzjament doppju;
257. Jirrimarka bi tħassib li filwaqt li l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-agrikoltura naqsu b'mod sostanzjali bejn l-1990 u l-2010, din it-tendenza ġiet interrotta u l-emissjonijiet żdiedu mill-2016 sal-2017 fil-mument meta ġiet implimentata l-ekoloġizzazzjoni (ara t-tweġiba għall-Mistoqsija bil-Miktub Nru 9);

Allokazzjoni tal-PAK aktar ġusta

258. Jinsisti li, fi żminijiet ta' kriżi tal-volatilità tal-introjtu, l-introjti ta' farms akbar mhux bilfors jeħtieġu l-istess livell ta' appoġġ għall-istabbilizzazzjoni tal-introjti tal-farms bħal farms iżgħar peress li dawn jistgħu jibbenefikaw mill-ekonomiji ta' skala potenzjali li x'aktarx huma reżiljenti; jemmaen li l-Kummissjoni għandha tieħu miżuri biex tiżgura li l-fondi tal-PAK jitqassmu b'mod ponderat, b'tali mod li l-pagamenti għal kull ettaru jkunu inversament proporzjonali għad-daqs tal-azjenda agrikola/farm;
259. Jinsisti li fis-sistema l-ġdida ta' implimentazzjoni, jiġi adottat indikatur speċifiku tar-riżultat "Distribuzzjoni mill-ġdid għal farms iżgħar";
260. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-PAK tkun allokata b'mod ġust għall-bdiewa attivi u li ma tirriżultax fi ftehimiet dwar l-art li jkunu ta' benefiċċju għal grupp magħżul ta' persuni b'informazzjoni privileġġata tal-politika li spiss jissejħu "l-oligarki"; jistieden lill-Kummissjoni tqis il-ksur, iċ-ċirkumvenzjonijiet u l-konsegwenzi mhux intenzjonati tar-regoli attwali dwar l-allokazzjoni tal-PAK; jinnotta l-importanza ta' sistema ta' governanza trasparenti u b'saħħitha u jistieden ukoll lill-Kummissjoni żżid l-isforzi biex tipprevjeni u tidentifika l-frodi;
261. Huwa mħasseb dwar rapporti reċenti ta' każijiet allegati ta' kunflitti ta' interess ta' livell għoli u ħtif tal-art f'ċerti Stati Membri; jinnotta li, b'referenza għas-sjieda tal-art, huwa l-ewwel u qabel kollox għall-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri li jaġixxu u jistabbilixxu s-sistemi neċessarji biex jipprevjenu u jevitaw il-frodi; jissottolinja li l-allegazzjonijiet jew is-suspetti kollha rigward frodi u l-użu ħażin jew il-ġestjoni ħażina tal-fondi tal-Unjoni għandhom jiġu indirizzati lill-OLAF u lill-UPPE; f'dan ir-rigward, jinnotta l-importanza ta' sistema ta' governanza trasparenti u b'saħħitha u jistieden ukoll lill-Kummissjoni żżid l-isforzi biex tipprevjeni u tidentifika l-frodi;
262. Jirrikonoxxi l-proposta tal-Kummissjoni għal mudell ta' implimentazzjoni ġdid inkluż l-iffissar ta' limitu massimu flimkien ma' mekkaniżmu diġressiv biex tiżgura li l-fondi tal-PAK jitqassmu b'mod ponderat, b'tali mod li l-pagamenti għal kull ettaru jkunu inversament proporzjonali għad-daqs tal-azjenda agrikola/farm; huwa tal-fehma li l-iffissar ta' limiti massimi, bl-introduzzjoni ta' kumpens għax-xogħlijiet qabel ma jkun iffissat limitu massimu, huwa insuffiċjenti biex jiggarantixxi allokazzjoni aktar ġusta ta' pagamenti diretti; barra minn hekk, jappoġġa l-idea ta' mekkaniżmu ta' ridistribuzzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi proposta għal ammont massimu ta' pagamenti diretti għal kull persuna fiżika bħala s-sid benefiċjarju ta' kumpanija waħda jew aktar; jissottolinja li m'għandux ikun possibbli li jingħataw sussidji tal-UE li jammontaw għal mijiet ta' miljuni ta' euro f'perjodu wieħed ta' QFP;

Riżervi maħruġa mid-Direttur Ġenerali tad-DĠ AGRI

263. Japprova r-riżervi maħruġa mid-direttur ġenerali tad-DĠ AGRI fir-RAA tad-DĠ AGRI għall-2018 (fil-paġna 145);

Ir-Repubblika Ċeka

264. Jieħu nota tal-fatt li ⁽²⁵⁾:

- il-Kummissjoni bħalissa qed issegwi allegazzjonijiet ta' kunflitti ta' interess fir-Repubblika Ċeka fuq il-bażi tal-Artikolu 61 tar-Regolamenti Finanzjarji. F'Jannar-Frar 2019 sar awditu kkoordinat minn diversi servizzi tal-Kummissjoni (DĠ AGRI/DĠ REGIO/DĠ EMPL). Id-DĠ AGRI awditja l-miżuri ta' investiment fl-ambitu tal-Iżvilupp Rurali;
- l-inkjesta tal-Kummissjoni għadha għaddejjja, u bħala miżura ta' prekawzjoni u sakemm is-sitwazzjoni tiġi ċċarata, l-ebda pagament mill-baġit tal-Unjoni taħt il-Fondi SIE mhu qed isir lill-kumpaniji li huma direttament u indirettament proprjetà tal-PM Babiš li jistgħu potenzjalment ikunu affettwati mill-allegat kunflitti ta' interess;
- fir-rigward tal-Fond għall-Iżvilupp Rurali, il-Kummissjoni mhijiex tirrimborża lill-awtoritajiet Ċeki l-ammonti relatati mal-proġetti Agrofert li jistgħu potenzjalment ikunu affettwati mill-allegat kunflitti ta' interess;

⁽²⁵⁾ Ara t-tweġibiet għall-Mistoqsijiet bil-Miktub Nru 3 u Nru 18 matul is-seduta ta' smiġh tal-Kumitat CONT tad-Direttur Ġenerali tad-DĠ AGRI fis-17 ta' Ottubru 2019.

265. Jistieden lill-Kummissjoni, f'każ ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli, biex tiegħu miżuri xierqa biex tippoteġi l-baġit tal-Unjoni inklużi azzjonijiet korrettivi għall-passat fejn dan ikun previst;
266. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja b'kawtela l-proċess attwali fir-Repubblika Ċeka, billi tagħti attenzjoni partikolari lill-pagamenti li jsiru lil kumpaniji li huma direttament u indirettament proprjetà tal-Prim Ministru Ċek jew ta' Membri oħra tal-Gvern Ċek;
267. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja bir-reqqa l-proċess tal-irkupru ta' fondi użati ħażin sabiex tiżgura li r-Repubblika Ċeka tiegħu passi legali biex tinforza rimedju mingħand dawk responsabbli għall-użu ħażin tal-fondi tal-Unjoni;
268. Jistieden lill-Kummissjoni tinforma minnufih lill-kumitat responsabbli tal-Parlament u lill-pubbliku dwar ir-riżultati tal-awditi b'rispett sħiħ għall-prinċipji tat-trasparenza u taċ-ċertezza tad-dritt li huma parti mill-prinċipji tal-istat tad-dritt; jistieden lill-Kummissjoni tinforma lill-kumitat responsabbli tal-Parlament fil-każ li kwalunkwe kunflitt ta' interess possibbli relatat mal-Gvern Ċek ikompli wara li l-awditi jkunu tlestew uffiċjalment jew fil-każ li l-Awtoritajiet Ċeki joġġezzjonaw li jimplementaw xi miżura korrettiva għal raġunijiet politiċi jew raġunijiet mhux legali oħrajn;
269. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina bir-reqqa jekk is-sitwazzjoni politika fir-Repubblika Ċeka tirsipetta bis-sħiħ il-prinċipji tal-istat tad-dritt u tiegħu kwalunkwe pass raġonevoli biex tħares l-istat tad-dritt b'ħala wieħed mill-prinċipji ewlenin tal-Unjoni jekk issib li dan il-prinċipju huwa tabilħaqq mhedded;

Is-Slovakkja

270. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina bir-reqqa t-tweġibiet mogħtija f'Awwissu 2019 mill-awtoritajiet Slovakki dwar il-miżuri leġiżlattivi li qed jieħdu biex itejbu l-korrettezza u t-trasparenza tar-"Reġistru tal-Artijiet" (katast), is-segwitu għall-allegazzjoni ta' frodi, l-irkupri kif ukoll dwar metodoloġija ġdida implimentata mill-Aġenzija tal-Pagamenti (APA) Slovakka għat-trattament ta' talbiet doppji;
271. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli żżomm lill-Parlament infurmat b'mod f'waqtu dwar l-evoluzzjoni tal-fajls fir-Repubblika Ċeka u fis-Slovakkja;

L-Ungerija

272. Jinnota li fir-rigward tal-Ungerija, wara r-riżultati tal-investigazzjonijiet tal-OLAF, l-awditi tal-2015 u l-2017 tad-DG AGRI sabu nuqqas sistemiku ta' verifiki fir-rigward ta' kunflitt ta' interess fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku fl-ambitu tal-Programm tal-Iżvilupp Rurali 2007-2013;
273. Jilqa' l-fatt li:
- il-Kummissjoni ddeċidiet li tapplika korrezzjonijiet finanzjarji li jammontaw għal madwar EUR 6,5 miljun;
 - l-awtoritajiet Ungeriżi impenjaw ruħhom li jirrimedjaw is-sitwazzjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, inkluż li jaħtru kumpanija tal-awditjar biex twettaq ir-rieżami tal-proċessi tal-akkwist pubbliku;
274. Jistieden lid-DG AGRI jissorvelja mill-qrib is-sitwazzjoni fl-Ungerija u jirrapporta fil-ħin lill-Parlament dwar is-segwitu;

Ħtif tal-art

275. Jinnota bi tħassib li l-Kummissjoni tiddikjara ⁽²⁶⁾ li "Skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, il-benefiċjarji intitolati għall-ħlas huma dawk li jħaddmu l-art. L-irqajja' ddikjarati minn benefiċjarji hemm b'żonn li jkunu għad-dispożizzjoni tal-bidwi f'data ta' referenza partikolari stabbilita minn Stat Membru (...). Jekk l-art tkun meħuda bil-forza, allura jkun hemm kwistjoni ta' stat tad-dritt u s-sistema ġudizzjarja tal-Istat Membru għandha taġixxi. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni tista' tassisti lill-Istat Membru. Xi Stati Membri talbu lill-benefiċjarji jipprovdu evidenza li huma legalment intitolati li jħaddmu l-art. Oħrajn għażlu li dan ma jagħmluhx. Huwa f'idejn l-Istati Membri li jirregolaw din il-kwistjoni";
276. Jinsab imħasseb ferm dwar allegazzjonijiet serji ta' ħtif tal-art, xi kultant bl-appoġġ ta' strutturi oligarkiċi b'faċilitazzjoni potenzjali minn gvernijiet u awtoritajiet pubbliċi f'xi Stati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida komuni għall-kunflitti ta' interess ta' politiċi ta' livell għoli; ihegġegħ lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, biex jiżviluppaw strumenti legali effettivi biex jiġi rrispettat l-istat tad-dritt u jiġi evitat it-trawwim ta' strutturi oligarkiċi li jużaw il-fondi agrikoli tal-Unjoni; jirrikonoxxi l-miżuri meħuda mill-Kummissjoni, eż. is-sistema ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art f'xi Stati Membri, biex ittejjeb l-imparzjalità tal-ħidma tal-aġenziji tal-pagamenti kif ukoll tal-awtoritajiet tal-awditjar;

⁽²⁶⁾ Ara t-tweġiba għall-Mistoqsija bil-Miktub Nru 41 tal-kwestjonarju lill-Kummissarju Hogan għas-Seduta tal-Kumitat CONT fis-17 ta' Ottubru 2019.

277. Jiddispjaċih li, mit-tweġiba mogħtija mill-Kummissjoni, jidher li għas-servizzi tad-DĠ AGRI, ir-rispett tal-istat tad-dritt huwa prinċipalment kwistjoni li tikkonċerna l-Istati Membri;
278. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta biex temenda r-regoli tal-PAK bil-għan li tiġi evitata sitwazzjoni fejn il-fondi tal-Unjoni jitħallsu fir-rigward ta' art li tkun ittieħdet bil-forza, akkwistata b'mod illegali jew frodulent, jew li fir-rigward tagħha s-sjeda tkun ġiet iddikjarata b'mod falz, possibbilment mingħajr l-għarfien tas-sidien veri jew, fil-każ ta' art li hija proprjetà tal-istat, tal-korpi pubbliċi kkonċernati;
279. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmu li jiżgura li l-bdiewa/benefiċjarji affettwati jingħataw l-opportunità li jressqu lment mal-Kummissjoni f'każ ta' ħtif tal-art, u li jkunu jistgħu jibbenefikaw minn mekkaniżmi ta' protezzjoni adegwati;
280. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura sew li l-istat tad-dritt jiġi applikat fl-Istati Membri kollha u tiżgura li s-sistema ġuridika tkun kapaċi taħdem b'mod indipendenti biex tiggarantixxi investigazzjonijiet indipendenti tal-kawżi legali; jilqa' l-applikazzjoni ta' kundizzjonalitajiet possibbli aktar stretti fil-finanzjament tal-PAK;
281. Jistieden lill-Kummissjoni tirreżamina u tanalizza l-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Istati Membri li jevitaw il-ħtif tal-art u tifformula gwida dwar l-aħjar prattiki; jistieden lill-Istati Membri japplikaw prattiki leġiżlattivi tajbin maħsuba biex jirrestrinġu l-ħtif tal-art; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi għall-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' frodi; iħeġġeġ lill-Istati Membri, flimkien mal-Kummissjoni, biex jiżviluppaw strument legali xieraq fil-livell tal-UE ħalli jiġi evitat il-ħtif tal-art;
282. Ifakkar fil-pożizzjoni tal-Parlament ⁽²⁷⁾ dwar il-konċentrazzjoni tal-art agrikola u jsaħħaħ l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi servizz osservatorju għall-ġbir ta' informazzjoni u data fil-livell tal-konċentrazzjoni u l-pussess tal-art agrikola fl-Unjoni kollha; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu mis-sistemi u l-bażijiet ta' data għad-dispożizzjoni tagħha, u tikkombinahom, sabiex tidentifika s-sidien benefiċjarji aħħarin fil-każ ta' azjendi agrikoli li jiffurmaw parti minn struttura korporattiva akbar; jinnota l-iżvilupp ta' reġistru tan-negozju fl-Unjoni kollha, li b'hekk jorbot l-azjendi agrikoli ma' identifikatur uniku tan-negozju fil-livell tal-Unjoni, biex jiddistingwi aħjar id-destinazzjoni finali tal-fondi tal-PAK;

Skema għall-bdiewa żgħażaġh

283. Jilqa' l-fatt li skont l-Agriview Data tal-Kummissjoni ⁽²⁸⁾ "data provviżorja tissuġġerixxi li l-għadd totali ta' benefiċjarji żdied fis-sena tat-talba 2018 b'xi 28 %, minn 364 153 għal 466 006. L-ammont totali żdied b'53 %, minn EUR 390 miljun fl-2017 għal EUR 600 miljun fl-2018" (AGRIVIEW DATA);
284. Jiddispjaċih li, f'dak li jikkonċerna l-appoġġ lill-bdiewa żgħażaġh permezz ta' skemi ta' żvilupp rurali, il-Qorti kkonkludiet fir-Rapport Speċjali tagħha Nru 10/2017 li l-miżuri huma ġeneralment ibbażati fuq valutazzjoni tal-ħtiġijiet vaga u li ma hemmx koordinazzjoni reali bejn il-pagamenti tal-Pilastru I u l-appoġġ tal-Pilastru II għall-bdiewa żgħażaġh;
285. Jistieden lill-Kummissjoni ssegwi r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Qorti għal dak li jikkonċerna l-perjodu ta' programmazzjoni wara l-2020 u, b'mod partikolari, tadotta (jew tobbliga lill-Istati Membri jindikaw, f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni kondiviża) loġika ċara ta' intervent għall-istrumenti tal-politika li jindirizzaw it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura; jipproponi li l-loġika ta' intervent għandha tinkludi:

— valutazzjoni soda tal-ħtiġijiet tal-bdiewa żgħażaġh;

— valutazzjoni ta' liema ħtiġijiet jistgħu jiġu indirizzati mill-istrumenti tal-politika tal-Unjoni u liema ħtiġijiet jistgħu, jew diġà qegħdin, jiġu indirizzati aħjar mill-politiki tal-Istati Membri, kif ukoll analiżi ta' liema forum ta' appoġġ (eż. pagamenti diretti, somom f'daqqa, strumenti finanzjarji) huma l-aktar adatti biex jaqblu mal-ħtiġijiet identifikati;

— definizzjoni tal-oġġettivi SMART, li permezz tagħha r-riżultati mistennija tal-istrumenti tal-politika jsiru espliċiti u kwantifikabbli, f'termini tar-rata mistennija ta' tiġdid ġenerazzjonali u tal-kontribut għall-vijabbiltà tal-azjendi li jingħataw appoġġ;

⁽²⁷⁾ Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' April 2017 dwar is-sitwazzjoni attwali tal-konċentrazzjoni tal-art agrikola fl-UE: kif niffaċilitaw l-aċċess tal-bdiewa għall-art (ĠU C 298, 23.8.2018, p. 112).

⁽²⁸⁾ Ara t-tweġiba għall-Mistoqsija bil-Miktub Nru 39 tal-kwestjonarju lill-Kummissarju Hogan għas-Seduta tal-Kumitat CONT fis-17 ta' Ottubru 2019.

Ewropa Globali*Is-sejbiet tal-Qorti*

286. Jilqa' l-evoluzzjoni pożittiva tar-RER kif stabbilit mill-istudju dwar ir-RER ikkummissjonati mid-DĠ DEVCO u mid-DĠ NEAR ⁽²⁹⁾;
287. Jinnota bi tħassib, fir-rigward tal-istudju dwar ir-RER tad-DĠ NEAR, li, skont il-Qorti:
- hemm lok għal titjib fil-grad ta' diskrezzjoni mogħtija lill-awdituri meta jkunu qed jagħmlu stima tal-iżbalji għal tranżazzjonijiet individwali;
 - meta mqabbel mal-2017, l-għadd ta' tranżazzjonijiet fejn ma twettaq l-ebda ttestjar sostantiv minħabba d-dipendenza sħiħa minn xogħol ta' kontroll preċedenti rdoppja fl-2018;
 - id-dipendenza eċċessiva fuq ix-xogħol tal-awditjar imwettaq minn oħrajn tista' taffettwa l-ilħuq tal-objettiv prinċipali tal-istudju dwar ir-RER billi taffettwa r-RER;
288. Jinnota bi tħassib kbir, fir-rigward tal-istudju dwar ir-RER tad-DĠ DEVCO li:
- l-istudju dwar ir-RER ma jikkostitwix impenn ta' aċċertament jew awditu;
 - il-kuntrattur RER għandu margġni ta' interpretazzjoni sinifikanti u l-kuntratt tal-istudju dwar ir-RER huwa konkluż kull darba għal sena waħda biss u għalhekk il-kuntrattur u l-approċċ jistgħu jinbidlu kull sena;
 - il-Qorti identifikat nuqqasijiet, bħall-għadd żgħir ħafna ta' verifiki fuq il-post imwettaq għat-tranżazzjonijiet, il-verifiki mhux kompluti tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku u s-sejħiet għal proposti, kif ukoll l-istima tal-iżbalji;
 - il-Qorti identifikat żbalji u inkonsistenzi fil-kalkolu u l-estrapolazzjoni ta' żbalji individwali;
 - il-Qorti osservat żbalji fid-dokumenti ta' ħidma tal-kuntrattur, bħal żbalji aritmetiċi u l-fatt li l-verifiki ma kinux ikopru l-kriterji kollha ta' eliġibbiltà tal-infiq;
 - fil-każ ta' ebda ttestjar sostantiv minħabba d-dipendenza fuq kontroll preċedenti, l-iżbalji identifikati mill-kontrolli preċedenti mhumiex estrapolati għall-parti mhux ittestjata tal-infiq, li jnaqqas ir-rata ta' żball;
289. Jinnota li l-Qorti qieset li l-għadd ta' tranżazzjonijiet awditjati fl-2018 ma kienx biżżejjed biex jiġi stmat il-livell ta' żball u li ħadet din id-deċiżjoni wara l-istrategġija ġenerali tagħha li tnaqqas l-ittestjar sostantiv tagħha u tiddependi parzjalment fuq l-hekk imsejjaħ "xogħol ta' ħaddieħor"; jipproponi li l-Qorti żżid l-għadd ta' tranżazzjonijiet awditjati sabiex ttiprovdi stima tal-livell ta' żball għall-kapitolu Ewropa Globali;
290. Jiddispijaċih li l-Qorti qieset li l-għadd ta' tranżazzjonijiet awditjati fl-2018 ma kienx biżżejjed biex jiġi stmat il-livell ta' żball u li ħadet din id-deċiżjoni wara l-istrategġija ġenerali tagħha li tnaqqas l-ittestjar sostantiv tagħha u tiddependi parzjalment fuq l-hekk imsejjaħ "xogħol ta' ħaddieħor";
291. Jirrimarka li mit-58 tranżazzjoni eżaminati mill-QEA, 11 kienu affettwati minn żbalji u li l-Qorti identifikat ħames żbalji kwantifikabbli li kellhom impatt finanzjarju fuq l-ammont iddebitat lill-baġit tal-Unjoni;
292. Jinnota bi tħassib li, minkejja r-riżultati tajbin f'termini ta' rata ta' żball, id-DĠ DEVCO fir-RAA tiegħu għall-2018:
- jindika li, fir-rigward tal-għotjiet b'ġestjoni diretta, 4,64 % tal-ammont totali awditjat fl-2018 ġie identifikat bħala mhux eliġibbli mill-awdituri esterni (fil-paġna 57);
 - isemmi li, fil-ġestjoni indiretta ma' pajjiżi benefiċjarji, 3,77 % tal-ammont mhuwiex eliġibbli (fil-paġna 66);
293. Jiddispijaċih li l-Qorti esperjenzat nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa ta' żewġ organizzazzjonijiet internazzjonali: il-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal u l-Programm Dinji tal-Ikel, biex jibagħtu fil-ħin id-dokumenti ġustifikattivi essenżjali;

⁽²⁹⁾ DĠ DEVCO: 0,85 % fl-2018 meta mqabbla ma' 1,18 % fl-2017, 1,67 % fl-2016 u 2,2 % fl-2015; DĠ NEAR: 0,72 %.

294. Jiddispijaċih li l-Qorti sabet li minkejja l-isforzi biex jiġu esklużi mill-kalkolu tagħha l-irkupri dwar il-prefinanzjament, l-ordnijiet ta' rkupru kkanċellati u l-imgħax iggwadanjat, l-affidabbiltà ta' ċifri tal-2018 rigward il-kapaċità korrettiva tad-DĠ ECHO hija kompromessa minħabba żbalji mhux identifikati li wasslu għal dikjarazzjoni eċċessiva tal-kapaċità korrettiva tagħha;
295. Jirrimarka li l-ewwel riżerva inkluża fir-RAA tad-DĠ DEVCO għall-2018 hija relatata ma' għotjiet ġestiti mid-DĠ NEAR fisem id-DĠ DEVCO u li l-portata ta' din ir-riżerva saret aktar stretta b'mod sinifikanti kemm fl-2017 kif ukoll fl-2018 u din ġrat parzjalment minħabba li r-RER kienet għal tliet snin konsekuttivi taħt il-livell limitu ta' materjalità;
296. Jinnota bi tħassib kbir li meta jitqiesu l-limitazzjonijiet tal-istudju dwar ir-RER, il-portata ristretta ta' din ir-riżerva mhijiex iġġustifikata b'mod suffiċjenti;
297. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-azzjonijiet multimedjali tal-Kummissjoni, li jikkontribwixxu għal kopertura tal-media indipendenti dwar l-affarijiet tal-Unjoni u jgħinu fil-promozzjoni ta' sfera pubblika Ewropea komuni; madankollu, jinsab allarmat bil-konklużjonijiet tar-rieżami tal-każ Rapid tal-Qorti dwar il-Euronews, li jenfasisza li l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni lill-Euronews huwa nieqes minn trasparenza u obbligu ta' rendikont, u li l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni mhumiex robusti biżżejjed; għalhekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni twieġeb għad-dubbi kollu li għandha l-Qorti u tivvaluta mill-ġdid l-approċċ tagħha fil-kooperazzjoni mal-Euronews; barra minn hekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid b'mod ġenerali t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-baġit użat għall-azzjonijiet multimedjali, b'mod partikolari billi toħloq linji baġitarji speċifiċi relatati mal-azzjonijiet differenti, kif ukoll twestaq rieżami fuq skala sħiħa tal-użu tal-linja baġitarja;

Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Assistenza Esterna

298. Jiddispijaċih, għal darb'oħra, li r-rapporti dwar il-ġestjoni tal-assistenza esterna (RĠAE) maħruġa mill-kapijiet tad-Delegazzjoni tal-Unjoni mhumiex mehmuża mar-RAA tad-DĠ DEVCO u tad-DĠ NEAR, kif previst fl-Artikolu 76(3) tar-Regolament Finanzjarju;
299. Jilqa' l-fehma espressa mill-Kummissjoni ⁽³⁰⁾ li r-RĠAE jistgħu jiġu kondiviżi bejn il-Membri u l-uffiċjali tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Qorti bi kwalunkwe mezz (email, kopji) u li ma hemm l-ebda obbligu li daww id-dokumenti jiġu kkonsultati f'kamra sigura;

Aktar trasparenza u approċċ aktar strateġiku tal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp

300. Jirrimarka li l-akkomunament ta' riżorsi mill-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ), mill-baġit tal-Unjoni u minn donaturi oħra f'fondi fiduċjarji ma għandux ikollu bħala konsegwenza li l-flus maħsuba għall-politika tal-iżvilupp u ta' kooperazzjoni ma jaslux għand il-benefiċjarji normali tagħhom;
301. Jenfasizza li l-użu dejjem akbar ta' mekkaniżmi finanzjarji biex jiġu stabbiliti l-politiki tal-Unjoni fil-pajjiżi terzi, id f'id mal-baġit tal-Unjoni, għandu r-riskju li jimmina l-livell tal-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza tal-azzjoni tal-Unjoni; jinsisti li l-Kummissjoni tiżgura li l-għoti ta' għajnuna esterna jkun soġġett għall-istat tad-dritt u għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi destinatari; jenfasizza, b'mod partikolari, il-ħtieġa li jiġi ggarantit li l-ebda fond tal-Unjoni ma jappoġġa t-tħaddim furzat tat-tfal u li l-ebda fond tal-Unjoni ma jintuża biex jiġu ffinanzjati kotba tal-iskola u materjal edukattiv li jinċitaw ir-radikalizzazzjoni reliġjuża, l-intolleranza, il-vjolenza etnika u biex it-tfal imutu martirju;
302. Jinsab imħasseb li l-materjal problematiku f'kotba tal-iskola Palestinjani għadu ma tneħħix u jinsab imħasseb dwar in-nuqqas kontinwu ta' azzjoni effettiva kontra d-diskors ta' mibegħda u l-vjolenza fil-kotba tal-iskola; jinsisti li s-salarji tal-għalliema u tal-uffiċjali ċivili fis-settur tal-edukazzjoni li huma ffinanzjati mill-fondi tal-Unjoni, bħall-PEGASE, jintużaw għall-abbozzar u t-tagħlim tal-kurrikuli li jirriflettu l-istandards tal-UNESCO tal-paċi, it-tolleranza, il-koeżistenza u n-nonvjolenza, kif kien deċiż mill-ministri tal-edukazzjoni tal-Unjoni f'Pariġi fis-17 ta' Marzu 2015; u d-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' April 2018 dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016, Taqsima III — Il-Kummissjoni ⁽³¹⁾;
303. Jinnota li sabiex ikun hemm kooperazzjoni għall-iżvilupp aktar effiċjenti, il-Kummissjoni tista' tuża fondi tal-Unjoni għal skopijiet ta' sigurtà; jeħtieġ li jiġu żgurati bażi ġuridika xierqa u t-trasparenza sħiħa tal-azzjonijiet iffinanzjati;

⁽³⁰⁾ Ara t-tweġiba tal-Kummissarju Mimica għall-mistoqsija bil-miktub 51 (smiġ tal-Kumitat CONT tat-28 ta' Novembru 2019).

⁽³¹⁾ ĠU L 248, 3.10.2018, p. 27.

304. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li, minħabba riskji ta' sigurtà, ħafna drabi l-awdituri ma jkunux jistgħu jivverifikaw, f'ħafna pajjiżi bħal pereżempju fil-Libja, jekk il-benefiċjarji tal-fondi tal-Unjoni humiex qed jirrispettaw standards għoljin fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-FEŻ u l-baġit tal-Unjoni ma jiffinanzjawx proġetti permezz tal-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-Unjoni (EUTF) implimentati mill-forzi governattivi u lokali (milizzji) li jkunu involuti fi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, speċjalment f'pajjiżi bħal-Libja u s-Sudan; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra twaqqaf l-għajnuna tal-Unjoni f'każ li l-awdituri indipendenti tagħha ma jkunux jistgħu jivverifikaw għal darb'oħra l-użu effettiv tal-flus tal-Unjoni f'dawn il-pajjiżi;
305. Jesprimi tħassib kbir għall-mod li bih il-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza għall-Afrika qiegħed jintuża biex jiffinanzja l-Gwardja tal-Kosta Libjana mingħajr ma jiġi kkunsidrat il-ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem li qiegħed jiġi kkommiss fil-Libja;
306. Jiddeplora r-rwol limitat tal-Parlament fis-superviżjoni u l-governanza tal-EUTF; iqis li huwa fundamentali li l-Parlament ikun jista' jissorvelja l-attivitajiet tal-Kumitat Operattiv⁽³²⁾;
307. Ifakkar li l-possibbiltà li l-Kummissjoni toħloq u tiġġestixxi fondi fiduċjarji tal-Unjoni hija maħsuba biex:
- issaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-Unjoni, kif ukoll issaħħaħ il-viżibbiltà u l-effiċjenza tal-azzjoni esterna u tal-għajnuna għall-iżvilupp tagħha;
 - tipprevedi proċess aktar mgħaġġel ta' teħid ta' deċiżjonijiet fl-għażla tal-miżuri li jridu jiġu implimentati, li huwa kruċjali f'azzjonijiet ta' emerġenza u ta' wara emerġenza;
 - tiżgura l-ingranaġġ tar-riżorsi addizzjonali ddedikati għall-azzjoni esterna; u
 - żżid, permezz tal-akkomunament tar-riżorsi, il-koordinazzjoni bejn donaturi differenti tal-Unjoni f'ċerti oqsma ta' intervent;
 - ttipprovi lill-manijers tal-Fond Fiduċjarju bi prijoritajiet strateġiċi u linji gwida ffukati fuq l-iżgurar ta' riżultati u impatti tanġibbli;
308. Jissottolinja l-fatt li l-użu dejjem akbar ta' mekkaniżmi finanzjarji oħra biex il-politiki tal-Unjoni jiġu attwati id f'id mal-baġit tal-Unjoni għandu r-riskju li jimmina dan il-livell ta' obbligu ta' rendikont u trasparenza, peress li l-arranġamenti ta' rappurtar, ta' awditjar u ta' skrutinju pubbliku mhumiex allinjati.
309. Jinnota bi tħassib in-numru għoli ta' kuntratti mogħtija lil numru ferm limitat ta' aġenziji nazzjonali tal-iżvilupp, Jinnota li l-ħamsin l-akbar kuntratt (għotjiet u akkwisti) u l-Ftehimiet ta' Delega attribwiti sa mill-2010 lill-aġenziji nazzjonali ngħataw lill-aġenziji ta' seba' nazzjonalitajiet biss b'konċentrazzjoni għolja skont il-pajjiż (42 %, 25 % u 17 % tal-ammont totali mogħti rispettivament lill-akbar tliet benefiċjarji⁽³³⁾); iwissi dwar ir-riskju ta' rinazzjonalizzazzjoni tal-politiki tal-UE dwar l-iżvilupp, il-kooperazzjoni u l-viċinat u influwenza dejjem akbar fuqhom, li jmur kontra l-integrazzjoni akbar tant mixtieqa tal-politika esterna tal-Unjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel aċċessibbli għall-pubbliku l-valutazzjoni tal-pilastru; jistieden lill-Kummissjoni tirreżamina u tikkonsolida l-monitoraġġ tal-proċeduri tal-offerti u tal-għoti ta' kuntratti biex tevita kwalunkwe tgħawwiġ tal-kompetizzjoni fost dan in-numru limitat ta' aġenziji nazzjonali sussidjati bil-kbir u entitajiet pubbliċi/privati oħrajn b'vokazzjoni Ewropea ċara;
310. Jesiġi li, fil-ftehimiet ta' kontribuzzjoni li tikkonkludi ma' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni (aġenziji tan-NU, aġenziji tal-iżvilupp tal-Istati Membri), il-Kummissjoni tinkludi klawsooli ċari u trasparenti dwar id-drittijiet tal-bniedem sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn l-UE tista' tiffinanzja indirettament proġetti li jmorru kontra d-drittijiet tal-bniedem;

Rakkomandazzjonijiet

311. Jistieden lill-Kummissjoni:

— tieħu passi biex tirrinforza l-obbligu fuq l-organizzazzjonijiet internazzjonali biex jippreżentaw lill-Qorti, fuq talba tagħha stess, kull dokument jew informazzjoni neċessarja sabiex twettaq ix-xogħol tagħha, kif previst fit-Trattati;

⁽³²⁾ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020 P9_TA(2019)0038, paragrafu 51.

⁽³³⁾ Ara t-tweġiba u l-anness tal-mistoqsija bil-miktub Nru 4 tal-mistoqsijiet ta' segwitu lill-Kummissarju Mimica għas-Seduta tal-Kumitat CONT fit-18 ta' Novembru 2019.

- tadatta l-metodoloġija tar-RER tad-DĠ NEAR u tad-DĠ DEVCO biex tillimita d-deċiżjonijiet dwar "dipendenza sħiħa", tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tagħha u tirrimedja n-nuqqasijiet kollha identifikati mill-Qorti;
 - tirrevedi l-kalkolu tad-DĠ ECHO tal-kapaċità korrettiva għall-2019, billi teskludi l-irkupri ta' prefinanzjament li ma jkunx intnefaq;
 - tindika fl-ittra tagħha li takkompanja r-RĠAE li dawk id-dokumenti jistgħu jiġu kondiviżi bejn il-Membri u l-uffiċjali tal-Parlament bi kwalunkwe mezz (email, kopji) u li ma hemm l-ebda obbligu li dawk id-dokumenti jiġu kkonsultati f'kamra sigura;
 - tikkunsidra li ttejjem il-fondi fiduċjarji li ma jkunux jistgħu jattiraw kontribuzzjonijiet sinifikanti minn donaturi oħra jew li ma jilhqax l-oġettivi u l-miri tagħhom;
 - tissorvelja b'mod regolari u sistematiku jekk l-impatti potenzjali ta' attivitajiet u proġetti ffinanzjati fuq id-drittijiet fundamentali humiex identifikati u effettivament mitigati;
 - tiżgura li l-ebda fond tal-Unjoni ma jappoġġa t-tħaddim furzat tat-tfal;
 - tiżgura li l-entitajiet terzi kollha jużaw biss il-fondi tal-Unjoni biex jipprovdu kotba tal-iskola u materjal tat-tagħlim li jirriflettu valuri komuni u jikkonformaw bis-sħiħ mal-istandards tal-UNESCO li jippromwovu l-paċi, it-tolleranza u l-koeżistenza fl-edukazzjoni skolastika;
 - tiżgura li l-fondi tal-Unjoni ma jintużawx għal skopijiet differenti mill-oqsma assenjati;
 - tipprovi informazzjoni dettaljata dwar id-deċiżjonijiet meħuda fil-Kumitat Operattiv u tiżgura li l-Parlament ikun irrappreżentat fil-laqgħat tiegħu ⁽³⁴⁾;
312. Jinsisti li kriterju importanti, biex il-Kummissjoni tipprijoritizza l-għajnuna esterna, għandu jkun il-preżenza tal-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż destinatariju; jinsisti li l-Kummissjoni għandha tivverifika bir-reqqa l-użu tal-fondi tal-Unjoni minn entitajiet terzi biex tiżgura li l-ebda fond ma jkun allokat jew marbut ma' xi kawża jew forma ta' terroriżmu u/jew radikalizzazzjoni reliġjuża u politika;
- Rapport Speċjali Nru 35/2018 tal-Qorti: Trasparenza fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE mill-NGOs: jeħtieġ li jsiru aktar sforzi*
313. Jirrikonoxxi r-rwol importanti li għandhom l-NGOs indipendenti fl-Unjoni u lil hinn minnha; jirrikonoxxi l-kontribut kritiku tas-soċjetà ċivili mad-dinja kollha biex tippromwovi u tiddefendi d-drittijiet tal-bniedem, tikkontribwixxi għall-iżvilupp u ttiproteġi d-demokrazija, filwaqt li tagħti għajnuna umanitarja; iqis il-fatt li xi wħud joperaw f'kuntast diffiċli ħafna jew perikoluż, jew f'żoni fejn il-kontribut tagħhom huwa indispensabbli: jippromwovu l-inklużjoni soċjali u l-impjiegi, kif ukoll jiżguraw l-aċċess għall-edukazzjoni, għas-saħħa u jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-ambjent u għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni;
314. Jinnota li l-Kummissjoni timplimenta 1,7 % tal-baġit tal-Unjoni u 6,8 % tal-FEŻ permezz ta' interventi tal-NGOs;
315. Jistieden lill-Kummissjoni tippromponi definizzjoni armonizzata tal-NGOs kompatibbli mal-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri;
316. Jirrimarka li t-trasparenza hija wieħed mill-prinċipji baġitarji stabbiliti mir-Regolament Finanzjarju; din tirrikjedi li l-Kummissjoni tagħmel disponibbli, bi kwalunkwe mod xieraq u f'waqtu, informazzjoni dwar il-benefiċjarji tal-fondi tal-Unjoni;
317. Jirrikonoxxi li nuqqasijiet simili bħal dawk irrappurtati li jikkonċernaw l-NGOs huma rilevanti għall-benefiċjarji kollha tal-UE, bħall-kumpaniji privati, l-awtoritajiet pubbliċi, eċċ.;
318. Jenfasizza li l-Qorti identifikat ħames elementi fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni mill-NGOs fejn il-Kummissjoni mhijiex trasparenti biżżejjed:
- il-klassifikazzjoni tal-NGOs fis-sistema tal-kontabbiltà ABAC tal-Kummissjoni;
 - ir-reġistrazzjoni ta' informazzjoni dwar il-fondi u l-attivitajiet implimentati mill-NGOs;

⁽³⁴⁾ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2019, paragrafu 51.

- il-ġbir u l-verifika, min-naħa tal-Kummissjoni, ta' informazzjoni dwar fondi tal-Unjoni implimentati mill-NGOs;
 - dgħufijiet fl-informazzjoni żvelata dwar il-pagamenti attwali jew dwar entitajiet li jirċievu finanzjament permezz ta' sottogħotjiet;
 - l-informazzjoni inkompleta pprovduta mill-korpi tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-kuntratti mogħtija lill-NGOs;
319. Jinnota li l-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti issa huma diġà koperti mir-Regolament Finanzjarju kif adottat fl-2018 u li l-Kummissjoni diġà implimentat ħafna mir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti; jistieden lill-Kummissjoni tiffoka fuq l-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet li għandhom ikunu applikabbli għall-benefiċjarji kollha tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament Finanzjarju u l-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni;
320. Jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa malajr gwida u kriterji biex l-NGOs ikunu identifikati fis-sistema ta' kontabbiltà tagħha u biex tivverifika d-data awtodikjarata ppreżentata mill-applikanti;
321. Josserva li, għal kull DG, hemm sistemi ta' reġistrazzjoni differenti biex jirreġistraw l-applikanti għall-fondi tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni toħloq punt ta' dħul uniku sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tad-data fis-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja u biex twaqqaf kriterji u linji gwida għad-definizzjoni ta' NGOs u ta' kategoriji oħra ta' benefiċjarji;
322. Jistieden lill-Kummissjoni teskludi NGOs jew kwalunkwe applikant ieħor li jippreżentaw b'mod ripetut jew intenzjonali dikjarazzjonijiet foloz fir-rigward ta' żbalji li jkunu saru fil-qafas ta' esperjenzi preċedenti, u tivverifikahom aktar bir-reqqa;
323. Jilqa' l-isforzi tar-regolamenti finanzjarji ġodda għas-simplifikazzjoni, bħall-introduzzjoni ta' valutazzjoni tal-pilastru *ex ante* u jitlob lill-Kummissjoni tapplika interpretazzjoni konsistenti tar-regoli applikabbli tar-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari fir-rigward tas-sottogħotjiet fost is-servizzi differenti, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifitàjiet settorjali;
324. Jitlob lill-Kummissjoni tistandardizza u ttejjeb il-preċiżjoni tal-informazzjoni ppubblikata fis-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja, filwaqt li tiżgura li l-benefiċjarji kollha kkuntrattati mal-Unjoni jiġu żvelati, flimkien mal-ammont tal-finanzjament mogħti lilhom sa nofs l-2021;
325. Jiddispaċiħ li l-Kummissjoni ma vverifikatx jekk il-korpi tan-Nazzjonijiet Uniti jiżvelawx informazzjoni dwar l-għotjiet mogħtija b'finanzjament mill-Unjoni jew le; jeżiġi li l-Kummissjoni twettaq daww il-verifiki b'mod konsistenti;
326. Jitlob lill-Kummissjoni ttejjeb l-informazzjoni miġbura, billi tippermetti diversi sistemi ta' ġestjoni tal-għotjiet li jirreġistraw il-finanzjament li jkunu rċevew il-benefiċjarji kollha kkuntrattati mill-Unjoni, u mhux biss il-benefiċjarju ewlieni, billi tagħmel din l-informazzjoni utillizzabbli għall-analiżi u t-trattament u tilqa', f'dan il-kuntest, il-varar li jmiss tal-OPSYS fil-kuntest tal-finanzjament estern tal-Unjoni;
327. Itenni t-talba urġenti lill-Kummissjoni biex timplimenta d-deċiżjonijiet ġudizzjarji kemm tal-Qorti tal-Ġustizzja ⁽³⁵⁾ kif ukoll tal-Qorti Permanenti ta' Arbitraġġ ⁽³⁶⁾ u biex tirrikonoxxi bis-sħiħ l-istatus tal-Grupp ta' Ġestjoni Internazzjonali bħala organizzazzjoni internazzjonali;
328. Jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza malajr kemm jista' jkun dwar il-miżuri meħuda;

Sigurtà u ċittadinanza

Is-sejbiet tal-Qorti

329. Jilqa' l-fatt li għat-tielet sena konsekuttiva, il-Qorti pprovdiet kapitolu separat dwar is-Sigurtà u ċ-Ċittadinanza fir-Rapport Annwali tagħha; jieħu nota tal-fatt li s-sejbiet tal-Qorti ma jipprovdwx rata ta' żball speċifika għal dan il-qasam ta' nfiq minħabba li jirrappreżenta biss madwar 2 % tal-baġit totali tal-Unjoni;
330. Jirrimarka li l-interess pubbliku u politiku f'dan il-qasam huwa ferm ogħla mis-schem finanzjarju tiegħu; jistieden lill-Qorti tikkunsidra l-awditjar ta' tranżazzjonijiet addizzjonali u tipprovdi estimu tal-livell ta' żball għall-kapitolu Sigurtà u Ċittadinanza;

⁽³⁵⁾ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-31 ta' Jannar 2019, *International Management Group v Il-Kummissjoni Ewropea*, Kawżi Magħquda C-183/17 P u C-184/17 P, ECLI:EU:C:2019:78.

⁽³⁶⁾ Il-Qorti Permanenti ta' Arbitraġġ, Kawża Nru 2017-03.

331. Jirrimarka li, skont il-Qorti, għad hemm marġni għal użu aħjar tal-fondi tal-UE taħt dan il-perjodu ta' program-mazzjoni billi jiġi żgurat li l-Istati Membri jirrimborżaw azzjonijiet biss meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha għall-pagament jew meta l-kuntratti jingħataw biss wara li tkun saret evalwazzjoni xierqa u konsistenti tal-kriterji kollha tal-għażla u tal-għoti;
332. Jinnota li l-Istati Membri żiedu b'mod sinifikanti r-rata ta' implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali tagħhom tal-AMIF/FSI; huwa mħasseb, madankollu, dwar il-fatt li l-valur tal-ammonti li ma jintefqux ikompli jogħla, u dan jista' jżid il-pessjoni fuq l-awtoritajiet nazzjonali hekk kif il-programmi joqorbu lejn l-ghelug tagħhom;
333. Jinnota li l-awditu tal-Qorti tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll ta' seba' ⁽³⁷⁾ awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-implimentazzjoni ta' programmi nazzjonali tal-AMIF/FSI wera li b'mod ġenerali dawn kellhom fis-seħħ biżżejjed kontrolli biex jindirizzaw ir-rekwiżiti tar-regolamenti, għalkemm instabu xi dgħufijiet (fil-punt 8.10 tar-rapport annwali tal-Qorti għall-2018); jinnota li l-istess jgħodd għall-proċeduri interni tad-DĠ HOME għall-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet għal għotjiet u għall-awtorizzazzjoni tat-talbiet għall-pagamenti (fil-punt 8.13 tar-rapport annwali tal-Qorti għall-2018);
334. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li, meta tkun qed twettaq verifiki amministrattivi tat-talbiet għall-pagamenti, tuża b'mod sistematiku d-dokumentazzjoni li hija tkun talbet lill-benefiċjarji tal-għotjiet tagħha jipprovdu, sabiex teżamina b'mod xieraq il-legalità u r-regolarità tal-proċeduri ta' akkwist li dawn il-benefiċjarji jkunu organizzaw;
335. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti istruzzjonijiet lill-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli mill-programmi nazzjonali tal-AMIF u l-FSI biex jivverifikaw b'mod adegwat il-legalità u r-regolarità tal-proċeduri ta' akkwist organizzati mill-benefiċjarji tal-fondi meta jkunu qed iwettqu verifiki amministrattivi tat-talbiet għall-pagamenti;
336. Jinnota bi tħassib li, fir-rigward tal-prestazzjoni, il-Qorti tindika fir-rapport annwali tagħha għall-2018 (fil-punti 8.19 u 8.20) li l-Istati Membri mhux dejjem jużaw indikaturi xierqa fil-livell tal-proġett u, b'riżultat ta' dan, l-impatt tal-proġetti ffinanzjati ma jistax jitkejjel b'mod preċiż;

RAA tad-DĠ HOME għall-2018

337. Jilqa' l-enfasi li għamlet il-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' sistema strutturata fil-livell tal-Unjoni dwar ir-risistemazzjoni li twitti triq legali u sikura lejn l-Unjoni għall-persuni vulnerabbli fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali;
338. Jiddispijaċi għall-fatt li s-sitwazzjoni attwali fxi wħud mill-hotspots kofinanzjati mill-Unjoni ma tikkorrispondix għall-aħjar Prattiki u standards fir-rigward b'mod partikolari tal-ikel u l-kura tas-saħħa;
339. Jiddispijaċi għall-fatt li d-DĠ HOME ma stabbilixxa ebda KPI rigward is-sitwazzjoni tal-migranti l-aktar vulnerabbli, u b'mod partikolari tat-tfal migranti u tan-nisa u l-bniet migranti, bil-għan li jipprevjeni u jevita l-abbużi u t-traffikar; jiddeplora l-użu sistematiku tad-detenzjoni;

Riżervi

340. Jiddispijaċi għall-fatt li, meta wieħed iqis li l-ambitu tar-riżerva mhuwiex daqshekk kbir, jieħu żmien daqshekk twil biex jissolvew il-problemi identifikati fil-Ġermanja mill-2013 'l hawn;
341. Jinsab imħasseb dwar id-dgħufijiet sinifikanti identifikati fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO), li ġġustifikaw l-adozzjoni ta' riżerva abbażi ta' raġunijiet ta' reputazzjoni;
342. Jinnota r-riżervi maħruġa mid-direttur ġenerali tad-DĠ HOME fir-RAA tad-DĠ HOME (p. 108);

Rakkomandazzjonijiet

343. Jirrakkomanda li:
- il-Qorti tkompli tipprovdi kapitolu separatu għas-sigurtà u ċ-ċittadinanza fir-rapport annwali tagħha;
 - id-DĠ HOME jintroduċi KPI rigward is-sitwazzjoni tal-migranti l-aktar vulnerabbli, u b'mod partikolari tat-tfal migranti u tan-nisa u l-bniet migranti, bil-għan li jipprevjeni u jevita l-abbużi u t-traffikar;

⁽³⁷⁾ Il-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, il-Greċja u l-Iżvezja għall-AMIF; il-Litwanja u r-Rumanija għall-FSI.

- il-Kummissjoni teħtieġ lill-Istati Membri, fil-kontijiet annwali tal-programmi nazzjonali tal-AMIF u tal-FSI tagħhom, jisseparaw l-ammonti li jirrapportaw skont jekk dawn ikunux irkupri, pefinanzjamenti jew nefqa li verament tkun iġġarrbet; u
- l-infiq reali għal kull fond għandu jiġi indikat fir-RAA tad-DĠ tal-Kummissjoni mill-2018 'il quddiem;

Rapport Speċjali tal-Qorti Nru 20/2019: Sistemi ta' informazzjoni li jappoġġaw il-kontroll fil-fruntieri – għodda b'saħħitha, iżda hemm bżonn ta' aktar enfasi fuq data li tkun f'waqtha u kompluta

344. Jilqa' l-fatt li, skont il-Qorti, is-sistemi tal-Istati Membri eżaminati mill-Qorti huma ġeneralment imfassla tajjeb biex jiffaċilitaw il-verifiki fil-fruntieri u li l-Istati Membri li saritilhom żjara ⁽³⁸⁾ kienu ġeneralment konformi mal-qafas legali applikabbli;
345. Jinnota bi tħassib li l-Qorti sabet fir-Rapport Speċjali Nru 20/2019 tagħha li:
- il-komponenti tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II (SIS II) u tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) ta' xi pajjiżi jiffaċilitaw verifiki fil-fruntieri aktar effiċjenti minn oħrajn;
 - kien hemm dewmien twil fl-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet tal-IT għas-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (Eurosur) u r-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali; dan impedixxa lill-gwardji tal-fruntieri u lil awtoritajiet oħra li jgawdu mill-benefiċċji intenzjonati ta' dawn is-sistemi;
 - jenħtieġ żmien twil biex l-Istati Membri jirrimedjaw id-dgħufijiet identifikati fil-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen; dan huwa minħabba nuqqas ta' skadenzi vinkolanti għall-adozzjoni ta' rapporti ta' evalwazzjoni u għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet korrettivi;
 - aktar minn nofs il-gwardji tal-fruntiera involuti fl-istħarriġ tal-Qorti f'xi mument ippermettew lil persuni jaqsmu l-fruntieri mingħajr ma jikkonsultaw is-sistemi ta' informazzjoni;
 - hemm diskrepanza bejn l-għadd ta' viżi maħruġa u l-għadd ta' viżi verifikati;
 - ftit li xejn hemm referenza għall-kontroll tal-kwalità tad-data fl-atti ġuridiċi li jirregolaw is-sistemi ta' informazzjoni Ewropej;
 - għalkemm l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) twestaq verifiki awtomatiċi kull xahar tal-kwalità tad-data fis-SIS II, ir-riżultati huma disponibbli biss għall-Istati Membri kkonċernati u, għalhekk, mhux possibbli għall-Aġenzija jew għall-Kummissjoni li tevalwa l-progress li sar minn pajjiżi individwali biex jindirizzaw il-problemi relatati mal-kwalità tad-data;
 - la l-eu-LISA u lanqas il-Kummissjoni ma għandhom setgħat ta' infurzar biex jiżguraw li l-Istati Membri jikkoreġu l-problemi relatati mal-kwalità tad-data b'mod f'waqt;
 - il-gwardji tal-fruntieri mhux dejjem jiksbu data f'waqtha u kompleta mis-sistemi ta' informazzjoni;
 - ħlief fil-każ tal-Dattiloskopija Ewropea (Eurodac), ġeneralment ma hemm l-ebda skadenza obligatorja biex tiddaħħal id-data; pereżempju, il-Eurosur suppost tipprovdi informazzjoni f'ħin reali dwar is-sitwazzjoni fil-fruntieri; madankollu, filwaqt li wħud mill-pajjiżi koperti mill-awditu tal-Qorti tabilħaqq idaħħlu informazzjoni fil-Eurosur fuq bażi ta' ħin reali, oħrajn jagħmlu dan darba fil-ġimgħa biss;
 - minn meta l-Eurodac bdiet topera fl-2013, ma kienx hemm sena waħda li fiha l-Istati Membri kollha għaddew l-informazzjoni meħtieġa fil-ħin;
 - trażmissjoni mdewma tista' twassal biex jintgħażel il-pajjiż il-ħażin bħala dak responsabbli għall-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-asil;
346. Jistieden lill-Kummissjoni:
- tippromwovi malajr l-użu ta' ambjenti ta' taħriġ għas-SIS II u għall-VIS;
 - tħaffef il-korrezzjoni tad-dgħufijiet identifikati matul l-evalwazzjonijiet ta' Schengen;
 - tanalizza d-diskrepanzi fil-verifiki tal-viżi biex jittejbu l-proċeduri ta' kontroll tal-kwalità tad-data;

⁽³⁸⁾ Il-Finlandja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu u l-Polonja

- tnaqqas id-dewmien fid-dħul tad-data;
- tiżgura konnettività aħjar bejn il-ħames sistemi ta' informazzjoni eżistenti sabiex tiżgura flussi ta' data korretti u f'waqthom;
- thegġegħ prattiki u mgħiba tajbin kontinwi fil-forniment u l-appoġġ tas-sistemi ta' informazzjoni;

Rapport Speċjali Nru 24/2019: L-asil, ir-rilokazzjoni u r-ritorn ta' migranti: wasal iż-żmien li tingħata spinta biex jiġu indirizzati d-disparitajiet bejn l-oġettivi u r-riżultati

347. Jinnota bi tħassib li l-Qorti sabet fir-Rapport Speċjali Nru 24/2019 tagħha li:

- l-implimentazzjoni tal-proċeduri tal-asil fil-Greċja u fl-Italja għadha qed tiġi affettwata minn żminijiet twal ta' pproċessar u sitwazzjonijiet problematiċi;
- bħal fil-bqija tal-Unjoni, l-ammont ta' ritorni mill-Greċja u mill-Italja huwa baxx;
- ma tingħabar l-ebda data dwar l-effikaċja tal-proċeduri ta' ritorn u ma hemm l-ebda indikatur li jkejjel is-sostenibbiltà tar-ritorni, bħall-għadd ta' migranti ritornati li jippruvaw jergġġu lura lejn l-Unjoni jew is-suċċess tal-pakketti ta' riintegrazzjoni fl-ambitu tal-programm ta' Ritorn Volontarju Assistit u Riintegrazzjoni (AVRR);
- filwaqt li r-reġistrazzjoni u t-teħid tal-marki tas-swaba' tal-migranti fil-hotspots tjiebu b'mod sinifikanti minn mindu l-Qorti għamlet l-awditu fl-2017 (ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Nru 6/2017), l-iskemi temporanji ta' rilokazzjoni ta' emerġenza ma laħqux l-oġettivi tagħhom u b'hekk ma taffewx b'mod effikaċi l-perssojoni fuq is-sistemi tal-asil Griegi u Taljani;
- għalkemm l-20 azzjoni ta' appoġġ tal-Unjoni fil-Greċja u fl-Italja eżaminati mill-Qorti indirizzaw il-ħtiġijiet identifikati, baqa' nuqqasijiet fit-tfassil tagħhom, il-biċċa l-kbira tal-proġetti ma kinux laħqu l-oġettivi tagħhom bis-sħiħ u l-qafas ta' prestazzjoni ġie stabbilit tard u mingħajr oġettivi; barra minn hekk, id-data dwar il-prestazzjoni disponibbli ma kinitx biżżejjed;
- il-kapaċità ta' pproċessar tal-każijiet ta' asil kienet żdiedet kemm fil-Greċja kif ukoll fl-Italja, iżda kienet għadha mhijiex suffiċjenti biex tindirizza l-akkumulazzjoni dejjem akbar ta' applikazzjonijiet fil-Greċja;
- peress li hemm inqas applikazzjonijiet ġodda fl-Italja, l-akkumulazzjoni tal-proċeduri ta' asil u ritorn qed jonqos, iżda l-kapaċità ta' pproċessar tal-għadd kbir ta' appelli mill-ewwel deċiżjoni mhijiex suffiċjenti;
- l-għadd ta' migranti li fil-fatt jiġu ritornati huwa ferm inqas mid-deċiżjonijiet ta' ritorn li jittieħdu, kemm fil-Greċja u fl-Italja kif ukoll fl-Unjoni kollha kemm hi; dan huwa dovut, pereżempju, għat-tul ta' żmien meħtieġ biex jiġu pproċessati każijiet ta' asil, il-kapaċità insuffiċjenti fiċ-ċentri ta' detenzjoni, il-kooperazzjoni diffiċli mal-pajjiż ta' oriġini tal-migranti jew, sempliċement, il-fatt li l-migranti jaħarbu meta tittieħed id-deċiżjoni li jintbagħtu lura;

348. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-aġenziji:

- jużaw it-tagħlimiet meħuda biex jibnu fuq l-esperjenza għal kwalunkwe mekkaniżmu volontarju ta' rilokazzjoni possibbli fil-futur u jipproponu miżuri ġodda biex tiġi indirizzata b'mod effikaċi kwalunkwe sitwazzjoni ta' emerġenza bħall-kriżi tal-migrazzjoni tal-2015, li jkunu aċċettabbli għall-Istati Membri;
- isaħħu l-ġestjoni tal-assistenza ta' emerġenza u tal-programmi nazzjonali fl-ambitu tal-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni;
- itejbu l-appoġġ operattiv tal-EASO lill-Istati Membri għall-proċeduri ta' asil;
- jaġġustaw l-appoġġ għar-ritorn u l-istazzjonament tal-esperti fil-hotspots min-naħa tal-Frontex;
- jirrinforzaw il-ġestjoni tas-sistemi nazzjonali ta' asil;
- jappoġġjaw aktar il-proċeduri nazzjonali ta' ritorn; u l-ġbir ta' data dwar il-prestazzjoni tal-proċeduri ta' ritorn biex jiffaċilitaw it-tfassil tal-politika, l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni u r-riċerka;

349. Jistieden lill-Kummissjoni:

- ittejjeb il-funzjonament tas-sistema tal-hotspots sabiex tiżgura kundizzjonijiet ta' akkoljenza dinjitużi u effiċjenza fil-ġestjoni tal-wasliet;
- tissorvelja bir-reqqa l-effiċjenza tal-azzjonijiet immexxija mill-Frontex sabiex tipproteġi aħjar il-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea;
- issaħħaħ l-effikaċja u l-konformità mad-drittijiet fundamentali tal-kontroll tal-fruntieri esterni tal-UE u ttejjeb il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali;
- tieħu l-miżuri meħtieġa biex tindirizza l-kawżi li jwasslu għall-migrazzjoni;
- huwa partikolarment imħasseb dwar il-politika ta' ritorn insuffiċjenti lejn il-pajjiżi terzi, għalkemm hija prijorità ewlenija. Il-politika ta' ritorn u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali huma essenzjali biex jiġu żviluppata politika effiċjenti dwar il-migrazzjoni u sħubija vera mal-pajjiżi terzi;
- tipprovdi assistenza lill-pajjiżi ta' oriġini sabiex migranti potenzjali ma jagħżlux il-vjaġġ perikoluż lejn l-Ewropa, iżżid l-għajnuna għall-pajjiżi ta' oriġini u ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-prospettivi għall-popolazzjoni lokali u tiġġield kontra t-traffikanti tal-bnedmin li jisfruttaw id-disprament u l-vulnerabbiltà;

Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS)

350. Jinnota bi tħassib l-osservazzjonijiet tal-Qorti li l-istima rrapportata tal-investment mobilizzat ma tqisx il-fatt li xi operazzjonijiet tal-FEIS ħadu post operazzjonijiet oħra tal-BEI u strumenti finanzjarji tal-Unjoni u l-fatt li parti mill-appoġġ tal-FEIS marret għal proġetti li setgħu ġew iffinanzjati minn sorsi oħra ta' fondi pubbliċi jew privati f'kundizzjonijiet differenti;
351. Jiddispaċiħ dwar is-sejbiet tal-Qorti li minkejja li l-appoġġ tal-FEIS ippermetta lill-BEI jżid b'erba' darbiet il-volum tal-attivitajiet ta' self tiegħu b'riskju ogħla meta mqabbel mal-2014, il-valur ta' dawn l-operazzjonijiet finanzjarji ffirmati għadu aktar baxx milli mistenni;
352. Japprova r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti li:
- jiġi promoss l-użu ġustifikat ta' prodotti tal-BEI b'riskju ogħla fil-qafas tal-FEIS;
 - titħeġġeġ il-komplementarjetà bejn l-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni u l-garanziji baġitarji tal-Unjoni;
 - tittejjeb il-valutazzjoni ta' jekk proġetti potenzjali tal-FEIS setgħux ġew iffinanzjati minn sorsi oħra;
 - jiġi stmat aħjar l-investment mobilizzat;
 - tittejjeb il-firxa ġeografika tal-investment appoġġjat mill-FEIS;
353. Iqis li valutazzjonijiet preliminari approfonditi tal-ħtiġijiet f'diversi setturi huma ta' importanza kbira (i) għall-identifikazzjoni ta' diskrepanzi fl-investment u ostakli għall-investment fi Stati Membri jew f'reġjuni differenti, (ii) għal valutazzjoni adegwata tan-natura u l-kobor tan-nuqqasijiet tas-suq u (iii) għat-tfassil tal-approċċ/programmi l-aktar xierqa għall-mitigazzjoni ta' dawn id-diskrepanzi fl-investment;
354. Jitlob li jkun hemm stampa ġenerali oġġettiva tal-addizzjonalità u l-valur miżjud tal-proġetti FEIS kif ukoll il-konsistenza tagħhom mal-politiki tal-Unjoni jew ma' operazzjonijiet oħra tal-BEI sabiex ikunu mmexxija aktar mill-politiki milli mid-domanda;

355. Ifakkar fil-ħtieġa li tiġi pprovduta informazzjoni ċara u aċċessibbli dwar l-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali u l-valur miżjud miksub mill-proġetti ffinanzjati mill-FEIS; jenfasizza li l-valutazzjoni tal-addizzjonalità tal-proġetti kollha appoġġjati mill-FEIS għandha tiġi dokumentata debitament;

Rapport Speċjali tal-Qorti Nru 15/2019: Implimentazzjoni tal-pakkett ta' riformi tal-persunal tal-2014 fil-Kummissjoni: iffrankar sinifikanti, iżda mhux mingħajr konsegwenzi għall-persunal

356. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma tagħtix lill-awtorità ta' kwittanza data eżatta dwar każijiet ta' eżawriment; jinnota, madankollu, li l-Kummissjoni varat strateġija "fit at work" li tinkludi għodda għall-monitoraġġ tas-saħħa fir-rigward tal-assenzi u l-kawżi tagħhom, miżuri biex tinkiseb ġestjoni tajba tal-assenzi, u l-unità l-ġdida għall-kontrolli mediċi⁽³⁹⁾; huwa għalhekk tal-opinjoni li l-Kummissjoni hija mgħammra bl-għodod kollha meħtieġa biex tidentifika, tindirizza, timmonitorja u tirrapporta dwar każijiet ta' eżawriment u tagħmel distinzjoni bejnhom u l-leave għal mard fit-tul; jistieden lill-Kummissjoni tagħti lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament data dwar każijiet ta' eżawriment fi ħdan il-proċess ta' kwittanza; jiddeplora f'dan il-kuntest it-twegġibiet ta' segwitu mogħtija mill-Kummissjoni li jidher li tiġġustifika rata oġhla ta' mard u assenza fit-tul għan-nisa abbażi ta' "għadd ta' mard serju jew kundizzjonijiet serji li huma speċifiċi għan-nisa" u abbażi ta' "xejriet soċjetali (...) fejn ġeneralment in-nisa jieħdu sehem akbar mir-responsabbiltajiet tal-familja, inkluż biex jieħdu kura ta' qurba morda"⁽⁴⁰⁾;
357. Huwa mħasseb dwar il-problema li qed tikber tad-disparità fil-kapaċità tal-akkwist imġarrba mill-impjegati tas-servizz pubbliku Ewropew li jaħdmu l-Lussemburgu; jieħu nota tas-sejbiet tal-istudju mwettaq minn AIRINC⁽⁴¹⁾ fuq talba tal-Kummissjoni li jikkorrobora l-problema tad-disparità u jistabbilixxi li hija fil-livell ta' 10,5 % (li taqbeż il-perċentwal ta' attivazzjoni ta' 5 % stabbilit mir-Regolament tal-Persunal), l-aktar minħabba l-ġholi tal-ħajja fil-Lussemburgu; jirrikonoxxi li l-Kummissjoni mhux se tkun tista' tagħmel proposta leġiżlattiva li tkopri l-kwistjoni tal-koefiċjenti ta' korrezzjoni qabel ma jiġi ffinalizzat ir-rapport dwar il-metodu tas-salarji li għandu jitlestha sal-31 ta' Marzu 2022; sadanittant, madankollu, iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta l-fattibbiltà u l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri temporanji fil-mira inklużi fir-rapport AIRINC, b'mod partikolari l-introduzzjoni ta' skema ta' allowance għall-akkomodazzjoni;
358. Jinnota bi tħassib l-osservazzjonijiet tal-Qorti rigward il-pakkett ta' riformi tal-persunal tal-2014⁽⁴²⁾; jilqa' r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti kif ukoll id-disponibbiltà tal-Kummissjoni li taċċettahom; jappoġġja l-pożizzjoni espressa mill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu⁽⁴³⁾ dwar il-kwistjoni; jiddeplora l-impatt negattiv ħafna tal-pakkett ta' riformi tal-2014 fuq għadd ta' aspetti kruċjali tar-riżorsi umani fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni u, għalhekk, fuq kemm huma attraenti bħala impjegatur, u dan kollu biex isir iffrankar diskutibbli; iwissi dwar il-konsegwenzi serji li kwalunkwe tnaqqis baġitarju fl-amministrazzjoni jew tnaqqis tal-persunal jista' jkollu fil-futur fuq is-servizz pubbliku Ewropew u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni;
359. Ifakkar lill-Kummissjoni fit-talba tiegħu li ssir analiżi rigoruża u aġġornata tal-impatt tad-disinn tal-ispazji miftuħa fil-qafas tal-kwittanza 2017⁽⁴⁴⁾; jieħu nota tal-Komunikazzjoni "The workplace of the future in the European Commission" (Il-post tax-xogħol tal-futur fil-Kummissjoni Ewropea)⁽⁴⁵⁾ u jilqa', b'mod partikolari, il-prinċipju skont liema "l-persunal affettwat għandu jkun involut matul il-proċess ta' kunċettwalizzazzjoni u implimentazzjoni tal-ispazji tax-xogħol il-ġdid"; jiddispjaċih li l-kunċett ta' benessri tal-persunal adottat fil-Komunikazzjoni ma jinkludix il-kundizzjonijiet psikoloġiċi – bħall-ansjetà, l-istress jew l-eżawriment – li l-post tax-xogħol għandu jkollu impatt fundamentali fuqhom; jenfasizza l-ħtieġa ta' analiżi ġenerali li sservi bħala bażi għal valutazzjoni każ każ qabel ma jsiru arranġamenti sostanzjali futuri tal-uffiċċji fil-Kummissjoni, li għandha dejjem tinvolvi lill-membri tal-persunal affettwati;

⁽³⁹⁾ Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri Nru 15/2019 "Implimentazzjoni tal-pakkett ta' riformi tal-persunal tal-2014 fil-Kummissjoni: iffrankar sinifikanti, iżda mhux mingħajr konsegwenzi għall-persunal".

⁽⁴⁰⁾ Ittra tas-26 ta' Novembru 2019 tal-Aġent Segretarju Ġenerali lis-Sa Monika Hohlmeier u lis-Sa Isabel García Muñoz, president u vċi president rispettivament tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament (ARES(2019) 7291393).

⁽⁴¹⁾ AIRINC, Studju dwar l-ġholi tal-ħajja għall-persunal tal-UE li jaħdem il-Lussemburgu — Rapport finali, Settembru 2019.

⁽⁴²⁾ Rapport Speċjali Nru 15/2019: Implimentazzjoni tal-pakkett ta' riformi tal-persunal tal-2014 fil-Kummissjoni — Iffrankar sinifikanti, iżda mhux mingħajr konsegwenzi għall-persunal.

⁽⁴³⁾ Dokument ta' Ħidma dwar l-Implimentazzjoni tal-pakkett ta' riformi tal-persunal tal-2014 fil-Kummissjoni - Iffrankar sinifikanti, iżda mhux mingħajr konsegwenzi għall-persunal.

⁽⁴⁴⁾ Kwistjonijiet varji, paragrafu 205 tar-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Marzu 2019 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017, Taqsima III — Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi (ĠU L 249, 27.9.2019, p. 31)..

⁽⁴⁵⁾ Komunikazzjoni lill-Kummissjoni "The Workplace of the Future in the European Commission" (Il-Post tax-Xogħol tal-Futur fil-Kummissjoni Ewropea) (C(2019)7450/F1).

Amministrazzjoni*Sejbiet tal-Qorti*

360. Jieħu nota tal-fatt li l-evidenza kumplessiva tal-awditu tal-Qorti tindika li l-livell ta' żball fl-infiq għall-"Amministrazzjoni" ma kienx materjali;
361. Huwa mħasseb ferm dwar il-fatt li l-Qorti qabdet numru akbar ta' dgħufijiet fil-kontroll intern meta mqabbel mas-snin preċedenti f'termini ta' ġestjoni ta' allowances tal-familja għal membri tal-persunal, u jiddispaċih li l-PMO ma ssorveljax biżżejjed l-aġġornament preċiż u f'waqtu tal-fajls personali biex jiġi żgurat li l-bażi użata għall-kalkolu tas-salarji u l-allowances tkun korretta;
362. Huwa mħasseb ferm dwar il-fatt li l-Qorti sabet dgħufijiet fil-proċeduri ta' akkwist organizzati mill-Kummissjoni biex ittejjeb is-sigurtà tal-persuni u l-bini iżda jinnota li dawn id-dgħufijiet seħħew l-aktar minħabba l-urġenza li l-kuntratti jiġu konklużi;
363. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta proċedura ta' haħra aktar trasparenti għall-pożizzjonijiet kollha, speċjalment dawk maniġerjali; jistieden lill-Kummissjoni tiċċara l-proċeduri ta' haħra preċedenti li ma fihomx trasparenza u obbligu ta' rendikont;
364. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb, mill-aktar fis possibbli, is-sistemi tagħha għall-ġestjoni tal-allowances statutorji tal-familja billi żżid il-frekwenza tal-verifiki li jirrigwardaw is-sitwazzjoni personali tal-membri tal-persunal u billi tirrinforza l-verifiki ta' konsistenza fuq id-dikjarazzjoni tal-allowances li jkunu nġhataw minn sorsi oħra, speċjalment meta jsiru riformi fis-sistemi tal-allowances tal-familja fl-Istati Membri;
365. Jinnota t-titjib kontinwu fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri fost il-membri tal-persunal; ifakkar fin-nuqqas eżistenti ta' rappreżentanza ugwali ta' rġiel u nisa f'pożizzjonijiet maniġerjali;
366. Jirrimarka li, skont it-tweġibiet bil-miktub, 10 Stati Membri kienu sottorappreżentati b'mod sinifikanti fil-grad AD5-AD8. L-Istati Membri kkonċernati kienu: id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Irlanda, Franza, il-Lussemburgu, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Portugall, il-Finlandja u l-Iżvezja. Jinnota bi tħassib li l-pożizzjonijiet tal-impjegati tas-servizz pubbliku fl-istituzzjonijiet jistgħu ma jkunux attraenti għal impjegati tas-servizz pubbliku minn ċerti Stati Membri, u għalhekk ikun aktar diffiċli li jitnaqqsu d-differenzi ġeografiċi;
367. Jinnota n-numru li qed jikber ta' entitajiet li tneħħew mir-Reġistru ta' Trasparenza; jirrimarka, madankollu, l-importanza li l-individwi u l-entitajiet ġuridiċi li tneħħew mir-Reġistru ta' Trasparenza jiġu segwiti; jistieden lill-Kummissjoni taġhti aktar attenzjoni lill-fatt li l-validazzjoni u l-kontrolli ta' kampjuni tal-entitajiet tar-Reġistru ta' Trasparenza jeħtieġu aktar riżorsi;
368. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni biex teżamina mill-ġdid il-mekkaniżmi interni dwar il-protezzjoni tal-informaturi li huma diġà fis-seħħ, inklużi dispożizzjonijiet dwar is-sensibilizzazzjoni għall-membri tal-persunal kollha u taħriġ għall-maniġers li jirċievu rapporti; jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej jarmonizzaw ir-regolamenti rispettivi tagħhom dwar il-persunal biex jiproteġu lill-informaturi;

Kodiċi ta' kondotta tal-Kummissarji

369. Ifakkar li fl-2018 il-Parlament ġie avżat dwar il-fatt li sabiex jiġu kkompensati għad-dispożizzjonijiet aktar stretti mdaħħla fil-kodiċi ta' kondotta rigward il-perjodu ta' preklużjoni tal-Kummissarji, is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni kkunsidra l-possibbiltà li joffrilhom faċilitajiet prattiċi ġodda (uffiċċji, IT, xufiera) wara t-tmiem tal-mandat tagħhom;
370. Jinnota li fit-tweġiba tiegħu għall-Mistoqsija bil-Miktub Nru 64 fit-thejġija għas-smiġh tal-Kumitat CONT tal-5 ta' Diċembru 2019, il-Kummissarju Hahn iddikjara li:

"L-ex Membri tal-Kummissjoni, u b'mod partikolari l-ex Presidenti, jibqgħu ambaxxaturi tal-UE, kemm fl-Ewropa kif ukoll lil hinn minnha. Ħafna minnhom ser ikomplu jiddefendu u jipromwovu l-kisbiet tal-Unjoni wara tmiem il-mandat tagħhom, pereżempju, meta jiġu mistiedna jtkellmu f'konferenzi jew jipparteċipaw f'dibattiti pubbliċi dwar l-Ewropa u r-rwol tal-Kummissjoni.

F'konformità ma' arranġamenti simili f'amministrazzjonijiet nazżjonali u istituzzjonijiet oħra, il-Kummissjoni, fil-laqgħa tagħha tat-30 ta' Ottubru 2019, iddeċidiet li tippermetti lill-ex Presidenti tal-Kummissjoni jwettqu funzjonijiet ta' rappreżentanza b'mod xieraq wara tmiem il-mandat tagħhom. Għalhekk, l-ex Presidenti għandu jkollhom aċċess għal ċerti riżorsi limitati ħafna, pereżempju appoġġ loġistiku, bħal uffiċċju, u ċerta assistenza oħra. L-ex Kummissarji se jkollhom appoġġ loġistiku fil-forma ta' "bureau de passage" u se jingħataw ċertu materjal ta' komunikazzjoni mill-Kummissjoni. Il-Kodiċi ta' Kondotta diġà jirreferi għal dan id-dmir fl-Artikolu 11(1), l-ewwel sentenza (...)."

371. Huwa tal-opinjoni li l-Kummissjoni għandha tagħmel l-istatus ta' konsulenti speċjali tal-Kummissjoni aktar trasparenti b'definizzjoni ċara tal-kompiti u l-missjonijiet tagħhom u tagħti lill-Parlament l-informazzjoni kollha relatata mal-ispiża finanzjarja tad-deċiżjoni tagħha tat-30 ta' Ottubru 2019;
372. Ifakkar lill-Kummissjoni li l-Membri tal-Kummissjoni huma soġġetti għal rekwiżiti ta' trasparenza fir-rigward tal-laqgħat li jkollhom ma' organizzazzjonijiet jew ma' individwi li jaħdmu għal rashom, li t-trasparenza sħiħa hija obbligu tal-Membri u tal-membri tal-kabinet tagħhom, li għandhom jiltaqgħu biss ma' daww l-organizzazzjonijiet jew l-individwi li jaħdmu għal rashom li jkunu reġistrati fir-Reġistru ta' Trasparenza u li għandhom jagħmlu pubblika l-informazzjoni dwar tali laqgħat skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/839/UE ⁽⁴⁶⁾;
373. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li, wara l-perjodu ta' preklużjoni, l-ex Kummissarji ma jibqgħux jibbenefikaw mill-faċilitajiet offruti permezz tad-deċiżjoni tagħha tat-30 ta' Ottubru 2019 u lanqas jibqgħu jibbenefikaw mill-faċilitajiet f'każijiet fejn jassumu rwol differenti;
374. Jenfasizza li wara li ma jibqgħux fil-kariga, l-ex Membri tal-Kummissjoni jibqgħu marbuta bl-obbligu tagħhom ta' integrità u diskrezzjoni skont l-Artikolu 245 tat-TFUE;
375. Jistieden lill-Kummissjoni tinforza r-regoli ġuridikament vinkolanti eżistenti tal-kodiċi ta' kondotta rigward il-kwistjoni tar-"revolving doors" kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-aġenziji tagħha;

UPPE

376. Jinnota li, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament dwar l-UPPE, l-UPPE jiġi stabbilit bħala korp istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea filwaqt li fil-baġit 2020 l-UPPE jiġi ppreżentat bħala aġenzija taħt l-intestatura "Il-Kummissjoni"; huwa mħasseb li din is-sitwazzjoni ma tiggarrantix b'mod adegwat l-indipendenza meħtieġa tal-UPPE u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta l-baġit tal-UPPE bħala istituzzjoni taħt l-intestatura 7 (Amministrazzjoni) futura flimkien mal-korpi u l-istituzzjonijiet l-oħra minflok taħt l-intestatura 2 (Il-Kummissjoni) futura mal-aġenziji fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni; jitlob li l-Kummissjoni tqis l-istima tal-kawżi ġodda miftuħa u l-volum tal-kawżi pendenti ppreżentati mill-UPPE lill-istituzzjonijiet biex tistabbilixxi baġit u tabella tal-persunal realistiki; huwa mħasseb ferm li l-ippjanar tal-baġit attwali mhux se jippermetti lill-UPPE jsir kompletament operattiv sa Novembru 2020;

Skejjel Ewropej

377. Jinnota li, skont ir-Regolament Finanzjarju tal-Iskejjel Ewropej, il-Qorti rieżaminat il-kontijiet annwali konsolidati tal-Iskejjel għas-sena finanzjarja 2018, il-kontijiet tal-Uffiċċju Ċentrali u s-sistemi ta' kontroll intern (reklutaġġ, akkwist u pagamenti) ta' żewġ Skejjel (Bergen u Varese); jinnota li l-Qorti analizzat il-ħidma tal-awditur estern tal-Iskejjel, li eżamina l-kontijiet u s-sistemi ta' kontroll intern ta' seba' Skejjel qabel ma saret il-konsolidazzjoni;
378. Jiddispjaċih ħafna għall-fatt li l-Qorti ma setgħetx tikkonferma li l-ġestjoni finanzjarja tal-Iskejjel fl-2018 kienet konformi mar-Regolament Finanzjarju, mar-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu u mar-Regolamenti tal-Persunal;
379. Jinnota, b'mod partikolari, li r-rieżami tal-Qorti tas-sistemi ta' kontroll intern tal-Uffiċċju Ċentrali u taż-żewġ Skejjel magħżula żvela dgħufijiet fl-ambjent ta' kontroll, fis-sistemi ta' pagament, fil-proċeduri ta' akkwist u fid-dokumentazzjoni tal-proċeduri ta' reklutaġġ; jinnota wkoll li l-Qorti sabet li ma kinux konformi mar-regoli dwar ir-reklutaġġ tal-persunal;
380. Japprova r-rakkomandazzjonijiet ewlenin maħruġa mill-Qorti fir-rapport annwali tagħha dwar l-Iskejjel Ewropej u, b'mod partikolari, jistieden lill-Bord tal-Gvernaturi, lill-Uffiċċju Ċentrali u lill-Iskejjel jieħdu azzjoni immedjata biex jindirizzaw id-dgħufijiet identifikati fil-proċeduri ta' kontabbiltà tagħhom u fis-sistema ta' pagament u jkomplu jipprovdu taħriġ u appoġġ lil daww involuti fit-tħejija tal-kontijiet;
381. Itenni l-fehma tal-Parlament li "rieżami komprensiv" tas-sistema tal-Iskejjel Ewropej huwa meħtieġ b'urġenza; jistieden lill-Kummissjoni, bħala membru iżda anki bħala l-kontributor ewlieni, mhux biss tipprovdi gwida u appoġġ għall-Iskejjel Ewropej fi ħdan l-istruttura amministrattiva u ta' governanza attwali, iżda timmonitorja wkoll l-implimentazzjoni tas-Servizz tal-Awditar Intern tal-Qorti u tal-Kummissjoni;

⁽⁴⁶⁾ ĠUL 343, 28.11.2014, p. 22.

382. Iħeġġeġ lill-Iskejjel itejbu l-proċeduri ta' reklutaġġ, akkwist u pagament u jitlob li l-progress jiġi kkomunikat lill-Parlament sat-30 ta' Ġunju 2020;
383. Huwa mħasseb ħafna dwar ir-rapport ta' Human Rights Watch dwar l-aċċessibbiltà tal-Iskejjel Ewropej ⁽⁴⁷⁾ għat-tfal b'diżabbiltà, li jenfasizza l-problemi li għadhom qed jiġu ffaċċjati u l-fatt li t-tfal b'diżabbiltà ma jingħatawx edukazzjoni kompletament inklużiva;
384. Jistieden lill-Iskejjel Ewropej jimpenjaw ruħhom favur edukazzjoni inklużiva fil-politika u fil-prattika;
385. Jistieden lill-Kummissjoni, bħala l-finanzjatur ewlieni tal-Iskejjel Ewropej inkarigata bl-implimentazzjoni tas-CRPD mill-Unjoni, biex tmexxi l-proċess ta' riformi meħtieġa;

Tagħlimiet meħuda mill-QFP għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020

386. Huwa mħasseb li l-perjodu ta' programmazzjoni għall-QFP il-ġdid jista' jibda b'dewmien kif ġara fil-każ tal-QFP attwali; jinnota li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew ġie fformulat qabel ma ġiet ikkomunikata l-proposta l-ġdida dwar il-QFP; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kunsill jiddiskutu u jadottaw prijoritajiet u strateġija biex jibdeu in-negozjati dwar il-QFP mal-Parlament mill-aktar fis possibbli;
387. Huwa tal-fehma li l-baġits pubbliċi għandhom jiġu determinati biss wara li jiġu stabbiliti objettivi politiċi ċari u jitfasslu politiċi preċiżi;
388. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-ippjanar finanzjarju tal-Unjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 jirrifletti b'mod adegwat kwalunkwe objettiv determinat sussegwentement; jenfasizza l-proposta tal-Parlament li jiġu inklużi prijoritajiet ġodda fil-QFP u li titħalla flessibbiltà fi ħdan il-QFP biex jiġu indirizzati eventi mhux previsti;
389. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara s-suppożizzjonijiet ewlenin wara l-proposta l-ġdida dwar il-QFP fi pjan finanzjarju komprensiv; josserva li l-għan ewlieni ta' tali pjan ikun li jqiegħed iċ-ċifri fil-QFP għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 fil-kuntest ekonomiku u finanzjarju adegwat tagħhom;
390. Itenni t-tħassib tiegħu li kwalunkwe dewmien fl-adozzjoni tal-QFP 2021-2027 u tal-bażi ġuridika relatata għall-implimentazzjoni tiegħu jista' jwassal għal aktar dewmien fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' nfiq tal-UE fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw bidu bla xkiel tal-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid;
391. Iqis li informazzjoni ta' kwalità tajba tista' tikkontribwixxi għal proċess deċiżjonali aktar rapidu u aħjar;
392. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni wettqet rieżami tal-infiq li jkopri l-programmi ewlenin kollha fl-ambitu tal-QFP għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 u li dan ir-rieżami kellu l-għan li jikkombina rieżami strateġiku (iffukat l-aktar fuq il-prijoritizzazzjoni tal-programmi skont il-valur miżjud tagħhom u l-koerenza mal-objettivi tal-Unjoni) ma' rieżami tal-effiċjenza (li jara kif itejjeb it-tweġiq tal-programmi eżistenti billi jeżamina opportunitajiet ta' razzjonalizzazzjoni u sinerġiji, billi jissemplifika r-regoli amministrattivi, itejjeb il-flessibbiltà, u jiffoka aktar fuq il-prestazzjoni); il-Kummissjoni għandha tagħmel rieżamijiet perjoċi b'KPIs aħjar;
393. Jilqa' l-fatt li l-Qorti sabet li l-analiżi tal-Kummissjoni hija konvinċenti fir-rigward tal-effiċjenza tal-infiq;
394. Jinnota li r-rieżami tal-infiq jipprovdi argumenti b'saħħithom favur miżuri għas-semplifikazzjoni tal-programmi, ir-razzjonalizzazzjoni tal-baġit u ż-żieda fil-flessibbiltà finanzjarja; jinnota li jidentifika sinerġiji mhux sfruttati bejn programmi differenti kif ukoll opportunitajiet ta' fużjoni ta' programmi simili f'diversi oqsma ta' politika;
395. Jinnota li r-rieżami tal-infiq jagħti wkoll eżempji ta' regoli kumplessi bla bżonn u inkonsistenti li spiss iwasslu għal nuqqas ta' fehim u spejjeż ineliġibbli;
396. Huwa mħasseb dwar il-konklużjoni tiegħu li s-suċċess tal-isforzi ta' semplifikazzjoni sal-lum kien limitat;

⁽⁴⁷⁾ "Sink or Swim: Barriers for Children with Disabilities in the European School System", 4 ta' Dicembru 2018.

397. Jappella għal semplifikazzjoni kull fejn possibbli, pereżempju bl-użu akbar ta' għażliet ta' spejjeż issemplifikati u somom f'daqqa bħala għażla għall-benefiċjarji u bl-adozzjoni ta' prattiki tal-kontabbiltà abitwali, kif ukoll bl-implimentazzjoni ta' approċċ ta' awditjar uniku; jenfasizza li l-maġġoranza tas-sussidji tal-Unjoni għandhom ikunu ta' benefiċċju għaċ-ċittadini u li l-SMEs u l-farms tal-familji jew il-farms iż-żgħar u medji għandhom jibbenefikaw l-aktar; jenfasizza wkoll li l-iżbalji li saru fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 attwali jeħtieġ li jiġu rimedjati fil-QFP il-ġdid, speċjalment fil-qasam tal-iżvilupp reġjonali u l-koeżjoni;
398. Jirrimarka li aktar semplifikazzjoni tista' tiġi żgurata kemm fil-livell tal-programmazzjoni, billi jiġi limitat in-numru ta' regolamenti u jiġu evitati bidliet mhux meħtieġa li jistgħu jikkawżaw inċertezza, xogħol b'lura u żbalji, kif ukoll fil-livell tal-implimentazzjoni effikaċi, sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet u l-benefiċjarji u tiżdied l-aċċessibbiltà tal-fondi;
399. Jilqa' l-fatt li għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, il-Kummissjoni tipproponi li l-għadd ta' programmi ta' nfiq jitnaqqas b'terz u li r-regoli jsiru aktar koerenti abbażi ta' ġabra unika tar-regoli;
400. Huwa konvint li, biex tinkiseb semplifikazzjoni b'mod effettiv, il-ġabra unika tar-regoli għandha telimina r-regoli, ir-reqwiżiti u l-proċeduri kollha mhux meħtieġa u kumplessi; huwa tal-fehma li ma għandhiex tkun sempliċement konsolidazzjoni tal-ġabriet tar-regoli separati eżistenti f'volum kbir uniku;
401. Iqis li s-semplifikazzjoni mhijiex għan fiha nnifisha iżda mezz li bih tiżdied l-effiċjenza tal-azzjoni tal-Unjoni biex b'hekk l-entitajiet iż-żgħar jingħataw opportunità aħjar biex ikunu benefiċjarji; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, biex fit-tfassil tar-regoli għall-programmi tal-Unjoni, issib bilanċ bejn il-faċilità tal-implimentazzjoni u l-effikaċja fl-ilħuq tal-oġġettivi u t-trasparenza tal-Unjoni;
402. Jinnota bi tħassib li r-rieżami tal-infiq jispjega wkoll kif il-mekkaniżmi ta' flessibbiltà kienu insuffiċjenti biex ilaħħqu mal-emerġenzi matul il-perjodu attwali; jappella għal bidliet biex tiżdied il-flessibbiltà ġenerali u jiġu żgurati biżżejjed approprijazzjonijiet biex ikopru eventi mhux previsti;
403. Jinnota b'dispijaċir li l-Qorti sabet li r-rieżami tal-infiq kien inqas konvinċenti fir-rigward tal-aspetti strateġiċi, bħall-valur miżjud tal-Unjoni tal-programmi ta' nfiq u l-koerenza tagħhom mal-oġġettivi tal-Unjoni;
404. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-valur miżjud tal-Unjoni għandu jkun fil-qalba ta' kull diskussjoni dwar il-baġit futur tal-Unjoni;
405. Jinnota li l-Kummissjoni identifikat il-kunċett ta' valur miżjud tal-Unjoni bħala prinċipju ta' gwida tal-eżerċizzju ta' rieżami tal-infiq; jistenna li l-Kummissjoni tiżviluppa aktar u tapplika kunċett robust u definit b'mod ċar tal-valur miżjud tal-Unjoni;
406. Iqis li l-kunċett tal-valur miżjud tal-Unjoni jimxi id fid mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità;
407. Huwa konvint li l-kunċett tal-valur miżjud tal-Unjoni huwa meħtieġ mhux biss biex jiġu allokatu rizzorsi iżda anki biex jifasslu u jiġu evalwati programmi ta' nfiq;
408. Huwa tal-fehma li l-programmi b'valur miżjud għoli ħafna tal-Unjoni biss għandhom jirċievu finanzjament sħiħ mill-Unjoni; jipproponi li l-finanzjament għandu jkun limitat għal programmi b'valur miżjud medju jew għoli tal-Unjoni u li m'għandu jkun hemm l-ebda finanzjament għal programmi b'valur miżjud baxx tal-Unjoni;
409. Jinsisti li l-fondi kollha impenjati jridu jintużaw u jintefqu bl-aktar mod xieraq skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba sabiex l-impatt jiġi massimizzat;
410. Jappoġġja l-idea li l-baġit tal-Unjoni jintrabat b'mod aktar b'saħħtu mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż deskritti fil-prinċipji ta' governanza ekonomika bil-għan li jitħeġġu riformi strutturali li jsaħħu t-tkabbir fl-Istati Membri; jenfasizza li r-rakkomandazzjonijiet iridu jsegwu l-prinċipju tas-sussidjarjetà u jiffukaw fuq il-kwistjonijiet essenzjali u sistemiċi bħat-titjib tal-kompetittività, it-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u ekonomika, l-oportunitajiet kummerċjali, id-diversità kulturali, il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali u l-iżgurar tal-impjiegi;
411. Jappella għal titjib fl-amministrazzjoni tal-fondi filwaqt li tissaħħaħ l-effikaċja tal-kontrolli, li għandhom jinkludu l-miżuri meħuda f'każijiet ta' użu ħażin sistematiku tal-fondi tal-Unjoni;

412. Jenfasizza li l-kontrolli biex jiġi evitat l-użu ħażin tal-fondi tal-Unjoni jridu jiġu intensifikati f'konformità mal-proporzjonalità; fejn il-Qorti tidentifika dgħufijiet serji fil-kwalità u l-affidabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar, il-kontrolli tal-Unjoni jeħtieġ li jissaħħu; jirrimarka li l-Qorti għandha tidentifika falliment totali tal-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar u li l-QFP għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 għandu jipprovdi mekkaniżmi għall-Kummissjoni biex tamministra l-allokazzjoni tal-fondi;
413. Jenfasizza li l-viżibbiltà tal-politiki tal-Unjoni trid tissaħħaħ; jenfasizza li d-dispożizzjonijiet ġuridiċi kollha rigward l-informazzjoni u l-komunikazzjoni jridu jiġu implimentati bir-reqqa biex jiġu żgurati t-trasparenza u t-tixrid wiesa' tar-riżultati li kisbu l-fondi;
414. Jirrimarka li l-istrumenti finanzjarji dejjem għandhom ikunu mfassla apposta u jkunu komplementari għall-għotjiet, sabiex jimmassimizzaw ir-riżultati fil-post; jenfasizza li s-sinerġija ma' politiki u strumenti oħra għandha tissaħħaħ sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-investment; huwa tal-opinjoni li jistgħu jinkisbu riżultati aħjar filwaqt li dan xorta jsir b'mod kosteffikaċi;
415. Iqis li huwa essenzjali li l-programmi ta' nfiq tal-Unjoni jiġu mġhammra b'oqfsa ta' prestazzjoni b'saħħithom u reċiprokament koerenti, allinjati mal-oġettivi strateġiċi tal-Unjoni u l-QFP għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027;
416. Jinnota li huwa importanti li jittejbu aktar il-monitoraġġ tal-prestazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt tal-finanzjament fl-ambitu tal-QFP li jmiss. Ġabra ta' indikaturi u għodod ta' valutazzjoni komparattiva tista' tappoġġja fuq bażi regolari r-responsabbiltà operattiva u politika fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-fondi;
417. Jinnota li l-oġettivi tal-programmi għall-perjodu 2021-2027 definiti fl-anness tal-Komunikazzjoni dwar il-QFP jieħdu l-forma ta' deskrizzjonijiet ta' missjonijiet; jiddispijaċih li l-oġettivi mhumiex kwantifikati u li huma nieqsa mill-ispeċifità;
418. Jistenna mudelli loġiċi ta' intervent globali b'oġettivi speċifiċi u ġabriet korrispondenti ta' indikaturi ta' output, ta' riżultat u ta' impatt li għandhom jiġu żviluppatti fil-leġislazzjoni settorjali jew fid-dokumenti ta' programmazzjoni rilevanti (inkluż fil-livell ta' Stat Membru jew f'dak reġjonali);
419. Jenfasizza li għandhom jiġu stabbiliti mandati ta' awditjar pubbliċi għal kull tip ta' finanzjament tal-politiki tal-Unjoni fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali; jenfasizza li l-Qorti għandha tinharar bħala l-awditur ta' korpi mwaqqfa biex jimplementaw il-politiki tal-Unjoni, inklużi l-korpi tal-Unjoni u l-korpi maħluqa skont ftehimiet barra mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni;

Opinjoni tal-Kumitati

Affarijiet Barranin

420. Fir-rigward tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), jinnota li d-dgħufijiet kontinwi fil-kapaċità-jiet amministrattivi tal-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni wasslu għal nuqqas ta' kapaċità ta' assorbiment fl-ambitu tal-ġestjoni indiretta; jenfasizza li, kif indikat fir-rapport speċjali 2018 tal-Qorti dwar il-finanzjament tal-IPA għat-Turkija, il-progress foqhma sensitivi bħall-istat tad-dritt u s-soċjetà ċivili ma jiddependix biss mill-finanzjament tal-IPA, iżda, aktar minn hekk, mir-rieda politika tal-awtoritajiet; jinnota bi tħassib li l-fondi tal-IPA għat-Turkija bilkemm jindirizzaw il-valuri fundamentali, fosthom il-libertà tal-istampa u l-imparzjalità tal-ġustizzja; jemmen li, issa aktar minn qatt qabel, il-Kummissjoni għandha tuża l-kundizzjonalità biex tappoġġja riformi fis-setturi primarji bħall-istat tad-dritt u l-governanza fit-Turkija;
421. Jilqa' l-varar tal-ewwel miżuri ta' tisħiħ tal-kapaċità fl-ambitu tal-Istrument emendat li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP) fl-2018; jenfasizza li dawn l-azzjonijiet għandhom iseħħu f'kuntest ta' proċess ta' riforma globali tas-settur tas-sigurtà; iħeġġeġ segwitu aktar qawwi tal-azzjonijiet ta' stabbilizzazzjoni fuq perjodu qasir permezz ta' azzjonijiet aktar fit-tul iffinanzjati mill-IcSP jew minn strumenti oħra;
422. Jieħu nota tar-rieżami analitiku tal-Qorti dwar id-Difiża Ewropea u jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet tagħha; jistieden lill-Kummissjoni, bħala l-gwardjan tat-Trattati, tiżgura l-koerenza tal-isforzi kollha ta' difiża tal-Unjoni mwettqa għall-implimentazzjoni tal-attività tal-Unjoni fl-ambitu tal-PSDK (PESCO, EDIDP, FED, CARD, eċċ.) u tiggarrantixxi l-interoperabbiltà u s-sinerġiji man-NATO;
423. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-leġittimità tal-irtirar tal-funzjoni baġitarja mill-Parlament permezz tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-EDA u l-PESCO; ifakkar li l-Artikoli 45(2) u 46(2) rilevanti tat-TUE jipprevedu li d-deċiżjonijiet għandhom jiġu adottati b'maġġoranza kwalifikata mingħajr il-possibbiltà ta' veto; ifakkar li l-irtirar tal-funzjoni baġitarja tal-Parlament skont l-Artikolu 42 tat-TUE huwa possibbli għall-infiq operattiv biss u jirrikjedi deċiżjoni unanima mill-Kunsill; jissottolinja li l-Kunsill qatt ma ħa deċiżjoni simili;

424. Jinsisti fuq il-bżonn li jsir monitoraġġ mill-qrib tal-użu tal-fondi tal-Faċilità għar-Rifuġjati fit-Turkija, filwaqt li jiġi żgurati li dawn il-fondi jindirizzaw b'mod preċiż il-proġetti tar-rifuġjati u ma jintużawx għal xi skopijiet oħra; jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta regolarmet lill-awtorità baġitarja dwar il-kompatibbiltà tal-azzjonijiet iffinanzjati mal-bażi ġuridika sottostanti;

Żvilupp u Kooperazzjoni

425. Iħeġġeġ lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha jżommu lura milli jappoġġjaw prattiki li jiffaċilitaw l-evitar tat-taxxa minn kumpaniji transnazzjonali u individwi, huma u jipprovaw jilhq u l-objettiv tagħhom li joħlqu ambjent li jiffavorixxi n-negozju għal investituri privati f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fl-ambitu tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli; barra minn hekk, jenfasizza r-riskju ta' dejn marbut maż-żieda fl-użu tat-taħlit mill-Unjoni, b'mod partikolari fl-Afrika sub-Saħarjana u l-pajjiżi tal-Karibew bi dħul limitat biex iħallsu d-dejn tagħhom; jistieden lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha jindirizzaw l-evazzjoni tat-taxxa, il-prattiki aggressivi tal-evitar tat-taxxa u l-kompetizzjoni fiskali dannuża b'mod effikaċi u konsistenti, f'konformità mal-prinċipju tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp;

Impjiegi u Affarijiet Soċjali

426. Jinnota li, għall-FSE, l-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ (YEI) u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD), ġew interrotti 3 programmi FSE/YEI għar-Renju Unit, l-Italja u l-Ungerija u programm wieħed tal-FEAD għall-Italja u dawn l-interruzzjonijiet wasslu għall-interruzzjoni ta' diversi pagamenti fl-2018; jinnota li ntbaġhtu 33 ittra ta' twissija lill-Istati Membri kkonċernati;
427. Jirrikonoxxi li n-numru ta' ittri ta' twissija u ta' interruzzjonijiet żdied b'mod sinifikanti fl-2018 meta mqabbel mas-sena ta' qabel minħabba ż-żieda fin-numru ta' pakketti ta' aċċertament rċevuti fi Frar 2018 u r-riżultati tal-awditi ta' konformità li saru matul is-sena;
428. Ifakkar li għad hemm għaxar rakkomandazzjonijiet li jirreferu għal rapporti speċjali (waħda mir-Rapport Speċjali Nru 16/2016 ("L-objettivi tal-UE għall-edukazzjoni: il-programmi huma allinjati iżda hemm nuqqasijiet fil-kejl tal-prestazzjoni"), tnejn mir-Rapport Speċjali Nru 14/2016 ("Inizjattivi ta' politika u appoġġ finanzjarju tal-UE għall-integrazzjoni tar-Rom: sar progress sinifikanti fl-aħħar għaxar snin, iżda sforzi addizzjonali huma meħteġa fil-prattika") u sebgħa mir-Rapport Speċjali Nru 6/2018 ("Moviment Liberu tal-Ħaddiema – il-libertà fundamentali hija żgurata iżda orjentament aħjar tal-fondi tal-UE jkun ta' għajnuna għall-mobilità tal-ħaddiema")) li jeħteġ li jiġu implimentati, li l-biċċa l-kbira tagħhom kellhom jiġu implimentati sal-31 ta' Diċembru 2019; jieħu nota, b'mod partikolari, tar-Rapport Speċjali Nru 14/2016 skont liema l-biċċa l-kbira tal-proġetti twettqu kif ipplanat, iżda l-kriterji tal-"aħjar prattika" li jikkontribwixxu għall-inklużjoni b'suċċess tar-Rom mhux dejjem ġew applikati, u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-proġetti kien diffiċli; ifakkar li n-nuqqas ta' data soda u komprensiva dwar ir-Rom mhuwiex biss problema f'dak li jirrigwarda l-proġetti iżda anki biex jifasslu politiki fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali; jiddeplora l-fatt li din is-sitwazzjoni tista' ma tinbidilx, sakemm ma titehidx azzjoni malajr;
429. Ifakkar fis-sejbiet tar-Rapport Speċjali Nru 5/2019 tal-Qorti ("Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD): appoġġ siewi iżda l-kontribut tiegħu għat-tnaqqis tal-faqar għadu mhuwiex stabbilit"), b'mod partikolari l-konklużjoni tal-QEA li, minbarra li jtaffu l-faqar permezz tal-għajnuna alimentari (li tirrappreżenta 83 % tal-baġit tal-FEAD), l-elementi innovattivi tal-politika soċjali tal-FEAD joffru possibiltajiet lill-Istati Membri biex irawmu l-inklużjoni soċjali;
430. Ifakkar ukoll li d-data disponibbli ppreżentata fir-Rapport Speċjali Nru 5/2019 tal-Qorti turi li l-Fond għandu effett konsiderevoli fi kważi l-Istati Membri kollha u li l-miżuri ta' għajnuna alimentari u materjali u ta' inklużjoni soċjali tal-FEAD jagħmlu differenza għal dawk l-aktar fil-bżonn, inklużi dawk li inkella jafu jkunu esklużi mill-assistenza soċjali ordinarja jew li għandhom bżonn għajnuna immedjata; jenfasizza wkoll li, skont il-banek tal-ikel, terz mill-ikel li jipprovdu huwa ffinanzjat mill-FEAD, u li l-FEAD jippermetti anqas dipendenza mill-fluss irregolari ta' donazzjonijiet u għalhekk jippermetti l-ippjanar aħjar tat-tqassim mill-ġdid ta' ikel speċifiku;
431. Jinnota madankollu li, minħabba limitazzjonijiet fil-monitoraġġ u nuqqas ta' data fil-livell tal-UE, il-kontribut tal-FEAD għat-tnaqqis tal-faqar għadu ma ntweriex b'mod kwantitattiv, u jfakkar li l-Kummissjoni għandha ttejjeb id-data miġbura biex turi aħjar l-importanza relattiva tal-FEAD bħala mezz ta' solidarjetà Ewropea u mod ta' kif wieħed jgħin fil-ġlieda kontra d-differenzi soċjali fl-Unjoni;
432. Jinnota li r-rapport ta' evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-FEAD identifika diversi dgħufijiet fl-implimentazzjoni tal-Fond u li l-Qorti ssuġġeriet li l-Fond jiġi orjentat aktar lejn dawk l-aktar fil-bżonn; ifakkar ukoll li r-rapport ta' evalwazzjoni ta' nofs it-terminu kkunsidra li t-tnejn u l-monitoraġġ tal-miżuri ta' akkumpanjament jistgħu jiġu sfruttati aktar;

433. Ifakkar li, skont il-konklużjonijiet tar-Rapport Speċjali Nru 6/2019 tal-Qorti ("L-indirizzar tal-frodi fl-infiq fil-qasam tal-koeżjoni tal-UE: jeħtieġ li l-awtoritajiet maniġerjali jsaħħu l-identifikazzjoni, ir-rispons u l-koordinazzjoni"), għalkemm kien hemm titjib fil-mod kif l-awtoritajiet manijerjali jidentifikaw ir-riskji ta' frodi fil-fondi ta' koeżjoni tal-Unjoni (inkluż l-FSE) u jfasslu miżuri preventivi, l-awtoritajiet manijerjali għad iridu jsaħħu l-identifikazzjoni tal-frodi, ir-rispons u l-koordinazzjoni;
434. Jinnota li, skont il-Kummissjoni, l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjeg u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) wriet li l-oġġettivi tiegħu għadhom rilevanti u li l-programm huwa effikaċi biex jintlaħqu l-partijiet ikkonċernati rilevanti, jinkisbu riżultati ta' kwalità tajba u jintlaħqu l-oġġettivi tiegħu, b'mod partikolari fid-dawl tal-kuntest soċjoekonomiku diffiċli tal-lum, ikkaratterizzat mill-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika u finanzjarja; jinnota wkoll li, minkejja li jidher li t-tliet assi (Progress, EURES u Mikrofinanzjament u Intraprenditorija Soċjali) joperaw b'mod indipendenti, ġew identifikati xi oqsma li jistgħu jwasslu għal żieda fl-effikaċja ("sinerġiji");
435. Jinnota li l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-EaSI evidenzjat għadd ta' soluzzjonijiet biex itejbu l-implimentazzjoni tal-programm, speċjalment bis-saħħa tas-semplifikazzjoni tal-proċeduri, it-titjib tal-konsistenza interna, il-flessibilità msaħħa, l-indirizzar ta' gruppi li jeħtieġu appoġġ speċifiku u l-konnessjonijiet ma' fondi oħra, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni taġixxi f'dan ir-rigward; jitlob b'insistenza, b'mod partikolari, li, fl-ambitu tal-komponent EaSI, l-FSE+ jinkludi sensiela ta' miżuri ta' titjib f'dan is-sens;

Ambjent

436. Jenfasizza li s-sehem ta' pagamenti li jaqzbu l-iskadenzi legali laħaq 8,20 % tal-pagamenti eżegwiti mid-DĠ ENV fl-2018 (5,85 % fl-2017, 3,92 % fl-2016); jiddispijaċih, b'mod partikolari, li d-dewmien fil-pagamenti fl-ambitu tal-Programm LIFE laħaq livelli ogħla fl-2018 (10,3 % meta mqabbel ma' 5,8 % fl-2017 u 3,9 % fl-2016);
437. Jinnota li fl-2018, id-DĠ ENV ippreżenta, fir-RAA tiegħu, rata medja ta' żball residwu ta' 0,09 %, li ma taqbiżx il-limitu minimu ta' materjalità ta' 2 %;
438. Jinnota li fir-RAA tiegħu, id-DĠ ENV enfażizza li t-termini tad-deċiżjoni ta' esternalizzazzjoni għal kooperazzjoni mal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (EASME) b'raba mal-persunal jimplikaw li s-sitwazzjoni tal-persunal fid-DĠ ENV hija partikolarment diffiċli fir-rigward tal-attivitatiet relatati mal-Programm LIFE, u dan jista' jeħtieġ rieżami ulterjuri tal-metodi u tal-arranġamenti ta' ħidma fi ħdan id-DĠ;
439. Jilqa' l-fatt li fl-2018, 0,93 % biss tal-pagamenti kollha tad-DĠ CLIMA saru tard meta mqabbla mal-iskadenzi legali (3,9 % fl-2017);
440. Jenfasizza li d-DĠ CLIMA u d-DĠ BUDĠ jimmonitorjaw l-oġġettiv ta' 20 % marbuta mal-integrazzjoni tal-azzjoni klimatika fil-QFP, u li d-DĠ CLIMA jappoġġja lid-DĠ l-oħra fl-integrazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet klimatiċi fl-attivitatiet tagħhom; jilqa' l-fatt li fl-2018, 20,1 % tal-baġit tal-Unjoni ntefaq fuq attivitatiet relatati mal-klima, iżda jiddispijaċih li fil-bidu tal-2019 kien għadu stmat li x-xejra baġitarja tal-Unjoni tilħaq biss 19,7 % għall-perjodu tal-QFP attwali;
441. Huwa mħasseb ferm dwar il-fatt li r-riżerva għal raġunijiet ta' reputazzjonali, ġuridiċi, finanzjarji u istituzzjonali relatati ma' riskji sinifikanti ta' sigurtà identifikati fil-manutenzjoni u t-tħaddim tas-sistema tar-Reġistru tal-Unjoni tal-Iskema tal-UE għan-Negożjar ta' Emissjonijiet (EU ETS), kif irrappurtat fir-RAA mill-2010 u kif ikkonfermat mill-eżerċizzju ta' valutazzjoni tar-riskju 2018, hija ripetuta fir-RAA tad-DĠ CLIMA għall-2018; jiddeplora t-tul anormali ta' din ir-riżerva; jistieden lill-Kummissjoni ssolvi l-problema malajr;

Saħħa pubblika, sikurezza tal-ikel, saħħa u trattament xieraq tal-annimali u saħħa tal-pjanti

442. Jenfasizza l-fatt li fil-qasam tas-saħħa pubblika, l-akkwist pubbliku huwa l-aktar strument importanti ta' ġestjoni finanzjarja u li, fl-2018, il-krediti ta' impenn u ta' pagament intużaw għalkollox; jenfasizza li, fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, il-baġit huwa implimentat fil-biċċa l-kbira permezz ta' għotjiet diretti lill-Istati Membri, u li r-rati ta' implimentazzjoni tal-impenni u l-pagamenti laħqu 99,0 % u 98,6 % rispettivament;

443. Jinnota li fl-2018 id-DĠ SANTE, fir-RAA tiegħu, ippreżenta rata medja ta' żball residwu ta' 1,9 %, li ma taqbiżx is-soll ta' materjalità ta' 2 %;
444. Jinnota bi tħassib li, bejn l-2016 u l-2018, is-sehem ta' pagamenti relatati mal-ġestjoni tal-għotjiet li saru fil-ħin minn DĠ SANTE naqas minn 97 % għal 83 %;
445. Jiġbed l-attenzjoni għall-isfidi identifikati mid-DĠ SANTE fir-RAA tiegħu fir-rigward tal-implimentazzjoni tat-Tielet Programm tas-Saħħa tal-Unjoni 2014-2020 (il-"Programm tas-Saħħa"); jinnota li dawk l-isfidi huma relatati mal-mekkaniżmu ta' finanzjament attwali tal-Programm tas-Saħħa, li jippermetti biss finanzjament orjentat lejn proġetti u li jista' jkollu impatt negattiv fuq is-sostenibbiltà fit-tul tal-azzjonijiet meħuda, u mal-kumplessità ta' xi mekkaniżmi fil-Programm tas-Saħħa, bħal azzjonijiet konġunti implimentati mal-Istati Membri, li jimplika li iż-żmien bejn l-ippjanar inizjali tal-attività u l-varar effettiv tagħha jista' jkun twil; jinnota l-konklużjonijiet tal-Qorti fir-Rapport Speċjali Nru 21/2019 dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR), skont liema l-attivitàjiet tal-Kummissjoni u l-aġenzji wasslu għal xi progress, pereżempju fi kwistjonijiet veterinarji u relatati mal-ikel; jiddispijaċi madankollu li, skont l-istess rapport, sal-lum f'it hemm evidenza li turi li l-piż fuq is-saħħa tal-AMR naqas fl-Unjoni;

Trasport u Turiżmu

446. Jilqa' t-tlestija fl-2018 tas-sejħa biex jiġu ppreżentati proposti ta' finanzjament imħallat, fil-qasam tat-trasport, fl-ambitu tal-FNE 2017 b'approċċ innovattiv li jagħmel disponibbli baġit indikattiv totali ta' EUR 1,35 biljun ta' għotjiet tal-UE li jingħaqdu ma' finanzjament mill-FEIS, il-BEI, il-banek promozzjonali nazzjonali jew l-investituri privati; jemmen li trid issir evalwazzjoni *ex post* ta' dawn il-proġetti sabiex tiġi vvalutata l-effikaċja ta' dan l-approċċ innovattiv; jinnota li t-tieni skadenza, f'April 2018, għall-preżentazzjoni ta' proposti li jiffukaw fuq proġetti ta' innovazzjoni u teknoloġiji ġodda, b'mod partikolari fil-qasam tal-fjuwils alternattivi, b'appoġġ għall-politika tal-Kummissjoni dwar il-Mobbiltà Nadifa, wasslet biex intgħażlu 35 proġett b'total ta' EUR 404,8 miljun f'finanzjament mill-FNE; jinnota l-ħtieġa li jittejjeb il-livell ta' għarfien tar-regoli ta' eliġibbiltà tal-FNE fost il-benefiċjarji, b'mod partikolari billi ssir distinzjoni ċara bejn kuntratti ta' implimentazzjoni u sottokuntratti; ifakkar li l-ammont ta' flus li jintefaq fl-ambitu ta' strument finanzjarju mhuwiex l-uniku kriterju tal-prestazzjoni tiegħu u jistieden lill-Kummissjoni tapprofondixxi l-valutazzjoni tagħha tal-kisbiet ikkompletati fil-proġetti tat-trasport iffinanzjati mill-UE u tanalizza l-aspett tal-valur miżjud tagħhom u l-infiq maħsub biex jinkisbu riżultati;
447. Jinnota li sal-ħames sena tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali 2014-2020 madwar 23 % biss tal-fondi inizjalment mogħtija kienu rriżultaw f'pagamenti sa Jannar 2019, u dan iqajjem dubju dwar l-implimentazzjoni sħiħa tal-FNE; itenni li sabiex jiġi evitat dewmien fil-pagamenti, id-diżimpenji u r-rimborżi se jakkumulaw b'mod sinifikanti sa tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni u b'hekk ma jkunx jibqa' biżżejjed żmien biex il-fondi jerġgħu jiġu ttrasferiti lejn proġetti oħra, huwa essenzjali li l-INEA tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni teknika u finanzjarja tal-proġetti, sabiex ikunu jistgħu jittieħdu miżuri korrettivi effikaċi fil-ħin; itenni r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti lill-Kummissjoni u lill-INEA biex jiġu żgurati koerenza u trasparenza akbar tal-proċeduri tal-għażla tal-proġetti, biex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet aħjar għal implimentazzjoni f'waqtha tal-programmi u biex jittfassal mill-ġdid il-qafas ta' prestazzjoni għal monitoraġġ aħjar tar-riżultati tal-proġetti;
448. Jilqa' r-Rapport Speċjali tal-Qorti Nru 30/2018 li jikkonkludi li l-modi ewlenin tat-trasport pubbliku huma koperti mir-regolamenti tal-Unjoni, u b'hekk il-qafas tal-Unjoni għad-drittijiet tal-passiġġieri huwa uniku globalment; madankollu, jiddispijaċi dwar il-konklużjoni tal-Qorti li bosta passiġġieri ma kinux konxji biżżejjed tad-drittijiet tagħhom u ħafna drabi ma setgħux jibbenefikaw minnhom minħabba problemi relatati mal-infurzar; għalhekk, itenni t-talba tal-Qorti li jittejjbu l-koerenza, iċ-ċarezza u l-effikaċja tal-qafas tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-Unjoni, tittieħed azzjoni biex jiġu promossi kampanji ta' sensibilizzazzjoni aktar effikaċi u trasparenti u l-korpi nazzjonali ta' infurzar ikunu mgħammra b'aktar għodod għall-infurzar tad-drittijiet tal-passiġġieri;
449. Itenni t-talba tiegħu li l-Kummissjoni, fid-dawl tad-diversi sorsi ta' finanzjament, tipprovi aċċess faċli għall-proġetti, f'forma ta' punt uniku ta' kuntatt, sabiex iċ-ċittadini jkun jistgħu jsegwu b'mod ċar l-iżviluppi u l-finanzjament tal-infrastrutturi kofinanzjati mill-fondi tal-Unjoni u mill-FEIS; dawn il-punti uniċi ta' kuntatt għandu jkollhom setgħat ta' koordinazzjoni estensivi, b'regoli tal-UE prevalenti, b'dimensjoni multilingwi, li jiffaċilitaw il-ġestjoni tal-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali kollha; jinnota li fil-ħames sena tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020, l-assorbiment tal-fondi tal-FEIS kompli jimxi aktar bil-mod milli kien ippjanat; jenfasizza li l-iżbalji identifikati huma fil-livell tal-benefiċjarju, u għalhekk hija meħtieġa aktar gwida fir-rigward tal-eliġibbiltà tal-ispejjeż;

450. Jenfasizza li l-politika dwar l-infrastruttura tat-trasport toffri opportunità ċara biex jiżdedu s-sinerġiji bejn il-ħtiġijiet tad-difiża u dawk ċivili u t-TEN-T; jilqa' ż-żieda ta' pilastru tal-mobbiltà militari fil-politika tat-TEN-T bl-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni f'Marzu 2018 u l-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi inkluż pakkett ġdid iddedikat għall-ħtiġijiet tal-mobbiltà militari ta' EUR 6,5 biljun fl-ambitu tal-baġit tal-FNE għall-2021-2027; jenfasizza l-importanza li jiġu analizzati d-diskrepanzi bejn ir-rekwiżiti militari u tat-TEN-T biex tiġi stabbilita riżerva għal proġetti ta' infrastruttura b'użu doppju li jistgħu jiġu appoġġjati fl-ambitu tal-FNE 2021-2027 u jsaħħu t-TEN-T; itenni li dan l-iżvilupp jirrifletti r-rwol strateġiku tat-TEN-T fl-integrazzjoni tal-infrastruttura tal-Unjoni sabiex tinkiseb mobbiltà rapida u bla xkiel madwar il-kontinent, kif ukoll it-tisħiħ tal-kapaċità tagħna li nirreaġixxu għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza bħal kriżijiet umanitarji, diżastri naturali jew emerġenzi ċivili, u b'hekk is-suq intern jiġi żviluppakt aktar;
451. Jilqa' l-bidu ta' proġetti ġodda li jiffukaw fuq il-mobbiltà urbana, il-loġistika u l-infrastruttura effiċjenti, inkluż il-port tal-futur, b'valur ta' madwar EUR 105 miljun mis-sejħa tal-2017 tal-programm Orizzont 2020; jilqa' l-adozzjoni tal-Programm ta' Ħidma fuq 3 snin dwar it-Trasport (2018-2020) ta' Orizzont 2020; itenni r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li jiġi stabbilit pjan ta' żvilupp tal-portijiet madwar l-Unjoni kollha għall-portijiet ewlenin u li jiġi rivedut l-għadd ta' portijiet ewlenin;

Żvilupp Reġjonali

452. Jissottolinja li l-irregolaritajiet fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni Ewropea mhux neċessarjament jimplikaw frodi u li tenħtieġ analiżi bir-reqqa tar-riżultati tal-awditu qabel ma jiġu applikati korrezzjonijiet finanzjarji fil-konfront tal-benefiċjarji; jistieden lill-Kummissjoni timplimenta l-Istrateġija Kontra l-Frodi tagħha u tkompli tappoġġja u tassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' miżuri kontra l-frodi, inkluż bl-analiżi tal-irregolaritajiet irrapportati mill-Istati Membri fl-ambitu tal-Fondi SIE;
453. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta analiżi dettaljata tar-raġunijiet għala ċerti reġjuni għandhom rati baxxi ta' assorbiment tal-fondi u tivvaluta mezzi speċifiċi biex jiġu solvuti l-problemi strutturali sottostanti għal dawk l-iżbilanċi, kif ukoll biex issaħħaħ l-assistenza teknika fuq il-post; jenfasizza li l-flessibbiltà u regoli aktar sempliċi jistgħu jtejbu l-effiċjenza u l-effikaċja tal-Fondi SIE;
454. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jistabbilixxu pjan ta' azzjoni fl-ewwel nofs tal-2020 biex iħaffu l-implimentazzjoni tal-Fondi SIE fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali, li jkollu inċentivi ċari għall-assorbiment effikaċi tal-fondi disponibbli, it-tisħiħ tal-oġettivi strateġiċi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u, b'konformità mal-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima;

Agrikoltura u Żvilupp Rurali

455. Jistieden lill-Qorti tabbozza rapport speċjali dwar il-ħtif tal-art u l-impatt potenzjali tiegħu fuq il-PAK;
456. Ifakkar lill-Kummissjoni li hemm differenza sinifikanti fit-tipi ta' żbalji, pereżempju bejn ommissjonijiet mhux intenzjonati u każijiet ta' frodi; ifakkar li l-parti l-kbira tal-benefiċjarji huma farms żgħar u medji u li r-regolamentazzjoni kumplessa żżid ir-riskju ta' ommissjonijiet mhux intenzjonati, li għandhom jitqiesu wkoll meta tiġi stmata r-rata ta' żball reali;
457. Jenfasizza li l-implimentazzjoni xierqa tal-interventi tal-PAK hija strettament relatata mal-konformità tal-benefiċjarji mal-impenji stabbiliti fil-livell tal-Unjoni; jenfasizza li ż-żieda fil-flessibbiltà tal-Istati Membri fl-allokkazzjoni tassussidji tal-PAK tista' twassal għal interessi politiċi nazzjonali għal żmien qasir u taf tkompli taggrava l-abbużi, u għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni tevita r-rinazzjonalizzazzjoni tal-PAK, b'mod partikolari s-sistema għall-monitoraġġ tal-konformità tal-benefiċjarji individwali mar-regoli dwar l-eliġibbiltà għall-appoġġ, sabiex tinżamm il-kredibbiltà tal-Unjoni fil-ġestjoni ta' waħda mill-politiki pubbliċi ewlenin tagħha;

Kultura u Edukazzjoni

458. Jilqa' l-konklużjoni tar-Rapport Speċjali Nru 22/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-mobbiltà fil-qafas ta' Erasmus+ li l-programm għandu effett pożittiv fuq il-mod kif il-parteċipanti jħarsu lejn l-Unjoni u jiġġenera ħafna forom ta' valur miżjud Ewropew; jenfasizza wkoll, madankollu, li għandhom isiru aktar sforzi biex l-indikaturi jiġu allinjati bis-sħiħ mal-oġettivi, u li hemm bżonn li l-proċess tal-applikazzjoni u r-rapportar ikun aktar sempliċi;

459. Jilqa' l-effett pożittiv tal-programm Erasmus+ biex titrawwem l-inklużjoni ta' persuni minn sfondi żvantaġġati, kif innutat il-Qorti fir-Rapport Speċjali Nru 22/2018; jappella għal titjib fid-definizzjoni, ir-rappurtar u l-monitoraġġ f'dan il-qasam biex tiġi żgurata l-inklużività tal-programm Erasmus+, kif ukoll dik tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u l-programm Ewropa Kreattiva;
460. Jissottolinja l-hteġa ta' aktar finanzjament għall-programmi Erasmus+ u Ewropa Kreattiva, fid-dawl tas-suċċess tal-programmi u l-valur miżjud li jġibu;
461. Jirrikonoxxi li, ladarba l-Faċilità ta' Garanzija ta' Self lill-Istudanti ma tatx ir-riżultati mistennija, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirrialloka l-fondi rilevanti;
462. Jenfasizza l-progress fir-rati ta' suċċess tal-programm Ewropa Kreattiva meta mqabbla mal-2017 (31 % għall-Kultura u 48 % għas-sottoprogramm MEDIA), iżda jenfasizza li hemm bżonn livelli ta' finanzjament aktar adegwati biex jiġu indirizzati dawk ir-riżultati li għadhom mhumiex sodisfaċenti;
463. Jistieden lill-EACEA tagħti attenzjoni dovuta lis-semplifikazzjoni u l-adattament tal-proċessi tal-applikazzjoni għad-destinatarij biex tittejjeb l-aċċessibilità tal-programmi;
464. Jinnota li għad hemm bżonn titjib kbir fis-sistema ta' kontroll intern tal-EACEA, kif identifikat mir-riżervi li tqajmu fit-tieni fażi ta' awditu dwar il-ġestjoni tal-għotjiet tal-programmi Erasmus+ u Ewropa Kreattiva; jistieden lill-EACEA tadotta l-azzjonijiet korrettivi kollha meħtieġa biex ikun hemm iċ-ċertezza li l-implimentazzjoni tal-programmi tkun tal-ogħla kwalità;
465. Jiġbed l-attenzjoni dwar l-isfidi li se jiffaċċjaw l-Iskejjel Ewropej matul il-proċess tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (ir-"Renju Unit") mill-Unjoni u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Iskejjel Ewropej jirrapportaw lill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni dwar il-ħruġ tar-Renju Unit u dwar kif biħsiebhom ikomplu joffru taġlim tal-aqwa kwalità bl-Ingliż fl-Iskejjel Ewropej wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni;
466. Jenfasizza s-sottorappreżentanza tan-nisa (31 %) fil-pożizzjonijiet maniġerjali intermedji fl-EACEA; jistieden lill-Aġenzija tilħaq l-oġettiv ta' 40 % fl-2020.

Ġustizzja, Libertà u Affarijiet Interni

467. Jilqa' r-Rapport Speċjali tal-Qorti dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jindirizzaw ir-radikalizzazzjoni⁽⁴⁸⁾, iffinanzjat, fost sorsi oħra, mill-FFSI u l-Programm "Ġustizzja"; jikkondividi l-fehma tal-Qorti li l-Kummissjoni għandha ttejjeb il-qafas għall-koordinazzjoni globali tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Unjoni li jindirizzaw ir-radikalizzazzjoni, iżżid l-appoġġ prattiku għall-operaturi u għal dawk li jfasslu l-politika fl-Istati Membri, u ttejjeb il-qafas għall-valutazzjoni tar-riżultati;
468. Jilqa' l-fatt li l-Qorti ma sabitx nuqqasijiet kbar fil-proċeduri ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-Fond għall-AMIF u l-FSI, u jilqa' wkoll il-fatt li hija taqbel mad-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni; jiddeplora, madankollu, il-fatt li tlieta mit-tmintax-il tranżazzjoni eżaminati mill-Qorti kien fihom żbalji, li minnhom tranżazzjoni ta' ġestjoni kondiviża waħda fl-ambitu tal-AMIF kellha rata ta' żball ta' 9,4 %; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza d-dgħufijiet sistemiċi identifikati mill-Qorti, bħal nuqqas ta' kontrolli *ex post* ta' dokumenti ta' sostenn f'każ ta' verifiki amministrattivi *ex ante* tat-talbiet għall-pagament; jistieden lill-Istati Membri jtejbju l-verifiki tal-proċeduri ta' akkwist organizzati mill-benefiċjarji tal-fondi fir-rigward tal-legalità u r-regolarità ta' proċeduri bħal dawn.

Drittijiet tan-Nisa u Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

469. Jisħaq fuq il-fatt li d-drittijiet tan-nisa u l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri għandhom jiġu integrati u garantiti fl-oqsma kollha tal-politika; itenni, għalhekk, l-appell tiegħu għall-implimentazzjoni tal-ibbaġitar skont il-ġeneru fl-istadji kollha tal-proċess baġitarju, inkluż fl-implimentazzjoni tal-baġit u fil-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tiegħu;

⁽⁴⁸⁾ Rapport Speċjali Nru 13/2018 "Il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu: il-Kummissjoni indirizzata il-ħtiġijiet tal-Istati Membri, iżda hemm xi nuqqasijiet fil-koordinazzjoni u l-evalwazzjoni".

470. Jiddispijaciġi għax-xejra tal-aħħar snin li jitnaqqsu l-fondi tal-Unjoni għall-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet u jtenni t-talba tiegħu biex jiżdiedu r-riżorsi għall-oġettiv speċifiku tal-programm Daphne; itenni t-talba tiegħu għal linja baġitarja distinta għall-oġettiv speċifiku tal-programm Daphne tar-REC; jieħu nota tal-evoluzzjoni tal-iżvilupp tal-istħarriġ li jkopri l-Unjoni kollha, b'metodoloġija u kwestjonarju komuni, biex tinġabar data komparabbli dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, fuq bażi regolari, fl-Istati Membri kollha; jistenna li sal-2019 ikun irċieva l-ewwel riżultati tal-eżerċizzju pilota tal-istħarriġ, bil-għan li jkun jista' jipproċedi bl-implimentazzjoni prevista tal-istħarriġ mill-2020-2021 'il quddiem;
 471. Jappella għal eżami tas-sinerġiji bejn il-programmi interni u esterni tal-Unjoni bil-għan li jiġi garantit approċċ koerenti u kontinwu għall-politiki, kemm fl-Unjoni kif ukoll barra l-Unjoni, b'hal fil-każ tal-Mutilazzjoni Ġenitali Femminili (MĠF).
-

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1970 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Meju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0035/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jstabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0070/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1971 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Meju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0035/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jstabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0070/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1972 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0070/2020),
- A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tagħha ⁽¹⁾, il-baġit finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ("l-Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2018 kien jammonta għal EUR 22 960 429, u dan jirrappreżenta żieda ta' 0,47 % meta mqabbel mal-2017; billi l-baġit tal-Aġenzija huwa kważi esklużivament derivat mill-baġit tal-Unjoni ⁽²⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018 ("ir-rapport tal-Qorti"), issostni li għandha fil-pussess tagħha aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'apprezzament li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 100 %, jiġifieri l-istess rata bħal fl-2017; jinnota li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprijazzjonijiet ta' pagament kienet 76,20 %, iżda jirrikonoxxi li tirrappreżenta tnaqqis żgħir ta' 4,09 % meta mqabbla ma' dik tal-2017;
2. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, ir-riporti ta' approprjazzjonijiet impenjati kienu għoljin għall-infiq operattiv, prinċipalment minħabba n-natura tal-attivitajiet li jinkludu studji ta' finanzjament fuq diversi xhur u ta' spiss lil hinn minn tmiem is-sena; jinnota li l-Aġenzija introduċiet proċeduri ta' ppjanar biex timmonitorja d-dewmien inevitabbli bejn l-iffirmar tal-kuntratti, il-konsenji u l-pagamenti. jinnota li, skont ir-risposta tal-Aġenzija, id-devjazzjoni bejn l-ammont ipplanat inizjali u l-ammont finali riportat kienet madwar 10 %, fi ħdan il-marġini tat-tolleranza, u li l-applikazzjoni l-qadima għall-monitoraġġ tal-konsum tal-baġit ġiet sostitwita b'waħda ġdida. jistieden lill-Aġenzija tejjeb l-ippjanar tal-baġit tagħha;

Prestazzjoni

3. Jinnota li l-Aġenzija tuża 31 indikatur ewlieni tal-prestazzjoni bħala parti mill-qafas tal-kejl tal-prestazzjoni tagħha biex tivvaluta r-riżultati u l-impatt tal-attivitajiet tagħha, u 5 indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni addizzjonali biex ittejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha;
4. Jilqa' l-kooperazzjoni tal-Aġenzija ma' aġenziji oħra, b'mod partikolari l-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-Lisa), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil, sabiex jintlaħqu objettivi ta' politika komuni; jilqa' l-fatt li, barra minn hekk, l-Aġenzija tappoġġja regolarment lil aġenziji oħra tal-Unjoni biex jirriflettu l-obbligi li jirriżultaw mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta) fil-ħidma tagħhom; iqis li huwa meħtieġ li l-Aġenzija tkompli tiżviluppa rabtiet b'saħħithom ma' istituzzjonijiet rilevanti oħra tal-Unjoni; iħeġġeġ lill-Aġenzija tesplora modi kif tikkondividi r-riżorsi u l-persunal fuq kompiti li jikkoinċidu fost aġenziji oħra tal-Unjoni b'attivitajiet simili;

⁽¹⁾ ĠU C 120, 29.3.2019, p. 197.

⁽²⁾ ĠU C 120, 29.3.2019, p. 198.

5. Jinnota li fl-2018 ġiet stabbilita unità operattiva ġdida biex issaħħa il-kooperazzjoni interdepartimentali dwar proġetti u ssaħħa il-kapaċità għal risponsi f'ħin reali;
6. Iħeġġeġ lill-Aġenzija tkompli bid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tagħha;
7. Jinnota li l-Parlament talab lill-Aġenzija tipprovdi opinjoni esperta dwar l-implimentazzjoni tal-Karta fil-qafas istituzzjonali tal-Unjoni sa Settembru 2018; jinnota li, skont ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁾, l-Aġenzija ngħatat rwol formali fis-sorveljanza tal-kriterji użati biex jiġu skrinjati l-applikazzjonijiet ta' persuni li jixtiequ jidħlu fl-Unjoni iżda li ma jeħtiġux viża u ġiet ipprovduta b'mekkaniżmu sabiex tagħmel dan;
8. Jistieden lill-Kummissjoni twestaq studju tal-fattibbiltà biex tivvaluta l-possibbiltà ta' fużjoni totali jew almenu tal-ħolqien ta' sinerġiji kondiviżi mal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE); jistieden lill-Kummissjoni tevalwa iż-żewġ xenarji li ġejjin: it-trasferiment tal-Aġenzija għall-kwartieri ġenerali tal-EIGE f'Vilnius u t-trasferiment tal-kwartieri ġenerali tal-EIGE għall-kwartieri ġenerali tal-Aġenzija fi Vjenna; jinnota li ħaġa bħal din tfisser il-kondiviżjoni tas-servizzi korporattivi u ta' appoġġ u l-ġestjoni ta' bini komuni, kif ukoll il-kondiviżjoni tal-infrastrutturi bbażati fuq l-ICT, it-telekomunikazzjonijiet u l-Internet, u b'hekk jiġu ffrankati ammonti kbar ta' flus li jkunu jistgħu jintużaw għal finanzjament ulterjuri taż-żewġ aġenziji;
9. Jilqa' l-isforzi magħmula mill-Aġenzija biex tibbilanċja d-distribuzzjoni ġeografika tar-reklutaġġ tagħha ta' kandidati kwalifikati għal diversi rwoli, dan waqt li tikkunsidra d-diffikultajiet iffaċċjati biex jiġu reklutati l-kandidati tajbin għal ċerti profili;
10. Jafferma, fir-rigward tal-akkwist ta' studji, li r-restrizzjonijiet baġitarji ma għandhomx iwasslu għal proċeduri ta' akkwist pubbliku subottimali; jemmen li l-impenn tal-Aġenzija li tikkunsidra li twestaq riċerka tas-suq qabel ma tnedi sejħiet għall-offerti, li tirrevedi, jekk ikun meħtieġ, ir-rekwiżiti tekniċi u tivvaluta mill-ġdid, jekk ikun possibbli, il-prijorità tal-istudji li għandhom jitwettqu, huma passi fid-direzzjoni t-tajba biex fil-futur itejjeb is-suċċess tal-proċeduri ta' akkwist;
11. Iħeġġeġ lill-Aġenzija tintensifika l-kooperazzjoni tagħha ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-Kunsill tal-Ewropa u n-Nazzjonijiet Uniti, sabiex issib u tuża sinerġiji, kull meta jkun possibbli;
12. Jirrikonoxxi n-natura kumplessa tal-istudji mwettqa mill-Aġenzija li jkopru l-liġi u l-prattika tal-Istati Membri kollha; jenfasizza l-valur ta' dawk l-istudji u l-opinjoni għall-iżvilupp tal-atti legali tal-Unjoni u l-importanza ta' riżorsi finanzjarji adegwati mogħtija lill-Aġenzija sabiex tkun tista' twestaq dmirijietha aħjar; jilqa' l-ħidma kontinwa tal-Aġenzija dwar it-tweġġiq ta' riċerka u r-rappurtar dwar it-tipi kollha ta' diskriminazzjoni fi ħdan l-Unjoni, li permezz tagħhom tikkontribwixxi għat-titjib tal-istrateġiji ta' inklużjoni u l-politiki relatati tal-Unjoni u tal-Istati Membri; jilqa', b'mod partikolari, l-impenn tal-Aġenzija biex tiproteġi gruppi vulnerabbli billi twestaq studji speċifiċi, bħar-rapporti dwar id-dritt għal għajxien indipendenti ta' persuni b'diżabbiltà, l-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġh Rom u d-diskriminazzjoni razzjali u r-reati razzisti kontra persuni ta' dixxendenza Afrikana; jiddispijaċih dwar il-fatt li l-mandat li għandha bħalissa l-Aġenzija jillimitalha l-kapaċità li twestaq studji f'ċerti oqsma tematiċi; jenfasizza l-fatt li l-mandat tal-Aġenzija għandu jestendi għad-drittijiet kollha protetti skont il-Karta, inklużi kwistjonijiet ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija fi kwistjonijiet kriminali, u jemmen li l-Aġenzija għandu jkunilha possibbli li toffri opinjoni dwar proposti leġiżlattivi fuq inizjattiva proprja;

Politika dwar il-persunal

13. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2018, it-tabella tal-persunal kienet eżegwita bil-perċentwal ta' 98,61 %, b'71 aġent temporanju maħtura minn total ta' 72 aġent temporanju awtorizzati mill-baġit tal-Unjoni (meta mqabbel ma' 72 post tax-xogħol awtorizzati fl-2017); jinnota li, barra minn hekk, fl-2018 ħadmu għall-Aġenzija 31 aġent kuntrattwali u 8 esperti nazzjonali sekondati;
14. Jinnota b'approvazzjoni l-bilanċ ugwali bejn is-sessi fost il-manigġers superjuri (tliet irġiel u tliet nisa) u l-bilanċ bejn is-sessi sodisfaċenti fil-Bord ta' Tmexxija (28 raġel u 25 mara);

Akkwist

15. Jinnota, fid-dawl tal-kummenti relatati li saru mill-awtorità ta' kwittanza, li l-għodod tal-akkwist elettroniku kienu obbligatorji biss mill-2019 u li l-Aġenzija introduċiet l-għodod kollha tal-akkwist elettroniku bl-eċċezzjoni tas-sottomissjoni elettronika ta' offerti, li kienet mistennija li tiġi implimentata fl-aħħar tliet xhur tal-2019; jistieden lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza bil-progress li sar f'dan ir-rigward sa Ġunju 2020;

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jstabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1).

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

16. Jilqa' l-miżuri eżistenti tal-Aġenzija u l-isforzi tagħha li għaddejnin bħalissa biex jiġu żgurati t-trasparenza, fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, u fir-rigward tal-protezzjoni tal-informaturi; jinnota li kien hemm għadd ta' każijiet ta' kunflitti ta' interess potenzjali u perċepiti li kienu ġew ivvalutati u mitigati u li l-ebda wieħed minn dawn il-kunflitti ma ġie rrapportat fl-2018; jinnota b'apprezzament li s-CVs u d-dikjarazzjonijiet ta' interess tal-membri tal-Bord ta' Tmexxija jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Aġenzija;
17. Jinnota b'apprezzament li, fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet magħmula mill-awtorità tal-kwittanza u wara r-riorganizzazzjoni fl-2018, l-uffiċjal tal-kontijiet issa jirrapporta direttament lid-Direttur;
18. Jinnota, fid-dawl tal-kummenti li saru mill-awtorità ta' kwittanza b'referenza għall-kwittanza tal-2017 marbuta mal-proċedimenti legali mressqa fi snin reċenti kontra l-Aġenzija dwar allegati deċiżjonijiet ta' reklutaġġ irregolari, li l-Qorti Ġenerali rrifjutat iż-żewġ każijiet; jirrikonoxxi li l-Aġenzija m'għadhiex f'relazzjoni kuntrattwali ma' eks imhalef temporanju ta' riżerva tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u jinnota li ħadet diversi miżuri biex timmitiga kwalunkwe kunflitt ta' interess potenzjali;
19. Jinnota diversi proċeduri legali li għaddejnin bħalissa rigward il-ksur tar-Regolamenti tal-Persunal u l-ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba ⁽⁴⁾; jenfasizza li l-Aġenzija għandha tiżgura li r-rekwiżiti jiġu ssodisfati u li l-Aġenzija għandha tmexxi bl-eżempju fl-għoti ta' pariri dwar id-drittijiet fundamentali u r-rispett tagħhom; jiddeplora l-fatt li tali ksur jista' jkollu effett detrimentali fuq l-opinjoni pubblika u fuq ir-reputazzjoni tal-Unjoni; jiddispijaċih li tali proċedimenti legali jiswew il-flus għall-Aġenzija u jaħlu l-flus tal-kontribwenti;

Kontrolli interni

20. Jinnota b'sodisfazzjon li, wara l-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrateġija kontra l-frodi adottata f'Diċembru 2014 u t-tlestija tal-pjan ta' azzjoni matul l-2015 u l-2016, l-Aġenzija lestiet ir-reviżjoni tal-istrateġija kontra l-frodi li ġiet adottata fil-laqgħa tal-Bord ta' Tmexxija f'Diċembru 2018 u ġiet kkomplementata bi pjan ta' azzjoni speċifiku;
21. Jinnota li, fl-2018, is-Servizz tal-Awditjar Intern ħareġ rapport ta' awditjar dwar l-etika u l-governanza li vvaluta t-tfassil u l-implimentazzjoni effettiva tal-qafas ta' governanza u ta' kontroll tal-Aġenzija fil-qasam tal-etika u kkonkluda li l-qafas ta' governanza u ta' kontroll kien ġeneralment imfassal b'mod adegwat;

Kummenti oħra

22. Jinnota li l-Aġenzija qed issegwi l-attivitajiet tal-Kummissjoni tal-"Groupe Interinstitutionnel de Management Environnemental" (GIME) u li hija esprimiet l-interess tagħha fl-istħarriġ tal-2019 li tissieħeb f'approċċ koordinat tal-membri tal-GIME fir-rigward tal-azzjonijiet li se jirriżultaw fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO₂;
23. Jistieden lill-Aġenzija tiffoka fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tagħha fost il-pubbliku u tikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u ta' mezzi ta' komunikazzjoni oħra;
24. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 ⁽⁵⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽⁴⁾ Kawża T-632/19 DD vs FRA; Kawża T-703/19 DD vs FRA; Kawża T-31/19 AF vs FRA; Kawża C-601/19 P BP vs FRA; Kawża C-669/19 P - BP vs FRA; Kawża C-682/19 P - BP vs FRA.

⁽⁵⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1973 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-13 ta' Mejju 2020

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima VII — Il-Kumitat tar-Reġjuni

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 (COM(2019) 316 — C9-0056/2019) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kumitat tar-Reġjuni lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditi interni mwettqa fl-2018,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018, skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 55, 99, 164, 165 u 166 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 59, 118, 260, 261 u 262 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0071/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lis-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kumitat tar-Reġjuni għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lill-Kumitat tar-Reġjuni, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU L 57, 28.02.2018.

⁽²⁾ ĠU C 327, 30.9.2019, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 9.

⁽⁵⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1974 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima VII — Il-Kumitat tar-Regġuni**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima VII — Il-Kumitat tar-Regġuni,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0071/2020),
- A. billi, fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza, l-awtorità ta' kwittanza tixtieq tisħaq fuq l-importanza partikolari li tissaħħaħ aktar il-leġittimità demokratika tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni permezz ta' titjib fit-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont u permezz tal-implimentazzjoni tal-kunċett ta' bbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni u governanza tajba tar-riżorsi umani;
1. Jinnota b'sodisfazzjon li, fir-rapport annwali tagħha għall-2018, il-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") ma tidentifika l-ebda dgħjufijiet serji fir-rigward tas-suġġetti awditjati b'rabta mar-riżorsi umani u mal-proċeduri ta' akkwist għall-Kumitat tar-Regġuni (il-"Kumitat");
 2. Jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti li l-pagamenti kollha għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 għan-nefqa amministrattiva tal-Kumitat kienu ħielsa minn żbalji materjali u li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll eżaminati kienu effettivi;
 3. Jiddispijaċih, bħala osservazzjoni ġenerali, li l-Kapitolu 10, "Amministrazzjoni", tar-Rapport Annwali 2018 tal-Qorti għandu kamp ta' applikazzjoni u konklużjonijiet pjuttost limitati, minkejja l-fatt li l-Intestatura 5, "Amministrazzjoni", tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali titqies li għandha riskju baxx;
 4. Jinnota li l-Qorti għażlet kampjun ta' 45 tranżazzjoni li jikkorrispondu għall-Intestatura 5, "Amministrazzjoni" tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni; jinnota li l-kampjun tfassal biex ikun rappreżentattiv tal-firxa ta' nfiq fl-ambitu tal-Intestatura 5, li tirrappreżenta 6,3 % tal-baġit tal-Unjoni; jinnota li l-ħidma tal-Qorti tindika li n-nefqa amministrattiva hija waħda ta' riskju baxx; jikkunsidra, madankollu, li numru ta' tranżazzjonijiet magħżula b'rabta mal-"istituzzjonijiet l-oħra" mhuwiex suffiċjenti u jitlob lill-Qorti żżid l-għadd ta' tranżazzjonijiet li għandhom jiġu eżaminati tal-inqas b'10 %;
 5. Jinnota li fl-2018 il-baġit tal-Kumitat ammonta għal EUR 96 101 000 meta mqabbel ma' EUR 93 295 000 tal-2017, li jikkorrispondi għal żieda ta' 3 %; jinnota li 99,3 % tal-appropriazzjonijiet kollha kienu impenjati sa tmiem l-2018 (meta mqabbel ma' 98 % fl-2017 u 98,7 % fl-2016), u li 91 % tħallsu fl-2018 (meta mqabbel ma' 89,9 % fl-2017 u 89,6 % fl-2016);
 6. Jilqa' l-ġestjoni finanzjarja, li b'mod ġenerali hija prudenti u soda, tal-Kumitat fil-perjodu tal-baġit tal-2018; jilqa' l-fatt li r-rata ta' impenn għat-Titolu 1, "Infiq relatat ma' persuni li jaħdmu mal-Kumitat," kienet 99,1 % u għat-Titolu 2, "Il-bini, it-tagħmir u l-infiq operattiv mixxellanju" kienet, 99,6 %;
 7. Jinnota r-risposta tal-Kumitat b'rabta mar-rati ta' eżekuzzjoni tal-pagamenti (76,9 % fl-2018, 77,1 % fl-2017 u 74,5 % fl-2016) għat-Titolu 2; jinnota li l-fatturi prinċipalment għall-manutenzjoni u l-konsum tal-enerġija jaslu biss fil-bidu tas-sena ta' wara; jitlob lill-Kumitat itejjeb is-sitwazzjoni, fejn possibbli billi jistabbilixxi termini ta' ħlas ibbilanċjati matul is-sena fil-kuntratti ta' servizz rilevanti;
 8. Jinnota l-appropriazzjonijiet mhux użati għal diversi linji baġitarji, bħal 59,0 % għall-korsijiet għall-membri (il-partita 1 0 5), 33,3 % għall-missjonijiet għall-persunal (il-partita 1 6 2), 77,9 % għas-servizzi mediċi (il-partita 1 6 3 4) u 92,7 % għas-sistemazzjoni tal-bini (il-partita 2 0 0 7); ifakkar fil-ħtieġa ta' miżuri biex jiġi evitat li l-baġit jiġi sovrastimat;

9. Jenfasizza li l-baġit tal-Kumitat, minkejja l-attivitajiet politiċi tiegħu, huwa meqjus purament amministrattiv u jammonta għal 1 % tal-Intestatura 5 “Amministrazzjoni” tal-baġit tal-Unjoni; jilqa’ l-isforzi tal-Kumitat fl-applikazzjoni ta’ prinċipji tal-baġit ibbażati fuq il-prestazzjoni fl-operazzjonijiet ta’ kuljum tiegħu u r-rieda tiegħu biex ikompli jtejjeb il-ħidma tiegħu flimkien ma’ istituzzjonijiet u korpi oħra tal-Unjoni; jinnota l-għodod ta’ suċċess, bħar-riżamijiet tal-eżekuzzjoni tal-baġit, biex jiġu mmonitorjati r-rati tal-eżekuzzjoni tal-baġit tal-Kumitati u biex iservu ta’ għajnuma biex jitjiebu; jilqa’ b’mod ġenerali l-approċċ tal-Kumitat orjentat lejn il-prestazzjoni;
10. Jinnota li l-Kumitat iżomm regjistru ċentrali tal-eċċezzjonijiet ta’ rappurtar relatati man-nuqqas ta’ konformità mal-proċeduri interni u l-miżuri korrettivi; jilqa’ l-fatt li l-għadd globali ta’ eċċezzjonijiet finanzjarji naqas b’6,8 % (meta mqabbel mal-2017);
11. Jilqa’ l-isforzi tal-Kumitat biex jonqos iż-żmien medju għall-ħlas (skont ir-Regolament Finanzjarju, il-pagamenti jridu jsiru fi żmien 30 jum) għal 16-il jum bħala medja fl-2018, li hija l-aħjar rata f’10 snin (meta mqabbla ma’ 23 jum fl-2017, 26 jum fl-2016 u 20 jum fl-2015); jinnota li fl-2018 ma ġie rrapportat l-ebda każ ta’ mgħax ta’ inadempjenza obbligatorju;
12. Jinnota li l-Kumitat nieda eżerċizzju għal 16-il Standard ta’ Kontroll Intern (ICS) permezz ta’ kwestjonarju, imfassal biex jevalwa l-konformità u l-effikaċja tar-rekwiżiti speċifikati għal kull ICS; jinnota l-eżitu pożittiv ta’ dik l-evalwazzjoni u l-konklużjonijiet tagħha li jiffukaw b’qawwa fuq l-ICS 3, l-allokazzjoni tal-persunal, l-ICS 10, il-kontinwità operattiva u l-ICS 12, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, minħabba l-isfidi futuri bħall-mandat ġdid u l-25 anni-versarju tal-Kumitat;
13. Jirrikonoxxi li l-monitoraġġ tal-kapaċità tal-awditjar intern huwa pprovdut minn kumitat tal-awditjar magħmul minn membru wieħed għal kull grupp politiku tal-Kummissjoni għall-Affarijiet Finanzjarji u Amministrattivi tal-Kumitat u konsulent estern ta’ livell għoli; jinnota li l-oġġettiv għall-2018 li 75 % tar-rakkomandazzjonijiet importanti ħafna jingħalqu wara 6 xhur intlaħaq b’rata ta’ 50 %, u l-oġġettiv li 100 % tar-rakkomandazzjonijiet importanti ħafna jingħalqu wara 12-il xahar intlaħaq b’rata ta’ 100 %;
14. Itenni l-importanza tal-kooperazzjoni interistituzzjonali, bħal ftehimiet dwar il-livell ta’ servizz għall-politiki tar-riżorsi umani u ftehimiet amministrattivi oħra; jistieden lill-Kumitat jinforma lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament dwar l-ammonti mħallsa fl-ambitu ta’ ftehimiet bħal dawn fir-rapport annwali tal-attività li jmiss;
15. Jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni tal-involvement tal-awtoritajiet reġjonali u lokali minħabba r-rwol tagħhom fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni;
16. Jinnota li fil-31 ta’ Diċembru 2019 wasal fi tmieniu l-ftehim ta’ kooperazzjoni amministrattiva tal-2014 bejn il-Kumitat, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) u l-Parlament; jinnota li sal-lum il-ftehim tal-2014 la reġa’ ġie nnegożjat u lanqas estiż; huwa tal-opinjoni li l-ftehim tal-2014 kien żbilanċjat ħafna għall-Kumitat u l-KESE (il-“Kumitati”), li b’kollox ittrasferew 60 traduttur lill-Parlament (24 mill-Kumitat) u bi skambju kisbu biss l-użu tas-servizzi tas-Servizz ta’ Riċerka tal-Parlament Ewropew (EPRS); jinnota bi tħassib li bħala konsegwenza, il-Kumitati kellhom jingaġġaw persunal kuntrattwali u jesternalizzaw is-servizzi ta’ traduzzjoni tagħhom; jinnota bi tħassib li biex jikkumpensa għat-tnaqqis fil-persunal tat-traduzzjoni, il-Parlament ipprova lill-Kumitat fondi addizzjonali (EUR 1 200 000 mill-2015 sal-2016) biex tiġi koperta l-esternalizzazzjoni tas-servizzi ta’ traduzzjoni u li dawn il-fondi jistgħu jiġu riallokati lejn oqsma oħra ta’ politika jekk ma jintużawx kollha għat-traduzzjoni esternalizzata; huwa tal-opinjoni li dawn iċ-ċirkostanzi mhumiex konformi mal-kriterji ta’ ġestjoni finanzjarja ġenerali tajba u prudenti, u għandhom jergġghu jiġu riveduti fil-każ ta’ estensjoni ta’ dan il-ftehim jew fin-negożjati ta’ ftehim ġdid; jirrikonoxxi li mil-lat politiku, il-ftehim għandu jiġi aġġornat biex jingħelbu l-isfidi attwali, bħall-Qafas Finanzjarju Pluriennali il-ġdid jew ir-regoli l-ġodda dwar il-politika ta’ koeżjoni;
17. Jilqa’ l-kampanja “Nirriflettu dwar l-Ewropa/il-Futur tal-Ewropa” li tammonta għal aktar minn 209 avvenimenti li saru kollha (sa Frar 2019); jinnota li l-Kumitat qed jagħti segwitu lil dan is-suċċess billi jiżviluppa mudell, flimkien ma’ istituzzjonijiet u korpi oħra tal-Unjoni, għal konsultazzjonijiet li tibqa’ għaddejja maċ-ċittadini tal-Unjoni bil-għan li jiġu kkombinati d-dibattiti lokali ma’ mekkaniżmu ta’ feedback biex jiġu infurmati dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell tal-Unjoni; jistieden lill-Kumitat jirrapporta dwar ir-riżultati li nkisbu fir-rapport annwali tal-attività tiegħu li jmiss;

18. Jilqa', għal raġunijiet ta' trasparenza, il-lista ta' avvenimenti għall-2017 u l-2018 fil-kuntest tal-kampanja "Nirriflettu dwar l-Ewropa/il-Futur tal-Ewropa" fir-rapport annwali tal-attività tal-Kumitat; jinnota l-ismijiet tal-membri tal-Kumitat involuti, it-titlu, id-data u l-post ta' kull avveniment, u l-ispiża globali, li tammonta għal EUR 41 747,87 fl-2018 (meta mqabbla ma' EUR 45 505,93 fl-2017);
19. Japprezza s-suċċess tal-Kumitat fuq il-midja soċjali bi 12 658 "likes" tal-paġna ta' Facebook fl-2018 (meta mqabbel ma' 9 013 fl-2017) u 3 727 segwaċi fuq Twitter fl-2018 (meta mqabbel ma' 3 425 fl-2017); jirrikonoxxi l-użu b'suċċess ta' stħarriġ online/applikazzjonijiet mobbli "Have your say on Europe!" (Semma' lehnok dwar l-Ewropa!) madwar l-Unjoni; jifraħ lill-Kumitat għas-sit web ġdid tiegħu b'101 983 viżwalizzazzjoni tal-paġna fl-2018 (meta mqabbel ma' 43 748 fl-2017); jilqa' l-kors online li fetaħ f'Janjar 2018 bit-titolu 'Make the most of EU resources for your region or city' (Nagħmlu l-aħjar użu mir-riżorsi tal-UE għar-reġjun jew għall-belt tiegħek) bi kważi 15 000 parteċipant (meta mqabbel ma' 8 500 fl-2015 u 5 500 fl-2016);
20. Jilqa' b'sodisfazzjon is-suċċess tal-Kumitat meta żied il-pubblikazzjoni tal-istudji tiegħu li ammontaw għal 27 u qabżu l-oġettiv ta' 15; jinnota li dawn l-istudji kollha ġew ippubblikati fuq is-sit web tal-Kumitat;
21. Jinnota li l-ftehim bejn il-Kumitati u l-Kummissjoni dwar l-iskambju tal-binja VMA tal-Kummissjoni mal-binjet tal-Kumitati BEL68/TRE 74 ġie ffirmat fit-28 ta' Awwissu 2019; jinnota li l-iskambju se jsir effettiv fis-16 ta' Settembru 2022; jinnota bi tħassib li l-prijorità ewlenija identifikata mill-politika immobiljari tal-Kumitati hija l-konċentrazzjoni ġeografika tal-binjet; jinnota bi tħassib li dan l-iskambju jirriżulta ftelf ta' spazju għall-uffiċċji ta' 10 440 m² għall-Kumitati u, għaldaqstant, il-ħtieġa li jinstabu aktar uffiċċji biex jakkomodaw madwar 200 membru tal-persunal wara l-iskambju, liema ħtieġa ma tistax tiġi kkompensata kompletament b'miżuri alternattivi fuq perjodu qasir, bħal użu iktar intensiv tal-isparju fil-bini l-ieħor jew żieda fl-użu tat-telexogħol, iżda se jirrikjedu x-xiri ta' binja oħra maġenb il-bini l-ieħor biex jiġi kkompensat dan it-tnaqqis; jinnota wkoll il-ħtieġa li jiġi rinnovat il-binja VMA fuq perjodu qasir sa medju; jibża' mill-konsegwenzi li dan il-ftehim se jkollu mhux biss għall-finanzi tal-Kumitat iżda wkoll għall-benesseri tal-persunal ikkonċernat; jiddispijaċih li s-servizz legali ma ġiex ikkonsultat dwar kwistjoni ta' portata u importanza bħal din għall-Kumitat;
22. Jinnota li l-Kumitati reċentement stabbilew grupp ta' ħidma konġunt bil-għan li titħejja analiżi oħra sabiex jinstabu soluzzjonijiet adegwati; jinnota li grupp ta' ħidma ieħor għandu l-kompitu li jirrifletti dwar modi ġodda ta' ħidma; jenfasizza li l-benesseri, il-modalità ta' xogħol u l-isparju tax-xogħol tal-persunal bl-ebda mod ma għandhom ibatu l-konsegwenzi negattivi li jirriżultaw mill-iskambju tal-bini; ifakkar fil-ħtieġa li l-membri tal-persunal jiġu kkonsultati dwar l-iskambju tal-bini u li għandha titqies l-opinjoni tagħhom; jistieden lill-Kumitati jinformat lill-Kumitat Parlamentari għall-Kontroll tal-Baġit u l-Kumitat għall-Baġit dwar ir-riżultati li nkisbu;
23. Jesprimi tħassib serju dwar il-konferma tal-preżenza ta' asbestos f'postijiet kritiċi tal-binja VMA inkluża ż-żona ta' parkeġġ; jiddeplora l-fatt li f'Settembru 2019 kuntrattur estern speċjalizzat għamel inventarju xahar biss wara l-iffirmar tal-ftehim mal-Kummissjoni; jiddeplora l-fatt li l-ftehim ġie ffirmat mingħajr ma ġew infurmati l-partijiet ikkonċernati kollha fi żmien xieraq dwar il-possibbiltà ta' preżenza ta' asbestos fil-binja VMA; jiddeplora wkoll il-fatt li l-membri u l-persunal ma ġew infurmati dwar is-sitwazzjoni u jqis li mhuwiex biżżejjed li l-informazzjoni ġiet ippubblikata fuq l-intranet tal-Kumitat fejn huwa diffiċli li wieħed isibha;
24. Jinnota li l-Kumitati rċewew ċertifikat ta' sikurezza rigward l-asbestos għall-binja VMA f'Settembru 2019 u li dan iċ-ċertifikat jispeċifika li l-bini fih asbestos mingħajr riskju għall-użu normali tal-bini; filwaqt li jitqies b'mod speċjali li l-użu li jmiss tal-bini mhux se jkun użu normali, iżda sitwazzjoni ta' kostruzzjoni, jinsab imħasseb ħafna dwar l-iżviluppi futuri relatati ma' din il-kwistjoni;
25. Jinnota li l-effetti ta' esponiment fit-tul u mhux sikur għall-asbestos fuq is-saħħa tal-bniedem huma dokumentati sew u huma dejjem sors ta' tħassib u allarm fost il-popolazzjoni b'mod ġenerali; jitlob lill-Kumitati jattwaw politika ta' trasparenza totali u proattiva u jagħtu informazzjoni dwar il-ġestjoni tas-sitwazzjoni qabel u wara l-okkupazzjoni effettiva tal-binja VMA filwaqt li fl-istess ħin jiġi evitat l-allarm;
26. Jirrikonoxxi l-istrateġija immobiljari tal-Kumitat approvata fid-29 ta' Novembru 2017 li fiha nġhatat prijorità lill-"konċentrazzjoni ġeografika" u l-"konnessjoni fiżika" fil-bini prinċipali tal-Kumitati, Jacques Delors, li jipprovdi benefiċċji finanzjarji u mhux finanzjarji sinifikanti; jinnota li l-binja VMA se jeħtieġ rinnovazzjoni minuri malajr kemm jista' jkun (2020 sa 2022) u rinnovazzjoni aktar bir-reqqa ladarba l-Kumitati jkunu l-propjetarji sħaħ tal-binja VMA fl-2028; jinnota li l-ispejjeż se jiġu koperti mill-Kumitati skont l-iskema ta' kondivizzjoni applikabbli taħt il-ftehim ta' kooperazzjoni amministrattiva;

27. Jilqa' l-miżuri kollha implimentati s'issa biex jiżguraw standards ta' (ċiber)sigurtà adegwati; jinnota li wara l-installazzjoni tat-tagħmir il-ġdid għall-kontroll tal-aċċess u l-azzjonijiet għas-Sigurtà tal-IT, l-istandards tas-sigurtà relatati laħqu l-istess livell bħall-istandards tal-Parlament u tal-Kummissjoni;
28. Jiddispjaċih għall-fatt li l-Kumitat għad m'għandux qafas ġrudiku biex jittratta każijiet ta' fastidju li jinvolvu l-membri tiegħu; itenni l-appell tal-Ombudsman Ewropew biex l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jadottaw regoli dwar il-fastidju li japplikaw għall-membri tagħhom; jitlob lill-Kumitat jadotta b'urġenza regoli bħal dawn, skont id-Deċizzjoni tal-Bureau tal-Parlament tat-2 ta' Lulju 2018 dwar l-ilmenti ta' fastidju; jistieden lill-Kumitat jirrapporta lill-Parlament dwar l-azzjonijiet ta' segwitu;
29. Ihegġegħ lill-Kumitat isaħħaħ l-isforzi tiegħu relatati mal-kodiċi ta' kondotta ppjanat għall-membri tiegħu b'rabta mal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kunflitti ta' interess; jitlob lill-Kumitat jiżgura l-pubblikazzjoni tar-regoli u l-proċeduri kkonċernati fuq is-siti web tiegħu;
30. Jirrikonoxxi l-mekkaniżmu robust li l-Kumitat għandu fis-seħħ biex jiġu indirizzati każijiet ta' fastidju li jinvolvu membri tal-persunal b'regoli interni li jimplementaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti tal-Persunal biss; jilqa' d-dispożizzjoni tat-taħriġ għall-membri tal-persunal kollu dwar is-suġġett tal-prevenzjoni tal-fastidju, li jiffoka fuq ir-regoli, id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri fis-seħħ fir-rigward tal-ilmenti ta' fastidju; jinnota li l-Kumitat għandu tim funzjonanti ta' esperti tal-assistenza psikoloġjakkunfidenzjali (bħalissa nħatru sitta u tnejn huma mniżżla f'lista ta' riżerva) li kollha rċevew taħriġ qabel ma ħadu l-funzjoni tagħhom;
31. Jinnota li l-appropriazzjonijiet għall-esternalizzazzjoni tat-traduzzjoni żdiedu fil-kuntest tal-ftehim ta' kooperazzjoni ffirmat mal-Parlament u t-tnaqqis sussegwenti fil-persunal tat-traduzzjoni; jinnota li fl-2018 l-esternalizzazzjoni tat-traduzzjoni laħqet l-20,2 %, kemxejn ogħla mill-oġettiv ta' 20 %, li ġiet ikkawżata parzjalment ukoll minħabba l-ammont kbir ta' xogħol (21 % ogħla mill-istess perjodu fl-2017); jinnota wkoll li l-ispiża totali tat-traduzzjoni esternalizzata fl-2018 kienet EUR 3 251 855 (meta mqabbla ma' EUR 5 263 108 li kieku kienet tkun l-ispiża totali tat-traduzzjoni interna);
32. Jirrikonoxxi l-isforzi tal-Kumitati li wasslu għal riorganizzazzjoni sinifikanti taħt strateġija ġdida għal multilingwiżmu aktar effiċjenti fl-użu tar-riżorsi; jiddispjaċih li, bejn l-2014 u l-2017, it-trasferimenti ta' postijiet tax-xogħol mis-servizzi lingwistiċi għas-servizzi tal-Parlament, kellhom jiġu kkompensati minn numru akbar ta' aġenti kuntrattwali; jistieden lill-Kumitat jinforma lill-Parlament regolament dwar l-iżviluppi relatati;
33. Jinnota r-rapport ta' evalwazzjoni dwar il-proġett pilota ta' ġestjoni komuni ta' xi unitajiet tat-traduzzjoni li ġew identifikati, apparti minn tnaqqis fl-ispejjeż ġenerali tal-ġestjoni, is-sinerġiji addizzjonali fil-livell ta' assistenza għat-traduzzjoni ladarba l-unitajiet kollha tat-traduzzjoni jingħaqdu u l-kundizzjonijiet tekniċi kollha meħtieġa jkunu fis-seħħ; jinnota li l-bureau tal-Kumitat ta mandat lis-segretarju ġenerali tiegħu biex ifassal u jipproponi tabella tal-persunal ġdida, f'kooperazzjoni mas-segretarju ġenerali tal-KESE; jinnota li l-fużjoni tal-unitajiet pilota hija kkonfermata u li għandhom isiru żewġ fużjonijiet oħra fl-2019; jistieden lill-Kumitat jirrapporta lura lill-Parlament dwar l-azzjonijiet kollha li jkunu ttieħdu biex il-produzzjoni tat-traduzzjoni tkun sostenibbli;
34. Jinnota l-isforzi biex il-proċessi tar-riżorsi umani jiġu ssemplifikati aktar, b'mod partikolari permezz tal-introduzzjoni gradwali ta' flussi tax-xogħol mingħajr karti bħall-fatturi, il-missjonijiet u l-fajls; jistieden lill-Kumitat isaħħaħ l-isforzi tiegħu fil-modernizzazzjoni tal-proċessi ta' akkwist tiegħu b'rabta ma' għodod tal-IT, billi jinħoloq fluss tax-xogħol elettroniku li jippermetti modalità mingħajr karti; jinnota l-progress tajjeb li sar bil-fatturazzjoni elettronika li issa hija kompletament operattiva mil-lat informatiku;
35. Jinnota tabella tal-persunal ta' 538 membru tal-persunal fl-2018 (meta mqabbel ma' 533 fl-2017); jilqa' r-rata ta' pożizzjonijiet vakanti aktar baxxa fl-2018 (inqas minn 2 %) milli fl-2017 (madwar 2,5 %); jilqa' l-fatt li, fl-2018, beda eżerċizzju ta' valutazzjoni tal-ammont ta' xogħol biex ikun hemm stampa ġenerali tal-użu effiċjenti tar-riżorsi umani fi ħdan il-Kumitat u biex jiġu identifikati lakuni possibbli; jinnota li r-rapport finali se jiġi ppreżentat fir-rebbiegħa tal-2019; jitlob li jingħata segwitu dettaljat fir-rapport annwali tal-attività li jmiss tal-Kumitat;

36. Jilqa' l-introduzzjoni ta' sistema ġdida ta' valutazzjoni li tiffoka fuq il-prestazzjoni individwali u skema ġdida ta' promozzjoni meritokratika li kienu s-suġġett ta' djalogu soċjali intensiv fl-2018; jirrikonoxxi li l-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni wara sħarriġ ta' sodisfazzjon tal-persunal organizzat tard fl-2016 irriżultat fi programm ta' ġestjoni għal manijers fil-livelli intermedji u inferjuri li jkopru suġġetti li huma marbuta mas-sodisfazzjon tal-persunal;
37. Jilqa' l-fatt li r-rata ta' assenteiżmu naqset matul is-snin (minn 4,86 % fl-2015, 4,6 % fl-2016 u 4,5 % fl-2017, għal 4,29 % fl-2018); jinnota, madankollu, li 23 membru tal-persunal kienu fuq liv tal-mard għal aktar minn 90 jum fl-2018, inklużi tliet każijiet li kienu fuq liv tal-mard fit-tul, rispettivament, ta' 352, 296,5, u 280,5 jum, u jikkorrispondu għal mard serju; jirrikonoxxi l-politika komprensiva tal-Kumitat dwar il-ġestjoni tal-assenteiżmu, inkluż is-segwitu tal-assenzi u l-implimentazzjoni ta' politika strutturata għar-ritorn għax-xogħol;
38. Jilqa', b'rabta mal-opportunitajiet indaqs, il-miżuri kollha li ttieħdu fir-rigward tad-diżabbiltà, tad-diversità u tal-bilanċ bejn il-ġeneri, bħan-netwerk tal-punti ta' kuntatt lokali għal opportunitajiet indaqs fid-direttorati rispettivi għas-sensibilizzazzjoni u jiġu implimentati azzjonijiet fid-dipartimenti kollha tal-Kumitat; jilqa' l-isforzi tal-Kumitat fir-rigward tal-kundizzjonijiet flessibbli tax-xogħol tiegħu, sabiex jippermetti lill-kolleġi taż-żewġ sessi jaqdu d-dmirijiet manijerjali billi jirrikonċiljaw aħjar ir-responsabbiltajiet familjari u professjonali tagħhom;
39. Jinnota b'interess li l-Kumitat adotta strateġija integrata ta' ġestjoni tat-talenti li tkopri firxa wiesgħa ta' oqsma u politiki biex, fl-aħħar mill-aħħar, jikkontribwixxu għall-prestazzjoni tal-persunal u l-impenn tal-persunal; jinnota li l-livell ta' viċi kapijiet tal-unità, kapijiet tas-settur u kapijiet ta' timijiet ġie rikonoxxut uffiċjalment bħala livell ta' ġestjoni ġdid u li l-Kumitat organizza taħriġ intern relatat;
40. Jirrikonoxxi l-isforzi tal-Kumitat biex jinkiseb il-bilanċ ġeografiku għall-manijers tal-Kumitat, b'mod partikolari fir-rigward tal-Istati Membri li aderew mal-Unjoni fl-2014 jew wara, li waslu għal persentaġġ tal-manijers minn dawk l-Istati Membri sabiex jilħaq it-22,2 % (meta mqabbel mal-mira ta' 20 %), li huwa kemxejn ogħla mill-proporzjon tal-popolazzjoni tagħhom fl-Unjoni;
41. Jinnota d-diffikultajiet tal-Kumitat biex jiżdied is-sehem tan-nisa f'pożizzjonijiet manijerjali intermedji u superjuri (35,6 % nisa f'pożizzjonijiet manijerjali); jirrikonoxxi l-fatt li l-Kumitat huwa istituzzjoni ta' daqs limitat bi grupp relattivament żgħir ta' manijers ta' livell intermedju; jinnota l-isforzi bħall-Gwida għal Prattika Tajba relatati mar-Reklutaġġ, rielaborata f'istruzzjoni ta' servizz, bl-introduzzjoni ta' regola vinkolanti għall-inklużjoni ta' membri tal-bord irġiel kif ukoll nisa f'kull bord ta' reklutaġġ; jistieden lill-Kumitat isaħħaħ aktar l-isforzi tiegħu u jirrapporta lura lill-Parlament dwar kwalunkwe titjib miksub;
42. Itneni l-ħtieġa li tiġi armonizzata u aċċelerata l-proċedura ta' kwittanza; jipproponi, f'dan ir-rigward, li tiġi stabbilita l-iskadenza tal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara s-sena kontabilistika għall-preżentazzjoni tar-rapporti annwali tal-attività; jilqa' r-rieda tal-Kumitat li jsegwi din l-aħjar prattika li għandha tgħin biex tappoġġa t-talba biex jitqassar iż-żmien għall-proċedura ta' kwittanza;
43. Jilqa' l-fatt li, b'mod ġenerali, il-valutazzjoni ta' nofs it-terminu li tlestiet fil-bidu tal-2018 ikkonkludiet li l-ftehim ta' kooperazzjoni interistituzzjonali bejn il-Kumitati qed jaħdem tajjeb; jinnota li s-servizzi konġunti jservu liż-żewġ Kumitati fl-oqsma tat-traduzzjoni, l-infrastruttura, il-loġistika u l-IT; jinnota li, flimkien mal-ispejjeż relatati mas-salarji kkonċernati, il-valur monetarju annwali tas-servizzi konġunti jaqbeż il-EUR 100 miljun;
44. Jinnota li l-ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Kumitati, iffirmit fl-2016, jistabbilixxi qafas ġuridiku sod għal kooperazzjoni fit-tul, effiċjenti u effettiva, u juri li l-Kumitati qed jaġixxu fi sħubija filwaqt li jirrispettaw is-setgħat u l-prerogattivi ta' xulxin; jinnota li l-ftehim intemm fil-31 ta' Diċembru 2019 u li kien ġie deċiż li jiġi estiż għal sena filwaqt li jkun qed jiġi nnegożjat ftehim ġdid; jitlob lill-Kumitati jagħmlu l-isforzi meħtieġa biex jikkonkludu ftehim ġdid malajr kemm jista' jkun sabiex jippermettu aktar sinerġiji u ffrankar;

45. Ifakkar li għal darb'oħra l-Kumitati ddedikaw inqas minn 3 % tal-baġit totali tagħhom għall-IT u li proġetti u tagħmir tal-IT sofrew minn nuqqas ta' finanzjament strutturali għal diversi snin; jinnota bi tħassib li biex jiġi indirizzat l-akkumulazzjoni ta' proġetti u sistemi tal-IT, il-Kumitati qed ikomplu jużaw eżerċizzji ta' tlaqqit fi tmiem is-sena biex jifinanzjaw proġetti tal-IT; jitlob lill-Kumitati jimplementaw mill-aktar fis possibbli l-istrategġija diġitali l-għdida u l-pjan pluriennali ta' nefqa tal-IT;
46. Jistieden lill-Kumitat ikompli janalizza s-sitwazzjoni biex jiġu identifikati oqsma oħra għas-servizzi konġunti mal-KESE; jenfasizza li dan it-tip ta' kooperazzjoni interistituzzjonali jista' jnaqqas b'mod sinifikanti n-nefqa globali tal-Kumitat; jistieden lill-Kumitat jgħarraf lill-Kumitat Parlamentari għall-Kontroll tal-Baġit dwar kull riżultat li nkiseb;
47. Jifraħ lill-Kumitat għat-taħriġ tiegħu dwar it-tagħlim elettroniku b'qasam speċifiku ddedikat għall-etika mfassal prinċipalment għal persunal għdid u mqiegħed fl-ewwel paġna tal-intranet tal-Kumitat biex kulħadd ikun jista' jaċċedi faċilment għalih; japprezza, fl-interess tat-trasparenza, il-pubblikazzjoni ta' politiki, bħal proċeduri ta' żvelar ta' informazzjoni protetta u politiki dwar attivitajiet okkupazzjonali ta' ex uffiċjali għolja, fuq is-sit web tal-Kumitat; jinkoraġġixxi lill-Kumitat ikompli jaħdem fuq politika vera favur id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tiegħu;
48. Ifakkar li fit-23 ta' Awwissu 2018, ex awditur intern ressaq ilment quddiem l-awtorità tal-ħatra kontra l-Kumitat abbażi tal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, wara d-deċiżjoni tal-Kumitat tal-24 ta' Mejju 2018 li jirrifjuta li jirrikonossix bħala informatur *in bona fide*; jiddispijaċih ħafna dwar id-deċiżjoni tal-Kumitat li tikkontradixxi l-pożizzjoni tal-Parlament li l-awditur intern huwa informatur *in bona fide*, ikkonfermata fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-Parlament għall-2001 ⁽¹⁾; iħeġġeġ lill-Kumitat jirrikonossix bis-sħiħ l-istatus tal-awditur intern u jitlob skuża pubblika talli l-każ tiegħu ġie ttrattat ħażin;
49. Jinnota li fl-20 ta' Diċembru 2019, il-Kumitat għamel proposta lil ex awditur intern għal soluzzjoni bil-qorti soġġetta għal ftehim dwar il-protezzjoni tas-segretezza, liema proposta l-ex awditur intern irrifjuta abbażi tan-nuqqas ta' trasparenza; iħeġġeġ lill-Kumitat jirrevedi l-proposta tiegħu sabiex jirrikonossix formalment l-ex awditur intern bħala informatur *in bona fide* u jippermetti li kwalunkwe ftehim ta' konċiljazzjoni jkun pubbliku fl-interess tat-trasparenza;
50. Jiddispijaċih li t-tnejja ta' proċess ta' medjazzjoni bejn il-Kumitat u l-ex awditur intern, mitluba fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-Parlament għal 2017 ⁽²⁾, għadha ma seħħitx u hija ppjanata biss għall-bidu tal-2020; jiddispijaċih ukoll li l-Kumitat dam aktar minn 20 sena biex jidħol fi proċess ta' medjazzjoni mal-ex awditur intern; itenni l-appoġġ qawwi tiegħu, kif espress f'bosta riżoluzzjonijiet tal-Parlament, għal soluzzjoni ġusta u imparzjali mal-ex awditur intern u għal skuża pubblika mill-Kumitat għall-għemil ħażin tiegħu fit-trattament tal-każ;
51. Jinnota d-deċiżjoni tat-tielet kumitat tal-invalidità, li jikkonferma b'mod unanimu li l-awditur intern kien invalidat minħabba raġunijiet okkupazzjonali u kien suġġett għal bullying mill-Kumitat;
52. Jinnota li, fl-20 ta' Diċembru 2019, il-Kumitat ippreżenta proposta għal soluzzjoni bonarja u abbozz ta' stqarrija pubblika, li ġew irrifjutati mill-ex awditur intern, li esprima x-xewqa li l-proċess ta' medjazzjoni jiġi attivat bħala l-aktar strument adattat għar-riżoluzzjoni ġusta tal-każ;
53. Jilqa' l-ħatra tal-Membru tal-Parlament Sophie in 't Veld bħala medjatur fil-każ bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim ta' kompromess bejn l-ex awditur intern u l-Kumitat; ifakkar fit-talba tiegħu li tali medjazzjoni għandha tindirizza wkoll l-istatus tal-informatur *in bona fide* tal-ex awditur intern (kif rikonossut mill-Parlament fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tiegħu għall-2001) u l-fatt li kien qed jaġixxi fl-interessi tal-Unjoni billi jirrapporta irregolaritajiet fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni;
54. Jitlob li l-Kumitat jaċċetta minnufih il-medjazzjoni sabiex jimplementa d-deċiżjoni tat-tielet kumitat tal-invalidità, filwaqt li jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex iwieġeb t-talbiet li saru fir-riżoluzzjonijiet preċedenti tal-Parlament;

⁽¹⁾ Ir-Resolution of the European Parliament of 29 January 2004 containing the comments accompanying the decision concerning the discharge in respect of the implementation of the general budget of the European Union for the 2001 financial year — Section VII — Committee of the Regions (GU L 57, 25.2.2004, p. 8).

⁽²⁾ Ir-Riżoluzzjoni (UE) 2019/1429 tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Marzu 2019 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2017, Taqsima VII — Il-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 249, 27.9.2019, p. 123).

55. Jinnota li l-Kumitat, fil-kuntest tal-politika tiegħu ta' "revolving doors", jiżgura li l-persunal kollu li jitlaq mis-servizz, b'mod partikolari l-maniġers superjuri, jiġu mfakkra b'mod proattiv u sistematiku dwar l-obbligu tagħhom li jiddikjaraw l-intenzjoni tagħhom li jinvolvu ruħhom f'attività okkupazzjonali; jilqa' l-fatt li l-Kumitat ukoll ifakkar lill-persunal li jitlaq mis-servizz b'mod temporanju għal liv bla hłas (CCP) jew għal invalidità, fl-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal u d-deċiżjoni interna Nru 66/2014 tal-Kumitat dwar attivitajiet u inkarigi esterni;
 56. Jinnota li l-Kunsill stabbilixxa li mid-data li fiha l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni jsir legalment effettiv, tlieta mill-24 siġġu li huma attribwiti lir-Renju Unit se jiġu attribwiti lill-Estonja, lil Ċipru u lil-Lussemburgu; jinnota li għaldaqstant, in-numru ta' siġġijiet tal-Kumitat jitnaqqas biss b'21;
 57. Jenfasizza l-ħidma kollha li nkisbet fl-aħħar snin f'oqsma bħall-ibbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni, il-qafas etiku bir-regoli u l-proċeduri kollha relatati tiegħu, l-attivitajiet ta' komunikazzjoni msaħħa u l-ammont dejjem jiżdied ta' miżuri biex titjeb it-trasparenza; jilqa' l-għadd sinifikanti ta' ftehimiet interistituzzjonali dwar is-servizzi u l-kooperazzjoni; jissottolinja l-importanza tal-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni tal-esperjenzi fost l-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej; jissuġġerixxi li l-Kumitat janalizza l-possibbiltà ta' attivitajiet formalizzati ta' netwerking f'oqsma differenti biex jikkondividi l-aħjar Prattiki u jiżviluppa soluzzjonijiet komuni.
-

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1975 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabilità tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0050/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 76 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 116 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Deleġat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

⁽⁸⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0072/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1976 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Meju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabilità tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0050/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 76 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 116 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

⁽⁸⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0072/2020),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1977 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-14 ta' Mejju 2020

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) għas-sena finanzjarja 2018

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 24/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "L-asil, ir-rilokazzjoni u r-ritorn ta' migranti: Wasal iż-żmien li tingħata spinta biex jiġu indirizzati d-disparitajiet bejn l-oġettivi u r-riżultati",
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0072/2020),
- A. billi, skont ir-rapport tad-dħul u n-nefqa ⁽¹⁾, il-baġit finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (l-"Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2018 kien ta' EUR 288 663 520, li jirrappreżenta żieda ta' 2,89 % meta mqabbel ma' dak tal-2017; billi l-baġit tal-Aġenzija huwa prinċipalment derivat mill-baġit tal-Unjoni ⁽²⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018 (ir-"rapport tal-Qorti"), stqarret li kisbet aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni baġitarja ta' 98,37 %, li tirrappreżenta żieda żgħira ta' 0,74 % meta mqabbla ma' dik tal-2017; jinnota bi tħassib li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 69,69 %, li tirrappreżenta żieda ta' 3,27 % meta mqabbla ma' dik tal-2017;
2. Jinnota, fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet mill-awtorità ta' kwittanza relatati mar-riżerva operattiva finanzjarja statutorja għall-finanzjament għall-finanzjament meħtieġ biex jitwettqu interventi rapidi fil-fruntiera u interventi ta' ritorn, li fil-waqt li t-twarrib ta' kull sena ta' baġit predefinit biex jiġu koperti interventi rapidi fil-fruntiera eventwali huwa rekwiżit leġiżlattiv impost fuq l-Aġenzija, l-effetti sekondarji negattivi tiegħu ġew indirizzati mill-koleġiżlaturi waqt ir-rieżami tar-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾; josserva li, bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾, ir-riżerva operattiva tista' tiġi rilaxxata kull xahar u tintuża għal skopijiet operattivi, mhux biss għal interventi rapidi jew ta' ritorn;
3. Jinnota mir-rapport tal-Qorti li fl-2018, l-Aġenzija kellha ftehimiet ta' finanzjament ma' pajjiżi li jikkooperaw għal attivitajiet operattivi, li jirrappreżentaw 59 % tal-baġit tal-Aġenzija; jinnota t-tnejja ta' skema ta' finanzjament simplifikata ġdida bbażata fil-biċċa l-kbira fuq spejjeż unitarji għal infiq relatat mal-impjeg ta' riżorsi umani, u, lejn tmiem l-2018, it-tnejja ta' sistema ta' kontroll *ex post* ġdida li tkopri t-tipi kollha ta' nfiq kif ukoll il-modifika tas-sistema tagħha ta' kontrolli *ex ante* inkorporati fiċ-ċirkwiti finanzjarji; jissottolinja l-enfasi li għamlet il-Qorti fuq il-fatt li r-rimborż tal-infiq relatat mat-tagħmir għadu bbażat fuq l-ispiża reali u li l-proġett biex issir il-bidla lejn rimborżi bbażati fuq l-ispiża unitarja għadu ma rnexxiex; barra minn hekk jinnota bi tħassib l-osservazzjoni tal-Qorti li mill-2014, il-prova tal-ispejjeż reali ddikjarati mill-pajjiżi li jikkooperaw għall-ispejjeż relatati mat-tagħmir għadha

⁽¹⁾ ĠU C 120, 29.3.2019, p. 103.

⁽²⁾ ĠU C 120, 29.3.2019, p. 105.

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

insuffiċjenti u li l-verifiki *ex ante* tal-Aġenzija ta' dawn l-ispejjeż jisfaw ineffettivi jekk ma jkunux sostanzjati minn dokumenti ta' sostenn; jinnota n-nuqqas ta' verifiki *ex post* fuq rimborżi mill-Aġenzija, li jkompli jżid ir-riskju ta' rimborżi tal-ispejjeż mhux ġustifikati; jinnota bi tħassib li l-Aġenzija ppermettiet diversi rimborżi għall-infiq iddikjarat mill-pajjiżi li jikkooperaw minkejja li dawn tal-aħħar ma pprovdewx l-evidenza indikata u meħtieġa mill-Aġenzija; jirrikonoxxi mir-risposta tal-Aġenzija li d-dokumenti ta' sostenn li jindikaw spejjeż dettaljati ġew ippreżentati mill-pajjiżi li jikkooperaw inkwistjoni; jistieden lill-Aġenzija biex fil-futur tindika b'mod ċar it-tip ta' dokumenti ta' sostenn li taċċetta bħala evidenza meħtieġa; jistieden ukoll lill-Aġenzija tirrimborża biss infiq legalment iġġustifikat; jistenna li l-Aġenzija tintroduċi malajr verifiki *ex post* sodi dwar ir-rimborżi u tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress li jkun sar f'dan ir-rigward sa Ġunju 2020;

4. Jinnota mir-rapport tal-Qorti li r-riporti tal-baġit tal-Aġenzija għall-2019 ammontaw għal EUR 83 000 000 (29 %), perċentaġġ kemxejn inqas mis-sena ta' qabel; jinnota li r-rata ta' riporti kkanċellati għall-2018 kienet ta' EUR 11 000 000 (12 %), xi f'tit inqas f'termini relattivi mis-sena preċedenti; jinnota li r-raġunijiet prinċipali għar-riporti u l-kanċellazzjonijiet kienu l-isfidi li nħolqu mit-tabella tal-persunal rigward l-għadd u l-profil tal-persunal, id-dewmien biex jitnieda l-proġett tal-bini għas-sede l-ġdida tal-Aġenzija, in-natura pluriennali tal-proġetti tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, u s-sopravalutazzjoni tal-iskala u tal-ispiża tal-attivitajiet mill-pajjiżi li jikkooperaw; jinnota r-risposta tal-Aġenzija li fl-2018, l-infiq operattiv kien prinċipalment fil-forma ta' għotjiet, li jkopru ċ-ċiklu operatorju minn Frar N sa Jannar N+1, kif ukoll infiq minn kuntratti bil-ħlas f'N+1; iħeġġeġ lill-Aġenzija biex flimkien mal-pajjiżi li jikkooperaw, tkompli tistinka biex tikseb stimi tal-ispejjeż u previżjonijiet tal-baġit aktar preċiżi.
5. Jistieden lill-Aġenzija tinkludi stimi aktar realistiċi tal-ħtiġijiet tas-servizzi tagħha fid-dokumenti tal-akkwist u tapplika ġestjoni finanzjarja riguruża għall-kuntratti; ifakkar lill-Aġenzija li, filwaqt li l-kuntratti qafas ma jikkostitwixxux obbligu li jsir xiri sal-valur massimu tal-kuntratt, id-differenza konsiderevoli bejn il-valur massimu tal-kuntratt fi proċedura ta' akkwist fl-2018 (EUR 8 miljun) u l-offerta rebbieħa (EUR 5,8 miljun), tista' toħloq riskju sinifikanti għall-ġestjoni finanzjarja tajba.

Prestazzjoni

6. Jinnota li, wara l-approvazzjoni tal-bord maniġerjali tar-riorganizzazzjoni tal-istrutturi tal-Aġenzija fl-2017 li affettwat l-allokazzjoni tar-riżorsi, ġiet adottata struttura aġġornata fl-2018 u din l-istruttura, li kienet ikkompletata b'regoli ta' proċedura interni ġodda, ġiet adottata minn delegazzjonijiet u sottodelegazzjonijiet li ġew formalizzati b'deċiżjoni tad-direttur eżekuttiv;
7. Jenfasizza r-rwol importanti tal-Aġenzija fil-promozzjoni, il-koordinazzjoni u l-iżvilupp tal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali;
8. Jinnota li fil-kuntest tal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, l-akbar attivitajiet operattivi kienu t-12-il operazzjoni konġunta fil-fruntieri esterni tal-art, tal-ajru u tal-baħar, filwaqt li l-fokus operattiv ewlieni fl-2018 kien fuq iż-żoni tal-Mediterran Ċentrali, tal-Lvant u tal-Punent li qed jesperjenzaw l-aktar pressjoni migratorja sinifikanti; jilqa', barra minn hekk, il-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-aġenziji fil-qasam tal-kooperazzjoni doganali u tal-infurzar tal-liġi, speċjalment fil-qasam tal-funzjoni tal-gwardja tal-kosta; iħeġġeġ l-Aġenzija tieħu azzjoni malajr u tiżgura l-kwalità tal-ħidma tagħha biex tistabbilixxi objettivi kwantitattivi xierqa u valuri fil-mira speċifiċi għall-operazzjonijiet konġunti li mistennija jiġu inklużi fid-dokument uniku ta' programmazzjoni 2021-2023;
9. Jinnota bi tħassib li l-Qorti sabet fir-Rapport Speċjali tagħha Nru 24/2019 li l-implimentazzjoni tal-proċeduri tal-asil, speċjalment fil-Greċja u fl-Italja, għadha qed tiġi affettwata minn żminijiet twal ta' pproċessar, konġestjonijiet u nuqqas ta' kapaċità ġudizzjarja; jitlob lill-Aġenzija tagħmel ħilitha biex tistabbilixxi kooperazzjoni mal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil, mal-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, u mal-Kummissjoni b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti;
10. Itenni l-appell tiegħu lill-Aġenzija biex tkun aktar trasparenti dwar l-attivitajiet tagħha; jilqa' l-ħolqien ta' taqsima ddedikata għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti fuq is-sit web tagħha; iħeġġeġ lill-Aġenzija toħloq reġistru ta' dokumenti, li huwa obbligu legali skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁵⁾;

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

11. Iqis li l-Aġenzija għandha tipprovdi informazzjoni, b'mod proattiv, dwar l-attivitajiet operazzjonali tagħha; jistieden lill-Aġenzija tidher quddiem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern biex tissodisfa d-dmirijiet speċifiċi ta' rapportar tagħha fil-konfront tal-Membri tal-Parlament Ewropew billi tipprovdi aġġornamenti dettaljati regolari; jistieden lill-Aġenzija trendi disponibbli r-rapport dwar l-applikazzjoni Prattika tar-Regolament (UE) Nru 656/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁶⁾ għall-2018, hekk kif hija legalment obbligata li tagħmel, u biex fil-futur tipprovdi aktar informazzjoni ta' għid biex tkun tista' ssir valutazzjoni xierqa tal-attivitajiet tal-Aġenzija fuq il-baħar.

Politika dwar il-persunal

12. Jinnota li fil-31 ta' Diċembru 2018, it-tabella tal-persunal kienet eżegwita biss fil-livell ta' 72,49 %, u nħatru 303 aġent temporanju mill-418-il aġent temporanju awtorizzati skont il-baġit tal-Unjoni (imqabbel ma' 352 post awtorizzati fl-2017); jinnota li, barra minn hekk, 187 aġent kuntrattwali u 153 espert nazzjonali sekondat addizzjonali ħadmu għall-Aġenzija fl-2018;
13. Jinnota wkoll mir-rapport tal-Qorti li għalkemm l-Aġenzija kompliet bi sforzi ta' reklutaġġ ulterjuri u żiedet l-għadd tal-membri tal-persunal minn 526 għal 630 fl-2018, hija xorta waħda ma laħqitx l-għadd ta' 760 membru tal-persunal awtorizzat fit-tabella tal-persunal tagħha għall-2018; jinnota r-risposta tal-Aġenzija li total ta' 187 post vakanti mtlew, iżda li minħabba dawran intern u estern għoli, iż-żieda netta tal-persunal fl-2018 meta mqabbla mal-2017 kienet ta' 117 peress li ħafna postijiet saru vakanti matul is-sena; jinnota wkoll li l-Aġenzija tiffaċċja sfidi biex tattira għadd kbir ta' kandidatiesterni adattati u tikseb bilanċ ġeografiku tajjeb l-aktar minħabba l-koeffiċjent ta' korrezzjoni baxx, li huwa l-inqas fost l-Aġenziji kollha tal-Unjoni; jenfasizza li l-aġenziji li jinsabu f'pajjiżi fejn jiġi applikat koeffiċjent ta' korrezzjoni baxx għandhom jirċievu appoġġ ulterjuri mill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni ta' miżuri komplementari sabiex isiru aktar attraenti għall-persunal attwali u prospettiv; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt u l-vijabbiltà tal-applikazzjoni tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni tas-salarju fil-futur; jinnota li l-Aġenzija għad għandha diffikultajiet biex iżżomm bilanċ ġeografiku tajjeb u mixtieq fil-persunal impjegat;
14. Jinnota li l-2018 kienet it-tielet sena tal-pjan ta' tkabbir ta' ħames snin wara l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/1624 li żied b'mod sinifikanti r-riżorsi fil-qasam tal-baġit u tal-persunal; jinnota li, wara l-estensjoni tal-mandat tagħha, il-persunal tal-Aġenzija għandu jilħaq 1 000 sal-2020; jinnota fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet tal-awtorità tal-kwittanza li enfasizzat li ż-żieda pplanata fil-persunal tkun teħtieġ spazju addizzjonali għall-uffiċċji, li qed titħejja analiżi biex tiġi identifikata l-aħjar strateġija tal-proprjetà immobbli;
15. Jinnota li minn April 2018, l-Aġenzija użat il-kodiċi ta' kondotta vinkolanti rivedut għall-operazzjonijiet ta' ritorn u l-interventi ta' ritorn; jinnota li l-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali tal-Aġenzija jipprovdi kontinwament osservazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet rigward il-pjanijiet operattivi u r-rapporti ta' evalwazzjoni kollha, għall-kunsiderazzjoni tal-unitajiet operattivi;
16. Jiddeplora l-fatt li, minkejja l-appelli ripetuti tal-Parlament u ż-żieda ġenerali sinifikanti tal-persunal tal-Aġenzija, l-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali għad m'għandux riżorsi umani adegwati, u għaldaqstant huwa ostakolat b'mod ċar fl-isforzi tiegħu biex iwettaq sewwa l-kompiti fdati lilu; iħeġġeġ lill-Aġenzija tipprovdi lill-uffiċjal tagħha għad-drittijiet fundamentali bir-riżorsi u l-persunal adegwati, b'mod partikolari biex ikompli jiżviluppa u jimplementa l-istrateġija tal-Aġenzija biex timmonitorja u tiżgura l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali; ifakkar l-Aġenzija fl-importanza li taderixxi mar-Regolamenti tal-Persunal;
17. Jinnota, fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet tal-awtorità ta' kwittanza relatati mal-ħtieġa li jiġi żviluppat pjan komprensiv ta' kontinwità operattiva, li l-uffiċjal għal kontinwità operattiva ġie nnominat fl-2018;
18. Jinnota li l-Qorti identifikat tendenza orizzontali fl-aġenziji fir-rigward tal-użu ta' persunal estern impjegat fi rwoli ta' konsulenza tal-IT; jitlob li d-dipendenza fuq ir-reklutaġġ estern f'dan il-qasam importanti u sensitiv titnaqqas kemm jista' jkun biex jiġi limitat kull riskju potenzjali;

⁽⁶⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 656/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi regoli dwar is-sorveljanza tal-fruntieriesterni tal-baħar fil-kuntest tal-kooperazzjoni operazzjonali kkoordinata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 93).

19. Jinnota n-nuqqas ta' informazzjoni dwar il-bilanċ bejn is-sessi fil-persunal tal-Aġenzija; jerġa' jissottolinja l-fatt li jeżisti żbilanċ sinifikanti persistenti bejn is-sessi fil-bord maniġerjali tal-Aġenzija (50 membri rġiel u 8 membri nisa); iħeġġeġ li dan l-iżbilanċ jiġi rimedjat mill-aktar fis possibbli; jistieden għalhekk lill-Aġenzija tfakkar b'mod proattiv lill-Istati Membri dwar l-importanza tal-bilanċ bejn is-sessi, u lill-Istati Membri biex jiżguraw il-bilanċ bejn is-sessi meta jinnominaw il-membri tagħhom għall-bord maniġerjali tal-Aġenzija;

Akkwist

20. Jinnota, fid-dawl tal-osservazzjonijiet u tal-kummenti mill-awtorità tal-kwittanza relatati mal-ħtieġa li tiġi ssimplifikata l-iskema finanzjarja kollha tal-Aġenzija, li fl-2008 l-Aġenzija introduċiet skema riveduta għall-finanzjament tar-ritorni u l-operazzjonijiet konġunt, li hija bbażata fuq ftehimiet ta' għotja ssimplifikati mal-Istati Membri li jużaw spejjeż unitarji standardizzati għar-riżorsi umani;
21. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Aġenzija tipparteċipa b'mod attiv f'sejħiet għal offerti interistituzzjonali mmexxija minn istituzzjonijiet oħra, u li, fil-proċeduri ta' akkwist tad-dominju ta' sorveljanza marittima, l-Aġenzija tfitteż kooperazzjoni ma' aġenziji tal-Unjoni b'attivitajiet simili u tħejji t-termini ta' referenza kif xieraq; jinnota, barra minn hekk, li fl-2018, l-Aġenzija, flimkien mal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd, ittrattat l-ewwel proċedura interistituzzjonali ta' sejħa għall-offerti mmexxija minn Aġenzija; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Aġenzija biex b'mod attiv ttipprova tikseb kooperazzjoni ulterjuri u aktar mifruxa mal-aġenziji kollha tal-Unjoni;
22. Jistieden lill-Aġenzija taġhti segwitu, mingħajr dewmien, għar-rakkomandazzjoni pendenti rigward l-akkwist elettroniku, jiġifieri l-introduzzjoni ta' sottomissjoni elettronika;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

23. Japprezza l-miżuri eżistenti tal-Aġenzija u l-isforzi li għaddejjin bħalissa biex jiġu żgurati t-trasparenza, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, u l-protezzjoni tal-informaturi; jinnota li l-politika dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta ġiet adottata fit-18 ta' Lulju 2019; jilqa' l-fatt li l-Aġenzija ttipprovdi lill-persunal b'aċċess għal konsulenti kunfidenzjali u taħriġ dwar proċeduri ta' iżvelar ta' informazzjoni; jinnota, barra minn hekk, li bl-għan li tkun aktar trasparenti, l-Aġenzija nediet verżjoni multilingwi tas-sit web tagħha fl-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni; jiddispijaċih, madankollu, li l-Aġenzija tippubblika dikjarazzjonijiet ta' impenn li jiddikjaraw in-nuqqas ta' kunflitti ta' interess għall-membri tal-bord maniġerjali, id-direttur eżekuttiv, u l-viċi direttur eżekuttiv, u mhux dikjarazzjonijiet ta' interess; itenni li mhuwiex f'idejn il-membri tal-bord maniġerjali, id-direttur eżekuttiv, u l-viċi direttur eżekuttiv li jiddikjaraw huma stess li m'għandhomx kunflitti ta' interess; jistieden lill-Aġenzija, bl-għan li żżid it-trasparenza, tippubblika s-CVs u d-dikjarazzjonijiet ta' interess għall-membri kollha tal-bord maniġerjali tagħha, id-direttur eżekuttiv, u l-viċi direttur eżekuttiv, sa Ġunju 2020;

Kontroll intern

24. Jinnota, fid-dawl tal-osservazzjonijiet u tal-kummenti mill-awtorità tal-kwittanza relatati maż-żieda konsiderevoli fl-infiq tal-għotja tal-Aġenzija, li ttieħdu miżuri biex jittaffew ir-riskji identifikati, u li speċifikament, fl-2018, saru verifiki tal-kostijiet unitarji għal Spanja, il-Greċja u l-Italja, li l-politika ta' kontroll *ex post* ġiet adottata fl-2018, li l-pjan ta' kontroll *ex post* annwali bbażat fuq ir-riskju ġie stabbilit u se jiġi rivedut, u li l-kontrolli *ex post* għall-Portugall u l-Estonja ġew iffinalizzati;
25. Jinnota bi tħassib mir-rapport tal-Qorti li l-Aġenzija ma għandhiex politika dwar "karigi sensitivi" li tidentifika funzjonijiet sensitivi, iżżommhom aġġornati u tiddefinixxi miżuri xierqa biex tnaqqas ir-riskju ta' interessi akkwiżiti; jistieden lill-Aġenzija tadotta u timplimenta politika bħal din biex tkun konformi mal-istandards ta' kontroll intern tal-Aġenzija; jirrikonoxxi mir-risposta tal-Aġenzija li, fi tmiem l-2019, l-Aġenzija kienet qed tiffinalizza l-proċess ta' adozzjoni ta' politika dwar "karigi sensitivi";
26. Jinnota li, wara r-reviżjoni reċenti tal-qafas ta' kontroll intern tagħha, l-Aġenzija żgurati li d-deċiżjonijiet kollha biex jitneħħew il-kontrolli jew devjazzjonijiet mill-proċessi u l-proċeduri stabbiliti, jiġu ddokumentati, approvati kif xieraq, u lloggjati b'mod ċentrali;

Kummenti oħra

27. Jilqa' l-fatt li, fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet mill-awtorità ta' kwittanza relatati mal-kostruzzjoni tal-bini tal-kwartieri ġenerali l-ġodda u t-twaqqif ta' skola Ewropea f'Varsavja, ġiet attribwita art adegwata lill-Aġenzija mill-awtoritajiet Pollakki fl-2019, u għaddej l-ippjanar biex jinbena bini mfassal apposta tal-kwartieri ġenerali tal-Aġenzija sa tmiem l-2024, u li l-bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej għandu jiġi propost mill-awtoritajiet Pollakki fil-Ħarifa tal-2019 biex jikkunsidraw l-akkreditazzjoni ta' skola Ewropea assoċjata ta' Varsavja tat-tip II, li tkun operattiva parzjalment mis-sena akkademika 2020-2021;
28. Jistieden lill-Aġenzija tiffoka fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tagħha mal-pubbliku, u tikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja;
29. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċizzjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Meju 2020 ⁽⁷⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽⁷⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1978 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0055/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 60 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0075/2020),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1979 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0055/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 60 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0075/2020),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1980 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0075/2020),
- A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u n-nefqa tagħha ⁽¹⁾, il-baġit finali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) ("l-Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2018 kien ta' EUR 135 737 021, li jirrappreżenta żieda ta' 13,84 % meta mqabbel mal-2017; billi ż-żieda kienet dovuta għal kompiti addizzjonali li jestendu l-mandat tagħha; billi l-baġit tal-Aġenzija huwa prinċipalment derivat mill-baġit tal-Unjoni ⁽²⁾.
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) għas-sena finanzjarja 2018 ("ir-rapport tal-Qorti"), tistqarr li kisbet aċċertament raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni baġitarja ta' 96,10 %, li tirrappreżenta tnaqqis żgħir ta' 3,62 % meta mqabbel mal-2017; jinnota li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 86,92 %, li tirrappreżenta tnaqqis ta' 2,09 % meta mqabbel mal-2017;
2. Jilqa' pożittivament l-informazzjoni pprovduta mill-Aġenzija dwar il-kompiti u l-implikazzjonijiet baġitarji tal-Uniċi ta' Indikazzjoni ta' Kontenut fuq l-Internet (EU IRU) tagħha; jinnota li l-ippjanar ta' ġestjoni bbażata fuq l-attivitajiet għall-EU IRU kien ta' EUR 4 860 000 fl-2019, li kien magħmul minn: (a) EUR 3 710 000 għan-nefqa diretta relatata mal-persunal (li tkopri 38 membru tal-persunal: 26 aġent temporanju, erba' aġenti kuntrattwali u tmien esperti nazzjonali sekondati), (b) EUR 1 150 000 ikopru n-nefqa operattiva, l-ispejjeż operattivi u għotja ta' EUR 510 000 fl-2019 (li minnhom ġew ifffinanzjati seba' aġenti kuntrattwali addizzjonali, li jgħibu l-għadd totali ta' persunal tal-EU IRU għal 45); jinnota li dawk iċ-ċifri ma jinkludux l-ispejjeż separati għall-iżvilupp ta' sistemi operattivi tal-ICT fil-livell organizzattiv;

Prestazzjoni

3. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Aġenzija mmonitorjat il-prestazzjoni tagħha permezz ta' 38 indikatur ewlieni ta' prestazzjoni, 51-il indikatur ieħor ta' prestazzjoni u l-implimentazzjoni ta' madwar 170 azzjoni speċifika ppjanati fil-programm ta' ħidma tagħha, bil-qafas ta' rappurtar tal-prestazzjoni mmirat, b'mod ġenerali, lejn il-valutazzjoni tal-valur miżjud tal-attivitajiet tal-Aġenzija u lejn it-tisħiħ tal-ġestjoni baġitarja tagħha;
4. Jinnota li l-Aġenzija kisbet 78 % tal-miri stabbiliti għall-indikaturi ta' prestazzjoni u li għamlet progress fl-implimentazzjoni ta' 79 % tal-azzjonijiet li jinsabu fil-programm ta' ħidma tal-2018 (meta mqabbel ma' 80 % fl-2017);

⁽¹⁾ ĠU C 416, 15.11.2018, p. 46.

⁽²⁾ ĠU C 416, 15.11.2018, p. 48.

5. Jinnota li l-Aġenzija kompliet tiffoka fuq l-analiżi operattiva u fuq ir-rapidità ta' reazzjoni tal-ewwel linja, inkluż l-ipproċessar tal-kontribuzzjonijiet, filwaqt li tkompli tippovdi appoġġ proattiv għal investigazzjonijiet ta' profil għoli dwar it-tliet oqsma li jirrappreżentaw theddida kontinwa għas-sigurtà interna tal-Unjoni, speċjalment iċ-ċiberkriminalità, il-kriminalità serja u organizzata, u t-terroriżmu;
6. Iħeġġeġ lill-Aġenzija ssegwi d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tagħha;
7. Jinnota b'apprezzament li fl-2018 l-Aġenzija kompliet twestaq attivitajiet konġunti jew servizzi kondiviżi ma' aġenziji oħra tal-Unjoni, inklużi l-Eurojust, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil u ċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga u jinnota wkoll li l-Aġenzija pparteċipat f'10 proċeduri ta' akkwist interistituzzjonali u fi proċedura ta' akkwist interaġenzjali; iqis meħtieġ li l-Aġenzija tiżviluppa ulterjorment rabtiet b'saħħithom ma' istituzzjonijiet rilevanti oħra tal-Unjoni; iħeġġeġ lill-Aġenzija tesplora modi kif tikkondividi r-riżorsi jew il-persunal, jew it-tnejn li huma, allokati għal kompiti li jikkoinċidu ma' aġenziji oħra li jwettqu attivitajiet simili jew ma' aġenziji bbażati fil-prossimità tal-Aġenzija;
8. Jinnota li wara l-kooperazzjoni operattiva kontinwa tagħha ma' aġenziji oħra tal-Ġustizzja u l-Intern (ĠAI), fl-2019 l-Aġenzija ħadet f'idejha l-presidenza tan-netwerk tal-aġenziji tal-ĠAI, li tindirizza l-ħidma konġunta dwar l-iżvilupp ulterjuri tal-kooperazzjoni tal-aġenziji tal-ĠAI, inkluż dwar l-aspetti tal-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-Unjoni, l-innovazzjoni, l-arranġamenti ta' governanza tajba (inkluż stħarriġ dwar l-aħjar Prattiki dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta fl-aġenziji tal-ĠAI), id-diversità u l-inklużjoni, kif ukoll l-interazzjoni u l-kamp ta' applikazzjoni għal aktar kooperazzjoni ma' aġenziji mhux tal-ĠAI;
9. Jistieden lill-Kummissjoni twestaq studju tal-fattibbiltà biex tivvaluta l-possibbiltà ta' fużjoni totali jew almenu tal-ħolqien ta' sinerġiji kondiviżi mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi ('CEPOL'), jekk mhux jiġu amalgamati b'mod sħiħ; jistieden lill-Kummissjoni tevalwa iż-żewġ xenarji li ġejjin: it-trasferiment tal-Aġenzija għas-sede tas-CEPOL f'Budapest u t-trasferiment tas-sede tas-CEPOL għas-sede tal-Aġenzija f'The Hague; jinnota li ħaġa bħal din tfisser il-kondiviżjoni tas-servizzi korporattivi u ta' appoġġ u l-ġestjoni ta' uffiċini komuni, kif ukoll il-kondiviżjoni tal-infrastrutturi bbażati fuq l-ICT, it-telekomunikazzjonijiet u l-Internet, u b'hekk jiġu ffrankati ammonti kbar ta' flus li jkunu jistgħu jintużaw għal finanzjament ulterjuri taż-żewġ aġenziji;
10. Jinnota li n-numru ta' operazzjonijiet li l-Europol appoġġjat żdied minn 1 496 fl-2017 għal 1 748 fl-2018 (li jirrappreżenta żieda ta' 16,8 %) u li l-laqgħat operattivi ffinanzjati mill-Aġenzija żdiedu minn 403 fl-2017 għal 427 fl-2018 (li jirrappreżentaw żieda ta' 5,9 %); jissottolinja l-importanza u l-valur miżjud tal-Aġenzija, b'mod partikolari tal-iskwadri ta' investigazzjoni konġunta (SIK), fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata fl-Ewropa kollha; jinnota, f'dan ir-rigward, li l-SIK appoġġjati mill-Aġenzija żdiedu minn 64 fl-2017 għal 93 fl-2018 (li jirrappreżentaw żieda ta' 45 %), b'27 minn dawn l-SIK li jeħtieġu koordinazzjoni f'aktar minn 20 pajjiż⁽³⁾; jinnota li ż-żieda fil-baġit tal-Aġenzija tikkorrispondi għal intensifikazzjoni tal-operazzjonijiet kollha tagħha, inkluż l-appoġġ għall-kooperazzjoni fil-qasam ta' ċiberkriminalità u l-ġlieda kontra t-terroriżmu online; jissottolinja l-importanza ta' finanzjament u riżorsi adegwati għall-SIK f'konformità maż-żieda kbira fil-livelli ta' attività tagħhom;
11. Jitlob lill-Aġenzija tagħmel disponibbli, safejn ikun possibbli, riżorsi finanzjarji għat-traduzzjonijiet u jħeġġeġ lill-awtorità baġitarja tippovdi biżżejjed riżorsi finanzjarji li jippermettu t-traduzzjoni tar-rapporti uffiċjali tal-Aġenzija fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni minħabba l-importanza tal-ħidma tagħha għaċ-ċittadini Ewropej, l-obbligu li tiġi żgurata trasparenza sħiħa fir-rigward tal-attivitajiet tagħha u l-fatt li l-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt, magħmul minn membri parlamentari nazzjonali u Ewropej mill-Istati Membri kollha, għandu jkun jista' jagħmel xogħlu sew; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija jistabilixxu qafas ta' kooperazzjoni ma' Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea sabiex jitnaqqas il-piż finanzjarju rigward it-traduzzjoni.

Politika dwar il-persunal

12. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2018, 96,35 % tat-tabella tal-persunal ġiet eżegwita, b'555 aġent temporanju maħtura minn total ta' 576 aġent temporanju awtorizzati mill-baġit tal-Unjoni (meta mqabbel ma' 550 post tax-xogħol awtorizzati fl-2017); jinnota li, barra minn hekk, fl-2018 ħadmu għall-Aġenzija 201 aġent kuntrattwali u 153 espert nazzjonali sekondati;

⁽³⁾ <https://www.europol.europa.eu/sites/default/files/documents/europolinbrief2019.pdf>

- Jinnota li n-nuqqas ta' bilanċ bejn il-ġeneri għall-2018 fost il-manijers superjuri (145 irġiel u 27 nisa, bi 43 irġiel u b'10 nisa u fil-bord ta' amministrazzjoni;

Akkwist pubbliku

- Jinnota bi tħassib li, skont ir-rapport tal-Qorti, l-Aġenzija żiedet b'mod irregolari t-tul ta' żmien ta' kuntratt qafas għall-forniment ta' servizzi tal-ivvjaġġar kummerċjali billi ffirmat l-emenda numru 2 wara li skada l-kuntratt u li, b'dik l-istess emenda, l-Aġenzija introduċiet ukoll aspetti ġodda dwar il-prezzijiet li mhumiex koperti mill-proċedura ta' akkwist kompetittiv, u b'hekk l-emenda 2 u l-pagamenti tal-2018 relatati sfaw irregolari; jinnota t-tweġiba tal-Aġenzija li l-estenzjoni tal-kuntratt qafas kienet bdiet sew qabel l-iskadenza tagħha u li d-dewmien għall-estensjoni tal-kuntratt kien minħabba l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba; jistieden lill-Aġenzija ssaħħaħ b'mod xieraq il-ġestjoni tal-kuntratti u l-kontrolli *ex ante*;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

- Jinnota l-miżuri eżistenti tal-Aġenzija u l-isforzi li għaddejjin bħalissa biex jiġu żgurati t-trasparenza, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, u l-protezzjoni tal-informaturi; jinnota l-każ ta' kunflitt ta' interess potenzjali identifikat rigward proċedura ta' reklutaġġ fl-2018; jinnota li ma kienet meħtieġa l-ebda azzjoni ta' segwitu peress li l-konsulent irrikuża ruħu; jilqa' pożittivament id-dikjarazzjonijiet ta' interess, ibbażati fuq il-mudell il-ġdid tal-Aġenzija, li minn dak iż-żmien 'l hawn ġew ippubblikati fuq is-sit web tal-Aġenzija, kemm fir-rigward tad-direttur eżekuttiv tagħha kif ukoll tad-deputati diretturi eżekuttivi u l-membri tal-bord ta' amministrazzjoni tagħha;
- Jiddispijaċih li studju komparattiv reċenti li sar mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament (*) stabbilixxa li l-politiki ta' kunflitt ta' interess tal-Aġenzija huma "l-inqas dettaljati meta mqabbla ma' dawk tal-aġenziji l-oħra"; jirrikonoxxi li dan huwa dovut, b'mod partikolari, għall-fatt li l-Aġenzija ma għandha l-ebda kumitat jew bord xjentifiku; jiddispijaċih, madankollu, li l-Aġenzija la tuża sistema biex tikklassifika l-livelli tal-imgħax u lanqas lista sewda;

Kontrolli interni

- Jinnota li f'Mejju 2017 is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni, appoġġjat mill-Kapaċità ta' Awditjar Intern, wettaq valutazzjoni tar-riskju u li l-ebda wieħed mis-36 qasam tal-proċess ma ġie kklassifikat bħala "Titjib fil-mitigazzjoni tar-riskju";
- Jinnota li s-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni ħareġ rapport ta' awditjar bit-titlu "Il-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani u l-Etika fil-EUROPOL" u ħejja pjan ta' azzjoni biex jindirizza kwalunkwe qasam potenzjali għal titjib; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-iżviluppi f'dak ir-rigward;
- Jistieden lill-Aġenzija tiffoka fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tagħha mal-pubbliku, u tikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja;
- Jilqa' l-fatt li l-Aġenzija ma għandha l-ebda rakkomandazzjoni pendenti x'tiġi implimentata mir-rapporti ta' awditjar tal-Qorti fi snin finanzjarji preċedenti; l-Aġenzija indirizzat l-unika osservazzjoni tal-Qorti li tikkonċerna s-sena finanzjarja 2017 fir-rigward tal-pubblikazzjoni tal-avviżi ta' postijiet tax-xogħol vakanti fuq is-sit web tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal;
- Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 (5) dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

(*) [https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2020/621934/IPOL_STU\(2020\)621934_EN.pdf](https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2020/621934/IPOL_STU(2020)621934_EN.pdf)

(5) Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1981 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenzija tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenzija ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018, skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0040/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 68 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar regolament finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0076/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 132.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1982 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-aġenziji ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018, skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05761/2020 — C9-0040/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 68 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar regolament finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0076/2020),

⁽¹⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 417, 11.12.2019, p. 132.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.⁽⁷⁾ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1983 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0076/2020),
- A. billi, skont ir-rapporti tad-dħul u n-nefqa tagħha ⁽¹⁾, il-baġit finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (l-“Aġenzija”) għas-sena finanzjarja 2018 kien jammonta għal EUR 337 761 000, li jirrappreżenta żieda ta' 1,96 % meta mqabbel ma' dak għall-2017; billi l-Aġenzija hija aġenzija ffinanzjata permezz ta' ħlasijiet, b'90 % tad-dħul tagħha tal-2018 li joriġina minn ħlasijiet imħallsa mill-industrija farmaċewtika għas-servizzi mogħtija u 10 % mill-baġit tal-Unjoni ⁽²⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri (“il-Qorti”), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018 (“ir-rapport tal-Qorti”), issostni li għandha fil-pussess tagħha aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota bi tħassib li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw f'rata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 89,14 %, li tirrappreżenta tnaqqis ta' 1,91 % meta mqabbel mal-2017; jirrimarka, barra minn hekk, li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet 73,64 %, li tfisser tnaqqis ta' 2,98 % meta mqabbel mal-2017; jistieden lill-Aġenzija ttejjeb ir-rata tagħha tal-implimentazzjoni tal-baġit u tal-eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament;

Prestazzjoni

2. Jirrikonoxxi li l-Aġenzija għadha tuża diversi indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni, inkluż kombinament ta' indikaturi operazzjonali, ta' indikaturi għall-ġestjoni/governanza u għall-komunikazzjoni/partijiet ikkonċernati biex tkejjel il-volumi ta' xogħol tagħha, l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma tagħha u s-sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati tagħha, fost l-oħrajn, sabiex tivvaluta l-valur miżjud ipprovdut mill-attivitajiet tagħha, u li tuża wkoll ipplanar baġitarju u metodoloġija ta' monitoraġġ biex ittejjeb il-ġestjoni tal-baġit tagħha;
3. Jinnota bi tħassib li EudraVigilance, sistema ta' informazzjoni li tintuża biex tirrapporta l-effetti sekondarji suspettati ta' mediċini, u proġetti telematiċi oħra, kellha tiġi posposta jew limitata minħabba d-deċiżjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni Ewropea; madankollu, jirrikonoxxi li l-Aġenzija tiżgura li l-proġetti u l-attivitajiet skont il-pjan tal-kontinwità tan-negozju fi ħdan it-tnejn għall-Brexit twettqu b'mod li ma jaffettwax il-funzjonament tas-sistema ta' monitoraġġ tas-sikurezza għall-mediċini fl-Unjoni u jippermettu lill-partijiet kollha involuti (l-industrija, l-Aġenzija u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali) ikomplu jikkonformaw mal-obbligi legali tagħhom skont il-leġiżlazzjoni farmaċewtika tal-Unjoni;
4. Jinnota li l-Aġenzija tikkoopera ma' aġenziji oħra dwar l-outputs xjentifiċi konġunti u tiskambja appoġġ u data xjentifiċi; jirrikonoxxi, barra minn hekk, li l-Aġenzija għad għandha arranġamenti ta' ħidma formali mal-erba' aġenziji ewlenin sħab tagħha;
5. Jinnota li fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-istrateġija Telematika tal-UE għan-netwerk regolatorju Ewropew tal-mediċini, il-kisbiet ewlenin intlaħqu min-netwerk, iżda xi attivitajiet tnaqqsu minħabba tħejijiet għar-rilokazzjoni tal-Aġenzija u ż-żieda konsegwenti tal-konsum ta' riżorsi f'oqsma oħra tal-IT;

⁽¹⁾ ĠU C 108, 22.3.2018, p. 26.

⁽²⁾ ĠU C 108, 22.3.2018, p. 28.

6. Jinnota bi tħassib li, skont ir-rapport tal-Qorti, l-Aġenzija għamlet użu eċċessiv minn servizzi ta' konsulenza għaż-żewġ proġetti tal-IT ewlenin tagħha, u b'hekk hija dipendenti b'mod kritiku fuq l-għarfien espert estern u dan qed iwassal għal spejjeż żejda u dewmien sproporzjonati; jinnota li l-Aġenzija bdiet l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni fl-2017, li madankollu, għadhom mhumiex kompletament effettivi, kif jidher, pereżempju, mill-għadd eċċessivament għoli ta' konsulenti li jaħdmu abbażi ta' kuntratti ta' Żmien u Mezzi; jistieden lill-Aġenzija tħaffef l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni mhux biss għat-tlestija tal-proġetti tal-IT li għaddejjin bħalissa, iżda wkoll biex tħejji ruħha għal proġetti ġodda sinifikanti;
7. Iħeġġeġ lill-Aġenzija ssegwi d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tagħha;
8. Jinnota li l-Qorti identifikat tendenza orizzontali fost l-aġenziji fir-rigward tal-użu ta' persunal estern impjegat fi rwoli ta' konsulenza tal-IT; jitlob li d-dipendenza fuq ir-reklutaġġ estern f'dan il-qasam importanti u sensitiv jitnaqqas kemm jista' jkun biex jiġu limitati r-riskji potenzjali;
9. Itenni r-rwol importanti tal-Aġenzija fil-ħarsien u l-promozzjoni tas-saħħa pubblika u tal-annimali billi tivvaluta u tissorvelja l-mediċini għall-użu mill-bniedem u dak veterinarju;
10. Jaċċentwa l-fatt li fl-2018, l-Aġenzija rrakkomandat li 94 mediċina ġdida jingħataw awtorizzazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni (84 għall-użu mill-bniedem u 10 għall-użu veterinarju), u li dawn kienu jinkludu 46 sustanza attiva ġdida (42 għall-użu mill-bniedem u 4 għall-użu veterinarju); jinnota li fl-2018, fil-qafas tal-attivitajiet ta' farmakoviġilanza tagħha, l-Aġenzija rrakkomandat is-sospensjoni immedjata tal-bejgħ u s-sejħa lura ta' mediċina għall-isklerożi multipla minħabba li toħloq reazzjonijiet immuni serji u xi kultant fatali, kif ukoll is-sospensjoni tal-bejgħ ta' diversi antibijotiċi;
11. Jinnota li fl-2018 ġew implimentati t-tieni u t-tielet fazzjiet tal-pjan għall-kontinwità operazzjonali sabiex jiġu salvagwardjati l-attivitajiet ewlenin tal-Aġenzija; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata trasparenza massima, għarfien espert u indipendenza fix-xogħol tal-Aġenzija;
12. Jinsab imħasseb dwar id-dewmien osservat fl-iżvilupp tal-portal u tal-bażi tad-data tal-UE għall-provi kliniċi; jiġbed l-attenzjoni, f'dan ir-rigward, għall-ħtieġa li jiġu solvuti l-problemi fir-rigward tal-infrastruttura tal-IT tal-Aġenzija, li tinsab taħt pressjoni qawwija;
13. Jindika li fl-2018 iċ-ċentru ta' data tal-Aġenzija ġie ttrasferit b'suċċess lejn Hamburg;

Politika dwar il-persunal

14. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2018, it-tabella tal-persunal kienet 98,31 % esegwita, bil-ħatra ta' 581 aġent temporanju minn total ta' 591 aġent temporanju li ġew awtorizzati skont il-baġit tal-Unjoni (meta mqabbel mal-596 post awtorizzati fl-2017); jinnota li, barra minn hekk, 170 aġent kuntrattwali u 30 espert nazzjonali sekondat ħadmu għall-Aġenzija fl-2018;
15. Jinnota li huma meħtieġa aktar sforzi biex jinkiseb bilanċ ugwali bejn il-ġeneri fost il-maniġers superjuri (fl-2018: 17-il raġel u 11-il mara) u fost il-membri tal-bord maniġerjali (20 raġel u 13-il mara);
16. Jinnota li l-Aġenzija għandha fis-seħħ programm ta' assistenza għall-impjegati, li huwa programm ta' appoġġ offrut bla ħlas lill-persunal tiegħu; jinnota, barra minn hekk, li l-Aġenzija għandha politika li ttiprovdi appoġġ lill-persunal soġġett għal akkużi u attakki esterni;
17. Jinnota bi tħassib li, skont l-Aġenzija u r-rapport tal-Qorti, filwaqt li ġew assenjati kompiti ġodda sinifikanti lill-Aġenzija, it-tabella tal-persunal tal-Aġenzija ma żdiditx; jinnota l-miżuri li diġà ħadet l-Aġenzija biex tnaqqas ir-riskji involuti, bħar-reklutaġġ mingħajr spejjeż ta' aġenti b'kuntratti limitati fiż-żmien; jiddispijaċih li, skont ir-rapport tal-Qorti, daww il-miżuri għadhom mhumiex kompletament effettivi;
18. Jinnota li l-Aġenzija issa tikkonforma mar-rakkomandazzjoni tal-2017 tal-Qorti biex tippubblika l-avvizzi ta' postijiet battala, mhux biss fis-sit web tagħha u fis-siti web tal-Aġenziji tal-Unjoni, iżda wkoll fis-sit web tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal għal aktar pubbliċità;

Akkwist

19. Jinnota li l-Aġenzija fil-passat introduċiet sejħa elettronika għall-offerti għall-proċeduri ta' akkwist tagħha; jinnota b'sodisfazzjoni li l-għodda ta' sottomissjoni elettronika issa ġiet implimentata b'suċċess u ilha tintuża sa minn kmieni fl-2019; jinnota, skont it-tweġiba tal-Aġenzija, li issa qed taħdem fuq l-implimentazzjoni tal-għodda tal-fatturar-e;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

20. Jenfasizza li l-klijenti tal-Aġenzija – il-kumpaniji tal-industrija farmaċewtika – iħallsu għall-proċedura, u mhux għall-eżitu tal-valutazzjonijiet tal-Aġenzija; jifhem li, skont l-Aġenzija, ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu jsiru b'mod indipendenti u għaldaqstant ma johlqux kunflitti ta' interess; jinnota b'sodisfazzjon li l-Aġenzija tiżgura li l-membri tal-kumitat xjentifiku u l-esperti, il-persunal u l-membri tal-bord maniġerjali tagħha, ma jkollhom l-ebda interess finanzjarju jew ta' xorta oħra fl-industrija farmaċewtika;
21. Ifakkar li l-Aġenzija hija aġenzija ffinanzjata permezz ta' ħlasijiet, b'89,69 % tad-dħul tagħha tal-2018 joriġina minn ħlasijiet imħallsa mill-industrija farmaċewtika, 10,28 % mill-baġit tal-Unjoni u 0,03 % minn dħul assenjat estern; jinsab imħasseb li d-dipendenza għolja fuq it-tariffi mill-industrija tista' tikkomprometti l-perċezzjoni pubblika tal-indipendenza tal-Aġenzija;
22. Jirrikonoxxi l-miżuri eżistenti tal-Aġenzija u l-isforzi kontinwi tagħha biex tiżgura t-trasparenza, tipprevjeni u titratta l-kunflitti ta' interess, u tipprovdi l-protezzjoni lill-informaturi; jinsab imħasseb ħafna li fl-2018, l-Aġenzija rċeviet 21 rapport dwar każijiet ta' żvelar ta' informazzjoni protetta mingħand sors estern li qajjem il-problema ta' amminis-trazzjoni ħażina tal-Aġenzija, b'ħamsa minn dawn il-każijiet jingħalqu fl-2017 u 17-il każ għadhom għaddejjin; jistieden lill-Aġenzija tindirizza l-każijiet u l-problemi malajr kemm jista' jkun u tirrapporta għand l-awtorità ta' kwittanza dwar kwalunkwe żvilupp f'dak ir-rigward; jilqa' l-fatt li l-Aġenzija għandha fis-seħħ dikjarazzjoni ta' kunflitt ta' interess għall-membri tal-bord maniġerjali, għall-maniġment superjuri u għall-esperti u din hija disponibbli online;
23. Jilqa' l-fatt li, fi Frar 2018, il-Qorti Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej ikkonfermat, fi tliet sentenzi ewlenin (il-Kawżi T-235/15, T-718/15 u T-729/15 ⁽³⁾), mad-deċiżjoni tal-Aġenzija li tirrilaxxa dokumenti f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾;
24. Jilqa' l-fatt li, fit-22 ta' Jannar 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-politika ta' aċċess tal-Aġenzija għal dokumenti fid-deċiżjonijiet ta' appell tagħha T-235/15 u T-718/15;
25. Jinnota li l-Aġenzija tiltaqa' ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess u għandha regoli fis-seħħ biex tirregola l-interazzjonijiet tagħha mal-partijiet ikkonċernati, u barra minn hekk, għadha tippubblika l-minuti tal-laqgħat ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess fis-sit web tagħha; jinnota li l-Aġenzija għadha qed timplimenta qafas għall-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, li jinkludi miżuri ta' trasparenza;
26. Jinnota li, fid-dawl tal-kummenti u l-osservazzjonijiet li saru mill-awtorità tal-kwittanza b'rabta mal-hteġa li tissaħħaħ l-indipendenza tal-uffiċjal tal-kontabilità billi dan isir direttament responsabbli lejn id-Direttur u l-bord maniġerjali tal-Aġenzija, l-Aġenzija bħalissa qed tirrevedi l-linja ta' rapportar tal-uffiċjal tal-kontabilità bħala miżura waħda oħra maħsuba biex tkompli ssaħħaħ l-indipendenza tal-uffiċjal tal-kontabilità; barra minn hekk, jilqa' l-fatt li l-konklużjoni ġenerali tal-eżerċizzju ta' validazzjoni tas-sistemi kontabilistiċi mmexxija mill-uffiċjal tal-kontabilità ma' ditta tal-awditjar esterna, kienet pożittiva;

Awditu intern

27. Jinnota li wara l-awditu tas-Servizz ta' Awditjar Intern tal-Kummissjoni dwar l-“Implimentazzjoni tar-Regolament dwar it-tariffi tal-farmakoviġilanza” tal-Aġenzija, li fil-ġie enfasizzat id-defiċit li għad hemm bejn id-dħul minn xi tariffi tal-farmakoviġilanza u l-ispejjeż relatati, bħalissa l-Kummissjoni qed tħejji reviżjoni tar-Regolament (UE) Nru 658/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾; jinnota li l-Aġenzija għadha qed tipparteċipa b'mod attiv fir-rieżami tal-Kummissjoni tal-bażi ekonomika għas-sistema kollha tat-tariffi tal-Aġenzija u li mistennija jidħlu fis-seħħ dispożizzjonijiet ġodda f'Jannar 2022; jifhem li l-Aġenzija baġtet l-istatus tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet lis-Servizz ta' Awditjar Intern tal-Kummissjoni f'Lulju 2019; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità tal-kwittanza dwar il-miżuri li ħadet f'dan ir-rigward;

⁽³⁾ Sentenzi tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Frar 2018, *Pari Pharma v EMA*, T-235/15 ECLI:EU:T:2018:65, tal-5 ta' Frar 2018, *PTC Therapeutics International v EMA*, T-718/15 ECLI:EU:T:2018:66 u tal-5 ta' Frar 2018, *MSD Animal Health Innovation u Intervet international v EMA*, T-729/15, ECLI:EU:T:2018:67.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 658/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar tariffi pagabbli lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għat-tweqqif ta' attivitajiet ta' farmakoviġilanza fir-rigward ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 112).

Rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman

28. Jinnota li fl-inkjesta tagħha dwar kif l-Aġenzija tinvolvi ruħha ma' żviluppaturi tal-mediċina fil-perjodu li jwassal għall-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni biex jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni mediċini ġodda, l-Ombudsman Ewropew issuġġerixxa li l-Aġenzija għandha tintroduċi titjib biex:
- tiżgura li jkun hemm separazzjoni bejn dawk responsabbli li jipprovdu pariri xjentifiċi lill-iżviluppatur tal-mediċina u dawk li sussegwentement ikunu involuti fl-evalwazzjoni ta' applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq għall-istess mediċina;
 - tqis jekk l-individwi kinux diġà involuti bħala koordinaturi fl-għoti ta' pariri dwar l-istess mediċina fil-fażi ta' qabel is-sottomissjoni meta taħtar lir-rapporteurs biex jevalwaw l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq;
 - tiddokumenta u tippubblika r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha li taħtar bħala rapporteur expert li kellu rwol prominenti fl-għoti ta' pariri għall-istess mediċina matul il-fażi ta' qabel is-sottomissjoni;
 - tiżgura li tal-anqas wieħed miż-żewġ rapporteurs ma jkollu l-ebda rwol prominenti fil-fażi ta' qabel is-sottomissjoni li tikkonċerna dik il-mediċina;
 - tehmeż mar-rapport pubbliku Ewropew ta' valutazzjoni reġistru dettaljat tal-attivitajiet rilevanti kollha matul il-fażi ta' qabel is-sottomissjoni, inklużi l-ismijiet tal-esperti involuti;

Kummenti oħra

29. Jinnota li l-Qorti hargett paragrafu ta' osservazzjonijiet b'rabta maż-żewġ aġenziji bbażati f'Londra, fir-rigward tad-deċiżjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni Ewropea; jinnota li s-sede tal-Aġenzija se jiġi trasferit għal Amsterdam fil-bidu tal-2019 u li fil-31 ta' Diċembru 2018, il-kontijiet tal-Aġenzija kienu jinkludu dispożizzjonijiet għall-ispejjeż relatati li jammontaw għal EUR 17 800 000; jiddispijaci li l-ftehim ta' kiri għall-uffiċċji bbażati f'Londra huwa stabbilit għal perjodu ta' kiri sal-2039 mingħajr klawżola ta' ħruġ; jiddispijaci ukoll li fl-20 ta' Frar 2019, il-Qorti Superjuri tal-Ingilterra u Wales ħadhet it-talba tal-Aġenzija biex tikkancela l-kiri; jinnota, madankollu, li l-ftehim ta' kiri jippermetti li l-bini jiġi riassenjat jew jerġa' jinkera lil partijiet terzi, soġġett għall-approvazzjoni ta' sid il-kera; jiddispijaci li ħafna li n-noti għall-kontijiet tal-31 ta' Diċembru 2018 isemmu ammont ta' EUR 468 000 000 bħala kera li għad trid titħallas sal-2039, li minnhom ammont massimu ta' EUR 465 000 000 li jikkorrispondi għall-perjodu ta' kiri wara r-rilokazzjoni ppjanata tal-Aġenzija għal Amsterdam, huma kontabilizzati bħala obligazzjoni kontinġenti; jirrikonoxxi l-isforzi sinifikanti tal-Aġenzija biex terġa' tikri l-bini tagħha ta' Londra; jenfasizza li għalkemm l-Aġenzija kkonkludiet sullokazzjoni tal-bini b'effett mill-1 ta' Lulju 2019, l-ispiża netta futura tal-ftehim tal-kera li ma jistax jiġi kkanċellat mhijiex magħrufa; ihegġegħ lill-Kummissjoni tagħmel l-almu tagħha biex timminimizza l-impatt finanzjarju, amministrattiv u operattiv fit-tul fuq l-Aġenzija tal-ftehim ta' kiri mhux favorevoli; jistieden lill-Aġenzija tinvolvi lill-Kummissjoni, b'mod partikolari s-servizz legali u t-tim tan-negożjati li jaġixxu fir-rigward tad-deċiżjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni Ewropea, feżami tal-problema legali billi din tqajjem ir-responsabbiltà legali u finanzjarja tal-gvern tar-Renju Unit għall-invokazzjoni tal-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, sitwazzjoni li l-Qorti Għolja ma rrikonoxxiex bħala każ ta' *force majeure*; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lura għand l-awtorità ta' kwittanza dwar il-kwistjoni;
30. Jinsab imħasseb li l-Aġenzija, bħala aġenzija tas-saħħa pubblika tal-Unjoni, se jkollha timmaniġġja l-proprijeta' kummerċjali f'pajjiż terz u se tibqa' responsabbli li tħallas il-kera sa Ġunju 2039; jitlob li jinstitabu soluzzjonijiet biex l-Aġenzija tiġi rrilaxxata mill-obbligazzjonijiet kuntrattwali u finanzjarji tagħha fir-rigward ta' dak li kien il-bini tar-Renju Unit fin-negożjati li għaddejnin bħalissa bejn l-Unjoni u r-Renju Unit jekk ir-responsabbiltà ta' dan tal-aħħar ma tkunx tista' tiġi stabbilita;
31. Jinnota li l-Aġenzija ħadmet mill-qrib mal-Kummissjoni u man-netwerk biex tiżgura t-tqassim mill-ġdid b'mod ordnat tax-xogħol li sar s'issa mir-Renju Unit; jinnota li l-Aġenzija rnexxielha tirriloka b'suċċess lejn Amsterdam, bl-għan li jżomm il-persunal eżistenti tagħha sal-ogħla grad possibbli, u wkoll tmexxi ċ-ċentru tad-data tagħha lejn Hamburg; jinnota li l-ftehim dwar is-sede bejn in-Netherlands u l-Aġenzija ġie ffirmat fl-1 ta' Lulju 2018;

32. Jinnota li, skont l-Aġenzija, wara r-rilokazzjoni lejn Amsterdam, kellhom jiġu mqassma mill-ġdid ir-riżorsi sinifikanti u l-kompiti ġodda minħabba li rriżulta fxi telf ta' persunal kuntrattwali għal żmien qasir flimkien mat-tnaqqis ta' 10 % tat-tabella tal-persunal tal-Aġenzija impost mill-2014 lil hawn u żieda fl-ammont ta' xogħol; jinnota t-tħassib tal-Aġenzija li n-nuqqas ta' riżorsi umani jista' jpoġġi friskju t-twettiq tar-responsabbiltajiet ewlenin u leġislattivi tagħha; jistieden ukoll lill-Aġenzija teżamina l-possibbiltajiet ta' kondivizzjoni tar-riżorsi għal kompiti li jikkoinċidu fost aġenziji oħra b'attivitajiet simili, inkluż il-kondivizzjoni tal-persunal; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Aġenzija biex b'mod attiv ttiprova tikseb aktar kooperazzjoni u kooperazzjoni aktar mifruxa mal-aġenziji kollha tal-Unjoni;
33. Jistieden lill-Aġenzija tiffoka fuq il-pubblikazzjoni tar-riżultati tar-riċerka tagħha, u tikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja;
34. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċizzjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Meju 2020 ⁽⁶⁾ dwar il -prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽⁶⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1984 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-13 ta' Mejju 2020

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima VI — Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 (COM(2019) 316 — C9-0055/2019) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awdituri interni mwettqa fl-2018,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 55, 99, 164, 165 u 166 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 59, 118, 260, 261 u 262 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0078/2020),
1. Jiddifferixxi d-deċiżjoni tiegħu dwar l-għoti ta' kwittanza lis-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għas-sena finanzjarja 2018;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU L 57, 28.2.2018.⁽²⁾ ĠU C 327, 30.9.2019, p. 1.⁽³⁾ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 9.⁽⁵⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1985 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-14 ta' Mejju 2020

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima VI — Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima VI — Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,
 - wara li kkunsidra l-preżentazzjoni *in camera* mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament tat-3 ta' Frar 2020 dwar l-eżitu tal-investigazzjoni mill-OLAF relatata mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew;
 - wara li kkunsidra r-Rapport tal-Ombudsman Ewropew dwar id-dinjità fix-xogħol fl-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE fil-każ SI/2/2018/AMF,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0078/2020),
- A. billi, fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza, l-awtorità ta' kwittanza tixtaq fuq l-importanza partikolari li tkompli tissaħħaħ il-leġittimità demokratika tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni permezz ta' titjib fit-trasparenza u fl-obbligu ta' rendikont, kif ukoll bl-implimentazzjoni tal-kunċett ta' baġitjar abbażi tal-prestazzjoni u governanza tajba tar-riżorsi umani;
1. Jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti") li l-pagamenti kollha għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 għall-infiq amministrattiv tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (il-"Kumitat") kienu ħielsa minn żbalji materjali u li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll eżaminati kienu effettivi;
 2. Jinnota li minn Lulju sa Novembru 2018 l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) irċieva allegazzjonijiet ta' fastidju li jirrigwardaw membru ta' livell għoli tal-Kumitat, il-president tal-Grupp tal-Impjegaturi (Grupp I) minn April 2013, minn ħames sorsi differenti u li fis-6 ta' Novembru 2018 l-OLAF iddeċieda li jiftaħ investigazzjoni;
 3. Jinnota li fl-2018 ġie rrapportat każ wieħed ta' fastidju permezz tal-proċedura formali (Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal u Artikolu 12§1 tad-Deċiżjoni tal-Kumitat dwar il-prevenzjoni tal-fastidju); ifakkar li l-inkjesta amministrattiva ġiet konkluża, u ġiet imposta sanzjoni dixxiplinarja minima fuq il-persuna akkużata għalkemm għadhom ma ġewx eżawsti l-possibiltajiet kollha ta' appell; jinnota li fl-2018 ġew irrapportati tliet każijiet addizzjonali ta' allegat fastidju, sa ċertu punt marbuta flimkien, permezz ta' seba' rapporti ta' informaturi; jinnota li tnedew żewġ inkjesti amministrattivi u li l-kwistjonijiet ġew riferuti lill-OLAF f'Janjar 2019;
 4. Jinnota li fis-17 ta' Janjar 2020 l-OLAF indirizza r-rapport u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-president tal-Kumitat kif provdut fil-ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Kumitat u l-OLAF; jesprimi tħassib li l-OLAF sab każijiet ta' fastidju fil-konfront ta' żewġ membri tal-persunal, imġiba mhux xierqa (kondotta ħażina serja) kontra membru tal-persunal u membru tal-Kumitat, u mġiba ħażina kontra membri oħra tal-persunal, u li ddeċieda wkoll li jirreferi l-kwistjoni lill-awtoritajiet Belġjani;
 5. Jiddeplora s-sejbiet tal-OLAF fir-rigward tal-fastidju psikoloġiku, imġiba ħażina serja u mġiba mill-president ta' Grupp 1 lejn is-subordinati tiegħu bejn l-2013 u l-2018; jinnota li taħt il-liġi Belġjana l-fastidju jikkostitwixxi offiża kriminali; jinnota, barra minn hekk, li nkiser l-Artikolu 4 tal-kodiċi ta' kondotta għall-membri tal-Kumitat dwar id-dinjità u li tali mġiba mhijiet kompatibbli mal-valuri tal-Unjoni tar-rispett u l-protezzjoni tad-dinjità tal-bniedem fuq il-post tax-xogħol kif previst fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; jappella lill-Kumitat jirrapporta għand l-awtorità ta' kwittanza fi żmien dovut dwar dak li għamel sabiex isegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-OLAF;

6. Jistenna li l-Kumitat jinforma kif dovut lill-awtorità ta' kwittanza qabel Settembru 2020 dwar il-miżuri meħuda sabiex isir segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-OLAF u rettifikasi għall-għemil ħażin;
7. Jappella lill-Kumitat biex japplika b'mod konsistenti l-Artikolu 8 tal-kodiċi ta' kondotta mingħajr ebda dewmien, prinċipalment billi jagħti bidu għall-proċedura meħtieġa kontra l-persuni kkonċernati u billi jirreferi minnufih dawn il-kwistjonijiet lill-kumitat konsultattiv dwar il-kondotta tal-membri;
8. Jisħaq fuq it-tħassib tiegħu fir-rigward tal-ambjent tax-xogħol attwali fi ħdan il-Kumitat, partikolarment fil-Grupp I, u jappella lill-Kumitat biex jieħu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxi l-ambjent ta' rispettt u fiduċja meħtieġa għall-benesseri personali u l-iżvilupp professjonali tal-persunal; barra minn hekk ifakkar lill-Kumitat li ambjent tax-xogħol ħażin jikkawża ineffiċjenza, stress u nuqqas ta' produttività;
9. Jinnota li fit-22 ta' Jannar 2020 il-Grupp I ipproċeda bl-elezzjoni tal-president attwali tiegħu bħala l-kandidat għal president tal-Kumitat minn Ottubru 2020 meta l-presidenza tal-Kumitat ser titmexxa mill-Grupp I għal sentejn u nofs;
10. Ifakkar fir-Rapport tal-Ombudsman Ewropew dwar id-dinjità fuq il-post tax-xogħol fl-istituzzjonijiet u fl-aġenziji tal-UE: SI/2/2018/AMF li, fir-rigward tal-persunal ta' kariga għolja, jiddeskrivi kif individwi 'huma partikolarment vulnerabbli għal fastidju fejn hemm żbilanċ fil-poter bejn il-partijiet involuti. Dan jista' jiġi mitigat permezz ta' regoli aktar eżiġenti għal membri tal-persunal ta' grad għoli li mhumiex koperti mir-Regolamenti tal-Persunal, bħall-kummissarji, l-imħallfin, il-membri tal-Qorti tal-Awdituri, il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u oħrajn. Dawn jistgħu jinkludu miżuri dixxiplinari aktar serji, bħall-irtirar obbligatorju jew it-tneħħija tad-drittijiet tal-pensjoni. Il-membri tal-persunal ta' grad għoli għandhom jiġu informati dwar ir-regoli u l-politiki kollha kontra l-fastidju mal-bidu tal-mandat tagħhom b'mod komprensiv u f'intervalli regolari.' [traduzzjoni mhux uffiċjali];
11. Jitlob li l-Kumitat jistabbilixxi u jimplementa pjan ta' azzjoni biex jipprevjeni u jindirizza b'mod attiv il-fastidju fl-ambjent tax-xogħol, jissensibilizza dwar il-fastidju u jrawwem kultura ta' tolleranza żero fir-rigward tal-fastidju;
12. Jappella lill-Kumitat itejjeb miżuri li jippermettu lill-membri tal-persunal jagħmlu ilmenti formali dwar fastidju, jorganizza taħriġ regolari għall-persunal li jipprovdi konsulenza kunfidenzjali u jistabbilixxi grupp ta' investigaturi indipendenti li l-Kumitat jista' jikkonsulta matul l-investigazzjonijiet formali dwar fastidju;
13. Jinnota b'sodisfazzjon l-eżempji ta' Prattika tajba mill-politika tal-Qorti kontra l-fastidju sesswali li għandha miżuri dixxiplinari b'saħħithom kontra l-membri kolpevoli, bħall-irtirar obbligatorju jew iċ-ċaħda tad-drittijiet għall-pensjoni, u jappella lill-Kumitat isegwi dawk l-eżempji;
14. Jiddispijaċih, bħala osservazzjoni ġenerali, li l-Kapitolu 10, 'Amministrazzjoni', tar-Rapport Annwali tal-Qorti għandu kamp ta' applikazzjoni u konklużjonijiet pjuttost limitati, minkejja l-fatt li l-Intestatura 5, 'Amministrazzjoni', tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali titqies bħala ta' riskju baxx;
15. Jinnota li l-Qorti għażlet kampjun ta' 45 tranżazzjoni li jikkorrispondu għall-Intestatura 5, "Amministrazzjoni", tal-QFP għall-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni; jinnota li l-kampjun tfassal biex ikun rappreżentattiv tal-firxa ta' nfiq taħt l-Intestatura 5, li tirrappreżenta 6,3 % tal-baġit tal-Unjoni; jinnota li l-ħidma tal-Qorti tindika li l-infiq amministrattiv huwa ta' riskju baxx; jikkunsidra, madankollu, li l-ammont ta' tranżazzjonijiet magħżula b'rabta mal-"istituzzjonijiet l-oħra" mhuwiex suffiċjenti u jitlob lill-Qorti żżid l-għadd ta' tranżazzjonijiet li għandhom jiġu eżaminati tal-inqas b'10 %;
16. Jinnota li fl-2018 il-baġit tal-Kumitat ammonta għal EUR 135 630 905, imqabbel mal-EUR 133 807 338 tal-2017, li jikkorrispondu għal żieda ta' 1,36 %; jinnota rata globali ta' implimentazzjoni ta' 98,66 % (imqabbla ma' 96,5 % fl-2017 u 97,2 % fl-2016);
17. Jilqa' l-ġestjoni finanzjarja kumplessivament prudenti u soda tal-Kumitat fil-perjodu tal-baġit tal-2018; jilqa' l-fatt li r-rata ta' impenn għat-Titolu 1 "Infiq relatat ma' persuni li jaħdmu mal-Kumitat" kienet 98,94 % u għat-Titolu 2 "Il-bini, it-tagħmir u l-infiq operattiv mixxellanju" kienet 97,97 %;

18. Josserva bi tħassib li l-appropriazzjonijiet finali għall-indennizzi tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza għall-Membri qegħdin jiżdiedu bi ftit, EUR 20 247 625 fl-2018 (imqabbel ma' EUR 19 819 612 fl-2017 u EUR 19 561 194 fl-2016) minkejja t-tnaqqis fl-għadd ta' laqgħat; jirrikonoxxi li l-appropriazzjonijiet relatati mhux użati jammontaw biss għal 1,05 %;
19. Jilqa' d-Deċiżjoni tal-Kumitat Nru 2018/C 466/02 tal-10 ta' Diċembru 2018, li skontha l-membri tal-Kumitat jiġu rimborżati meta jippreżentaw id-dokumenti ta' prova tal-ispejjeż reali tal-biljetti tal-ivvjaġġar tagħhom sa massimu ta' tariffa tal-ajru business class skontata (preferibbilment tariffa economy class jew simili); jinnota li s-sistema attwali, ibbażata fuq spejjeż reali, hija konformi kemm mad-deċiżjoni rilevanti tal-Kunsill kif ukoll mas-sistema fis-seħħ fil-Parlament; japprezza li l-Kumitat jinkoraġġixxi soluzzjonijiet ta' trasport komuni bħal karozzi tal-linja pubbliċi u ċar-sharing kif ukoll il-kiri ta' kowċis meta jidher li din tkun l-aktar soluzzjoni kosteffiċjenti;
20. Jinnota li, fl-2018, il-grupp baġitarju tal-Kumitat iffoka b'mod partikolari fuq il-valutazzjoni ta' kif għandu jiġi kkontrollat l-infiq u jitjeb it-tbassir għall-partita tal-baġit li tkopri l-allowances għall-ivvjaġġar u għas-sussistenza tal-membri u li, bħala riżultat, f'Ottubru 2018 tnediet sejħa għall-offerti dwar "Analiżi u l-proposta għal titjib tas-sistema ta' projezzjoni attwali rigward ir-rimborż tal-ispejjeż tal-membri, id-delegati u l-esperti tal-KESE"; jappella lill-Kumitat jgħarraf lill-Kumitat tal-Parlament għall-Kontroll tal-Baġit dwar kwalunkwe riżultati miksuba;
21. Josserva li l-appropriazzjonijiet riportati (EUR 8 204 796) mill-2018 għall-2019 (imqabbla ma' EUR 9 232 069 mill-2017 għall-2018) jammontaw għal 6,05 % tal-appropriazzjonijiet totali, li għal darb'oħra huwa prinċipalment dovut għal-linji baġitarji "Membri tal-istituzzjoni u delegati", "bini" u "ipproċessar ta' data"; jiddeplora l-fatt li bosta approprijazzjonijiet riportati awtomatikament mill-2017 għall-2018 kienu partikolarment sovravalutati; ifakkar lill-Kumitat li huwa essenzjali li jsir aġġustament realistiku għall-baġit f'konformità mal-ħtiġijiet reali; ifakkar li sovraestima jew sottostima eċċessiva tindika pjanar baġitarju dgħajef u tirriżulta fi pressjoni negattiva fuq il-ġestjoni finanzjarja soda u prudenti;
22. Jisħaq li l-baġit tal-Kumitat huwa wieħed purament amministrattiv; jinnota li l-Kumitat ivvaluta kif għandu japplika l-prinċipji ta' baġitar abbażi tal-prestazzjoni għall-appropriazzjonijiet amministrattivi biss; jilqa' l-inizjattiva tal-Kumitat li jaħdem flimkien ma' istituzzjonijiet oħra biex jistabbilixxi ġabra ta' linji gwida interistituzzjonali dwar l-implimentazzjoni ta' baġitar abbażi tal-prestazzjoni għall-istituzzjonijiet li għandhom biss infiq amministrattiv;
23. Jirrikonoxxi li fl-2018 ġiet aġġornata deċiżjoni dwar l-istandards ta' kontroll intern, li tifformalizza l-eżistenza ta' proċess ta' kontroll intern fi ħdan il-Kumitat li jinkludi l-ħatra ta' koordinatur intern tal-kontroll; jinnota li l-Kumitat nieda eżerċizzju għall-konformità mas-16-il standard ta' kontroll intern permezz ta' kwestjonarju *ad hoc*, segwit minn rapport, li kien il-bażi biex l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni jiddeċiedi fuq katalgu ta' miżuri għall-2019 maħsuba biex itejbu aktar il-konformità mal-istandards ta' kontroll intern; jilqa' b'sodisfazzjon it-taħriġ u l-azzjoni ta' sensibilizzazzjoni li qegħdin isiru f'dan il-kuntest;
24. Jinnota l-fatt li s-salarji jammontaw għal madwar nofs il-baġit tal-Kumitat; jilqa' l-awditu intern dwar il-pagamenti tas-salarji li ġie ffinalizzat fl-2018 u għandu jingħata aċċertament li l-proċeduri tjebu wara awditu li sar fl-2010; jinnota li l-awditu sab li l-proċess ta' pagament tas-salarji kien stabbli u ma joffri ebda riskju mhux dovut; jinnota l-pjan ta' azzjoni miftiehem li kien diġà ġie implimentat parzjalment sa tmiem l-2018, bl-elementi l-oħra kollha skedati għall-implimentazzjoni sa tmiem l-2019;
25. Josserva li fl-2018 il-Kumitat adotta total ta' 215-il opinjoni u rapport (imqabbla ma' 155 fl-2017); jilqa' l-isforzi li saru biex tiżdied l-effiċjenza ġenerali tiegħu; jilqa' b'mod speċifiku l-isforzi kollha, b'mod partikolari fl-2018, li wasslu għal viżjoni li toħloq ambjent tal-IT futur tal-Kumitat li jkun kompatibbli mal-amministrazzjoni moderna u li jipprevedi, għall-10 snin li ġejjin, Kumitat ittrasformat b'mod diġitali, iffukat fuq l-utent u xprunat mid-data; jinnota li bħalissa 3 % biss tal-baġit tal-Kumitat huwa ddedikat għall-prodotti tal-IT; jinnota li l-implimentazzjoni tal-istrateġija diġitali tal-Kumitat ser teħtieġ riżorsi addizzjonali;
26. Jagħraf li l-intelliġenza artifiċjali (IA) ser tiddel is-suq tax-xogħol u ser tieħu post proporzjon kbir ta' impjeggi eżistenti; jinkoraġġixxi lill-Kumitat isegwi din il-kwistjoni mill-qrib; jappoġġja l-ħidma tal-Kumitat għall-IA permezz tal-pubblikazzjoni ta' opinjoni u l-organizzazzjoni tal-ewwel summit tal-partijiet ikkonċernati dwar l-IA f'Ġunju 2018 mal-Kummissjoni sabiex tiġi enfasizzata l-importanza li l-Unjoni tiżgura li l-IA tkun sikura, imparzjali u konformi mal-valuri tal-Unjoni;

27. Jilqa' l-isforzi tal-Kumitat biex iżid il-protezzjoni tad-data u ċ-ċibersigurtà tal-Kumitat; jilqa' wkoll il-kooperazzjoni mal-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji Ewropej (CERT-UE) u l-parteċipazzjoni attiva fis-sottogrupp ta' sigurtà tal-Kumitat Interistituzzjonali tal-IT (CII);
28. Jisħaq li fl-2018 ġie konkluż fehim dwar il-livell ta' servizz bejn il-Kummissjoni u l-Kumitat dwar ir-riżorsi umani, inkluż it-taħriġ, u dan żied it-trasparenza u l-prevedibbiltà tal-ispejjeż relatati mat-taħriġ fl-IT kif mitlub fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-2017 tal-Parlament ⁽¹⁾; jinnota bi tħassib, madankollu, li l-vantaġġ ta' żieda fit-trasparenza ntilef parzjalment minħabba żieda sostanzjali fil-prezzijiet mitluba mill-Kummissjoni u jitlob lill-Kumitat janalizza s-sitwazzjoni flimkien mal-Kummissjoni fl-interess li jinstab tiġib;
29. Jirrimarka li l-pjan ta' stabbiliment approvat mill-awtorità baġitarja kkonferma żieda fil-persunal minn 665 post fl-2017 għal 668 fl-2018 (imqabbla ma' 727 fl-2013); jirrikonoxxi li tnaqqis ta' 5 % huwa ferm aktar diffiċli biex jiġi assorbit meta applikat għal pjan ta' stabbiliment diġà relattivament żgħir minħabba l-ħtieġa li jinżammu ċerti funzjonijiet ewlenin fir-rigward tal-kontinwità tal-operat u li rata ta' tnaqqis globali bħal din tirrikjedi sforz akbar minn istituzzjonijiet iżgħar;
30. Jinnota l-miżuri għall-implimentazzjoni tad-deċiżjoni dwar l-informaturi tal-2016, bħall-adozzjoni ta' deċiżjoni interna dwar konsulenti tal-etika; jirrikonoxxi li fl-2018 intgħażlu tliet membri addizzjonali tal-persunal sabiex jissiehu fit-tim attiv ta' konsulenti mħarrġa; jinnota r-rwol tal-konsulenti tal-etika fejn jagħtu pariri u joffru assistenza lill-membri tal-persunal sabiex jgħinuhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom bl-aħjar mod possibbli fir-rigward tar-rapportar ta' mġiba ħażina serja (informaturi) hekk kif iddikjarat fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-2016 tal-Parlament ⁽²⁾;
31. Jinnota bi tħassib li l-għadd ta' talbiet għal assistenza indirizzati lill-konsulenti tal-etika żdied minn 25 fl-2017 għal 42 fl-2018 u jisħaq, bi tħassib partikolari, li 33 minn dawn it-talbiet kienu nisa filwaqt li l-għadd ta' talbiet minn irġiel baqa' stabbli għal disa' persuni;
32. Jinnota l-miżuri kollha meħuda biex tissaħħaħ l-effikaċja tal-politika kontra l-fastidju, bħal taħriġ dwar temi speċifiċi, opportunitajiet għall-membri tal-persunal li jipprovdu konsulenza kunfidenzjali lin-netwerk, u superviżjoni regolari minn konsulent estern; jinnota li qiegħda titqies reviżjoni tad-deċiżjoni attwali dwar il-fastidju biex jiġi żgurat li jkun hemm sinerġiji aħjar ma' regolamenti rilevanti oħra, bħal dawk dwar l-informaturi; jinnota li l-kors dwar l-etika u l-integrità huwa obbligatorju għall-persunal kollu u jkopri standards ta' mġiba fil-post tax-xogħol, inkluż dwar x'inhuwa l-fastidju u kif tittrattah; jiddispijaċih ħafna li dawn il-miżuri kollha naqsu milli jevitaw il-każijiet relatati ta' fastidju u milli jipproteġu lill-vittmi; ifakkar lill-Kumitat li protezzjoni proattiva, reali u urġenti (inkluż kontra theddid, rikatt u attentati ta' tixħim) tal-vittmi u l-informaturi kollha għandha tkun waħda mill-prijoritajiet ewlenin ta' dawn il-miżuri; jistieden lill-Kumitat isaħħaħ u jtejjeb il-miżuri meħuda s'issa u fuq kollox jipproteġi lill-vittmi kollha b'mod effikaċi; jitlob lill-Kumitat jirrapporta lura dwar dan lill-Kumitat tal-Parlament għall-Kontroll tal-Baġit f'dan ir-rigward;
33. Jinnota b'apprezzament il-kooperazzjoni bejn il-Kumitat u l-OLAF; josserva li ż-żewġ istituzzjonijiet iffirraww arranġamenti amministrattivi fl-2016 li jstabilixxu l-proċedura li għandha tiġi segwita għat-trattament tal-każijiet ta' frodi; jinnota wkoll li f'Lulju 2019, il-president u s-segretarju ġenerali tal-Kumitat iltaqgħu mad-direttur ġenerali tal-OLAF sabiex joħolqu sinerġiji aħjar u jiżguraw skambju aktar effiċjenti ta' informazzjoni;
34. Jinnota li l-kodiċi ta' kondotta l-ġdid għall-membri, anness għar-regoli ta' proċedura l-ġodda tal-Kumitat li daħlu fis-seħħ f'Marzu 2019, jinkludi, għall-ewwel darba, penali għall-membri involuti f'sitwazzjonijiet fejn membru ma jissodisfaw l-obbligi tiegħu jew tagħha skont il-kodiċi ta' kondotta; jiddispijaċih li tali penali la ma huma severi biżżejjed u lanqas ma huma allinjati mar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew; ifakkar li l-użu tal-fondi tal-Unjoni għad-difiża tar-reputazzjoni istituzzjonali jew ta' membri soġġetti għal sentenza negattiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-QĠUE) jew tal-qrati tal-Istati Membri huwa miżapproprazzjoni ta' fondi pubbliċi u jfakkar li s-servizzi legali istituzzjonali jintużaw biss sabiex tiġi difiża l-istituzzjoni u mhux għad-difiża tal-interessi tal-individwi; jitlob lill-Kumitat biex b'mod urġenti jsaħħaħ il-kodiċi ta' kondotta għall-membri sabiex b'mod partikolari jiddiedu penali li jistgħu jkunu aktar effettivi u dissważivi; jinnota li ġie stabbilit kumitat konsultattiv dwar l-imġiba tal-membri u li dan il-kumitat ser jagħti lil kwalunkwe membru, li jitlob, gwida dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tal-kodiċi ta' kondotta u, suġġerimenti lill-president tal-Kumitat dwar il-passi possibbli li għandhom jittieħdu u dwar allegat ksur tal-kodiċi ta' kondotta; jirakkomanda bis-sħiħ li t-taħriġ dwar il-fastidju jkun disponibbli għall-membri kollha, hekk kif kien il-każ fil-Parlament mill-bidu tal-leġiżlatura attwali;

⁽¹⁾ ĠUL 249, 27.9.2019, p. 118.

⁽²⁾ ĠUL 248, 3.10.2018, p. 134.

35. Ifakkar li l-Kumitat tal-Parlament għall-Kontroll tal-Baġit talab aġġornamenti regolari dwar il-qafas tal-etika u tal-integrità tal-Kumitat; jilqa' l-fatt li fl-2018 bdew it-tnejn għal kampanja dwar "Respect@work", maħsuba biex trawwem relazzjonijiet ta' rispett fil-post tax-xogħol għal kulħadd, li, fost azzjonijiet oħra, ser tikkontribwixxi għal reviżjoni tal-qafas tal-etika u tal-integrità fl-2019; jappella lill-Kumitat biex jirrapporta fir-rapport tal-attivitajiet annwali tiegħu li jmiss;
36. Ifakkar li s-servizz legali tal-Kumitat iddghajef sostanzjament għal erba' snin, minn Marzu 2010, meta l-kap tas-servizz legali tneħħa b'effett immedjat minn dmirijietu wara li ddenunzja irregolaritajiet serji u pressjonijiet illeċiti mis-segretarju ġenerali f'dak iż-żmien; ifakkar ukoll li din il-pożizzjoni baqgħet vakanti għal tliet snin u nofs, li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku Ewropew ikkundanna lill-Kumitat f'dan il-każ (Sentenza fil-Kawża F-41/10 RENV, *Bermejo Garde vs Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew* ⁽³⁾), li l-Kumitat kellu jħallas aktar minn EUR 100 000 u li kien biss fl-2014 li nħatar kap ġdid tas-servizz legali u s-servizz legali ġie msaħħaħ b'ħames avukati;
37. Huwa mħasseb ħafna dwar il-bidliet reċenti li jistgħu mill-ġdid idgħajfu s-servizz legali tal-Kumitat, inkluż li mill-1 ta' Jannar 2020 'l hawn huwa marbut direttament mas-segretarju ġenerali bħala l-uniku servizz legali fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, li minn Settembru 2019 tilef wieħed mill-ħames avukati tiegħu fuq bażi permanenti, li xi membri tal-persunal, inkluż il-kap ta' unità, ġew inklużi fil-mobilità minflok ma tqiesu bħala persunal speċjalizzat, bħal fl-istituzzjonijiet l-oħra, u li sofra tnaqqis drastiku fl-għadd ta' konsultazzjonijiet formali;
38. Jisħaq fuq l-importanza li jkun hemm servizz legali b'saħħtu u indipendenti, b'kont meħud li sa mill-ħolqien tagħhom l-istituzzjonijiet tal-Unjoni pprovdew għalihom stess servizzi legali intern li l-funzjonijiet ewlenin tiegħu huma l-pariri u r-rappreżentanza legali u d-difiża quddiem il-QĠUE; għaldaqstant jitlob lill-Kumitat jiżgura li s-servizz legali tiegħu jkollu għadd suffiċjenti ta' persunal biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu u jkun jista' jżomm l-indipendenza tiegħu; jitlob lill-Kumitat ineħħi l-miżuri kollha li jistgħu jdgħajfu lis-servizz legali fl-eżerċizzju tal-attivitajiet u l-funzjonijiet korrispondenti tiegħu; ifakkar ukoll lill-Kumitat dwar l-importanza li jikkonsulta s-servizz legali dwar id-deċiżjonijiet tal-Kumitat sabiex jiġi żgurat li dawn jikkonformaw mal-liġi u jiġi evitat li jsiru żbalji serji u jkun hemm proċedimenti legali, twal u onerużi sussegwenti;
39. Jiddispijaciħ bis-sħiħ dwar l-allegazzjonijiet pubbliċi kkawżati mill-proċedura ta' reklutaġġ għas-segretarju ġenerali l-ġdid tal-Kumitat; jinnota li l-argumenti mressqa mis-segretarju ġenerali fit-tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Parlament għall-Kwintanza 2018; jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat b'mod strett it-tweġiq ta' trasparenza sħiħa fil-fażijiet kollha tal-proċedura kollha (il-pubblikazzjoni, l-għażla, il-ħatra u l-istabbiliment) mingħajr ebda eċċezzjoni hekk kif stabbilit fir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat u fir-Regolamenti tal-Persunal sabiex tkun konformi magħhom u wkoll jiġi evitat kwalunkwe riskju għar-reputazzjoni, mhux biss għall-Kumitat iżda wkoll għall-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni;
40. Jilqa' l-isforzi li saru biex tiżdied il-viżibilità tal-Kumitat, kemm billi jsaħħaħ ir-relazzjonijiet tiegħu mal-midja kif ukoll billi jqiegħed enfasi fuq il-komunikazzjoni online sabiex ineħħi aktar l-ostakli relatati mal-lingwa u mad-diżabilità; jaċċentwa, fir-rigward tal-komunikazzjoni fuq midja soċjali, il-politika ta' taħriġ li takkumpanjaha u sessjonijiet ta' kkwocjar imfassla apposta kemm għall-membri kif ukoll għall-persunal tal-Kumitat; jinnota t-tnaqqis minimu fl-għadd ta' stqarrijiet għall-istampa fl-2018 (madwar 60, imqabbla ma' 70 fl-2017) bħala parti minn strateġija li għandha l-għan li tiżviluppa għamla ta' "webstories" sabiex ikun hemm komunikazzjoni aktar iffukata fuq it-temi l-aktar importanti tal-Kumitat; jitlob lill-Kumitat biex jirrapporta lill-Parlament l-esperjenzi tiegħu f'dan ir-rigward;
41. Jinnota li l-Kumitat implimenta firxa vasta ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni fl-okkażjoni tas-60 anniversarju tiegħu f'Mejju 2018; jilqa' l-fatt li l-Kumitat irċieva 9 419-il viżitatur fl-2018 (imqabbla ma' 7 820 fl-2017) u li l-Jum għall-Pubbliku tradizzjonali fil-5 ta' Mejju attira madwar 2 888 viżitatur oħra (imqabbla ma' 2 700 fl-2017); jinnota li l-plenarji tal-Kumitat, li jixxandru fuq l-Internet, għandhom potenzjal li jilħqu bejn tliet u tmien miljun ruħ; jinnota li l-interazzjoni ġenerali online, bħal retweets, likes u tweġibiet, żdiedet u ntlaħqu bejn 680 u 1 840 mentions f'kull plenarja;
42. Jinnota li l-appropriazzjonijiet għall-esternalizzazzjoni tat-traduzzjoni żdiedu (20,2 % fl-2018, kemxejn ogħla mill-mira ta' 20 %, imqabbla ma' 17,1 % fl-2017 u 16,61 % fl-2016) fil-kuntest tal-ftehim ta' kooperazzjoni ffirmat mal-Parlament u t-tnaqqis sussegwenti fil-persunal tat-traduzzjoni; jinnota wkoll li l-ispiża totali tat-traduzzjoni esterna lizzata fl-2018 kienet ta' EUR 4 417 613, imqabbla ma' EUR 7 208 710 li kienet tkun l-ispiża totali tat-traduzzjoni interna;

⁽³⁾ Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Kamra) tat-2 ta' Ġunju 2016, *Bermejo Garde v European Economic and Social Committee*, F-41/10 RENV, ECLI:EU:F:2016:123.

43. Jistieden lill-Kumitat ikompli bil-miżuri ta' razzjonalizzazzjoni tiegħu fil-qasam tat-traduzzjoni;
44. Jinnota li l-ftehim ta' kooperazzjoni amministrattiva bejn il-Kumitat, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Parlament fl-2014 intemm fil-31 ta' Diċembru 2019; jinnota li sal-lum il-ftehim tal-2014 ma reġax ġie nnegozjat jew estiż; huwa tal-opinjoni li l-ftehim tal-2014 kien żbilanċjat ħafna għall-Kumitat u l-Kumitat tar-Reġjuni ("il-Kumitati"), li b'kolloxx ittrasferew 60 traduttur lill-Parlament (36 mill-Kumitat) u bi skambju kisbu biss l-użu tas-servizzi tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (EPRS); jinnota bi tħassib li bħala konsegwenza, il-Kumitati kellhom jikru persunal kuntrattwali u jesternalizzaw is-servizz tat-traduzzjoni tagħhom; jinnota bi tħassib li biex jikkumpensa għat-tnaqqis fil-persunal tat-traduzzjoni, il-Parlament ipprova fondi addizzjonali (EUR 1 200 000 mill-2015 sal-2016) għall-Kumitat biex tiġi koperta l-esternalizzazzjoni tas-servizzi tat-traduzzjoni u li dawn il-fondi jistgħu jiġu riallokati għal oqsma ta' politika oħra jekk ma jintużax kollu għal traduzzjoni esternalizzata (il-Kumitat uża din il-possibbiltà ta' riallokazzjoni fl-aħħar tliet snin); huwa tal-opinjoni li dawn iċ-ċirkostanzi mhumiex konformi mal-kriterji ta' ġestjoni finanzjarja ġenerali tajba u prudenti, u għandhom jerġgħu jiġu riveduti fil-każ ta' estensjoni ta' dan il-ftehim jew fil-każ ta' negożjati ta' ftehim ġdid; jirrikonoxxi li, mil-lat politiku, il-ftehim għandu jiġi aġġornat biex jiffaċċja l-isfidi tal-lum, bħall-QFP il-ġdid jew ir-regoli l-ġodda dwar il-politika ta' koeżjoni; jirrikonoxxi l-kooperazzjoni tajba tal-Kumitat fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fl-Elezzjonijiet Ewropej 2019;
45. Jirrikonoxxi s-segwitu għall-istħarriġ dwar il-persunal li fl-2016 il-Kumitat għamel dwar ir-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol bit-tnedija ta' diversi inizjattivi, bħal workshops għall-manigiers dwar il-ġestjoni ta' assenzi, il-ġestjoni ta' kunflitti u l-ġestjoni ta' prestazzjoni batuta; jilqa' wkoll is-sistema ta' mentoraġġ għal kollegi ġodda u l-azzjonijiet biex jittejbu l-benesseri u l-impenn tal-persunal; jinnota li r-rata ta' assenza tal-persunal tidher li laħqet il-quċċata tagħha fl-2017 (5,5 %) u li naqsfitt għal 5,35 % fl-2018 (imqabbla ma' 4 % fl-2015); jinnota bi tħassib, madankollu, iż-żieda fl-iv ta' mard fit-tul fost il-kapijiet ta' unità tal-Kumitat; jappella lill-Kumitat jirrapporta dwar il-kisbiet kollha li ntlaħqu dwar it-tnaqqis fir-rata ta' assenza tal-persunal;
46. Jilqa' l-progress li għaddej sabiex jinkiseb il-bilanċ ġeografiku għall-manigiers tal-Kumitat, b'mod partikolari fir-rigward tal-Istati Membri li ssieħbu fl-Unjoni fl-2004 jew wara; jinnota fir-rigward tal-bilanċ bejn is-sessi li l-Kumitat issa għandu proporzjon ogħla ta' manigiers nisa milli manigiers irġiel (52 % fl-2018, 41,4 % fl-2017 u 37,5 % fl-2016); jinnota li 80 % tal-kollegi li talbu jaħdmu part-time kienu nisa fl-2018 minkejja li d-dritt huwa l-istess għall-irġiel u għan-nisa; jilqa' l-fatt li l-Kumitat regolarment jgħarraf dwar il-mudelli ta' ħidma disponibbli;
47. Jilqa' l-isforzi tal-Kumitat biex joħloq ambjent u kultura tax-xogħol aktar diversi u inklużivi permezz ta' azzjonijiet favur persuni b'diżabilità, bħal li l-intranet u s-sit web saru aċċessibbli b'mod diġitali għal persuni b'vista batuta, permezz tal-pubblikazzjoni tal-fuljett "Access Able Brussels" li jipprova l-informazzjoni kollha meħtieġa għal dawk li jkun għadhom kemm waslu Brussell u jkollhom diżabilità u bl-ospitar tal-konferenza Inter COPEC iddedikata kompletament għal kwistjonijiet ta' diżabilità;
48. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġi żvilupp qafas ta' politika fit-tul dwar ir-riżorsi umani li jipromwovu il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, l-iggwidar tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-karriera, il-bilanċ bejn is-sessi, it-telexogħol, in-nondiskriminazzjoni, il-bilanċ ġeografiku kif ukoll ir-reklutaġġ u l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità;
49. Jirrikonoxxi li permezz ta' ftehim ta' kooperazzjoni amministrattiva, il-Kumitati stabbilew għadd kbir ta' proċeduri għal kollaborazzjoni bejn is-servizzi tagħhom u stabbilew u organizzaw ukoll servizzi konġunti fejn ir-riżorsi umani u finanzjarji taż-żewġ Kumitati jiġu raggruppati (jiġifieri traduzzjoni u loġistika); jilqa' l-fatt li s-servizz tal-awditjar intern taż-żewġ Kumitati jikkollabora mill-qrib dwar is-servizzi konġunti fi ħdan id-dispożizzjonijiet tal-ftehim ta' kooperazzjoni; jinkoraġġixxi lill-Kumitat jestendi l-ftehim ta' kooperazzjoni amministrattiva tiegħu mal-Kumitat tar-Reġjuni lil hinn mill-2019;
50. Jilqa' l-iffrankar annwali li jammonta għal EUR 11,8 miljun fir-rigward tal-infrastruttura u EUR 0,72 miljun fir-rigward ta' kera, manutenzjoni, oġġetti għall-konsum u persunal minħabba li l-Kumitati qegħdin jikkondividu r-riżorsi f'dawn l-oqsma; jilqa' wkoll il-fatt li l-iffrankar baġitarju annwali fl-IT, minħabba l-kooperazzjoni bejn il-Kumitati, jammonta għal madwar EUR 5 miljun; jinnota li eżempju ta' sinerġiji ċara permezz tal-kooperazzjoni mal-Parlament, li joħloq iffrankar f'termini ta' spejjeż tal-persunal u li jammonta għal EUR 3,3 miljun (fil-livelli tas-salarji tal-2016), huwa l-użu tal-EPRS (36 kariga tal-Kumitat ġew ittrasferiti lejn l-EPRS għal dan il-għan);

51. Jappella lill-Kumitat janalizza aktar is-sitwazzjoni sabiex jiġu identifikati oqsma oħra għal servizzi konġunti mal-Kumitat tar-Reġjuni; jaċċentwa li din it-tip ta' kooperazzjoni interistituzzjonali tista' tnaqqas b'mod sinifikanti l-infiq globali tal-Kumitat; jappella lill-Kumitat jgħarraf lill-Kumitat tal-Parlament għall-Kontroll tal-Baġit dwar kwalunkwe riżultati miksuba;
52. Jinnota li l-ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Kumitati, iffirmit fl-2016, jistabbilixxi qafas legali sod għal kooperazzjoni fit-tul, effiċjenti u effettiva u juri li l-Kumitati qegħdin jaġixxu fi sħubija filwaqt li jirrispettaw is-setgħat u l-prerogattivi ta' xulxin; jinnota li l-ftehim intemm fil-31 ta' Diċembru 2019 u li kien ġie deċiż li jiġi estiż għal sena filwaqt li jkun qiegħed jiġi nnegozjat ftehim ġdid; jitlob lill-Kumitati jagħmlu l-isforzi meħtieġa biex jikkonkludu ftehim ġdid malajr kemm jista' jkun sabiex jippermettu aktar sinerġiji u ffrankar;
53. Ifakkar li għal darb'oħra l-Kumitati ddedikaw inqas minn 3 % tal-baġit totali tagħhom għall-IT u li proġetti u tagħmir tal-IT sofrew minn sottofinanzjament strutturali għal diversi snin; jinnota bi tħassib li biex jindirizzaw l-akkumulu ta' proġetti u sistemi tal-IT tagħhom, il-Kumitati qegħdin ikomplu jużaw eżerċizzji ta' tlaqqit fi tmiem is-sena biex jiffinanzjaw proġetti tal-IT; jitlob lill-Kumitati jimplimentaw mill-aktar fis possibbli l-istrateġija diġitali l-ġdida u l-pjan pluriennali tal-infiq tal-IT;
54. Jinnota li l-ftehim bejn il-Kumitati u l-Kummissjoni dwar l-iskambju tal-bini VMA tal-Kummissjoni mal-binjiet tal-Kumitati BEL68/TRE 74 ġie iffirmit fit-28 ta' Awwissu 2019; jinnota li l-iskambju ser jidhul fis-seħħ fis-16 ta' Settembru 2022; jinnota bi tħassib li l-prijorità ewlenija identifikata mill-politika tal-bini tal-Kumitati hija l-konċentrazzjoni ġeografika tal-binjiet; jinnota bi tħassib li dan l-iskambju jirriżulta ftelf ta' spazju għall-uffiċċji ta' 10 440 m² għall-Kumitati u, għaldaqstant, il-ħtieġa li jinstabu aktar ufficiċċji biex jakkomodaw madwar 200 membru tal-persunal wara l-iskambju, li ma jistgħux jiġu kkompensati kompletament b'miżuri alternattivi fuq perjodu ta' żmien qasir, bħal użu iktar intensifikat tal-isparju fil-bini l-ieħor jew żieda fl-użu tat-telexogħol, iżda ser jirrikjedu x-xiri ta' binja oħra maġenb il-bini l-ieħor biex jiġi kkompensat dan it-tnaqqis; jinnota wkoll il-ħtieġa li jiġi rinnovat il-bini VMA fuq perjodu qasir sa medju; jibża' mill-konsegwenzi li dan il-ftehim ser ikollu mhux biss għall-finanzi tal-Kumitat iżda wkoll għall-benesseri tal-persunal ikkonċernat; jiddispaċih li s-servizz legali ma ġiex ikkonsultat dwar kwistjoni ta' ambitu u importanza bħal din għall-Kumitat;
55. Jinnota li l-Kumitati reċentement stabbilixxew grupp ta' ħidma konġunt bil-għan li jħejji analiżi ulterjuri sabiex jinstabu soluzzjonijiet adegwati; jinnota li grupp ta' ħidma ieħor għandu l-għan li jirrifletti dwar modi ġodda ta' ħidma; jisħaq fuq li l-benesseri, il-mod tax-xogħol u l-isparju tax-xogħol tal-persunal bl-ebda mod ma għandhom ibatu l-konsegwenzi negattivi li jirriżultaw mill-iskambju tal-binjiet; jilqa' l-fatt li l-amministrazzjoni tal-Kumitat qiegħda żżomm lill-partijiet ikkonċernati kollha informati permezz ta' laqgħat tal-persunal u permezz tal-maniġment tas-servizzi kkonċernati u ser tqis it-tħassib u s-suġġerimenti mressqa; jappella lill-Kumitati sabiex jinformat lill-Kumitat Parlamentari għall-Kontroll tal-Baġit u l-Kumitat għall-Baġit dwar ir-riżultati li nkisbu;
56. Jesprimi tħassib serju dwar il-konferma tal-preżenza ta' asbestos f'postijiet kritiċi tal-bini VMA inkluż fiż-żona tal-parkeġġ; jiddeplora l-fatt li f'Settembru 2019 twestaq inventarju minn kuntrattur estern speċjalizzat, xahar biss wara l-iffirmit tal-ftehim mal-Kummissjoni; jiddeplora l-fatt li l-ftehim ġie iffirmit mingħajr ma ġew infurmati l-partijiet ikkonċernati kollha fi żmien xieraq dwar il-possibbiltà ta' preżenza ta' asbestos fil-bini VMA; jiddeplora wkoll il-fatt li l-membri u l-persunal ma ġewx informati dwar is-sitwazzjoni u jitlob lill-Kumitat jirrimedja s-sitwazzjoni b'mod adegwat u effikaċi;
57. Jinnota li l-Kumitati rċewew ċertifikat "sikur mill-asbestos" għall-bini VMA f'Settembru 2019 u li dan iċ-ċertifikat jispeċifika li l-bini fih asbestos mingħajr riskju għall-użu normali tal-bini; filwaqt li jitqies b'mod speċjali li l-użu ġejjieni tal-bini mhux ser ikun użu normali, iżda pjuttost sitwazzjoni ta' kostruzzjoni, jinsab imħasseb ħafna dwar l-iżviluppi futuri dwar din il-kwistjoni;
58. Jinnota l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem mill-esponiment fit-tul u mhux sikur għall-asbestos huma tassew dokumentati u huma dejjem sors ta' tħassib u ta' allarm fost il-popolazzjoni inġenerali, jitlob lill-Kumitati jwettqu politika ta' trasparenza totali u proattiva u informazzjoni dwar il-ġestjoni tas-sitwazzjoni qabel u wara l-okkupazzjoni effettiva tal-bini VMA filwaqt li fl-istess waqt jevitaw allarmiżmu;
59. Jinsab imħasseb li 19,56 % (2 835) tal-pagamenti bi żmien għall-pagament ta' 30 jum ġew imdewma (b'medja ta' dewmien tal-pagament ta' 46,12 jum); jappella lill-Kumitat isaħħaħ l-isforzi tiegħu biex jirrispetta l-iskadenzi tal-pagamenti stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju;

60. Jilqa' l-fatt li r-rata ta' kmamar mhux użati għas-servizzi tal-interpretazzjoni naqset matul l-aħħar snin (2,61 % fl-2018, 3,6 % fl-2017 u 4,38 % fl-2016); jirrikonoxxi l-miżuri implimentati matul l-2018 u jinkoraġġixxi lill-Kumitat iżomm it-tendenza pożittiva tiegħu ta' inqas kanċellazzjonijiet ta' servizzi tal-interpretazzjoni;
61. Japprezza l-intenzjoni tal-Kumitat li jkompli jtejjeb it-trasparenza u jiffaċilita l-aċċess għad-dokumenti tal-Kumitat, abbażi ta' laqgħa interistituzzjonali dwar it-trasparenza li saret fil-Lussemburgu nhar il-25 ta' Settembru 2018; jinnota li l-Kumitat ta' bidu għal eżerċizzju biex jittieħed vantaġġ mill-aħjar prattiki ta' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-Unjoni li rriżulta fi pjan ta' azzjoni li ser jinbda fl-2019 u jkopri temi bħar-regoli ta' proċedura tiegħu, il-kodiċi ta' kondotta għall-membri tiegħu, il-ħolqien ta' reġistru ta' trasparenza u l-aċċess għad-dokumenti;
62. Jinnota li l-Ombudsman f'Ġunju 2017 ħareġ ir-'Rakkomandazzjoni tal-Ombudsman Ewropew dwar in-nuqqas allegat tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew li jiżgura li membru jiddikjara l-interessi rilevanti kollha', li wasslet biex il-Kumitat jemenda r-regoli ta' proċedura tiegħu sabiex dawn jirriflettaw l-bidliet mitluba mill-Ombudsman Ewropew u li r-regoli ta' proċedura emendati daħħlu fis-seħħ fil-15 ta' Marzu 2019; jinnota li l-Ombudsman Ewropew wasal għal konklużjoni dwar in-nuqqas ta' amministrazzjoni ħażina, f'inkjesta dwar ilment relatat ma' proċedura tal-għażla fl-2018;
63. Jinnota li d-dikjarazzjonijiet ta' interessi għall-president u għall-viċi presidenti tal-Kumitat huma disponibbli u aċċessibbli fil-paġni tal-Internet tal-membri tal-Kumitat; jinnota li b'segwitu għar-regoli ta' proċedura emendati l-membri jeħtiġilhom mal-ħatra tagħhom ifasslu dikjarazzjoni ta' kwalunkwe interess, finanzjarju jew ieħor, li jista' jkollu impatt fuq il-ħidma tagħhom fil-Kumitat; jinnota li dawn id-dikjarazzjonijiet huma disponibbli wkoll għall-pubbliku ġenerali fis-sit web tal-Kumitat; jinnota li l-membri jeħtiġilhom jikkonfermaw b'mod espliċitu l-validità tal-kontenut tad-dikjarazzjonijiet tagħhom tal-inqas darba fis-sena u jagħmlu reviżjonijiet malli jkun hemm bidla fis-sitwazzjoni tagħhom;
64. Jinnota li l-membri mhumiex obbligati jiddikjaraw l-indirizz tal-organizzazzjoni jew il-kumpanija li minnha jirċievu remunerazzjoni; jinnota, madankollu, li meta jieħdu l-kariga u fil-każ ta' kwalunkwe tibdil, il-membri jeħtiġilhom jimlew u jiffirmaw dikjarazzjonijiet ta' interessi; jinnota li ħamsa u għoxrin membru pprovdew lill-amministrazzjoni indirizz reġistrat fil-Belġju;
65. Jinnota l-Kumitat m'għandux l-intenzjoni jbidel is-sistema li tirrikjedi firma waħda bħala konferma tal-preżenza tal-Membri fil-laqgħat għal sistema li tirrikjedi żewġ firem, waħda fil-bidu tal-laqgħa u waħda fi tmiem il-laqgħa; jitlob lill-Kumitat biex, bil-għan li jtejjeb il-metodi kif jopera, ikompli jistudja l-prattiki u l-esperjenzi fil-Parlament u f'istituzzjonijiet u korpi oħra tal-Unjoni rigward ir-rekord tal-preżenza u jużahom bħala punt ta' riferiment għall-aħjar prattiki; jitlob lill-Kumitat biex jirrapporta lura dwar kwalunkwe kisbiet fir-rapport tal-attivitajiet annwali tiegħu;
66. Jinnota l-ħidma li saret mill-Kumitat rigward id-Deċiżjoni tal-Ombudsman fil-każ 1306/2014/OV biex iħejji linji gwida dwar il-ġestjoni tal-kunflitti ta' interessi fuq il-post tax-xogħol bil-għan li tingħata gwida għal każijiet fejn il-membri tal-persunal jeħtieġu jwettqu funzjonijiet sovrastanti meta jittrattaw suġġett wieħed, li huwa partikolarment il-każ fir-rigward tal-attivitajiet tar-rappreżentanza tal-persunal;
67. Jilqa' b'sodisfazzjon il-politika tal-Kumitat relatata ma' "bibien iduru" li tinkludi segwitu dwar l-attivitajiet esterni mwettqa mill-ex uffiċjali għolja tiegħu; jinnota li l-Kumitat jipubblika rapport relatat kull sena;
68. Jinnota li l-Kumitat stabbilixxa grupp fl-2017 biex jissorvelja l-iżviluppi fir-rigward tad-deċiżjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni u jivvaluta l-ħtieġa għal reazzjonijiet jew pożizzjonijiet tal-Kumitat; jinnota li bis-suppożizzjoni li ser jiġi attwat il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, total ta' EUR 318 600 tnaqqas mill-Baġit 2019 u ammont addizzjonali ta' EUR 173 062 tnaqqas mill-Baġit 2020 sabiex jiġu riflessi l-"bidliet evidenti" fl-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-Membri u fil-kofinanzjament ta' tagħmir tal-IT għall-Membri;
69. Itenni l-ħtieġa li tiġi armonizzata, aċċellerata u mtejba l-proċedura ta' kwittanza; jipproponi, f'dan ir-rigward, li tiġi stabbilita skadenza sal-31 ta' Marzu tas-sena li tiġi wara s-sena kontabilistika għall-preżentazzjoni tar-rapporti ta' attività annwali; jiddispijaċi li din l-iskadenza ma ġietx irrappreżentata għar-rapport annwali tal-attività 2018 kif mitlub fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza 2017; jilqa' r-rieda tal-Kumitat li jsegwi din l-aħjar prattika li ttipprevedi li l-istituzzjoni ta' kwittanza bi żmien għal proċedura ta' kwittanza aktar profonda u mwettqa aħjar;

70. Jinnota li t-tieni grupp *ad hoc* dwar il-futur tal-Kumitat, iffokat fuq ir-razzjonalizzazzjoni tal-korpi interni tal-Kumitat, ippreżenta r-rapport ta' segwitu tiegħu fi tmiem l-2017; jinnota li l-bureau tal-Kumitat iddeċieda, f'Jannar 2018, li jnaqqas in-numru ta' Membri li jipparteċipaw f'għadd kbir ta' korpi interni tal-Kumitat u li jllimita l-ammont ta' laqgħat tagħhom li jsiru kull sena; jinnota li l-bureau ddeċieda li jiffoka mill-ġdid il-mandati ta' wħud mill-istrutturi tal-Kumitat; jitlob lill-Kumitat jipprovi lill-Parlament bi kjarifiki dwar tfaddil marbut ma' din il-modernizzazzjoni sabiex iżid it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont;
 71. Jilqa' l-isforzi tal-Kumitat biex jippromwovi l-ekonomija ċirkolari permezz tal-opinjoni tiegħu u, b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, permezz tal-Pjattaforma Ewropea tal-partijiet ikkonċernati tal-ekonomija ċirkolari li tiġbor l-inizjattivi u l-aħjar prattiki;
 72. Jappoġġja l-isforzi magħmula mill-Kumitat biex inaqqas l-impronta ambjentali tiegħu; jinnota b'sodisfazzjon tnaqqis żgħir fil-konsum tal-elettriku (3 %) u tal-karti (17 %) u tal-iskart tal-uffiċċji (3 %); josserva, madankollu, iż-żieda fil-konsum tal-gass (5 %) u tal-ilma (17 %) ikkawżati mill-installazzjoni ta' ħiter tal-gass ġdid u minħabba tnaxxijiet tal-ilma matul ix-xogħol ta' kostruzzjoni;
 73. Jaċċentwa l-kisbiet kollha fl-aħħar snin f'oqsma bħall-ibbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni, il-qafas etiku bir-regoli u l-proċeduri kollha relatati tiegħu, l-attivitajiet ta' komunikazzjoni msaħħa u l-ammont dejjem jiżdied ta' miżuri biex titjeb it-trasparenza; jilqa' l-ammont sinifikanti ta' ftehimiet interistituzzjonali dwar is-servizzi u l-kooperazzjoni; jissottolinja l-importanza tal-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni tal-esperjenza fost l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni; jissuġġerixxi li l-Kumitat janalizza l-possibilità ta' attivitajiet formalizzati ta' netwerking f'oqsma differenti sabiex jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki u jiġu żviluppati soluzzjonijiet komuni;
 74. Jinnota l-importanza tad-djalogu politiku bejn il-Kumitat u l-Parlament biex jiġu żgurati li kontribuzzjonijiet validi tal-Kumitat ikunu jistgħu jiġu inkorporati fil-ħidma tal-Parlament; f'dak il-kuntest itenni t-talba tiegħu li jkompli bl-isforzi tiegħu biex isaħħaħ il-kooperazzjoni politika bejn dawn iż-żewġ istituzzjonijiet.
-

RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/1986 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-14 ta' Mejju 2020****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (li issa sar Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop)) għas-sena finanzjarja 2018**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għas-sena finanzjarja 2018,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0040/2020),
- A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tiegħu ⁽¹⁾, il-baġit finali taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (iċ-Ċentru) għas-sena finanzjarja 2018 kien EUR 17 850 210, li meta mqabbel mal-2017 jirrappreżenta tnaqqis ċkejken ta' 0,11 %; billi l-baġit taċ-Ċentru huwa prinċipalment derivat mill-baġit tal-Unjoni ⁽²⁾;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2018 (ir-"rapport tal-Qorti"), iddikjarat li kisbet aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali taċ-Ċentru huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2018 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 100 %, li meta mqabbla mal-2017 tirrappreżenta tnaqqis ċkejken ta' 0,04 %; jinnota li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet 96,50 %, li meta mqabbla mas-sena 2017 tirrappreżenta żieda ta' 6,84 %;

Prestazzjoni

2. Jinnota li ċ-Ċentru juża sistema eżemplari ta' kejl tal-prestazzjoni li tinkludi indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex jivvaluta l-valur miżjud li joffru l-attivitajiet tiegħu fil-livelli tal-proġetti, tal-attivitajiet u tal-organizzazzjoni kif ukoll miżuri oħra biex titjieb il-ġestjoni baġitarja tiegħu;
3. Josserva barra minn hekk li l-Programm ta' Ħidma taċ-Ċentru għall-2018 ġie implimentat kollu kemm hu, konformement mal-oġġettivi, mal-għanijiet u mal-indikazzjonijiet stabbiliti;
4. Jilqa' pożittivament il-fatt li ċ-Ċentru qiegħed jiżviluppa sinerġiji u jaqsam ir-riżorsi mal-aġenziji l-oħra;
5. Jinnota l-kooperazzjoni mill-qrib kontinwa u formalizzata taċ-Ċentru mal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF) u mal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound);
6. Jinnota li l-evalwazzjoni esterna li għaliha ċ-Ċentru kien sottopost fl-2017, kif jesigū r-regoli finanzjarji, ikkonkludiet li l-kooperazzjoni msaħħa taċ-Ċentru mat-tliet aġenziji deċentralizzati l-oħra fl-isfera ta' kompetenzi tad-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi - ETF tal-Kummissjoni, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) u l-Eurofound - ħarġet bħala għażla fattibbli; jinnota li r-regolament fundatur riformulat taċ-Ċentru (ir-Regolament (UE) 2019/128), li daħal fis-seħħ fi Frar 2019, qies l-eżitu ta' tali evalwazzjoni esterna;

⁽¹⁾ ĠU C 108, 22.3.2018, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 108, 22.3.2018, p. 2.

7. Jistieden lill-Kummissjoni twestaq studju tal-fattibbiltà biex tivvaluta l-possibbiltà ta' fużjoni totali jew almenu tal-ħolqien ta' sinerġiji kondiviżi mal-Eurofound; jistieden lill-Kummissjoni tevalwa ż-żewġ xenarji, jiġifieri t-trasferiment taċ-Ċentru fil-Kwartieri Ġenerali tal-Eurofound f'Loughlinstown, l-Irlanda,, u t-trasferiment tal-Kwartieri Ġenerali tal-Eurofound fil-Kwartieri Ġenerali taċ-Ċentru f'Salonka; josserva li dan ikun jirriżulta fil-kondiviżjoni tas-servizzi istituzzjonali u ta' appoġġ u l-ġestjoni komuni tal-uffiċini, kif ukoll il-kondiviżjoni tal-infrastrutturi fil-qasam tal-ICTs, tat-telekomunikazzjonijiet u tal-internet, b'ammont sinifikanti ta' spejjeż iffrankati, li jista' jintuża għall-finanzjament ulterjuri taż-żewġ aġenziji; jirrikonoxxi li x-xogħol effettiv, effiċjenti u mingħajr żbalji tal-aġenziji huwa marbut mill-qrib ma' livell adegwat ta' finanzjament biex ikopri l-attivitajiet operazzjonali u amministrattivi tagħhom; għaldaqstant, jistieden lill-Istati Membri jakkomodaw l-attivitajiet li l-aġenziji jridu jwettqu fil-finanzjament assenjat lilhom;
8. Jistieden liċ-Ċentru jimmira lejn id-diġitalizzazzjoni tal-istituzzjoni;
9. Jinkoraġġixxi liċ-Ċentru jimplementa r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti;
10. Japprezza l-għarfien espert u l-ħidma kontinwa u ta' kwalità għolja taċ-Ċentru biex jipprovdi riċerka, analiżi u konsulenza teknika sabiex jassisti fl-iżvilupp tal-politiki Ewropej fl-oqsma tat-tagħlim tul il-ħajja u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV), il-kwalifiki u l-ħiliet, bil-għan li jiġi promoss taħriġ ta' kwalità għolja mfassal apposta għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol; jenfasizza, għal dan il-għan, l-importanza li jiġu żgurati riżorsi umani u materjali adegwati biex iċ-Ċentru jkun jista' jimplementa l-kompiti dejjem jikbru u jevolvu tiegħu, filwaqt li tiġi żgurata, b'mod ġenerali, il-preminenza taċ-Ċentru fuq il-kuntratturi privati;
11. Jilqa' b'sodisfazzjon il-kontributi u l-għarfien espert taċ-Ċentru biex jipprovdi għarfien ġdid, evidenza u analiżi tal-politiki, jissorvelja t-tendenzi politiki u jaġixxi ta' intermedjarju tal-għarfien għal temi politiki ta' rilevanza kbira fl-aġenda tal-Unjoni; jirrikonoxxi l-ħidma ta' kwalità taċ-Ċentru fuq diversi proġetti, b'mod partikolari l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa, il-Europass, ir-reviżjoni tal-Panorama ta' Ħiliet u r-rwol tiegħu ta' appoġġ għall-parteċipanti tal-Proċess ta' Copenhagen, l-Indiċi Ewropej tal-Ħiliet u l-Previżjoni tal-Ħiliet;
12. Iqis li huwa notevoli li ċ-Ċentru nieda linja ta' attività ġdida rigward id-diġitalizzazzjoni, u b'mod partikolari rigward l-istrumenti online tiegħu, li jipprovdu informazzjoni speċifika għall-pajjiż u opportunitajiet imtejba ta' viżwalizzazzjoni tad-data online, bħal riżorsi ta' gwida rigward informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol jew previżjonijiet tal-ħiliet; jirrikonoxxi, għal dan il-għan, il-kampanji ta' marketing immirati taċ-Ċentru maħsuba biex jissensibilizzaw l-opinjoni pubblika dwar il-kontenut tas-sit web tiegħu;
13. Jenfasizza li t-trasparenza u s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini fir-rigward tal-eżistenza tal-aġenziji huma essenzjali għar-responsabbiltà demokratika tagħhom; iqis li l-utilizzabbiltà u l-faċilità tal-użu tar-riżorsi u tad-data tal-aġenziji huma ta' importanza fundamentali; jitlob, għalhekk, valutazzjoni dwar kif id-data u r-riżorsi qed jiġu ppreżentati u magħmula disponibbli attwalment, u dwar kemm iċ-ċittadini jsibuha faċli biex jidentifikawhom, jagħrafuhom u jużawhom; ifakkar li s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku f'dan ir-rigward tista' titwettaq mill-Istati Membri permezz tal-iżvilupp ta' pjan komprensiv biex jintlaħqu aktar ċittadini tal-Unjoni;

Politika dwar il-persunal

14. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2018, it-tabella tal-persunal kienet eżegwita bil-perċentwal ta' 96,70 %, bi 12-il uffiċjal u 76 aġent temporanju maħtura minn 78 aġent temporanju u 13-il uffiċjal awtorizzat skont il-baġit tal-Unjoni (meta mqabbel mat-92 post tax-xogħol awtorizzat fl-2017); jinnota li, barra minn hekk, 26 aġent kuntrattwali u tliet esperti nazzjonali sekondati kienu qed jaħdmu għaċ-Ċentru fl-2018;
15. Jinnota li ċ-Ċentru kien qiegħed jiehju miżuri fid-dawl tal-osservazzjonijiet u tal-kummenti fformulati mill-awtorità ta' kwittanza relatati mal-kap il-ġdid tas-servizz tar-riżorsi umani taċ-Ċentru, li ħa l-kariga f'Jannar 2019, kif ukoll id-deċiżjoni li s-servizz legali taċ-Ċentru jiġi esternalizzat; jinnota bi tħassib li, fid-dawl tan-numru kbir ta' kawżi li magħhom huwa nvolut iċ-Ċentru, l-esternalizzazzjoni totali tas-servizzi legali toħloq riskju għat-trattament konsistenti tal-kawżi u għall-prinċipju tal-effiċjenza; jistieden liċ-Ċentru jirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar kull żvilupp f'dan ir-rigward;
16. Jinnota l-proċess li ċ-Ċentru qiegħed jattwa bħalissa biex itejjeb il-proċeduri ta' selezzjoni billi jiżgura r-rispett tal-kriterji tal-għażla min-naħa tal-bordijiet ta' selezzjoni u żieda fil-kontrolli mis-servizzi tar-riżorsi umani; jinnota bi tħassib li, skont ir-rapport tal-Qorti, iż-żewġ reklutaġġi awditjati li saru fl-2018 minn żewġ listi ta' riżerva stabbiliti fl-2015 u fl-2016 ġew ġestiti u dokumentati b'mod inadegwat, kif kien il-każ għal diversi proċeduri ta' reklutaġġ oħrajn awditjati fis-snin preċedenti; iħeġġeġ liċ-Ċentru jadotta azzjonijiet korrettivi immedjati biex jiżgura li l-proċeduri ta' reklutaġġ ikunu regolari u jirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-miżuri li jkun ħa f'dan is-sens;

17. Jinnota t-tħassib taċ-Ċentru li r-regolament fundatur il-ġdid tiegħu jwessa' l-mandat taċ-Ċentru biex jinkludi l-politiki relatati mal-kwalifiki u mal-ħiliet flimkien mal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (ETV), iżda mingħajr ma l-kompiti l-ġodda jiġu akkumpanjati minn aktar riżorsi; josserva li ċ-Ċentru diġà għadda minn tnaqqis fil-persunal b'10 % u din l-esperjenza wasslet għal żieda fil-volum ta' xogħol u fil-persjoni għall-persunal taċ-Ċentru;
18. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li ċ-Ċentru għandu bilanċ kumplessiv bejn is-sessi fil-persunal tiegħu (59 % nisa u 41 % rġiel), iżda jiddispijaċih għan-nuqqas ta' dettalji ipprovduti dwar il-bilanċ bejn is-sessi fil-livelli manijerjali;
19. Jinnota b'sodisfazzjon li l-bilanċ bejn is-sessi ntlaħaq fl-2018 fir-rigward tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija (50 % nisa u 50 % rġiel);
20. Jiddispijaċih għan-nuqqas ta' ċarezza fir-rigward tal-bilanċ ġeografiku tal-persunal;

Akkwist

21. Jiddeplora l-fatt li, skont ir-rapport tal-Qorti, fil-proċedura ta' akkwist għas-servizzi ta' aġenzija tal-ivvjaġġar taċ-Ċentru, il-kriterji li ntużaw f'termini ta' prezzijiet u kwalità mhux dejjem kienu dettaljati biżżejjed biex jiżguraw l-akkwist tal-kuntratti li joffru l-aħjar valur għall-flus; jiddispijaċih għall-fatt li l-metodoloġija u d-dokumentazzjoni li ċ-Ċentru uża għall-offerti li kienu aktar baxxi b'mod potenzjalment anormali ma kinux suffiċjenti;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

22. Jinnota l-miżuri eżistenti u l-isforzi kontinwi taċ-Ċentru biex jiġu żgurati t-trasparenza, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, u l-protezzjoni tal-informaturi; jirrimarka bi tħassib, madankollu, li ċ-Ċentru għadu ma ppubblikax is-CVs tal-maniġment superjuri tiegħu fuq is-sit web tiegħu, u li l-maniġment superjuri, l-esperti interni u l-assistenti taċ-Ċentru jiddikjaraw kunflitti ta' interess potenzjali fil-każ biss meta dawn iseħħu, f'konformità mal-politika taċ-Ċentru tal-2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess; jinnota l-linji gwida aġġornati taċ-Ċentru dwar ir-rappurtar ta' kunflitti ta' interess fil-proċessi ta' selezzjoni u ta' reklutaġġ u t-tnejjija tiegħu tar-regoli riveduti għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija, tal-esperti indipendenti u tal-membri l-oħra tal-persunal;
23. Jilqa' pożittivament il-fatt li, fid-dawl tal-osservazzjonijiet u tal-kummenti fformulati mill-awtorità ta' kwittanza, iċ-Ċentru adotta r-regoli ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ⁽³⁾ fit-2 ta' Settembru 2019;
24. Jinnota, fid-dawl tal-osservazzjonijiet u tal-kummenti fformulati mill-awtorità ta' kwittanza, il-ħolqien ta' organu indipendenti ta' divulgazzjoni, konsulenza u riferiment għall-informaturi bis-saħħa tal-ħatra tal-koordinatur tal-kontroll intern taċ-Ċentru bħala l-korrispondent fil-qasam tal-etika u tal-integrità taċ-Ċentru;

Ġenerali

25. Jistieden liċ-Ċentru jikkonċentra fuq it-tixrid tar-riżultati tar-riċerka tiegħu mal-pubbliku, u jikkomunika mal-pubbliku permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra tal-midja;

Awditu intern

26. Jinnota bi tħassib kbir li b'segwitu għall-awditu li sar mis-Servizz tal-Awditjar Intern tas-servizzi taċ-Ċentru responsabbli mill-ġestjoni tar-riżorsi umani u tal-etika mill-14 sat-18 ta' Jannar 2018, il-proċeduri ta' reklutaġġ kienu għadhom ikklassifikati bħala kritiċi;
27. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 ⁽⁴⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

⁽⁴⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0121.

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT